

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 271



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

19 ta' Settembru 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**L-490 sessjoni plenarja tat-22 u t-23 ta' Mejju 2013**

2013/C 271/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Għal dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea" (Opinjoni esploratorja)	1
2013/C 271/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Wara 10 snin x'direzzjoni għall-euro? Il-futur ekonomiku u politiku tal-UE u t-trattat il-ġdid" (Opinjoni fuq inizzjattiva proprja)	8
2013/C 271/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ekonomija ekoloġika — inħeġġu l-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa" (Opinjoni fuq inizzjattiva proprja)	18

MT

Prezz:
EUR 8

(Ikompili fil-paġna li jmiss)

III Atti preparatorji

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-490 sessjoni plenarja tat-22 u t-23 ta' Mejju 2013

2013/C 271/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina: It-tnejja ta' Dibattitu Ewropew" COM(2012) 777 <i>final</i> /2	23
2013/C 271/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi" COM(2013) 44 <i>final</i> — 2013/0024 (COD) u dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terro-riżmu" COM(2013) 45 <i>final</i> — 2013/0025 (COD)	31
2013/C 271/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji" COM(2013) 71 <i>final</i> — 2013/0045 (CNS)	36
2013/C 271/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI" COM(2013) 42 <i>final</i> — 2013/0023 (COD)	42
2013/C 271/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina — L-introduzzjoni ta' Strument ta' Konverġenza u Kompetittività" COM(2013) 165 <i>final</i> u dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina — Koordinazzjoni ex ante ta' għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika" COM(2013) 166 <i>final</i>	45
2013/C 271/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn qafas Ewropew komprensiv għal-logħob tal-azzard online" COM(2012) 596 <i>final</i>	48
2013/C 271/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Approċċ Ewropew għall-falliment u l-insolvenza" COM(2012) 742 <i>final</i> u dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment" COM(2012) 744 <i>final</i> — 2012/0360 (COD)	55
2013/C 271/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-protezzjoni ta' negozji kontra prattiki qarrieqa ta' kummerċjalizzazzjoni u biex jiġi garantit infurzar effettiv — Analiżi tad-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv" COM(2012) 702 <i>final</i>	61



I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW

L-490 SESSJONI PLENARJA TAT-22 U T-23 TA' MEJJU 2013

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Għal dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea” (Opinjoni esploratorja)

(2013/C 271/01)

Relatur: **is-Sur JAHIER**

Korelatur: **is-Sur DASSIS**

Nhar l-24 ta' Jannar 2013, il-President tal-Kunsill Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Għal dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea

(Opinjoni esploratorja).

Is-sottokumitat dwar id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) Ewropea, inkarigat sabiex jipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adotta l-Opinjoni tiegħu nhar it-23 ta' April 2013 b'maġġoranza, b'vot wieħed kontra.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'161 vot favur, 50 vot kontra u 47 astensjoni.

1. **Għabra tal-proposti fil-qosor**

1.1 L-Unjoni Ekonomika, Soċjali u Politika Ewropea għad trid tinkiseb. L-Unjoni Monetarja tnediet b'dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali li ma kinux żviluppati biżżejjed, iżda b'konsegwenzi konsiderevoli mil-lat ekonomiku u soċjali. Issa qed jittieħdu l-passi lejn unjoni finanzjarja, fiskali u bankarja, iżda mingħajr ma ngħataw il-mezzi baġitarji mill-UE għal politika li takkumpanja biex jiġi appoġġjat it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali. Fl-istess ħin, il-progress lejn l-unjoni soċjali u politika għadu mblokkat. Madankollu, l-Unjoni Ekonomika, Monetarja u dik Soċjali kollha jiddependu minn xulxin; huma jsostnu u jamplifikaw lil xulxin. Flimkien, huma għandhom joffru Ewropa iktar tanġibbli, ibbażata fuq il-ħajja reali, li ċ-ċittadini jistgħu jirrelataw magħha, u li l-investituri, il-produtturi, il-ħaddiema u l-konsumaturi jista' jkollhom fiduċja fiha u sens

ta' appartenenza għaliha. Hija għandha tkun Ewropa iktar dinamika biex jissaħħu l-kompetittività, it-tkabbir intelliġenti u inklużiv, l-opportunitajiet ekonomiċi, l-impjieg u t-tgawdija effettiva tad-drittijiet soċjali kollha. Mingħajr bilanċ ta' dan it-tip, mhu ser ikun hemm l-ebda futur għal Unjoni Politika.

1.2 Bejn l-2008 u Frar 2013, ir-rata tal-qgħad tal-UE-27 żdiedet minn 7 % għal 10,9 %, b'total ta' 26,4 miljun persuna qiegħda, filwaqt li ż-żona tal-euro laqgħet ir-rata għolja ta' 12 %; din ir-rata għoliet fi 19-il pajjiż u waqgħet fi 8 pajjiżi; 5,7 miljun żagħżuġh u żagħżuġha llum jinsabu qiegħda fl-UE-27

(23,5 %), filwaqt li fil-bidu tal-2013 ir-rata globali tal-qgħad fl-Istati Uniti kienet 7,7 % u fil-Ġappun 4,2 % ⁽¹⁾. Dawn iċ-ċifri jmorru kompletament kontra l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-KESE għalhekk jemmen li hija kwistjoni tal-ogħla prijorità li nindirizzaw il-kompetittività tagħna, li ħadet it-triq tan-niżla, li niġġeneraw iktar tkabbir, li noħolqu impjiegi ġodda u nnaqqsu l-faqar. Huwa kruċjali li nistabbilixxu mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsaħħaħ dwar l-impatt tal-politiki ekonomiċi u monetarji fuq is-suq tax-xogħol fl-Istati Membri. Huwa kruċjali wkoll li l-politiki soċjali u dawk tal-impjiegi jiżdiedu ma-d-dispożizzjonijiet soġġetti għall-monitoraġġ tal-politiki ekonomiċi nazzjonali bħala parti mis-Semestru Ewropew. Il-KESE jemmen li approċċ simili mhuwiex biss urġenti fid-dawl ta' dawn iċ-ċifri drammatiċi imma huwa anke konformi għalkollox mal-Artikolu 9 tat-TFUE dwar l-għanijiet tal-Unjoni għall-iżvilupp soċjali u tal-iżvilupp sostenibbli. Id-dimensjoni soċjali tal-UEM teħtieġ strumenti u indikaturi ċari u għanijiet kwalitattivi u kwantitattivi li jkunu effettivi daqs l-obbligi ekonomiċi u finanzjarji tal-UEM. Qabel kollox, iridu jkunu l-mexxejja Ewropej li jqarrbu l-ideal Ewropew lejn iċ-ċittadini.

1.3 Għandu jitnieda **Programm Ewropew ġdid għall-Azzjoni Soċjali** biex jakkumpanja l-passi lejn unjoni finanzjarja, bankarja u fiskali dejjem eqreb. Il-programm għandu jistabbilixxi **miri konkreti** ċari, kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, li jkunu bbażati fuq dawk diġà stabbiliti għall-Ewropa 2020 u li jtejbuhom, biex b'mod speċjali jappoġġjaw l-isforzi għall-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Ewropa, **inaqqsu u jeqirdu l-qgħad tal-massa, jiżguraw id-drittijiet soċjali fundamentali, jippromovu l-intraprenditorija u impjiegi ġodda, jiġġieldu kontra l-faqar, jappoġġjaw l-inklużjoni soċjali, jiffaċilitaw l-investiment soċjali, jippromovu l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ, u jiżviluppaw governanza soċjali u sjieda parteċipattiva** tal-proġett Ewropew. Il-Programm Ewropew il-ġdid għall-Azzjoni Soċjali għandu jiġi attivat permezz ta' azzjonijiet mhux leġislattivi u leġislattivi, skont liema jaħdmu l-aħjar, mal-UE kollha jew permezz ta' kooperazzjoni msaħħa. Dan għandu jħaddan b'mod konġunt **il-pakkett ta' stimolu Ewropew, il-Pakkett Ewropew għall-Investiment Soċjali, il-valutazzjonijiet Ewropej tal-Impatt soċjali, il-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażaġħ, il-Passaport Uniku Ewropew għall-Ħiliet, u jiżgura li jiġu rispettati l-Klawżola Soċjali Orizzontali, id-drittijiet soċjali fundamentali u l-parteeċipazzjoni ċivika**. Il-programm għandu wkoll jesplora u jippromovi d-dritt taċ-ċittadini Ewropej għal dħul minimu garantit.

1.4 Il-KESE jipproponi **żewġ inizjattivi esploratorji ġodda**: 1) il-ħruġ ta' **Bonds Soċjali Ewropej** għal proġetti ta'

investiment soċjali li jkunu vijabbli finanzjarjament, permezz ta' **Fond Ewropew għall-Azzjoni Soċjali**, faċilitat mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE, imma b'finanzjament, sjieda, ġestjoni u monitoraġġ trasparenti mill-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili (mis-settur privat, korporattiv u pubbliku); u 2) it-twaqqif ta' **Netwerk Ewropew tal-Edukazzjoni għall-Ħaddiema Qiegħda**, li joffri opportunitajiet edukattivi fit-tul, effiċjenti u kwalitattivi li jindirizzaw il-ħtiġiet tas-suq tax-xogħol, bil-ħruġ ta' **vawċers edukattivi transkonfinali** u skemi tal-iskambju tal-kredits tal-korsijiet tat-tip ERASMUS biex jgħinu lill-ħaddiema qiegħda jaqdbu t-triq lejn orizzonti edukattivi ġodda, jiżviluppaw hilit konnoxxittivi u professjonali ġodda u biex jiftħu karrieri ġodda u d-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol Ewropew. Fl-istess ħin Ewropa ta' moviment ħieles teħtieġ bażi iktar sigura u aġġornata għall-mobbiltà (pereżempju, drittijiet adatti dwar l-informazzjoni u l-assistenza għal dawk li jkunu qed jaħdmu fi Stati Membri oħra), sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment ta' popli intra-Komunitarji li jkunu qed ifittxu x-xogħol fl-UE kollha, u tiġi żgurata sitwazzjoni b'kundizzjonijiet indaqs ta' kompetizzjoni ġusta u r-rispett tad-drittijiet soċjali bażiċi u ftehimiet kollettivi.

2. Il-governanza ekonomika teħtieġ dimensjoni soċjali

2.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kien appella għal tisħiħ komprensiv lejn **Unjoni Ekonomika, Soċjali u Politika**.

2.2 **Unjoni Ekonomika** għandha tinkludi **unjoni finanzjarja u bankarja**, bi skema komuni għall-garanzija tad-depożiti, fond ta' riżoluzzjoni komuni u monitoraġġ pan-Ewropew; u **unjoni fiskali** għandha tkun ibbażata fuq strumenti tad-dejn konġunti, fi ħdan qafas ta' dixxiplina baġitarja, konsolidazzjoni fiskali u **mudell ta' tkabbir Ewropew iktar dinamiku**, li ċ-ċittadini jistgħu jifhmuh u li l-investituri, il-produtturi, il-ħaddiema u l-konsumaturi jista' jkollhom fiduċja fih. L-inċertezzi persistenti dwar l-integrità taż-żona tal-euro għandhom jingħelbu, għax huma ta' ħsara għall-fiduċja taċ-ċittadini u l-intrapriżi. Is-summit ta' Ġunju 2012, inkluż **il-patt għal tkabbir u impjiegi** u s-self ippjanat ta' EUR 180 biljun għal dan il-għan, flimkien mat-tħabbira tal-BĊE li kien ser isir *dak kollu li jista' jsir* biex jinkiser iċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek dgħajfa, id-dejn sovrani u l-firxiet mhux sostenibbli, huma raġunijiet għal iktar fiduċja fil-qafas ekonomiku Ewropew li qed jiżviluppa. L-Ewropa teħtieġ programm ġdid ta' investiment ⁽²⁾ biex jiżdiedu r-riżorsi għall-appoġġ tal-industrijalizzazzjoni mill-ġdid, isir irkupru tat-tkabbir u jiġi indirizzat il-qgħad.

⁽¹⁾ Data mill-Eurostat, <http://ec.europa.eu/eurostat/euroindicators>

⁽²⁾ Tip ta' Marshall Plan ġdid: ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "It-tkabbir u d-dejn sovrani fl-UE: żewġ approċċi innovattivi", ĠU C 143, 22.5.2012, punti 2.8 u 2.13 - Ara l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar "Il-finanzjament fuq terminu twil tal-ekonomija Ewropea", COM(2013) 150 final/2, 9.4.2013

2.3 Imma din hija biss nofs l-istorja. Fl-istess ħin, il-konsegwenzi tal-miżuri ta' awsterità kellhom impatt devastanti fuq il-koeżjoni soċjali, il-protezzjoni soċjali, suq tax-xogħol inklużiv u l-livelli tal-faqar. Bħalissa hemm 26 miljun persuna qiegħda u 120 miljun fil-faqar jew fesklużjoni soċjali fl-UE. L-għanijiet tal-irkupru ekonomiku, l-istabbiltà monetarja, it-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività mhux ser jinkisbu mingħajr dimensjoni soċjali mgeċċda. **Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tal-14 u l-15 ta' Marzu 2013** fl-aħħar irrikonoxxiet din ir-realtà u appellat lill-Istati Membri biex jinkludu politiki soċjali bħala xpruni tal-governanza ekonomika, l-iktar billi jibdlu l-enfasi tas-Semestru Ewropew biex jappoġġja l-impjieġ, l-investimenti soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-għanijiet soċjali⁽³⁾. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jieħu nota ta' din l-enfasi ġdida fuq il-politika soċjali fil-livell nazzjonali, iżda jqis li hemm bżonn ukoll tmexxija pan-Ewropea f'termini ta' azzjoni soċjali, investiment soċjali u valutazzjoni soċjali komparattiva.

2.4 Għaldaqstant wasal iż-żmien li **nibnu l-pilastru soċjali tal-UEM** fi ħdan il-qafas ta' Ewropa soċjali, li mingħajr l-adeżjoni taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew kollu kemm hu ser tibqa' mhedda. Fil-fatt, il-firxiet attwali fl-iżbilanċi soċjali Ewropej mhux biss ifixxlu s-soluzzjonijiet sostenibbli għat-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali, imma huma sfida fundamentali fl-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin fl-2014 bejn dawk li qed iħarsu lejn dimensjoni Ewropea għall-irkupru u dawk li jaqgħu fuq l-alternattivi nazzjonali. L-elezzjonijiet Ewropej ser iġagħlu mħuħ in-nies u l-voti tagħhom jikkonċentraw; huwa essenzjali li dawn l-elezzjonijiet iservu bħala xprun, u mhux bħala ostaklu, għal **iktar Ewropa, Ewropa eqreb iċ-ċittadini, il-familji u l-kumpaniji tagħha, Ewropa iktar soċjali**.

2.5 **Id-drittijiet soċjali fundamentali** huma ħaġa waħda mad-drittijiet ċivili u politiċi, u hemm obbligu fit-Trattati biex jiġu rispettati u promossi. Il-Kummissjoni u l-BĊE, bħala membri tat-Trojka, iridu jirrispettaw l-obbligi tad-drittijiet soċjali fundamentali fl-attivitàjiet kollha tagħhom. Fil-qafas tad-dimensjoni soċjali tal-UEM, il-Kummissjoni, b'mod effiċjenti, għandha timmonitorja, tivvaluta u tiżgura konformità sħiħa ma' dawn l-obbligi tad-drittijiet soċjali fundamentali.

3. Lejn Programm Ewropew ġdid għall-Azzjoni Soċjali u Patt ta' Investiment Soċjali

3.1 Fl-2008, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni esploratorja, mitluba mill-Presidenza Franċiża tal-UE, li

⁽³⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, tal-14 u l-15 ta' Marzu 2013, EUCO 23/13.

pproponiet il-bżonn li jitnieda **Programm Ewropew ġdid għall-Azzjoni Soċjali**. L-Opinjoni għamlet referenza għall-ħidma pijuniera tal-Kumitat meta kien għen fit-tnedija tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Fundamentali Soċjali tal-Ħaddiema, il-Programm Ewropew tal-1989 għall-Azzjoni Soċjali u l-acquis soċjali li rriżulta dwar is-suq uniku, it-Trattat u l-attività tal-UE iġenerali. L-Opinjoni ressqet l-argument li kien hemm bżonn Programm Ewropew ġdid għall-Azzjoni Soċjali **"sabiex jinżamm il-pass mal-iżviluppi ekonomiċi u tas-suq"**. B'xorti ħażina, minkejja l-appoġġ reġistrat fil-laqgħa ministerjali informali għall-Impjieġ u l-Affarijiet Soċjali matul il-Presidenza Franċiża tal-UE, il-proposta tal-Kumitat malajr intfiet minħabba l-kriżi ekonomika u ħames snin ta' paniku biex tiġi salvata l-UEM u titrawwem koeżjoni ekonomika iktar stretta fiż-żona tal-euro. Issa żgur wasal iż-żmien li nerġġhu nikkunsidraw l-idea ta' Programm Ewropew ġdid għall-Azzjoni Soċjali, biex inkunu nistgħu nlaħħqu mat-tipi ġodda ta' governanza ekonomika u nappoġġjawhom b'koeżjoni soċjali u azzjoni tal-politika soċjali ekwivalenti.

3.2 Fl-Opinjoni tiegħu tal-2008, il-Kumitat kien appella għal **"governanza f'diversi livelli"** ta' Programm Ewropew ġdid għall-Azzjoni Soċjali, ibbażata fuq azzjoni leġislattiva, djalogu soċjali, djalogu ċivili, koregolazzjoni u awtoregolazzjoni, koordinazzjoni miftuħa, integrazzjoni tal-politika soċjali, kooperazzjoni msaħħa u d-dritt taċ-ċittadini għal inizjattiva. L-Opinjoni ma stabbiliet l-ebda priyorità għall-azzjoni, ħlief fis-sens ta' dak li kien ħadem l-aħjar, biż-żamma tal-**Metodu Komunitarju** u b'rispett għall-**klawżola soċjali** orizzontali l-ġdida (Artikolu 9, TFUE). L-Opinjoni appellat ukoll għal impenn finanzjarju, pereżempju permezz ta' użu iktar iffokat u aċċessibbli tal-Fond Soċjali Ewropew, Fond Ewropew potenzjali għall-Innovazzjoni Soċjali biex jappoġġja inizjattivi soċjali ġodda ta' natura sperimentali, u l-idea ta' "faċilità ta' self madwar l-Ewropa kollha għall-iżvilupp infrastrutturali soċjali".

3.3 Sadattant, il-Kumitat żied l-appelli tiegħu għall-applikazzjoni tal-Metodu Komunitarju u biex tiġi rispettata n-natura vinkolanti tal-**klawżola soċjali** orizzontali. Huwa ppropona speċifikament it-tnedija ta' **Patt Ewropew għall-Investiment Soċjali** biex jiġi żgurat li l-miżuri tal-awsterità u s-sanzjonijiet semiawtomatiċi fil-qafas tal-governanza ekonomika u l-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew jiġu kkompensati b'valutazzjonijiet tal-impatt soċjali, ir-rispett għad-drittijiet soċjali fundamentali, impenn ġenwin biex jintlaħqu l-miri tal-UE 2020 tal-ġlieda kontra l-faqar u l-iżvilupp ġenerali tal-**"governanza soċjali"** Ewropea.

3.4 Il-Kumitat isibha inkoraġġanti li l-Parlament dan l-aħħar enfażizza l-bżonn ta' **"patt soċjali għall-Ewropa"**, għal "punti ta' referenza soċjali u tal-impjieġi" fis-"superviżjoni vinkolanti

tad-dixxiplina baġitarja”, biex l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir iqs is-sostenibbiltà tal-mudell soċjali u għal **qafas integrat għall-politika tal-impjieg u dik soċjali u bħala l-ħames pilastru fil-pjan direzzjonali tal-UEM** ⁽⁴⁾. Huwa jilqa’ wkoll l-għan tal-Kunsill Ewropew li jippreżenta miżuri u pian direzzjonali għad-“dimensjoni soċjali tal-UEM” fil-laqgħa tiegħu ta’ Ġunju 2013 ⁽⁵⁾. Bl-istess mod, il-Kummissarju Andor dan l-aħħar enfasizza l-bżonn ta’ “unjoni monetarja b’wiċċ uman” u li fil-fehma tiegħu “id-dimensjoni soċjali tal-UEM għandha tinfehem bħala l-kapaċità tar-regoli, il-mekkaniżmi ta’ governanza, il-kapaċità fiskali u strumenti ta’ politika oħra tal-UEM **biex jiżguraw li l-effiċjenza ekonomika u l-ekwità soċjali jiġu segwiti simultanjament** ⁽⁶⁾.” Il-Kumitat jinsab inkoraġġut ukoll mill-konklużjonijiet tal-President Van Rompuy fis-Summit Soċjali Tripartitiku tal-14 ta’ Marzu li “l-mudell soċjali Ewropew għadu ass importanti u vantaġġ kompetittiv globali” u li “**irridu nsibu mekkaniżmi li jgħinu jnaqqsu d-diverġenzi soċjali fl-Unjoni tagħna**” ⁽⁷⁾. Il-“Pakkett tal-Investment Soċjali”, ippubblikat mill-Kummissjoni, li jstabbilixxi gwida għall-Istati Membri biex jappoġġjaw il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali ⁽⁸⁾, jimxi fid-direzzjoni li tiżviluppa indikaturi għad-dimensjoni soċjali. Madankollu, il-Kumitat iqs li tabella (“scoreboard”) tal-impjieg u l-iżbilanċi soċjali fl-UE teħtieġ ukoll qafas iktar impenjat għall-azzjoni pan-Ewropea. Il-Kumitat għalhekk itenni li hemm bżonn **Programm Ewropew proattiv għall-Azzjoni Soċjali** b’governanza fdiversi livelli, inklużi l-awtoritajiet, korpi u partijiet interessati kompetenti **Ewropej** konċernati kemm fl-azzjoni leġislattiva u mhux leġislattiva, u bil-għan li tal-inqas jintlaħqu u preferibbilment jittejbu l-miri soċjali stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020.

4. Proposti speċifiċi

Il-KESE jappoġġja l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 li jenfasizzaw l-importanza li nindirizzaw il-kompetittività dejjem iktar dgħajfa, li niġġeneraw iktar tkabbir, li noħolqu l-impjiegi u nnaqqsu l-faqar. B’konformità mal-Artikolu 9 tat-TFUE, jiġifieri “mal-promozzjoni ta’ livell għoli ta’ impjieg, mal-garanzija ta’ protezzjoni soċjali xierqa, mal-għieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma’ livell għoli ta’ edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni

tas-saħħa tal-bniedem”, il-Kumitat jappella għal **programm pan-Ewropew ta’ azzjoni u impenn soċjali** iktar vinkolanti u finanzjat b’mod adatt, inklużi l-għanijiet speċifiċi li ġejjin.

4.1 L-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew għandu jinkludi **punti ta’ riferiment għall-impjieg u l-inklużjoni soċjali** fi ħdan l-istess **qafas ta’ sorveljanza** bħal dak li jirregola l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u r-riformi strutturali. **Il-miri kwantifikabbli Ewropej soċjali u għall-impjieg għandhom jitqabblu u jiġu integrati mar-regoli tal-istabbiltà u t-tkabir** li jirregolaw il-miri tad-dejn u d-defiċits. **Il-mekkaniżmi ta’ aġġustament** konsegwenti għandhom jiġu applikati biex jitnaqqsu **l-iżbilanċi** kemm makroekonomiċi kif ukoll **soċjali**, bil-għan li nippromovu tkabbir intelliġenti u sostenibbli, impjiegi ta’ kwalità, aċċess għal servizzi affordabbli ta’ interess ġenerali ta’ kwalità għolja u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali fl-UE kollha. L-effiċjenza ekonomika fil-perjodu l-qasir m’għandhiex tkun askapitu tal-**investment fil-kapital soċjali** fit-tul. Il-miżuri tal-konsolidazzjoni fiskali għandhom jiġu evalwati skont l-effetti tagħhom fuq it-tkabir, l-impjieg u l-inklużjoni soċjali. Ir-riformi strutturali għandhom ikunu akkumpanjati minn **mekkaniżmi ta’ solidarjetà fil-livell Ewropew**. Sabiex jiġi żgurat li unjoni ekonomika u monetarja ġenwina tkun appoġġjata miċ-ċittadini tal-UE, hemm bżonn li l-programmi nazzjonali ta’ riforma jiġu akkumpanjati **bi djalogi soċjali u ċivili adatti u fi ħdan dimensjoni soċjali Ewropea dinamika** li ma tixprunax ġirja lejn l-iktar livell baxx li tirriżulta f’kompetizzjoni negattiva, deflazzjoni tal-pagi u domanda globali iktar baxxa. **In-negozjar kollettiv ħieles u awtonomu irid ikun garantit. Id-djalogu soċjali Ewropew għandu jaqdi rwol essenzjali fl-iżvilupp u l-prattika tal-governanza ekonomika l-għdida. Id-drittijiet soċjali fundamentali pan-Ewropej għandhom ikunu monitorjati u rispettati aħjar.**

4.2 **Il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni** jridu jiżiedu għal livell li jixraq dak li l-President Van Rompuy ddeskriva bħala “it-traġedja umana u l-emerġenza soċjali” ⁽⁹⁾ tal-impjieg Ewropew u s-sitwazzjoni soċjali. Dan ser jeħtieġ b’mod ċar “reviżjoni obbligatorja u komprensiva tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali” kif intalab mir-riżoluzzjoni tal-PE tat-13 ta’ Marzu ⁽¹⁰⁾. Fil-qafas tal-mekkaniżmi ta’ flessibbiltà msemmija fiha, in-negozjati għaddejjin bejn il-PE u l-Kunsill u r-reviżjoni strutturali ferm

⁽⁴⁾ Ir-Rapport tal-Parlament Ewropew b’rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-grupp tal-euro *Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina* (2012/2151 (INI)), p. 29, u l-opinjoni li takkumpanjah tal-Kumitat tal-PE għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali, *suġġeriment J u rakkomandazzjoni* 6.

⁽⁵⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-ikkompletar tal-UEM, adottati fl-14 ta’ Diċembru 2012, punt 12b).

⁽⁶⁾ Diskors ta’ László Andor, Kummissarju Ewropew responabbli għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, lill-ETUC, (28.1.2013, Madrid).

⁽⁷⁾ “L-enfasi tal-laqgħa tal-lum, id-dimensjoni soċjali tal-mudell soċjali Ewropew għadha ass importanti u vantaġġ kompetittiv globali” - kummenti mill-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy wara s-Summit Soċjali Tripartitiku, Brussell, 14.3.2013, EUCO 68/13.

⁽⁸⁾ Lejn Investment Soċjali għat-Tkabir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020

⁽⁹⁾ “B’riżultat ta’ dan, għadd ta’ nies dejjem ikbar qegħdin sempliċiment iħallu s-suq tax-xogħol, u jabbandunaw kwalunkwe taħriġ, bir-riskju tal-marġinalizzazzjoni (din iċ-ċifra tista’ tilħaq it-13 % għaż-żgħira bejn il-15 u l-24 sena). Din hija traġedja umana u emerġenza soċjali.” Diskors ta’ Herman Van Rompuy, President tal-Kunsill Ewropew, il-KESE, Brussell, 17.1.2013, EUCO13/13.

⁽¹⁰⁾ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Marzu 2013 fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta’ Frar dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2012/2803 (RSP)), punt 9.

mixtieqa tal-QFP wara l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew il-ġdid, l-ammonti tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea tal-inqas iridu jiġu stabbiliti mill-ġdid, inkluż permezz ta' użu iktar adatt tar-riżorsi proprii tal-UE previsti, u b'żieda sinifikanti fir-riżorsi għall-fond tal-koeżjoni territorjali, il-fond soċjali, ir-riżorsi għall-edukazzjoni u t-taħriġ u l-fond ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni.

4.3 Fl-istess ħin, l-UE għandha **tassisti aħjar lill-investiment soċjalment responsabbli** u r-rwol ta' appoġġ tal-**ekonomija soċjali**, l-iktar permezz tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-istatuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-inklużjoni ċara fl-ippjanar tal-fondi strutturali ta' programmi għat-tneġġija u l-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali, l-iffaċilitar tat-tikkettar soċjali u miżuri ta' kumpens u faċilitajiet ta' akkwist pubbliku għall-intrapriżi b'valur soċjali konfermat. Għandu jinħoloq ukoll **Fond Ewropew għall-Innovazzjoni Soċjali** sabiex jerġġhu jnbdew proġetti pilota transnazzjonali ta' valur, immirati biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-iżvantaġġ fis-suq tax-xogħol, li ġew imfixkla meta l-Kummissjoni Ewropea abbandunat il-programm *Equal*.

4.4 Huwa kruċjali wkoll li jittieħdu l-azzjonijiet u l-miżuri kollha meħtieġa biex l-Ewropa **tiġi industrijalizzata mill-ġdid** u tikseb il-mira ta' 20 % tal-PDG fl-industrija sal-2020. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-**kompetittività** għall-kumpaniji, li trid tinkiseb permezz ta' **qafas Ewropew** koerenti.

4.5 L-UE trid **timmobilizza lilha nnifisha għaż-żgħażaġh** jew ma tridx tirriskja li tbiegħedhom b'mod permanenti mill-proġett Ewropew kollu kemm hu. L-iskala drammatika tal-kriżi tal-**qgħad fost iż-żgħażaġh** fl-Ewropa teħtieġ baġit tal-UE iktar kredibbli mis-somma mhux adegwata ta' EUR 6 biljun proposti għall-**Pakkett u l-Garanzija Ewropej tal-impjieġ taż-żgħażaġh** biex jiġu żgurati l-impjieġ, it-taħriġ jew l-edukazzjoni għaż-żgħażaġh qiegħda, b'mod speċjali fejn huma l-iktar meħtieġa. Mingħajr biżżejjed fondi, hemm riskju li l-Garanzija Ewropea għaż-żgħażaġh titqies bħala xi ħaġa falza. Għandha tiġi żviluppata tmexxija tal-UE iktar b'saħħitha permezz ta' **passaport Ewropew uniku tal-ħiliet**, billi jiġi estiż il-Qafas Ewropew għall-Kwalifiki billi jingħaqdu flimkien il-kwalifiki u l-ħiliet kollha fl-edukazzjoni formali, informali u non-formali. Hemm bżonn ċar ta' **qafas Ewropew ta' sħubijiet bejn l-iskejjel, l-intrapriżi u l-imsieħba soċjali**, flimkien ma' sinerġiji strateġiċi simili li jpoġġu l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja fil-qalba tal-ħolqien tal-impjieġi, ir-riżoluzzjoni tad-differenza bejn id-domanda u l-offerta tal-ħiliet u l-promozzjoni

tal-impjegabbiltà, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. Is-Semestru Ewropew irid jiżgura li l-investiment pubbliku fl-edukazzjoni u t-taħriġ ma jiġix mhedded b'miżuri għat-tnaqqis fid-dejn sovrani u d-defiċits nazzjonali.

4.6 **Impjieġi veri, xogħol diċenti u l-portabbiltà tad-drittijiet soċjali għandhom ikunu fil-qalba ta' programm Ewropew ta' rkupru sostenibbli** Il-mudell soċjali Ewropew huwa ass biex jiġu attirati l-investimenti u għall-iżvilupp tan-negożji fl-Ewropa; dan il-mudell għandu jiġi apprezzat billi jitħeġġeġ l-appoġġ fiskali għal attivitajiet li jgħolqu l-impjieġi, inklużi l-mikrointrapriżi u impjieġ ġenwinament indipendenti. **L-istandards soċjali garantiti** għandhom jiġu rispettati f'politiki pan-Ewropej għall-impjieġ u s-suq tax-xogħol. Il-kompetittività u l-flessibbiltà jridu jimxu id f'id ma' xogħol u pagi diċenti li ma jkunux stabbiliti taħt il-livell tal-faqar. Fil-programm ta' ħidma tagħhom **l-imsieħba soċjali Ewropej għandhom responsabbiltà** speċjali li jindirizzaw il-problema tal-ħaddiema li xorta waħda jgħixu fil-faqar.

4.7 **L-UE trid tieħu impenn b'mod iktar serju u tanġibbli fit-tnaqqis u l-qerda tal-faqar.** Il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali għall-Ewropa tat-tnaqqis attiv tal-faqar huma iktar kosteffettivi mill-ħsara ekonomika u soċjali deġġiema kkawżata min-nuqqas ta' azzjoni jew minn miżuri li jagħmlu l-faqar agħar. Tal-inqas, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, **l-impenji "ewlenin" tal-Ewropa 2020 biex 20 miljun persuna jinħarġu mill-faqar** għandhom jiġu segwiti b'mod attiv, u mhux jiġu mfixkla mill-miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit. L-ewwel nett, dan jeħtieġ sett ta' indikaturi pan-Ewropej aħjar biex jitkejjel l-impatt tal-faqar u biex jiġi żgurat monitoraġġ adatt u korrezzjoni potenzjali tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u miżuri ta' awsterità li fil-fatt jistgħu iħarrxu l-faqar u jfixxlu l-irkupru. Il-KESE qed iwettaq ukoll valutazzjoni tal-**iskemi ta' dħul minimu garantit** fl-Istati Membri, bil-għan li jiġu identifikati u promossi Prattiki tajbin madwar l-UE. Huwa appoġġa t-talba tal-PE biex tiġi studjata u prevista proposta leġislattiva għall-introduzzjoni ta' dħul minimu adegwat ta' mill-inqas 60 % tad-dħul medjan f'kull Stat Membru ⁽¹⁾. Jista' jitwaqqaf **Fond Ewropew** dedikat ta' **Solidarjetà Kontra l-Faqar** biex jiġu appoġġati miżuri għall-għaj-nuna għad-dħul, bħala mekkaniżmu ta' aġġustament għall-istabilizzazzjoni soċjali tas-Semestru Ewropew. Il-Kumitat itenni wkoll il-proposta tiegħu li 20 % tar-riżorsi kollha tal-FSE għandhom jiġu riżervati għall-indirizzar tal-inklużjoni soċjali u l-faqar.

⁽¹⁾ Il-KESE jappella għal pjan ta' direzzjoni dettaljat għall-implementazzjoni tal-strateġiji ta' inklużjoni attiva fil-livell lokali. Huwa jappoġġa t-talba tal-Parlament Ewropew biex jiġi studjat l-impatt ta' proposta leġislattiva biex jiddaħħal livell minimu adegwat għad-dħul ta' mill-inqas 60 % tad-dħul medjan f'kull Stat Membru (ĠU C 248/130, 25.8.2011).

4.8 Att Ewropew għall-Aċċessibbiltà huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom drittijiethom għall-moviment ħieles u l-aċċess għall-prodotti, s-servizzi u l-ambjent mibni. Għaldaqstant, **Karta Ewropea tal-Mobbiltà** tkun strument konkret u effettiv. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa wkoll **għodda tal-valutazzjoni ta' impatt għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà** u tqisha fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

4.9 Bl-istess mod, għandhom jitfasslu metodoloġija u qafas ta' indikaturi komparabbli u li jistgħu jitkejlu dwar il-ħarsien tas-saħħa u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa sabiex tiġi verifikata s-sitwazzjoni fl-Istati Membri bħala parti mis-Semestru Ewropew.

4.10 **Il-punti ta' riferiment soċjetali pan-Ewropej** u l-linji gwida tal-prattika tajba dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja, l-aċċess għas-servizzi tal-kura tat-tfal, it-tixjir attiv, il-volontarjat, id-dritt għal dar u l-ġlieda kontra l-problema ta' nies mingħajr dar għandhom jiġu integrati wkoll fi ħdan id-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew.

4.11 Il-ħaddiema immigranti qed jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-iżvilupp ekonomiku u għall-benesseri tal-Ewropa. Il-proċeduri tal-UE għall-immigrazzjoni tax-xogħol għandhom ikunu legali u trasparenti. Il-leġislazzjoni tal-immigrazzjoni għandha tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u tiżgura l-ugwaljanza. Il-KESE jqis li l-UE għandha ssaħħaħ il-politiki ta' integrazzjoni kif ukoll il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni fir-rigward tal-immigranti u l-minoranzi.

4.12 L-irkupru sostenibbli jeħtieġ iktar simetrija ekonomika u monetarja u iktar koeżjoni soċjali madwar l-UE kollha kemm hi. Programm Ewropew ta' Azzjoni Soċjali li jinkludi l-għanijiet speċifiċi elenkati hawn fuq jgħin biex tiġi stabbilita bażi soċjali iktar koerenti favur l-għaqda u biex l-UE terġa' ssib rabta ma' ċittadini tagħha. Għalhekk ikun aħjar li jinstab bilanċ soċjali mill-ġdid fuq żewġ linji, kemm tal-UE kif ukoll tal-UEM, li jirrispetta s-sussidjarjetà fis-sens dinamiku tagħha. Madankollu, jekk m'hemmx kunsens jew rieda politika biżżejjed għal dimensjoni soċjali tal-UE b'nifs ġdid, il-KESE jipproponi l-għażla tal-kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UEM, b'riżorsi finanzjarji proprij, Fond Soċjali supplimentari, Patt dwar il-Progress Soċjali għall-Ewropa, abbażi tal-istess arranġamenti kuntrattwali b'responsabbiltà demokratika u rigorużi li jirregolaw il-konverġenza ekonomika u monetarja, u l-istandards soċjali, l-għanijiet u l-mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni (għandu jkun hemm dibattitu mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili dwar jekk u kif tista' tkun utli l-iskema ta' assigurazzjoni tal-qgħad jew tal-benefiċċji tal-qgħad tal-UEM li ġiet proposta dan l-aħħar mill-Kummissarju Andor) li jqabblu l-mekkaniżmi tal-istabbilizzazzjoni fiskali,

baġitarji u monetarji ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) iktar stretta b'dimensjoni soċjali korrispondenti.

4.13 **L-obbligi kuntrattwali għall-kompetittività u t-tkabbir** li ġew diskussi fis-summit tal-UE f'Diċembru jridu jkunu **responsabbli demokratikament** u m'għandhomx ifixxlu l-ekonomija tas-suq soċjali Ewropea kif inhu stabbilit fl-Artikolu 3.3 tat-TUE. Hemm bżonn ukoll li jiġu definiti u stipulati **l-mekkaniżmi ta' solidarjetà biex jiġu appoġġjati** l-isforzi tal-pajjiżi, li gradwalment jistgħu jieħdu l-forma ta' trasferimenti finanzjarji ġenwini, b'baġit inizjali speċifiku ta' EUR 50-100 biljun, iffinanzjat minn mekkaniżmi simili għal dawk tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES).

4.14 Sabiex jinkisbu dan il-bilanċ u korrispondenza ikbar mal-ekonomija tas-suq soċjali stabbiliti fit-Trattat, ir-rwol msaħħaħ tal-Kummissarju responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi u monetarji fi ħdan il-Kulleġġ għandu jkun akkumpanjat minn **tisħiħ fir-rwol tal-Kummissarju responsabbli għall-impjeg u l-affarijiet soċjali**. Ir-rwol dejjem ikbar tal-Kunsill ECOFIN għandu jkun bilanċjat ukoll **b'tisħiħ simili tal-Kunsill EPSCO**.

4.15 Huwa urġenti wkoll, f'dan il-kuntest ta' governanza ekonomika u soċjali Ewropea, b'referenza partikolari għas-Semestru Ewropew u l-Istrateġija Ewropa 2020, li r-rwol kemm tal-**Parlament Ewropew kif ukoll tal-parlamenti nazzjonali** jissaħħaħ, u li l-involvement tal-**imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** jiġi estiż u garantit fil-livelli kollha tan-negozjar politiku.

5. Proposti esploratorji

5.1 Bonds Soċjali Ewropej

5.1.1 B'mod parallel mal-proposti msemmija hawn fuq, forsi għandu jingħata iktar ħsieb lil modi addizzjonali li jinvolvi liċ-ċittadini Ewropej, lis-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati korporattivi fit-tnedija mill-ħdid tal-azzjoni soċjali Ewropea, jiġifieri permezz tal-mobilizzazzjoni u l-ħruġ ta' **Bonds Soċjali Ewropej**. Dan jagħmilha possibbli, fi żmien ta' riżorsi pubbliċi skarsi, li jiġu mobilizzati riżorsi addizzjonali għal għanijiet definiti sew minn riżervi sinifikanti ta' tfaddil privat li mhux qed jintuża.

5.1.2 Din l-inizjattiva tkun separata mid-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-ħruġ ta' bonds tal-UE għall-istabbiltà (biex jgħinu fil-mutwalizzazzjoni tad-dejn) u l-bonds għall-irkupru u t-tkabbir (bħala parti mill-pakkett ta' stimolu ekonomiku tal-UE). Minflok, il-**Bonds Soċjali Ewropej** ma jitħallsux mit-teżori nazzjonali jew jiġu kofinanzjati mill-mekkaniżmi baġitarji tal-UE; dawn jiġu akkwistati u jinvestu fihom ċittadini

individwali, intrapriżi, trejtdjunjins u gruppi tas-soċjetà ċivili lesti li jeżerċitaw responsabbiltà soċjali individwali u korporattiva billi jieħdu sehem f'**Fond Ewropew ta' Azzjoni Soċjali**, finanzjat u mmaniġġjat minnhom infushom, b'rati ta' interess raġonevoli u mingħajr skop ta' qligħ, b'superviżjoni u regolazzjoni trasparenti, u faċilitati u sottoskritti għall-ammont adatt mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE.

5.1.3 Il-ħruġ tal-bonds għandu jiġi **faċilitat loġistika mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE, organizzati b'mod popolari u ġestiti b'mod reċiproku mill-partijiet interessati privati, korporattivi u pubbliċi** li jagħżlu li jieħdu sehem fl-iskema u jieħdu responsabbiltà għall-Fond Ewropew ta' Azzjoni Soċjali. Huma jixtru, iġemmgħu u jinvestu l-bonds fi programmi soċjali tal-għażla tagħhom, preferibbilment **fil-qafas tal-Programm Ewropew propost għall-Azzjoni Soċjali**, bl-għajnuna teknika ta' korpi istituzzjonali u ta' konsulenza tal-UE, sabiex jiġu verifikati l-vijabbiltà finanzjarja u l-impatt soċjali potenzjali tagħhom. **Tali investimenti soċjali jistgħu jinkludu:** djar soċjali, impriżi kooperattivi u intrapriżi soċjali; appoġġ għall-gruppi li jgħinu lilhom infushom, l-assoċjazzjonijiet mutwi, is-servizzi komunitarji soċjali u tas-saħħa, in-networks edukattivi, tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid, l-innovazzjoni soċjali, ir-riċerka u l-iżvilupp; is-self u s-sħubijiet għall-iżvilupp infrastrutturali, l-agrituriżmu, l-iskambji tal-ivvjaġġar, l-attivitajiet kulturali; azzjonijiet tal-karità, eċċ.

5.1.4 Jistgħu jiġu eżaminati pjani sussegwenti, iktar strutturati, għall-iżvilupp ta' dawn il-bonds soċjali Ewropej, bħall-iżvilupp ta' sensiela ta' tali bonds, promossi u ġestiti fil-livell lokali u/jew nazzjonali mill-atturi msemmija hawn fuq. Dawn il-bonds, li jikkonformaw mal-kriterji tal-iskema ġenerali Ewropea, kemm f'termini ta' għanijiet kif ukoll ta' metodi ta' ġestjoni, jiksibu ċ-ċertifikazzjoni Ewropea adatta għall-parteċipazzjoni fl-iskema ġenerali u, abbażi ta' dan, potenzjalment anke ħelsien mit-taxxa għal min jieħdu sehem.

5.1.5 Il-Bord ta' Tmexxija tal-Fond Ewropew għall-Azzjoni Soċjali għandu jkun magħmul mill-partijiet interessati involuti fl-iskema, rappreżentati b'mod proporzjonali, skont il-livell tal-investimenti tagħhom fil-Bonds Soċjali Ewropej, u bl-

assistenza loġistika u konsultattiva mill-korpi adatti tal-UE (inkluż il-KESE).

5.2 In-Netwerk Ewropew tal-Edukazzjoni għall-Ħaddiema Qiegħda

5.2.1 Il-qgħad tal-massa fl-Ewropa mhux ser jiġu riżolt fil-perjodu l-qasir jew medju, anke jekk il-previżjonijiet tat-tkabbir jittejjbu sal-2014 u l-istimoli pan-Ewropej jibdwu iħallu effett. Is-suq tax-xogħol Ewropew irid isir iktar rilevanti bħala mezz biex il-forza tax-xogħol tagħna tista' tiċċirkola b'mod ħieles, twassal il-ħiliet fejn ikunu meħtieġa u titgħalliem ħiliet li jinġabu lura u jiġu żviluppati. Huwa kruċjali li l-forza tax-xogħol tagħna tibqa' attiva, preferibbilment fl-impjieg jew possibbilment impjieg part-time, jew, jekk le, fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-edukazzjoni tkun effiċjenti, tħares 'il quddiem, tkun innovattiva u rilevanti għall-ħtiġiet tas-suq tax-xogħol. Ħafna skemi edukattivi u tat-taħriġ għandhom tendenza jkunu fuq perjodu qasir, sikwit mingħajr opportunitajiet ta' impjieg sostenibbli meta jintemmu. Ħaddiema mdaħħla fl-età li qed isiru qiegħda għandhom inqas ċans jieħdu sehem f'tali skemi. Għandu jiġi esplorat approċċ iktar fit-tul b'perspettiva Ewropea, inkluż abbażi ta' wħud mill-aħjar prattiki Ewropej provati, bħall-programm tal-edukazzjoni għall-kbar li twettaq fl-Isvezja mill-1997 sal-2002 jew is-sistema ta' taħriġ f'żewġ livelli fil-Ġermanja u l-Awstrija. L-UE forsi tista' tiffaċilita t-twaqqif ta' **Netwerk Ewropew għall-Edukazzjoni tal-Ħaddiema Qiegħda** bil-għan li toffri opportunità edukattiva komprensiva ta' sentejn biex jibdlu l-karriera, jieħdu sehem f'xogħol, taħriġ jew f'esperjenzi ta' skambju edukattivi fi Stati Membri oħra permezz tal-ħruġ ta' **vawċers edukattivi transkonfinali** bi trasferimenti ta' kredits tal-korsijiet, u biex jiksibu kwalifika professjonali rikonoxxuta b'mod reċiproku fl-aħħar.

5.2.2 Din is-sistema, jekk tiġi provduta b'riżorsi adegwati u tiġi adottata b'mod mifruq mill-Istati Membri, fil-kuntest ta' arranġamenti kuntrattwali preċiżi mal-ħaddiema li jidħlu f'tali programmi fuq bażi volontarja, tista' tagħmilha possibbli li jinżamm għadd sostanzjali ta' persuni qiegħda f'impjiegi ta' kwalità għolja li żgur ma kinux isibu opportunitajiet ta' impjieg, u dan ikollu effetti pożittivi kemm għall-persuni kkonċernati kif ukoll għall-kapital soċjali ġenerali tal-pajjiżi tal-Ewropa.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Wara 10 snin x’direzzjoni għall-euro? Il-futur ekonomiku u politiku tal-UE u t-trattat il-ġdid” (Opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2013/C 271/02)

Relatur: **is-Sur CEDRONE**

Nhar it-12 ta’ Lulju 2012, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar:

Wara 10 snin, x’direzzjoni għall-euro? Il-futur ekonomiku u politiku tal-UE u t-trattat il-ġdid

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-4 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju 2013), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’134 vot favur, 27 vot kontra u 22 astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet għall-futur tal-euro

1.1 Il-KESE jqis li t-twelid tal-euro u l-UEM (Unjoni Ekonomika u Monetarja) kien l-aktar stadju importanti fil-mixja tal-Ewropa. Kien parti minn pjan strateġiku tal-Unjoni li kien jiffirma parti mill-viżjoni li kienet ispirat il-KEFA u t-Trattat ta’ Ruma. Kien pass kbir u kuraġġuż, imħatra għall-futur, li kienet gābet magħha ħafna tama, tant li kulħadd kien konvint li s-saħħa tal-munita unika kienet ser tegħleb ir-reżistenza li kien għad hemm u li kienet qed iżżomm lura t-kompliġa ta’ UEM u unjoni politika sħiħa, kif kien ser ikun meħtieġ. Madankollu l-euro tibqa’ l-bażi għal dan kollu.

1.2 Iżda, wara għoxrin sena twal, irridu naqblu li dan ma kienx il-każ, forsi għaliex l-euro ma għaddiex minn skossi qawwija la minn ġewwa u lanqas minn barra matul dan il-perjodu, jew forsi minħabba fin-nuqqas ta’ fiduċja li tippersisti fl-Ewropa bejn il-pajjiżi kredituri u l-pajjiżi debitori, li jfisser nuqqas ta’ koeżjoni u ta’ fiduċja fmin jiggvernana. B’hekk kulħadd ipprefera li jistrieħ fuq il-baħar kalm u fuq il-ġid li kien hemm. Kollox kien jidher li kien sejjer tajjeb, iżda l-kalma kienet biss fid-dehra. Fil-fatt, il-wasla tal-kriżi ekonomika u finanzjarja internazzjonali, li laqtet lill-UE, daqqet l-allarm u ħarġet ċar il-limiti u l-kontradizzjonijiet li kien hemm fl-istruttura tal-UEM, u b’hekk l-euro tilef il-potenzjal tiegħu li jkun attraenti. Fil-bidu, konna naħsbu li biex is-sistema taħdem kull ma kien hemm bżonn kienu diversi “regoli ta’ kontabilità”, bħall-Patt ta’ Stabbiltà, filwaqt li l-verità kienet li l-problema ma kinitx teknika iżda ekonomika u politika.

1.3 Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-istabbiltà. Iżda, l-istabbiltà tikkonċerna mhux biss il-prezzijiet jew l-istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji iżda wkoll il-politika u l-kundizzjonijiet soċjali. Iċ-ċittadini għandhom raġun ikollhom l-impressjoni li huma qed iħallsu l-ogħla prezz tad-dejn minflok il-banek li kellhom rwol deċiżiv fil-kriżi, u dan mhuwiex ġust. Il-KESE jinsab konvint li s-sostenibbiltà politika tal-awsterità ma tistax iddum ħafna. Għall-kuntrarju fxi pajjiżi diġà nqabżu l-limiti.

1.4 Għaldaqstant, il-KESE jaħseb li munita unika tkun sostenibbli biss jekk ikun hemm konverġenza tal-kapaċitajiet ekonomiċi tal-pajjiżi taż-żona tal-euro u jekk titjeb il-kompetittività kollha kemm hi: dawn l-oġġettivi jeħtieġu impenn ekonomiku kif ukoll politiku. Ftit manutenzjoni temporanja mhijiex biżżejjed. Trid issir qabża kwalitattiva, biex nġhaqqu flimkien mhux biss il-munita u l-ekonomija, iżda wkoll il-politika, is-sovranià, in-nies u l-kapaċità għal dialogu bejn il-popli Ewropej. Għandna bżonn ta’ iktar integrazzjoni politika u inqas konroll mill-gvernijiet u ekonomija soċjali tas-suq għat-tixrid tat-tkabbir u l-impjiegi u biex l-euro jidher mill-ġdid bħala vantaġġ u mhux il-kuntrarju.

1.5 Jidher ċar li fl-Opinjoni tagħna l-proposti tal-KESE huma proattivi filwaqt li r-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill għall-kriżi kienu u għadhom fil-biċċa l-kbira tagħhom reattivi. Infakkru, pereżempju, li t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza jenfasisza l-istabbiltà mingħajr ma jipproponi strumenti finanzjarji konġunti għall-irkupru u l-impjiegi, għalkemm il-ftehim dwar mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU) huwa pass importanti ‘l quddiem minkejja n-nuqqas ta’ pjan direzzjonali kredibbli u konkret għall-unjoni politika. Jeħtieġ li l-Ewropa terġa’ tibda tipproduċi l-ġid biex tkun tista’ tqassmu b’mod ġust. Dan huwa l-aħjar mod biex jonqsu l-protesti. Ma nistgħux nimponu biss l-awsterità.

1.6 Il-KESE jitlob kif għamel kemm-il darba li jsir eżerċizzju biex nifhmu x’inhu għaddej fir-realtà fir-rigward tal-euro u l-Ewropa biex insalvawhom, kif ukoll fir-rigward tal-limiti politiċi u ekonomiċi tagħhom, il-profitti u t-telf u dwar min hu responsabbli għas-sitwazzjoni attwali. Hemm bżonn li jittieħdu azzjonijiet malajr. M’hemmx ħin għar-retorika, għall-inganni u għall-ħrejjef. Huwa l-uniku mod kif tiġi evitata d-diżintegrazzjoni tal-Ewropa, li ilha xi żmien sejra lura. Għal dan il-għan ikun aħjar li jiġi evitat li nakkużaw b’popoliżmu lil dawk li qed jipprotestaw minħabba fis-sagrifiċċi imposti fuqhom. L-Ewropa trid titgħalliem tisma’ mingħajr arroganza. Ma tistax tibqa’ truxa.

Proposti biex tiġi kkompletata l-UEM: il-ħoloq li jonqsu

Il-ħolqa ekonomika

1.7 Il-KESE jaħseb li l-aħjar mod kif tiġi kkompletata l-UEM, tiġi evitata reċessjoni, jitnaqqas id-dejn nazzjonali u jiġu stabbilizzati l-baġits huwa li jinbidel il-prinċipju li bħalissa fuq hija msejsa l-kultura ekonomika tal-UE (stabbiltà għal tkabbir), u b'hekk jiġi promoss **patt ġdid għall-promozzjoni (mutwalizzazzjoni) tat-tkabbir, l-impjiegi u l-istabbiltà**, anke permezz tal-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali (tkabbir għall-istabbiltà). Il-KESE jinsab konvint li:

- i) l-irkupru ma jistax jitmexxa biss permezz ta' miżuri marbutin mal-politika monetarja (pereżempju provvista kbira ta' flus kontanti għas-sistema bankarja u rati ta' interess baxxi) u tal-politika fiskali (bħalissa limitata minħabba l-hteġa ta' konsolidazzjoni fiskali f'ħafna pajjiżi), iżda jrid jiġi promoss ukoll permezz ta' żieda fl-investimenti fis-setturi tal-enerġija alternattiva, tal-ambjent u tal-**investment soċjali**, biex b'hekk tinholq domanda għal prodotti u servizzi ta' investment mis-settur privat, li tikkonsidra wkoll l-eżiġenzi tal-familji;
- ii) permezz ta' din l-istrateġija ikun possibbli li **jitnaqqsu l-livelli għoljin ħafna ta' qgħad u jiġi ġġenerat id-dħul fiskali** meħtieġ għat-tnaqqis tad-dejn pubbliku u d-defiċit nazzjonali;
- iii) dawn l-investimenti m'għandhomx jiġu ffinanzjati biss permezz tal-formola "iżjed infiq pubbliku", iżda wkoll permezz ta' **bonds li jattiraw it-tfaddil globali eċċessiv nieqes minn opportunitajiet ta' investment**, u b'hekk jiġi appoġġjat it-tkabbir tal-UE u dak globali: dan it-tkabbir jista' jiġi xprunat immedjatament mid-dħul mill-finanzjament ta' proġetti minflok minn trasferimenti fiskali bejn l-Istati Membri;
- iv) għandha tkun prijorità li **tissaħħaħ il-fattibilità finanzjarja tal-kumpaniji**, u b'mod speċjali tal-SMEs, li ħafna minnhom bħalissa huma mhedda bix-xoljiment għaliex m'għandhomx kreditu bankarju suffiċjenti biex jiżguraw li jistgħu jixtru komponenti u materjal, anke minħabba l-fatt li l-banek ċentrali jesigū wisq garanziji għall-banek li jsejlfu lill-SMEs;
- v) għandhom jittieħdu passi immedjati biex jiġi promoss l-investment pubbliku li jiffaċilita t-tkabbir, filwaqt li dan l-investment jitħalla barra mill-karta tal-bilanċ permezz tal-użu ta' "regoli tad-deheb", jiġifieri sistema ta' regoli komuni li jqisu wkoll id-dejn privat tal-pajjiżi, sakemm jiġu implimentati l-eurobonds ⁽¹⁾.

1.8 għandhom jiġu implimentati **politiki simmetriċi sabiex l-euro jkun sostenibbli** u jitnaqqsu d-differenzi bejn l-ekonomiji tal-pajjiżi differenti, permezz ta' pjan imsejjes fuq is-solidarjetà li jittrasferixxi riżorsi ta' investment lejn pajjiżi b'ekonomiji iżjed dgħajfa, permezz ta' proġetti mmirati, bl-użu ta' spostamenti fiskali, jekk inkun hemm bżonn, u bl-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol u tal-politika soċjali. Dan ifisser azzjonijiet li jittieħdu permezz ta' aġġustamenti simmetriċi: fondi komuni biex jiġu salvati banek li qed ifallu, assigurazzjoni Ewropea fuq id-dipożiti, Union bonds, eurobonds, politiki komuni għat-tnaqqis tad-defiċit estern tal-UE, eċċ.(il-ħolqien ta' fond komuni ta' kumpens u ta' aġġustament);

1.9 **għandu jitwaqqaf korp governattiv ekonomiku tal-UE**, li jissupera l-metodu attwali ta' koordinazzjoni tal-politiki li ma tax riżultati tajbin, u jittrasforma l-Grupp tal-euro f'entità li tiddeċiedi skont il-maġġoranza u jsir l-interlokutur fisem l-euro; m'għadux sostenibbli li jkollna l-Unjoni Monetarja u l-Unjoni Bankarja filwaqt li l-politiki ekonomiċi jinżammu separati. Għall-kuntrarju, governanza komuni (bħalma ġara fil-każ tal-patt fiskali) fil-livell makro u mikro (tnedija tal-Patt Industrijali) tista' tagħti żvolta lill-politika ekonomika u fiskali li tippromovi t-tkabbir, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali;

1.10 għandna noqorbu lejn **baġit komuni** għaż-żona tal-euro, li ovvjament ikollu regoli komuni u jintegra l-politika tal-kummerċ u l-bilanċ tal-pagamenti, li llum għandhom differenzi sostanzjali. Il-konsolidazzjoni fiskali trid tiġi kkompletata billi tittieħed azzjoni fir-rigward tal-istruttura tal-multiplikaturi, sabiex jiġu lliberati riżorsi favur it-tkabbir u l-impjiegi, u permezz ta' riformi li kapaċi jżidu l-produttività tal-pajjiżi iktar dgħajfa ⁽²⁾

1.10.1 Madankollu dak li hemm bżonn hu li jonqsu jew jillaxxkaw il-miżuri attwali ta' awsterità, għall-pajjiżi bl-akbar djun, u l-promozzjoni tal-espansjoni tad-domanda fil-pajjiżi kredituri. Hemm bżonn ta' azzjoni kuntestwalizzata fuq id-dejn u r-riformi strutturali min-naħa tal-Istati Membri, u fuq it-tkabbir permezz ta' pjan solidali u konkret min-naħa tal-UE biex jiżdiedu l-okkupazzjoni u l-ġustizzja soċjali. Ma nistgħux inżidu l-awsterità mar-reċessjoni, kif qed tagħmel l-UE; barra minn hekk, iż-żieda tat-tnaqqis tad-dejn man-nuqqas ta' kreditu għandha effetti katastrofiċi fuq l-ekonomija.

Il-ħolqa monetarja u finanzjarja

1.11 Għaldaqstant hemm bżonn ta' sistema li kapaċi tassorbi mill-ġdid l-iżbalji u l-punti dgħajfin tal-pajjiżi individwali, u li takkumpanja il-proċess ta' riforma u tnaqqas id-differenza ekonomika u l-iżbilanċi bejn il-pajjiżi fiż-żona tal-euro, anke permezz tal-politika monetarja.

⁽¹⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

⁽²⁾ ĠU C 133, 9.5.2013, p. 44.

1.12 L-istess BĊE sofra minħabba fil-limiti tal-UEM. B'konformità mat-Trattat kellu japplika **politika monetarja unika, kważi federali, anke jekk l-ekonomiji tal-pajjiżi kienu u għadhom differenti**, bi żbilanċi kbar bejniethom. Għaldaqstant, kif intqal dawn kienu jeħtieġu, u għadhom jeħtieġu, miżuri korrettivi min-naħa tal-UE. Dan jevita esponiment żejjed u jippermetti lill-BĊE jieħu azzjonijiet aktar effettivi u iktar bilanċjati mmirati lejn l-istabbiltà tal-prezzijiet, sabiex inaqas id-distorsjonijiet u l-iżbilanċi li jeżistu, u li jistgħu jgħolqu dubji dwar l-istess eżistenza tal-munita unika, kif rajna fil-fażi l-iżjed reċenti tal-kriżi tad-dejn sovrani li għet evitata biss minn intervent determinat tal-Gvernatur tal-BĊE. Dan huwa neċessarju biex tiġi promossa l-integrazzjoni ekonomika, li qed taqa' lura meta mqabbla ma' dik monetarja, tal-inqas sakemm jingħelbu l-problemi tan-nuqqas attwali ta' mandat għall-BĊE u d-defiċit politiku tal-UE.

1.12.1 Il-BĊE llum għandu rwol espost wisq. Biex ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu aħjar u jaħdem taħt l-istess kundizzjonijiet, għandu jkollu l-istess funzjonijiet u l-istess mandat bħar-Riżerva Federali, inkluż dak ta' mutwanti tal-aħħar istanza, biex tonqos id-differenza fuq ir-rati tal-interessi. Għalhekk għandu jkun mandat komplut li jippermetti lill-BĊE li jaġixxi biex jistimola t-tkabbir meta jkun hemm bżonn.

1.12.2 F'dan il-perjodu hemm dibattitu kbir dwar dan is-suġġett bejn il-banek ċentrali: liema strateġiji għandhom jiġu adottati biex jiġi rilancjat it-tkabbir. Din tittratta l-kwistjoni antika tar-relazzjoni bejn l-awsterità u t-tkabbir, jiġifieri l-inflazzjoni u t-tkabbir u t-tkabbir u l-okkupazzjoni. Biżżejjed li wieħed jaħseb li r-Riżerva Federali, biex tirrispetta l-mandat tagħha li tnaqqas ir-rata tal-qgħad għal 6 % tohrōg USD 85 biljun kull xahar fis-suq (il-Bank tal-Ingilterra qed jikkonsidra politika simili). Din hijasitwazzjoni li ddgħajef il-BĊE, li ma għandux gvern u baġit meta mqabbel ma banek ċentrali oħra. Din il-kundizzjoni tirrigwarda wkoll il-kontroll tar-relazzjoni bejn il-muniti. Il-BĊE għandu jkun responsabbli wkoll għall-politika tar-rata tal-kambju, li skont it-Trattat hija fil-kontroll tal-Kunsill biss, biex jilħaq ftehimiet formali dwar sistema tar-rata tal-kambju għall-euro f'relazzjoni mal-muniti ta' pajjiżi terzi.

1.12.3 **Id-dejn:** dan huwa element ieħor importanti tal-UEM. F'dan ir-rigward, il-KESE diġà ressaq proposta preċiża biex jitneħħa 60 % tad-dejn tal-pajjiżi mis-suq biex b'hekk jiġu evitati l-effetti tal-ispekulazzjoni tas-suq fuq iż-żona tal-euro⁽³⁾. Huwa ċar li b'UEM kompluta u baġit komuni taż-żona tal-euro jkun jistgħu jiġu previsti wkoll forum ta' ħruġ ta' bonds komuni, (naturalment dan irid iseħħ fil-qafas ta' baġit komuni taż-żona tal-euro).

1.13 F'dak li jirrigwarda s-sistema finanzjarja u bankarja b'mod globali, il-KESE jqis li hemm bżonn li l-aspetti kollha tad-dispożizzjonijiet immedija mill-UE⁽⁴⁾ jiġu implimentati

fil-inqas żmien possibbli u malajr. Dawn huma fost l-aktar strumenti effikaċi u importanti biex tiġi kkompletata l-UEM, l-istabbiltà tagħha u s-suq intern.

Il-ħolqa politika u istituzzjonali

1.14 Il-KESE jqis li l-futur tal-UE u tal-istituzzjonijiet tagħha jrid jgħolli mill-iskemi li jirreferu għall-"mudell ideoloġiku", anke jekk dak "federali" jidhrilna l-aħjar wieħed, u jikkunsidra l-aspetti funzjonali u ta' sustanza, biex tkun tista' ssalva l-idea stess tal-Ewropa. Trid tkun Ewropa li terġa' tpoġġi n-nies u s-solidarjetà fiċ-ċentru tal-għan ewlieni tagħha, li madwaru ddur l-ekonomija u mhux bil-maqlub. Wasal iż-żmien li nibdew naħdmu għal **unjoni politika, soċjali u ekonomika**. Iżda l-isforz tal-Kunsill, minkejja li għandu jiġi apprezzat, mhuwiex sforz determinat u adegwat, u jidhrilna li jista' jkun ferm akbar. L-egoiżmu jrid jispiċċa flimkien mal-"utopjanizmu tal-interessi" li jidher li ħakem l-Ewropa, biex tieħu posthom is-solidarjetà. Il-politiki ta' awsterità jridu jitwaqqfu jew jittaffew sabiex titnaqqas is-sofferenza, u x-xogħol u t-tkabbir jergħu jittqiegħdu fil-qalba tal-inizjattivi tagħha.

1.15 Għaldaqstant irridu noqorbu lejn **unjoni politika** u soċjali biex tiġi kkompletata l-UEM fid-dawl tal-proposti li qed isiru hawn fuq. Il-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet irid isir iżjed demokratiku (votazzjoni b'maġġoranza) u trasparenti, biex b'hekk tinkiseb integrazzjoni pożittiva, inqas żbilanċata, u s-sovrani ta' tiġi ġestita b'mod konġunt u b'hekk jitnaqqas id-differenzi fil-proċess ta' integrazzjoni. Dan jagħti vuċi waħda lill-UE fil-korpi internazzjonali wkoll.

1.16 **Trattat ġdid:** il-KESE jqis li l-parti l-kbira tal-proposti ta' natura ekonomika imsemmija fl-Opinjoni jistgħu jissolvew bla ma jinbidel it-Trattat. Fejn hemm bżonn, wieħed jista' jaġixxi permezz tal-kooperazzjoni msaħħa bejn il-pajjiżi li jaqblu mal-proposti (kif ġara fil-każ tal-patt fiskali), biex b'hekk ir-ritmu jkun aktar mgħaġġel u jiġi evitat ir-riskju tad-diżintegrazzjoni potenzjali tal-UE minħabba attacki ġodda minn barra u ż-żamma tal-politiki tal-awsterità. Alternattiva oħra, għal integrazzjoni aktar fil-fond tista' tkun dik li l-Parlament Ewropew li jmiss jingħata mandat kostitwenti. Din il-proposta tista' tkun soġġetta għal referendum popolari, fl-istess waqt, fil-pajjiżi kollha kkonċernati.

Il-ħolqa internazzjonali:

1.17 L-avvenimenti fl-Ewropa **qed ikollhom konsegwenzi anke fil-livell internazzjonali** u viċi versa. Għaldaqstant hemm il-bżonn ta' entitajiet internazzjonali iktar effiċjenti u b'kapaċità ikbar li jieħdu deċiżjonijiet sabiex jassiguraw **governanza globali** iktar b'saħħitha. L-UE, f'dan il-qasam, għandu jkollha rappreżentazzjoni unika, almenu taż-żona tal-euro. B'mod partikolari l-G20 għandu jkun jista' jaħtar "Kumitat Ekonomiku u Soċjali" għall-iżvilupp dinji, biex jieħu azzjoni permezz ta' stimolu fiskali.

⁽³⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 68 u ĠU C 11, 15.1.2013, p. 34.

1.18 Iżda huwa biss qafas politiku differenti, aktar koerenti u demokratiku, li jista' joffri lill-UE governanza esterna aktar effikaċi, flimkien ma' governanza interna aħjar, billi jkollha vuċi waħda fil-livell internazzjonali. B'mod partikolari, dan jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn il-muniti, biex tiġi evitata l-ħsara għall-ekonomija tal-UE, u r-relazzjoni bejn l-ekonomiji fuq livell dinji, speċjalment mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

1.19 Fil-qosor dawn huma **l-erba proposti** biex jiġi kkompletat il-qafas għall-euro.

- i) Gvern ekonomiku tal-UE (għat-tkabbir, l-okkupazzjoni, il-koeżjoni ekonomika u soċjali); baġit komuni taż-żona tal-euro u tnaqqis fl-asimmetrija ekonomiċi bejn il-pajjiżi taż-żona tal-euro.
- ii) Gvern monetarju u finanzjarju: tisħiħ tal-mandat tal-BĊE; il-kompletar tas-suq intern għall-finanzi u l-banek.
- iii) Unjoni politika u soċjali.
- iv) Tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-UE u l-governanza dinija.

2. Introduzzjoni

2.1 Bħalissa l-UE għaddejja minn żmien partikolarment diffiċli u perikoluż li qed jhedded li jġib miegħu konsegwenzi negattivi li jmorru ferm lil hinn minn dawk ekonomiċi u soċjali li diġà qed niffaċċjaw. Din l-Opinjoni fuq inizjattiva propra tindirizza sensiela ta' kwistjonijiet, fosthom il-bżonn li jiġu rispettati l-impenji tat-Trattat favur il-koeżjoni ekonomika u soċjali, il-promozzjoni ta' politika ekonomika u monetarja għdida għat-tkabbir u l-impjeg, politiki tal-innovazzjoni iżjed proattivi, Fond ta' Kapital ta' Riskju Ewropew għall-SMEs, u fl-aħħar nett ħidma favur il-futur tal-UE ⁽⁵⁾.

2.2 Qed nittrattaw interessi ekonomiċi ewlenin, anke fl-UE, li minflok ma jikkonverġu, qed jidħlu f'kunflitt kontra xulxin. L-euro ma għandu l-ebda responsabbiltà għal dak li qed jiġri ⁽⁶⁾. L-euro huwa munita li għal żmien twil tħalliet tieħu ħsieb lilha nnifisha u għadha qed tistenna li l-"kontendenti" (il-gvernijiet) jiddeċiedu x'se jagħmlu.

2.3 Il-KESE huwa fid-dmir li jwieġeb għal dawn l-isfidi b'lin-gwaġġ dirett u ċar, u b'sens tal-ġejjieni, billi jaf x'inhuma r-riskji

u l-livell ta' konfrontazzjoni, mingħajr ma jaħbi l-fatti. F'din l-Opinjoni l-KESE jixtieq jikkontribwixxi b'mod attiv, u mingħajr riżervi, sabiex tiġi kkompletata l-UEM u tingħeleb il-kriżi, fl-interessi tal-ħaddiema, in-negozji u ċ-ċittadini fl-UE, b'mod speċjali ż-żona tal-euro, li l-aktar li qed issoffri mill-kriżi attwali.

3. It-Trattat ta' Maastricht: politika monetarja u koeżjoni

3.1 Unjoni monetarja

3.1.1 L-adozzjoni ta' munita unika kienet tkun l-aħjar għal pajjiżi li qed jiffaċċjaw skossi simmetriċi jew li għandhom mekkaniżmu biex jassorbu skossi asimmetriċi. Studji empiriċi wrew li l-probabbiltà ta' skossi asimmetriċi hija ogħla fl-Ewropa milli fl-Istati Uniti. Il-politika tal-BĊE dwar munita unika, li l-għan primarju tagħha huwa l-istabbiltà tal-prezzijiet fl-unjoni monetarja, naturalment, ma tistax tirreaġixxi għal skossi asimmetriċi f'pajjiżi individwali taż-żona tal-euro. Għalhekk, jeħtieġ mekkaniżmu ieħor li jkun effettiv biżżejjed biex jindirizza dawn l-iskossi. Il-politika tal-BĊE dwar munita unika se tkun anqas u anqas adatta għall-membri taż-żona tal-euro aktar ma jonqsu l-mobbiltà tal-fatturi ta' manifattura, it-trasparenza tal-ekonomiji, is-sinkronizzazzjoni taċ-ċikli ekonomiċi, id-diversifikazzjoni fil-produzzjoni, l-integrazzjoni finanzjarja u l-estent tal-kummerċ reċiproku, u aktar ma jiżdiedu ir-riġidità tas-suq tax-xogħol u d-differenzi fl-inflazzjoni bejn l-ekonomiji tal-pajjiżi membri. Inqas ma jaħdmu b'mod effettiv il-miżuri ta' adattament biex inaqqsu l-effetti tal-iskossi asimmetriċi (flessibiltà fil-prezzijiet u fis-salarji, mobbiltà tal-forza tax-xogħol u kapital bejn pajjiżi membri, u federaliżmu fiskali), il-pajjiż ikampa agħar bit-telf tal-politika monetarja tiegħu.

3.1.2 L-UEM aktarx tirrappreżenta l-pilastru prinċipali tat-Trattat ta' Maastricht, iżda mhijiex l-uniku. L-ispirazzjoni warajha, barra minn dik ekonomika, wara li waqa' l-Ħajt ta' Berlin, kienet fil-biċċa l-kbira tagħha politika. Ħafna pajjiżi baqgħu spettaturi sorpriżi u indifferenti fil-konfront tax-xenarju l-għdid kif ukoll tal-inklużjoni kważi istantanja tal-Ġermanja tal-Lvant u l-ugwaljanza taż-żewġ "marki" (1 = 1), iggarantita mid-Deutsche Bundesbank L-għażla kienet li tiġi posposta d-deċiżjoni li tiġi kkompletata l-UEM, u b'hekk tqajmu aspettattivi komuni, iżda fl-aħħar mill-aħħar sfaw fix-xejn, li unjoni monetarja għib magħha unjoni politika u li l-euro tagħti l-imbottatura għal Ewropa federali; iżda mhux hekk ġara.

3.1.3 L-unjoni, minbarra li tat lill-euro kopertura u leħen wieħed, kellha ttipprovdi kull ma kien nieqes mill-euro. Madankollu, il-fehma kienet li f'it "regoli", bħall-Patt ta' Stabbiltà, b'parametri arbitrarji, ikunu biżżejjed biex taħdem, u l-awtoreferenzjalità tqieset infallibbli, iżda ma ħadmitx kif kien mistenni. Anke l-mandat tal-BĊE jimxi f'direzzjoni waħda biss, u hu iżjed limitat minn dak ta' banek ċentrali oħra. Dawn il-kontradizzjonijiet haġu fid-dieher għalkollox minħabba l-kriżi finanzjarja, li l-UE damet ħafna biex tagħrafha, imbagħad minħabba d-dejn sovrani, li ċaħħad lill-euro dik l-awra u l-idea li kellha poteri mirakolużi, kif kienet għet irrappreżentata meta għet stabbilita. B'hekk dan naqas il-propensità tagħha li tkun attraenti, sal-punt li issa titqies bħala theddida, jew bħala ġustifikazzjoni insidjuża tal-politiki ta' awsterità.

⁽⁵⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

⁽⁶⁾ "Dat-taħdit kollu dwar kriżi tal-euro huwa biss tpaċpiċ fil-vojt", Helmut Schmidt.

3.2 Din il-politika qed tipperikola l-**koeżjoni ekonomika u soċjali**, pilastru ieħor tal-Att Uniku, tat-Trattat ta' Maastricht li jsemmi **livell għoli ta' impjeg u ta' għajxien** bħala objettiv tal-UE. Dan l-objettiv, infatti, sparixxa mill-aġenda Ewropea minħabba l-kriżi attwali. Għalkemm reġa' ddaħħal, bil-kliem, tħalla mingħajr strumenti ta' implimentazzjoni, u għalhekk m'għandu l-ebda impatt Prattiku fuq l-ekonomija reali u fuq l-impjeg.

4. L-ewwel għaxar snin tal-euro

4.1 Il-vantaġġi

4.1.1 Sal-2008 l-UEM ħadmet pjuttost tajjeb minn perspettiva monetarja għall-Istati Membri taż-żona tal-euro: issemplifikat il-kummerċ, eliminat ir-riskji li jinqalgħu minħabba r-rati tal-kambju u l-iżvalutazzjonijiet kompetittivi, żgurat l-istabbiltà tal-prezzijiet (inflazzjoni annwali fuq medja ta' 2,03 % ħlief għal skossi eċċessivi f'xi pajjiżi fil-mument tal-bidla mis-sistema l-qadima għal dik ġdida), wasslet għat-tnaqqis u l-konverġenza tar-rati tad-dejn (sal-2009!), iġġenerat it-tkabbir u l-impjeg (14,5 miljun impjeg ġdid)⁽⁷⁾, żammet il-kontijiet kurrenti kollha b'bilanċjati, u l-proporzjon tad-dejn għall-PDG inqas minn tal-Ġappun u tal-Istati Uniti, u żammet taħt kontroll ir-rata tal-kambju mad-dollaru Amerikan (madwar 30 % ogħla), minħabba l-ekonomiji iżjed dgħajfa.

4.1.2 Din hi s-sitwazzjoni ġenerali. Jekk tħares lejn pajjiż pajjiż, is-sitwazzjoni hija differenti. Il-vantaġġi ewlenin ibbenefikaw minnhom l-iżjed il-pajjiżi li l-ekonomiji tagħhom kienu l-bażi tal-parametri oriġinali tal-euro, u b'hekk it-tkabbir u l-produttività tagħhom żdiedu u l-esportazzjoni żdiedet b'mod drammatiku (madwar USD 2 000 biljun bejn l-2000 u l-preżent fil-Ġermanja biss) u l-bilanċ tal-pagamenti korrispondenti⁽⁸⁾, filwaqt li pajjiżi oħra b'benefikaw biss parzjalment u/jew soffrew żvantaġġi reali, l-iżjed minħabba l-asimmetrija tas-sistema assoċjata mal-munita unika, sal-punt li l-pajjiżi b'defiċit huma obbligati li jagħmlu korrezzjonijiet, waqt li daww li rreġistraw eċċessi ma kellhomx. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll ir-reazzjonijiet differenti tal-pajjiżi għas-sitwazzjoni li ħolqot l-euro.

4.2 L-ispejjeż

4.2.1 L-ispejjeż li għandhom jiġu kkunsidrati huma daww marbuta mad-differenzi fil-kompetittività tal-pajjiżi, it-telf tas-sovranià tagħhom fil-politika makroekonomika, ir-rata tal-kambju, u l-iżvalutazzjonijiet kompetittivi, eċċ.

⁽⁷⁾ Għalkemm b'rati differenti (tkabbir fuq medja ta' 1,6 % bejn l-2001 u l-2006) filwaqt li kienu 2,3 % fit-tliet pajjiżi tal-UE15 li ma ssibux fil-euro. B'mod simili, ir-rata tal-qgħad f'dawn il-pajjiżi kienu kważi 3 % inqas.

⁽⁸⁾ "L-eċċess tagħna fil-fatt huwa defiċit għall-oħrajn. Il-krediti li għandna ma' oħrajn huma d-dejn tagħhom", H. Schmidt.

4.2.2 Bil-kriżi, fin-nuqqas ta' UEM adegwata u kompleta, ġew spejjeż oħra, bħat-trasferiment tal-obbligazzjonijiet tal-banek lejn il-baġits nazzjonali, iż-żieda fid-dejn, b'aktar diffikultajiet għall-pajjiżi li diġà għandhom dejn ikbar. Dan il-fatt qasam l-UE fi tnejn: minn naħa pajjiżi kredituri, min-naħa l-oħra daww debituri, u, barra minn hekk, li iżjed u iżjed qed isiru jixbhu lil pajjiżi tat-tielet dinja. Fil-fatt, il-pajjiżi kredituri qed joħlqu iżjed faqar fin-Nofsinar, u anke nhaww oħra, u iktar ġid fit-Tramuntana. Biżżejjed wieħed jaħseb fl-eċċessi akkumulati fil-Ġermanja, mhux permezz ta' kontabilità interna fiż-żona tal-euro (f'dan il-każ il-baġit tal-UE kien ikun ibbilanċjat!) iżda permezz tal-eċċess tiegħu fir-rigward ta' pajjiżi terzi, li tant huwa sostanzjali li fuq medda twila ta' żmien jista' jesponi l-Ġermanja stess għal riskju finanzjarju li jista' jagħmel ħsara lill-ekonomija tagħha.

4.3 Punti kritiċi

4.3.1 Il-politika monetarja hija affettwata minn diversi problemi u dgħufijiet strutturali fil-governanza tal-munita: il-limitazzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li xi pajjiżi pprovaw ineħħu meta ħoloq problemi għalihom (il-Ġermanja, Franza u l-Italja); in-nuqqas ta' monitoraġġ tal-indikaturi ta' produttività; in-nuqqas ta' strumenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet; l-ispejjeż taż-żamma tal-euro; riskju sistemiku; żbilanċi ekonomiċi bejn il-pajjiżi; iż-żamma tas-sovranià fiskali u baġitarja tal-Istati nazzjonali.

4.3.2 Madankollu ma tneħħewx ir-riskju tar-rati tal-kambju u l-iżvalutazzjonijiet kompetittivi bejn l-Istati Membri ġewwa u barra mill-euro, partikolarment ir-Renju Unit, u jista' jkun hemm deprezzament qawwi fir-rata tal-kambju euro-sterlina fi ftit żmien u b'hekk issir ħsara lill-kundizzjonijiet ugwali li esuppost jeżistu fis-Suq Uniku.

4.3.3 Mil-lat ekonomiku, l-ikbar problema hija dik tal-iżbilanċi ekonomiċi li jmorru lura għal qabel is-sena 2000. Din hija sitwazzjoni li ppenalizzat il-pajjiżi l-iktar dgħajfa, u ħolqot "xokkijiet asimmetriċi", li ġew iġġenerati wkoll minħabba flussi enormi ta' kapital lejn il-Ġermanja. Bħalissa l-BĊE m'għandux l-għodod biex jindirizza dawn ix-xokkijiet asimmetriċi. Problema oħra hija l-kuntest internazzjonali u dan ħareġ fid-dieher biss wara l-kriżi finanzjarja⁽⁹⁾.

4.3.4 Iżda l-ikbar żball kien li nemmnu li jista' jkollok munita unika mingħajr ma tillimita s-sovranià tal-Istati Membri, u mhux biss il-baġit iżda l-ġestjoni separata tad-dejn b'mod partikolari, sistema bankarja u finanzjarja li tibqa' nazzjonali, flimkien mas-sistema superviżorja.

⁽⁹⁾ ĠU C 255, 22.9.2010, p. 10 u ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

4.3.5 Fl-aħħar nett, l-ikbar żball politiku kien li nħoloq l-euro mingħajr “dar” komuni u leħen wieħed, minkejja l-isforzi sporadiċi tal-BĊE biex jimla dan il-vojt. B'hekk il-BĊE nbidel mill-awtonomija mħaddna fit-Trattat għal rwol ta' sostituzzjoni politika, sabiex jiġi evitat li ssir ħsara lill-munita unika u lill-UE ⁽¹⁰⁾, bl-istess mod kif it-tkabbir wera r-rwol tal-iżjed pajjiż b'saħħtu.

4.3.6 Minkejja dan, il-KESE jaħseb li l-euro jista' jkun sostenibbli biss permezz tal-konverġenza tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-pajjiżi taż-żona tal-euro, sabiex jitħeġġu tkabbir iżjed uniformi u unjoni politika li jippermettu li dawn id-differenzi jkunu iżjed aċċettabbli għaliex **il-problema mhijiex ta' kontabilità, iżda waħda politika**, inkluża l-kwistjoni tad-demokrazija u b'hekk ta' peżar aktar għust tal-voti fid-diversi korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Ma nistgħux nibqgħu iktar nintabtu mal-illużjoni u l-iżball li ninsistu biss fuq l-ekonomija u l-kontabilità.

5. Il-kuntest internazzjonali

5.1 L-avvenimenti fl-Ewropa għandhom konsegwenzi internazzjonali u viċi versa; hemm rabtiet b'saħħithom bejn l-ekonomiji, id-dejn, il-finanzi, il-kummerċ, ir-relazzjonijiet bejn il-muniti, eċċ. B'mod partikolari, qed naħsbu fir-rabtiet dejjem iżjed stretti bejn l-ekonomiji fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku; tal-inqas dik kienet is-sitwazzjoni sal-2009. Iżda llum il-ġurnata, l-ekonomija tal-Istati Uniti qed tirkupra filwaqt li dik Ewropea qiegħda freċċessjoni, parzjalment minħabba li hemm żewġ skejjel ekonomiċi u minħabba d-differenzi bejn ir-rwol tar-Riżerva Federali u r-rwol tal-BĊE.

5.2 Fir-rigward tal-ekonomija dinjija, madankollu, hemm b'żonn ta' entitajiet internazzjonali iktar effiċjenti b'iktar poteri għat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex tiġi żgurata **governanza dinjija** iktar b'saħħitha (FMI, Bank Dinji, ILO u WTO). Fl-istess ħin, il-G20 irid ikun iżjed strutturat sabiex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet impenjattivi. Pereżempju, għandu jaħtar “Kumitat Ekonomiku u Soċjali” għall-iżvilupp internazzjonali, jieħu azzjonijiet permezz ta' stimolu fiskali, u jirregola r-relazzjonijiet bejn il-muniti, biex inaqas id-diskriminazzjoni fil-qasam kummerċjali, anke permezz ta' kapaċità akbar ta' intervent tal-BĊE.

5.3 Eċċess ta' **tfaddil fil-livell dinji** Fil-fatt, it-tkabbir huwa essenzjali anke għall-bqija tal-ekonomija dinjija. It-twissija tal-FMI li l-Ewropa trid tgħaqqad il-miżuri għat-tnaqqis tad-dejn u tad-defiċit ma' miżuri li jistimolaw it-tkabbir hija f'waqtha u għustifikata. Hemm eċċess ta' tfaddil fil-livell dinji li mhux qed isib opportunitajiet ta' -investment. Fil-fatt, fondi ta' kapital privat ta' valur ta' madwar USD 2 triljun ma sabux fejn jiġu

investiti ⁽¹¹⁾. Il-fond ta' investment sovrani ewlieni tan-Norveġja qed inaqas il-proporzjon ta' investimenti Ewropej minn iżjed minn ħamsin fil-mija għal erbgħin fil-mija ⁽¹²⁾. Fl-2011, il-fond ta' investment sovrani ewlieni tal-Asja, iċ-China Investment Corporation, għamel telf fuq l-investimenti ta'ekwità privata, u naqqas minn nofs għal kwart is-sehem tal-portafoll tiegħu ta' titoli privati, u qed ifittex opportunitajiet ta' investment fuq medda ta' żmien itwal fis-settur pubbliku minflok fis-settur privat ⁽¹³⁾.

6. Azzjonijiet għaddejjin bħalissa fl-UE

6.1 **EFSE/EMS:** meta sabet ma' wiċċha l-kriżi fil-bidu tagħha, li mbagħad ittrasformat f'attakki spekulattivi fuq l-euro, l-UE pprovat tieħu azzjoni fuq diversi naħat mingħajr ma ttieħdet l-ebda azzjoni kontra l-ispekulaturi. It-tisħiħ tal-fond li jsalva l-Istati permezz tal-għoti ta' liċenzja bankarja, huwa eżempju li għandu jippermetti li jkun strument effiċjenti, anke jekk limitat, li jgħin lill-Istati li huma fil-periklu li jfallu allavolja mhuwiex tort tagħhom, kontra l-ispekulazzjoni fuq l-ishma tal-banek u d-dejn, anke jekk mhijiex is-soluzzjoni għall-kriżi.

6.2 **L-unjoni bankarja** hija pilastru ieħor tagħha. Fil-fatt huwa impossibbli li tinżamm żona b'munita waħda u 17-il suq finanzjarju u tad-dejn fuq medda twila ta' żmien, speċjalment billi l-kriżi saħħet il-frammentazzjoni nazzjonali. Għalhekk l-unjoni bankarja ssir aspett indispensabbli u prijoritarju għar-riproċità tar-riskju, biex jiġu protetti d-depożituri, inkluż permezz tal-“ta' likwidazzjoni”, u biex terġa' tingħata fiduċja lis-sistema, li waqfet taħdem, u biex jerġa' jidħol fiċ-ċirkolazzjoni l-kreditu għan-negozji fil-pajjiżi kollha fuq il-bażi tal-popolazzjoni kkonċernata u mhux il-kobor tal-banek, u b'hekk jiġi evitat it-trasferiment ta' likwidità lejn pajjiżi li jitqiesu li huma riskju inqas u titnaqqas il-firxa tar-rati ta' interess. Barra minn hekk, l-unjoni għandha tnaqqas ukoll ir-riskju sistemiku u tkisser ir-rabta bejn id-dejn pubbliku u l-banek. Anke hawnhekk wieħed m'għandux jinsa li meta l-euro nħoloq, is-sistemi bankarji baqgħu separati, u dan huwa nuqqas kbir ħafna. Fil-biċċa l-kbira, dan huwa minħabba l-fatt li fxi pajjiżi b'saħħithom is-sistemi bankarji huma fil-biċċa l-kbira tagħhom pubbliċi.

6.3 **Is-superviżjoni bankarja Ewropea** tikkompleta d-dispożizzjonijiet attwali. Din hija kompetenza li tgħaddi għall-livell tal-UE, li tiġi eżerċitata b'mod dirett minn awtorità waħda. Biex jintwera li l-Ewropa toffri valur miżjud sinifikanti, huwa importanti ħafna li tiġi promossa aktar trasparenza fil-prassi tal-banek, u jiġi impedut il-kunflitt tal-interessi u Prattiki ħżiena bħall-manipulazzjoni tar-rati tal-interessi LIBOR. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li jitwaqqaf mekkaniżmu superviżorju uniku taħt il-patroċinju tal-Bank Ċentrali Ewropew, li jkopri ż-żona tal-euro u jkun miftuħ għall-Istati Membri kollha ⁽¹⁴⁾.

⁽¹¹⁾ Bain & Company Global Private Equity Report for 2012.

⁽¹²⁾ Reuters (2012). Il-fond sovrani ta' investment tan-Norveġja – USD 610 biljun – ser inaqas l-investment fl-Ewropa, 30 ta' Marzu 2012.

⁽¹³⁾ http://www.upi.com/Business_News/2012/07/25/Chinas-sovereign-wealth-fund-reports-loss/UPI-38111343274421/#ixzz2AcHV3HNP

⁽¹⁴⁾ ĠU C 11, 15.1.2013, p. 34.

⁽¹⁰⁾ “L-euro jista' jaggrava t-tensjonijiet li hemm bejn il-membri tal-Unjoni Monetaria, sal-punt li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal kunflitti ġodda, anke militari”, Martin Feldstein u Milton Friedman.

6.4 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-programm OMT (Transazzjonijiet Monetarij Definitivi – Outright Monetary Transactions) għid li jippermetti lill-BĊE jakkwista titoli tal-Istat fis-suq sekondarju, sabiex iwaqqaf l-ispekulazzjoni u jnaqqas id-differenzi fid-dejn tal-Istati, u għalhekk fuq l-euro. Din il-miżura, flimkien ma' oħrajn mhux konvenzjonali ta' politika monetarja adottati (anke fil-passat kien hemm minnhom), sabiex tiġi ffaċċjata l-kriżi finanzjarja, jirrappreżentaw bidla fir-rwol tal-BĊE, anke jekk fl-ispirtu tat-Trattat u fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, anke f'dan il-każ, dawn l-istrumenti tekniċi ma jsolvux il-problema, iżda jagħtu lill-gvernijiet u lill-UE iż-żmien neċessarju biex jadottaw il-miżuri meħtieġa.

6.5 Il-BĊE

6.5.1 L-oġġettiv tal-BĊE huwa li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet, u sabiex dan iseħħ irid iżomm l-indipendenza politika tiegħu, jiġifieri ma jstax jitlob jew jieħu struzzjonijiet minn gvernijiet jew mill-UE. Dan l-istatus huwa korrett, anke jekk skont it-Trattat il-Kunsill għandu l-kompitu li “jikkonkludi ftehim formali dwar sistema ta' rati tal-kambju għall-euro fir-rigward tal-valuti ta' Stati terzi” ⁽¹⁵⁾. Fl-assenza ta' dawn il-ftehimiet jew fil-perjodi intermedji, il-BĊE għandu jqis il-politika tar-rati tal-kambju bħala parti mill-kompetenzi tiegħu. Il-BĊE għandu wkoll oġġettivi sekondarji, bħal pereżempju li jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja, anke jekk il-miżuri tiegħu matul il-kriżi kienu jikkonċernaw l-oġġettiv ewlieni billi kienu msejsa fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit mill-għdid mekkaniżmu ta' trażmissjoni effettiv għall-politika monetarja sabiex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja tal-pajjiżi kollha tal-euro.

6.5.2 Fir-rigward tax-xejriet tal-prezzijiet, hemm bżonn li jkun imfakkar li tqum il-kwistjoni dwar jekk hux tajjeb li l-kriterji ta' Maastricht dwar l-inflazzjoni jkunu bbażati fuq il-medja tal-inflazzjoni tat-tliet pajjiżi li jkollhom l-iktar suċċess fl-UE pjuttost milli fiż-żona tal-euro

6.5.3 B'mod ġenerali l-mandat tal-BĊE huwa iżjed limitat meta mqabbel ma' banek ċentrali oħrajn. L-ewwel nett, il-BĊE m'għandux mandat biex jappoġġja t-tkabbir u l-impjiegi, kif għandha r-Riżerva Federali, għalkemm il-politiki monetarij jixxiebhu. Iżda hemm differenzi fundamentali bejn l-Istati Uniti (sistema fiskali ċentralizzata) u l-UE fl-implimentazzjoni tal-politika baġitarja. Barra minn hekk, attwalment, ir-rwol tal-BĊE bħala **mutwanti tal-aħħar istanza** huwa limitat għas-sistema bankarja u ma jestendix għal gvernijiet (il-gvern tal-UE) kif implikat f'kuntesti “nazżjonali”, ħaġa li għandha tkun possibbli fil-kuntest ta' UEM kompleta. Barra minn hekk, il-politika monetarja unika tal-BĊE ssir iżjed diffiċli minħabba d-differenzi u l-iżbilanċi bejn l-ekonomiji tal-pajjiżi differenti taż-żona tal-euro, fin-nuqqas ta' miżuri korrettivi mill-UE.

6.5.4 Madankollu, huwa punt pożittiv li l-**prinċipju tal-“uniċità” taż-żona tal-euro** wassal lill-BĊE biex jiddikjara li l-euro hija “irreversibbli” u li, kif rajna, ippermetteli, wara sforz kbir, jadotta miżuri biex inaqas il-firxa tar-rati tal-interess fuq id-dejn pubbliku tal-pajjiżi differenti permezz tal-akkwist ta' bonds fis-suq sekondarju. Dan il-proċess jesiġi, b'mod parallel ma' ritorn għat-tkabbir, pjan “Ewropew” għall-ħruġ mid-dejn li jakkumpanja lil daww tal-pajjiżi individwali ⁽¹⁶⁾.

6.5.5 Tal-inqas dan iservi biex inaqas id-distorsjoni tal-kompetizzjoni permezz tar-rati ta' finanzjament tad-dejn u tal-investment: anke llum il-għnata din hija diverġenza finanzjarja vera u proprja li żżid l-iżbilanċi li diġà jeżistu, fosthom l-iżbilanċi fil-pagamenti.

6.5.6 Barra minn hekk, il-KESE jaħseb li huwa neċessarju li tiġi kkundisdrata mill-għdid anke l-kwistjoni tal-**kundizzjonijiet stipulati mill-BĊE** u l-UE. Mhux aċċettabbli li l-banek jingħataw likwidità b'rati baxxi ħafna mingħajr ma jtipoġġew kundizzjonijiet, pereżempju, f'dak li jirrigwarda l-użu ta' dawn il-fondi. Filfatt, tal-inqas parti mill-fondi għandha tmur fl-investimenti, filwaqt li għax-xiri ta' bonds tad-dejn sovrani mill-BĊE (OMT), anke jekk din hija kwistjoni separata, għandhom jiġu imposti kundizzjonijiet ibsin ħafna fuq il-pajjiżi. Dawn il-kundizzjonijiet huma ġustifikati l-iżjed minħabba l-fatt li hemm bżonn li jkun hemm reazzjoni għar-regoli ta' “suq” mibdul u bla skrupli, anonimu u li jopera b'ħeffa kbira u li fir-realtà f'tit li xejn jixbah lil suq ⁽¹⁷⁾. L-UE ma tistax tilgħab din il-logħba: awsterità estrema u regoli stretti għaċ-ċittadini u n-negozji fi żmien ta' kriżi, u n-newtralità għall-investituri u l-ispekulaturi, li jinħbew wara l-banek kummerċjali u l-fondi ta' investment internazzjonali, ħlief għad-difiża stinata tal-euro mill-President tal-BĊE fl-imument li-ijjed kritiċi tal-attakk.

6.5.7 Minflok, għandu jkun neċessarju, li l-azzjoni tal-BĊE tappoġġja b'mod bilanċjat l-ekonomiji tal-pajjiżi differenti sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet u l-iżbilanċi li jeżistu, bl-istrumenti attwali, sabiex jagħmlu tajjeb sakemm jintemm il-mandat attwali u d-defiċit politiku tal-UE. Pereżempju, is-suq interbankarju jista' jingħata ħaġa għida f'xi pajjiżi taż-żona tal-euro permezz ta' rati negattivi fuq id-depożiti overnight mal-BĊE.

6.5.8 Barra minn hekk, il-KESE jibqa' konvint li hemm bżonn li tiġi solvuta immedjatament il-kwistjoni **tad-dejn** ⁽¹⁸⁾, fuq il-bażi tal-proposta tiegħu, u biex jintlaħaq dan il-għan hija essenzjali l-azzjoni tal-BĊE u tal-Kunsill.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

⁽¹⁷⁾ “Is-swieg ma jaqdux liċ-ċittadin iżda bil-kontra. Id-dmir tagħna huwa li ninkorporaw l-ispirtu ta' solidarjetà tal-ekonomija soċjali fis-swieg u l-finanzi,” Angela Merkel, Kanċellier tal-Ġermanja.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

⁽¹⁵⁾ Artikolu 219 tat-TFUE.

6.5.9 Il-Kumitat jaħseb li għandha tingħata iktar trasparenza lid-deċiżjonijiet tal-BĊE. Pereżempju jistgħu jkunu ppubblikati r-riżultati tal-votazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE bil-għan li tiżdied ir-responsabbiltà tal-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali fiż-żona tal-euro. Dan iwassal biex jieħdu deċiżjonijiet abbażi tal-kondizzjonijiet ekonomiċi globali fiż-żona tal-euro u mhux abbażi tal-żvilupp tal-ekonomiji nazzjonali tagħhom stess.

6.5.10 Problema oħra li tajjeb tissemma hija dwar is-sistema tal-votazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE⁽¹⁹⁾, b'mod partikolari fir-rigward tad-differenza bejn id-dritt għall-vot u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-pajjiżi membri. Din hija problema li diġa sseħħ fis-sistema ta' pagamenti fil-mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u tista' tirrepeti ruħha pereżempju fi ħdan l-Unjoni Bankarja.

7. Il-futur ekonomiku tal-UE: l-unjoni ekonomika u soċjali – it-tkabbir u impjieg

7.1 Il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' **rkupru mmexxi mill-investiment ekoloġiku u soċjali**⁽²⁰⁾, peress li huwa konvint li l-istabbiltà waħedha ma tistax tiżgura l-irkupru, li jiddipendi mill-fiduċja tan-negozji u tal-konsumaturi. Fid-dawl tal-fatt li l-aspettattivi tas-settur privat huma baxxi u l-kapaċità mhux użata huma kbar, in-negozji ma jistgħux iserrħu rashom li ħa jkun hemm profitti fil-futur mill-investiment attwali. U, jekk min-naħa tagħhom, iċ-ċittadini m'għandhomx iċ-ċertezza li se jkunu jistgħu jżommu jew isibu post tax-xogħol, jippreferu jfaddlu jew inaqqsu d-dejn personali minflok jonfqu. Livell ta' qgħad ogħla jfisser li n-nies huma dejjem inqas f'pożizzjoni li jonfqu.

7.2 Għaldaqstant, sabiex tiġi promossa l-fiduċja fost in-negozji u i-ċittadini, bħalma ġara pereżempju meta ġiet proposta n-New Deal fl-Istati Uniti, l-irkupru għandu jitmexxa mill-investiment⁽²¹⁾. Għal dan il-għan, il-kriterji fundamentali huma daww adottati mill-BEI li jmorru lura sal-Programm ta' Azzjoni Speċjali ta' Amsterdam fl-1997, b'mandat li jippromovi l-koeżjoni u l-konverġenza fis-saħħa, fl-edukazzjoni, fit-tiġdid urban u fl-ambjent, barra min-netwerks trans-Ewropej.

7.3 Dan huwa għan li jista' jiġi segwit, u jpoġġi **fiċ-ċirkolazzjoni t-tfaddil eċċessiv fil-livell dinji** kif intqal fil-punt 5.3. Fil-fatt xi fondi ta' investiment qed ifittxu opportunitajiet fuq medda twila ta' żmien għal tfaddil eċċessiv globali ġġenerat f'partijiet oħra tad-dinja. Dan jippreżenta vantaġġi reċiproċi għall-investituri ta' pajjiżi terzi u għall-ekonomija Ewropea. F'dan il-kuntest rwol ewlieni jista' jkun dak taż-żewġ istituzzjonijiet "aħwa" tal-BEI u l-FEI (Fond Ewropew tal-Investment) fil-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment.

⁽¹⁹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-21.3.2003.

⁽²⁰⁾ Ara r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Amsterdam tal-1997, punt 9, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Straordinarju Ewropew tal-Lussemburgu tal-1997, punti 37-40.

⁽²¹⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

7.4 B'hekk, għandha tintlaqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fil-kapital sottoskritt tal-BEI. Anke l-bonds tal-proġetti jistgħu jaqdu rwol importanti fl-irkupru. Iżda "eurobonds" huwa isem adatt għar-riċiklar tal-eċċessi globali fl-investimenti, anke jekk is-swieq aktarx se jirreferu għalihom fil-qosor bħala "€ bonds". Hija magħrufa r-reżistenza ta' xi gvernijiet għall-eurobonds, iżda dan huwa minħabba suppożizzjoni żbaljata, peress li qed ifixxkl l-eurobonds meħtieġa għat-tkabbir mal-Union bonds li huma mmirati għad-dejn⁽²²⁾.

7.5 Il-FEI mill-bidu saħaq dwar il-fatt li jista' joħroġ bonds Ewropej għal investimenti soċjali fit-tul⁽²³⁾, permezz ta' żieda fil-kapital tiegħu sottoskritt meta mqabbel mal-livell attwali – li huwa pjuttost baxx, EUR 3 biljun, iżda mingħajr ma hemm bżonn ta' revizzjoni tat-Trattat⁽²⁴⁾. L-ebda wieħed mill-Istati Membri ewlenin, bħall-oħrajn taż-żona tal-euro, ma jinkludi d-dejn tiegħu fil-finanzjament mill-BEI u l-istess għandu japplika għall-finanzjament tal-FEI. Il-bonds tal-FEI, bħall-bonds tal-BEI, jistgħu jiġu ggarantiti mid-dħul mill-finanzjament ta' proġetti.

7.6 **L-innovazzjoni tal-prodotti u l-ħolqien ta' swieq:** barra minn hekk naħsbu li l-Unjoni trid tkun inqas newtrali fir-rigward tal-politika ta' innovazzjoni tagħha. Fis-snin sebgħin, il-politiki industrijali ma baqgħux moda minħabba li l-gvernijiet ma setgħux jipprivileġġaw "operaturi speċifiċi" jew "kampjuni nazzjonali". Iżda naħsbu li hemm raġunijiet validi għalfejn dan l-approċċ għandu jinbidel⁽²⁵⁾.

7.7 Barra minn hekk, l-ewwel nett, mhuwiex minnu li l-politiki "li ma jiffavorixx l-indhila" huma dejjem virtwużi. Fil-passat dawn wasslu għal investimenti żbaljati fis-settur finanzjarju. It-tieni, irid ikun hemm azzjoni iktar deċiżiva rigward il-ġlieda

⁽²²⁾ Idem

⁽²³⁾ Stuart Holland (1993). The European Imperative: Economic and Social Cohesion in the 1990s. (L-eżiġenza Ewropea: il-koeżjoni ekonomika u soċjali fis-snin 90") introduzzjoni ta' Jacques Delors Nottingham: Spokesman Press.

⁽²⁴⁾ L-Artikolu 2(2) tal-Istatut tal-Fond Ewropew tal-Investment jgħid li l-attivitajiet tal-Fond jistgħu jinkludu operazzjonijiet ta' self. Fil-prinċipju, il-Fond ikkonferma li jista' joħroġ bonds bis-saħħa ta' deċiżjoni sempliċi tal-Assemblea Ġenerali u wara l-approvazzjoni ta' żieda fil-kapital sottoskritt, kif ġara reċentement fil-każ tal-BEI. Madankollu, jekk l-UE trid tagħraf l-importanza li toħroġ bonds kemm għall-iffinanzjar tal-irkupru mmexxi mill-investimenti soċjali kif ukoll biex terġa' tpoġġi fiċ-ċirkolazzjoni l-eċċessi fil-livell dinji, huwa indispensabbli li din id-deċiżjoni jkollha approvazzjoni iżjed espliċita. Fil-prinċipju din tista' tingħata mill-Kunsill Ewropew bħala "politika ekonomika ġenerali" tal-Unjoni biex jiġi ffinanzjat l-irkupru, pjuttost milli mill-Ecofin biss, u jekk ikun meħtieġ, l-approvazzjoni tista' twassal għal kooperazzjoni msaħħa, bħal fil-każ tal-proposta reċenti fir-rigward ta' taxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, li jista' jkollha importanza makroekonomika wkoll.

⁽²⁵⁾ Philippe Aghion, Julian Boulanger u Elie Cohen. Rethinking Industrial Policy (Nikkunsidraw mill-ġdid il-politika industrijali).. Bruegel Policy Brief, April 2011.

kontra t-tibdil fil-klima. It-tielet, ammont eċċessiv ta' proġetti tat-teknoloġija mressqa taħt il-Programmi Qafas huma rrifjutati mhux minħabba n-nuqqas ta' mertu tagħhom iżda minħabba nuqqas ta' riżorsi proprji, problema li tista' tiġi solvuta permezz ta' **Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju** ffinanzjat minn bonds. Ir-raba', l-ekonomiji emerġenti kienu kapaċi jippromovu firxa ta' "kampjuni" nazzjonali b'suċċess konsiderevoli ⁽²⁶⁾.

7.8 Il-finanzjament tal-investimenti permezz tat-trasferiment l-eċċessi lejn il-eurobonds għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri kollha u għandu jgħid **vantaġġi kumulattivi fil-livell makroekonomiku, soċjali, tal-impjieġ u dak politiku, fatt li jsaħħaħ il-każ favur "aktar Ewropa"**, idwaru l-elettorati u xi gvernijiet qed isiru dejjem iżjed xettiċi.

7.9 **It-tkabbir jista' anke jsaħħaħ l-istabbiltà.** Abbażi tal-prinċipju tal-BEI li l-finanzjament tal-bonds m'għandux jitlej bħala dejn nazzjonali, il-finanzjament tal-eurobonds għall-irkupru għandu jippermetti li t-tnaqqis tad-dejn nazzjonali ikun iżjed fattibbli u jillibera dħul fiskali nazzjonali sabiex jitnaqqsu d-defiċits jew jinżammu baxxi, filwaqt li fl-istess ħin titħares ukoll in-nefqa soċjali bażika. F'dan ir-rigward, ikun hemm bżonn li jiġu definiti parametri u kriterji komuni mill-pajjiżi u mill-Eurostat biex id-data tiġi vvalutata b'mod aktar ġust u aħjar.

7.10 Barra minn hekk, ġie inyorat il-fatt li l-ipoteżi ta' "crowding out" tassumi impjieġ **sħiħ**. Fid-dawl tal-fatt li, attwalment, hemm livelli għoljin ta' qgħad f'ħafna mill-Istati Membri, il-finanzjament – separat jew konġunt – tal-bonds tal-proġetti bejn il-BEI u l-FEI, jista' jiddetermina akkumulazzjoni (crowding in) ta' investiment fis-settur privat, dħul u impjieġi b'effett multiplikatur fuq l-investimenti sa tliet darbiet, u multiplikaturi fiskali pożittivi fis-sens tal-ħolqien ta' dħul mit-taxxi dirett u indirett ⁽²⁷⁾.

7.11 Fid-dawl tad-diffikultajiet li qed jiffaċċjaw ċerti pajjiżi, u b'mod partikolari l-Greċja u Ċipru, il-KESE jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat mill-ġdid l-aġġustament strutturali fuq medda qasira ta' żmien, kif mitlub mit-trojka, mil-lat tal-prospettivi iżjed fit-tul għal dawn il-pajjiżi wara l-iskoperta li l-Lvant tal-Mediterran għandu riżervi kbar u essenzjalment mhux sfruttati ta' żejt u gass ⁽²⁸⁾.

⁽²⁶⁾ The Economist (2012), The Rise of State Capitalism: The Emerging World's New Model. (Il-bidu tal-kapitaliżmu tal-Istat: il-mudell il-ġdid tal-pajjiżi emerġenti), Rapport Speċjali, 21-27 ta' Jannar 2012.

⁽²⁷⁾ Blanchard, Blot, Creel et al., studji għall-Observatoire Français des Conjonctures Économiques.

⁽²⁸⁾ F'dan il-kuntest, mhuwiex aċċettabbli li t-trojka qed titlob li l-Greċja tbigħ is-sehem ta' maġġoranza li għandha fil-kumpanija nazzjonali taż-żejt lil interessi barranin, u ddaħħal biss madwar EUR 50 biljun. Iċ-ċittadini tal-Greċja huma ġustifikati li jqisu dan bħala rigal lis-swieq minflok ma jaqdi liċ-ċittadini stess. Għaldaqstant il-KESE jippromponi li l-Kunsill Ewropew jitlej lill-Kummissjoni biex tevalwa mill-ġdid l-aġġustament strutturali li qed titlob fuq medda qasira ta' żmien sabiex jiġi kkunsidrat id- dħul eċċezzjonali previst fuq perjodu ta' żmien twil.

8. Il-futur politiku tal-UE

8.1 Għaldaqstant, il-KESE huwa konvint li mhuwiex biżżejjed li l-UE twestaq xogħol sporadiku ta' "manutenzjoni". L-UE ma tistax tipperpetwa l-vakum li ilu jeżisti minn żmien Maastricht, mingħajr ma tirrispondi għall-isfidi li tippreżenta l-euro, u li l-kriżi aggravat, biex b'hekk hargħu fid-dieher defiċits kbar, l-ewwel fosthom dak demokratiku ⁽²⁹⁾, u l-integrazzjoni Ewropea terġa' tingħata raġuni sabiex l-idea tal-Ewropa tibqa' ħajja.

8.2 Il-KESE jemmen li l-munita unika se tkun sostenibbli jekk niksbu konverġenza bejn il-kapaċitajiet ekonomiċi (pres-tazzjonijiet) tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. Dan il-għan jirrikjedi impenn ekonomiku u politiku. Jiġifieri għandna bżonn ta' unjoni politika li tippermetti li d-differenzi jkunu aċċettabbli u li jkun possibbli li parti mill-ġid tal-pajjiżi b'saħħithom jiġi trasferit għal dawk dgħajfa permezz ta' proċess trasparenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet u forma ġdida ta' solidarjetà bejn il-pajjiżi ⁽³⁰⁾.

8.3 Minħabba din il-kriżi qed jergħu jhorgħu fil-beraħ id- "differenzi l-antiki" bejn l-Ewropej. Qed nerġgħu naraw id-difett li wieħed iħares lura, u jqudu l-fantażmi tal-passat jew ideat żbaljati li ħsibna li kienu għebu għalkollox, bħallikieku l-awsterità u d-dejn kienu r-riżultat ta' kondotta ħażina minflok żbalji ta' gvernijiet miż-żewġ "naħat". Bl-istess mod kif il-pajjiżi li jinsabu f'sitwazzjoni diffiċli ma jistgħux jifgħu r-responsabbiltajiet tagħhom fuq spallejn l-UE (jew il-Ġermanja), il-pajjiżi iktar għonja ma jistgħux jinjoraw il-benefiċċji ikbar li l-euro għabilhom, parzjalment aspejjeż ta' oħrajn, minħabba l-iżbilanċi ekonomiċi attwali. Għaldaqstant, għandna bżonn ta' **kapaċità ġdida għal azzjoni politika u kulturali u djalogu bejn l-Ewropej**, b'vantaġġi ċari reċiproċi, kif qal darba ħafna snin ilu l-poeta Ġermaniż Hölderlin ⁽³¹⁾, ispirat miċ-ċivilizzazzjoni Griega.

8.4 Jeħtieġ li nagħmlu qabża fil-kwalità. Irridu **nagħqdu flimkien** mhux biss l-ekonomija iżda wkoll il-politika u s-SOVANITÀ ta' kull wieħed u waħda minna. Mhuwiex il-punt li wieħed jiddiskuti liema "mudell" Ewropew għandu jiġi żviluppat, iżda pjuttost liema strumenti neħtieġu: strumenti effiċjenti, demokratiċi u trasparenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-ksib tal-ġid komuni, u sabiex **l-Ewropej ikunu magħquda** u mhux mifrudin.

⁽²⁹⁾ "Għall-ewwel darba fl-istorja tal-UE, qed naraw id-demokrazija tiżżarma," Jürgen Habermas.

⁽³⁰⁾ "Pajjiż ma jistax jimplimenta politiki li jistgħu jagħmlu ħsara lil pajjiż ieħor fiż-żona tal-euro," M. Draghi.

⁽³¹⁾ "... For we are a conversation, and we can listen/To one another", mill-poeżija Celebration of Peace ta' F. Hölderlin, poeta (1770-1843).

8.5 Għall-istess raġunijiet, il-KESE jaħseb li mhux f'waqtha l-kwistjoni dwar jekk **it-Trattat** għandux jiġi emendat jew le. Ovvjament minn dan jiddependi dak li hemm b'żonn li jsir biex l-UEM tiġi kkompletata. Iżda l-parti l-kbira tal-proposti tagħna jistgħu jsiru mingħajr emendi għat-Trattat (tkabbir, dejn eċċ.), filwaqt li għal oħrajn il-kooperazzjoni msaħħa hija biżżejjed. Madankollu, l-importanti huwa l-għan li jrid jintlaħaq għall-ġid tal-ekonomija, l-euro u ċ-ċittadini tal-UE. It-Trattat huwa biss l-istrument. Dan għandu jiġi spjegat liċ-ċittadini bl-aktar mod korrett, bil-parteċipazzjoni diretta tagħhom fit-tehd tad-deċiżjonijiet u/jew permezz tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali.

8.6 Il-KESE jaħseb li ż-żona tal-euro għandha r-riżorsi biex **tippanja l-futur tagħha**: iktar integrazzjoni politika, inqas kontroll mill-gvernijiet, u ekonomija soċjali tas-suq biex jerġa' jibda t-tkabbir u l-impjiegi u tintlaħaq **Unjoni politika, ekonomika u soċjali**.

9. Integrazzjoni jew diintegrazzjoni?

9.1 Mingħajr dan il-pass addizzjonali, il-kriżi, kif qed tiġi ffaċċjata s'issa, tista' twassal għad-diintegrazzjoni taż-żona tal-euro u għaldaqstant tal-UE. Il-politika tal-awsterità u tat-tnaqqis, bħat-tnaqqis tad-dejn, ma tistax tiġi applikata waħedha anke meta huma meħtieġa. Hemm b'żonn li jintużaw strumenti oħra wkoll (żieda fit-talba tal-pajjiżi kredituri) fi ħdan qafas ta' solidarjetà. Irridu nfiehmli liċ-ċittadini tal-pajjiżi kkonċernati li l-eċċessi tagħhom joriġinaw mid-dejn tal-oħrajn, u li l-attakki fuq l-euro m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-livell tad-dejn ⁽³²⁾, anke jekk dan irid jitnaqqas. Fl-istess waqt iċ-ċittadini tal-pajjiżi tan-Nofsinhar iridu jagħmlu pressjoni fuq il-gvernijiet tagħhom biex jikkonsolidaw id-dejn, jamministraw il-baġits ta' pajjiżhom b'iktar kawtela, jeliminaw l-infiq żejjed u l-evazzjoni tat-taxxa, inaqqsu t-taxxi u jżidu t-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività u l-kompetittività tas-sistemi tagħhom, mhux biss permezz ta' xi riformi iżda wkoll permezz ta' aktar solidarjetà u politika ekonomika differenti tal-UE u tal-BĊE ⁽³³⁾.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

9.2 Inkella l-ebda pajjiż ma jkun jista' jnaqqas id-dejn u jikkonsolida l-baġit tiegħu. Għalhekk, **il-miżuri ta' awsterità jridu jonqsu** u tinbidel il-politika ekonomika. Jekk jiġri bil-kontra r-riskji aktarx se jiżdiedu. Hawnhekk l-istorja tista' tgħinna ⁽³⁴⁾. Jeħtieġ li naffermaw perspettiva ġdida għall-integrizzjoni, jiġifieri **integrizzjoni pożittiva**, mhux negattiva, li tagħmel ħsara jew li hija sforzata.

9.3 Irridu nqisu li fil-preżent **ħadd fl-Ewropa mhuwa sigur**, u ma jistax jilhq l-periklu, anke jekk inħolqot sitwazzjoni anomala. Fil-fatt it-tkabbir ekonomiku ta' wħud mill-pajjiżi, imshhah mill-euro, u d-dgħufijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, ġiegħlu lill-Ġermanja, il-pajjiż l-iżjed b'saħħtu, biex tieħu rwol ċentrali fl-Ewropa, ta' sikwit f'oppożizzjoni mal-"periferiji", b'mod speċjali, iżda mhux biss, in-Nofsinhar. "Dan iżid l-ansjetà tal-oħrajn" (H. Schmidt), b'mod partikolari minħabba l-mod kif inhu perċeput dan ir-rwol. Għalhekk ikun neċessarju li tittieħed azzjoni li tgiddeb din il-perċezzjoni ⁽³⁵⁾.

9.4 Fil-fehma tal-KESE, illum fl-Ewropa jidher li qed jiddominaw kemm l-egoiżmu kif ukoll l-interessi nazzjonali, daqsli-kieku qed niffaċċjaw **"utopjaniżmu ta' interessi"**. L-approċċ ekonomistiku ħa s-sopravvent u rrelega għat-tieni post il-valuri li fuqhom issejset l-Ewropa u li huma l-bażi tal-eżistenza tagħha. L-Ewropa toħroġ minn dan kollu bħala egoista u nieqsa mis-solidarjetà. It-tensjonijiet ta' dan l-aħħar jixhdu l-periklu ta' **"dis-soluzzjoni psikoloġika"** perikoluża tal-UE, li tolgot liċ-ċittadini u lill-gvernijiet. Dawn iridu jingħataw rimedju billi jiġu mismugħa bla arroganza u jingħataw tweġibiet konkreti.

9.5 **Ninsabu f'salib it-toroq**: il-KESE jistaqsi kif it-tnikkir u d-dubji tal-Ewropa, l-ewwel ekonomija fid-dinja, jistgħu jħallu 'l-Ġreċja, l-omm tal-prinċipji li tħaddan u entità minuri ħafna mill-lat ekonomiku ⁽³⁶⁾, tinqered, u titlob sagrifċji miċ-ċittadini u min-negozji mingħajr ma takkompanjahom bi pjan ta' għajnuna għat-tkabbir, li huwa l-uniku mod biex jitħallsu d-djun, u pjan biex tittaffa t-tbatija soċjali ta' parti mill-popolazzjoni Griega u Ewropea. Wieħed jistaqsi: Din x'Ewropa hi?

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Henri MALOSSE

⁽³²⁾ Spanja hija eżempju tajjeb, fejn id-dejn huwa inqas (68,5 % tal-PDG) minn dak tal-Ġermanja (81,2 % tal-PDG). Data tal-Eurostat għall-2011.

⁽³³⁾ Ir-Rapport Spaak tal-1956 irriconoxxa li l-integrizzjoni ta' ekonomiji b'effiċjenzi differenti tista' taggrava d-differenzi strutturali, soċjali u reġjonali u trid tiġi b'bilanċjata minn politiki komuni strutturali, soċjali u reġjonali.

⁽³⁴⁾ 1933: il-kongsegwenzi tal-politiki deflazzjonarji tal-Kanċillier Ġermaniż Heinrich Brüning wara l-kriżi tal-1929.

⁽³⁵⁾ "M'għandniex b'żonn Ewropa Ġermanika, iżda Ġermanja Ewropea," H. Kohl.

⁽³⁶⁾ 2 % tal-PDG tal-UE.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-ekonomija ekoloġika — inħeġġu l-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2013/C 271/03)

Relatur: **is-Sinjura AGUDO I BATALLER**

Korelatur: **is-Sur NARRO**

Nhar il-15 ta' Novembru 2012, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, iddeċieda li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

L-ekonomija ekoloġika - inħeġġu l-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-26 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-23 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'108 vot favur, l-ebda vot kontra u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jemmen li l-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika inklużiva ser tkun l-isfida ewlenija li ser ikollha tiffaċċja l-Ewropa fis-snin li ġejjin jekk trid tibqa' qawwa ekonomika dinjija. Fil-Konferenza Rio+20, l-Unjoni Ewropea għażlet ekonomija ekoloġika bħala mod ta' żvilupp sostenibbli. Issa wasal iż-żmien li l-UE taġixxi. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' mudell ta' żvilupp ekonomiku li jagħti prijorità lill-investimenti pubbliċi, u li jiddefinixxi b'mod adegwat l-inċentivi għall-investimenti privati, meħtieġa fl-infrastrutturi u r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) ekoloġiċi, bl-għan doppju li titħeġġeġ il-produzzjoni biex noħorġu malajr mis-sitwazzjoni attwali ta' riċessjoni u biex mill-pożizzjoni ekonomika u soċjali ta' mexxejja nindirizzaw it-tranżizzjoni lejn din it-tielet rivoluzzjoni industrijali.

1.2 Il-KESE jqis li l-bidliet profondi u meħtieġa fil-forma ta' produzzjoni u konsum jeħtieġu, bħala rekwiżit fundamentali, li s-soċjetà ċivili tiġi involuta f'dan il-proċess kollu ta' tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika inklużiva u dan għandu jsir fil-livelli kollha, speċjalment fil-livell settorjali u territorjali (Ewropew, nazzjonali u reġjonali). Hemm bżonn ta' ġestjoni parteċipattiva sabiex kemm jista' jkun jittaffew ir-reżistenza u l-effetti negattivi li ġgħib kull bidla. Dan l-involvement huwa dak li ser jippermetti li jkun hemm progress sostenibbli fl-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

1.3 Il-KESE jinnota bi tħassib li l-politiki ta' inċentiv fiskali ekoloġiku sofrew tnaqqis profond fis-snin reċenti minħabba l-politiki ta' “awsterità fiskali”, li qed ikollhom effett drammatiku li jnaqqsu l-attività ekonomika u jintilfu l-impjieg. Il-FMI rrikonoxxa li l-effetti kontradittorji reali ta' dawn il-politiki fuq

l-attivitajiet tal-produzzjoni kienu ħafna aktar mill-istimi li saru s'issa.

1.4 Il-KESE jenfasizza li bl-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika inklużiva ser jiżdiedu l-possibbiltajiet tal-ħolqien tal-impjieg. B'impjieg ekoloġiċi ma nifhmux biss ir-relazzjonijiet ma' xi wħud mis-setturi emerġenti ġodda imma anke dawk kollha li jinbtu mill-ekoloġizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni u prodotti fis-setturi kollha. Tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika teħtieġ politiki attivi tal-impjieg li jiżguraw il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol deċenti, inklużi t-taħriġ vokazzjonali u t-taħriġ kontinwu għall-ħaddiema attivi. L-impjieg għan-nisa u għaż-żgħażaġh f'dawn is-setturi ser ikunu l-qofol ta' dan it-tkab-bir.

1.5 Il-KESE jqis li politika industrijali li tkun ġiet maqbula bejn l-imsieħba soċjali hija fundamentali biex jiġu kkoordinati l-isforzi fl-innovazzjoni teknoloġika u sabiex jitħeġġu l-bidliet fl-infrastrutturi tal-produzzjoni ta' ħafna setturi Ewropej milquta mill-ħolqien ta' ekonomija b'konsum baxx ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Dan ser jeħtieġ ukoll sforz notevoli ta' investiment fl-intrapriżi.

1.6 Il-KESE jemmen li l-UE għandha tintegra l-għanijiet tal-Istrateġija tal-iżvilupp sostenibbli fil-politiki kollha tagħha, speċjalment fl-Istrateġija Ewropa 2020 u s-seba' inizjattivi ewlenin tagħha. Hemm bżonn ta' koerenza bejn l-istrateġiji differenti tal-UE u l-Kummissarji għandhom jikkellmu b'vuċi waħda dwar dan is-suġġett. B'mod speċifiku, il-Kummissjoni għandha taħtaf l-opportunità ta' revizzjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija 2020 biex issaħħaħ l-aspetti dwar is-sostenibbiltà tagħha u tintegrahha kompletament fl-Istrateġija Ewropea għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Ser ikun hemm bżonn ta' definizzjoni u użu ta' indikaturi li jirreferu għall-kwalità tat-tkabbir u li jkunu jistgħu jiġu segwiti u vvalutati.

1.7 Il-KESE jenfasizza r-rwol importanti li jistgħu u għandhom jaqdu s-Semestru Ewropew u l-analiżi annwali tat-tkabbir biex jiġi żgurat is-segwitu tal-politiki ta' żvilupp sostenibbli. Il-KESE iqis li hemm bżonn li jitneħħew is-sussidji li jagħmlu l-ħsara lill-ambjent u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Istati Membri rigward it-tassazzjoni dwar l-ambjent, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart u l-ilma u t-titjib fir-riċiklaġġ. F'dawn l-oqsma, l-Istati Membri għandhom ikunu aktar ambizzjużi u jistabbilixxu objettivi usa'.

1.8 Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-Unjoni għall-2014-2020 għandu kontradizzjoni importanti: is-setturi ekonomiċi bl-ogħla emissjonijiet ta' CO₂ (djar, enerġija, industria u trasport) mhumiex daww li jirċievu l-ikbar ammont ta' fondi mill-UE biex jgħinuhom jagħmlu t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, u għaldaqstant huwa kruċjali li dawn jiġdiedu b'mod sostanzjali u tiġi garantita applikazzjoni effikaċi u effiċjenti.

1.9 Il-KESE jemmen li hu partikolarment importanti li jitkompla l-proċess tat-tassazzjoni ekoloġika, inklużi l-inċentivi fiskali għan-negozji li jistabbilixxu fondi ta' investiment għat-tibdil fil-klima, bil-kundizzjoni li l-ġestjoni tagħhom ssir b'mod konġunt mal-ħaddiema.

1.10 B'rabta mal-politika kummerċjali tal-UE, il-KESE jqis li, sabiex jiġu evitati r-riskji tar-rilokazzjoni industrijali, hemm bżonn li jitqies l-istabbiliment ta' tariffi ekwivalenti għat-taxxi fuq is-CO₂, għal daww il-pajjiżi li ma jaċċettawx l-impenji internazzjonali biex inaqqsu l-emissjonijiet.

2. Introduzzjoni

2.1 Fl-2011, l-OECD u l-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) fasslu rapporti komprensivi dwar l-ekonomija ekoloġika. L-ILO nediet il-programm "Impjiegi ekoloġiċi" u wieħed mis-suġġetti ewlenin tal-Konferenza Rio+20 tal-2012 kien "Ekonomija ekoloġika fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar".

2.2 FFl-2006 l-UE għeddet l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli u fl-2009 nediet l-pakkett ta' miżuri dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima bil-għan li sal-2020 l-gassijiet b'effett ta' serra

jitnaqqsu b'20 %, il-persentaġġ ta' enerġija rinnovabbli jiġdied b'20 % u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġdied b'20 %⁽¹⁾. L-UE għandha timmira lejn tnaqqis ieħor sal-2025 u l-2030. Fl-2011, il-Kummissjoni adottat l-inizjattiva ewlenija "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza⁽²⁾", il-"Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050⁽³⁾", "Strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020", u "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi"⁽⁴⁾.

2.3 Il-KESE minn dejjem appoġġja l-kunċett tal-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija bħala kontribut għall-iżvilupp sostenibbli, u li l-proposti tas-soċjetà ċivili għandhom jitpoġġew fuq nett tal-politika Ewropea u nazzjonali sabiex ikun hemm bidla lejn ekonomija ekoloġika inklużiva, b'enfasi partikolari fuq il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-imsieħba soċjali kollha. Għalhekk, ħafna mill-Opinjonijiet tiegħu jagħmlu referenza għad-diversi aspetti u l-proposti suċċessivi tal-Kummissjoni: il-KESE enfażizza li t-titjib tal-ekonomija ekoloġika u l-governanza la jista' jinfired mill-promozzjoni tal-produzzjoni, mill-impjeg u mill-konsum sostenibbli, u lanqas mill-istrateġija għall-ugwaljanza bejn is-sessi jew mill-pakkett ta' miżuri tal-UE għat-tibdil fil-klima.

3. L-ekonomija ekoloġika

3.1 L-ekonomija ekoloġika inklużiva għandha ssib bilanċ bejn il-prospertà ekonomika, koeżjoni soċjali akbar u aktar konservazzjoni u użu razzjonali tar-riżorsi naturali, li jżommu l-benesseri tagħna u tal-ġenerazzjonijiet futuri. L-għan tagħha huwa li l-produzzjoni ma tibqax materjali, jiġifieri li t-tkabbir ekonomiku jinfired mill-użu tar-riżorsi naturali u mill-ħolqien ta' tniġġis u skart.

3.2 Skont l-ILO l-impjiegi ekoloġiċi huma daww li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-intrapriżi u s-setturi ekonomiċi sakemm jintlaħqu livelli sostenibbli u jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, il-materja prima u l-ilma, għat-tnaqqis tal-karbonizzazzjoni tal-ekonomija u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Il-kunċett ta' "impjeg ekoloġiku" huwa relattivament dinamiku peress li l-linja li tisepara l-"impjiegi ekoloġiċi" mill-"impjiegi mhux ekoloġiċi" tiddependi mill-proċess tal-innovazzjoni teknoloġika. Għalhekk, mhumiex biss ir-relazzjonijiet ma' xi wħud mis-setturi emerġenti ġodda imma anke daww kollha li jinbtu mill-"ekoloġizzazzjoni" tal-proċessi ta' produzzjoni u prodotti fis-setturi kollha.

⁽¹⁾ Sommarju f'COM(2011) 21 final, Anness 1 u http://ec.europa.eu/clima/policies/package/index_en.htm

⁽²⁾ COM(2011) 21 final.

⁽³⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0112:FIN:MT:PDF>

⁽⁴⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0571:FIN:MT:PDF>

3.3 L-iżvilupp tal-ekonomija ekoloġika huwa determinat minn żewġ fatturi prinċipali: wieħed xprunat mill-politiki tat-tibdil fil-klima, u l-ieħor li jinbet mill-kompetizzjoni dejjem tiżdied tal-pajjiżi emerġenti biex jiksbu r-riżorsi li qed isiru dejjem iktar skarsi u jiswew aktar flus.

3.4 L-ekonomija ekoloġika mhix biss aġġustament settorjali bejn setturi emerġenti u oħrajn aktar tradizzjonali (li huma derivati mill-ispinta teknoloġika lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju), iżda tinkludi modernizzazzjoni ekoloġika tal-produzzjoni u l-konsum biex jiġu integrati l-għanjiet tat-tisħiħ tal-valur miżjud tal-intrapriżi u s-sostenibbiltà ambjentali, f'termini ta' ffrankar tal-materjal, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, fl-organizzazzjoni tal-ħidma, u anke r-relazzjoni stess bejn l-impjegati u l-intrapriża fit-titjib tal-produttività tal-fatturi kollha.

3.5 Tul dawn l-aħħar snin ħarġu fid-dieher il-limiti tal-kapaċità tad-dinja, kemm mil-lat tar-riżorsi naturali disponibbli biex tiġi indirizzata domanda dejjem ikbar, kif ukoll il-kapaċità tal-pjaneta li tassorbi l-iskart u t-niġġis.

3.6 M'għandniex ninsew l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa: għadd dejjem jikber ta' perjodi ta' temp estrem, iż-żieda fil-livelli tal-ożonu u l-partikoli fl-atmosfera, u t-tossiċità li tirriżulta minn temperaturi ogħla u l-ħruġ mill-ġdid ta' mard kontaġġuż li kien inqered fl-Ewropa.

3.7 It-trasformazzjoni tal-istruttura tal-enerġija u l-produzzjoni u t-trasport tal-ekonomiji żviluppati ewlenin, u ta' parti kbira mill-ekonomiji emerġenti, f'dawn l-aħħar snin kienu ffokati fuq it-tranżizzjoni minn ekonomija b'użu kbir tal-karbonju għal ekonomija ġdida oħra b'użu baxx tal-karbonju fejn ħafna mill-enerġija ġġenerata tiġi minn sorsi nodfa rinno-vabbli ta' enerġija, jiġifieri minn sorsi li ma jiġġenerawx emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jew skart ieħor perikoluż.

3.8 Din it-trasformazzjoni profonda fil-produzzjoni, li xi wħud jirreferu għaliha bħala t-tielet rivoluzzjoni industrijali, mhux ser ikollha effett newtrali fuq il-kompetittività internazzjonali, l-iktar għal dawk il-pajjiżi, bħall-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE, li huma importaturi netti tal-enerġija u l-materja prima. Għaldaqstant, mill-2009 'l hawn, ħafna gvernijiet tal-pajjiżi tal-OECD, bdew iniedu pjani ta' stimulu ambizzjużi fejn l-investiment fl-infrastrutturi u fir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (R&I) ekoloġiċi kellu rwol fundamentali, bil-għan doppju li

titħeġġeġ il-produzzjoni biex noħorġu malajr mir-riċessjoni attwali u biex niffaċċjaw, bil-pożizzjoni mexxejja, ir-ristrutturazzjoni produttiva attwali.

3.9 Madankollu, l-iżvilupp finanzjarju ta' dawn il-pjani f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, bħalma ġara fil-baġit tal-UE, kellhom jitrażżnu sew, fost raġunijiet oħra, minħabba l-politiki ta' "awsterità fiskali". Il-kap ekonomista tal-FMI rrikonoxxa li l-effetti kontradittorji ta' dawn il-politiki fuq l-attivitajiet tal-produzzjoni kienu ħafna aktar mill-istimi li saru s'issa. Skont studju li sar fi 28 pajjiż, il-multiplikatur fiskali sa mill-kriżi li bdiet fl-2008 huwa bejn 0,8 u 1,7 (5).

3.10 Dan it-tnaqqis fl-impetus għall-ekonomija ekoloġika jista' jiġġenera problemi kbar għal ħafna pajjiżi tal-UE, peress li bħalissa d-differenza fit-teknoloġija bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk emerġenti hija ħafna iżgħar u dinamika. L-Ewropa kollha m'għandha l-eqda garanzija li ser tkun minn ta' quddiem fost il-pajjiżi żviluppati b'ekonomiji b'livell baxx tal-karbonju. Fuq perjodu fit-tul, dan jista' jwassal għal tensjonijiet qawwija fl-UE, li jistgħu jixħtu dubju fuq il-kapaċità li tkompli tiżviluppa soċjetà iktar avvanzata ekonomikament, iktar koeżiva soċjalment u iktar sostenibbli mil-lat ambjentali. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-UE għandha pożizzjoni b'saħħitha mil-lat tat-teknoloġija u l-produzzjoni f'diversi setturi industrijali li għandhom orjentazzjoni ċara lejn il-ġejjieni.

3.11 L-iżvilupp tal-ekonomija ekoloġika, permezz tal-investimenti u l-inċentivi neċessarji, ser iżid il-possibbiltajiet li jinħolqu l-impjegi fl-Ewropa. M'għandniex ninsew l-attivitajiet attwali tal-produzzjoni li bħalissa jikkostitwixxu l-bażi ekonomika tal-pajjiżi tal-UE. Ħafna mill-impjegi fl-industriji li bħalissa huma meqjusa li jniġġsu ser isiru ekoloġiċi billi jużaw proċessi li jwasslu għal iktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija u jnaqqsu l-konsum tal-materja prima u t-niġġis. Pereżempju, fis-settur tat-trasport bit-triq insibu l-intrapriżi li jiżviluppaw u jipproduċu l-vetturi elettriċi u ibridi u dawk għat-trasport pubbliku; is-setturi tal-iġinerija ċivili li jibnu l-linji għall-ferroviji b'veloċità għolja, li jirriżulta f'iffrankar konsiderevoli tal-enerġija għal kull passiġġier meta mqabbel mat-trasport konvenzjonali tal-ajru u tal-ferrovija; is-setturi tal-bini għat-titjib fl-użu tal-enerġija tad-djar li jkun f'it effiċjenti fil-konsum tal-enerġija. Dan għandu jsir f'qafas ta' żvilupp u tisħiħ tad-djalogu u l-konsultazzjoni soċjali kif ukoll tan-negozjar kollettiv, b'tali mod li r-riżultat aħħari jkun pożittiv f'termini ta' impjieg (fil-kwantità u l-kwalità) u l-ekwità (fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-salarji). Madankollu, hemm biss tmien pajjiżi fl-UE li għandhom definizzjoni uffiċjali ta' impjieg ekoloġiku. Dan iwassal għal kalkoli differenti bbażati fuq definizzjonijiet u metodoloġiji differenti.

(5) Il-karta ta' ħidma/13/1 tal-FMI. Growth Forecast Errors and Fiscal Multipliers (L-iżbalji previsti fit-tkabbir u l-multiplikaturi fiskali). Imhejjja minn Oliver Blanchard u Daniel Leigh. Jannar, 2013.

4. Il-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili fi tranżizzjoni għsta lejn ekonomija ekoloġika, fejn l-innovazzjoni teknoloġika hija fattur deċiżiv tal-kompetittività tal-intrapriżi

4.1 Karatteristika totalment ġdida ta' din it-tielet rivoluzzjoni industrijali hija l-livell ta' żvilupp li ntlaħaq mill-isforzi tal-produzzjoni u s-sensibilizzazzjoni u l-persjoni soċjali konsiderevoli fit-temi tas-sostenibbiltà u l-ambjent. Fl-Ewropa, l-iżvilupp qawwi tal-organizzazzjonijiet tal-ekoloġija, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, it-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet kummerċjali u korpi oħra tas-soċjetà ċivili huwa l-fattur li ser jippermetti l-bidliet futuri biex tiġi ġenerata ekonomija li hija għas-servizz ta' żvilupp aktar maniġabbli, sostenibbli, soċjali u ambjentali, ħaġa mhux imaġinabbli fil-proċessi preċedenti, fejn il-bidliet teknoloġiċi u produttivi kienu determinati totalment mid-deċiżjonijiet tal-mikrointrapriżi.

4.2 L-ILO, fil-Patt Dinji għall-Impjieġ approvat f'Ġunju 2009, stqarret b'mod espliċitu li d-djalogu soċjali huwa mekkaniżmu ta' valur inkalkulabbli għat-tfassil tal-politiki adattati għall-prijoritajiet nazzjonali. Din hija bażi soda biex jissaħħa l-impenn ta' min iħaddem u l-ħaddiema f'azzjoni konġunta mal-gvernijiet, ħaġa indispensabbli biex tingħeleb il-kriżi u biex jiġi avanzat irkupru sostenibbli. Politika industrijali li tkun għet maqbula bejn l-imsieħba soċjali hija fundamentali biex jiġu kkoordinati l-isforzi fl-innovazzjoni teknoloġika u sabiex jitħeġġu l-bidliet fl-infrastrutturi tal-produzzjoni ta' ħafna setturi Ewropej milquta mit-tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea b'konsum baxx ta' karbonju u aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.

4.3 L-innovazzjoni teknoloġika hija fundamentali għall-ekonomija ekoloġika. Għalhekk, daww is-setturi, l-intrapriżi u t-teknoloġiji li jixprunaw l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija ser jingħataw appoġġ finanzjarju kbir, kemm pubbliku kif ukoll privat peress li ser isahha l-kompetittività globali tal-ekonomija Ewropea. F'dan il-kuntest, id-Deutsche Bank, bil-għan li jiggwida l-investment privat, identifika dawn is-setturi bħala prijoritajiet fit-tibdil tal-klima:

— il-produzzjoni ta' enerġija nadifa u rinnovabbli;

— l-infrastrutturi u s-sistemi ta' ġestjoni tad-distribuzzjoni tal-enerġija;

— fis-sistemi tat-trasport, il-bidla lejn it-trasport bil-ferroviji u bil-baħar, kif ukoll lejn il-karozzi ibridi fuq perjodu medju u l-bijokarburanti li ma jikkompetux mal-ikel għall-użu tal-art;

— il-kimika ekoloġika u r-riċerka dwar materjal ġdid;

— l-industrija bażiċi li jiffrankaw aktar l-enerġija, jiddependu inqas fuq l-estrazzjoni ta' materja prima u li jużaw bl-aħjar mezz il-materjal ġdid li jniġġes inqas (inklużi l-industrija tal-azzar u l-produzzjoni tas-siment b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, eċċ);

— l-attivitajiet tal-konstruzzjoni li jfittxu li jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini u jtejbu l-kapaċità tiegħu li jiproduci l-enerġija;

— il-ġestjoni tal-iskart;

— l-agrikoltura (fertilizzaturi u insettiċidji nodfa, fost oħrajn);

— sistemi tal-purifikazzjoni u d-dekontaminazzjoni tal-ilma u t-teħħija tal-melħ mill-ilma.

4.4 Għandhom jingħataw attenzjoni speċjali d-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju sabiex jiksibu biżżejjed fondi għall-investimenti neċessarji li jridu jwettqu fl-ekoinnovazzjoni.

4.5 Sabiex l-innovazzjoni tkun valur kompetittiv, il-mudell tal-organizzazzjoni tal-intrapriża għandu jqis prattiki li jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-impjegati. L-ottimizzazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-persunal fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fl-ippjanar tal-intrapriża hija fattur li b'mod ċar jiżviluppa l-innovazzjoni u jippermetti li tinkiseb il-produttività. Din hija sfida biex tiġi modernizzata s-sistema tar-relazzjonijiet tax-xogħol u tan-negożjar kollettiv u r-rabtiet tagħhom mal-ġestjoni tal-intrapriża.

4.6 Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriża hija wieħed mill-elementi ewlenin li jikkontribwixxu għall-pożizzjoni ewlenija tal-Ewropa fit-teknoloġija f'ħafna setturi u li tgħinha żżomm il-kapaċità tagħha għall-esportazzjoni. Dan l-aspett m'għandux jitqies biss mill-perspettiva tar-ridistribuzzjoni tal-ġid maħluq, hekk kif fil-fatt huwa aspett deċiżiv tal-ħolqien tal-ġid, kif jirrikonoxxu l-intrapriżi stess ⁽⁶⁾. Fil-biċċa l-kbira, id-diffikultajiet tal-innovazzjoni huma prinċipalment relatati ma' strutturi organizzattivi riġidi li jqisu lill-ħaddiem bħala sempliciement għodda.

⁽⁶⁾ Il-proġett EPOC tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Haġja u tax-Xogħol.

5. L-ekonomija ekoloġika fil-politiki Ewropej

5.1 Fil-Konferenza Rio+20, l-UE ddefendiet ekonomija ekoloġika inklużiva li tippermetti l-progress li jwassal għall-iżvilupp sostenibbli. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tippromovi t-tkabbir sostenibbli u inklużiv, waqt li tqiegħed l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija fil-qalba tal-attivitajiet tagħha li jsejgħu Rio+20. Il-gvernijiet għandhom jiżviluppaw id-djalogu soċjali biex jiżguraw l-involviment tas-soċjetà ċivili f'dan il-proċess.

5.2 Bħala għajnuna biex tiġi applikata l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni u l-Pjan Direzzjonali għal Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, fl-2012 il-Kummissjoni stabbilixxiet Pjattaforma Ewropea, li ser tippreżenta rapport intermedju fl-2013 u rapport finali fl-2014, dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Din il-Pjattaforma ser taħdem fuq proposti konkreti għal trażizzjoni lejn ekonomija ekoloġika f'dawn l-oqsma: "Kundizzjonijiet qafas għall-investiment fl-enerġija rinnovabbli" u "It-twaqqif ta' għanijiet u l-kejl tal-progress". Għalhekk għandha tiġi stabbilita sistema soda ta' indikaturi lil hinn mill-PDG li tindika r-riżultati ta' dawn il-politiki fis-setturi involuti u s-soċjetà kollha kemm hi (il-ksib tal-kompetittività, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, il-persentaġġ tar-riċiklaġġ, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u fl-użu tar-riżorsi, il-persentaġġ tal-enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis tat-tniġġis) u "L-Ekonomija ċirkolari/l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija".

5.3 Huwa ta' importanza partikolari li nipproċedu bit-tassazzjoni ambjentali u bit-tnaqqis tas-sussidji għolja għall-karburanti fossili li jeżistu f'ħafna pajjiżi tal-UE, peress li l-prezzijiet ta' ħafna prodotti u servizzi ma jindikawx korrettament l-ispejjeż globali tal-produzzjoni għax l-ispiża tat-tniġġis hija esternalizzata. Il-politiki tal-ekotikkettar volontarju wrew li ma kinux biżżejjed, l-iktar peress li fi kriżi bħal dik attwali, iktar u iktar konsumaturi qegħdin jagħtu importanza lill-prezz ta' prodott u mhux il-kwalità ambjentali tiegħu. Sabiex politika ta' tassazzjoni ekoloġika tilħaq grad għoli ta' kunsens soċjali jridu jitqiesu l-effetti tagħha fuq il-kapaċità kompetittiva

tal-intrapriżi u r-riperkussjonijiet soċjali tagħha fuq iċ-ċittadini, magħrufa bħala "tifqir tal-enerġija", u jiġu żviluppati politiki komplementari (industrijali, kummerċjali u ta' għajnuna għall-gruppi soċjali l-iktar żvantaġġati) li jtaffuha. Fl-istess ħin, għandhom jinħolqu incettivi fiskali sabiex il-profitti korporattivi jerġgħu jiġu investiti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ (permezz tal-Fondi ta' Investiment mill-Ġdid Kontra t-Tibdil fil-Klima) u impatti ambjentali negattivi oħra, dejjem sakemm il-ġestjoni tagħhom fl-intrapriżi ssir b'mod konġunt mill-ħaddiema.

5.4 Il-Kummissjoni approvat il-proposta tagħha għas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali, li jstabbilixxi l-kontribut tal-politika ambjentali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Il-Parlament u l-Kunsill għandhom japprovaw dan il-Programm u l-KESE ħejja Opinijoni speċifika⁽⁷⁾. Madankollu, ir-realtà tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-2014-2020 tippreżenta kontradizzjoni importanti: is-setturi ekonomiċi bl-oġhla emissjonijiet tas-CO₂ (id-djar, l-enerġija, l-industrija u t-transport) mhumix daww li jirċievu l-ikbar ammont ta' fondi tal-UE.

5.5 B'rabta mal-politika kummerċjali tal-UE, għandu jitqies li, bil-għan li jitnaqqas ir-riskju tar-rilokazzjoni, iż-żieda tat-tassazzjoni fuq il-karbonju għandha twassal biex jiġu stabbiliti tariffi ekwivalenti għal daww il-pajjiżi li ma jikkonformawx ma' ftehimiet internazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Tariffa fuq il-karbonju hija restrizzjoni għall-kummerċ ħieles iżda dan diġà ġie aċċettat mill-komunità internazzjonali f'każijiet oħra. Il-Protokoll ta' Montreal stabbilit sabiex jipproteġi s-saff tal-ożonu jirrikonoxxi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti restrizzjonijiet kummerċjali biex jiġi żgurat l-infurzar, b'tali mod li l-kummerċ ħieles ma jkunx għan fih innifsu iżda mezz biex jinholq il-ġid b'mod sostenibbli. M'hemm l-ebda dubju li huwa iktar importanti li nevitaw diżastru globali ġġenerat mit-tibdil fil-klima milli nżommu s-swieq dinjija miftuħa bi prodotti b'livell għoli ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽⁷⁾ Opinijoni tal-KESE dwar "Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE", ĠU C 161, 6.6.2013, p. 77-81.

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-490 SESSJONI PLENARJA TAT-22 U T-23 TA' MEJJU 2013

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina: It-tnedija ta' Dibattitu Ewropew"

COM(2012) 777 final/2

(2013/C 271/04)

Relatur: **is-Sur CEDRONE**

Nhar id-19 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina: It-tnedija ta' Dibattitu Ewropew

COM(2012) 777 final/2.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-24 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'149 vot favur, 12-il vot kontra u 25 astensjoni.

1. Konklużjonijiet u proposti

1.1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tirrappreżenta kontribut importanti għat-tnedija ta' dibattitu dwar l-UE, ħaġa ferm neċessarja, u pass 'il quddiem konsiderevoli fir-rigward tal-metodi u l-kontenut li rajna fil-passat fil-qasam tal-UEM. Barra minn hekk, għall-ewwel darba, tagħti indikazzjoni dwar ir-rwol internazzjonali u l-futur politiku tal-Unjoni. Għalhekk, il-KESE jilqa' din il-proposta b'mod pożittiv. Dan jista' jkun żvilupp storiku, sakemm il-Kunsill wara stennija ta' 20 sena jsib il-kuraġġ u r-rieda biex jadotta u jdaħħal fis-seħħ il-dispożizzjonijiet utli biex jinkisbu l-għanijiet indikati u jiġu implimentati malajr.

1.2 Fil-fatt, bid-deċiżjonijiet li ttieħdu matul l-2011 u l-2012, il-Kunsill Ewropew nieda riforma importanti u koordinata tal-governanza Ewropea fil-monitoraġġ tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, it-tisħiħ tar-regoli baġitarji u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro. Il-miżuri

mhux konvenzjonali ta' akkwist mingħajr limitu imma kundizzjonat ta' ishma pubbliċi ta' pajjiżi f'diffikultà, li ġew deċiżi dan l-aħħar mill-BĊE, it-twaqqif tal-mekkaniżmu superviżorju uniku, intiż biex jiżgura superviżjoni prudenzjali rigoruża u imparzjali u biex titneħħa r-rabta bejn l-Istati u l-banek u r-regoli għal-likwidazzjoni tal-banek huma strumenti meħtieġa għall-garanzija tal-istabbiltà tal-UEM.

1.3 Il-KESE jaqbel mal-istrategġija ppreżentata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u li dal-aħħar ġiet ikkonfermata mill-President tal-Kunsill Ewropew Van Rompuy (*Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina*), għat-tisħiħ taż-żona tal-euro, iżda madankollu jqis li dan mhuwiex biżżejjed biex l-Istati Membri jisfruttaw bis-sħiħ il-benefiċċji tal-UEM, kif urew il-fatti ta' dawn l-aħħar għaxar snin. Hemm responsabbiltajiet politiki tal-Kunsill, li ngħataw mit-Trattat ta' Maastricht li jllimitaw sew l-UEM li nibtet minnu. Għalhekk il-Kummissjoni issa ressqet pjan ta' azzjoni għal **UEM profonda u ġenwina**.

1.4 Sabiex l-UEM tingħata iktar stabbiltà u sabiex jiġi żgurat it-tkabbir tal-ekonomija u l-impjieg il-pajjiżi taż-żona tal-euro, fil-perjodu immedjat, mhux dak medju/fit-tul, jeħtieġu miżuri iktar ambizzjużi, bħal pjan għat-tkabbir u mekkaniżmi ta' integrazzjoni ekonomika iktar b'saħħithom, li l-Kunsill għandu jsarrafhom f'azzjoni. Għalhekk hemm bżonn taħlita ta' politiki makroekonomiċi u mikroekonomiċi, impenn konsistenti, sens ta' solidarjetà, ta' fiduċja u ta' responsabbiltà għall-Istati Membri u bejniethom u l-UE, mingħajr ma ninsew li l-għan ewlieni tal-miżuri inkwistjoni għandu jkun il-ġid għal kulħadd.

1.5 Filwaqt li jesprimi l-apprezzament għal din il-Komunikazzjoni, il-KESE jenfasizza li anke fil-każ fejn kollox isir operattiv, diffiċli li jkun hemm impatt sostanzjali, b'mod partikolari fir-rigward ta' kif jittieħdu d-deċiżjonijiet, għax għad m'hemmx proposta konkreta dwar l-unjoni politika biex l-euro jkollha bażi proprja. L-istess jgħodd għad-dejn, it-tegħlib tax-xokkijiet asimetriċi, it-tkabbir, il-kompetittività u l-impjieg (li għalih irid jiġi previst studju ta' impatt b'mod sistematiku). Dawn il-koll huma limitazzjonijiet fis-sitwazzjoni attwali.

1.6 Il-KESE jfakkar li fil-biċċa l-kbira tal-proposti attwali tal-KE, kif ġie nnotat, diġà thejw rakkomandazzjonijiet u soluzzjonijiet mill-Kumitat, b'mod partikolari dawk relatati mal-limitazzjonijiet tal-UEM, tal-BĊE u l-kwistjoni tat-tkabbir u d-dejn sovrani⁽¹⁾. L-avvanzi li saru mill-Kummissjoni u l-Kunsill sal-lum iservu bħala bażi tajba biex tkompli għaddejja l-ħidma f'dan il-qasam. Għalhekk, il-KESE jqis b'mod pożittiv li l-KE ddeċidiet tagħti indikazzjonijiet futuri dwar dawn il-kwistjonijiet u jittama li din tkun okkażjoni tajba biex jittieħdu miżuri konkreti għad-dejn u t-tkabbir biex b'hekk ikun hemm qabża vera u ġenwina fil-kwalità.

1.7 Fil-fatt, filwaqt li d-deċiżjonijiet li l-UE ħadet dan l-aħħar, imsemmija fil-Komunikazzjoni, jindirizzaw, għad li parzjalment, il-qafas makroekonomiku, il-proposti fil-livell mikroekonomiku jidhru li huma insuffiċjenti għas-setturi produttivi, li huma l-uniċi setturi kapaċi jniedu t-tkabbir mill-ġdid. Id-dokument tal-Kummissjoni jipprova jiftaħ dibattitu dwar l-UEM, tema li tmur ħafna lil hinn mill-konsolidazzjoni tal-baġits u l-politiki makroekonomiċi. Hemm bżonn ukoll politiki mikroekonomiċi bħal, pereżempju, patt ġenwin għall-industrija (industrial compact).

1.8 Barra minn hekk, il-Proposta tal-Kummissjoni tkun tista' tiġi aċċettata b'mod iktar mifrux jekk fid-diversi fażijiet stabbiliti

għat-tnedija tal-miżuri meħtieġa biex l-UEM issir iktar stabbli u effettiva ssir referenza iktar ċara għall-bżonn li jiġu segwiti politiki Ewropej konformi ma' dan il-għan, b'definizzjoni tal-oqsma għall-azzjoni u l-elementi l-ġodda li jridu jiddaħħlu biex l-infiq fil-livell Ewropew isir iktar razzjonalizzat u effikaċi.

1.9 Il-Kummissjoni tista' u għandha tikkontribwixxi għat-tweqqif tar-riformi indispensabbli biex tiżdied il-kompetittività tas-sistemi nazzjonali tal-produzzjoni u l-amministrazzjoni bl-adozzjoni ta' metodoloġiji u kriterji innovattivi ta' azzjoni relatati mas-suq uniku, il-ġestjoni tal-fondi strutturali u l-politiki komuni prinċipali. Barra minn hekk, għandha tieħu spunt mill-innovazzjonijiet li introduċa l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tipproponi emendi daqstant sostanzjali, bħalma l-KESE saħaq diversi drabi, għat-tweqqif tal-politiki Ewropej li jolqtu l-iktar iż-żoni, ir-reġjuni u s-setturi l-iżjed vulnerabbli tal-UE.

1.10 Fir-rigward tal-BĊE għandha tingħata attenzjoni lill-kompożizzjoni tiegħu favur it-tkabbir u l-impjieg u bħala sellief tal-aħħar istanza. L-intenzjoni tal-pajjiżi taż-żona tal-euro li jimxu f'din id-direzzjoni tikkontribwixxi biex tiġi kkonsolidata l-fiduċja fil-BĊE u l-euro u bħala detterent ġenwin għall-attakki spekulattivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-pajjiżi b'diffikultajiet baġitarji kbar.

1.11 L-istabbiltà tal-euro ma tistax titħalla biss f'idejn il-BĊE u l-politika monetarja komuni, b'awtonomija sħiħa għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-politiki fiskali u baġitarji tagħhom. Il-KESE jqis li **l-unjoni fiskali, fil-kuntest ta' baġit uniku taż-żona tal-euro**, ma tistax, kif tgħid il-Komunikazzjoni, tiġi posposta fit-tul imma, flimkien mal-munita unika u l-viġilanza unika bankarja, għandha ssir il-pilastru l-ieħor li fuqu tistrieħ il-konstruzzjoni tal-istabbiltà tal-UEM fil-perjodu qasir u medju, biex b'hekk is-swieq jiġu żgurati dwar il-koerenza tal-proġett Ewropew.

1.12 Fir-rigward tal-**proposti istituzzjonali**, il-KE qed tagħmel sforz konsiderevoli. Il-KESE jqis li tkun ħaġa utli li fl-aħħar nett titpoġġa fuq l-aġenda l-kwistjoni istituzzjonali, peress li tinfed il-proposti innovattivi tal-Kummissjoni, inkluża l-unjoni politika. Din hija proposta kompletament ġdida. Fl-istess ħin iqis li dawn il-proposti jieħdu l-istess approċċ bħall-qafas attwali bi ftit bidliet, bi progress ferm limitat, u għalhekk ma jsoġu xejn, sakemm il-Kunsill ma jmurx lil hinn minnhom u jqishom bħala xprun biex tittieħed azzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, pġ. 10.

1.13 Jista' jkun li dawn ifissru stadju addizzjonali, imma l-KESE, li għandu jkun parti integrali minn dan il-proċess, abbażi ta' dak li diġà ġie propost u approvat, iqs li m'għadux iż-żmien ta' passi parzjali, fi kwalunkwe kwistjoni, imma huwa iktar żmien għal qabża fil-kwalità, kemm fil-kontenut tal-politiki kif ukoll fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex dawn jitwettqu, mingħajr skużi oħra, biex wara ma nerġgħux ngħidu li hemm bżonn politiki "ġenwini", UEM "ġenwina", unjoni politika "ġenwina", eċċ. Hemm bżonn li tittieħed **azzjoni** b'mod iktar determinat u mgħaġġel, **issa**, minn naħa biex tiġi **interrotta r-reċessjoni**, li laqtet parti kbira mill-UE, u min-naħa l-oħra biex jiġu indirizzati l-lakuni li ilhom hemm u li l-kriżi finanzjarja internazzjonali ġiegħlithom biss jesplodu.

1.14 Il-KESE jitlob li l-Kunsill, fuq spunt tal-proposti tal-Kummissjoni, jaġixxi b'iżjed kuraġġ u ċarezza fir-rigward tar-rispett tal-ftehimiet milħuqa u r-responsabbiltajiet biex jitressqu l-proposti li għandhom jiġu approvati u implimentati, b'mod partikolari, b'appoġġ għall-estensjoni tal-vot b'maġġoranza f'kull qasam, ibda biex il-politiki tal-ekonomija u l-impjieġ, fil-kuntest ta' bidla fit-Trattat.

1.15 Il-proposti tal-KESE fil-qosor

1.15.1 Għalhekk, sabiex titwettag UEM ġenwina, il-KESE jqis li minnufih (mingħajr ma jiġi modifikat it-Trattat) hemm bżonn:

— li titnieda inizjattiva Ewropea għat-tkabir peress li bl-awtorità biss ma jista' jiġi sodisfatt l-ebda kriterju stabbilit mill-Unjoni;

— li jiġi ffaċilitat it-tegħlib tal-asimetriji ekonomiċi bejn il-pajjiżi, permezz ta' mekkaniżmu ta' konverġenza solidali; tista' tittieħed azzjoni b'miżuri mmirati lejn il-livell mikro-ekonomiku favur il-pajjiżi l-iktar milquta mill-kriżi, biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh (pereżempju kontribut mill-UE għal kull żaġhżuġh jew żaġhżuġha milqut/a), biex b'hekk isir intervent b'kondizzjonalità pożittiva;

— li tinstab soluzzjoni għall-problema tad-dejn, kif titlob il-Kummissjoni stess u anke l-KESE, biex jiġu ffaċċjati l-problemi tal-pajjiżi kollha li adottaw jew ser jadottaw l-euro;

— li l-unjoni bankarja u s-superviżjoni Ewropea jiġu implimentati malajr;

— li s-suq uniku jiġi kkompletat fis-setturi kollha (taxxa, finanzi, banek, enerġija, servizzi riċerka u innovazzjoni, eċċ.);

— li titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-kreditu b'mod li fl-istess kundizzjonijiet l-ispiża tal-kreditu tkun l-istess fl-Istati Membri kollha.

1.15.2 Fuq perjodu medju u/jew twil, b'tibdiliet eventwali għat-Trattat, jeħtieġ:

— li tinħoloq governanza ekonomika ġenwina tal-UE flimkien ma' dik monetarja, finanzjarja u fiskali, biex tingħata wkoll koerenza ikbar bejn il-politiki tal-UE u dawk nazzjonali;

— li jiġi kkompletat il-mandat tal-BĊE;

— li jissaħħaħ il-metodu tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istrutturi f'entità unika biex l-euro tingħata governanza, li s-sistema attwali tiġi kkompletata u titwettag unjoni fiskali, l-ewwel nett bil-ħolqien ta' baġit komuni taż-żona tal-euro, fejn jiġi previst mekkaniżmu ta' solidarjetà biex jitnaqqsu l-iżbilanċi ekonomiċi bejn il-pajjiżi;

— li jitwettag patt soċjali għal unjoni soċjali bl-involviment tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata;

— li tinħoloq unjoni politika, permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, biex ikun hemm ukoll leħen wieħed għall-euro u biex jitwettag proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet iktar demokratiku u trasparenti. Għalhekk jista' jkun opportun li l-PE li jmiss, flimkien mal-Kunsill, jingħata poter kostitwenti;

— li jingħata rwol iktar rappreżentattiv lill-Unjoni fil-korpi internazzjonali.

2. Kummenti ġenerali: punti ewlenin

2.1 Il-Kumitat jinsab konxju li qed nitħadtu fuq kwistjoni mill-iktar kumplikati ta' dan iż-żmien. L-Ewropa dieħla f'fażi għda ta' integrazzjoni iktar stretta u dan ifisser għadd ta' passi kuraġġjużi. Il-KESE jilqa' ħafna t-tnedija ta' dibattitu dwar il-futur tal-UEM bħala pass inizjali f'din id-direzzjoni u jinnota li r-realtà makroekonomika fl-UEM hija riżultat tad-deċiżjonijiet mikroekonomiċi. Il-politiki makroekonomiċi u mikroekonomi għalhekk għandhom ikunu allinjati fid-direzzjoni biex jinksibu l-istess għanijiet ġenerali.

2.2 L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, supplementat mill-Artikolu 151 u l-Artikolu 153, fis-sustanza jistabbilixxi li d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom iqisu l-promozzjoni ta' livell ta' impjieg ogħla, tat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol u tal-ġlieda kontra l-esklużjoni. Il-Kumitat jinnota b'sorpriża li l-ebda wieħed minn dawn il-parametri ma jitqies f'din il-Komunikazzjoni bħala parti mill-għan ta' "Unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina". Barra mill-fatt li l-KESE jitlob li ssir referenza ċara għal dawn l-għanijiet, huwa jqis li hemm b'żonn li ssir iktar superviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-effetti tal-politiki ekonomiċi u monetarji fuq is-sitwazzjonijiet soċjali u s-suq tax-xogħol u jqis li tkun ħaġa tajba li jitħejjew miżuri biex jiġu eliminati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi li jistgħu jinħolqu minħabba dawn il-politiki.

2.3 L-ebda waħda mill-proposti li ressqet il-Kummissjoni għal UEM iktar stabbli u kredibbli ma tista' tiġi implimentata effettivament (la fil-perjodu l-qasir u lanqas dak medju/fit-tul) jekk l-Istati Membri tal-UEM, u b'mod partikolari l-pajjiżi l-iktar milquta mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, ma jergħux fit-triq tat-tkabbir u jsibu soluzzjonijiet għall-problemi tal-impjieg, tal-qgħad, li qed jiżdied sew fost iż-żgħażaġh, u d-diverġenzi persistenti bejn l-Istati Membri. Iżda fl-istess ħin ma jista' jsir xejn jekk il-Kunsill u l-Grupp tal-euro ma jilqgħux is-suġġerimenti tal-KE biex javvanzaw ir-riformi neċessarji biex tiġi kkompletata l-UEM, li ilhom mistennija għal 20 sena, u jekk l-Istati Membri ma jidhux impenn serju f'din id-direzzjoni biex flimkien jiġġestixxu parti mis-sovrani tagħhom, ħaġa meħtieġa biex jinkiseb dan il-għan.

2.4 Il-preokkupazzjoni prinċipali tal-Kummissjoni għadha li tiżgura l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri permezz ta' miżuri u strumenti konġunti għat-tisħiħ tal-konverġenza tal-politiki baġitarji u tas-sistemi ta' sorveljanza. Dan għandu jservi biex jittaffew id-diffikultajiet li għandhom il-pajjiżi l-iktar midjuna biex jiffinanzjaw id-dejn pubbliku u biex jiġu rispettati l-pjani rigorużi għat-tnaqqis tad-dejn u s-sostenibbiltà proposti mill-Kummissjoni u li dal-aħħar ġew approvati mill-Istati Membri (Patt Fiskali). Iżda biex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini u s-swieq, il-miżuri li jittieħdu fil-livell nazzjonali għandhom jimxu b'mod loġiku komuni Ewropew u jipproduċu impatti konkreti u pożittivi għaċ-ċittadini u l-intrapriżi. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm iktar koerenza bejn il-politiki makroekonomiċi u mikroekonomiċi (iż-żgħażaġh, is-suq tax-xogħol, is-sigurtà soċjali, eċċ.) li għandhom jitwettqu fil-livell nazzjonali.

2.5 Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-żona tal-euro bdew il-ħames sena ta' tkabbir b'rata negattiva u l-previżjoni għas-snin li ġejjin jindikaw titjib ferm limitat fil-makrovarjanti prinċipali. Il-proposti mressqa mill-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-UEM, biex ikunu kredibbli u jsiru parti minn dibattitu li jkiseb kunsens

wiesa' dwar il-futur tal-UEM, li ma jinkludix biss l-esperti, imma s-soċjetà ċivili Ewropea kollha kemm hi, għandhom ikunu akkumpanjati minn osservazzjonijiet u/jew miżuri oħrajn.

2.6 Il-pajjiżi taż-żona tal-euro, fir-rigward tal-impenji assunti mal-UE, huma mitluba li anki fis-snin li ġejjin isegwu politiki baġitarji rigorużi li qabel kolloxx jstgħu jiġu żgurati permezz ta' riformi finalizzati bir-razzjonalizzazzjoni tal-istruttura tal-baġits nazzjonali, sew mil-lat tal-infiq, sew mil-lat tad-dħul pubbliku, filwaqt li titqies il-ġustizzja distributtiva u l-impatt tal-multiplikaturi fiskali. Għalhekk, il-qliġh mill-effiċjenza għandu jiġi rkuprat b'impatt newtrali fuq il-baġits u mingħajr ma jiġu kompromessi s-setturi ta' nfiq meħtieġa għat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri soċjali, fosthom is-saħħa, is-sistemi tas-sigurtà soċjali, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-infrastruttura ⁽²⁾.

2.7 Madankollu, dawn il-miżuri nazzjonali għandhom ikunu akkumpanjati minn dispożizzjonijiet fil-livell Ewropew, meħtieġa għat-tkabbir ekonomiku, l-impjieg u l-irkupru fl-investimenti, bħal pereżempju: it-titjib fil-funzjonament tas-swieq tax-xogħol nazzjonali biex jiġu integrati fiż-żona tal-euro anki permezz tad-djalogu makroekonomiku ⁽³⁾; il-mutwalizzazzjoni parzjali tad-dejn pubbliku biex tiġi limitata l-ispekulazzjoni; il-ħruġ ta' bonds Ewropej mill-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment biex jiġi ffinanzjat it-tkabbir u biex jinkisbu bilanċi pożittivi globali ⁽⁴⁾ f'dak li jirrigwarda t-tfaddil; il-possibbiltà li jiġu esklużi għadd ta' investimenti strutturali mid-dejn pubbliku, ħaġa neċessarja biex jitnieda ċiklu virtwuż ta' tkabbir; u fl-aħħar nett, attenzjoni ikbar għall-politika industrijali kemm min-naħa tal-gvernijiet nazzjonali kif ukoll min-naħa tal-persuni responsabbli għad-deċiżjonijiet politiki fil-livell Ewropew.

2.8 Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki taqa' f'idejn il-gvernijiet tal-Istati Membri imma l-Kummissjoni, fl-ambitu tal-prerogattivi istituzzjonali tagħha u r-riżorsi baġitarji tal-UE li tiġġestixxi, għandha tiżgura l-implimentazzjoni u b'hekk tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-iżbilanċi u d-differenzi territorjali li għandhom jipersistu.

2.9 Barra minn hekk, il-KESE jqis li l-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-aspetti storiċi tal-UEM ma tindirizzax il-limiti ekonomiċi u politiċi veri li kienu preżenti meta daħlet fis-seħħ l-euro u li huma l-kawża ewlenija tal-kriżi li għaddew minnha l-euro u l-UE. Ħaġa stramba wkoll hi li l-analiżi dwar l-UEM m'hemmx

⁽²⁾ ĠU C 133, 9.5.2013, p. 44.

⁽³⁾ Idem.

⁽⁴⁾ Ara n-Nota 1.

referenza u valutazzjoni dwar il-kriterji ta' Maastricht, dwar l-uniċità tal-politika monetarja, u lanqas dwar l-asimetriji ekonomiċi bejn il-pajjiżi. Barra minn hekk ma tidhirx sostenibbli l-idea li l-kriżi tal-2008 tingħata t-tort waħidha mingħajr ma jingħata tort lid-dgħufija politika tal-UE u l-gvernijiet nazzjonali, b'mod partikolari meta jitqies li mill-bidu nett tal-UEM l-Istati Membri rrifjutaw sistematikament li jniedu dibattitu dwar il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali u baġitarji.

2.10 Waħda mill-ħtiġiet urġenti hi li tiġi implimentata unjoni ekonomika u governanza ekonomika tal-UE (flimkien jew qabel l-unjoni bankarja eċċ.), u l-Komunikazzjoni tal-UE twitti t-triq għal dan.

3. Osservazzjonijiet speċifiċi dwar il-kontenut tal-proposti: punti ta' saħħa u ta' dgħufija

3.1 Fil-**perjodu l-qasir** jitqiesu u jiġu deskritti seba' proposti li uħud minnhom diġà ġew notati għax jirreferu għall-miżuri approvati dal-aħħar mill-UE, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-leġislazzjoni marbuta mas-six-pack u t-two-pack, is-supervizzjoni tal-banek fdata lill-BĊE. Dawn huma kollha passi importanti li għandhom jingħataw attenzjoni sħiħa skont il-leġislazzjoni Ewropea rilevanti u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi approvati mill-Kunsill. Hemm ukoll xi proposti mressqa mill-Kummissjoni li l-KESE jqis li huma iżjed interessanti, bħal dawn li ġejjin:

3.1.1 L-ewwel waħda hija l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu supervizzorju uniku u mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni uniku biex jissolvew il-problemi tal-banek f'diffikultà. L-iktar aspekt innovattiv hawnhekk huwa li l-ispejjeż tar-riżoluzzjoni jiġu koperti mill-azzjonisti u l-kredituri; "Kwalunkwe riżorsa addizzjonali meħteġa għall-finanzjament tal-proċess tar-ristrutturar" għandha tiġi pprovduta mis-settur bankarju stess u mhux iktar mill-kontribwent ⁽⁵⁾.

3.1.2 It-tieni waħda hija l-introduzzjoni ta' "**strument għall-konverġenza u l-kompetittività**" bħala appoġġ għat-twettiq tar-riformi strutturali fil-pajjiżi fiż-żona tal-euro. Il-Proposta hija ferm dettaljata (Anness 1 tal-Komunikazzjoni) fid-deskrizzjoni tat-triq prevista għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet li jwasslu għal dan l-istrument. Għad irid jiġi determinat il-livell ta' parteċipazzjoni u d-dimensjoni tal-appoġġ finanzjarju, li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-Istati Membri, fost l-elementi deċiżivi biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istrumenti, anki jekk il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tressaq proposta iktar dettaljata dwar l-implimentazzjoni (p. 25 tal-Komunikazzjoni). Fuq rakkomandazzjoni tal-KESE, dan l-istrument għandu jippreċedi, jew tal-inqas jakkumpanja, ir-riformi strutturali, biex

jittaffa l-impatt negattiv. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza li l-istrument għall-konverġenza u l-kompetittività jista' jkun effettiv biss jekk, pass wara pass, jintuża b'koordinazzjoni mal-azzjonijiet u miżuri li jittieħdu fil-livell nazzjonali.

3.1.3 Barra minn hekk, il-proposta dwar il-qafas finanzjarju pluriennali tidher li tista' tiqies bħala kastig għal dawk li ma jirrispettawx il-patt bejn l-Istati Membri u l-KE, minflok bħala incettiv għall-implimentazzjoni tal-politiki definiti fil-livell Ewropew. Il-kundizzjonijiet makroekonomiċi rigorużi mitluba mill-Istati Membri għandhom ikunu akkumpanjati minn pjan għat-tkabbir u l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda għall-impjeg, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh, imħejjija bil-parteċipazzjoni attiva tal-imsieħba soċjali u ċivili.

3.1.4 L-iktar rwol ċar tal-UE u tal-euro fil-governanza tal-korpi monetarji internazzjonali u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' rappreżentanza esterna tal-euro u wieħed mill-iktar aspetti importanti proposti mill-Kummissjoni, u anki minn ħafna Opinjonijiet tal-KESE, huwa li tingħata saħħa deċiżjonali ikbar lill-UE u lill-munita unika fil-governanza monetarja internazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni ma tispjegax id-diffikultajiet ta' din il-proposta, kemm ġewwa kif ukoll barra miż-żona tal-euro, meta jitqies l-atteġġjament, żgur mhux favorevoli, tal-amministrazzjoni Amerikana (u Ingliża) fil-konfront ta' żieda fis-saħħa tal-euro (u d-dgħufija korrispondenti tad-dollaru) u d-differenzi li għad hemm bejn il-pajjiżi fiż-żona tal-euro fid-difiża tal-interessi ekonomiċi u politiċi speċifiċi f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw u li qed jirċievu għajjnuna mill-IMF.

3.2 Fil-**perjodu l-medju**, il-proposti jirrigwardaw l-iktar it-twaqqif ta' Fond ta' Ammortament (FA), appoġġat minn elementi restrittivi ta' kondizzjonalità biex jiġi limitat ir-riskju morali, u l-ħolqien ta' strument ġdid ta' dejn sovrani għaż-żona tal-euro (Eurobills) – proposti li ilhom li tressqu fid-dibattitu dwar l-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE u l-Istati Membri. Anki l-KESE enfasisza iktar minn darba fl-Opinjonijiet tiegħu li hemm bżonn li nirrikorru għall-bonds tal-Unjoni biex id-dejn jiġi mutwalizzat parzjalment (bond tal-Unjoni) bħala strument addizzjonali kemm biex fiż-żona tal-euro jiġi ffaċilitat il-finanzjament tad-dejn sovrani mill-pajjiżi li għandhom l-ikbar dejn, kif ukoll biex jitnaqqsu l-ispejjeż biex jinfeda d-dejn ⁽⁶⁾.

3.2.1 Għalhekk, il-KESE kien jippreferi li l-Kummissjoni tippreżenta proposta u/jew li tagħmel referenza għall-proposti mressqa qabel mill-KESE stess, jew mill-ministri tal-ekonomija tal-UE, eċċ, anki jekk jirrikonoxxi l-merti tal-proposta tal-Kunsill Ġermaniż tal-esperti ekonomiċi, inkluża fid-dokument tal-Kummissjoni.

⁽⁵⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 68.

⁽⁶⁾ Ara nota 1 f'qiegħ il-paġna, ĠU C 299, 4.10.2012, p. 60.

3.2.2 Madankollu, l-enfasi li saret fuq l-FA ma tqisx li l-biċċa l-kbira tas-suċċess tal-politika tad-dħul mill-ġdid tad-dejn sovrani, f'dan il-kuntest, tiddependi mhux biss mit-tnaqqis tal-infiq pubbliku imma l-iktar miż-żieda fid-dħul. Din hija t-triq li għandna nieħdu, u għal perjodu ta' żmien itwal minn dak previst fil-perjodu l-medju, biex ir-relazzjoni bejn id-dejn u l-PDG terġa' tiġi taħt il-livell meħtieġ mill-kriterji ta' Maastricht. Forsi l-aħjar proposta għadha dik li jiddaħħlu bonds tal-Unjoni Ewropea kif diġà spjega l-Kumitat⁽⁷⁾. Iżda ovvjament il-problema mhijiex l-istrument tekniku li għandu jintuża, imma iktar is-soluzzjoni.

3.2.3 Barra minn hekk, il-proposta kollha kemm hi timxi skont il-loġika tal-patt ta' stabbiltà fir-rigward tat-talbiet li saru lill-Istati Membri, mingħajr l-ebda innovazzjoni li tindika tibdil f'dawn il-politiki, li ma jistgħux jibqgħu sejrini fl-istess direzzjoni.

3.3 Fuq **perjodu ta' żmien twil**, il-parti li hija l-inqas żviluppata fid-dokument tal-Kummissjoni hija dik li tipprevedi l-evoluzzjoni tal-UEM lejn l-ikkompletar tal-unjoni bankarja u l-unjoni fiskali u ekonomika. M'hemm dubju li l-KESE jaqbel ma' dawn l-għanijiet, sakemm jiġu definiti l-modi neċessarji ta' kif ser jitwettqu. Il-KESE jaqbel li għandha ssir integrazzjoni sħiħa tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, l-iktar fil-qasam tat-taxxi u l-ekonomija, u li għandu jkun hemm baġit wieħed tal-UE b'rizzorsi finanzjarji proprji u b'kapaċità li ta' intaxxar awtonomu.

3.3.1 Fir-rigward tal-aspetti istituzzjonali, il-Komunikazzjoni tiegħa sad-deskrizzjoni, billi tindika kif ser ikun possibbli li tinholq unjoni ekonomika u monetarja msaħħa fl-istruttura legali tagħha u fil-governanza tal-politiki ekonomiċi prinċipali, filwaqt li ma jintmissux il-kundizzjonijiet makroekonomiċi u mikroekonomiċi li għandhom jiżguraw il-fattibbiltà tal-proposti fit-tul.

3.3.2 Il-KESE jqis li dan l-għan daqshekk ambizzjuż jista' jkiseb suċċess f'każ ta' kooperazzjoni msaħħa li jkollha l-għan li timxi lejn unjoni politika. Dan huwa proċess li jista' jseħħ jekk fil-kuntest makroekonomiku internazzjonali jinkisbu r-riformi li s'issa saru parzjalment, li huma parti integrali mir-regolamenti għall-funzjonament tas-swieq tal-kreditu u dawk finanzjarji, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ makroprudenzjali u mikroprudenzjali, it-tnaqqis tal-iżbilanċi makroekonomiċi (l-ewwel nett id-defiċits tal-Istati Uniti u l-bilanċ pożittiv taċ-Ċina) li wasslu għall-kriżi finanzjarja. Mingħajr progress sinifikanti f'din id-direzzjoni ser ikun diffiċli li jiġi evitat il-ħolqien mill-ġdid ta' kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji oħra.

⁽⁷⁾ Idem.

4. Unjoni politika

4.1 Prinċipji ġenerali

4.1.1 Madankollu, il-KESE jilqa' t-tentattiv tal-KE li tiffaċċja d-defiċit demokratiku attwali fl-UE, l-istess bħall-kunsiderazzjoni li l-problema ewlenija hija dik tat-trasferiment tas-sovrani. Għalhekk għandu jitnieda proċess għal unjoni politika li tgħaqqad u tiġġestixxi b'mod komuni wħud mill-politiki "sovrani" li baqgħu nazzjonali, permezz ta' proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet iktar trasparenti u demokratiku, biex jingħata leħen wieħed u governanza Ewropea tal-euro, il-pilastru l-ieħor tal-UEM li għadu nieqes.

4.1.2 F'dan il-kuntest, il-KESE jipproponi:

— li fil-perjodu l-qasir m'hemm b'żonn tibdil fit-Trattat, kif il-KESE spjega biżżejjed fil-proposti tiegħu; għalhekk ikun aħjar li l-isforz jiffoka fuq il-proposti fit-tul;

— li huwa minnu li l-problema hija iktar serja għaż-żona tal-euro. F'dan il-kuntest, bl-ebda mod m'huwa adatt li nkomplu nitkellmu fuq "koordinazzjoni" tal-politiki makroekonomiċi u mikroekonomiċi, iżda pjuttost fuq politiki ekonomiċi komuni kif qed isir għall-unjoni bankarja u għas-sorveljanza komuni fil-livell Ewropew, għall-politika monetarja, eċċ.

4.1.3 Għalhekk mhijiex kwistjoni tad-diffikultajiet tal-involvement tal-PE, imma iktar tal-ħolqien ta' proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet komuni bejn il-pajjiżi taż-żona tal-euro u b'hekk tal-involvement korrispondenti tal-PE. Dak li ma jstax jiġi aċċettat iktar hu li jinżammu politiki ekonomiċi u industrijali indipendenti għal kull pajjiż u politika monetarja komuni li tippenalizza l-ekonomiji tal-iktar pajjiżi dgħajfa, fin-nuqqas ta' strumenti ta' kumpens.

4.2 Nottimizzaw ir-responsabbiltà

4.2.1 Il-KESE jilqa' l-involvement tal-PE fid-diskussjonijiet dwar il-proposti relatati mat-tkabbir, kif ukoll l-involvement korrispondenti tal-parlamenti nazzjonali. L-istess għandu jsir għall-programmi ta' aġġustament, mingħajr ma jiġu limitati għal sempliċi "informazzjoni". Madankollu, għadna fl-ambitu tal-bidliet formali, 'il bogħod minn dak li għandu jsir fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE.

4.2.2 Għall-kuntrarju, jidhru innovattivi l-proposti dwar il-partiti politiċi li jridu jsarrfu kliemhom li jgħidu li huma Ewropej u jkunu verament Ewropej, u b'hekk jaġixxu bħala struttura Ewropea unika u mhux bħala somma ta' għadd ta' speċifitajiet nazzjonali, b'konformità ma' dak li jagħmlu l-Istati Membri individwali jew assoċjazzjonijiet oħra (trejdnjins, min iħaddem...).

4.2.3 Tkun ħaġa tajba li mhux biss il-partiti, kif tipproponi l-KE, imma anke l-organizzazzjonijiet oħra kbar Ewropej (pereżempju t-trejdjunjins, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, eċċ.) tal-inqas fiż-żona tal-euro jorganizzaw lilhom infushom u jaġixxu għall-elezzjonijiet tal-2014. Dan ikun pass importanti 'il quddiem, għad li jkun wieħed insuffiċjenti. Imma jkun eżempju tajjeb għal kulħadd.

4.2.4 Fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet, jeħtieġ li l-PE jingħata poter kostitwenti li (flimkien mal-Kunsill) fi żmien stabbilit minn qabel jindika l-proċess ta' bidla lejn unjoni politika, ħaġa li testendi l-votazzjoni b'maġġoranza għall-materji kollha u d-dritt tal-vot tal-Parlament Ewropew anke dwar it-tkabbir u l-impjeg.

4.3 Il-kwistjonijiet li jinħolqu jekk jinbidel it-Trattat

4.3.1 Il-KESE jqis bħala ħaġa pożittiva li l-politiki ekonomiċi jingħaqdu ma' daww dwar l-impjeg, żewġ naħat tal-istess munita, għad li din hija problema ekonomika mhux legali. Iżda hemm bżonn proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kontenut tal-politiki ekonomiċi li jiġbor flimkien l-Istrateġija Ewropa 2020, il-koordinazzjoni tal-baġits nazzjonali, il-politiki makroekonomiċi u mikroekonomiċi, is-suq tax-xogħol taż-żona tal-euro, eċċ, biex jittieħdu passi lil hinn mis-sistema attwali għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Ma nistgħux nassumu li biex tinbidel l-UEM ser ikun biżżejjed li l-PE jaħtar kummissjoni apposta.

4.3.2 Barra minn hekk, jidher ftit li xejn ċar li naħsbu, li billi l-vice president għall-politiki ekonomiċi ngħata poter ta' koordinazzjoni fl-UEM, għad li f'kollaborazzjoni mal-PE, is-sitwazzjoni attwali tista' tmur għall-aħjar. F'dan il-każ jista' jkun biżżejjed li nieħdu eżempju mill-politika barranija; għal dan ikun hemm bżonn li jingħata poter ġenwin lill-Kummissarju possibbilment lil ministru.

4.3.3 Kwistjoni daqshekk importanti ma tistax tiġi indirizzata b'bidliet legali u parlamentari formali, jekk qabel ma jkunx ġie deċiż trasferiment tas-sovranià fir-rigward tal-politiki ekonomiċi, monetarji u tal-impjeg, mil-livell nazzjonali għal dak Ewropew, kif ippropona l-KESE kemm-il darba. Għandha tinholq governanza ekonomika taż-żona tal-euro, ġestita mill-Grupp tal-euro b'poter tat-teħid tad-deċiżjonijiet u vot b'maġġoranza, flimkien mal-PE, bl-emendi opportuni tat-Trattat, li għandhom isiru minnufih, bl-istess urġenza li biha tnieda l-patt baġitarju, l-unjoni bankarja, eċċ. li jwassal biex jitwettaq suq uniku għall-politiki ekonomiċi u industrijali, it-tkabbir u l-impjeg, b'viżjoni komuni u deċiżjonijiet solidali bejn il-pajjiżi, f'interess iċ-ċittadini tal-UE.

4.4 Rappreżentanza esterna tal-UE

4.4.1 Il-KESE jilqa' l-kontenut tal-proposti dwar ir-rappreżentanza esterna taż-żona tal-euro. Dan huwa punt fokali tal-komunikazzjoni fid-dawl tar-riperkussjonijiet internazzjonali tal-kriżi u r-relazzjoni bejn il-muniti. Fil-fatt illum l-euro tinsab f'sitwazzjoni delikata fost kompetizzjoni iebsa. L-istrateġija preżentata mill-KE biex tiġi kkonsolidata l-preżenza taż-żona tal-euro fl-FMI tikkonsisti fl-ewwel fażi fejn tingħata ta' osservatur, u biss wara dan, jintalab is-siġġu uniku. Dan ifisser perjodi twal, li jdgħajfu ż-żona tal-euro, li għandu jkollha leħen wieħed fid-diversi korpi, fi żmien qasir, bħalma l-KESE ilu jirrakkomanda. Għalhekk, il-proposti tal-KE huma ferm realisti imma timidi u insuffiċjenti fil-perjodu l-qasir u dak medju. Anki hawn-hekk kollox jiddependi minn x'se jagħmel il-Kunsill.

4.5 BĊE

4.5.1 Jidher li mhuwiex suffiċjenti l-approċċ użat fir-rigward tal-BĊE. Barra minn hekk, il-KESE ma jaqbilx li t-Trattat għandu jikkonfronta "li tissaħħa ir-responsabbiltà demokratika fuq il-BĊE" peress li l-BĊE huwa korp fejn id-deċiżjonijiet diġà jittieħdu b'maġġoranza (mhuwiex il-każ fil-Kunsill). Barra minn hekk, il-problemi u r-rwol tal-BĊE huma ta' natura differenti u ma nistgħux nirreferu biss għas-superviżjoni, kif tidher li tagħmel il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Dawn jirrigwardaw l-estensjoni tal-mandat tiegħu għat-tkabbir u l-impjeg, flimkien mal-istabbiltà u l-inflazzjoni.

4.5.2 Għalhekk għandu jiġi żgurat li l-mekkaniżmi ta' trażmissjoni tal-politiki tal-BĊE għall-ekonomija reali jiffunzjonaw b'mod korrett. L-interventi mhux konvenzjonali implimentati dan l-aħħar mill-BĊE biex dawn il-mekkaniżmi jsiru iktar effikaċi, li huma konsistenti kemm fil-provvista tal-likwidità għas-sistema bankarja (il-programmi Programm ta' xiri ta' bonds koperti (CBPP) u Operazzjoni ta' Rifinanzjament fit-Tul (LTRO)) kif ukoll fl-akkwist tat-titoli tal-Istat fis-suq sekondarju (il-Programm għas-Suq tat-Titoli u tranżazzjonijiet monetarji diretti (OMT)), jistgħu jitqiesu bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni mixtieqa imma għadhom ma jikkontribwux għar-rwol tal-BĊE bħala sellief tal-aħħar istanza, b'deċiżjoni awtonoma tiegħu meta jkun hemm bżonn, kundizzjoni li (kif diġà ġie nnotat) teħtieġ bidla fit-Trattati.

4.5.3 Għandhom jissaħħu l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti ta' intervent tal-BĊE fid-dawl tar-rwol tiegħu ta' sellief tal-aħħar istanza, mhux biex jiżied id-dejn tal-Istati Membri jew tal-UE, imma biex l-euro tingħata iktar kredibbiltà u biex jiġu limitati l-attakki spekulattivi fir-rigward tad-dejn sovrani tal-pajjiżi l-iktar midjuna. Il-KESE jfakkar, b'mod partikolari b'rabta mal-impatt tal-interventi tal-BĊE fuq is-sostenibbiltà tad-dejn sovrani, li t-tħabbira waħidha ta' din il-manuvra fil-fatt ikkontribwiet għat-tnaqqis tat-tensjonijiet preżenti kemm fis-suq tal-ishma tad-dejn pubbliku tal-pajjiżi taż-żona tal-euro kif ukoll fuq is-swieq finanzjarji u tal-kreditu.

4.6 Qorti tal-ġustizzja

4.6.1 It-tisħiħ tar-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa ħaġa pożittiva fil-fehma tal-KESE, imma mhux fil-kamp propost mill-Komunikazzjoni (proċedura ta' infrazzjoni tal-Istati Membri). Dan ifisser li tiġi perpetwata l-konvinzjoni li l-problemi ekonomiċi, inkluż id-dejn, huma problemi tekniċi u legali u mhux problemi politiċi li għandhom jiġu fdati lil proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE demokratiku u trasparenti, li fuqu ċ-ċittadini huma sovrani.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta’ fondi”

COM(2013) 44 final — 2013/0024 (COD)

u dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu”

COM(2013) 45 final — 2013/0025 (COD)

(2013/C 271/05)

Relatur: **is-Sur ZEEB**

Il-Kunsill, nhar it-28 u s-27 ta’ Frar 2013 b’konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Parlament, nhar it-12 ta’ Marzu 2013 b’konformità mal-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iddeċidew li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu

COM(2013) 45 final – 2013/0025 (COD)

u

l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta’ fondi

COM(2013) 44 final – 2013/0024 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-24 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-23 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’145 vot favur u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ il-“KESE”) jilqa’ l-proposti tal-Kummissjoni intiżi biex jadattaw il-qafas regolatorju Ewropew fid-dawl tal-bidliet li saru fl-istandards internazzjonali tal-prevenzjoni u l-għieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-kriminali li jabbużaw mis-sistema finanzjarja u l-faċilitajiet li joffri s-suq intern jipperikolaw is-sisien tas-soċjetà tagħna. Fil-fehma tal-KESE, huwa essenzjali li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jkollhom mezzi effikaċi biex isaħħu l-integrità u t-trasparenza tat-tranżazzjonijiet finanzjarji. F’dan ir-rigward, m’hemmx dubju li l-proposti tal-Kummissjoni se jrin fid-direzzjoni t-tajba.

1.2 Il-KESE jilqa’ l-kjarifiki li saru fl-obbligi ta’ diliġenza li jridu jimplimentaw il-professjonisti fir-rigward tal-benefiċjarji effettivi tal-kumpaniji minn naħa, biex b’hekk tinkiseb trasparenza akbar dwar il-persuni fiżiċi li jaġixxu minn wara l-kwinti li tista’ toħloq persuna ġuridika, kif ukoll fir-rigward tal-persuni

politikament esposti li jista’ jkollhom riskju akbar li jirrikorru għall-korruzzjoni minħabba l-funzjonijiet tagħhom min-naħa l-oħra. Il-KESE japprova wkoll l-inklużjoni tal-fornituri ta’ servizzi tal-logħob tal-flus fil-lista tal-professjonisti obbligati peress li dan is-settur jista’ jintuża għall-finijiet tal-ħasil tal-flus.

1.3 Il-KESE jilqa’ l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li l-Unjoni Ewropea tkun fuq quddiem nett fil-għieda kontra l-ħasil tal-flus u t-terroriżmu. Il-KESE jikkunsidra li wieħed mill-modi biex ikun żgurat li l-qafas regolatorju Ewropew il-ġdid ikun effettiv u għalhekk jippermetti lill-UE tmexxi fil-għieda kontra l-ħasil tal-flus, huwa li l-partijiet interessati kollha jingħaqdu flimkien. Il-KESE jilqa’ l-kjarifiki miżjudin fil-proposta biex tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rigward tal-SMEs. Il-KESE jħoss li huwa xieraq li l-entitajiet iż-żgħir jingħataw għajnuna teknika u professjonali permezz ta’ korpi intermedjarji bħall-kmamar tal-professjonisti, l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jilhq l-obbligi stabbiliti fil-proposta.

1.4 Il-KESE jifraħ li l-Kummissjoni daħlet għall-kompitu delikat li ssib bilanċ bejn kwistjonijiet li *a priori* jidher li hu diffiċli li jiġu rikonċiljati, jiġifieri l-protezzjoni tad-data personali u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. L-għan tal-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni, inkluża d-data personali, minn firxa wiesgħa ta' professjonisti hu biss li jiġu identifikati l-attivitajiet kriminali. Għalhekk, il-professjonisti jridu jipproteġu kemm jista' jkun il-ħajja privata tal-klijenti tagħhom filwaqt li tkun il-prijorità tagħhom li jgħinu lill-awtoritajiet nazżjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

1.5 Il-KESE jilqa' l-proposta għall-armonizzazzjoni Ewropea tas-sanzjonijiet li japplikaw fis-settur finanzjarju. Il-prevenzjoni tal-kriminalità għandha tkun kemm jista' jkun effikaċi u l-professjonisti għandhom jingħataw sanzjonijiet dissważivi u proporzjonati mal-ammonti tal-ħasil tal-flus. Il-KESE għalhekk jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti u korretta tal-pieni u s-sanzjonijiet amministrattivi.

2. Il-kuntest

2.1 Il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva jheddu s-sigurtà dinjija u l-integrità tas-sistema finanzjarja. It-Task Force għal Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force – FATF) huwa l-korp inkarigat fil-livell internazzjonali biex ifassal miżuri, imsejħin rakkomandazzjonijiet, għall-prevenzjoni u l-ġlieda tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u, dan l-aħħar, il-finanzjament tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva.

2.2 Matul kważi tliet snin ir-rakkomandazzjonijiet tal-FATF ġew riveduti sabiex isaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni u jipproteġu aħjar is-sistema finanzjarja billi lill-gvernijiet jipprovdulhom strumenti aktar qawwija biex jippenalizzaw il-każijiet ta' ksur gravi. B'hekk l-FATF adotta rakkomandazzjonijiet ġodda fi Frar 2012 ⁽¹⁾.

2.3 Il-bidliet essenzjali li saru fir-rakkomandazzjonijiet il-ġodda tal-FATF huma dawn li ġejjin:

2.3.1 Ir-rakkomandazzjonijiet jispjegaw b'mod aktar ċar il-kunċett tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju li jridu jadottaw il-pajjiżi u l-entitajiet obbligati (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-professjonisti") bil-għan li jifhmu aħjar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (minn hawn 'il quddiem imsejħin "HF/FT") li jiffaċċjaw, u li jadattaw is-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom biex b'hekk ikunu jistgħu jallokaw ir-riżorsi tagħhom b'mod adegwat skont in-natura tar-riskji identifikati.

2.3.2 Ir-rakkomandazzjonijiet jipprovdu l-kjarifiki meħtieġa rigward in-natura tal-obbligi li għandhom il-professjonisti.

Jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni (i) tal-obbligu li jkun hemm trasparenza rigward l-identità tal-benefiċjarji effettivi tal-kumpaniji u tal-benefiċjarji tat-trasferimenti elettroniċi kif ukoll (ii) tal-obbligu li jiġu identifikati l-persuni politikament esposti li jista' jkollhom riskju akbar li jirrikorru għall-korruzzjoni minħabba l-funzjonijiet tagħhom.

2.3.3 Ir-rakkomandazzjonijiet jipprovdu mezzi aktar effikaċi biex l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni kriminali u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja jwettqu l-investigazzjonijiet tagħhom, u jsaħħu l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-inkjesti, il-monitoraġġ u l-prosekuzzjoni tal-każijiet ta' ksur gravi.

2.4 L-FATF ser jibda ċiklu ġdid ta' evalwazzjoni reċiproka tal-membri tiegħu fl-2014, u ser jiffoka b'mod partikolari fuq l-effikaċja tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet il-ġodda tiegħu.

3. Il-Proposta tal-Kummissjoni

3.1 Il-proposta għar-raba' Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-HF/FT u dik dwar it-tieni Regolament fuq l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi jagħmlu parti mill-aġġornament tal-qafas regolatorju Ewropew u l-għan tagħhom hu li jirriflettu l-bidliet li saru fir-rakkomandazzjonijiet tal-FATF.

3.2 Il-bidliet ewlenin li dawn il-proposti jagħmlu fil-qafas regolatorju Ewropew huma dawn li ġejjin:

3.2.1 Fil-lista tal-professjonisti jiġu inklużi (i) in-negozjanti li jikkonkludu tranżazzjoni bi flus kontanti f'ammont akbar minn EUR 7 500 ⁽²⁾, (ii) il-fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-flus u tal-azzard, u (iii) l-aġenti tal-kiri.

3.2.2 Ir-reati fiskali jitniżżlu b'mod speċifiku bħala reati predikati tal-ħasil tal-flus.

3.2.3 Il-Proposta għal Direttiva tispeċifika li l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, sew fil-livell sopranazzjonali, sew f'dak nazżjonali u sew f'dak ta' kull professjonista, għandu jiġi implimentat abbażi ta' livelli ta' diliġenza stabbiliti f'lista minima ta' fatturi li jridu jiġu kkunsidrati jew f'linji gwida mħejjija mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej.

3.2.4 L-awtoritajiet superviżorji Ewropej (l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) huma mħeġġin jipparteċipaw fl-analiżi tar-riskji tal-HF/FT fi ħdan l-Unjoni Ewropea u jippubblikaw standards regolatorji tekniċi għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

⁽¹⁾ www.fatf-gafi.org

⁽²⁾ Bħalissa l-limitu hu ta' EUR 15 000.

3.2.5 Il-professjonisti jridu jiksbu informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi u jqisu l-persuni politikament esposti f'livell nazzjonali jew li jaħdmu ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħala kategorija ta' klijenti b'riskju partikolari.

3.2.6 Għet stabbilita lista ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-każijiet meta l-professjonisti jiksru b'mod sistematiku r-rekwiżiti fundamentali tad-Direttiva.

3.3 Il-bidliet proposti huma bbażati l-aktar fuq studju ⁽³⁾ dwar l-applikazzjoni tat-tielet Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-HF/FT imwettaq minn ditta tal-awditjar indipendenti kif ukoll fuq il-pożizzjonijiet li rċeviet il-Kummissjoni matul il-konsultazzjoni pubblika tagħha.

3.4 Il-Proposta għal Direttiva u l-Proposta għal Regolament huma maħsuba biex jieħdu post id-Direttiva u r-Regolament attwali, li ser jitħassru.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jaqbel li hemm bżonn jiġi adattat il-qafas regolatorju Ewropew eżistenti dwar il-ġlieda kontra l-HF/FT fid-dawl tal-bidliet li saru fil-livell internazzjonali. Il-KESE huwa konxju li l-fenomeni tal-HF/FT jolqot is-setturi kollha tal-ekonomija u li għandu jiġi żgurat b'mod partikolari li l-qafas regolatorju jippreveni b'mod effikaċi l-użu tas-sistema finanzjarja għal finijiet kriminali.

4.2 Il-KESE jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li l-Unjoni Ewropea tkun fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u t-terroriżmu. Ifakkar fil-pożizzjoni li ħa diġà f'Opinjoni preċedenti tiegħu fejn jilqa' l-iżvilupp kontinwu tar-regoli biex jipprevenu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu bħala sinjal li juri li l-Unjoni Ewropea qed tiżgura standards għoljin ta' integrità u mgħiba pubblika u privata tajba. Id-Direttiva hi kemm pass Prattiku fil-ġestjoni tal-affarijiet finanzjarji kif ukoll mezz biex tissaħħa l-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾.

4.3 Il-KESE jaħseb li jekk il-limitu li meta jinqabeż in-negozjanti jridu jimplimentaw l-obbligi previsti fil-Proposta għal Direttiva jonqos minn EUR 15 000 għal EUR 7 500, dan

ikun pass ieħor fid-direzzjoni t-tajba biex jiġu promossi l-pagamenti mhux bil-flus. Il-KESE diġà osserva f'Opinjoni preċedenti ⁽⁵⁾ li l-flus kontanti huma meqjusa bħala fattur li jiffaċilita l-ekonomija illeġittima u li l-pagamenti mhux bil-flus huma aktar trasparenti mil-lat fiskali u ekonomiku, irħas għas-soċjetà kollha, prattiċi, siguri u innovattivi.

4.4 L-appoġġ għall-“entitajiet iż-żgħar”

4.4.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-aġenti tal-kiri u l-fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard huma soġġetti għall-obbligi tal-ġlieda kontra l-HF/FT, filwaqt li dawn l-entitajiet mhumiex inklużi fir-rakkomandazzjonijiet tal-FATF.

4.4.2 Il-KESE jilqa' l-kjarifiki miżjudin fil-proposta biex tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rigward tal-SMEs. Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet iż-żgħar ikunu jistgħu jirrispettaw l-obbligi inklużi fid-Direttiva proposta, il-KESE jissuġġerixxi li fil-livell nazzjonali jiġi involuti b'mod formali korpi intermedjarji, pereżempju kmamar tal-professjonisti, assoċjazzjonijiet jew federazzjonijiet li jirrappreżentaw l-“entitajiet iż-żgħar”, u li dawn jingħataw setgħat ta' gwida, appoġġ u medjazzjoni. L-appoġġ għall-“entitajiet iż-żgħar” huwa essenzjali sabiex dawn ma jispiċċawx il-mira ewlenija ta' dawk li jaħslu l-flus.

4.5 L-adattament tar-rekwiżiti ta' identifikazzjoni għall-era diġitali

4.5.1 L-obbligu tal-identifikazzjoni tal-persuni għandu jitwettaq fil-preżenza fiżika tagħhom. Fin-nuqqas ta' dan, il-professjonisti jridu japplikaw il-miżuri ta' diliġenza msaħħa minħabba r-riskju marbut mat-tranżazzjonijiet li jsiru mill-bogħod. Il-KESE jistaqsi jekk dan it-tip ta' rekwiżit huwiex adegwat fid-dawl tal-mixja tas-soċjetà tagħna lejn soċjetà fejn kolloxx ikun diġitali.

4.5.2 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tirrifletti dwar miżuri li jadattaw l-obbligi tal-identifikazzjoni tal-klijenti għall-użu dejjem iżjed frekwenti tal-pagamenti u l-komunikazzjonijiet elettroniċi.

4.6 Il-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data personali u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

4.6.1 Il-KESE jenfasizza kemm hu importanti li jinsab bilanċ bejn l-interessi marbutin mal-protezzjoni tad-data personali minn naħa, u s-salvagwardja tal-integrità tas-sistema finanzjarja bis-saħħa tal-ġlieda kontra l-HF/FT min-naħa l-oħra.

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/financial-crime/20110124_study_amld_en.pdf

⁽⁴⁾ ĠU C 267, 27.10.2005, p. 30-35 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ ĠU C 351, 15.11.2012, p. 52.

4.6.2 Peress li l-kunċett tal-ġlieda kontra l-HF/FT jissejjes fuq il-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni, inkluża d-data personali, minn firxa wiesgħa ta' professjonisti, il-KESE jemmen li hemm bżonn li l-proposti jissodisfaw fil-parti l-kbira r-rekwiżiti maħsubin sew għall-Istati Membri u sew għall-professjonisti bil-għan li jinsab bilanċ aħjar bejn kwistjonijiet li *a priori* hu diffiċli li jiġu rikonċiljati.

4.6.3 Fir-rigward tal-obbligu previst fl-Artikolu 39 tal-Proposta għal Direttiva li d-dokumenti u l-informazzjoni jinqerdu wara ħamsa jew għaxar snin li tispiċċa r-relazzjoni ta' negozju, il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-leġislazzjoni tagħhom tipprevedi sitwazzjonijiet (bħall-prosekuzzjoni kriminali, fallimenti jew suċċessjoni) fejn dan l-obbligu ma japplikax, bħala prevenzjoni biex dan ma jmurx kontra l-interess ġenerali.

4.6.4 Il-KESE jipproponi li d-Direttiva tipprevedi b'mod espliċitu l-obbligu li tinżamm b'mod strett in-natura kunfidenzjali tal-identità tal-persuni li jagħmlu sqarrijiet dwar tranżazzjoni suspettuża, ħliet jekk dawn il-persuni jaqblu li tinkixef l-identità tagħhom, jekk ikun essenzjali li tinkixef l-identità tagħhom biex tiġi garantita proċedura ġusta tal-qorti fil-kuntest ta' każ kriminali.

4.7 Bażi għal-leġittimità tal-intervent tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej

4.7.1 Il-KESE jinnota li l-awtoritajiet superviżorji Ewropej ser jiġu involuti fl-analiżi tar-riskji tal-HF/FT fil-livell Ewropew u jistgħu joħorġu linji gwida u standards regolatorji għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Għalkemm il-KESE jenfasizza l-importanza tal-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji Ewropej b'rabta mal-ġlieda Ewropea kontra l-HF/FT, hu jinnota li dawn jistgħu biss jirrappreżentaw is-settur finanzjarju u jirregolawh b'mod limitat. Però għadd kbir ta' professjonisti obbligati ma jagħmlux parti mis-settur finanzjarju u għaldaqstant mhumiex rappreżentati fil-livell Ewropew. Barra minn hekk, il-KESE jipproponi li fil-livell Ewropew il-Kummissjoni tkun involuta fl-analiżi tar-riskji u fil-ħruġ ta' linji gwida fisem il-professjonisti mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligi tal-ġlieda kontra l-HF/FT.

4.7.2 Il-KESE hu konvint li hemm bżonn ta' rakkomandazzjonijiet u standards ta' interpretazzjoni armonizzati fil-livell Ewropew sabiex ir-regoli tal-ġlieda kontra l-HF/FT jiġu applikati b'mod aktar uniformi fl-Istati Membri.

4.8 Sanzjonijiet amministrattivi

4.8.1 Il-proposti jistabbilixxu lista ta' sanzjonijiet amministrattivi li tkompli mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 dwar ir-"Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar

fis-settur tas-servizzi finanzjarji" li l-KESE ħareġ opinjoni⁽⁶⁾ dwarha u li tinsab ukoll fi proposti reċenti oħra tal-Kummissjoni⁽⁷⁾.

4.8.2 Il-KESE jinkoraġġixxi l-armonizzazzjoni Ewropea tas-sanzjonijiet li japplikaw fis-settur finanzjarju. Ta' min jinnota li r-repressjoni tal-kriminalità ma twaqqafx il-kriminalità. Għalhekk huwa essenzjali li l-prevenzjoni tal-kriminalità tkun kemm jista' jkun effikaċi u li jkun jistgħu jingħataw sanzjonijiet dissuważivi u proporzjonati mal-ammonti tal-ħasil tal-flus lil dawk il-professjonisti li ma jirrispettawx l-obbligi tagħhom marbuta mal-ġlieda kontra l-HF/FT.

4.8.3 Il-KESE jistaqsi jekk is-sanzjonijiet pjanati humiex ta' natura purament "amministrattiva", u jibża' li dan jista' jixħet dubju fuq is-severità tas-sanzjonijiet amministrattivi proposti fid-dawl tal-ġerarkija tal-istandards legali u tal-proporzjonalità tas-sanzjonijiet kriminali. Għalkemm is-sanzjonijiet amministrattivi pjanati huma dissuważivi u għandhom l-għan li tinkiseb armonizzazzjoni Ewropea, huwa minnu wkoll li s-sanzjonijiet kriminali għall-ħasil tal-flus iwarjaw minn pajjiż għal ieħor. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti u korretta tas-sanzjonijiet amministrattivi imposti fuq il-professjonisti minħabba li jonqsu milli jimplimentaw l-obbligi tagħhom relatati mal-ġlieda kontra l-HF/FT u l-pieni li japplikaw f'każ ta' ħasil tal-flus.

4.8.4 Il-KESE jibża' li jista' jinxteħet dubju fuq il-konformità tal-iskema ta' sanzjonijiet amministrattivi mal-Artikoli 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan bir-riskju li ċerti sanzjonijiet amministrattivi jitqiesu bħala "pieni" li jistgħu jingħataw biss minn qorti indipendenti wara proċess ġust filwaqt li l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni ssib is-soluzzjonijiet legali adegwati sabiex tiżgura li ma jkun jista' jinxteħet l-ebda dubju fuq l-iskema ta' sanzjonijiet proposta.

4.8.5 Il-KESE jemmen li – fil-proposta – l-introduzzjoni ta' regoli bbażati fuq il-prinċipju ta' limiti minimi sabiex jiġu applikati miżuri u pieni amministrattivi, tirrappreżenta approċċ li jtejjeb ir-rispons tal-UE b'mod ġenerali.

5. Kummenti partikolari

5.1 Il-KESE jirrakkomanda li titwessa' d-definizzjoni ta' finanzjament tat-terroriżmu mogħtija fl-Artikolu 1(4) tal-Proposta għal Direttiva sabiex tinkludi "kull att ieħor" minbarra r-reati msemmijin, b'konformità mal-formulazzjoni tar-rakkomandazzjoni 5 tal-FATF.

⁽⁶⁾ ĠU C 248, 25.8.2011, p. 108.

⁽⁷⁾ COM(2011) 651 final, COM(2011) 656 final, COM(2011) 683 final.

5.2 Il-KESE jinnota li l-annessi tal-Proposta għal Direttiva jistabbilixxu lista ta' fatturi u elementi ta' riskju li l-professjonisti jridu jivverifikaw fil-qafas tal-obbligi tagħhom b'rabta mal-ġlieda kontra l-HF/FT. Il-KESE jemmen li l-listi provduti fl-annessi mhumiex eżawrjenti u li l-professjonisti għandhom jikkunsidraw ukoll, b'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, fatturi oħra li huma marbuta mill-qrib mal-Istati Membri u ċ-ċirkos-tanzi differenti tat-tranżazzjonijiet li jikkonkludu.

5.3 Il-KESE jemmen li s-soluzzjoni għall-problemi tal-piraterija hi li jiġu traċċati u mraġżżna l-flussi finanzjarji involuti. Fl-UE għandha tinholq "blacklist" ta' istituzzjonijiet finanzjarji involuti fil-ħasil tal-flus tal-piraterija. Il-Bank Dinji, l-Interpol u l-Europol jistgħu jgħinu fil-ġlieda biex jiġu identifikati l-flus tal-fidwa (ransoms), li għandhom jiġu traċċati u konfiskati sabiex il-piraterija ma tibqax negozju attraenti ⁽⁸⁾.

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽⁸⁾ ĠU C 76, 14.3.2013, p. 15.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji”

COM(2013) 71 final — 2013/0045 (CNS)

(2013/C 271/06)

Relatur: **is-Sur PALMIERI**

Nhar it-28 ta' Frar 2013, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji

COM(2013) 71 final - 2013/0045 (CNS).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-24 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-23 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'94 vot favur, 38 vot kontra u 9 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), b'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew⁽¹⁾, tal-Kumitat tar-Reġjuni⁽²⁾ u mal-opinjoni preċedenti⁽³⁾, jilqa' b'mod favorevoli l-proposta mressqa mill-Kummissjoni biex tiġi introdotta l-ewwel taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) reġjonali fid-dinja.

1.2 Filwaqt li jfakkar li huwa kien irrakkomanda l-applikazzjoni ta' TTF fil-livell dinji, il-KESE jemmen li l-applikazzjoni tagħha fil-livell reġjonali (żona UE11+), bis-saħħa tal-involvement ta' 11-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea⁽⁴⁾, tista' tirrappreżenta opportunità ta' importanza eċċezzjonali, li tista' twassal għall-applikazzjoni futura tagħha madwar id-dinja.

1.3 Il-KESE jtenni l-importanza tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa bħala strument li jippermetti lill-Istati Membri jiksibu l-aktar ftehim wiesa' possibbli f'ċerti oqsma ta' politika stabbiliti fit-Trattati⁽⁵⁾, u b'hekk jiġi newtralizzat l-imblokk tal-unanimità li sikwit daħħal lill-UE f'sitwazzjoni ta' staġnar politiku u ekonomiku.

⁽¹⁾ (2010/2105 (INI)).

⁽²⁾ ĠU C 113, 18.4.2012, p. 7–10.

⁽³⁾ ĠU C 44, 11.2.2011, p. 81–89; ĠU C 248, 25.8.2011, p. 64–67; ĠU C 248, 25.8.2011, p. 75–80; ĠU C 181, 21.6.2012, p. 55–63.

⁽⁴⁾ Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja.

⁽⁵⁾ L-użu tal-kooperazzjoni msaħħa huwa rregolat mill-Artikolu 20 tat-TUE u mill-Artikoli 326 sa 334 tat-TFUE.

1.4 Il-KESE jqis li wieħed mill-punti b'saħħithom tal-proposta għal TTF huwa l-fatt li hija taxxa b'bażi tat-taxxa wiesgħa u li għandha żewġ rati tat-taxxa baxxi li jnaqqsu l-effetti negattivi ta' distorsjoni. Il-KESE jemmen li l-introduzzjoni ta' taxxa fiż-żona EU11+ ser tippromovi l-ħolqien ta' suq finanzjarju uniku. Għaldaqstant jirrakkomanda li t-TTF tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 u jqis li l-introduzzjoni gradwali mhijiex adegwata.

1.5 Il-KESE jqis li biex jiġi massimizzat l-impatt tat-taxxa fuq it-tkabbir ekonomiku, id-dħul li ser tiġġenera din it-taxxa għandu jiġi allokati lil programm ta' investiment fil-livell nazzjonali u tal-UE li jkun jista' jiżgura l-irkupru ekonomiku u johlq l-impjiegi fil-perjodu qasir.

1.6 Il-KESE bi pjaċir jenfasizza li, sabiex jiġi newtralizzat jew tal-anqas jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitàjiet finanzjarji, il-Kummissjoni – fil-proposta l-għdida għat-TTF – assoċjat il-prinċipju tar-residenza (jew tat-territorjalità) (propost fil-verżjoni oriġinali) mal-prinċipju tal-ħruġ (*issuance principle*), li ġie propost mill-Parlament Ewropew u appoġġjat mill-KESE fl-Opinjoni preċedenti tiegħu⁽⁶⁾. Il-KESE jinnota li l-applikazzjoni kumulattiva ta' dawn il-prinċipji tista' tfisser li f'ċerti każijiet anke l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri li ma jipparteċipawx ikunu soġġetti għat-taxxa. Għaldaqstant, il-KESE jqis opportuni – f'konformità ma' dak li ppropona l-Parlament Ewropew – li ssir analiżi ddettaljata u negozjati f'waqthom ma' pajjiżi terzi sabiex jiġi faċilitat il-ġbir tat-TTF.

⁽⁶⁾ ĠU C 181 tal-21.6.2012, p. 55–63.

1.7 Il-KESE, f'konformità mal-Parlament Ewropew, iqis opportun li l-prinċipji ta' residenza u ta' emissjoni jiġu integrati mal-prinċipju ta' sjieda. Dan jista' jwassal biex ikun riskjuż b'mod effettiv u jkun ħafna flus l-evitar tat-TTF, u jiggarrantixxi li t-taxxa tiġi applikata aħjar.

1.8 Il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-bidliet kontra l-evitar u l-evazzjoni introdotti mill-Kummissjoni bil-għan li tittejjeb il-ġestjoni tat-taxxa. Il-Kumitat jappoġġja l-introduzzjoni ta' eżenzjoni għat-tranżazzjonijiet tas-suq primarju li jinvolvu l-impriżi għall-investment kollettiv fit-titoli trasferibbli (UCITS – units of undertakings for collective investments in transferable securities) u l-fondi ta' investment alternattiv (AIF – Alternative Investment Funds) sabiex jiġi promoss il-finanzjament tal-intrapriżi.

1.9 Il-KESE jiddispijaċi li l-valutazzjoni tal-konsegwenzi makro u mikroekonomiċi tal-applikazzjoni tat-TTF hija prevista biss wara tliet snin mid-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni kkonċernata. Huwa jitlob li l-Kummissjoni twettaq tali attività ta' kontroll u ta' verifika b'mod permanenti (monitoraġġ annwali). B'dan il-mod, ser ikun possibbli li naslu għal valutazzjoni immedjata tal-effetti tat-TTF, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu proposti korrezzjonijiet f'waqthom fl-applikazzjoni tat-TTF.

1.10 Fid-dawl tal-fatt li l-KESE preċedement kien ikkritika n-nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' valutazzjoni mal-proposta oriġinali tat-TTF, jilqa' b'mod favorevoli l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ħadet azzjoni biex tikkoreġi parzjalment dan in-nuqqas. Il-KESE jenfasizza li, fir-rigward tal-valutazzjoni kwanтитativa tal-effetti tal-proposti, jeħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb il-mudelli li huma disponibbli bħalissa, billi tadattahom għall-valutazzjoni ta' alternattivi ta' politika. B'mod partikolari, il-Kumitat jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni biex, fejn ikun possibbli, jipproduċu stimi relatati mal-karatteristiċi attwali tal-proposti speċifiċi li saru.

1.11 Il-KESE jiddispijaċi li, peress li t-TTF ma tistax tiġi applikata fis-27 Stat Membru tal-UE kollha, il-baġit tal-UE huwa nieqes minn pilastru fundamentali tas-sistema ta' riżorsi proprji. Din is-sistema kellha twassal biex terġa' tiġi garantita l-awtonomija finanzjarja meħtieġa tal-UE, kif stabbilit oriġinarjament fl-Artikolu 201 tat-Trattat ta' Ruma.

1.12 Il-KESE jisħaq li fl-applikazzjoni tat-TTF, l-entitajiet ta' ġestjoni, permezz tal-koordinazzjoni neċessarja bejn l-Istati Membri, iridu jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' evitar u evazzjoni, kif ukoll inaqqsu l-ispejjeż amministrattivi ta' ġestjoni.

1.13 Filwaqt li jtenni l-bżonn ta' monitoraġġ fid-dettall tal-effetti tat-taxxa fuq il-fondi tal-pensjonijiet u l-pensjonanti

futuri, il-KESE ma jirrakkomandax li dawn jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TTF.

1.14 Waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala korp konsultattiv tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-KESE jiddikjara mill-ġdid l-intenzjoni tiegħu li jimpenja ruħu biex iwettaq monitoraġġ kontinwu tal-proċess li permezz tiegħu l-proposta tal-Kummissjoni twassal għal leġislazzjoni.

2. Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-kuntest ta' sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF)

2.1 Il-proposta għal Direttiva tal-Kummissjoni Ewropea (7) tirrifletti l-proposta preċedenti li f'fisslet f'Settembru 2011 (8). Minkejja l-fatt li ma rċevitx appoġġ unanimu fil-Kunsill, din il-proposta madankollu ħeġġet 11-il Stat Membru tal-UE biex jagħmlu talba uffiċjali lill-Kummissjoni nhar it-28 ta' Settembru 2012 sabiex il-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa tintuża biex tiġi stabbilita TTF.

2.2 Wara li vvalutat il-fattibbiltà ta' din it-talba u stabbilixxiet li l-kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tat-TTF ma kienx ser ikollha effett negattiv fuq is-suq intern jew fuq il-kompetenzi, id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri li ma kinux qed jippar-tecipaw, f'Ottubru 2012 il-Kummissjoni fasslet deċiżjoni biex tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa, liema deċiżjoni tressqet quddiem il-Parlament Ewropew f'Diċembru 2012 u rċeviet l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill ECOFIN f'Jannar 2013.

2.3 Il-proposta tal-Kummissjoni tirrifletti essenzjalment il-proposta oriġinali; iddaħħlu xi bidliet bil-għan li: i) tiġi żgurata ċarezza leġislattiva aħjar, u ii) jissaħħew id-diżpożizzjonijiet kontra l-abbuż u kontra l-evitar tat-taxxa kif mitlub mill-11-il Stat Membru.

2.3.1 Ġew affermati mill-ġdid u msaħħa t-tliet għanijiet oriġinali: i) it-tisħiħ tas-suq uniku billi jiġu newtralizzati l-approċċi nazzjonali diverġenti lejn it-tassazzjoni fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji; ii) l-iżgurar li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi b'mod ġust għall-finanzi pubbliċi bl-istess mod bħas-setturi l-oħra; iii) il-promozzjoni tal-investment mis-sistema finanzjarja fl-ekonomija reali.

2.3.2 Bħal fil-proposta oriġinali, il-bażi tat-taxxa hija wiesgħa u r-rati minimi huma baxxi: 0,1 % għat-tranżazzjonijiet finanzjarji li jikkonċernaw ishma, bonds, unitajiet f'impriżi ta' investment kollettiv, strumenti tas-suq monetarju, ftehimiet ta' riakkwist u ta' self; u 0,01 % għat-tranżazzjonijiet finanzjarji li jinvolvu kuntratti tad-derivati.

(7) COM(2013) 71 final.

(8) COM(2011) 594 final.

2.3.3 Sabiex ma jiġix ostakolat l-iżvolġiment normali tal-ekonomija reali, it-taxxa mhux ser tapplika: i) għall-attivitàjiet finanzjarji ta' kuljum taċ-ċittadini u tal-intrapriżi (self, pagamenti, assigurazzjoni, depożiti, eċċ.); ii) għall-attivitàjiet bankarji tradizzjonali ta' investiment li jsiru fil-kuntest tal-ġbir tal-kapitali jew għall-operazzjonijiet finanzjarji li jsiru fil-qafas tar-ristrutturar; iii) għall-attivitàjiet ta' rifinanzjament, tal-politika monetarja u għall-ġestjoni tad-dejn pubbliku; iv) għat-tranżazzjonijiet tas-suq primarju li jinvolvu l-UCITS u l-AIFs. Għaldaqstant, ser jiġu esklużi t-tranżazzjonijiet mal-Bank Ċentrali Ewropew, mal-banek ċentrali tal-Istati Membri, mal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u dawk mal-UE.

2.3.4 Il-proposta żżomm il-prinċipju tar-residenza jew tat-territorjalità, li skontha, jekk l-istituzzjoni finanzjarja involuta fit-tranżazzjoni hija stabbilita fiż-żona ta' applikazzjoni tat-TTF jew tkun qed taġixxi fisem korp ibbażat f'dik iż-żona, it-tranżazzjoni hija soġġetta għat-taxxa irrispettivament minn liema żona ġeografika tkun twettqet.

2.3.5 Sabiex tiġi skoraġġguta d-delokalizzazzjoni lil hinn miż-żona ta' applikazzjoni tat-TTF ġie introdott il-prinċipju tal-ħruġ, kif mitlub mill-Parlament Ewropew u appoġġjat mill-KESE. Skont dan il-prinċipju, tranżazzjoni hija soġġetta għat-TTF jekk il-prodott finanzjarju kkonċernat jinħareġ f'wieħed mill-11-il Stat Membru li jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa, indipendentement mill-fatt li s-suġġetti tat-tranżazzjoni jgħixu barra miż-żona ta' applikazzjoni tat-TTF jew barra mill-post fejn issir it-tranżazzjoni.

2.3.6 L-effett kombinat taż-żewġ prinċipji (il-prinċipju tar-residenza u l-prinċipju tal-ħruġ) jinnewtralizzazzjoni jew tal-anqas inaqas b'mod sinifikanti l-inklinazzjoni għad-delokalizzazzjoni lil hinn miż-żona tat-TTF biex tiġi evitata t-taxxa. Fil-fatt, sabiex tevita t-taxxa, l-istituzzjoni finanzjarja jkollha tabbanduna l-bażi ta' klijenti tagħha residenti fiż-żona tat-TTF u tiegħ topera l-prodotti finanzjarji kollha maħruġa f'dik iż-żona. Barra minn hekk, ta' min ifakkar li din iż-żona tikkostitwixxi 2/3 tal-PDG tal-UE u 90 % tal-PDG taż-żona tal-euro. Dan il-fatt juri li mhuwiex għaqli li titfassal strateġija ta' noninterazzjoni ma' dan is-suq, fejn l-uniformità tat-taxxa fuq is-swieq finanzjarji għandha tikkontribwixxi sew għall-ksib tas-suq uniku.

2.3.7 Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, id-dħul mit-taxxa għandu jammonta għal madwar EUR 30-35 biljun fis-sena. Dan huwa daqs madwar 60,0 % tad-dħul stmat preċedentement (EUR 57 biljun) meta kien ipplanat li t-taxxa tiġi applikata għall-Istati Membri kollha tal-UE. Dan id-dħul jinqasam hekk: EUR 13-il biljun mill-ishma u t-titoli, u EUR 21 biljun mid-derivati.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Matul dawn l-aħħar snin, bosta Stati Membri tal-UE approvaw l-applikazzjoni ta' forom differenti ta' TTF, u b'hekk żiedu r-riskji ta' tassazzjoni diversifikata li tagħmel ħsara lis-suq intern (bażijiet tat-taxxa ristretti, forom differenti ta' eżenzjoni). L-introduzzjoni ta' TTF reġjonali tista' tippromovi suq finanzjarju ġenwinament uniku, ħieles mid-distorsjoni tal-kompetizzjoni li hija r-riżultat ta' sistemi tat-taxxa ineffiċjenti.

3.1.1 Għal din ir-raġuni, il-KESE jemmen li t-TTF għandha tidħol fis-seħħ fiż-żmien previst mill-Kummissjoni, jiġifieri fl-1 ta' Jannar 2014, mingħajr introduzzjoni gradwali li, fid-dawl tal-leġislazzjoni nazzjonali fi ħdan l-Istati Membri tal-UE11+, tista' twassal għal dewmien u problemi ta' natura teknika.

3.2 L-introduzzjoni tat-TTF fil-livell tas-27 Stat Membru tal-UE, għalkemm opportuna, mhijiex possibbli. Minkejja dan, l-applikazzjoni tagħha permezz tal-kooperazzjoni msaħħa – mingħajr effetti negattivi għall-Istati Membri li ma jipparteċipawx – hija l-mod meħtieġ biex tiġi garantita l-applikazzjoni tagħha futura fil-livell Ewropew u globali.

3.3 Il-fatt li t-taxxa ma tiġix applikata fl-Istati Membri tal-UE, f'ċerti każijiet, jista' jwassal għal tassazzjoni doppja fi ħdan il-pajjiżi li ma jkunux qed jipparteċipaw. Din hija kwistjoni li tikkonċerna parti żgħira tat-tranżazzjonijiet u fi kwalunkwe każ tista' tiġi indirizzata permezz ta' ftehimiet bilaterali ta' kumpens.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-KESE jenfasizza li l-istima inizjali tal-effetti makroekonomiċi fit-tul (40 sena) tat-TTF fuq l-ekonomija Ewropea ġiet riveduta b'mod sostanzjali mis-servizzi tal-Kummissjoni – minn stima negattiva ta' madwar -1,76 % għal stima pożittiva ta' madwar +1,0 %.

4.1.1 L-istima li kienet mehmuzza mal-proposta inizjali ġiet emendata, u fil-valutazzjoni ġew inklużi kemm l-effetti tar-rati effettivi proposti kif ukoll l-effetti tal-"mitigazzjoni". Dan wassal għal żieda minn -1,76 % għal -0,53 % tal-PDG⁽⁹⁾.

⁽⁹⁾ SEC(2011) 1102 final, Volum 1, p. 52.

4.1.2 Wara dan, il-Kummissjoni reġgħet emendat din il-valutazzjoni, peress li din ma qisix il-karatteristiċi speċifiċi tal-proposta u, barra minn hekk, kienet ibbażata fuq ipoteżi mhux realistiki dwar ix-xogħol (pereżempju, li l-investiment ġdid kollu tal-intrapriżi kien iffinanzjat mill-istrumenti soġġetti għat-TTD). Permezz ta' din il-korrezzjoni, l-impatt effettiv fit-tul fuq il-PDG reġa' naqas għal stima ta' madwar -0,28 %. Fil-qafas ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt oħra li kkunsidrat ukoll l-effetti tal-użu tad-dħul mit-TTD bħala alternattiva għal forom oħra ta' tassazzjoni u bħala għodda possibbli għall-investiment pubbliku. Permezz ta' din il-valutazzjoni, u taħt l-ipoteżi ta' dħul ta' 0,16 % tal-PDG, l-impatt tat-TTF fuq il-PDG sar wieħed pożittiv ta' bejn 0,2 % u 0,4 % ⁽¹⁰⁾.

4.1.3 Però din l-aħħar ipoteżi għandha tiġi kkunsidrata bħala restrittiva peress li, f'termini ta' dħul totali, ma tikkunsidrax l-elementi derivanti tat-taxxa fuq id-derivati; element li madankollu huwa inkluż fil-proposta tal-Kummissjoni u li jista' jwassal għal żieda fid-dħul totali minn 0,16 % għal 0,4 % tal-PDG, u b'hekk it-TTF ikollha effett pożittiv fuq il-PDG ta' madwar 1 % ⁽¹¹⁾.

4.2 L-analiżi tal-Kummissjoni turi li l-introduzzjoni ta' TTF jista' jkollha l-aktar impatt effettiv fuq l-ekonomija tal-UE jekk id-dħul li jinġabar jintuża – sew fil-livell tal-UE u sew f'dak nazzjonali – għall-finanzjament ta' programm ta' investiment pubbliku li jista' jiggarantixxi t-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

4.3 Matul dawn l-aħħar ħames snin li kkoinċidew mal-kriżi, il-KESE fassal għadd ta' opinjonijiet fejn irrakkomanda l-bżonn li jergħu jiġu b'bilanċjati l-politiki makroekonomiċi Ewropej favur politiki ta' investiment li jappoġġjaw it-tkabbir u l-impjiegi ⁽¹²⁾. Jekk tiġi segwita t-triq proposta mill-KESE, id-dħul mill-applikazzjoni ta' TTF jista' jkun l-aktar effikaċi jekk tabilħaqq jintuża għall-finanzjament ta' programm kbir ta' investiment fil-livell nazzjonali u Ewropew.

4.4 Il-KESE jqis li wieħed mill-punti b'saħħithom tat-TTF huwa l-fatt li hija taxxa b'bażi tat-taxxa wiesgħa u żewġ rati tat-taxxa baxxi. Dawn il-karatteristiċi jistgħu jnaqqsu l-effetti

negattivi tat-taxxa li jwasslu għal distorsjoni qawwija tas-swieq minħabba żona aktar limitata ta' tassazzjoni u rati ogħla. Għal din ir-raġuni l-KESE jqis li jeħtieġ li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-esklużjonijiet mill-baży tat-taxxa u l-esklużjoni tal-persuni taxxabbi minn naħa, u min-naħa l-oħra jinbada proċess li filwaqt li japplika r-rati fiskali proposti, ikun kapaċi joħloq suq uniku ġenwin.

4.5 Il-KESE jilqa' l-inklużjoni tal-"prinċipju ta' sjieda" li permezz tiegħu tranżazzjoni finanzjarja li tevadi t-TTF mhix infurzabbli legalment u ma tinvolvi it-trasferiment tas-sjieda tal-istrument finanzjarju fil-kwistjoni.

4.6 Il-KESE jappoġġja l-idea li jiġu esklużi mill-baży tat-taxxa t-tranżazzjonijiet li jinvolvu l-UCITS u l-AIFs, bħala strumenti marbutin direttament mal-finanzjament tal-intrapriżi u sabiex tiġi rispettata d-Direttiva 2008/7/KE. Ta' min jinnota li t-tnaqqis previst fid-dħul minħabba din l-esklużjoni jammonta għal EUR 4 biljun.

4.7 Minkejja li jieħu inkunsiderazzjoni l-bżonn li tiġi kkontrollata kwalunkwe pressjoni fuq ir-rati tal-imgħax tad-dejn pubbliku, il-KESE jaqbel mal-proposta li tinżamm l-eżenzjoni għat-titoli pubbliċi maħruġa fuq is-suq primarju u li jiġu intaxxati tranżazzjonijiet sekondarji fit-titoli pubbliċi; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ eżenzjoni fis-suq sekondarju biss għall-istituzzjonijiet delegati tal-awtoritajiet pubbliċi biex jintervjenu fi tranżazzjonijiet marbutin mal-ġestjoni tad-dejn pubbliku.

4.8 Fir-rigward tal-fondi tal-pensjonijiet, il-KESE kien diġà esprima l-ħtieġa li l-effetti tat-TTF fuq il-fondi tal-pensjonijiet jiġu soġġetti għal monitoraġġ speċifiku. L-esklużjoni mill-baży tat-taxxa tal-UCITS u l-AIFs, kif ukoll tat-titoli tad-dejn pubbliku fis-suq primarju, żgur li tirrappreżenta ħaġa pożittiva għall-fondi tal-pensjonijiet fid-dawl tal-istruttura tal-portafoll tagħhom.

4.9 Filwaqt li jtenni l-bżonn ta' monitoraġġ fid-dettall tal-effetti tat-taxxa fuq il-fondi tal-pensjonijiet u l-pensjonanti futuri, il-KESE ma jirrakkomandax li dawn jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TTF.

⁽¹⁰⁾ KE, 2012, Skeda teknika, Impatti makroekonomiċi.

⁽¹¹⁾ Valutazzjoni abbaży tal-analiżi fil-Quarterly Report on the Euro Area, Vol. 11 n°3 (2012) tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹²⁾ Biex insemmu ftit minnhom: ĠU C 133, 9.5.2013, p.44; ĠU C 299, 4.10.2012, p. 60-71; ĠU C 181, 21.6.2012, p. 45-51; ĠU C 248, 25.8.2011, p. 8-15; ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10-16.

4.10 L-applikazzjoni ta' TTF, mingħajr preġudizzju għall-likwidità tas-sistema, tista' tiddirigi l-fondi tal-pensjonijiet lejn strateġiji ta' investment fit-tul u tnaqqas l-elementi li jiddestabilizzaw bħal tranżazzjonijiet finanzjarji ta' frekwenza għolja ⁽¹³⁾.

4.11 Fl-applikazzjoni tat-taxxa l-ġdida, għandha tingħata attenzjoni partikolari għad-dispożizzjonijiet tal-ġestjoni amministrattiva, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun kemm ir-riskji ta' evitar u evażjoni, kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi fuq l-Istati Membri u dawk li jridu jħallsu t-taxxa. Għaldaqstant ikun tajjeb li kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni, fit-tfassil tal-atti ta' implimentazzjoni relatati mal-metodi ta' ħlas u ta' verifika tat-taxxa, jaraw li dawn l-ispejjeż amministrattivi jkunu l-inqas possibbli u jivverifikaw attentament il-mod kif jevolvu. B'riżultat tal-effetti tal-proposta, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tipproponi tipi ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri li ma jipparteċipawx u l-Istati Membri benefiċjarji tat-taxxa.

4.12 Fid-dawl tal-fatt li l-KESE preċedentement kien ikkritika n-nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' valutazzjoni mal-proposta

oriġinali tat-TTF, jilqa' b'mod favorevoli l-fatt li l-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tikkoreġi parzjalment dan in-nuqqas permezz tas-seba' noti spjegattivi meħmużin mal-analiżi tal-impatt, u li kienu meħmużin mal-proposta preċedenti ⁽¹⁴⁾ – u li magħhom għandha tiżdied il-valutazzjoni tal-impatt li hija meħmuża mal-proposta attwali ⁽¹⁵⁾. Minkejja dan, il-KESE jenfasizza li għad hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni analitika u ta' natura illustrattiva tas-sitwazzjoni attwali tal-intaxxar tas-swieq finanzjarji kif ukoll fuq id-dħul mid-diversi pajjiżi, b'mod partikolari mill-UE11+. B'mod partikolari jkun tajjeb li ssir valutazzjoni usa' tal-effetti possibbli fuq dawk li jfaddlu u fuq il-pensjonanti futuri, billi jitqiesu l-alternattivi ta' kif se tintiret din it-taxxa.

4.13 Il-KESE jisħaq li, fir-rigward tal-valutazzjoni kwantitattiva tal-effetti tal-proposti, jeħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb il-mudelli li huma disponibbli bħalissa, billi tadattahom għall-valutazzjoni ta' alternattivi ta' politika. Għaldaqstant il-Kumitat jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni biex, fejn ikun possibbli, jipproduċu stimi relatati mal-karatteristiċi attwali tal-proposti speċifiċi li saru.

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹³⁾ *Network for Sustainable Financial Markets* (Netwerk għal Swieq Finanzjarji Sostenibbli), 2012, *No Exemption – The Financial Transaction Tax and Pension Funds* (L-ebda eżenzjoni - it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-fondi tal-pensjonijiet), Diċembru. DIW, 2012, *Financial Transaction Tax Contributes to More Sustainability in Financial Markets* (It-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tikkontribwixxi għal aktar stabbiltà fis-swieq finanzjarji), Dokumenti ta' Diskussjoni 1198.

⁽¹⁴⁾ Ippubblikata fl-4 ta' Mejju 2012 fis-sit elettroniku apposta.

⁽¹⁵⁾ SWD(2013) 28 final.

APPENDIĊI

għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emenda li ġejja inċaħdet waqt id-diskussjoni iżda rċeviet aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 54(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

Punt 4.7 ġdid

Żid punt ġdid kif ġej wara l-punt 4.6

“4.7 Meta wieħed iqs is-sejbiet imħallta ta' studji dwar l-effetti tal-introduzzjoni tat-TTF, il-KESE jirakkomanda: il-monitoraġġ b'attenzjoni tal-impatt f'pajjiżi li diġà hađu dan il-pass; li jitqies l-impatt ta' likwidità mnaqqa fuq il-volatilità tas-sug frelazzjoni mal-ispejjeż għal prodotti speċifiċi użati fl-iżgurar tal-provvediment tal-assikurazzjoni u t-tfaddil tal-pensjonijiet; u li jiġi evalwat b'mod realistiku jekk jinstab il-bilanċ tajjeb bejn dħul reali mit-taxxa miġbura u l-ispejjeż li qed jiżdiedu tas-servizzi finanzjarji kemm għan-negozji kif ukoll dawk li jfaddlu fi żmien ta' kriżi. Fil-fehma tal-KESE, ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ iridu jiġu analizzati b'kawtela u l-passi futuri jiġu aġġustati malajr, jekk ikun hemm bżonn, f'konformità ma kwalunkwe sejbiet ġodda.”

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur	64
Kontra	94
Astensjonijiet	25

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI”

COM(2013) 42 final — 2013/0023 (COD)

(2013/C 271/07)

Relatur Ġenerali: **is-Sur DE LAMAZE**

Nhar l-20 ta' Frar 2013 u nhar it-12 ta' Marzu 2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI

COM(2013) 42 final - 2013/0023 (COD)

Nhar id-19 ta' Marzu 2013, il-Bureau tal-Kumitat ta' istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-490 Sessjoni Plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-23 ta' Mejju) li jaħtar lis-Sur DE LAMAZE bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'130 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE ma jaqbilx mal-argumenti li qed tagħmel il-Kummissjoni biex jiġġustifika din il-proposta. Fl-assenza ta' data xjentifika li ttipprova l-affermazzjoni li d-differenzi fil-pieni fil-qasam tal-muniti foloz twassal għall-fenomeni ta' "forum shopping" min-naħa tal-falsifikaturi, il-KESE ma jidhirlux li huwa assolutament iġġustifikat li d-deċiżjoni kwadru tal-2000 tiġi riveduta biex jiddaħħal livell minimu ta' peni fl-UE, li l-effett disważiv li huwa mistenni minnu jidher dubjuż.

1.2 Fis-sura ta' hekk imsejja regoli minimi, il-KESE jinnota li l-proposta għal Direttiva fil-fatt iddaħħal sett ta' miżuri ta' infurzar komplut ħafna għall-ġlieda kontra l-iffalsifikar, ħaġa li tidher li tmur lil hinn minn dak li huwa awtorizzat fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE), peress li jintmissu wkoll il-kompetenzi u l-proċeduri.

1.3 Filwaqt li jesprimi d-dubji tiegħu dwar il-ħtieġa ta' approċċ tant repressiv, li mid-definizzjoni tiegħu jista' jwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali, il-Kumitat ma jemminx fl-effikaċja ta' dan l-approċċ, peress li minkejja l-istabbiliment ta' livell minimu tal-piena, il-piena dejjem ser tiġi interpretata b'mod differenti skont it-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri u minħabba fil-poter tad-diskrezzjoni tal-imħallef.

1.4 B'mod ġenerali, il-KESE jikkritika l-proposta ta' Direttiva peress li ma tqisx biżżejjed, kif wara kollox jeżiġi l-Artikolu 82(2) tat-TFUE, id-differenzi fit-tradizzjonijiet u s-sistemi legali, partikolarment fir-rigward tal-impatt ta' dawn id-dispożizzjonijiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

1.5 Bħala istituzzjoni li tirrappreżenta lis-soċjetà ċivili Ewropea, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dawh li jwettqu r-reat jistgħu jkunu ċittadini li fil-bidu jkunu bona fede, u li wara li jkunu rċevew flus foloz mingħajr ma ndunaw, isibu ruħhom fil-pożizzjoni li jkollhom bżonn jeħilsu minnhom. Filwaqt li jiġbed l-attenzjoni għar-riskju li jintefgħu peni sproporzjonati fuq dawn il-persuni li minn vittmi jsiru "delinkwenti" mingħajr ma jridu, il-KESE jqis li, l-intenzjoni tal-aġir tibqa' element primordjali li jrid jitqies, ħaġa li l-proposta ta' direttiva ma tenfasizzax biżżejjed fil-premessi tagħha.

1.6 Il-KESE huwa mħasseb li fil-proċedura, il-proposta ta' Direttiva ma tippredix gradi differenti fil-mezzi użati mis-servizzi tal-inkjesta skont il-gravità tal-infrazzjoni, kif tagħmel fid-definizzjoni tas-sanzjonijiet. Huwa jqis ukoll li hemm bżonn li jiġi ċċarat, fil-proposta ta' Direttiva, li l-użu ta' għodod ta' investigazzjoni applikabbli fil-qasam tal-kriminalità organizzata jridu jintużaw biss għall-aktar reati gravi.

2. Il-Kontenut tal-Proposta

2.1 Din il-proposta ta' Direttiva issaħħaħ il-qafas attwali mmirat li jirreprimi b'mod penali l-iffalsifikar tal-muniti, kemm l-euro kif ukoll muniti oħra. Filwaqt li tikkompleta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1929 fit-territorju tal-UE, li jesigū fost affarijiet oħra li l-Istati Membri jkunu parti kontraenti, il-proposta attwali tiegħu post id-deċiżjoni kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI, li ġiet modifikata minn dik tal-2001 (2001/888/ĠAI) li żiedet xi provvedimenti importanti magħha.

2.2 Fost affarijiet oħra, hija għandha l-għan li tiġġielel kontra l-fenomeni tal-“forum shopping”, li skont il-valutazzjoni tal-impatt, jiġi użat fl-istrateġiji tan-netwerks kriminali li jfittxu l-anqas leġislazzjoni ħarxa. Biex tagħmel dan, u fuq il-bażi tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE, hija tistabbilixxi livell minimu komuni ta' pieni ta' tal-anqas sitt xhur ħabs għall-fabrikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' flus foloz (mill-ammont ta' EUR 10 000). B'mod parallel, il-piena massima ta' mill-anqas tmien snin ħabs diġà prevista għall-fabrikazzjoni qed tiġi estiża għad-distribuzzjoni (mill-ammont ta' EUR 5 000).

2.3 Il-persuni morali jistgħu jinżammu responsabbli għall-infrazzjonijiet li jkunu twettqu għalihom, u jistgħu jingħataw sanzjonijiet li jvarjaw minn esklużjoni minn benefiċċju jew għaj-nuna pubblika għad-dissoluzzjoni.

2.4 Fil-qasam tal-leġislazzjoni proċedurali, din il-proposta tħarrax ukoll il-qafas attwali. Is-servizzi tal-inkjesta u ta' prosekuzzjoni jistgħu jużaw għodod ta' investigazzjoni użati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u forom oħra gravi ta' kriminalità. Barra minn hekk, waqt il-proċediment, l-awtoritajiet ġudizzjarji ser jiġu obbligati li jibagħtu kampjuni tal-flus foloz sekwestrati għal analiżi teknika bl-iskop li jiġu skoperti aktar flus foloz fiċ-ċirkolazzjoni.

2.5 Fl-aħħar, il-proposta tipprevedi li kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro għandu jeżerċita l-ġurisdizzjoni universali, għal reati marbuta mal-euro mwettqa barra mill-Unjoni Ewropea, jekk min iwettaq ir-reat ikun fit-territorju tagħha jew jekk f'dak l-Istat Membru jinstabu euro foloz marbuta mar-reat.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Filwaqt li jirrikonoxxi li l-iffalsifikar tal-euro, b'mezzi li qed isiru dejjem aktar kumplessi u pperfezzjonati, huwa fenomen preokkupanti li huwa importanti li jiġi miġġielel b'mod effikaċi, il-KESE jesprimi riżervi serji kemm dwar il-kontenut kif ukoll fuq il-bażi nnifisha ta' din l-inizjattiva.

3.2 Fin-nuqqas ta' data xjentifika, kif jixhed l-istudju tal-impatt, il-KESE jsibha diffiċli li jiġi konvint mill-argument ta' “forum shopping” li l-Kummissjoni tuża bħala bażi biex tiżviluppa l-proposta ta' Direttiva. Fil-fehma tiegħu, m'hemmx ċertezza li d-differenzi fil-livell ta' sanzjonijiet fi ħdan l-UE jispjegaw b'xi mod iż-żieda fl-iffalsifikar jew li l-liġijiet nazzjonali fil-qasam tas-sanzjonijiet penali jingħataw prijorità fl-għażla tal-post fejn issir il-falsifikazzjoni. Iridu jitqiesu fatturi oħra, ta' natura materjali jew loġistika, biex tiġi spjegata l-lokalità tal-istamperiji tal-flus foloz.

3.3 Bl-istess mod, fin-nuqqas ta' analiżi preċiża li ssostni l-affermazzjoni li d-differenzi fil-livelli ta' severità fi ħdan l-UE jistgħu jfixxlu l-kooperazzjoni bejn il-korpi/forzi tal-infurzar u dawk ġudizzjarji u l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-iffalsifikar fil-pajjiżi terzi, il-KESE jiddubita dwar ir-raġuni stess ta' din il-proposta ta' Direttiva.

3.4 Barra minn hekk, il-KESE jixtieq jenfasizza li l-provvedimenti li qed jiġu adottati fuq il-bażi ta' dawn l-argumenti jgħolqu mekkaniżmu ta' infurzar li huwa strett wisq. Barra milli tistabbilixxi t-totalità tar-reati tal-falsifikazzjoni u tistabbilixxi l-pieni, mhux biss minimi imma anke massimi għar-reati tad-distribuzzjoni, il-proposta ta' Direttiva tmiss ukoll aspetti tal-kompetenza u tal-proċedura.

3.5 Il-KESE għandu d-dubji tiegħu, speċjalment dwar il-preżenza ta' dawn id-dispożizzjonijiet dwar il-kompetenza u l-proċedura li jmorru lil hinn minn dak li hemm fir-raġunijiet u dak li jawtorizza l-Artikolu 83(1) tat-TFUE, jiġifieri l-iffissar ta' “regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet”. Il-Kumitat jinnota li dawn id-dispożizzjonijiet, li jipprevedu l-applikazzjoni ta' miżuri eċċezzjonali, għandhom implikazzjonijiet repressivi kbar peress li jwasslu għall-ħolqien ta' ġurisdizzjoni universali, li fid-definizzjoni tagħha, tidderoga soluzzjonijiet ġenerali għar-reati ta' falsifikazzjoni tal-euro, kif ukoll l-użu tal-mezzi ta' investigazzjoni li jintużaw għall-kriminalità organizzata.

3.6 Dan l-aħħar punt huwa dak li jqajjem l-akbar diffikultajiet f'għajnejn il-KESE. Fil-fatt ma ssir l-ebda distinzjoni skont il-grad ta' serjetà tar-reati definiti fil-proposta ta' Direttiva biex tiġġustifika l-użu ta' mezzi ta' investigazzjoni li jintużaw għall-kriminalità organizzata. Il-KESE jidhirlu li dan il-provvediment jgħolq riskju ta' ksur gravi tal-prinċipju tal-proporzjonalità u theddida għad-drittijiet fundamentali ⁽¹⁾.

3.7 Fil-fatt, il-KESE jixtieq ifakkar lil-leġislaturi Ewropej il-hteġa li jqisu l-Istati Membri kollha bit-tradizzjoni demokratika tagħhom, xi wħud aktar reċenti minn ta' oħrajn, u s-sensittività tagħhom għar-rispett tal-libertajiet individwali, biex b'hekk jiġu evitati ċerti konsegwenzi.

3.8 B'mod aktar ġenerali, il-KESE jfakkar li l-bini ta' spazju penali Ewropew jitlob li fl-istess waqt jissaħħu d-drittijiet ta' difiża, partikolarment fil-qafas tal-Eurojust u l-Europol, biex tiġi sodisfatta l-eżiġenza ta' rispett tad-drittijiet fundamentali sanċiti fit-Trattati (Artikolu 67(1) u Artikolu 83(3) tat-TFUE).

⁽¹⁾ Kif dan seta' kien il-każ għall-mandat ta' arrest Ewropew (ara f'dan ir-rigward D.Rebut, Droit pénal international, Dalloz, “Précis”, 2012, nru 516, p. 311).

3.9 Bħala istituzzjoni li tirrappreżenta lis-soċjetà ċivili Ewropea, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dawk li jwettqu r-reat jistgħu jkunu ċittadini li fil-bidu jkunu bona fede, u li wara li jkunu rċewew flus foloz mingħajr ma ndunaw, jsibu ruħhom fil-pożizzjoni li jkollhom bżonn jeħilsu minnhom. Filwaqt li jiġbed l-attenzjoni għar-riskju li jintefa' piż sproporzjonat fuq dawn il-persuni li minn vittmi jsiru "delinkwenti" mingħajr ma jafu, il-KESE jqis li l-intenzjoni wara l-aġir hija element primordjali li jrid jitqies, ħaġa li l-proposta ta' Direttiva ma tenfasizzax biżżejjed fil-premessi tagħha.

3.10 Il-KESE jagħraf li l-gradazzjoni tas-sanzjonijiet prevista f'din il-proposta skont l-ammont issekwestrat (Artikolu 5(2) b'mod partikolari) tippermetti parzjalment li jiġu kkunsidrati dawn il-każijiet imsemmijin. Iżda fil-fehma tiegħu, il-proposta ta' Direttiva ma tħarisx mir-riskju ta' theddid gravi għal-libertajiet individwali. Fil-fatt hija donnha ma tqisx id-diversità tat-tradizzjonijiet u tas-sistemi ġuridiċi fi ħdan l-UE u b'mod speċjali, is-sistemi partikolari ta' investigazzjoni, li fihom persuna li tkun qed tiġi investigata, anke f'każ ta' reat minuri, tista' tinżamm mill-pulizija għal żmien mhux qasir qabel ma tidher quddiem l-imħallef.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Rigward id-dispożizzjoni li tistabbilixxi livell minimu ta' piena ta' sitt xhur ħabs (Artikolu 5(4) tal-proposta), u peress li

din hija l-miżura ewlenija tal-proposta li għandha l-għan li tindirizza l-kwistjoni tal-"forum shopping", il-KESE jiddubita dwar l-utilità tagħha peress li direttiva – li fid-definizzjoni tagħha tindirizza lil-leġislatur u mhux lill-imħallef – ma tistax timponi l-ghotieffettiv ta' din il-piena. F'dan ir-rigward, il-KESE jinnota b'sodisfazzjon li r-raġunijiet mogħtija jiġbdu l-attenzjoni għall-prinċipju tal-ħtieġa tal-individwalizzazzjoni tal-pieni - prinċipju sanċit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - u ta' libertà sħiħa tad-diskrezzjoni tal-imħallef.

4.2 Barra minn hekk, il-KESE jrid iżid li l-previżjoni ta' piena minima, anke jekk m'hijiex obbligatorja, tmur kontra t-tradizzjoni ġuridika ta' xi Stati Membri li ma jipprevedux piena minima, ħlief meta dan ikun obbligatorju.

4.3 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Artikolu 9 tal-proposta jinbdel kif ġej: "Għall-aktar reati gravi ta' falsifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni jkollhom aċċess għal għodod investigattivi effikaċi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew forom oħra ta' kriminalità serja".

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina — L-introduzzjoni ta’ Strument ta’ Konverġenza u Kompetittività”

COM(2013) 165 final

u dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina — Koordinazzjoni ex ante ta’ għal riformi maġġuri ta’ politika ekonomika”

COM(2013) 166 final

(2013/C 271/08)

Relatur Ġenerali: **is-Sur CROUGHAN**

Nhar l-14 ta’ Mejju 2013 il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina - L-introduzzjoni ta’ Strument ta’ Konverġenza u Kompetittività

COM(2013) 165 final

U l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina - Koordinazzjoni ex ante ta’ għal riformi maġġuri ta’ politika ekonomika

COM(2013) 166 final.

Nhar is-16 ta’ April 2013, il-Bureau tal-Kumitat ta’ istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju) li jaħtar lis-Sur CROUGHAN bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b’152 vot favur, 8 voti kontra u 12-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa’ b’riserva ż-żewġ Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni: *Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina – L-introduzzjoni ta’ Strument ta’ Konverġenza u Kompetittività (CCI)*⁽¹⁾ u *Koordinazzjoni ex ante ta’ pjanijiet għal riformi maġġuri ta’ politika ekonomika*⁽²⁾. Dawn ikompleu d-dibattitu dwar żewġ kwistjonijiet li tqajmu fil-Pjan ta’ azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina: *It-tneġġija ta’ Dibattitu Ewropew*⁽³⁾, sabiex jitlesta l-qafas ta’ governanza għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

1.2 Il-Kumitat jiddispjaċih li dawn jipprovdu biss ftit iżjed dettall għall-kunċetti li diġà ġew spjegati fil-pjan ta’ azzjoni, u għaldaqstant huwa diffiċli li ssir valutazzjoni.

1.3 Il-Kumitat huwa inkwetat li l-aġenda dwar l-istrumenti ta’ governanza ekonomika – li tinkludi l-Patt ta’ Stabbiltà u

Tkabbir, il-patt fiskali, il-pakkett ta’ sitt proposti leġiżlattivi, it-“two-pack”, l-Ewropa 2020, is-Semestru Ewropew, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT), ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija, il-Programmi Nazzjonali ta’ Riforma (PNR), il-Programmi ta’ Stabbiltà u ta’ Konverġenza, ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, il-Programmi ta’ Defiċit Eċċessiv, il-Proċedura ta’ Żbilanċ Makroekonomiku, eċċ. – li diġà hija mimlija mhux ħażin, saret aktar kumplessa, b’relattivament ftit valur miżjud.

1.4 Filwaqt li jirrikonoxxi li dawn iż-żewġ proposti jistgħu jkunu ta’ għajjnuna għal dawk l-Istati Membri li jinsabu f’diffikultà, il-Kumitat jinsab imħasseb li jista’ jixxekkel jew jiddewwem l-impatt tagħhom fuq l-irkupru tat-tkabbir u l-kapaċità għaż-żoni li l-aktar għandhom bżonn peress li l-punt fokali ta’ tħassib hu li l-miżuri li jittieħdu għandhom jibbenefikaw ukoll iż-żona tal-euro kollha kemm hi.

1.5 Il-Kumitat jinsab xettiku li l-Istati Membri jistgħu jaqblu li jintroduċu strument finanzjarju ġdid biex jiffinanzjaw l-Istrument ta’ Konverġenza u Kompetittività (CCI) u mhuwiex ċar x-valur miżjud iġib miegħu għall-fondi strutturali eżistenti.

⁽¹⁾ COM(2013) 165 final.

⁽²⁾ COM(2013) 166 final.

⁽³⁾ COM(2012) 777 final.

1.6 Il-Kumitat jistaqsi kemm, mil-lat ta' sustanza, il-koordinazzjoni ex ante proposta ser iżżid mas-Semestru Ewropew u x'piż addizzjonali ta' burokrazija ser ikun implikat.

1.7 Il-Kumitat huwa mħasseb li l-filtri użati għal koordinazzjoni ex ante jistgħu jinterferixxu mat-teħid ta' miżuri ta' riforma minn Stat Membru peress li dawn jibdlu l-kompetittività relativa fi Stat Membru ieħor.

1.8 Il-Kumitat jemmen li m'hemmx lok għal effetti sekondarji permezz ta' swieq finanzjarji fil-koordinazzjoni ex ante, u kull sforz għandu jkun immirat minflok lejn it-twaqqif ta' Unjoni Bankarja.

1.9 Il-Kumitat jemmen li l-proposti li għandhom l-għan li l-UEM issir iktar profonda huma ta' importanza kruċjali għall-futur tal-Unjoni Ewropea; għalhekk, il-Kumitat jixtieq ikompli d-dibattitu u jagħmel proposti fil-ġejjieni hekk kif ikun hemm żviluppi.

2. L-Introduzzjoni ta' Strument ta' Konverġenza u Kompetittività (CCI)

2.1 *Kuntest:* F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tipp-ropo ni li ser ikun disponibbli ftehim kuntrattwali u mekkaniżmu ta' solidarjetà bi qbil reċiproku għal dawk l-Istati Membri taż-żona tal-euro li jinsabu f'diffikultà li jeħtieġu riformi strutturali nazzjonali għall-kompetittività u t-tkabbir iżda li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tagħhom ikollha effett indirett negattiv fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro. Din ser tkun sistema dedikata ta' appoġġ finanzjarju, li għall-bidu ser tkun finanzjata mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u eventwalment minn fond/strument finanzjarju ġdid ibbażat fuq id-Dħul Nazzjonali Gross (DNG), li għandu jibni l-kapaċità fiskali.

2.2 Il-Kumitat isibha diffiċli jiġġudika l-merti tas-CCI propost mingħajr kwantifikazzjoni tad-daqs propost jew ta' kwalunkwe valutazzjoni dwar kemm fond bħal dan huwa aċċettabbli għall-Istati Membri. Il-proposta li l-fond jiġi għall-bidu mill-QFP tissuġġerixxi li dan ser ikun żgħir u b'impatt żgħir.

2.3 Minħabba d-diffikultà kbira fin-negozjar tal-QFP 2014-2020, il-Kumitat jinsab xettiku li l-Istati Membri ser jaqblu dwar l-għan ta' introduzzjoni ta' strument finanzjarju ġdid sabiex nimxu lejn kapaċità fiskali akbar fuq il-bażi tad-DNG sabiex jiġi ffinanzjat is-CCI.

2.4 Il-Kumitat jaqbel li mekkaniżmu ta' konverġenza li huwa ta' benefiċċju reċiproku u li jhaġġef għandu l-mertu tiegħu, iżda għandu dubju kemm huwa neċessarju li jiġi introdott strument ġdid – is-CCI – meta mhuwiex ċar kif dan ser iżid il-valur

tal-fondi strutturali eżistenti bħalma huma l-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

2.5 In-natura kuntrattwali tal-istrument propost tidher biss ftit differenti min-natura kuntrattwali li diġà teżisti fl-iżborż tal-fondi strutturali. Jinħtieġu xi eżempji konkreti ta' liema tip ta' proġetti b'effetti indiretti ser jikkwalifikaw u kif dawn jistgħu jkunu differenti mill-proġetti diġà ffinanzjati taħt fondi oħra. Il-KESE jinsab imħasseb li jekk ma jinkisibx riżultat fir-rigward ta' ċerti proġetti taħt is-CCI, dan jista' jkollu konsegwenzi oħra għall-finanzjament ta' proġetti li ntlaħaq ftehim dwarhom fil-PNR. Huwa importanti li dan l-istrument propost iżid valur viżibbli u mhux jirriżulta f'saff burokratiku ieħor.

2.6 Is-CCI huwa maħsub bħala strument għaż-żona tal-euro, fejn konverġenza ekonomika akbar hija essenzzjali għall-funzjonament taż-żona euro. Peress li l-Fond probabbilment ikun wieħed żgħir, il-Kumitat jissuġġerixxi li dan ikun immirat speċifikament lejn dawk l-Istati Membri fiż-żona euro li jinsabu f'diffikultà, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibbiltà li jiġu appoġġjati l-proġetti b'impatt transkonfinali partikolarment pożittiv. Dan għandu jkun immirat b'mod speċjali lejn dawk il-pajjiżi li l-iżbilanċi ekonomiċi tagħhom huma meqjusa ta' periklu partikolari għall-funzjonament taż-żona euro. Mhuwiex ċar għalfejn Stati Membri fi programm ta' aġġustament ser ikunu esklużi minn din il-forma ta' appoġġ peress li huma, b'mod evidenti, dawk li jeħtieġu għajuna finanzjarja l-aktar.

2.7 Jekk is-Semestru Ewropew jiffunzjona kif suppost u r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jsiru l-oġġett ta' dibattitu parlamentari nazzjonali, imbagħad ikun neċessarju li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex il-gvern nazzjonali li jiffirma ftehim kuntrattwali taħt dan is-CCI propost l-ewwel jiddiskutih fil-parlament skont il-prattika f'dak l-Istat Membru, bħalma jiġi diskuss kwalunkwe programm ta' fond strutturali. Il-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna tiddibatti jew tindirizza l-korpi nazzjonali/lokali. Fid-diskussjonijiet għandha tiġi involuta s-soċjetà ċivili, partikolarment l-imsieħba soċjali, bħalma jseħħ fi proġetti konġunti oħra bejn l-UE u l-gvern nazzjonali. Għandu jiġi previst biżżejjed ħin sabiex il-parlamenti u s-soċjetà ċivili, partikolarment l-imsieħba soċjali, ikunu jistgħu jipparteċipaw.

3. Koordinazzjoni ex ante għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika

3.1 *Kuntest:* F'din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni tinfurmana li l-kunċett ta' **koordinazzjoni ex ante** għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika ġie introdott fit-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Il-qafas attwali tal-UE dwar is-sorveljanza ekonomika jinkludi proċess għall-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, iżda **ma jipprovdi diskussjoni u koordinazzjoni ex ante strutturata** ta' pjanijiet ta' riforma ekonomika maġġuri. Din il-Komunikazzjoni hija kontribut għad-dibattitu bejn il-partijiet interessati, b'mod speċjali l-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, u l-parlamenti nazzjonali dwar modi kif tiġi implimentata koordinazzjoni ex ante.

3.2 Il-Kumitat huwa tal-fehma li kwalunkwe titjib sinifikanti fil-koordinazzjoni ta' politika ekonomika huwa mixtieq, u fiż-żona tal-euro hija neċessità. Il-Kumitat jilqa' l-komunikazzjoni per se, filwaqt li jirrikonoxxi li l-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri individwali hija 'l bogħod sew minn governanza ekonomika ġenwina. Waħda mill-problemi fil-valutazzjoni tal-proposti hija li l-Komunikazzjoni ma tipprovdix dettall biżżejjed dwar x'jikkostitwixxi "riforma maġġuri ta' politika ekonomika". X'inhu meqjus maġġuri? X'inhu minuri? Ir-riformi ewlenin elen-kati għall-kunsiderazzjoni jinkludu kważi kull aspett tas-Suq Uniku, inkluż is-sostenibbiltà finanzjarja u fiskali.

3.3 Il-Kumitat jistaqsi kif din l-inizjattiva l-ġdida dwar il-koordinazzjoni għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika ser tkun differenti **fis-sustanza** mill-komponenti tas-Semestru Ewropew tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-pajjiżi. Għandu jkollha valur miżjud viżibbli fl-iskeda tas-Semestru Ewropew, li diġà hija mimlija sew. Mill-perspettiva tat-trasparenza u s-semplifika jkun importanti wkoll li ma jiżdiedx saff ieħor ta' sorveljanza, eċċ. Il-Kumitat jemmen li dan il-proċess għandu jiġi inkorporat fis-Semestru Ewropew u l-PNR, li għandhom jingħataw aktar setgħat; il-koordinazzjoni ex ante tista' tkun mod tanġibbli kif jinkiseb dan.

3.4 Il-Kumitat jaċċetta li jista' jkun ta' benefiċċju taħt din il-proposta ġdida li wara jintlaħaq ftehim ma' Stat Membru dwar is-CSR tagħha, il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu jissuġġerixxu modifiki għall-pjani ta' riforma tal-Istat Membru jekk ikun mistenni li din l-implimentazzjoni jista' jkollha impatt negattiv fuq l-Unjoni Ekonomika u Monetarja jew l-Istati Membri l-oħra. Madankollu, **għal-leġittimità demokratika**, il-proċess jirrispetta s-setgħat nazzjonali ta' teħid ta' deċiżjoni u **d-deċiżjoni dwar il-pjan ta' riforma tibqa' f'idejn l-Istat Membru nnifsu**. Hemm bżonn li jiġu previsti kemm il-possibbiltà li l-parlamenti nazzjonali u s-soċjetà ċivili, speċjalment l-imsieħba soċjali, jiġi involuti fil-konsultazzjonijiet kif ukoll li jkun hemm biżżejjed ħin biex isir dan. Barra minn hekk għandu jiġi żgurat li l-parlamenti nazzjonali jadottaw id-deċiżjoni finali relatata mal-implimentazzjoni tar-riformi. Il-Kumitat jinsab imħasseb li din ir-referenza għal-leġittimità demokratika hija aktar superfiċjali milli reali peress li f'partijiet oħra fil-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet fejn il-Kunsill jikkonkludi li Stat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rakkomandata.

3.5 L-iskop tal-koordinazzjoni ex ante huwa li jiġu massimizzati l-effetti sekondarji pożittivi tal-pjanijiet għal riforma maġġuri ekonomika minn Stat Membru għal Stati Membri oħra u li jiġi minimizzati l-effetti indiretti negattivi. Din tipp-roponi sistema ta' tliet filtri bbażati fuq il-kanali ewlenin li minnhom jiġu trażmessi l-effetti sekondarji. Dawn joħlqu ċertu tħassib għall-Kumitat.

3.6 L-ewwel filtru huwa l-kummerċ u l-kompetittività. Jekk Stat Membru jieħu miżuri ta' riforma ta' suċċess biex itejjeb il-pożizzjoni ta' kompetittività tiegħu, mhuwiex eskluż li dan it-titjib ser ikun għad-detriment ta' Stati Membri oħra. Il-Komuni-kazzjoni għandha tispjega bir-reġa u fid-dettall taħt liema kundizzjonijiet ser tintervjeni l-Kummissjoni biex tiddiswadi Stat Membru milli jieħu dawn il-miżuri. Barra minn hekk, dan huwa biss approċċ unilaterali? Il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru li fil-passat kien ħa miżuri biex itejjeb il-kompetittività tiegħu u li issa rriżultaw feċċessi kbar li huma ta' detriment għaż-żona tal-euro?

3.7 Il-Kumitat jiddubita kemm it-tieni filtru – li jikkonċerna effetti sekondarji permezz tas-swieg finanzjarji – għandu lok hawnhekk. Il-Kumitat jemmen li jkun ħafna aktar effettiv jekk ir-riżorsi kollha disponibbli jiġu mmirati sabiex l-implimentazzjoni tat-twaqqif ta' Unjoni Bankarja li tiffunzjona tipproċedi kif skedat.

3.8 It-tielet filtru, dak tal-kunsiderazzjonijiet tal-ekonomija politika u "l-oppożizzjoni domestika għar-riforma", jeħtieġ spjegazzjoni. It-"taġħlim reċiproku" u l-"iskambju tal-aqwa Prattika" mistennija - għad li fihom infushom huma ta' valur - huma fil-periklu li jkunu ineffettivi daqs l-Aġenda ta' Lisbona.

3.9 Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn argumenti iktar sodi li r-riformi koperti mill-koordinazzjoni ex ante għandhom jinkludu oqsma fejn l-UE m'għandhiex kompetenza. Id-difiża għal dan l-argument – jiġifieri li d-deċiżjoni tibqa' kollha kemm hi mal-Istat Membru – hija fjakka fid-dawl tal-proċeduri ta' żbilanċ makroekonomiku msemmija hawn fuq.

3.10 Fil-qafas tal-koordinazzjoni ex-ante, għandu jkun hemm dimensjoni soċjali, immirata speċjalment lejn l-impatti tar-riformi ekonomiċi maġġuri fuq il-livell tal-qgħad.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn qafas Ewropew komprensiv għal-logħob tal-azzard online”

COM(2012) 596 final

(2013/C 271/09)

Relatur: **is-Sinjura RONDINELLI**

Nhar id-19 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Lejn qafas Ewropew komprensiv għal-logħob tal-azzard online

COM(2012) 596 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'122 vot favur u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jikkonferma u jtenni dak li diġà qal fl-Opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ dwar il-Green Paper dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern ⁽²⁾, u jinnota li l-Kummissjoni laqgħet parti biss mill-konklużjonijiet maħruġa. Jenfasizza b'mod partikolari li l-għlieda kontra l-logħob illegali, li huwa t-tleddida prinċipali għall-protezzjoni tal-konsumatur, mhijiex il-prijorità tal-Komunikazzjoni.

1.2 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra, fost il-prijoritajiet li l-Komunikazzjoni għandha l-intenzjoni li twieġeb dwarhom, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-protezzjoni tal-impjiegi fis-settur, il-kwalità tagħhom u t-telf potenzjali tal-impjiegi tal-logħob tal-azzard fiżiku għal benefiċċji ta' dak onlajn.

1.3 Il-logħob tal-azzard jikkontribwixxi għal żieda fid-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri. Permezz tal-lotteriji nazzjonali u l-casinos, il-finanzjament ta' kawżi tajba jappoġġja attivitajiet għall-għbir ta' flus għall-karità u dawk soċjali u sportivi, il-promozzjoni tat-turiżmu u jissalvagwardja l-patrimonju kulturali, artistiku u arkeoloġiku. Il-KESE jemmen li kull attività fil-logħob fil-livell Ewropew għandha sseħħ skont mudell soċjali Ewropew li jippermetti li ċ-ċittadini jiddevertu b'mod san u bbilanċjat.

1.4 Il-KESE jesprimi tħassib qawwi dwar ir-riskji għoljin għas-saħħa pubblika li l-logħob tal-azzard iġib miegħu. Għalhekk, jikkonferma t-talba tiegħu lill-Kummissjoni sabiex isiru riċerka u monitoraġġ fit-territorju kollu tal-UE dwar id-dipendenzi u l-mard marbuta mal-logħob onlajn, u jirrakkomanda li

l-Istati Membri jużaw parti mit-taxxi miġbura għall-finanzjament ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, miżuri preventivi u trattamenti terapewtiċi kontra l-mard assoċjat mal-logħob.

1.5 Il-KESE jilqa' bi pjaċir id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva u tagħmel skambju ta' informazzjoni, esperjenzi u prattiki tajba fost l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji.

1.6 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-għan li kull Stat Membru għandu jkollu awtorità regolatorja b'kompetenzi preċiżi u li tiżgura kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ekwivalenti tal-Istati l-oħra.

1.7 Il-KESE jemmen li huwa indispensabbli li jinstab ekwilibriju bejn il-karattru ta' teknoloġija għolja u għalhekk transkonfinali tas-settur u r-riskji konnessi miegħu marbuta mal-ordni pubbliku u soċjali, il-legalità, it-trasparenza u s-saħħa taċ-ċittadini permezz ta' inizjattivi iktar vinkolanti mir-rakkomandazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni.

1.8 Il-KESE jinnota li attwalment mhix konċepibbli leġislazzjoni tal-UE speċifika għas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn. Filwaqt li jappoġġja l-inizjattivi li l-Kummissjoni qed ttipponi għal kooperazzjoni effikaċi bejn l-Istati Membri, il-Kumitat jittama li f'ċerti oqsma, li għalihom il-kompetenzi huma kondiżi, taġixxi bi strumenti leġislattivi aktar effikaċi, preferibbilment direttivi, sabiex jipproteġu lill-konsumaturi u l-gruppi l-aktar vulnerabbli u jiġġieldu kontra l-operaturi illegali u kontra

⁽¹⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 85.

⁽²⁾ COM(2011) 128 final.

l-ħasil tal-flus. B'dan il-mod jinħoloq sett ta' liġijiet minimi għall-protezzjoni tal-konsumaturi. Hemm bżonn li l-Istati Membri jibqa' jkollhom id-dritt li jstabilixxu standards iktar għolja għall-protezzjoni tal-konsumaturi għas-suq nazzjonali tagħhom jekk jixtiequ, u li jkomplu japplikaw il-liġijiet iktar favorevoli li diġà hemm ⁽³⁾.

Għaldaqstant, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jintervjenu, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, fil-każijiet li ġejjin:

- il-protezzjoni tal-konsumaturi u tas-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini, speċjalment tal-minorenni u tal-gruppi vulnerabbli;
- reklamar responsabbli;
- miżuri kontra l-logħob tal-imħatri frodulent marbuta mal-isports;
- garanziji ta' legalità u trasparenza tal-logħob onlajn flimkien mal-impenn tal-Istati Membri li jintroduċu sanzjonijiet adegwati li jipprovdu, f'każ ta' ksur, l-imblukkar, l-għeluq, is-sekwestru jew it-tneħħija tas-siti illegali.

1.9 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni laqgħet it-talba tiegħu biex il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva kontra l-ħasil tal-flus jiġi estiż għat-tipi kollha tal-logħob tal-azzard ⁽⁴⁾.

1.10 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina l-possibiltajiet li joffri r-regolament għall-użu tal-IMI ⁽⁵⁾ u jittama li dan iservi biex titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn ir-regolaturi nazzjonali u l-iskambju ta' data bejn il-korpi rilevanti nazzjonali u Ewropej.

1.11 Il-KESE jemmen li l-valutazzjoni li ser twettaq il-Kummissjoni dwar il-possibiltà ta' skambju tad-data personali bejn l-Istati Membri hija pożittiva billi l-parti l-kbira tad-data rreġistrata mill-operaturi tista' tiġi kondiviża b'mod li tkun tista' tiġi mqabbla ma' data oħra u b'hekk jiġu ffaċilitati l-kontrolli li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti.

⁽³⁾ Ara ĠU C 24, 28.1.2012, p. 85 (konklużjonijiet: punti 1.3 u 1.6).

⁽⁴⁾ COM(2013) 45 final.

⁽⁵⁾ Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern.

1.12 Il-KESE jqis essenzjali li l-Istati Membri, flimkien mar-regolaturi, iniedu kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni għall-konsumaturi biex jindirizzaw id-domanda għall-logħob onlajn legali. Din l-azzjoni għandha tkun ikkompletata permezz ta' miżuri li jiġġieldu kontra l-operaturi illegali bħal pereżempju l-pubblikazzjoni ta' listi suwed u/jew bojod imfassla mir-regolaturi nazzjonali sabiex il-konsumaturi jkun jistgħu jagħrfu aħjar is-siti awtorizzati, bis-saħħa tal-logo tal-awtorità regolatorja nazzjonali fuq il-homepage tas-sit tal-imħatri u dawk illegali.

1.13 Biex tiġi garantita l-protezzjoni tal-konsumatur, il-KESE jitlob li s-software li jintuża għall-logħob tal-azzard onlajn ikollu ċertifikazzjoni minima komuni tal-UE maħruġa minn entitajiet esterni speċjalizzati abbażi tal-istess standards u parametri. Barra minn dan, jistieden lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri jadottaw standard minimu Ewropew għall-pjattaformi tal-IT tal-logħob tal-azzard u jappella lill-Istati Membri jimplementaw miżuri għall-protezzjoni tad-data tal-lagħaba u jawtorizzaw biss il-mezzi ta' pagament li joffru l-aħjar garanziji ta' sigurtà u traċċabilità fit-transazzjonijiet marbuta mal-logħob onlajn.

1.14 Il-KESE jqis pożittiv ħafna l-esperiment li niedet il-Kummissjoni bit-twaqqif ta' grupp ta' esperti tal-logħob onlajn, li jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajbin tagħhom dwar iċ-ċiber-kriminalità, għaliex għalkemm għadu fi stadju bikri ħafna, dan huwa strument utli biex tinħoloq kooperazzjoni effikaċi bejn l-Istati Membri. Il-KESE jittama li n-natura informali attwali ta' dan il-grupp tinbidel sabiex il-grupp jiżviluppa f'wieħed b'set-għat u kompiti ċari.

1.15 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri jippromovu t-taħriġ adegwat tal-ġudikatura fir-rigward tal-kwistjonijiet inerenti fil-frodi u l-ħasil tal-flus marbutin mal-logħob tal-azzard.

1.16 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tagħha taġġorna u tirvedi r-regoli stabbiliti fiha li jirrigwardjaw l-interventi li għandhom isiru, fid-dawl tal-iżviluppi fl-implimentazzjoni tar-regoli minnaħa tal-Istati Membri – liema minnhom implimentaw u kif, u x'inhuma r-riżultati miksuba fil-livell nazzjonali.

1.17 Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jagħtu mandat lill-Kummissjoni biex tinneogzja u tappoġġja attivament l-abbozz ta' konvenzjoni internazzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-integrità sportiva, li n-negozjati tagħha ser jitnedew fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Daħla

2.1 Il-Komunikazzjoni tindirizza kemm il-ħtieġa li tiġi rispettata l-leġislazzjoni Ewropea dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll dik tal-protezzjoni ta' gruppi partikolari.

2.2 L-użu tal-istrumenti tal-IT b'aċċess dirett għan-networks ippermetta żieda qawwija fil-logħob tal-azzard onlajn, li qed jikber b'rata mgħaġġla. Fl-2011, id-dħul totali fl-UE mil-logħob tal-azzard onlajn fis-27 pajjiż kien ta' EUR 9,3 biljun, li huma ekwivalenti għal 10,9 % tas-suq Ewropew tal-logħob tal-azzard, u huwa stmat li sal-2015 din iċ-ċifra ser tiżdied għal EUR 13-il biljun.

2.3 Bis-saħħa tal-internet, iċ-ċittadin Ewropew jista' fil-fatt ikollu aċċess u jkun espost, fl-Istat ta' residenza tiegħu, għas-servizzi illegali offruti minn wieħed jew aktar mill-operaturi awtorizzati b'liċenzja fi Stat ieħor, Stat Membru jew mhuwiex. Minħabba n-natura ekstras-territorjali u internazzjonali ta' din is-sitwazzjoni, ma tistax tiġi indirizzata mill-Istati individwali, imma jinħtieġ intervent integrat u kooperazzjoni akbar. Sabiex jiġu mħarsa ċ-ċittadini u l-konsumaturi huwa essenzjali li tiġi adottata definizzjoni komuni tal-logħob illegali. Intennu li l-provvista mhux awtorizzata ta' logħob fil-pajjiż ta' residenza tal-lagħaba, jew l-offerta ta' logħob mingħajr il-liċenzja nazzjonali mitluba hija illegali, anke jekk is-servizz ikun provdut minn operatur ibbażat jew awtorizzat f'pajjiż tal-UE jew pajjiż terz⁽⁶⁾. Bl-istess mod li bih huwa illegali l-operatur li la hu kontrollat u lanqas regolamentat.

2.4 Rigward id-differenza bejn "operatur mhux awtorizzat" u "operatur illegali", ikkonsulta n-nota 15 tal-Komunikazzjoni.

2.5 Jitqies pożittiv li l-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti dwar il-logħob tal-azzard għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki bejn l-Istati Membri, l-istudju tal-problemi li jinħolqu minħabba l-logħob illegali, it-taħriġ speċifiku u aġġornat tal-ġudikatura, it-titjib fl-informazzjoni mogħtija lill-konsumaturi u ż-żieda fid-disponibbiltà tal-logħob legali.

2.6 Dawn l-interventi huma l-ewwel pass utli fil-ġlieda kontra l-operaturi illegali involuti fi frodi, il-kriminalità u l-ħasil tal-flus.

⁽⁶⁾ Il-konklużjonijiet tal-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 – 9495/10 jistabilixxu li l-logħob illegali online huwa dak offrut mingħajr liċenzja u mingħajr ma jirrispetta l-liġijiet tal-pajjiż in kwistjoni u għalhekk l-operaturi tal-logħob onlajn għandhom jikkonformaw mal-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri fejn joperaw.

3. Sommarju tad-dokument tal-Kummissjoni

3.1 Il-Komunikazzjoni tenfasizza d-differenzi li hemm bejn il-leġislazzjonijiet nazzjonali, u tipproponi azzjonijiet li jistabbilixxu miżuri prijoritarji fil-livell nazzjonali u tal-UE u azzjonijiet ta' kollaborazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati. Il-Komunikazzjoni tindika l-miżuri possibbli u tagħmel rakkomandazzjonijiet, mhux l-anqas fir-rigward tal-koordinazzjoni u l-integrazzjoni amministrattiva bejn l-Istati.

3.2 L-għan ewlieni huwa li jiġi żgurat li l-leġislazzjoni Ewropea tiġi mħarsa u applikata mil-leġislazzjonijiet nazzjonali permezz ta' azzjonijiet diretti u rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri. Għal dan il-għan il-Kummissjoni ser:

- tiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-logħob tal-azzard fl-Istati Membri;
- teżamina l-proċeduri possibbli għall-imblukkar tas-siti illegali;
- tippromovi s-suq legali tal-logħob tal-azzard, anke permezz ta' djalogu mal-pajjiżi terzi;
- tipproteġi l-konsumaturi, b'mod partikolari l-minorenni u l-gruppi vulnerabbli, anke permezz ta' kontrolli fuq l-istrumenti li jikkontrollaw l-aċċess għall-internet;
- tistudja l-effetti tal-vizzju tal-logħob tal-azzard fil-livell Ewropew;
- tevalwa l-prestazzjoni tas-suq tas-servizzi tal-logħob tal-azzard;
- tadotta r-rakkomandazzjonijiet dwar il-prattiki tajba għall-prevenzjoni tal-imħatri illegali u l-ġlieda kontrihom.

3.3 Il-Kummissjoni ttenni li huwa fl-interess tal-Istati Membri li jistabbilixxu politika effikaċja kontra l-frodi u l-ħasil tal-flus, u li jipproteġu l-integrità tal-isports kontra l-fenomeni tal-logħob, partiti u kompetizzjonijiet mixtrijin, anke permezz tal-iskambju tal-esperjenzi fir-rigward tal-kriminalità u n-networks tal-IT.

4. Kummenti

4.1 Ingiba l-leġislazzjoni nazzjonali konformi mal-liġi tal-UE

4.1.1 L-ewwel nett, il-KESE jenfasizza t-tassib kbir tiegħu dwar iż-żieda fil-logħob tal-azzard onlajn u ż-żieda esponenzjali tal-offerta tal-logħob, li numru dejjem jiżdied tal-popolazzjoni qed jipparteċipa fih b'konsegwenzi serji fuq id-dħul tal-familji. Għalhekk hemm b'żonn ta' restrizzjonijiet effettivi fuq it-tipi diversi ta' reklamar, b'mod partikolari dak televiżiv, onlajn u fuq il-mezzi tat-trasport.

4.1.2 Il-provvista u l-użu tas-servizzi transnazzjonali tal-logħob tal-azzard huma attività ekonomika li hija koperta mid-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu previst fis-suq intern (Artikolu 56 tat-TFUE). Minkejja dan, l-Artikolu 52(1) tat-TFUE jippermetti restrizzjonijiet fuq il-provvista libera tas-servizzi garantiti mill-Artikolu 56 għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika.

4.1.3 Il-KESE jfakkar li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà ewlenija tal-organizzazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-logħob tal-azzard fit-territorju tagħhom. Il-logħob huwa attività potenzjalment perikoluża ħafna għall-konsumaturi u huwa ugwalment suxxettibbli għall-użu kriminali, bħall-ħasil tal-flus, jekk dan ma akunx regolat kif suppost jew jekk ir-regolamentazzjoni ma tkunx infurzata b'mod strett. F'dan il-kuntest, għalkemm il-logħob tal-azzard huwa kopert mil-libertà fil-provvista tas-servizzi, skont l-Artikolu 49 KE ⁽⁷⁾, attwalment ma tistax tiġi prevista leġislazzjoni tal-UE dwar il-logħob tal-azzard onlajn minħabba d-differenzi bejn il-leġislazzjonijiet nazzjonali. Filwaqt li jappoġġja l-inizjattivi li qed tipproponi l-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kooperazzjoni effikaċi bejn l-Istati Membri, il-KESE jittama li f'ċerti oqsma (ara 1.8), ikun hemm strumenti aktar effettivi – preferibbilment direttivi – għall-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, u kontra l-operaturi illegali u l-ħasil tal-flus.

4.1.4 Skont ġurisprudenza abbondanti stabbilita fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, ir-restrizzjonijiet fuq l-attivitàjiet tal-logħob tal-azzard jistgħu jkunu ġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħalma huma l-protezzjoni tal-konsumaturi u l-prevenzjoni tal-frodi u tal-inċitament taċ-ċittadini sabiex jonfqu ammonti eċċessivi ta' flus fuq il-logħob ⁽⁸⁾. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu jew jillimitaw il-provvista transkonfinali tas-servizzi tal-logħob tal-azzard kollha jew ta' wħud minnhom bil-għan li tingħata protezzjoni mil-logħob tal-azzard fil-interess pubbliku ⁽⁹⁾.

⁽⁷⁾ Sentenzi 19.07.2012 kawża C-470/11, SIA Garkalns, għadha mhux ippubblikata, punt 24; 8.09.2010 kawża C-316/07, minn C-358/07 sa C-360/07, C-409/07 u C-410/07, Stoß u oħrajn.

⁽⁸⁾ Sentenzi 19.07.2012 kawża C-470/11, SIA Garkalns ċit, punt 39; 8.09.2010 kawża C-46/08 Carmen Media Group, punt 55.

⁽⁹⁾ Każijiet Liga Portuguesa de Futebol C-42/07 o Anomar C-6/01.

4.1.5 Is-servizzi tal-logħob tal-azzard mhumix suġġetti għal leġislazzjoni uniformi fl-UE u l-leġislazzjonijiet nazzjonali jvarjaw b'mod sinifikanti minħabba l-karatteristiċi kulturali, soċjali u storiċi ta' kull pajjiż. Uħud mill-Istati Membri ma jippermettux logħob onlajn, oħrajn jippermettu biss ċertu logħob, u oħrajn għandhom monopolju mmaniġġjat esklużivament minn operatur pubbliku jew privat. Fin-nuqqas ta' data aġġornata dwar is-sitwazzjonijiet diversi nazzjonali ⁽¹⁰⁾, il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex twettaq eżerċizzju ta' pjan dettaljat (mapping exercise) bejn l-Istati Membri.

4.1.6 Kif għamlet ċar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri li jagħżlu l-liberalizzazzjoni kontrollata tas-settur, jistgħu leġittimament jistabbilixxu skema għall-permessi – li tkun suġġetta għall-awtorizzazzjoni amministrattiva – ibbażata fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u li ma jiddiskriminawx kontra n-nazzjonalità ⁽¹¹⁾.

4.1.7 Peress illi fil-logħob tal-azzard onlajn ma hemmx relazzjoni diretta bejn il-konsumatur u l-operatur, ir-riskju tal-frodi min-naħa tal-operatur għad-dannu tal-konsumatur huwa akbar ⁽¹²⁾. Id-disponibbiltà tas-servizzi tal-logħob illegali, u b'hekk mhux kontrollati, hija theddida serja għall-konsumaturi. Għalhekk, l-applikazzjoni rigoruża mill-Istati Membri tal-miżuri li jiġġieldu kontra l-operaturi illegali tipprovdi l-garanzija primarja u l-aħjar strument għall-protezzjoni tal-konsumaturi.

4.1.8 L-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu l-għanijiet tal-politika tagħhom dwar il-logħob tal-azzard u jiddefinixxu l-livell ta' protezzjoni. Minkejja dan, ir-restrizzjonijiet li jimponu jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u għandhom ikunu proporzjonati, mhux diskriminatorji, u jiffurmaw parti minn politika li hija applikata b'mod sistematiku u koerenti.

4.1.9 Peress illi l-leġislazzjoni fl-Istati Membri individwali tvarja, u li s'issa impossibbli ssir regolamentazzjoni tal-UE tal-logħob tal-azzard onlajn, hemm b'żonn li ssir armonizzazzjoni tal-liġijiet u l-Istati Membri hemm b'żonn jiġu meġhuna jinfurzw ir-rispett tal-liġijiet eżistenti biex tiġi garantita ċertezza tad-dritt akbar fl-ambitu tal-konsumaturi, tal-minorenni u l-gruppi vulnerabbli, tar-reklamar u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jagħmlu skambju tal-prattiki tajba fil-ġlieda kontra l-operaturi illegali.

⁽¹⁰⁾ Studju dwar il-logħob tal-azzard fis-suq intern tal-UE mill-Istitut Svizzeru tal-Liġi Komparattiva (2006) http://ec.europa.eu/internal_market/services/gamblig_en.htm

⁽¹¹⁾ Sentenza 24.01.2013 kawża magħquda C-186/11 u C-209/11 Stanleybet International LTD u oħrajn punt 47.

⁽¹²⁾ Sentenza tat-8 ta' Settembru 2009 kawża C-42/07 Liga Portuguesa de Futebol Profissional u oħrajn.

4.1.10 Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà l-UE għandha tieħu azzjoni meta l-aġir tagħha jista' jtejjeb is-sitwazzjoni u tiggarrantixxi valur miżjud fis-sistemi ta' regolamentazzjoni tal-Istati Membri. Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur u tat-tibdiliet marbuta mal-użu tal-internet, il-KESE huwa tal-fehma li din l-azzjoni tal-UE għandha ssir permezz ta' kooperazzjoni kontinwa bejn l-Istati Membri u l-promozzjoni ta' prattiki tajba fil-ġlieda kontra l-operaturi illegali, ġlieda li ttrikkjed azzjoni transnazzjonali.

4.2 Kooperazzjoni amministrattiva u l-applikazzjoni effettiva tal-liġi

4.2.1 L-UE għandha ssaħħa il-kontroll, il-kooperazzjoni amministrattiva u l-applikazzjoni reali tal-liġi dwar il-logħob tal-azzard onlajn, u l-Istati jridu jikkollaboraw bejniethom biex jitwettaq dan.

4.2.2 Sabiex il-kontrolli jkunu faċilitati, huwa importanti li d-data personali rreġistrata mill-operaturi tkun disponibbli u kondiviża, filwaqt li tkun garantita l-protezzjoni tagħha. Il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati permezz tal-iskambju ta' informazzjoni ġenerali u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għandha tiġi mħeġġa sabiex isir l-aħjar skambju ta' għarfien u esperjenzi biex jinħoloq sens reċiprokuta' fiduċja u interess.

4.2.3 Iċ-ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-IT remoti tal-logħob fil-livell nazzjonali tiggarrantixxi s-sorveljanza tas-suq tal-logħob tal-azzard. Huwa importanti li ssir kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri u li f'kull Stat tiġi stabbilita awtorità li tirregola l-logħob tal-azzard onlajn b'kompetenzi preċiżi u li tssigura koordinazzjoni mill-qrib fil-livell tal-UE.

4.2.4 Hemm bżonn li tiġi evalwata l-koerenza tal-politiki nazzjonali mal-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza tal-UE, kif ukoll it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni tas-sistemi ta' liċenzjar. F'każ ta' nonkonformità, għandu jkun hemm proċeduri ta' ksur.

4.2.5 Il-KESE huwa tal-fehma li l-miżuri preventivi u represivi li ġew adottati sa issa mill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-logħob tal-azzard onlajn, provdut minn operaturi mingħajr liċenzja, jiġifieri illegali, mhumix biżżejjed biex jindirizzaw din il-problema. Għalhekk jissuġġerixxi t-tfassil ta' qafas regolatorju nazzjonali ta' prinċipji li jiggarrantixxi l-legalità u t-trasparenza tas-siti, u li jipprevedi: l-identifikazzjoni tas-siti

awtorizzati skont il-leġislazzjoni proprja ta' Stat Membru u l-inklużjoni tagħhom f'"lista bajda"; l-imblukkar, l-għeluq, is-sekwestru u t-tneħħija tas-siti illegali⁽¹³⁾; l-imblukkar tal-flussi finanzjarji minn u lejn dawn is-siti; il-projbizzjoni tal-komunikazzjonijiet kummerċjali u r-reklamar tal-logħob illegali.

4.3 Il-konsumaturi

4.3.1 Il-KESE jiddispaċi li t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għal miżuri inċiżivi li jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-operaturi illegali, li huma l-akbar theddida għall-konsumaturi, tħalliet mingħajr risposta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk jerġa' jitlob li jiġu adottati mill-aktar fis possibbli miżuri inċiżivi biex jiġu mwettqa prattiki tajba fir-rigward tal-prevenzjoni tal-logħob illegali u l-ġlieda kontrih.

4.3.2 Il-Kummissjoni tipprevedi li, fl-2013, tadotta rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u r-reklamar reponsabbli tal-logħob tal-azzard u tidentifika erba' oqsma ta' azzjoni: li tbiegħed lill-konsumaturi mis-servizzi mhux regolati u li huma potenzjalment ta' dannu; tipproteġi lill-minorenni mill-aċċess għas-siti; tipproteġi l-gruppi vulnerabbli l-oħra u timpedixxi l-iżvilupp ta' mard marbut mal-logħob tal-azzard. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinkludi f'din ir-rakkomandazzjoni l-prattiki tajba fir-rigward tal-ġlieda kontra l-logħob illegali u l-prevenzjoni tiegħu, wara li ssir evalwazzjoni fil-livell ta' kull Stat Membru dwar it-tipi ta' logħob l-aktar ta' ħsara għall-konsumaturi.

4.3.3 Il-KESE japprezza l-attenzjoni li nġhatat fil-Komunikazzjoni lill-protezzjoni tal-konsumaturi u l-gruppi ta' persuni vulnerabbli, anke fir-rigward tar-reklamar u l-vizzju tal-logħob. Jenfasizza l-ħtieġa li f'dan ir-rigward jiġu adottati miżuri b'livell għoli ta' protezzjoni u jinnota li l-istrumenti previsti huma dgħajfa wisq. Għalhekk jissuġġerixxi l-adozzjoni ta' strumenti aktar stretti. Fil-fatt, is-servizzi disponibbli tal-logħob illegali, li min-natura tagħhom huma mingħajr kontroll u perikolu, jirrappreżentaw l-akbar theddida għall-konsumaturi. Hemm bżonn li f'kull Stat Membru jiġu identifikati miżuri sodi li jiġġieldu kontra l-operaturi illegali li ma jirrispettawx il-leġislazzjoni nazzjonali, li hija l-ewwel u l-aqwa garanzija għall-protezzjoni tal-konsumaturi.

4.3.4 L-għan fundamentali tal-azzjoni tal-Kummissjoni għandu jkun il-garanzija li l-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat u r-responsabbiltajiet kollha tagħhom u li tistabbilixxi qafas regolatorju għall-UE kollha u għall-operaturi awtorizzati kollha li jipprovdu dan it-tip ta' servizz. Dan sabiex jiġi evitat il-logħob tal-azzard problematiku u jiġu introdotti rekwiżiti rigward l-età minima li tagħti-aċċess għal-logħob kollu, u l-projbizzjoni tal-logħob bil-kreditu għal-logħob u l-imħatri li huma l-aktar perikolu (każinò onlajn, spread betting, betting exchange), u tipi ta' reklamar immirati lejn il-minorenni u l-gruppi vulnerabbli.

⁽¹³⁾ COM(2010) 673 final, 22.11.2010: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura".

4.3.5 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni kontra s-servizzi illegali tal-logħob skont il-kompetenzi tagħhom b'mod effettiv u bil-qawwa. Jitlob li l-Istati Membri jadottaw miżuri bħal-"lista sewda" u l-imblukkar tas-siti illegali, il-ħolqien ta' tipi ta' pagamenti sikuri u traċċabbli, l-imblukkar ta' transazzjonijiet finanzjarji, u l-projbizzjoni assoluta tar-reklamar illegali. F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li l-effikaċja ta' dawn il-miżuri tiddependi ħafna mit-teħid ta' azzjoni konġunta, li ssaħħa l-effett tagħhom kontra l-operaturi illegali.

4.3.6 Idealment, f'kull Stat Membru għandha tinholq awtorità regolatorja li jkollha responsabbiltajiet speċifiċi biex tissorvelja u tiżgura l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-għlieda kontra l-logħob illegali. L-eżistenza ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali hija prerekwiżit għat-tweġiq ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni amministrattivi effettivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema regolatorja tagħhom, abbażi tal-ispeċifikażjonijiet nazzjonali u l-qafas regolatorju tagħhom, tkun kapaċi timplimenta dan. Il-KESE jittama li kull Stat Membru jagħti lill-awtorità regolatorja l-kompetenza li tistabbilixxi hi l-kriterji għall-għoti ta' liċenzji fis-suq tiegħu stess.

4.3.7 F'kull Stat membru, il-konsumaturi tal-UE għandhom ikunu jistgħu jiddistingwu bejn is-siti legali u illegali, anke sabiex ikunu jistgħu jressqu lment. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakommanda li kull Stat jobbliga lill-operaturi kollha li huma awtorizzati jipprovdu logħob onlajn juru fuq il-websajt tagħhom, b'mod prominenti u permanenti, in-numru tal-awtorizzazzjoni u tikketta mill-awtorità regolatorja nazzjonali li turi li l-operatur għandu liċenzja f'dak l-Istat Membru.

4.3.8 Il-KESE jappella għall-adozzjoni tal-akbar garanzija legiſlattiva possibbli għall-protezzjoni tal-minorenni, li tipp-revedi strumenti adatti għall-verifikazzjoni tal-età u li tassigura li l-operaturi jagħmlu kontrolli effettivi f'dan ir-rigward. Il-ġenituri għandhom ikunu sensibilizzati dwar ir-riskji tal-użu tal-internet u dwar il-filtraġġ tal-programmi fid-dar. Garanziji adatti għandhom jiġu adottati għall-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli li jgħattgħu ħafna ħin id-dar: il-pensjonanti, in-nisa tad-dar u l-persuni qiegħda.

4.3.9 Il-kriżi attwali qed tiġbed dejjem aktar nies lejn il-logħob onlajn, li jagħtihom l-illużjoni li jistgħu jsoġu l-problemi ekonomiċi tagħhom b'rebħiet faċli. Dan iġib miegħu riskji kbar għall-benesseri psikoloġiku tagħhomk għax iwassal għall-vizzju u l-imġiba ossessiva-kompulsiva. Biex jiġu miġġielda dawn it-tipi ta' mard, il-KESE jirrakommanda li parti mit-taxxi miġbura jiġu allokat għall-finanzjament ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, miżuri preventivi u trattamenti terapewtiċi kontra l-mard assoċjat mal-logħob.

4.3.10 Il-KESE jqis b'mod pożittiv l-għan tal-Kummissjoni li tagħmel rakkomandazzjoni – għalkemm jixtieq li l-istrument ikun aktar inċiżiv u vinkolanti – dwar ir-reklamar responsabbli tal-logħob tal-azzard sabiex tikkomplementa d-Direttiva dwar il-prattiċi kummerċjali ingustisabiex tingħata l-informazzjoni korretta lill-konsumaturi. Il-KESE jenfasizza li l-azzjoni f'dan ir-rigward għandha tinkludi miżuri kontra l-operaturi illegali, bħall-projbizzjoni ta' reklamar minn operaturi li jipprovdu servizzi mingħajr liċenzja mogħtija mill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-pajjiż fejn jgħix il-konsumatur.

4.3.11 Jeħtieġ li jinsab bilanċ bejn il-bżonn ta' tkabbir kontrollat tal-logħob awtorizzat – biex is-servizzi tal-logħob legali ikunu attraenti għall-pubbliku – u l-bżonn li jitnaqqas kemm jista' jkun il-vizzju ta' dan il-logħob.

4.3.12 Ir-reklamar għandu jsir b'mod aktar responsabbli u regolat, b'mod speċjali għall-protezzjoni tal-minorenni, mhux biss għax huwa ta' ħsara kbira għas-saħħa, b'mod partikolari dik mentali, iżda wkoll għaliex huwa jgħarrag u jinganna, għax iġiegħel lill-pubbliku jemmen li l-logħob onlajn huwa "normali" u b'hekk jinkoraġġixxi mġiba soċjali li mhix tajba għas-saħħa.

4.3.13 Minkejja l-proġett Alice Rap⁽¹⁴⁾, il-Kumitat jinnota li għad ma hemmx data affidabbli disponibbli dwar l-għadd u l-varjetajiet ta' mard marbutin mal-logħob tal-azzard. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ kontinwu u kostanti tal-fenomeni tal-vizzju u l-mard relatat sabiex tinkiseb data sodisfaċenti li tippermetti li l-leġislaturi nazzjonali u tal-UE jadottaw miżuri effettivi u mmirati biex jiġġieldu kontra din il-problema u jimpe-dixxuha.

4.4 Il-prevenzjoni tal-frodi u l-ħasil tal-flus

4.4.1 Il-problemi marbutin mal-identifikazzjoni ta' individwi attivi fil-logħob onlajn permezz ta' distribuzzjoni remota, kemm dawk li qed jirbħu bil-bosta kif ukoll dawk li qed jtilfu b'mod qawwi, u li għalhekk jista' jkun li qed jaħbu l-attività tal-ħasil tal-flus, għandhom jiġu indirizzati permezz tal-identifikazzjoni minn qabel tal-individwi u l-ftuħ ta' kont wieħed speċifiku għal kull individwu li qed jilgħab.

4.4.2 Is-serq tal-identità huwa problema kbira li mhix marbuta biss mal-logħob tal-azzard onlajn, iżda mas-sistema kollha tad-data u l-iskambju ta' data fuq l-internet u t-teknoloġija onlajn.

⁽¹⁴⁾ Addiction and Lifestyles in Contemporary Europe, Reframing Addictions Project.

4.4.3 Il-generatori aleatorji tan-numri (random number generators) għandhom ikunu ċertifikati b'mod qawwi sabiex ikunu konformi mal-prinċipju tan-nonprevedibilità u fl-istess ħin jassiguraw li l-avveniment verifikat huwa l-uniku wieħed possibbli u li huwa impossibbli li jkun hemm tbaġħbis. B'hekk jiġi protett dak li qed jiġi għad u tkun rispettata l-korrettezza tal-istandards li l-Istati Membri jiddeċiedu f'termini ta' rebħ.

4.4.4 Biex tiġi żgurata sigurtà akbar fit-tipi ta' software użati għal-logħob tal-azzard onlajn, il-Kumitat jipproponi ċertifikazzjoni minima fl-UE li għandha ssir minn korpi esterni speċjalizzati li jadottaw l-istess parametri u standards, u li wkoll jidentifikaw u jimpedixxu l-logħob illegali offshore.

4.4.5 Wieħed mill-modi biex jiġi protett l-aċċess għal-logħob jista' jkun l-identifikazzjoni tal-indirizzi IP (indirizzi tal-Protokoll tal-Internet). Jekk individwu jaċċessa sistema tal-logħob ta' wieħed mill-Istati Membri permezz ta' indirizz IP ta' pajjiż ieħor huwa teknikament possibbli li l-logħba tiġi mblukkata.

4.4.6 Peress illi l-logħob tal-azzard onlajn huwa suxxettibbli għall-problemi tal-ħasil ta' flus u l-frodi, ikun tajjeb jekk il-kwantità kbira ta' informazzjoni u data li jirreġistraw l-operaturi tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-ordni pubbliku, biex ikunu jistgħu jiġu mqabbla ma' data oħra u jiġu ffaċilitati l-kontrolli.

4.5 L-isports u l-kompetizzjonijiet mixtrija

4.5.1 L-imħatri fuq partiti, logħob u kompetizzjonijiet mixtrija huma tip ta' frodi speċifiku li jmur kontra l-interessi tas-soċjetajiet sportivi, tas-sapporters, tal-konsumaturi u tal-operaturi tal-logħob tal-azzard legali.

4.5.2 Il-Kummissjoni tappoġġja s-suġġeriment tal-KESE, li jqis neċessarju t-tfassil ta' qafas għall-koordinazzjoni tal-isforzi tal-partijiet interessati kollha sabiex tiġi indirizzata l-problema b'mod globali u evitata d-duplikazzjoni tar-risorzi. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni akbar bejn l-operaturi tal-imħatri, il-korpi sportivi u l-awtoritajiet kompetenti, inklużi r-regolaturi nazzjonali u internazzjonali tal-logħob tal-azzard.

4.5.3 Il-KESE jtenni s-suġġeriment tal-ħolqien ta' sistema li ma tkunx limitata għas-sempliċi għbir ta' dikjarazzjonijiet li jirrappurtaw suspetti fuq xi avveniment sportiv partikolari, imma li tieħu miżuri preventivi, edukattivi u persważivi li jistgħu jindirizzaw il-fenomeni b'mod effettiv.

4.5.4 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva tal-Kummissjoni li sal-2014 tiġi adottata rakkomandazzjoni dwar il-prattiki tajbin fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-imħatri marbuta mal-partiti mixtrijin, għalkemm iqs li l-istrument legiſlattiv magħżul mhuwiex suffiċjenti. Il-kompetizzjonijiet mixtrijin jiksru l-prinċipju ta' kompetizzjoni sportiva ġusta, u huma reat kriminali fl-Istati Membri kollha, minkejja li ġiet reġistrata żieda f'din l-attività illegali jew kien hemm suspett li hi tali. Għalhekk hemm bżonn azzjoni aktar inċiżiva fil-ġlieda kontra l-kompetizzjonijiet mixtrijin, bl-għajna ta' strumenti, kompetenzi u riżorsi tal-Istati Membri, f'sinerġija bejniethom u mal-UE.

4.5.5 Il-KESE jitlob lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan, li jqisu l-korruzzjoni sportiva, il-kompetizzjonijiet mixtrijin u l-manipulazzjoni tar-riżultati sportivi bħala reati, u b'hekk soġġetti għas-sanzjonijiet. Jitlob lill-Kummissjoni tilħaq ftehim mal-Istati Membri dwar definizzjoni komuni ta' dawn ir-reati kriminali.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Approċċ Ewropew ġdid għall-falliment u l-insolvenza”

COM(2012) 742 final

final u dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta’ falliment”

COM(2012) 744 final — 2012/0360 (COD)

(2013/C 271/10)

Relatur: **is-Sur ALMEIDA FREIRE**

Nhar it-12 ta’ Diċembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Approċċ Ewropew ġdid għall-falliment u l-insolvenza

COM(2012) 742 final.

Nhar il-15 ta’ Jannar 2013 u l-5 ta’ Frar 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta’ falliment

COM(2012) 744 final – 2012/0360 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013. (seduta tat-22 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’130 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Konklużjonijiet ġenerali

1.1.1 L-Ewropa għaddejja minn kriżi ekonomika u soċjali kbira, li l-effetti tagħha għandhom impatt dirett fuq il-livelli kollha tas-soċjetà.

1.1.2 L-iffaċilitar tas-sopravivenza tal-intrapriżi hija fost il-miżuri li l-Unjoni Ewropea identifikat biex toħroġ minn dan l-istagħnar. Il-fallimenti fil-fatt għandhom riperkussjonijiet li jmorru lil hinn mill-konsegwenzi negattivi għall-intrapriżi kkonċernati; huma jolqtu wkoll b’mod globali l-ekonomija tal-Istati Membri, u b’mod iktar partikolari ċ-ċittadini bħala kontribwenti, impjegati u impjegatur.

1.1.3 Il-KESE jaqbel mal-miri li jidhru fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, għalkemm huwa tal-fehma li “ċ-ċans ieħor” li jissemma fiha għandu jkun ta’ benefiċċju għall-intraprendituri li tgħallmu mill-falliment preċedenti tagħhom u huma kapaċi li jibdeu mill-ġdid abbażi ta’ proġett intraprenditorjali maħsub mill-ġdid.

1.1.4 Huwa jappoġġja wkoll il-Proposta għal Regolament, iżda jiddispijaċi li dan mhuwiex ambizzjuż biżżejjed.

1.1.5 Fil-fatt, għad iridu jitwettqu diversi riflessjonijiet u azzjonijiet konkreti, biex jitħarsu d-drittijiet tal-kredituri, filwaqt li jsir sforz biex jinsab bilanċ bejn l-interessi tal-intraprendituri u tal-impjegati, titħeġġeġ ir-ristrutturazzjoni tal-intrapriżi, jiġi impedit il-forum shopping u titjieb il-koordinazzjoni tal-proċedimenti ta’ falliment ta’ gruppi ta’ intrapriżi.

1.2 Rakkomandazzjonijiet dwar il-Komunikazzjoni

1.2.1 Il-KESE jqis li l-punti ta’ riflessjoni għal armonizzazzjoni sostanzjali tal-liġi dwar l-insolvenza tal-intrapriżi huma interessanti, anke jekk huwa jiddispijaċi dwar in-nuqqas ta’ rispons effettiv għall-kriżi ekonomika u soċjali li għaddejjin minnha l-intrapriżi u ċ-ċittadini Ewropej.

1.2.2 Il-KESE jippreferi l-idea ta’ bidu ġdid – “fresh start” – kunċett prinċipali tal-liġi Amerikana dwar l-insolvenza, milli l-idea ta’ “ċans ieħor” li tappoġġja l-Kummissjoni. Barra minn dan, huwa jistedinha tirrifletti fuq il-kontribut ta’ din l-idea għal-liġi Ewropea dwar l-insolvenza.

1.2.3 Huwa jqis ukoll li l-impjegat għandu jkun protett aħjar, u għandu jkun jista’ jingħata r-rwol ta’ kreditur privileġġjat.

1.2.4 Il-kwistjoni ta' assistenza mhux adatta li tingħata lill-intrapriżi f'diffikultà għandha wkoll tkun parti mir-riflessjoni, u f'dan ir-rigward il-KESE jenfasizza li din ir-responsabbiltà tista' taqa' wkoll fuq persuni oħra apparti l-banek. Għaldaqstant, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tħares lejn dawn il-parametri skont il-valur ġust tagħhom.

1.2.5 Huwa jqis li l-kriminalizzazzjoni tal-liġi tal-insolvenza mhijiex mixtieqa, għax din iżżid il-proċeduri ġudizzjarji tal-proċedimenti tal-insolvenza u ttawwal iż-żmien tal-investigazzjoni.

1.2.6 Huwa jidhirlu li r-rikors sistematiku quddiem l-imhalled mhuwiex l-aqwa soluzzjoni. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti fuq l-idea li jinħolqu opportunitajiet ġodda, pereżempju marbuta mas-settur tal-ekonomija, iffurmati minn grupp multidixxiplinari (mill-kamp ekonomiku, finanzjarju, ġuridiku) li jgħinu aktar biex jifhemu aħjar u jkun hemm azzjoni rapida biex tingħata għajnuna lill-intrapriżi sabiex jegħlbu d-diffikultajiet finanzjarji tagħhom.

1.2.7 Fl-aħħar nett, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-proposti relatati mal-armonizzazzjoni tal-istatut tal-likwidatur, hekk kif jirriżultaw mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ottubru 2011 ⁽¹⁾.

1.3 Rakkomandazzjonijiet dwar il-Proposta għal Regolament

1.3.1 Il-KESE jappoġġja l-Proposta għal Regolament, anke jekk din hija limitata għal regoli ta' proċedura, u li din ma għandhiex l-għan li tarmonizza l-liġijiet nazzjonali applikabbli għall-każijiet ta' insolvenza tal-intrapriżi.

1.3.2 Huwa jirrikonoxxi l-obbligu li ngħata lill-Istati Membri li dawn itejbu r-regoli ta' pubbliċità permezz ta' reġistru elettroniku, deċiżjonijiet ġudizzjarji pertinenti li jingħataw fi kwistjonijiet ta' insolvenza transkonfinali, u l-interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali tal-insolvenza.

1.3.3 Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex madankollu tqis li r-responsabbiltà, l-ispejjeż u ż-żminijiet tat-traduzzjonijiet ma jżommux lura l-proċedimenti tal-insolvenza, għaliex il-ħeffa tiggarrantixxi s-suċċess tagħhom.

1.3.4 Huwa jappoġġja l-integrazzjoni tal-proċedimenti ċivili ta' dejn, iżda din iż-żieda ma għandhiex tkun favorevoli għaddebituri individwali. Fil-fatt, liġi mfassla għall-intrapriżi, maħsuba biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-kummerċ, fiha nnifisha tagħti anqas protezzjoni mil-liġi dwar il-konsum. Huwa jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tagħti attenzjoni partikolari lil dan is-suġġett.

1.3.5 Fl-aħħar nett, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja li r-rikors għall-proċedura ta' delega biex jiġu modi-

fikati annessi għar-Regolament iqis l-Artikolu 290 tat-TFUE u l-kontribut tal-ġurisprudenza fuq l-idea ta' "miżuri essenzjali".

2. Introduzzjoni

2.1 L-għan tal-Pakkett tal-Insolvenza

2.1.1 L-inizjattivi ta' dan il-pakkett leġislattiv jiffurmaw parti mir-rispons tal-UE għall-kriżi ekonomika u soċjali li qed tolgot lill-intrapriżi u ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea. L-għan tagħhom huwa li jgħinu lill-intrapriżi jissopravvivu u li jagħtu ċans ieħor lill-intraprendituri li qed jiffaċċjaw l-insolvenza.

2.1.2 L-approċċ magħżul tal-Kummissjoni Ewropea jikkonsisti f'li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 ⁽²⁾ tad-29 ta' Mejju 2000 li huwa magħruf bħala r-Regolament dwar proċedimenti ta' falliment u li essenzjalment jikkonċerna r-regoli tal-liġi internazzjonali privata li japplikaw fil-proċeduri transkonfinali ta' falliment u li tinbeda konsultazzjoni abbażi tal-Komunikazzjoni bit-titolu: "Approċċ Ewropew għid għall-falliment u l-insolvenza tal-intrapriżi".

2.1.3 Il-KESE ddeċieda li jagħti l-fehma tiegħu dwar iż-żewġ testi f'Opinjoni waħda.

2.2 Il-Proposta għal Regolament ⁽³⁾

2.2.1 Minħabba li tqis li r-Regolament dwar il-proċedimenti ta' falliment tad-29 ta' Mejju 2000 huwa skadut, u wara l-identifikazzjoni tal-ħames nuqqasijiet prinċipali tiegħu ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni qed tipproponi li dan it-test jiġi rivedut.

2.3 Il-Komunikazzjoni

2.3.1 Din tistqarr sew li l-Proposta għal Regolament tad-12 ta' Diċembru 2012 hija limitata għall-aġġornament tar-Regolament dwar proċedimenti ta' falliment tad-29 ta' Mejju 2000 u għal-hekk tagħraf u tikkordina biss ir-regoli dwar il-proċedimenti li japplikaw fil-każ ta' fallimenti nazzjonali, u dan mingħajr armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali applikabbli f'każijiet ta' falliment ta' intrapriżi.

2.3.2 Hija tfittex li tikkoreġi dan in-nuqqas billi tipproponi punti ta' tluq għal riflessjoni bil-għan li tiġi żgurata armonizzazzjoni sostanzjali tal-liġi dwar l-insolvenza tal-intrapriżi filwaqt li jiġu koperti biss każijiet transkonfinali ta' insolvenza.

⁽²⁾ ĠU L 160, 30.6.2000, p. 1 u ĠU C 75, 15.3.2000, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁾ COM(2012) 744 final, 12.12.2012.

⁽⁴⁾ — kamp ta' applikazzjoni limitat wisq;

— il-persistenza tat-tiftix tal-iktar qorti favorevoli (forum shopping) minħabba nuqqas ta' konsistenza fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' "ċentru prinċipali tal-interessi tad-debitur";

— in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-proċedimenti ta' falliment prinċipali u sekondarji;

— pubbliċità insuffiċjenti tal-proċedimenti ta' falliment;

— vakwu ġuridiku fir-rigward tal-falliment tal-intrapriżi multinazzjonali;

— il-Kummissjoni tibni fuq il-134 risposta li rċeviet wara konsultazzjoni pubblika li tnediet fid-29 ta' Marzu 2012, il-konklużjonijiet ta' studju komparattiv tal-liġi li wettqu l-universitajiet ta' Heidelberg u ta' Vjenna u valutazzjoni tal-impatt tax-xenarji differenti għall-għażliet ta' riforma sabiex tissuġġerixxi jiġu kkoreġuti l-ħames nuqqasijiet imsemmija hawn fuq fi Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar proċedimenti ta' falliment.

⁽¹⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2011 – 2011/2006 (INI).

3. Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-Komunikazzjoni

3.1 *Il-filosofija tal-approċċ il-ġdid*

3.1.1 Din hija bbażata fuq il-bżonn li tagħti ċans ieħor lill-intraprendituri u żżomm l-impjiegi.

3.1.2 Il-KESE jqis li l-fallimenti tal-intrapriżi, bħall-ħolqien tal-intrapriżi, huwa parti miċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika u d-dinamika tas-suq. Għalhekk ma jkunx korrett li nqisuhom bħala ħażen li għandu jiġi evitat għal kwalunkwe prezz.

3.1.3 Fuq l-istess linji, il-KESE huwa tal-fehma li “ċ-ċans ieħor” li ssemmi l-Kummissjoni għandu jingħata lill-intraprendituri li tgħallmu mill-falliment preċedenti tagħhom u huma kapaċi li jibdew mill-ġdid abbażi ta’ proġett intraprenditorjali maħsub mill-ġdid.

3.1.4 Jenfasizza wkoll li l-kawżi ta’ fallimenti tal-intrapriżi jistgħu jkunu interni, bħal-ġestjoni ħażina, iżda jistgħu jkunu wkoll esterni, jiġifieri ġejjin minn regolamentazzjoni eċċessiva u mhux adatta. F’dan il-kuntest għalhekk l-Istat, fil-kapaċità tiegħu ta’ legiſlatur fil-qafas tas-swieq pubbliċi u bħala l-awtorità kontraenti, huwa sa ċertu punt responsabbli għall-fallimenti (5).

3.1.5 Il-KESE jippreferi l-idea ta’ “fresh start”, kunċett prinċipali tal-liġi Amerikana dwar l-insolvenza (6), milli l-idea ta’ “ċans ieħor” li tappoġġja l-Kummissjoni. Il-kunċett ta’ “fresh start” huwa iktar kulturali milli legali li jimplika li d-debituri, taħt ċerti kundizzjonijiet, jinħelsu mir-responsabbiltà personali tad-dejn tagħhom. L-istadju tad-deċiżjoni ġudizzjarja li jiddikjara l-intrapriża falluta għalhekk jiġi evitat u d-debitur jista’ jibda proġett ġdid mingħajr ma jiġi identifikat bħala fallut.

3.1.6 Min-naħa l-oħra, il-Komunikazzjoni tagħti l-impressjoni li l-kunċett tagħha ta’ “ċans ieħor” jikkonsisti f’kontinwazzjoni tal-attività. Madankollu, fil-fehma tal-KESE, ikun kontraproduktiv li l-intrapriżi jinżammu artifiċjalment fis-sistema ekonomika billi jingħataw “ċans ieħor”, jekk il-mudell li kienu għażlu wera li ma kienx vijabbli.

3.1.7 Dan ikollu impatt negattiv fuq il-fiducia tal-kredituri u l-fornituri u fl-aħħar mill-aħħar anke fuq kompetizzjoni b’saħ-ħitha bejn l-operaturi ekonomiċi.

3.2 Il-KESE jappoġġja l-approċċ Amerikan lejn il-liġi tal-insolvenza u, fil-fehma tiegħu, il-kunċett ta’ “fresh start” għandu jiġi valutat qabel ma l-każ jiġi referut quddiem l-imħallef.

(5) Pereżempju, regoli dwar is-sigurtà u l-ambjent, li filwaqt li huma leġittimi, jistgħu jostakolaw it-tħaddim tal-intrapriżi. It-termini tal-ħlas li jintużaw mix-xerref pubbliku, fil-qafas tas-swieq pubbliċi, jikkontribwixxu wkoll għad-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-intrapriżi.

(6) Thomas H. Jackson, *The Fresh-Start Policy in Bankruptcy Law*, 98 Harv. L. Rev. 1393 (1985); Charles Jordan Tabb, *The Scope of the Fresh Start in Bankruptcy: Collateral Conversions and the Dischargeability Debate*, 59 Geo. Wash. L. Rev. 56 (1990).

4. Osservazzjonijiet speċifiċi dwar il-Komunikazzjoni

4.1 *Lejn armonizzazzjoni effikaċi*

4.1.1 Id-differenzi fil-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza huma sors ta’ żvantaġġi kompetittivi b’mod partikolari għall-intrapriżi li joperaw fuq livell transkonfinali, u li dawn il-problemi jistgħu jfixxlu l-irkupru ekonomiku.

4.1.2 Dawn id-differenzi jwasslu għat-tiftix tal-iktar qorti favorevoli (forum shopping) u konsegwentement għal suq intern iktar dgħajef.

4.1.3 Il-KESE jingħaqad mal-Parlament Ewropew (7) fit-talba tiegħu għall-armonizzazzjoni ta’ ċerti oqsma tal-liġi dwar l-insolvenza.

4.1.4 Il-Parlament jitlob ukoll lill-Kummissjoni sabiex abbażi tal-Artikoli 50, 81(2) jew tal-Artikolu 114 tat-TFUE tippreżenta proposta legiſlattiva waħda jew iktar dwar qafas Ewropew reali tal-insolvenza tal-intrapriżi li ma jkunx limitat biss għal sempliċi regoli ta’ proċedura tal-liġi internazzjonali privata.

4.1.5 Fil-fatt, il-każijiet ta’ insolvenza għandhom riperkussjonijiet li jmorru lil hinn mill-konsegwenzi negattivi għall-intrapriżi kkonċernati; huma jolqtu wkoll b’mod globali l-ekonomija tal-Istati Membri u b’mod iktar partikolari ċ-ċittadin bħala kontribwent, impjegat u impjegatur.

4.2 *Il-ħarsien tad-drittijiet tal-kredituri*

4.2.1 Oriġinarjament, il-proċedimenti kollettivi kellhom l-għan li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kredituri, iżda maż-żmien l-għan tagħhom sar il-kontinwità tal-intrapriża, iż-żamma tal-impjeg u l-ħlas tad-dejn. Reċentement, it-tendenza legiſlattiva fl-Ewropa saret il-prevenzjoni tal-problemi tal-intrapriża qabel is-suspensjoni tal-pagamenti.

4.2.2 Il-kredituri jibżgħu mill-ftuħ ta’ proċediment kollettiv kontra d-debitur, għaliex dan ma jqisx il-fatt jekk l-ammonti dovuti humiex se jitħallsu. L-ewwel frustrazzjoni ġejja mill-fatt li ħafna drabi l-ftuħ ta’ proċediment kollettiv jipprojbixxi lid-debitur milli jifittex għal kwalunkwe pretensjoni li tkun saret qabel id-deċiżjoni tal-ftuħ u jissuspendi t-talba li jsir tiftix. Kull kreditur għandu għalhekk jiddikjara l-pretensjoni tiegħu fil-perjodu ta’ żmien legali (8).

4.2.3 It-tieni frustrazzjoni tal-kreditur tirriżulta mill-każ ta’ nuqqas ta’ assi; fil-prattika, sikwit ikun propost lill-kredituri matul proċediment kollettiv li jagħżlu bejn ħlas immedjat fejn huma jkollhom jabbandunaw parti mhux negliġibbli tad-dejn dovut lilhom, u bejn tqassim tal-ħlas ta’ dan id-dejn fuq perjodu ta’ żmien identifikat.

(7) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Novembru 2011 – 2011/2006 (INI).

(8) Il-pretensjonijiet li jiġu ddikjarati mhumix biss dawk il-pretensjonijiet dovuti jew li ser jiġu dovuti u li jqumu qabel il-ftuħ tal-proċedimenti iżda anki ċerti pretensjonijiet li jqumu sussegwentement meta jikkorrispondu mas-servizzi provduti qabel id-data tad-deċiżjoni li jinfetħu l-proċedimenti jew li jitqiesu bħala mhux neċessarji għall-proċedimenti.

4.2.4 Ix-xenarju ideali għall-kreditur għalhekk huwa li jevita kull sitwazzjoni ta' falliment, pereżempju billi jkunu garantiti ċerti operazzjonijiet matul il-konklużjoni ta' kuntratt, fejn tintalab li jingħataw garanziji permezz ta' persuni terzi ⁽⁹⁾ jew billi jintalbu garanziji, pleġġijiet jew ipoteki fuq l-assi tal-intrapriża ⁽¹⁰⁾.

4.3 *Trattament aħjar tal-impjegati fil-proċedimenti ta' insolvenza*

4.3.1 L-impjegati jkunu l-ewwel vittmi meta tfalli l-intrapriża tagħhom. Il-pagi mhux dejjem joħorġu qabel il-likwidazzjoni u s-sitwazzjonijiet finanzjarji personali tagħhom ikunu diffiċli matul dan il-perjodu ta' inċertezza.

4.3.2 Il-ftuħ ta' proċedimenti kollettivi ħafna drabi jinvolvi l-ħatra ta' rappreżentant tal-impjegati, li l-kompitu tiegħu jkun li jikkontrolla l-informazzjoni dwar il-pagi dovuti. Apparti l-kompiti tas-soltu tar-rappreżentazzjoni tal-impjegati fl-intrapriża, dan jinvolvi wkoll l-iskambju tal-informazzjoni fost il-persunal, it-tribunal u l-partijiet involuti fil-proċediment.

4.3.3 L-ammonti dovuti lill-impjegati qabel il-ftuħ tal-proċedimenti kollettivi għandhom jiġu inklużi fid-dejn tal-intrapriża. Madanakollu, din il-miżura ġenerali fil-fatt xejn ma hi ċara minħabba d-differenzi bejn il-leġislazzjonijiet u l-prattiki nazzjonali. Minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-kredituri, il-kwistjoni tal-proċedimenti kollettivi hija waħda inċerta ħafna għall-impjegati.

4.3.4 Il-KESE huwa tal-fehma li l-impjegati għandhom jiġu mħarsa aħjar u jiġu trattati ta' kredituri privileġġjati u jkis għalhekk li l-armonizzazzjoni tal-protezzjoni tkun utli.

4.4 *Il-prevenzjoni tal-appoġġ mhux adatt tal-intrapriżi fqagħda ħażina*

4.4.1 Il-prattiki kummerċjali ta' ċerti stabbilimenti finanzjarji jistgħu jwasslu fli jiġu appoġġjati intrapriżi li diġà jinsabu fqagħda compromessa b'mod irreversibbli. Huma jholqu wkoll l-apparenza ta' solvenza, ħaġa li xxejjel il-kompetizzjoni b'saħħitha fis-suq u titfa' dell ikrah fuq l-immaġni tas-settur bankarju.

4.4.2 Il-KESE jenfasizza li r-responsabbiltà tal-assistenza abużiva tista' tkun ta' persuni oħra u mhux biss tal-banek, fosthom l-Istat. Barra minn hekk, l-imħallfin nazzjonali għalhekk xi drabi jqisu li ċerti fornituri jew klijenti tal-intrapriża jistgħu jinżammu responsabbli meta bl-attitudni tagħhom jipprovdu assistenza abużiva għall-attività ta' intrapriża li kienu jafu li kienet f'sitwazzjoni compromessa b'mod irreversibbli.

4.4.3 Dawn il-parametri għandhom jitqiesu wkoll skont il-valur ġust tagħhom sabiex tiġi armonizzata l-liġi dwar l-insolvenza tal-intrapriżi.

4.5 *Il-każ partikolari ta' fallimenti frodulent*

4.5.1 Il-biċċa l-kbira tal-fallimenti tal-intrapriżi jseħħu għal raġunijiet oġġettivi mingħajr l-ebda mġiba frodulent min-naħa tad-diriġenti tagħhom.

4.5.2 Madankollu l-fenomeni tal-fallimenti frodulent ma jistax jiġi injorat. Il-Kummissjoni rreferiet għal dan bosta drabi

fil-Komunikazzjoni tagħha ⁽¹¹⁾, u tissuġġerixxi li ssir distinzjoni bejn il-fallimenti onesti u l-fallimenti diżonesti. Hija tgħid li debitur li b'mod volontarju jew irresponsabbli ma jikkonformax mal-obbligi legali għandu jkun soġġett għal sanzjonijiet ċivili jew prosekuzzjoni kriminali. Hija temmen li l-proċedimenti ta' stralċ tal-fallimenti onesti għandhom jiġu aċċellerati.

4.5.3 Il-KESE jinsab konvint li l-armonizzazzjoni taż-żmien ta' kwittanza u perjodu pjuttost qasir ta' dan tal-aħħar ikunu adegwati, b'mod partikolari fl-interess tal-impjegati iżda jibqa' dubju fir-rigward tad-distinzjoni bejn il-proċedimenti ta' falliment abbażi tal-onestà tad-diriġenti għaliex dan iżid il-proċeduri ġudizzjarji tal-proċedimenti ta' falliment, tagħtihom natura penali u ttawwal iż-żmien tal-investigazzjoni.

4.5.4 Din il-kriminalizzazzjoni tal-liġi tal-insolvenza mhix mixtieqa. Skont il-KESE, ir-rikonoxximent tan-natura frodulent tal-falliment għandu jseħħ fi proċedura distinta mill-proċediment tal-insolvenza.

5. *Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-Proposta għal Regolament*

5.1 Il-KESE jilqa' t-tweżigh tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament biex jinkludi l-proċedimenti ibridi u ta' qabel l-insolvenza, il-proċedimenti tal-kwittanza tad-dejn kif ukoll il-proċedimenti fir-rigward ta' persuni fiżiċi.

5.2 Huwa jilqa' wkoll il-kjarifika taċ-ċirkostanzi li jippermettu l-preżunzjoni li ċ-ċentru tal-interessi prinċipali jkun jinstab fil-post tal-uffiċċju rreġistrat.

5.3 It-titjib fis-sistema proċedurali li jippreċiża l-kamp tal-intervent tal-ġurisdizzjoni kompetenti għall-ażżjonijiet li jirriżultaw direttament mill-proċedimenti ta' falliment, jew li huma marbuta mill-qrib, bħall-ażżjonijiet ta' evazzjoni, huwa pożittiv ukoll.

5.4 Il-fatt li l-proċedimenti sekondarji mhumix neċessarjament proċedimenti ta' stralċ, u li l-ftuħ tagħhom jista' jiġi rifjutat meta dawn ma jkunux meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tal-kredituri lokali, huwa parti wkoll mit-titjib tar-regolament, bħall-estensjoni tal-kooperazzjoni bejn proċediment prinċipali u sekondarju.

5.5 L-obbligu għall-Istati Membri li jtejbu r-regoli tal-pubbliċità, li permezz ta' reġistru elettroniku jrendu aċċessibbli għal kulħadd id-deċiżjonijiet pertinenti li jkunu ngħataw mill-ġurisdizzjonijiet f'każijiet ta' insolvenza transkonfinali u l-interkonnessjoni bejn ir-reġistri nazzjonali tal-insolvenza, huma wkoll ideat interessanti.

5.6 Il-KESE madankollu jistaqsi dwar ir-responsabbiltà, l-ispejjeż u ż-żminijiet tat-traduzzjonijiet, u jfakkar li l-ħeffa tiggarantixxi s-suċċess tal-proċediment.

5.7 Fl-aħħar nett, huwa jilqa' l-obbligu tal-ġurisdizzjonijiet u tal-likwidaturi li jikkooperaw fil-proċedimenti ta' insolvenza li jinvolvu lill-membri tal-istess grupp ta' intrapriżi, għaliex dan jagħti lil-likwidaturi l-mezzi biex ikunu aktar effikaċi.

⁽⁹⁾ Bank jew id-diriġent.

⁽¹⁰⁾ Bini, fondi kummerċjali, ditti, eċċ.

⁽¹¹⁾ Il-punt 3.1: Ċans ieħor għall-intraprendituri f'fallimenti onesti. COM(2012) 742 final.

6. Osservazzjonijiet speċifiċi dwar il-Proposta għal Regolament

6.1 Il-KESE jistaqsi dwar il-koordinazzjoni bejn ir-Regolament KE Nru 1215/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012⁽¹²⁾, li ser jissostitwixxi r-Regolament KE Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, imsejjaħ "ir-Regolament Brussell I". Huwa jistaqsi jekk il-Premessa 6 li hija inkluża fil-Proposta għal Pegolament dwar proċedimenti ta' falliment tiċċarax biżżejjed il-kriterju ta' tqassim tal-kompetenzi li jirriżultaw mill-każ Gourdain⁽¹³⁾. Fil-fatt, dan il-każ jidher li jagħti interpretazzjoni restrittiva, filwaqt li ċerti azzjonijiet li huma mpoġġija taħt il-kamp tar-"Regolament Brussell I" huma determinanti għall-proċediment ta' insolvenza Pereżempju, l-użu jew in-nuqqas ta' użu ta' klawżola ta' riserva tal-proprjetà huwa determinanti biex tkun definita l-firxa tal-valur tal-assi tad-debitur. Ir-riżultat huwa importanti fil-rigward tal-għan attribwit li jkun salvagwardjati l-intrapriżi f'diffikultà, minħabba li r-rikostruzzjoni tal-valur tal-assi huwa l-punt ewlieni għas-suċċess tas-salvataġġ tal-intrapriżi f'diffikultà.

6.2 Fil-każ tal-kooperazzjoni bejn il-likwidaturi, il-Kummissjoni setgħet tipproponi li jiġi emendat l-Artikolu 31 billi thegġegħ l-adozzjoni tal-protokollu ta' ftehim bejn il-likwidaturi. Fil-fatt, id-diversità tal-istatut tal-likwidaturi fl-Istati Membri hija xkiel għall-kooperazzjoni professjonali tagħhom.

6.3 L-iskambji bejn il-likwidaturi u l-ġurisprudenzi għandhom jikkonċernaw l-ewwel nett l-inventarju, id-dejn tad-debitur, id-dikjarazzjoni u l-verifika tal-kreditu, kif ukoll ir-regolament kollettiv ikkoordinat tal-kredituri li jidhru fil-pjani negozjati.

6.4 Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza li l-Kummissjoni għandha l-għan li tirrikorri għall-proċedura ta' delega biex temenda l-annessi għar-Regolament, filwaqt li jidher li hemm kwistjoni dwar il-miżuri essenzjali, bħall-idea ta' proċediment kollettiv jew il-lista ta' persuni li jaġixxu bħala likwidaturi.

7. Osservazzjonijiet partikolari, fir-rigward tad-dritt sostantiv tal-insolvenza

7.1 Hija meħtieġa armonizzazzjoni tal-kriterji tal-insolvenza. Fil-fatt, f'ċerti Stati Membri, il-proċediment ta' insolvenza jista' jseħħ biss meta d-debitur ikun f'qagħda ta' insolvenza, f'oħrajn, l-insolvenza possibbli fil-futur viċin hija kriterju suffiċjenti.

7.2 Dawn id-diverġenzi jiffavorixxu t-tiftix tal-iktar qorti favorevoli (forum shopping) u għalhekk għandhom jitwaqqfu.

7.3 Il-ħtieġa ta' ċertezza legali ssejjaħ ukoll għal armonizzazzjoni tar-regoli relatati mal-produzzjoni ta' kreditu.

8. L-integrazzjoni tal-proċeduri ċivili ta' dejn

8.1 Il-KESE jappoġġja din il-proposta tal-Kummissjoni li tikkonsisti fil-ħolqien ta' Premessa 9 għda⁽¹⁴⁾.

⁽¹²⁾ L-applikazzjoni tar-Regolament ġiet immexxija għall-10 ta' Jannar 2015, b'mod partikolari biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom minħabba l-abolizzjoni tal-exequatur.

⁽¹³⁾ Il-Qorti tal-Ġustizzja Gourdain c/Nadler, 22 ta' Frar 1979.

⁽¹⁴⁾ Il-Premessa 9 "Dan ir-Regolament għandu japplika għal proċediment ta' falliment ... meta d-debitur ikun persuna naturali jew persuna ġuridika, negozjant jew individwu".

8.2 Il-Premessi 9 u 10 tar-Regolament dwar proċedimenti ta' falliment tad-29 ta' Mejju 2000 jistgħu faċilment jiġu applikati⁽¹⁵⁾.

8.3 Minkejja dan, din l-integrazzjoni ma għandhiex tirriżulta fi żvantaġġ għad-debituri individwali. Fil-fatt, liġi mfassla għall-intrapriżi, maħsuba biex tissodisfa l-ħtieġijiet tal-kummerċ, fiha nnifisha tagħti anqas protezzjoni mil-liġi dwar il-konsum. Il-KESE għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex toqgħod partikolarment attenta għal dan.

8.4 Huwa jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar armonizzazzjoni tal-liġi tal-falliment tal-individwi, filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-konsumatur.

9. L-armonizzazzjoni tal-istatut u l-kompetenzi tal-likwidaturi

9.1 Id-diverġenzi nazzjonali dwar l-istatuti u l-kompetenzi tal-likwidaturi jaffettwaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u b'hekk jikkompikaw il-proċedimenti ta' insolvenza transkonfinali⁽¹⁶⁾.

9.2 Huwa fl-interess tal-intrapriżi u tal-irkupru ekonomiku li armonizzazzjoni tal-aspetti ġenerali li jikkonċernaw il-ħtieġijiet fir-rigward tal-kompetenzi u l-missjonijiet tal-likwidatur tiġi implimentata malajr kemm jista' jkun. Ukoll, il-KESE jingħaqad mal-Parlament Ewropew⁽¹⁷⁾ sabiex jirrakkomanda l-punti ta' riflessjoni li ġejjin:

— il-likwidatur għandu jkun approvat minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew persuna maħtura minn ġurisdizzjoni kompetenti ta' Stat Membru, għandu jkollu reputazzjoni tajba u jkollu livell ta' taħriġ meħtieġ biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu;

— huwa għandu jkollu l-kompetenza u l-kapaċità li jivvaluta s-sitwazzjoni tal-entità tad-debitur u biex jieħu responsabbiltà tal-kompiti tal-ġestjoni tal-intrapriża;

— huwa għandu jkun jista' jirkupra, permezz ta' proċeduri adatti u ta' prijorità, l-ammonti dovuti lill-intrapriża wara li jkunu tħallsu l-kredituri u bħala alternattiva għat-trasferimenti tal-kreditu;

— huwa għandu jkun indipendenti mill-kredituri kif ukoll mill-partijiet l-oħra kkonċernati mill-proċediment ta' falliment;

— f'każ ta' kunflitt ta' interessi, huwa għandu jirriżenja mill-kariga tiegħu.

⁽¹⁵⁾ Barra minn dan, il-liġi ta' ċerti Stati Membri diġà tipprevedi dan. Fil-Belġju il-proċedura ta' regolament kollettiv tad-dejn tistipula wkoll il-proċeduri applikabbli għall-konsumaturi (il-Liġi tal-5 ta' Lulju 1988). Il-Ġermanja ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-proċeduri applikabbli għan-negozjanti u dawk applikabbli għall-individwi (il-Liġi tal-5 ta' Ottubru 1994).

⁽¹⁶⁾ Fil-fatt, il-likwidatur jista' jkun uffiċjal jew persuna privata approvata mill-Istat, maħtura mill-imhalef, iżda mħallsa mill-kredituri.

⁽¹⁷⁾ Ir-Rapport tal-11 ta' Ottubru 2011 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-proċedimenti ta' insolvenza fil-kuntest tad-dritt tal-kumpaniji tal-UE (2011/2006(INI)).

9.3 Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tmur lil hinn minn dak li hija tistipula fl-Artikolu 31 tal-Proposta għal Regolament li huwa limitat biex jikkonferma l-prattika u jibbaża fuq il-kooperazzjoni bejn likwidatur ta' proċediment prinċipali u likwidatur ta' proċediment sekondarju.

10. L-iżvilupp ta' regolamenti ekstraġudizzjarji għal appoġġ u għal superviżjoni effikaċi tal-intrapriżi

10.1 Il-promozzjoni tal-proċedimenti negozjati tippermetti li tiżdied il-ħeffa u l-effikaċja tal-pjani ta' ristrutturazzjoni tal-intrapriżi.

10.2 Iż-żmien medju tagħhom u r-rata ta' suċċess ġeneralment osservati fl-Unjoni Ewropea jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' dan l-approċċ.

10.3 Min-naħa l-oħra, il-KESE jqis li r-rikors sistematiku quddiem l-imhalef mhuwiex neċessarjament l-aqwa soluzzjoni.

Huwa jappoġġja għalhekk l-idea li jinħolqu opportunitajiet ġodda, pereżempju marbuta mas-settur tal-ekonomija, iffurmati minn grupp pluridixiplinari (mill-kamp ekonomiku, finanzjarju, ġuridiku) li jgħinu aktar biex jifhmu aħjar u jkun hemm azzjoni rapida biex tingħata għajnuna lill-intrapriżi sabiex jegħlbu d-diffikultajiet finanzjarji tagħhom.

10.4 Din is-sistema diġà teżisti f'diversi pajjiżi, u tista' tiġi applikata b'mod ġenerali fi Stati Membri oħra.

10.5 Fl-aħħar nett, ikun utli li l-Kummissjoni tippubblika perjodikament statistika relatata mal-każijiet ta' insolvenza soġġetti għar-Regolament dwar proċedura ta' falliment sabiex tkun tista' tiġi valutata l-effikaċja tas-sistema implimentata.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-protezzjoni ta’ negozji kontra Prattiki qarrieqa ta’ kummerċjalizzazzjoni u biex jiġi garantit infurzar effettiv — Analiżi tad-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv”

COM(2012) 702 final

(2013/C 271/11)

Relatur: **is-Sur PEGADO LIZ**

Nhar id-19 ta’ Frar 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-protezzjoni ta’ negozji kontra Prattiki qarrieqa ta’ kummerċjalizzazzjoni u biex jiġi garantit infurzar effettiv — Analiżi tad-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv

COM(2012) 702 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’129 vot favur u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE huwa tal-fehma li din il-Komunikazzjoni u l-proposti tagħha jeħtieġu attenzjoni u diskussjoni partikolari.

1.2 Il-KESE jappoġġa l-fehma tal-Kummissjoni li hija meħtieġa regolamentazzjoni iktar stretta sabiex jiġu pprojbiti b’mod effettiv ċerti Prattiki ta’ bejgħ aggressivi min-naħa tal-kumpaniji ta’ direttorju, u li jiġu inforzati sanzjonijiet eżemplari u disważivi kontriho.

1.3 Minħabba l-urġenza apparenti biex tittieħed pożizzjoni immedjata dwar din il-kwistjoni, u d-daqs u l-gravità preżunti ta’ dawn il-Prattiki ftermini ekonomiċi fil-livell Ewropew, il-KESE jaċċetta li l-Kummissjoni għandha tippreżenta immedjament proposta leġislattiva speċifika dwar din il-kwistjoni, abbażi ta’ valutazzjoni tal-impatt.

1.4 Il-KESE jemmen li għal dan il-għan għandu jiġi adottat regolament qafas, possibbilment żviluppat permezz ta’ atti ddelegati, sabiex jiġi żgurat infurzar iktar uniformi u effettiv fl-Istati Membri kollha.

1.5 Fid-dawl tan-natura tagħha, il-KESE jemmen li l-bażi legali adatta għandha tinkludi, iżda ma tistax tkun limitata għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar is-suq intern u l-kamp ta’ applikazzjoni tagħha m’għandux ikun ristrett għal tranżazzjonijiet transkonfinali.

1.6 Barra minn hekk, il-KESE jwissi dwar il-ħtieġa li tingħata attenzjoni lin-natura trans-Ewropea ta’ ħafna minn dawn il-Prattiki, li jirrikjedu azzjoni internazzjonali koordinata.

1.7 Madankollu, il-KESE jemmen li l-aħjar mod kif jiġu stabiliti regoli koerenti u konsistenti li jipprojbixxu Prattiki qarrieqa ta’ kummerċjalizzazzjoni huwa li ssir reviżjoni konġunta tad-Direttiva 2006/114/KE u d-Direttiva 2005/29/KE sabiex jiġu indirizzati fl-istess ħin ir-relazzjonijiet bejn in-negozji u dawk bejn in-negozji u l-konsumaturi, billi jiġu preżervati l-ispeċifitajiet tat-tnejn li huma fi ħdan qafas komuni, u għal din ir-raġuni jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tibda azzjoni fuq medda qasira ta’ żmien.

1.8 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u tinforza miżuri komplementarji sabiex jitjiebu l-informazzjoni u t-tixrid, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, il-pjattaformi pubbliċi-privati u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-partijiet interessati, kif ukoll il-mekkaniżmi ta’ reazzjoni bil-ħeffa sabiex jitwaqqfu dawn il-Prattiki u jiġi żgurat kumpens għall-ħsara, l-iżjed permezz tal-ħolqien immedjat ta’ sistema ġudizzjarja Ewropea għal azzjonijiet ta’ grupp, li tħabbar iktar minn tletin sena ilu u mbagħad ġie ppostpost diversi drabi.

1.9 Il-KESE jesprimi r-rieda tiegħu li jinvolvi l-membri tiegħu fil-ħidma futura f’dan il-qasam, billi jemmen li jista’ jikkontribwixxi l-esperjenza tal-membri tiegħu, li huma rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tat-tliet gruppi ta’ interess rappreżentati fi ħdan il-KESE u li huma partikolarment adatti u kkwalifikati għal dan ix-xogħol.

2. L-isfond u l-aspetti soċjoekonomiċi tal-proposta

2.1 Mhux kollha jista' jiġi ġġustifikat f'isem in-negozju. Fil-qasam tal-komunikazzjoni kummerċjali bejn in-negozji, b'mod partikolari, hemm regoli bażiċi li huwa essenzjali li jiġu rispettati sabiex jiġu żgurati kompetizzjoni bla distorsjonijiet u suq li jiffunzjona tajjeb. U jekk ma jiġux rispettati b'mod volontarju, ikollhom isiru obbligatorji u infurzati.

2.2 F'din il-Komunikazzjoni l-Kummissjoni tressaq sensiela ta' miżuri biex jiġu miġġielda ċerti Prattiki qarrieqa ta' kummerċjalizzazzjoni li jwettqu l-kumpaniji tar-reklamar, b'mod speċjali dawk li joriġinaw minn skemi qarrieqa tal-kumpaniji ta' direttorju.

2.3 L-għan huwa li jingħata ħarsien aħjar lin-negozju, b'mod speċjali fejn huma kkonċernati l-SMEs, l-iżjed b'rabta ma' Prattiki li jikkonsistu f'kumpaniji ta' direttorju li jibagħtu talbiet mhux mixtieqa u mhux mitluba fejn jistiednu lin-negozji jirreġistraw jew jaġġornaw id-dettalji tagħhom f'direttorju tan-negozju, taparsi b'xejn, meta fil-fatt ikunu soġġetti għal miżati annwali sussegwenti li ma jkunux ġewx negozjati jew aċċettati minn qabel.

2.4 Wara li wettqet konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li ssaħħa id-Direttiva 2006/114/KE li tikkonċerna reklamar qarrieqa u komparattivi billi ttipprobbixxi b'mod espliċitu Prattiki bħall-ħabi tal-intenzjoni kummerċjali ta' komunikazzjoni ta' reklamar u, fl-istess waqt, issaħħa l-infurzar transkonfinali.

2.5 Il-Komunikazzjoni ssemmi wkoll:

- a) il-fatt li ma jeżistux kampanji ta' informazzjoni adegwati dwar dawn il-Prattiki;
- b) in-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar il-mekkaniżmi adatti għas-soluzzjoni ta' tilwim, li huma ineffiċjenti, idumu wisq, iqumu wisq flus, u li ma joffru l-ebda garanzija ta' kumpens adegwat u f'waqtu għall-ħsara mġarrba;
- c) in-nuqqas ta' netwerk ċentralizzat sabiex tiġi faċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ ta' ilmenti mill-kummerċjanti.

2.6 Il-Kummissjoni testima li l-ħsara finanzjarja kkawżata minn dan it-tip ta' attività tilħaq bejn EUR 1 000 u 5 000 fis-sena għal kull kumpanija kkonċernata.

3. Kummenti dwar il-kontenut tal-Komunikazzjoni

3.1 Aspetti sostantivi

3.1.1 Kif diġà ntqal f'Opinjoni preċedenti, il-KESE jirrikonnoxxi li l-komunikazzjoni kummerċjali b'mod ġenerali, u

r-reklamar b'mod partikolari, fil-forom kollha tagħha, taqdi rwol soċjali u ekonomiku importanti ħafna, li ġie deskritt fil-qosor b'mod tajjeb mill-International Advertising Association (IAA – l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tar-Reklamar), li l-fehma tagħha tenfasizza b'mod partikolari r-rwol tal-komunikazzjoni kummerċjali fit-tixrid tal-innovazzjoni, it-thegħiġ tal-kreattività u tad-divertiment, biex tipprowdi inċentivi għall-kompetizzjoni u twessa' l-għażla ⁽¹⁾.

3.1.1.1 Minkejja dan, filwaqt li huwa ċar li xi kumpaniji tar-reklamar jaġixxu b'mod mhux korrett fil-mod kif jipubblicizzaw il-prodotti tagħhom u kif jippruvaw jiġbdu l-klijenti, huwa importanti għall-Kummissjoni li tenfasizza l-fatt li għalkemm ħafna ilmenti dwar Prattiki qarrieqa jinvolve kumpaniji li jwettqu dan it-tip ta' attività, dan ma jfissirx li anke fil-każ partikolari ta' kumpaniji ta' direttorju mhijiex attività leġittima essenzjali għall-ħajja ekonomika tal-kumpaniji li jużawhom biex jirreklamaw l-attivitàjiet tagħhom.

3.1.2 Il-KESE jirrikonnoxxi r-rilevanza u ż-żmien adatt ta' din il-Komunikazzjoni anke jekk tiffoka l-iżjed fuq il-problemi li jinħolqu mill-mod kif il-kumpaniji ta' direttorju jiġbdu l-klijenti.

3.1.3 Il-KESE josserva li l-Kummissjoni għandha raġun tenfasizza n-natura transkonfinali ta' din il-problema u li tixtieq tigarantixxi mhux biss regoli u Prattiki adegwati iżda anke li dawn jiġu implimentati b'mod effiċjenti, u li jistgħu jiġu monitorjati u soġġetti għal supervizzjoni u pieni.

3.1.4 Il-KESE jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni ma ġietx preċeduta minn valutazzjoni tal-impatt adatta li kienet tipprowdi argumenti iktar b'saħħithom għall-għażliet proposti billi l-ispejjeż u l-benefiċċji fil-fatt ma ġewx identifikati jew evalwati b'mod ċar.

3.1.4.1 Barra minn hekk, ġiet tard wisq il-valutazzjoni tal-impatt li kienet diġà ġiet imħabbra mill-Kummissjoni fil-laqha tagħha tal-partijiet interessati tal-1 ta' Marzu 2013, u anke jekk f'dan l-istadju l-ambitu u l-kontenut ġenerali tagħha mhumieq magħrufa, mhijiex deċiżiva biżżejjed biex tippermetti li ssir għażla informata.

3.1.5 Barra minn hekk, mhux biss mill-perspettiva pura ta' interpretazzjoni legali iżda wkoll f'termini ta' protezzjoni aktar effiċjenti u effettiva tan-negozju, il-KESE mhuwiegħ ċert li l-kwistjoni fil-qofol tat-tħassib tal-Kummissjoni tista' fil-fatt tiġi mħaddna fid-direttiva li l-Kummissjoni qed tipprowdi li tirrevedi.

3.1.5.1 Fil-fatt, il-Prattika li qed tiġi kkunsidrata hija komunikazzjoni kummerċjali f'sens usa'; mhuwiegħ reklamar iżda tattika ta' bejgħ aggressiva u qarrieqa, li għandha titqiegħed fil-kuntest ħafna iżjed wiesa' ta' Prattiki kummerċjali mhux ġusti u abbużivi, u anke tal-liġi kriminali.

⁽¹⁾ ĠU C 351, 15.11.2012, p. 6.

3.1.5.2 Fil-fatt, il-kunċett tar-reklamar jeskludi mill-ambitu tiegħu kull tip ta' komunikazzjoni fejn il-promozzjoni ta' prodotti jew servizzi speċifiċi mhijiex intenzjonata jew suġġerita b'mod indirett, inklużi komunikazzjonijiet li jseħħu f'relazzjonijiet kummerċjali li m'għandhomx l-għan li jfornu prodotti jew servizzi ġodda.

3.1.5.3 Skont id-Direttiva 2005/29/KE, Prattika kummerċjali titqies bħala qarrieqa jekk ikun fiha informazzjoni mhux vera, u għalhekk ma tkunx korretta fattwalment jew fi kwalunkwe mod ieħor, inkluża l-preżentazzjoni globali, tqarraq jew aktarx se tqarraq il-konsumatur medju, anke jekk l-informazzjoni hija korretta fattwalment, b'rabta ma' element wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin, u fi kwalunkwe każ twassal jew aktarx twassal biex konsumatur jieħu deċiżjoni f'tranżazzjoni li kieku ma kienx jieħu. Fi kliem ieħor, id-definizzjoni ta' Prattiki qarrieqa mhijiex limitata għall-promozzjoni ta' prodotti, u tista' tiġi estiża għal sitwazzjonijiet fejn il-promozzjoni ta' prodott ma tkunx suġġerita u għal komunikazzjonijiet li jseħħu f'relazzjonijiet kummerċjali.

3.1.6 Barra minn hekk, fil-“Green Paper dwar Prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista alimentari u mhux alimentari minn negozju għal negozju fl-Ewropa”⁽²⁾ il-Kummissjoni sewwa għamlet li wissiet kontra r-riskju ta' kunflitt u rduppar bejn id-diversi azzjonijiet tal-UE li jimmiraw lill-istess gruppi u arranġamenti simili mhux koordinati, biex b'hekk tinholq aktar konfużjoni matul it-traspożizzjoni ta' atti legali mill-Istati Membri⁽³⁾.

3.1.7 Il-KESE jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea għadha ma organizzatx diskussjoni dwar id-diversi għażliet, u lanqas ma qajmthom matul il-konsultazzjoni pubblika, fejn għażlet minflok li tagħżel l-għażla li tista' ssarraf finqas vantaġġi għall-kumpaniji, b'mod speċjali l-SMEs. Billi l-Kummissjoni tidher li diġà ddeċidiet liema għażla beħsiebha tadotta f'Ottubru li ġej, kif tħabbar, jidher pjuttost bla skop li tiġi ppreżentata valutazzjoni tal-impatt li tinkludi ħames għażliet, meta l-għażla kienet diġà fatta mill-bidu nett.

3.1.8 Minħabba l-urġenza apparenti biex tittieħed pożizzjoni immedjata dwar il-kwistjoni ċentrali tal-kumpaniji ta' direttorju, li diġà ntweriet fi studji u riżoluzzjonijiet preċedenti tal-PE, u l-enormità u l-gravità estimata ta' dawn il-prattiki f'termini ekonomiċi fil-livell Ewropew⁽⁴⁾, il-KESE jaċċetta li l-Kummissjoni għandha tippreżenta immedjatament proposta leġiżlattiva speċifika dwar din il-kwistjoni, sabiex jiġi evitati sitwazzjonijiet

fejn kumpaniji jiġu assejati minn theddid kontinwu ta' azzjoni legali f'għurisidizzjonijiet barranin, bi “spejjeż amministrattivi” dejjem jiżdiedu u telefonati kważi ta' theddid minn kumpaniji li jirkupraw id-dejn.

3.1.8.1 Barra minn hekk, mhumiex biss l-SMEs iżda wkoll il-professjonisti, l-NGOs, il-libreriji, l-istabbilimenti edukattivi privati u anke d-dipartimenti tal-awtoritajiet pubbliċi li kienu taħt il-mira ta' dawn il-prattiki. Huwa għalhekk li għandhom jiġu inklużi, meta dan ikun adatt, fl-ambitu tagħha billi jiġi estiż il-kunċett ta' “kummerċjant” biex ikopri dawk kollha li jistgħu jkunu taħt il-mira ta' dawn il-prattiki u li mhumiex protetti minn strumenti leġiżlattivi oħra.

3.1.9 Madankollu, il-KESE jemmen li approċċ iktar koerenti kien jestendi l-kunċett ta' Prattiki kummerċjali mhux ġusti, fil-forma ta' Prattiki qarrieqa u aggressivi, flimkien ma' lista sewda mehmūża bħala anness għad-Direttiva 2005/29/KE, biex jinkludi relazzjonijiet bejn in-negozji.

3.1.10 It-tweżigh tal-ambitu ta' din id-direttiva kien ikollu vantaġġ ieħor, dak li tiġi żgurata armonizzazzjoni aħjar billi l-Istati Membri ma jkollhomx joħlqu atti legali jew leġiżlattivi ġodda biex jittrasponu d-direttiva, iżda biss jestendu l-ambitu tal-liġijiet domestiċi li diġà jeżistu dwar Prattiki kummerċjali mhux ġusti. Dan kien jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi applikata b'mod korrett⁽⁵⁾.

3.1.11 Barra minn hekk, emenda żgħira għad-Direttiva 2006/114/KE, fuq il-linji ambigwi ssuġġeriti mill-Kummissjoni, mhux se tiżgura protezzjoni għall-SMEs fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-Komunikazzjoni. Barra mill-fatt li dawn il-prattiki huma aggressivi u mhux azzjonijiet qarrieqa, skont it-tifsira tad-Direttiva 2005/29/KE, joriġinaw ukoll minn relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti preċedentement, u għalhekk ma jistgħux jiġu inklużi fil-qafas tar-reklamar.

3.1.12 Huwa għalhekk li mingħajr preġudizzju għall-punt imqajjem fi 3.1.8, il-KESE jargumenta li l-Kummissjoni se jkollha tiegħu passi fil-futur qrib biex tadotta approċċ orizzontali, tippromovi iktar konsistenza fir-regoli relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni u l-proprjetà intellettuali u industrijali, u tiżgura protezzjoni aktar uniformi tal-prattiki kummerċjali kollha fis-suq tal-konsumaturi u fir-relazzjonijiet kuntrattwali kollha bejn il-kummerċjanti, f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-PE dwar suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u ġust.

⁽²⁾ COM(2013) 37 final.

⁽³⁾ Irrid niftakru wkoll il-problemi li nholqu b'rabta mat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE, li ġew rikonossuti mill-Parlament Ewropew (ara State of play of the Implementation of the provisions on advertising in the unfair commercial practices legislation, IP/A/IMCO/ST/2010-04, PE 440.288).

⁽⁴⁾ Ara d-data pprovduta minn Netherlands Fraudehelpdesk.nl.

⁽⁵⁾ Barra minn hekk, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar Prattiki kummerċjali inġusti u reklamar qarrieqi, il-Parlament Ewropew kien diġà qajjem tħassib li diversi Stati Membri kienu ħolqu aktar konfużjoni għall-konsumaturi u n-negozji billi ddiżaggregaw il-“lista sewda” inkluża fl-Anness I għad-Direttiva 2005/29/KE bit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħha fis-sistemi legali tagħhom.

3.1.13 Għaldaqstant, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal attar koordinazzjoni bejn DG JUST, DG COMP, DG MARKT u DG ENTR fir-rigward tal-azzjonijiet li jridu jittieħdu f'dan il-qasam u fi proposti futuri ta' politika u leġislattivi li jseguw l-prijoritajiet politiċi stabbiliti fis-Small Business Act.

3.1.14 Minkejja dak li ntqal hawn fuq, u li kieku l-Kummissjoni kellha tagħmel għażla oħra, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-kunċett ta' prattiki qarrieqa ta' kummerċjalizzazzjoni li huma "l-iżjed dannużi" jiġi definit f'termini konkreti u li jkun speċifiku fil-kontenut tiegħu sabiex ikun ċar liema huma l-prattiki kummerċjali li jitqiesu li jeħtieġu attar protezzjoni mill-oħrajn.

3.1.15 Il-KESE jixtieq ukoll li l-Kummissjoni tagħti indikazzjoni iktar ċara tas-sitwazzjonijiet li jridu jiġdiedu mal-"lista sewda", filwaqt li japprova bis-sħiħ l-eżistenza tagħha, billi l-lista ta' prattiki pprojbti b'mod kategoriku għandha tkun kemm jista' jkun preċiża u eżawrjenti. Il-Kummissjoni tista' diġà ssib biżżejjed materjal biex tipprepara l-lista sewda fit-tweġibiet għall-investigazzjoni tagħha u l-kontribut ta' diversi partijiet interessati fil-laqgħa li saret fl-1 ta' Marzu 2013 ⁽⁶⁾.

3.1.16 F'dan il-każ il-KESE jixtieq ukoll li l-Kummissjoni tikkunsidra jekk tkunx idea tajba li titfassal lista griża ta' prattiki li jistgħu jkun illeġali f'ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jiġu evalwati fil-qorti skont il-każ.

3.1.17 B'mod simili, il-KESE jemmen li barra mit-tfassil ta' listi, se jkun neċessarju wkoll li tissaħħaħ u tiġi ċċarata t-tifsira

⁽⁶⁾ L-eżempji jinkludu:

- Prattiki ta' tranżazzjonijiet onlajn fejn informazzjoni dwar it-tranżazzjoni ma tingħatax bl-istess mod lil kull min huwa involut, u b'hekk jirriżulta f'diskriminazzjoni kontra wħud mill-partijiet.
- Irkanti onlajn u prattiki ta' bejgħ (eBay). Huwa ċar issa li f'sitwazzjonijiet bħal dawn xi kultant jaqbel li wieħed jirreġistra bħala konsumatur għaliex dan joffri sensiela aħjar ta' garanziji.
- Prattiki li jinvolvu l-preżentazzjoni ta' prodotti li għandhom ikunu ċertifikati iżda li ma jkollhom l-ebda akkreditazzjoni.
- Prattiki fejn kumpaniji jgħidu li jagħmlu parti minn awtorità pubblika u jgħieghu lil kummerċjanti jissottoskrivu għal servizz jew jixtru prodott billi jingannawhom biex jaħsbu li qed jikkonformaw ma' regolamenti tat-taxxa jew tas-sikurezza.
- Prattiki li jinvolvu l-bejgħ transnazzjonali ta' prodotti mingħajr avviż minn qabel lix-xerrejja li servizzi ta' wara l-bejgħ mhumieħ garantiti barra mill-pajjiż tal-orijini tal-prodott.
- Prattiki li jinvolvu t-twaqqif ta' websajts komparattivi maħsuba l-iżjed biex jikkonvinċu lill-kummerċjanti biex jixtru prodott billi jippreżentawh bħala l-iżjed adatt għall-profil tan-negozju tagħhom. Fir-realtà, diversi minn dawn l-għodod komparattivi, b'mod speċjali fis-settur finanzjarju, ma joffru l-ebda informazzjoni dwar in-natura tal-websajt jew il-mudell ta' finanzjament tagħha.
- Prattiki ta' reklamar diġitali "mistura" li jinvolvu l-iktar il-konsumaturi/negozji (fil-biċċa l-kbira minnhom imħallsa mill-kumpanija) li jittgħu tweġibiet fuq netwerks soċjali fejn jinkoraġġixxu l-kummerċjanti biex jużaw dik il-kumpanija.
- Prattiki li jinvolvu l-użu ta' testijiet komparattivi skaduti jew li saħansitra lanqas biss jeżistu.
- Prattiki li jassumu minn qabel il-kunsens implikat ta' kummerċjant biex jixtri prodott jew jissottoskrivi għal servizz.

ta' reklamar qarrieqi jew reklamar komparattiv illeġali f'approċċ sistematiku f'qafas leġali wiesa' li jiżgura li prattiki ġodda inġusti jkun koperti mil-leġislazzjoni riveduta.

3.1.18 Minkejja l-punt li tqajjem f'3.1.8, il-KESE jemmen li l-qafas leġali tad-Direttiva 2005/29/KE se jkollu jtwessa' f'ħin f'waqtu, l-iżjed sabiex jiġi żgurat li l-protezzjoni attwali għall-konsumaturi tiġi estiża u applikata b'mod ugwali lil xi intrapriżi żgħar u mikro, taħt kundizzjonijiet definiti b'mod preċiż u rigoruż, meta jkun f'sitwazzjonijiet komparabbli, kif diġà jseħħ fis-sistemi leġali ta' diversi Stati Membri, u kif jitolbu bix-xieraq l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw dawn in-negozji ⁽⁷⁾.

3.1.19 Fil-fatt, il-KESE jemmen li dawn huma żewġ aspetti differenti ta' sitwazzjoni komuni u li għandna kull interess li nrrivedu d-Direttiva 2005/29/KE, fid-dawl tal-valutazzjoni reċenti ta' din id-direttiva ⁽⁸⁾, b'mod simultanju u b'mod parallel mad-Direttiva 2006/114/KE, billi huma interkonnessi u kompletarji ⁽⁹⁾.

3.1.20 In-natura ta' dawn il-prattiki u l-attivitajiet ta' kumpaniji ħatja ta' ksur tal-liġi huma xhieda tal-ħtieġa għal strument għodidjarju għal azzjoni kollettiva ta' grupp, li tiggarantixxi reazzjonijiet effiċjenti u protezzjoni aħjar għall-kummerċjanti fis-soluzzjoni ta' kull tilwim li jista' jinqala', mhux biss biex dawn il-prattiki jitwaqqfu ⁽¹⁰⁾, iżda wkoll biex jiġi żgurat kumpens adegwat għall-ħsara mġarrba.

3.2 Aspetti formali

3.2.1 Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkjarifika l-bażi leġali għal dawn il-miżuri f'dan l-istadju, u b'mod aktar speċifiku, jekk huma intenzjonati biss biex jappoġġjaw l-ikkompletar tas-suq intern jew għal raġunijiet oħra.

3.2.2 B'mod ugwali, il-KESE jemmen li l-istrument leġali l-iżjed adegwat sabiex dan iseħħ huwa regolament, sabiex tiġi żgurata aktar ċertezza leġali u armonizzazzjoni effettiva.

⁽⁷⁾ Dan jikkorrispondi għall-għażla 5 fil-valutazzjoni tal-impatt li qed tiġi mfasla bħalissa.

⁽⁸⁾ COM(2013) 138 final, 14.3.2013.

⁽⁹⁾ L-Awstrija hija eżempju wieħed ta' allinjament bejn id-Direttiva 2006/114/KE u d-Direttiva 2005/29/KE billi matul it-traspożizzjoni, il-kelma "konsumatur" ġiet sostitwita b'"il-mira ta' prattiki kummerċjali", u b'hekk ma jkun hemm l-ebda dubju li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE huma applikati wkoll għar-relazzjonijiet bejn kummerċjanti (ara IP/A/IMCO/ST/2010-04, PE 440.288 li hemm referenza għaliha fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3 hawn fuq).

⁽¹⁰⁾ Għalhekk huwa essenzjali li jiġdied l-istrument leġislattiv futur fil-lista inkluża fl-Anness I għad-Direttiva 2005/29/KE.

4. Analiżi tal-metodoloġija

4.1 Fir-rigward tal-kalendarju propost, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-passi stabbiliti mill-Kummissjoni, jiġifieri t-twaqqif immedjat ta' netwerk ta' awtoritajiet biex iżidu l-infurzar tad-direttiva dwar reklamar qarrieqi u komparattiv, u biex jaqsmu informazzjoni.

4.2 Il-KESE jilqa' wkoll it-twaqqif ta' proċedura ta' kooperazzjoni fl-infurzar, simili għal dik prevista fir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, u b'hekk jiġu introdotti obbligi ta' għajnuna reċiproka bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam, u miżuri sabiex jiġu identifikati l-awtoritajiet tal-infurzar, mingħajr ħsara għall-għażliet li jinvolvu pjattaformi pubbliċi-privati, kif jiġri fil-Pajjiżi l-Baxxi, u l-estensjoni tal-kooperazzjoni biex tinkludi organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-partijiet interessati..

4.3 Bħala riżultat ta' dan, il-KESE jissuġġerixxi li jiġu segwiti prattiki fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi ⁽¹⁾ u s-soluzzjoni ta' tilwim u t-twaqqif ta' netwerk Ewropew sabiex l-SMEs jiġu megħjuna fis-soluzzjoni ta' tilwim transkonfinali billi l-kumpaniji li ġew imqarrqa jiġu diretti lejn il-mekkaniżmi legali l-iżjed adatti.

4.4 Il-KESE jemmen ukoll li jridu jiġu stabbiliti attivitajiet ta' taħriġ, informazzjoni u ta' qsim ta' prattiki tajba għan-negozji kollha sabiex jiġu avżati dwar il-perikli inerenti f'dawn il-prattiki.

4.5 Barra minn hekk, u jekk inżommu f'moħħna l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-prattiki qarrieqa jseħħu f'ambjent diġitali, il-KESE jemmen li huwa neċessarju li jiġi promoss approċċ aktar

assertiv u adegwat lejn il-protezzjoni tal-SMEs, filwaqt li jitqiesu l-prattiki ta' provveduti intermedjarji tal-internet u r-relazzjonijiet kuntrattwali li jinħolqu minn pjattaformi bħall-eBay jew pjattaformi mfassla speċifikament għal tranżazzjonijiet kummerċjali bejn kummerċjanti.

4.6 Il-KESE jixtieq iżid jgħid li l-Kummissjoni trid tqis id-dimensjoni internazzjonali ta' dawn il-prattiki fil-kuntest tar-rappreżentazzjoni tagħha fl-OECD ⁽¹²⁾. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġa jiddiskutu mal-OECD l-estensjoni tal-"Linji Gwida għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi minn Prattiki Kummerċjali Qarrieqa Transkonfinali" (Guidelines for Protecting Consumers from Fraudulent Commercial Practices Across Borders) biex jinkludu r-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi.

Il-KESE jissuġġerixxi li l-EUROPOL twaqqaf proġett ta' riċerka dwar il-frodi marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni għall-massa fl-UE: id-dimensjoni tal-ħsara finanzjarja u l-għadd ta' vittmi; ir-rwol tal-ikbar atturi transkonfinali u l-possibbiltà li l-qlich jiġi investit f'attivitajiet jew negozji mhux legali.

4.7 Fl-aħħar nett, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm bżonn li l-Kummissjoni tressaq pakkett finanzjarju, għax dan huwa vitali biex jiġi implimentati l-miżuri proposti.

4.8 Fir-rigward tal-ħidma futura, il-KESE jixtieq isemmi b'mod speċifiku r-rieda tiegħu li jipparteċipa f'din il-ħidma permezz tar-rappreżentanti tiegħu, billi jemmen li jista' jikkontribwixxi l-esperjenza tal-membri tiegħu, li huma rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tat-tliet gruppi ta' interess rappreżentati fi ħdan il-KESE, u li huma partikolarment adatti u kkwalifikati għal dan ix-xogħol.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/consumers/index_mt.htm

⁽¹²⁾ Id-dimensjoni internazzjonali tal-fenomeni toħroġ fid-dieher bl-International Mass-Marketing Fraud Working Group (IMMFWG) (Grupp ta' Ħidma Internazzjonali għall-Frodi fil-Kummerċjalizzazzjoni tal-Massa), netwerk indipendenti magħmul minn korpi ta' sigurtà, ta' regolazzjoni u ta' protezzjoni tal-konsumaturi minn seba' pajjiżi (l-Awstralja, il-Belġju, il-Kanada, il-Pajjiżi Baxxi, in-Niġerja, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti) u l-Europol. L-għan tal-Grupp huwa li jiffaċilita l-iskambju internazzjonali tad-data u l-informazzjoni, li jikkoordina operazzjonijiet transkonfinali maħsubin biex jinterċettaw u jwaqqfu każijiet ta' frodi fil-kummerċjalizzazzjoni tal-massa u lil dawk li jwettquhom, iżda wkoll biex isahha l-għarfien u l-edukazzjoni tal-pubbliku fil-qasam tal-frodi fil-kummerċjalizzazzjoni tal-massa ta' natura internazzjonali. Ara "Mass-marketing fraud: a threat assessment" IMMFWG, Ġunju 2010.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istat tal-Unjoni Doganali”

COM(2012) 791 final

(2013/C 271/12)

Relatur: **is-Sur SIMONS**

Nhar il-21 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istat tal-Unjoni Doganali

COM(2012) 791 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'139 vot favur u 7 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat b'mod ġenerali jaqbel mal-Komunikazzjoni li ħarġet il-Kummissjoni. Huwa jappoġġja unjoni doganali b'saħ-ħitha li tista' tagħti kontribut utli għall-kompetittività u t-tħaddim tajjeb tas-suq intern fl-Unjoni Ewropea.

1.2 Huwa jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex hija u tfassal pjan ta' azzjoni tqis b'mod partikolari r-riċerka u l-valutazzjonijiet interni u esterni tal-funzjonament dwar it-tħaddim tal-unjoni doganali, bħal dawk li saru fl-aħħar tliet snin.

1.3 Il-Kumitat iqis li huwa ferm importanti li jkun hemm politika doganali unika bbażata fuq proċeduri uniformi, trasparenti, effettivi, effiċjenti u semplifikati, li permezz tagħhom l-Unjoni Ewropea tkun tista' tiffaċċja l-kompetituri dinjija u li permezz tagħhom id-drittijiet u s-sigurtà tal-kumpaniji u l-konsumaturi Ewropej, fosthom il-proprjetà intellettuali jistgħu jiġu protetti. Fl-istess ħin għandu jiġi evitat li l-Istati Membri jkollhom idejhom marbuta fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni doganali biex ikunu jibqgħu jikkunsidraw il-volum tal-flussi kummerċjali.

1.4 Fid-dawl tal-importanza kbira li l-Kummissjoni tagħti fil-Komunikazzjoni lill-iffaċilitar tal-kummerċ, huwa kruċjali li l-kapaċitajiet operattivi tas-servizzi doganali jkunu jistgħu jiġu mfaċċja għall-flussi kummerċjali nazzjonali biex, b'mod partikolari tiżied l-effiċjenza sabiex il-kummerċ jiġi faċilitat kemm jista' jkun; tkun ħaġa tajba li fil-futur ikun hemm armonizzazzjoni bbażata fuq l-aħjar Prattika u approċċ ibbażat fuq sistemi.

1.5 Il-Kumitat xtaq li l-Komunikazzjoni tidħol iktar fid-dettall dwar il-miżuri speċifiċi għall-perjodu l-medju u fit-tul. Il-prijoritajiet ġew stabbiliti biss għall-2013. B'xorti tajba għas-snin ta' wara tirreferi għall-mudell li għad irid jitfassal li ser joħroġ fl-2014.

1.6 Il-Kumitat jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-fatt li l-injezzjonijiet finanzjarji huma meħtieġa biex is-servizzi doganali jkunu jistgħu jiġġieldu kontra l-frodi u l-kriminalità b'mod iktar kosteffiċjenti u biex jitnaqqas id-dewmien fil-flussi kummerċjali.

2. Daħla

2.1 It-tielet parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (wieħed mit-Trattati ta' Lisbona, (TFUE)) dwar il-politika u l-funzjonament intern tal-Unjoni tinkludi żewġ artikoli relattivament qosra, f'termini ġenerali haġna (l-Artikoli 26 u 27 TFUE) dwar is-suq intern, definit bħala “arja bla fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati.”

2.2 Kien biss fl-1986, bl-Att Uniku Ewropew li dan is-suġġett iddaħħal fit-Trattati Ewropej (l-Artikolu 8A tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (it-Trattat KEE)), fejn l-ikkompletar tas-suq intern kien ġie pospost għall-1 ta' Jannar 1993, iżda li b'xorti ħażina għad irid isir.

2.3 Min-naħa l-oħra, b'xorti tajba l-affarijiet imxew ħafna aħjar fil-każ tal-predeċessur u l-element essenzjali tas-suq intern, l-unjoni doganali, li bħall-eżempju tal-kooperazzjoni li rnexxiet fil-Benelux diġà kien iddaħħal fl-ewwel Trattat KEE (it-Trattat ta' Ruma) tal-1958.

2.4 F'għoxrin artikolu dettaljati ħafna, it-Trattat jistabbilixxi l-azzjoni li trid tittieħed u l-iskadenza meħtieġa fi żmien 15-il sena, l-itwal perjodu stabbilit għall-perjodu ta' transizzjoni (l-Artikolu 8(5)), għall-introduzzjoni ta' projbizzjoni bejn l-Istati Membri għad-dazji fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni u ta' kull tariffa li jkollha effett ekwivalenti applikabbli għall-kummerċ kollu tal-merkanzija u l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi.

2.5 Dawn id-dispożizzjonijiet ma jissemmewx biss fit-Trattat ta' Ruma (l-Artikolu 9 tat-Trattat KEE), imma anke iktar minn ħamsin sena fit-Trattat ta' Lisbona (l-Artikolu 28 tat-TFUE). Iżda fid-dawl ta' dak kollu li ġara qabel – fl-1968 ma kien hemm l-ebda leġislazzjoni doganali dwar il-fruntieri nazzjonali; wara dan dehru diversi regoli doganali u tal-orijini, li rriżultaw fil-Kodiċi Doganali Komunitarju tal-1992 u t-Tariffa Doganali Komuni tal-1987, u b'hekk it-Trattat ta' Lisbona issa għandu tliet artikoli qosra ħafna dwar l-unjoni doganali (l-Artikoli 30-32 tat-TFUE), minflok l-għoxrin artikolu dettaljat li hemm fit-Trattat ta' Ruma.

2.6 Apparti l-pedamenti legiſlattivi msemmija hawn fuq l-istrumenti legali jippermettu li f'ċerti oqsma, fosthom l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, il-prekursuri tad-droga, il-beni kulturali, il-kontroll tal-flus kontanti, il-monitoraġġ tas-suq, leġislazzjoni tal-protezzjoni ċivili u ambjentali, ikun hemm infurzar tar-regoli mid-dwana fl-Unjoni Ewropea.

2.7 L-unjoni doganali, kif hemm stabbilit fl-Artikolu 3 tat-TFUE, taqa' taħt il-kompetenza esklużiva definita fl-Artikolu 2(1) tat-TFUE, tal-Unjoni Ewropea. Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni doganali taqa' f'idjejn l-Istati Membri. (tfakkira: is-suq intern huwa kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, skont l-Artikolu 2(2) tat-TFUE).

2.8 Il-valur miżjud tal-unjoni doganali jintwera b'mod iktar ċar b'dawn iċ-ċifri tal-Kummissjoni Ewropea: 17 % tal-kummerċ dinji jgħaddi mis-servizzi doganali Ewropej u jgħib miegħu mal-EUR 3 300 biljun fis-sena.

3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

3.1 Fil-21 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni ħarġet din il-Komunikazzjoni dwar l-istat tal-unjoni doganali, biex f'nofs

il-mandat ta' din il-Kummissjoni tiġi evalwata s-sitwazzjoni, liema għanijiet intlaħqu u liema sfidi għad hemm għall-ġejjieni.

B'mod iktar speċifiku, l-għanijiet tal-Kummissjoni permezz ta' din il-Komunikazzjoni kienu:

- li jiġi enfasizzat il-valur miżjud tal-importanza fundamentali tas-servizzi li tagħti l-unjoni doganali u li sservi għat-ktabbir, il-kompetittività u s-sigurtà tas-Suq Intern u l-Unjoni Ewropea;
- li jiġi rikonoxxut li l-unjoni doganali qed tiġi kkonfrontata bi sfidi li jeħtieġu risposta Ewropea; u
- li jitfassal pjan ta' azzjoni biex jiġu ffaċċjati dawn l-isfidi u biex fl-2020 ikun hemm unjoni doganali magħquda bi pres-tazzjoni aħjar, iktar robusta u iktar b'saħħitha.

3.2 Fi ħdan dawn l-għanijiet, fil-Komunikazzjoni l-Kummissjoni tqis li bħala punt ta' tluq għal dibattitu hemm dawn it-tliet punti importanti:

- l-ikkompletar tal-modernizzazzjoni li nbdiel fl-2003, bl-iffinalizzar u l-adozzjoni tal-Kodiċi Doganali Komunitarju l-ġdid tal-Unjoni u l-miżuri delegati u ta' implimentazzjoni rilevanti, u bl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom mill-Istati Membri;
- it-twaqqif u l-għeluq tal-lakuni fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni doganali kif ukoll it-twaqqif tal-prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati. Ftut tas-snin ilu saret awtovalutazzjoni (self-assessment) mill-Kummissjoni u dalwaqt ser tiġi ppubblikata valutazzjoni esterna dwar it-tħaddim tal-unjoni doganali;
- it-tweqqif tal-bidliet fl-istruttura tal-governanza, bil-għan li jittejjbu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-unjoni doganali. Il-Kummissjoni beħsiebha toħroġ mudell dwar dan fl-2014.

3.3 Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew:

- biex jiffinalizzaw il-modernizzazzjoni tal-unjoni doganali mingħajr dewmien;
- biex fi djalogo mal-partijiet interessati rilevanti, u b'kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjonijiet riċenti interni u esterni u l-analiżi tad-differenzi, jistabbilixxu l-prijoritajiet għall-unjoni doganali;

— il-governanza; biex fir-rigward tal-amministrazzjoni operativa sħiħa tal-unjoni doganali jiġu riformati l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Wieħed mill-passi li jmiss f'dan il-kuntest għandu jkun li jiffassal mudell għar-riforma sal-2014.

3.4 Fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinnotta li minħabba ż-żieda fil-globalizzazzjoni l-Istati Membri waħedhom m'għadhomx kapaċi jiffaċċjaw dawn l-isfidi b'mod effettiv. Huwa tal-fehma li l-globalizzazzjoni tehtiegħ Ewropa iktar magħquda u li dan joħloq il-bżonn għal iktar integrazzjoni.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-Kumitat japprezza li l-Kummissjoni ħarġet b'din il-Komunikazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali f'nofs il-mandat tagħha. Il-Kumitat jenfasizza wkoll l-importanza kbira tal-unjoni doganali għall-UE, b'mod partikolari għat-tkabbir, il-kompetittività u s-sigurtà tas-suq intern.

4.2 Il-Kumitat iqis li hemm sfidi esterni u interni li jridu jiġu ffaċċjati mill-Unjoni Ewropea.

4.2.1 Fost l-isfidi esterni nsibu: il-flussi kummerċjali dejjem jżiedu, ktajjen ta' loġistika ġodda u kumplessi, bidliet fil-pressjoni tal-kompetizzjoni, iż-żieda fil-kriminalità, b'mod partikolari l-frodi, u l-attivitajiet terroristiċi u l-istennijiet ta' aġenziji oħra ta' infurzar li għalihom iwettqu kompiti s-servizzi doganali.

4.2.2 Fost l-isfidi interni l-Kumitat jinnota l-inefficijenzi u n-nuqqas ta' effikaċja minħabba d-differenzi fl-implimentazzjoni mis-27 Stat Membru, peress li kull Stat Membru pereżempju żviluppa sistema proprja għall-IT, b'metodi differenti ta' ħidma u differenzi konsiderevoli bejn il-livelli ta' taħriġ li minħabba fihom ma jistax ikun hemm implimentazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni Ewropea fl-Istati Membri. Din il-problema ħraxet iktar u iktar minħabba l-kriżi ekonomika.

4.3 Il-Kumitat iqis li huwa ferm importanti li jkun hemm politika doganali unika bbażata fuq proċeduri uniformi, trasparenti, effettivi, effiċjenti u semplifikati, li permezz tagħha l-Unjoni Ewropea tkun tista' tiffaċċja l-kompetituri dinjija u li permezz tagħha d-drittijiet u s-sigurtà tal-kumpaniji u l-konsumaturi Ewropej, inkluża l-proprjetà intellettuali, ikunu jistgħu jiġu protetti.

4.4 Dan diġà ġie rrakkomandat f'Opinjoni⁽¹⁾ reċenti u minħabba l-importanza qed tiġi enfasizzata mill-ġdid hawn fuq.

4.5 Il-Kumitat jenfasizza li għandu jiġi evitat li l-Istati Membri jispiċċaw b'idejhom marbutin fl-implimentazzjoni tal-politika doganali biex ikunu jistgħu jibqgħu jqisu l-volumi tal-flussi kummerċjali konċernati. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jenfasizza li l-Istati Membri żiedu l-mezzi tagħhom biex jiffaċilitaw il-kummerċ: proċeduri mingħajr karti, proċeduri ssemplifikati, implimentazzjoni ta' status ta' operatur approvat.

4.6 Għalhekk l-armonizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar prattika u mhux fuq il-medja Ewropea.

4.7 Barra minn hekk, il-Kumitat iqis li tkun ħaġa tajba li jekk l-għan huwa li x-xogħol isir b'mod kosteffiċjenti u mmirat lejn ir-riżultati, anke f'termini finanzjarji fir-rigward tad-dħul, u biex isir progress ġenwin, il-kontrolli m'għandhomx isiru transazzjoni transazzjoni imma b'approċċ ibbażat fuq sistemi u fuq valutazzjoni tar-riskju.

4.8 Anke l-Kunsill Kompetittività tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2012 fil-konklużjonijiet tiegħu enfasisza li għandha tkompli tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni doganali u approċċi moderni u armonizzati għall-kontrolli doganali filwaqt li fejn ikun adatt u b'kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet għall-operaturi u għall-Istati Membri ikun hemm il-flessibbiltà għal soluzzjonijiet nazzjonali⁽²⁾.

4.9 Fl-istess ħin il-Kunsill jisħaq li għandha tittejjeb il-koooperazzjoni ma' aġenzji oħra kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak tal-UE fil-qasam tas-sikurezza, is-saħħa, is-sigurtà u l-ambjent, kif ukoll mal-imsieħba internazzjonali filwaqt li tiġi rispettata d-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-UE u l-Istati Membri f'dan il-qasam⁽³⁾.

4.10 Il-Kumitat jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li l-unjoni doganali tista' tkompli tiġi żviluppata biss jekk ikun hemm mekkaniżmu għall-kejl u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tagħha.

4.11 Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minbarra l-proċeduri doganali stretti jista' jkun hemm ostakli bħal infrastruttura difettuża mal-fruntieri esterni, li qed ixejnkli l-ikkompletar fluwidu. Fir-rigward tal-involvement tal-pajjiżi terzi, din il-problema għandha tissolva l-ewwel nett b'koordinazzjoni magħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 229, 31.7.2012, pġ. 68-71.

⁽²⁾ Konklużjonijiet dwar il-Progress fl-Istrateġija għall-Evoluzzjoni tal-Unjoni Doganali, it-3208 laqgħat tal-Kunsill Kompetittività, Brussell, 10 u 11 ta' Diċembru 2012.

⁽³⁾ Idem.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-Kumitat bi tħassib jinnota l-inugwaljanza dejjem ikbar bejn il-piż tax-xogħol dejjem jiżdied u t-tnaqqis kontinwu fil-persunal tad-dwana. Minkejja l-fatt li ħafna kompiti saru awtomatizzati, il-piż tax-xogħol żdied għall-ħaddiema tad-dwana. Din il-problema, fejn it-taħriġ u l-edukazzjoni kontinwa għandhom rwol importanti x'jaqdu, jistħoqqilha ħafna iktar attenzjoni.

5.2 Fl-aħħar mill-aħħar il-Kumitat jaħseb li għandha titwaqqaf skola Ewropea għat-taħriġ doganali biex il-persunal tad-dwana tal-Istati Membri jilhqqu l-livell meħtieġ.

5.3 Il-Kumitat iqis li s-sigurtà tal-katina tat-twassil u l-ġestjoni tar-riskju huma ta' importanza kbira għall-unjoni doganali. Il-Kumitat dalwaqt ser joħroġ Opinjoni wkoll dwar il-Komunikazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni li dehret dan l-aħħar (COM(2012) 793 final; INT/681, relatur: is-Sur Pezzini).

5.4 Bl-istess mod, il-Kumitat jistenna bil-ħerqa l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-problemi li jinħolqu b'riżultat tal-approċċi differenti għall-ksur tal-liġijiet doganali tal-UE u l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, anki jekk dan ikun biss abbażi ta' trattament indaqs. Hawnhekk għandu jitqies ukoll li t-tibdil fis-sistemi nazzjonali tas-sanzjonijiet fil-leġislazzjoni doganali u kriminali huwa kwistjoni sensittiva għall-Istati Membri.

5.5 Bħala l-ewwel pass, il-Kumitat jissuġġerixxi li jiġu armonizzati t-tipi ta' ksur tal-liġi, bħalma jsir fit-trasport ⁽⁴⁾.

5.6 Il-Kumitat jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabilita sensiela ta' proċeduri standard li fil-futur għandhom isiru parti mil-leġislazzjoni, sabiex id-dwana tkun f'qagħda aħjar li tinforza projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet legali fir-rigward tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija.

5.7 Il-Kumitat xtaq li l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tidħol iktar fid-dettall dwar l-impatt tal-proposti tagħha fuq il-pressurej tar-regolazzjoni u l-piż amministrattiv.

5.8 Prestazzjoni aħjar tal-kompiti doganali hija essenzjali. Għalhekk jeħtieġ tiġi żviluppata kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana, jissaħħu s-setgħat tal-aġenti u jiġu żviluppati strateġiji Ewropej reali kontra l-frodi. Jista' jkun hemm ukoll ċirkustanzi fejn tkun ħaġa tajba li jkun hemm trasferiment ta' ċerti kompiti u ħidmiet minn kull Stat Membru individwali għal istituzzjonijiet komuni, li jkunu jew relatati mal-Kummissjoni jew immexxija mill-Istati Membri b'mod konġunt, pereżempju jekk permezz tagħhom ikun jista' jsir iffrankar finanzjarju kbir.

5.9 Huwa kien jistenna wkoll iktar informazzjoni dwar il-kuntest f'din il-Komunikazzjoni. B'xorti ħażina dan mhuwiex il-każ u għalhekk huwa diffiċli li din il-Komunikazzjoni tingħata valutazzjoni adatta. B'xorti tajba l-Kummissjoni tistqarr b'mod ċar li l-proposti legiſlattivi li jmiss ser ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt.

5.10 L-istess bħall-Kummissjoni, il-Kumitat huwa mħasseb dwar l-osservazzjoni li l-ikbar effiċjenza u effikaċja possibbli ntlaħqu bil-ġestjoni attwali tal-unjoni doganali u b'mod partikolari bil-proċessi Komunitarji. Huwa tal-fehma li għandu jkun hemm sistema ta' ġestjoni moderna u effiċjenti li tiffunzjona disponibbli għas-servizzi doganali biex ħidmiethom tibqa' effettiva u kosteffiċjenti.

5.11 Barra minn hekk, il-Kumitat jenfasizza li fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali għandhom jingħataw mezzi finanzjarji suffiċjenti lis-servizzi doganali, pereżempju għall-aġġornament tas-sistemi tal-IT, biex il-frodi u l-kriminalità jkunu jistgħu jiġu miġġielda b'mod effettiv.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi r-regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta’ Azzjoni: Id-dritt soċjetarju Ewropew u l-governanza korporattiva — qafas legali modern għal azzjonisti aktar impenjati u kumpaniji sostenibbli”

COM(2012) 740 final

(2013/C 271/13)

Relatur: **is-Sur DE LAMAZE**

Nhar id-19 ta’ Frar 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta’ Azzjoni: Id-dritt soċjetarju Ewropew u l-governanza korporattiva – qafas legali modern għal azzjonisti aktar impenjati u kumpaniji sostenibbli

COM(2012) 740 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’135 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 11-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jaqbel mal-linji ewlenin tal-pjan ta’ azzjoni attwali fir-rigward tal-governanza korporattiva.

1.2 Il-KESE jwissi kontra r-riskju li jiżdied il-piż leġislattiv tal-konformità għall-intrapriżi li huma elenkati fil-Borża u jfakkar li l-intrapriżi għandhom ħtieġa vitali ta’ suq finanzjarju miftuħ. Bilanċ ġust bejn miżuri leġislattivi u standard legali mhux vinkolanti, bħar-rakkomandazzjonijiet u l-kodiċi ta’ governanza, jiddependi mid-dettalji tal-implimentazzjoni ta’ kull inizzjattiva ppreżentata.

1.3 B’mod partikolari, fir-rigward tal-miżura innovattiva li tirrekjedi li l-intrapriżi jkunu trasparenti dwar il-politika ta’ remunerazzjoni tagħhom, il-KESE jistenna li l-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti raġonevoli biex ma tipperikolax l-iżvilupp ta’ dawn l-intrapriżi minħabba li l-piż tal-ispejjeż tal-funzjonament tagħhom jiżdied. Huwa jiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li dawn ir-regoli l-ġodda jridu jirrispettaw “il-kunfidenzjalità tan-negozju”.

1.4 Dwar il-kwistjoni essenzjali tal-vot tal-azzjonisti dwar il-politika tar-remunerazzjoni, il-KESE jqis li t-tfittxija għal armonizzazzjoni Ewropea ma tistax tmur lil hinn minn vot konsultattiv mingħajr ma tqajjem dubji dwar il-bażi tal-liġi tal-kumpaniji.

1.5 Fil-qafas tal-valutazzjoni tal-impatt li hija ppjanata, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa kemm fil-fatt kull inizzjattiva tapplika għall-każ speċifiku tal-SMEs.

1.6 B’mod kumplimentari għall-inizzjattivi mħabbra, il-KESE jqis li f’perspettiva ta’ funzjonament tajjeb tal-intrapriżi, partikolarment f’perjodu ta’ kriżi, kien hemm bżonn li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-impjegati.

1.7 Barra minn hekk, il-KESE jappella għat-tisħiħ tat-taħriġ tal-amministraturi u jenfasizza li jkun opportuni li jiġi promoss l-iskambju dwar prattiki tajba osservati fil-qasam.

1.8 Fil-qasam tad-dritt soċjetarju, il-KESE jqis li huwa meħtieġ li l-prijoritajiet jiġu ffukati mill-ġdid fuq il-proġett tal-kumpanija privata Ewropea kif ukoll fuq miżuri bil-għan li jiffaċilitaw it-trasferiment tal-uffiċċji rreġistrati fi ħdan l-UE. F’kull każ, il-parteċipazzjoni tal-impjegati trid tiġi aasigurata u msaħħa b’mod partikolari fuq il-bażi tal-konsultazzjoni speċifika tal-imsieħba soċjali li hija prevista fit-trattati Ewropej.

1.9 Il-KESE ma jaqbilx mal-idea li l-kunċett tal-“interess tal-grupp” jingħata rikonoxximent, li fuq tul ta’ żmien ikollha l-konsegwenza li ddgħajjef il-prinċipju tal-indipendenza tal-persuni morali fi ħdan il-grupp ta’ kumpaniji, b’mod partikolari jekk huma ma jkunux Ewropej. Barra minn hekk huwa mħasseb dwar il-loġika li tagħti prijorità lill-interess tal-grupp bi ħsara għal dak ta’ kumpanija sussidjarja li tista’ tiġi sagrafikata.

2. Kontenut tal-Komunikazzjoni

2.1 B'koerenza mal-Komunikazzjoni tagħha dwar l-"Ewropa 2020" li fiha għamlet appell għat-titjib fl-ambjent tal-intrapriżi fl-Ewropa, f'dan il-pjan ta' azzjoni l-Kummissjoni qed tippromovi inizjattivi li għandhom l-għan li jsaħħu l-qafas ta' governanza korporattiva fl-UE b'konformità ma' żewġ linji ta' azzjoni:

- bis-saħħa ta' trasparenza akbar kemm fil-konfront tal-azzjonisti, tal-pubblikukif ukoll tal-intrapriżi: divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversifikazzjoni tal-bordijiet ta' amministrazzjoni u ta' sorveljanza u tal-politika ta' ġestjoni ta' riskji mhux finanzjarji (riskji strateġiċi, operazzjonali u ta' konformità ...); titjib fl-ispejgazzjonijiet li l-intrapriżi jridu jagħtu f'każ ta' deroga għar-rakkomandazzjonijiet tal-kodiċi ta' governanza; divulgazzjoni tal-politiki tal-vot tal-investituri istituzzjonali, identifikazzjoni tal-azzjonisti;
- bis-saħħa ta' parteċipazzjoni akbar tal-azzjonisti: sorveljanza tal-politika ta' remunerazzjoni; estensjoni tad-dritt tagħhom fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati; qafas għall-attività tal-kunsilliera fil-vot; kjarifika tal-kunċett ta' "azzjoni koordinata", inkoraġġiment tal-azzjonisti impegjati.

2.2 B'mod parallel tħabbru diversi inizjattivi fil-qasam tad-dritt soċjetarju, li fid-definizzjoni tagħhom jirrigwardaw mhux biss il-kumpaniji elenkati fil-Borża iżda wkoll il-kumpaniji anonimi kollha: il-faċilitazzjoni tal-operazzjonijiet transkonfinali (fużjonijiet u diviżjonijiet transkonfinali, u, eventwalment it-trasferiment tal-uffiċċji rreġistrati), analiżi tas-segwitu li jrid jingħata lill-proposta li jinħoloq statut għal Kumpanija Privata Ewropea, kampanji ta' informazzjoni dwar l-istatut tal-kumpanija Ewropea u ta' Soċjetà Kooperattiva Ewropea, miżuri li jimmiraw gruppi ta' intrapriżi (rikonoxximent tal-kunċett tal-"interess ta' grupp" b'mod partikolari), kodifikazzjoni tad-dritt soċjetarju Ewropew. Dawn l-inizjattivi kollha ser ikunu s-suġġett ta' valuzzjonijiet tal-impatt ex-ante, u jistgħu jiġu modifikati bħala konsegwenza.

3. Kummenti ġenerali

3.1 B'mod ġenerali, il-KESE jaqbel mal-miżuri mħabbra f'dan il-pjan ta' azzjoni li, f'dak li jirrigwarda l-governanza korporattiva jimxi fid-direzzjoni ta' konsolidazzjoni akbar, ħlief għal xi eċċezzjonijiet li ser jiġu studjati aktar tard, aktar milli bdil approfondit fil-qafas attwali.

3.2 F'dan il-pjan ta' azzjoni jidher li hemm sforz biex jintlaħaq ċertu bilanċ bejn miżuri legiſlattivi u standard legali mhux vinkolanti – rakkomandazzjonijiet u kodiċi ta' governanza. Il-KESE jinnota li kull obbligu supplimentari fil-qasam tat-trasparenza, u b'mod partikolari fil-qasam tal-politiki tar-

remunerazzjoni, ser ikollu impatt fuq l-ispejjeż tat-tħaddim tal-intrapriża.

3.3 Il-KESE huwa diżappuntat li, filwaqt li l-pjan ta' azzjoni jimmira li jtejjeb il-parteeipazzjoni tal-azzjonisti, ma jfittix li jsaħħaħ il-parteeipazzjoni tal-impjegati 'mod komplementari, li kien enfasisza l-importanza tagħha fir-risposta tiegħu għall-Green Paper tal-2011 ⁽¹⁾. Fil-fatt, il-KESE jixtieq ifakkar li fil-legiſlazzjoni tal-UE, il-parteeipazzjoni tal-impjegati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet huwa magħruf li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-prestazzjoni tal-intrapriża.

3.4 Lil hinn mill-pjan ta' azzjoni attwali, huwa jagħraf li jkun utli jekk il-kontenut u n-natura eżatti tal-kunċett ta' parteċipazzjoni tal-impjegati jiġu speċifikati fir-rigward tal-bażi tad-dritt soċjetarju li jista' jiġi modifikat minħabba fih ⁽²⁾. Il-KESE huwa favur approċċ li huwa bbażat fuq pluralità ta' partijiet interessati, li jikkorrispondu għall-isfidi li jkollhom quddiemhom l-intrapriżi li jfittxu żvilupp fit-tul u li jieħdu impenn fir-rigward tal-impjegati tagħhom u tal-ambjent tagħhom. Dan it-tip ta' approċċ jimplika djalogo soċjali tajjeb u klima ta' fiduċja bbażati fuq dispożizzjonijiet ċari fil-qasam tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteeipazzjoni fejn dawn jeżistu. F'dan is-sens, il-KESE jixtieq jinkoraġġixxi li jiġu studjati toroq ġodda, bħall-kunċett ta' intrapriża sostenibbli (sustainable company) ⁽³⁾.

3.5 B'konsistenza mar-risposta li kien ta' għall-Green Paper tal-2011, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li governanza korporattiva tajba tiddependi wkoll mill-kompetenzi – partikolarment legali u finanzjarji – tal-membri tal-bord amministrattiv. Huwa jenfasizza l-hteġġa li t-taħriġ ta' dawn il-membri jiġi adattat għat-tip ta' intrapriża, b'mod partikolari d-daqs tagħha, u jinkoraġġixxi kull inizjattiva intiża biex tippromovi l-iskambju ta' prattiki tajbin f'dan il-qasam. Huwa jemmen li jkun utli jekk dan l-aspett ikun is-suġġett ta' rakkomandazzjoni futura tal-Kummissjoni. Għal raġunijiet ta' trasparenza u ta' sigurtà legali, b'mod partikolari għall-SMEs u l-impjegati tagħhom, il-miżuri li għandhom l-għan li jikkompletaw id-dritt soċjetarju Ewropew għandhom jevitaw kull forma ta' "shopping" għas-sistema li jikkonsisti fl-awtorizzazzjoni tar-reġistrazzjoni ex nihilo ta' entitajiet Ewropej jew is-separazzjoni tal-istabbiliment amministrattiv u s-sede soċjali tal-intrapriża.

3.6 Il-governanza korporattiva

3.6.1 Il-KESE kien diġà fakkar li l-governanza korporattiva għandha l-għan li tassigura s-sopravivenza u l-prosperità tal-intrapriża ⁽⁴⁾ billi tistabbilixxi sitwazzjoni ta' kunfidenza bejn l-atturi differenti ⁽⁵⁾. Bħalma hu l-każ tad-dritt soċjetarju Ewropew, l-inizjattivi fil-qasam tal-governanza għandhom jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw il-ħajja u t-tħaddim tal-intrapriżi u biex dawn ikunu kompetittivi.

⁽¹⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 91.

⁽²⁾ Fil-fatt, id-dritt soċjetarju huwa bbażat fuq ir-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti, il-bord amministrattiv u l-eżekuttiv.

⁽³⁾ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.

⁽⁴⁾ ĠU C 84, 17.3.2011, p. 13.

⁽⁵⁾ Direzzjoni, rappreżentanti tal-ħaddiema, investituri, awtoritajiet terriorjali.

3.6.2 Fir-rigward tat-tnaqqis qawwi osservat fl-għadd ta' kumpaniji ġodda elenkati fil-Borża u l-għadd li qed jikber ta' kumpaniji li qed jorġu mill-borża, il-KESE jfakkar li l-intrapriżi, u l-SMEs, b'mod partikolari, għandhom bżonn essenzjali ta' aċċess għas-suq finanzjarju. Id-diffikultajiet attwali biex numru minn dawn l-intrapriżi jiksibu finanzjament iwaqqaf l-iżvilupp tagħhom b'mod konsiderevoli. Biex jassigura suq finanzjarju miftuħ, il-KESE jqis li huwa essenzjali li ma jiżdidux il-limitazzjonijiet li huma diġà qawwija marbuta mal-governanza korporattiva għall-kumpaniji elenkati fil-Borża, u b'mod partikolari l-SMEs, biex b'hekk l-elenkar fil-Borża ma jkomplix isir inqas attraenti. Barra minn hekk, huwa jiġbed l-attenzjoni għar-riskju li jiżdied in-nuqqas ta' bilanċ fil-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji elenkati fil-Borża u dawk li mhumix, dawn tal-aħħar m'humix soġġetti għall-obbligi ta' trasparenza li huma imposti fuq tal-ewwel, filwaqt li huma l-kumpaniji elenkati fil-Borża li jiġgwadanjaw mill-informazzjoni li jkun qed ixandru l-oħrajn.

3.6.3 Il-KESE jiddispijaci li l-preokkupazzjoni espressa mill-Kummissjoni biex titqies in-natura speċifika tal-SMEs – f'termini ta' daqs kif ukoll ta' strutturi tal-azzjonisti – ma tissemmiex ħlief f'termini ġenerali ħafna u mhijiex maqsuma fid-dettall u b'mod speċifiku għal kull inizjattiva proposta.

3.6.4 F'dan ir-rigward il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi modifikata d-definizzjoni Ewropea tal-SMEs biex ikunu jistgħu jitqiesu aħjar il-karatteristiċi ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju.

3.6.5 Aktar minn approċċ regolatorju, il-KESE jirrakkomanda kemm jista' jkun approċċ li jiddefinixxi l-prinċipji li wara l-Istati Membri jadattaw bl-aħjar mod għall-karatteristiċi nazzjonali. Fl-2003 ⁽⁶⁾, il-Kummissjoni kienet diġà ġibdet l-attenzjoni għall-konverġenza konsiderevoli tal-kodiċi nazzjonali tal-governanza korporattiva. Il-KESE jinnota b'sodisfazzjoni li l-Kummissjoni tidher li qed tieħu dan l-approċċ fuq il-punti essenzjali tal-pjan ta' azzjoni attwali, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tal-ispejgazzjonijiet li jridu jagħtu l-kumpaniji li jitbiegħdu mill-kodiċi.

3.6.6 Fir-rigward tal-għan ġenerali tat-trasparenza, il-KESE jappoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni mmirati li jimplementaw fl-UE kollha regoli li qed jiġu implimentati f'xi Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jippromovu l-prestazzjoni fit-tul tal-intrapriżi. Id-diffikultà tidher li qiegħda biex jinstab il-punt ta' bilanċ bejn l-eżiġenzi leġittimi tat-trasparenza u l-ħtieġa li tkabbir tagħhom ma' jiġix imfixkel minn piż amministrattiv

żejjed u bid-divulgazzjoni ta' informazzjoni sensittiva għall-kompetittività.

3.6.7 Peress li jqis li l-eżiġenza tal-"konformità jew spjegazzjoni" hija fil-bażi tal-prinċipji tal-governanza, il-KESE jaqbel li hemm bżonn ta' implimentazzjoni aktar rigoruża tagħha. Huwa jilqa' b'sodisfazzjoni inizjattiva tal-Kummissjoni f'dan is-sens.

3.6.8 Il-KESE jieħu nota tar-rieda tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rwol tal-azzjonisti, biex jinstab bilanċ sodisfaċenti bejn il-poteri differenti. Huwa konxju tal-fatt li apparti d-drittijiet mħabbra biex jippermettu lill-azzjonisti jipparteċipaw aktar hemm ukoll dmirijiet li huma jridu jwettqu.

3.6.9 Peress li għal dan il-għan jeħtieġ li jiġi promoss id-djalogu bejn l-azzjonisti u l-emittenti, il-KESE jagħti importanza speċjali lill-inizjattiva li timmira li tippromovi li l-intrapriżi jsiru jafu lill-azzjonisti tagħhom, li huwa prerekwiżit indispensabbli. L-istrument Ewropew futur f'dan il-qasam irid jagħti każ tad-differenzi fil-leġislazzjoni dwar il-ħarsien tad-data personali.

3.6.10 Il-KESE jappoġġja wkoll il-proposta li tobligja lill-investituri istituzzjonali li jdivulgaw il-politiki ta' vot u ta' impenn tagħhom, u b'mod partikolari l-pjani tagħhom ta' investiment fil-kumpaniji li huma jixru l-ishma tagħhom.

3.6.11 Dwar il-kwistjoni essenzjali tal-vot tal-azzjonisti dwar il-politika tar-remunerazzjoni u r-rapport dwar ir-remunerazzjoni, il-KESE jqis li t-ftitxija għal armonizzazzjoni Ewropea ma tistax tmur lil hinn minn vot konsultattiv.

3.7 Id-dritt soċjetarju

3.7.1 Fost l-inizjattivi differenti li tħabbru, il-KESE għandu prijoritajiet differenti minn dawk proposti mill-Kummissjoni.

3.7.2 Għall-kuntrarju tal-Kummissjoni, il-KESE jqis li l-isforzi dwar il-proġett tal-kumpanija privata Ewropea għandhom jitlew u li għandha tinstab soluzzjoni li tiġbed kunsens.

3.7.3 Il-KESE jqis li huwa daqstant ieħor importanti li jiġu ffaċilitati t-trasferimenti tal-uffiċċji rreġistrati fi ħdan l-UE u li l-inizjattiva f'dan il-qasam li qed jitlob għandha tkompli tiggarran-tixxi l-kundizzjonijiet biex l-impjegati jipparteċipaw b'mod attiv.

⁽⁶⁾ Ara l-Komunikazzjoni "Modernising Company Law and Enhancing Corporate Governance in the European Union - A Plan to Move Forward [L-Immodernizzar tad-Dritt Soċjetarju u t-Titjib tat-Tmexxija Korporattiva fl-Unjoni Ewropea - Pjan biex Nimxu 'l Quddiem]", COM(2003) 284 final.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-governanza korporattiva

4.1.1 Il-KESE jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-intrapriżi jtejbju l-kwalità tal-ispejgazzjonijiet li għandhom jippreżentaw meta jitbiegħdu mill-kodiċi ta' governanza. Xi drabi, dawn l-ispejgazzjonijiet jidhru eżerċizzju fir-retorika, meta għall-kuntrarju huma għandhom ikunu ġustifikati b'mod adatt u jsemmu meta jkun rilevanti s-soluzzjoni alternattiva li għet implimentata.

4.1.2 Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni tħalli r-responsabbiltà tal-kodiċi nazzjonali fidejn l-Istati Membri biex jiċċaraw il-modalitajiet li jippermettu li jittejbju d-dikjarazzjonijiet dwar il-prattiki ta' governanza.

4.1.3 Kif diġà rrimarka (7), il-kwalità tajba tal-ispejgazzjonijiet li għandhom jagħtu l-intrapriżi tħares qabel kolloxx l-istess interessi tal-kumpanija, u din tiġi penalizzata mis-suq f'każ li l-ispejgazzjonijiet ikunu insuffiċjenti.

4.1.4 Jekk il-Kummissjoni tixtieq li tikkontrolla jew saħansitra tiċċertifika l-kwalità tal-informazzjoni dwar il-governanza trasmessa lis-swieq, il-KESE jixtieq jiċċara li mhuwiex favur approċċ vinkolanti f'dan il-qasam. Barra minn hekk, huwa jindika d-diffikultà teknika li proġett bħal dan ikollu li, bħad-Direttiva dwar il-kontroll legali tal-awditjar statutorju li tistabbilixxi kumitat tal-awditjar, jirrikjedi li jiġu definiti kriterji omoġenji fil-livell tal-UE applikabbli għall-intrapriżi kollha.

4.1.5 Il-miżura li l-aktar li tista' żżid il-piżijiet amministrattivi għall-intrapriżi tirrigwarda l-eżiġenzi tat-trasparenza fir-rigward tal-politiki tar-remunerazzjoni u d-dettalji tar-remunerazzjonijiet individwali tal-amministraturi, li attwalment huma bbażati fuq diversi rakkomandazzjonijiet u kodiċi nazzjonali ta' governanza, u li għalihom il-Kummissjoni qed tipprevedi strument vinkolanti fil-livell tal-UE fil-pjan ta' azzjoni tagħha. Il-KESE jista' jaċċetta miżura bħal din biss sakemm l-implimentazzjoni konkreta tagħha ma ttaqqalx ħafna l-piż regolamentari għall-intrapriżi, dan irid jiġi vvalutat b'mod rigoruż waqt il-valutazzjoni tal-impatt li ssir qabel. Il-KESE jwissi wkoll kontra r-riskju li d-divulgazzjoni tal-kriterji rigward il-parti varjabbli tar-remunerazzjoni għall-amministraturi eżekuttivi tista' tipperikola "s-sigriet tan-negożju". Barra mil-livelli tal-ammonti permessi,

il-KESE jenfasizza l-importanza li l-azzjonisti jiġu informati b'mod ċar u komprensiv dwar il-kalkoli u l-kriterji li jkunu intużaw.

4.1.6 Wieħed mill-punti li l-aktar joħloq diffikultajiet f'għajnejn il-KESE jirrigwarda l-kunċett tad-dritt tal-vot tal-azzjonisti fuq il-politika tar-remunerazzjoni u r-rapport dwar ir-remunerazzjonijiet, u jappella li tingħata attenzjoni kbira għall-arranġamenti ta' dan il-vot. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni li l-Kummissjoni għadha pjuttost vaga dwar il-kwistjoni u ma tiċċarax jekk dan il-vot ikunx konsultattiv jew vinkolanti.

4.1.7 Barra mid-diffikultajiet legali u tekniċi tal-implimentazzjoni, vot vinkolanti jfisser li l-kompetenzi jiġu trasferiti mill-bord għall-azzjonisti. Il-KESE ma jistax jappoġġja din id-direzzjoni, li timmodifika fil-fond id-dritt soċjetarju, anke jekk huwa jemmen li kull Stat Membru għandu jiddeċiedi dwar in-natura konsultattiva jew vinkolanti tal-vot.

4.1.8 Il-KESE diġà esprima l-fehma tiegħu dwar din il-kwis-tjoni favur vot ta' approvazzjoni filwaqt li jiġi ċċarat li r-riżoluzzjoni fil-qasam tal-politika tar-remunerazzjoni proposta lill-azzjonisti waqt l-assemblea ġenerali trid tiġi diskussa u adottata minn qabel mill-bord kollu, kif diġà jsir fil-Ġermanja (8).

4.1.9 Rigward il-parti varjabbli tar-remunerazzjoni attribwita lill-amministraturi eżekuttivi, il-KESE jrid ifakkar li l-approvazzjoni tal-azzjonisti waqt l-assemblea ġenerali trid tkun marbuta mas-sistema u r-regoli applikati (kriterji ta' prestazzjoni deċiżi minn qabel u li jistgħu jitkejlu), kif ukoll fuq l-ammont stess – kif jitħallas skont l-istess regoli (9).

4.1.10 Fir-rigward tal-attività tal-konsulenti delegati, il-KESE jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' regoli aktar stretti. Huwa jirrakkomanda, b'mod partikolari li huma jkunu obbligati li: jiddikjaraw l-politika ta' vot tagħhom (bir-raġunijiet għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom); jippreżentaw l-abbozz ta' rapport ta' analiżi tagħhom lill-kumpanija qabel ma jippreżentaw lill-investituri (b'mod li l-kumpanija tkun tista' tikkomunikalthom il-kummenti tagħha); jiddikjaraw kull kunflitt ta' interessi li jistgħu jinfluwenzawhom fl-attività tagħhom, partikolarment minħabba relazzjonijiet li jista' jkollhom mal-kumpanija u l-azzjonisti tagħha, u jsemmu x'miżuri wettqu biex ikunu jistgħu jevitaw dawn il-kunflitti.

(8) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 91.

(9) B'konformità ma' dak li speċifikat il-Kummissjoni fir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-2004.

(7) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 91.

4.2 *Id-dritt soċjetarju*

4.2.1 Il-KESE jqis li l-isforzi dwar il-proġett tal-kumpanija privata Ewropea għandhom jitkomplew u t-tweqqi tagħhom għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat kif ukoll mad-dritt soċjetarju li jkun qed jiġi applikat. Lil hinn minn armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali, strument uniformi bħall-kumpanija privata Ewropea jista' jkollu, fil-fehma tiegħu, effett ta' lieva importanti li jippromovi l-attività transkonfinali tal-SMEs. Il-parteċipazzjoni attiva tal-impjegati fi ħdan l-SPE bl-istess regoli li huma fis-seħħ għall-kumpanija Ewropea u għas-Soċjetà Kooperattiva Ewropea hija eżiġenza li f'għajnejn il-KESE ma tistax titpoġġa f'dubju mingħajr ma tipperikola l-proġett u hija kundizzjoni essenzjali għall-qbil li l-KESE jixtieq jara.

4.2.2 Bl-istess mod, fir-rigward tal-kwistjoni tar-regoli Ewropej li jridu jiġu implimentati biex jiġi faċilitat it-trasferiment tal-uffiċċji rreġistrati bejn Stat Membru u ieħor, il-KESE kien qed jittama li l-Kummissjoni tkun aktar determinata, peress li hi stess tagħraf il-ħtieġa reali f'dan il-qasam. L-inizjattiva f'dan il-qasam li qed jitlob għandha tkompli tiggarantixxi l-kundizzjonijiet biex l-impjegati jipparteċipaw. L-impjegati għandhom jiġu informati u konsultati dwar it-trasferiment propost, b'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/14/KE u d-Direttiva dwar il-Kumitat tal-Intrapriżi Ewropej.

4.2.3 Għall-kuntrarju, il-KESE għandu dubbi kbar dwar kull inizjattiva tal-UE li tippromovi li l-kunċett tal-"interess

tal-grupp" jingħata rikonoxximent, li fuq tul ta' żmien ikollha l-konsegwenza li ddgħajef il-prinċipju tal-indipendenza tal-persuni morali fi ħdan grupp ta' kumpaniji, b'mod partikolari jekk huma ma jkunux Ewropewj. Minkejja l-atteġġjament prudenti u moderat tal-Kummissjoni, huwa mħasseb ukoll dwar il-loġika li tagħti prijorità lill-interess tal-grupp bi ħsara għal dak ta' kumpanija sussidjarja li tista' tiġi sacrificata. Madankollu, jekk il-Kummissjoni tibqa' żżomm ma' din id-direzzjoni, din tirrikjedi li l-ewwel nett issir ħidma dwar definizzjoni legali komuni tal-kunċett "grupp ta' kumpaniji", fil-livell Ewropew, biċċa xogħol li hija partikolarment delikata u iebes peress li l-kunċetti tal-Istati Membri fil-qasam huma differenti ħafna.

4.2.4 Fid-dawl tal-firxa tal-pjan ta' azzjoni, il-KESE ma jqisx li l-kodifikazzjoni tad-dritt soċjetarju tal-UE hija prijoritarja minn issa sa l-aħħar tas-sena, biċċa xogħol li b'mod ġenerali tieħu ħafna ħin.

4.2.5 Barra minn hekk, il-KESE jiddubita li dan jista' jsir fuq il-bażi tal-liġijiet stabbiliti peress li l-Kummissjoni tappella biex in-nuqqasijiet u t-trikkib legali li mhumix intenzjonati fid-Direttivi jiġu rimedjati.

4.2.6 Fl-aħħar il-KESE jindika d-diffikultà li dan l-eżerċizzju joħloq peress li d-Direttivi inkwistjoni, li fihom għadd ta' għaż-żliet, diġà ġew trasposti fil-liġijiet nazzjonali fil-biċċa l-kbira tagħhom.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 — Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa”

COM(2012) 795 final

(2013/C 271/14)

Relatur: **is-Sur LOBO XAVIER**

Korelatur: **is-Sur LANNOO**

Nhar it-18 ta’ Marzu 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa

COM(2012) 795 final

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta’ April

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-23 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’61 vot favur, 8 voti kontra u 13-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 L-Ewropa qed tiffaċċja sfidi kbar u l-ebda Stat Membru m’għandu jonqos milli jikkontribwixxi bi spirtu analitiku sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi li ħarġu fid-dieher bil-kriżi ekonomika u finanzjarja. Il-qgħad, irrispettivament mit-tip u l-kategorija ta’ nies fis-soċjetà li jolqot, jirrikjedi sforzi konġunti u komuni mill-Istati Membri kollha organizzati fi strateġija komuni li tiġi applikata b’mod differenti skont il-karatteristiċi u l-kapaċitajiet ta’ kull pajjiż.

1.2 Huwa f’dan l-isfond li l-Kummissjoni Ewropea qed tippromovi l-Pjan ta’ Azzjoni “l-Intraprenditorija 2020” biex tippromovi kultura intraprenditorjali u ta’ innovazzjoni li tippermetti l-ekonomiji tagħna li jirkupraw u toħloq spirtu ġenwin intraprenditorjali fl-Ewropa bil-kapaċità li jispira lis-soċjetà sabiex tikseb l-għanijiet li jikkonċernaw lil kulħadd.

1.3 Din l-opinjoni tanalizza l-valur miżjud tal-ħolqien tal-pjan ta’ azzjoni “Intraprenditorija 2020”, li huwa impenn realistiku biex jagħti spinta lill-intraprenditorija u l-intrapriża bħala strument ġenwinament Ewropew sabiex jikkontribwixxi ħalli tingħeleb il-kriżi, b’enfasi fuq l-investiment f’azzjonijiet speċifiċi u politiki strutturati fil-perjodu qasir, medju u twil b’mod effikaċi biżżejjed biex tinbidel is-sitwazzjoni attwali permezz tat-tisħiħ u l-promozzjoni ta’ attitudni intraprenditorjali li tagħti kontribut fis-soċjetà bħala mutur tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Din il-politika intraprenditorjali trid tistimola l-ħolqien tal-forom kollha ta’ intrapriżi. Barra minn hekk trid

tippromovi l-iżvilupp ta’ dawk li jaħdmu għal rashom, tal-artiġjani, tal-professionisti liberi, tan-negozji tal-familja, tal-koooperattivi u tal-intrapriżi soċjali.

1.4 Il-KESE jqis li s-soċjetà m’għandhiex tqis l-intraprenditorija bħala s-soluzzjoni għall-problemi kollha iżda iktar bħala għajnuna għal bidla fl-imġiba meħtieġa sabiex tinholq kultura ta’ innovazzjoni, iffukata fuq it-tiftix tal-għarfien u tal-opportunitajiet tan-negozju bil-għan li tikseb tkabbir ekonomiku sostenibbli kif ukoll benesseri soċjali fil-forom kollha ta’ intrapriża.

1.5 Il-KESE jibża’ li l-qafas finanzjarju pluriniennali approvat mill-Kunsill idgħajef l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni “Intraprenditorija 2020” u li dan jispiċċa fil-kapitli tal-intenzjonijiet tajbin mingħajr finanzi adegwati.

1.6 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa li jawtorizza r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan, b’livelli sustanzjali u sostenibbli, u jistiednu jirrifletti dwar dan, huwa jfakkar li l-fondi strutturali jista’ jkollhom sehem importanti f’dan il-kuntest.

1.7 Il-KESE jfakkar fil-ħtieġa li l-“atturi” differenti fil-kamp jingħataw il-mezzi meħtieġa biex ixandru u jwasslu l-aħjar prattiki fil-qasam tal-intraprenditorija, indipendentement mill-provenjenza tagħhom (settur pubbliku jew privat) jew il-qasam tal-attività.

1.8 Il-KESE jirrakkomanda li l-pjan ta' azzjoni "Intraprenditorija 2020" jiġi implimentat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri b'kollaborazzjoni mill-viċin mal-organizzazzjonijiet differenti rappreżentattivi tal-SMEs, minħabba l-firxa tas-settur tagħhom u tal-importanza tagħhom fil-kuntest Ewropew.

1.9 Il-KESE jirrikonoxxi li l-politiki li jippromovu l-intraprenditorija jridu jkunu koordinati mal-politiki tal-edukazzjoni, billi jassoċjaw il-korp tal-għalliema u billi l-kunċett ta' intraprenditorija jsir magħruf mill-ewwel snin tal-iskola. Il-KESE jappella wkoll sabiex ikun hemm koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew, sabiex tiġi assigurata applikazzjoni armonjuża tal-azzjonijiet proposti.

1.10 Il-KESE jirrakkomanda li kif ġara b'kampanji simili, il-Kummissjoni tiddikjara li waħda mis-sentejn li ġejjin tiġi dikjarata "Is-sena Ewropea għall-intraprenditorija", biex thegħġe inizzjattivi komuni u biex issaħħa il-promozzjoni tal-kunċett tal-"intraprenditorija Ewropea". Din il-proposta ma tmurx kontra l-implimentazzjoni ta' "Jum tal-UE għall-Intraprenditorija" imsemija fid-dokument attwali.

1.11 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni timplimenta r-raba' ass ta' miżuri mmirat li jsaħħa l-azzjonijiet ta' appoġġ, pariri u għajnuna li jingħataw lill-intrapriżi, l-aktar dawk li huma l-iżgħar, bis-saħħa ta' organizzazzjonijiet intermedji.

1.12 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill li jirrevedu u jimplimentaw sistemi mmirati li jappoġġjaw lill-anzjani li jixtiequ jibdew attività għal rashom filwaqt li huma rtirati u jissemplifikaw il-qafas tal-attività tagħhom fuq il-bażi tal-esperjenzi ta' diversi Stati Membri.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Il-KESE jikkunsidra li l-għażla tat-tliet oqsma li jirrikjedu intervent immedjat u li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal żvilupp sostnut ta' spirtu intraprenditorjali u l-intraprenditorija fl-Ewropa jidhru adegwati iżda jirrikjedu l-appoġġ ta' miżuri speċifiċi applikati lokalment b'viżjoni li hija kemm Ewropea kif ukoll orjentata lejn is-swieq globali. Iżda għalkemm fil-livell kunċettwali huwa adegwat, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni li tiggarantixxi finanzi sostenibbli biex l-azzjonijiet jitwettqu.

L-oqsma ta' intervent immedjat huma definiti tajjeb:

- (a) il-promozzjoni ta' edukazzjoni u taħriġ intraprenditorjali għall-appoġġ tat-tkabbir u l-ħolqien tal-intrapriżi;
- (b) it-tisħiħ tal-kundizzjonijiet qafas adatti għall-intraprendituri bit-tneħħija tat-tfixkil strutturali eżistenti, u s-sostenn tal-intrapriżi fil-fażijiet kruċjali taċ-ċiklu tan-negozju, mingħajr ma tintesa l-importanza tal-finanzi fil-proċess;

- (c) ħajja ġdida lill-kultura tal-intraprenditorija fl-Ewropa u l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' intraprendituri.

Fi kliem ieħor it-teħid ta' azzjoni għat-tħejjija u t-taħriġ tan-nies, il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għall-intraprenditorija u l-promozzjoni tal-kunċett abbażi tal-kundizzjonijiet li jinħolqu sadattant.

Il-KESE jerġa' jisħaq li l-kunċett huwa definit tajjeb iżda jirrikjedi l-impenn konġunt tal-Istati Membri u kjarifika dwar il-vijabbiltà finanzjarja tal-pjan.

3. Kummenti ġenerali

3.1 L-intraprenditorija fiha nnifisha hija kunċett li diġà ġie identifikat u rikonoxxut bħala fattur li jiddistingwi s-soċjetajiet żviluppati minn oħrajn u li għandu jkun element pożittiv ta' soċjetà organizzata ⁽¹⁾.

3.2 L-approċċ tas-soċjetà Ewropea lejn l-intraprenditorija jista' jinbidel billi jsir użu mill-prattiki tajba u l-eżempji ta' suċċess li jeżistu flimkien ma' kunċetti bażiċi assoċjati mal-kultura tal-intraprenditorija filwaqt li jitqies il-fatt li l-investiment li għandu jsir għandu jiffoka fuq l-isfruttar tal-kapital uman Ewropew li huwa rikk. Ir-riżorsi tal-qafas finanzjarju pluriennali jridu jagħtu kas ta' din il-ħtieġa ta' promozzjoni u disseminazzjoni tal-prattiki tajbin li jeżistu fost l-organizzazzjonijiet u r-rappreżentanti tal-SMEs fl-Istati Membri differenti.

3.3 Biex din il-bidla meħtieġa fl-atteġġjament tirnexxi, iridu jiddaħħlu ċerti ideat li ma jingħatawx l-attenzjoni li tixraqilhom fid-dokument. Eżempju ta' dan huwa l-kunċett tal-proprietà intellettuali u d-dritt tal-awtur. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kummissjoni tintegra dawn il-kunċetti essenzjali sabiex jinkisbu l-għanijiet globali tad-dokument ⁽²⁾ fl-abbozzar tal-azzjonijiet ipprogrammati li jridu jiġu żviluppati. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu pożizzjoni ferma dwar dan fil-korpi li jiggovernaw il-kummerċ dinji f'dawn l-oqsma.

3.4 Minkejja l-intenzjonijiet tajba tad-dokument, f'it għandu xi jgħid dwar il-metodu tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki li għandhom jippromovu l-Istati Membri. Il-KESE jemmen li għandu jittieħed kont tal-fatt li ħafna minn dawn il-politiki jista' jkollhom effett prattiku biss jekk l-Istati Membri jaqdu rwol attiv fil-proċess tal-bidla kulturali, xi ħaġa li tidher li hija diffiċli fl-ambjent ekonomiku attwali mingħajr rikors lejn il-fondi mill-programmi Ewropej. Il-KESE jisħaq li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni "Intraprenditorija 2020" ikun aktar effikaċi jekk jingħaqdu magħha r-rappreżentanti differenti tal-SMEs, biex b'hekk tiġi garantita l-parteċipazzjoni tal-atturi rilevanti għall-kwistjonijiet li jridu jiġu affrontati, fil-persettiva tal-bidla meħtieġa fl-imġiba.

⁽¹⁾ ĠU C 48, 15.2.2011, p. 45.

⁽²⁾ ĠU C 68, 6.3.2012, p. 28. "Id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (DPI) għandhom iżommu r-rwol tradizzjonali tagħhom li jixprunaw l-innovazzjoni u t-tkabbir."

3.5 F'dan ir-rigward, il-KESE jinsab imħasseb dwar l-assenza ta' baġit speċifiku għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u jiddubita kemm il-Pjan jista' jiġi implimentat mingħajr baġit adatt għall-proposti ppreżentati. Huwa jfakkar ukoll li l-Fondi Strutturali jista' jkollhom rwol essenzjali fil-proċess u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jużawhom b'mod adatt għall-iżvilupp tal-intraprenditorija fil-qafas ta' referenza li jmiss għall-UE. Is-segwitu u l-valutazzjoni tal-azzjonijiet iridu jittqiesu waqt li jintużaw il-Fondi Strutturali.

3.6 Il-KESE jirrakkomanda li kif ġara b'kampanji simili, il-Kummissjoni tiddikjara li waħda mis-sentejn li ġejjin tkun "Is-sena Ewropea għall-intraprenditorija", biex thegħeġ inizzjattivi relevanti u komuni għall-promozzjoni tal-kunċett tal-"intraprenditorija Ewropea".

3.7 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni sabiex thegħeġ it-tnaqqis tal-burokrazija involuta fil-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi u jitlob lill-Istati Membri li jadottaw miżuri komuni li jħarsu lis-suq Ewropew minn kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi jew reġjuni oħra tad-dinja.

3.8 Il-KESE jinnota li l-Istati Membri għandhom, bħala parti mill-programmi tal-promozzjoni tal-intraprenditorija, jistabbilixxu arranġamenti speċifiċi fis-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom, li jagħtu lill-intraprendituri l-istess tip ta' protezzjoni bħal ħaddiema oħra u b'hekk titjieb il-protezzjoni ta' dawk li għalihom ir-riskju huwa ċ-ċavetta tas-suċċess tal-proġetti tagħhom.

3.9 Il-KESE jitlob li jitwaqqaf tim virtwali ta' "ambaxxaturi tal-intraprenditorija" jiġifieri nies li għandhom storja ta' suċċess intraprenditorjali sabiex jgħinu biex jittejjeb il-profil tal-intraprendituri u tal-persuni tan-negozju u b'hekk jibdlu b'mod pożittiv il-perċezzjonijiet fis-soċjetà. Dan it-tim jista' jxerred il-valuri tal-intraprenditorija u jippromovi inizzjattivi komuni b'mod relattivament koordinat f'kull pajjiż. Il-Kummissjoni diġà ħadet l-ewwel pass f'din id-direzzjoni billi kull sena tippubblika l-ktejjeb "Secret of Suċċess" waqt il-Ġimgħa Ewropea tal-SMEs li fih ikun hemm ambaxxaturi tal-intraprenditorija li jinsabu fl-Istati Membri. L-istess jgħodd għall-inizzjattiva "Start up Europe" fil-qafas tal-aġenda diġitali.

4. Osservazzjonijiet speċifiċi

4.1 Il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-edukazzjoni intraprenditorjali

4.1.1 Il-KESE jagħraf u jikkonferma li huwa importanti ħafna li ninvestu fil-promozzjoni tal-edukazzjoni intraprenditorjali sabiex jinkisbu l-għanijiet proposti b'mod partikolari b'rabta mal-bidla kulturali li hemm b'żonn fis-soċjetà. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li dan il-kunċett jiġi promoss mill-ewwel snin tal-iskola; madankollu huwa jfakkar li huwa jkopri realtati differenti skont l-istrutturi tas-soċjetà u l-fażijiet differenti

tal-ħajja taċ-ċittadini. Huwa għandu jiġi promoss ukoll b'aċċettazzjoni wiesgħa. Pereżempju, is-soċjetà ċivili hija soltu ambjent favorevoli għall-iżvilupp tal-intraprenditorjat soċjali, dimensjoni essenzjali għall-iżvilupp tal-kunċett ġenerali tal-intraprenditorija. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda li dan il-kunċett jiġi riko- noxxut u appoġġjat.

4.1.2 Jeżisti korp sostanzjali ta' prattiki tajba fl-Istati Membri kollha li jista' u li għandu jitferrex u jiġi applikat skont il-karatteristiċi u l-bżonnijiet ta' kull Stat Membru. Jekk l-inizzjattivi differenti jiġu promossi u mferrxa b'mod tajjeb, dan jista' joħloq ambjent li jagħti spinta lill-perċezzjonijiet tal-importanza tal-intraprenditorija u tal-kultura intraprenditorjali. Huwa importanti li l-qafas finanzjarju pluriennali jimmobilizza riżorsi suffiċjenti biex l-awtoritajiet u r-rappreżentanti differenti tal-SMEs jxerdu u jippromovu dawn il-prattiki tajbin.

4.1.3 Dwar dan il-prinċipju, il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-idea tal-promozzjoni ta' prattiki tajba f'dawn l-oqsma iżda jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonn li ma ninsewx il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru u nadattaw il-miżuri skonthom.

4.1.4 Il-KESE jfakkar li wieħed jista' janalizza l-possibbiltajiet li huma diġà offruti min-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej għall-promozzjoni fl-Istati Membri u l-informazzjoni għalihom dwar il-pjan ta' azzjoni. Biex din il-ħidma tkun possibbli, ikun hemm b'żonn li tithegħeġ il-kollaborazzjoni ta' dan in-netwerk mal-organizzazzjonijiet differenti li huma kkonċernati mill-promozzjoni tal-intraprenditorija, b'mod partikolari dawk marbutin mal-SMEs, filwaqt li jitqies il-fatt li dan in-netwerk huwa xi ftit jew wisq dinamiku skont il-pajjiż.

4.2 Il-promozzjoni ta' kultura intraprenditorjali

4.2.1 Il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-politiki li jimmiraw li jimmobilizzaw is-soċjetà madwar l-intraprenditorija fuq il-bażi ta' mudelli li kellihom suċċess u ta' każijiet li diġà ġew validati. L-eżempji tajbin ġeneralment jiġu kkuppjati mis-soċjetà, dan hu mod effikaċi biex tiġi promossa perċezzjoni pożittiva tal-ispirtu intraprenditorjali mal-gruppi mmirati differenti.

4.2.2 Madankollu huwa assolutament meħtieġ, kif diġà ntqal, li l-kultura tal-intraprenditorija tiġi promossa minn kmieni fost iż-żgħażaġh. Teżisti relazzjoni ta' kawża u effett fil-gruppi mmirati li thegħeġ l-intraprenditorija u l-innovazzjoni. Iż-żgħażaġh huma motivati u jirreaġixxu tajjeb għall-inkoraġġiment tal-promozzjoni ta' kultura u ta' ambjent li jiffavorixxi l-ħolqien ta' xi ħaġa fuq inizzjattiva tagħhom u li jkun responsabbli għaliha huma, huma juru entużjażmu għall-proġetti li jkun verament personali. Minn kmieni, iż-żgħażaġh jidħlu fi proġetti li waqthom huma jistgħu jitgħallmu b'mod prattiku kif ikunu

intraprendituri u jsiru eżempji tajbin ta' kultura intraprenditorjali u ta' kooperazzjoni bejn l-individwi li jaqsmu l-istess valuri u jkollhom għanijiet komuni, b'hekk ir-riżultati fil-futur ikunu aħjar. Għaldaqstant ir-rwol tal-għalliem huwa essenzjali biex jinbidel l-atteġġjament u l-KESE jappoġġja inizzjattivi li jgħinu lill-korp tal-għalliema jwasslu u jippromovu dan il-kunċett. Eżempju tajjeb ta' programm li huwa mutur tal-intraprenditorija huwa l-"F1 in Schools" ⁽³⁾ Il-KESE jfakkar ukoll il-konklużjonijiet tar-rapport "*Entrepreneurship in education*" (l-intraprenditorija fl-educazzjoni) li joffri sintesi tal-istrateġiji differenti applikati fl-Ewropa biex jippromovu l-educazzjoni intraprenditorjali ⁽⁴⁾.

4.2.3 Il-KESE jenfasizza li m'hemmx kultura uniformi tal-intrapriżi iżda kulturi differenti skont id-daqs, in-natura u s-settur tal-attività. Għaldaqstant, l-azzjonijiet ta' promozzjoni jridu min-naħa jirrigwardaw it-tipi kollha ta' intrapriżi filwaqt li jkun hemm attenzjoni biex ma jiġix privileġġjat xi mudell wieħed. Huma jridu jindirizzaw ukoll lill-imsieħba tal-intrapriżi, l-aktar il-banek, l-awtoritajiet pubbliċi u l-mezzi tax-xandir biex ikunu jistgħu jagħtu każ tad-differenzi kulturali fl-informazzjoni li jgħaddu u fl-għażliet ta' politiki tagħhom.

4.2.4 Il-KESE jenfasizza u jirrakkomanda lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-ħtieġa li tiġi protetta u miżmuma d-diversità tal-forom ta' intrapriżi sabiex is-suq uniku u l-mudell soċjali Ewropew jiżviluppaw u jitħaddmu b'mod sħiħ. Il-forom kollha ta' intrapriżi jirriflettu aspett tal-istorja Ewropea u kull waħda minnhom tirrappreżenta l-memorja u d-diversi kulturi intraprenditorjali tagħna ⁽⁵⁾. Anke sabiex l-intraprenditorija Ewropea tiżviluppa u tiġi promossa b'mod sħiħ, jeħtieġ li d-diversità u l-pluraliżmu tal-forom ta' intrapriżi jiġu ċċarati u rikonnoxxuti permezz ta' pjan ta' azzjoni Ewropew.

4.3 Il-promozzjoni ta' ambjent ekonomiku favorevoli

4.3.1 Il-bżonn li s-setturi differenti jifhmu li l-ħolqien ta' negozju huwa r-riżultat tal-isforzi tal-komunità kollha li tirrikonoxxi u tapprezza l-valur miżjud mill-kap ta' intrapriża u mill-intraprenditur u li hija miftuħa għall-dan il-valur miżjud huwa ċar. Fis-sitwazzjoni ekonomika attwali huwa aktar u aktar essenzjali li r-rwol tagħhom jidher f'dawl pożittiv.

4.3.2 Barra minn promozzjoni adatta ta' kultura kummerċjali, jeħtieġ li jinħolqu wkoll kundizzjonijiet verament sostenibbli fil-livell legali għal daww li jixtiequ jinvestu u jieħdu r-riskju li jiżviluppaw idea, kunċett jew negozju.

4.3.3 Il-KESE jfakkar li huwa ċertament essenzjali li jiġi promoss il-ħolqien ta' intrapriżi ġodda jew li jiġi faċilitat

it-trasferiment ta' intrapriżi li huma fil-periklu li jagħlu jew li jfallu. Barra minn hekk, huwa essenzjali wkoll li jiġu appoġġati l-intrapriżi li diġà jeżistu. Bejn il-ħolqien u l-għeluq ta' intrapriża hemm il-ħajja sħiħa tagħha, li titlob politiki speċifiċi li joffru regolamentazzjoni aħjar sabiex jinħolqu l-impjiegi u attivitajiet ekonomiċi sostenibbli, kif ukoll l-innovazzjoni u l-kompetittività fi ħdan suq intern u fl-ekonomija globalizzata.

4.3.4 L-Istati Membri għandhom fl-aħħar iwettqu l-armonizzazzjoni pożittiva tal-kundizzjonijiet sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet ideali għall-iżvilupp tan-negozji u l-attivitajiet kummerċjali u soċjali, filwaqt li jqisu l-varjetà sħiħa tal-istrutturi kummerċjali. Għal darba oħra, eżempji ta' suċċess bħat-tipi differenti ta' appartenenza kollettiva tal-ishma f'intrapriżi jew it-twaqqif ta' kooperattivi jista' jservi ta' xprun għat-tibdil li għandhom iħeġġu l-Istati Membri ⁽⁶⁾.

4.3.5 Il-KESE huwa favur informazzjoni iktar ċara u armonizzata fl-Istati Membri kollha dwar il-kundizzjonijiet tat-twaqqif ta' intrapriża billi kundizzjonijiet ekwi jħeġġu l-intraprenditorija. Bl-istess mod huwa importanti li jiġi assigurat aċċess għas-servizzi ta' appoġġ li jagħtu każ tat-tipi differenti ta' intrapriża.

4.3.6 Il-KESE jaqbel li l-finanzjament huwa kwistjoni Ewropea li l-Istati Membri kollha għandhom jindirizzaw b'kawtela. Il-likwidità finanzjarja hija limitata f'dan il-kontest u huma l-intraprendituri ż-żgħar li jixitequ jibdwew proġett l-iktar li jbatu f'sitwazzjoni bħal din. Għaldaqstant huwa essenzjali li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' finanzjament li jappoġġjaw dan it-tip ta' inizzjattivi, fosthom is-sistemi ta' garanzija reċiproka jew il-linji ta' krediti sussidjati, għodod essenzjali għall-intraprendituri ż-żgħar li ma jiksbox finanza fis-swieq "tradizzjonali" ⁽⁷⁾.

4.3.7 Għaldaqstant, il-KESE japprova l-idea ta' tisħiħ tal-istrumenti ta' appoġġ għall-proġetti innovattivi u b'riskju għoli, riskju li huwa direttament proporzjonat mal-grad ta' innovazzjoni integrata. F'dan ir-rigward, huwa jaqbel ukoll mad-deċiżjoni li jiżdied l-appoġġ finanzjarju għall-ittestjar, id-dimostrazzjoni u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda billi għandu effett multiplikatur fis-soċjetà.

4.3.8 F'dawn iż-żminijiet partikolarment diffiċli għall-intrapriżi, il-KESE jaqbel mal-miżuri mmirati li jiġu faċilitati t-trasferimenti kummerċjali billi dawn l-operazzjonijiet għandhom jitqiesu opportunità għall-appoġġ tal-irkupru ta' ċerti setturi ekonomiċi li jistgħu jagħtu spinta lis-suq tax-xogħol.

⁽³⁾ <http://www.f1inschools.com/>

⁽⁴⁾ http://eacea.ec.europa.eu/education/Eurydice/documents/thematic_reports/135EN.pdf

⁽⁵⁾ ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22.

⁽⁶⁾ ĠU C 191, 29.6.2012, p. 24.

⁽⁷⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 125 u ĠU C 351, 15.11.2012, p. 45.

4.3.9 F'dan ir-rispett, il-kwalità tal-leġislazzjoni li tapplika fil-kuntast tas-suq intern hija partikolarment importanti. L-Istati Membri għandhom ħafna xogħol quddiemhom iżda ma nistgħux induru lura.

4.4 Ir-rifjut tal-istigmatizzazzjoni tal-falliment: il-falliment mhux tmiem it-triq, iżda jista' u għandu jidher bħala fażi ta' tkabbir, bil-kundizzjoni li jinġibdu l-konklużjonijiet li hemm bżonn.

4.4.1 Intqal ħafna dwar l-attitudnijiet "Amerikani" u "Anglosassoni" lejn il-falliment u lejn ċans ieħor. Il-KESE jaqbel li s-soċjetà sħiħa għandha tagħmel sforz sabiex tara l-intraprendituri f'dawl differenti f'dak li jirrigwarda r-reżiljenza tagħhom kontra l-ewwel falliment. Għaldaqstant, jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonn li jiġu żviluppati mekkaniżmi li jgħinu n-nies li jixtiequ jiżviluppaw xi ħaġa innovattiva sabiex jipperseveraw fl-għażliet tagħhom. Jekk l-ewwel sforz ma jwassal għal imkien, għandu jitqies, b'mod partikolari mis-sistema finanzarja bħala opportunità sabiex jittejjbu u jissaħħu l-ħiliet għal proġetti intraprenditorjali futuri mhux bħala tmiem sħiħ. Il-KESE jemmen ukoll li jista' jkun kontraproduktiv li tiġi enfazzzata żżejjed il-promozzjoni ta' kultura waħda u li għandhom jiddominaw is-sens tajjeb u l-bilanċ.

4.5 Tisħiħ tal-appoġġ għall-SMEs u rappreżentanti oħra

4.5.1 Il-KESE jagħraf li r-regoli li japplikaw għall-intrapriżi jridu jiġu semplifikati u ċċarati għal dawk li għandhom il-ħsieb li jkollhom rwol attiv fil-ħolqien u l-iżvilupp tagħhom. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri f'li jnaqqsu l-burokrazija involuta sabiex jinbdew u jiġu modernizzati l-intrapriżi. It-twaqqif ta' intrapriżi, kemm fis-settur industrijali kif ukoll teknoloġiku għandu jsir b'mod ċar u malajr iżda għandu jirċievi wkoll l-appoġġ adegwat sabiex jiġu evitati l-eżaġerazzjonijiet jew in-nuqqas ta' ftehim kemm għall-intraprendituri kull ukoll għall-awtoritajiet regolatorji.

4.5.2 Il-KESE jaqbel mal-istqarrija tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' grupp ta' hídma biex janalizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-professjonijiet ħielsa, f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet bħas-semplifikazzjoni amministrattiva, l-internazzjonalizzazzjoni u l-aċċess għall-finanzi. Il-KESE jfakkar ukoll li l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-funzjoni speċifika tal-professionisti ħielsa f'diversi Stati Membri għandha titqies biex tiġi inkoraġġita "Karta Ewropea għall-professionisti ħielsa", simili għall-"Karta tal-UE tal-intrapriżi ż-żgħar".

4.5.3 Il-KESE jaqbel li hemm bżonn ta' servizzi ta' pariri u appoġġ għall-intrapriżi madanakollu jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jinħolqu gruppi multidixxiplinarji li jifhmu sew is-suq u l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu. Huwa jiġbed l-attenzjoni għalhekk lejn il-possibbiltà li tintuża l-esperjenza ta' intraprendituri irtirati jew ta' esperjenza li huma disponibbli biex jagħtu

l-għarfien espert tagħhom lil intraprendituri ġodda. Dan jippermetti djalogu li jagħti l-frott bejn il-ġenerazzjonijiet. Għalhekk il-KESE jqis li huwa importanti li attivitajiet bħal dawn ma jkunux sempliċement volontarji iżda jkunu appoġġjati minn inċentivi li jagħmluha possibbli għall-konsulenti u l-intraprendituri li jaqsmu l-benefiċċji tal-ħolqien tal-valur. Dan huwa mezz tajjeb ukoll ta' kif jiġu integrati nies li għadhom jistgħu jikkontribwixxu fis-soċjetà iżda li mhumiex attivi b'mod sħiħ fis-suq tax-xogħol.

4.5.4 In-networks ta' kollaborazzjoni bejn l-SMEs iridu jiġu inkoraġġuti għaliex huma jsaħħu b'mod konsiderevoli l-vijabilità tal-SMEs minħabba l-ekonomiji ta' skala (qsim tal-ispejjeż fil-qafas tal-marketing, ix-xiri jew servizzi komuni oħra, il-koooperazzjoni bejn entitajiet li jipproduċu prodotti jew servizzi komplementarji, il-possibbiltà tal-innovazzjoni u li wieħed jespandi fis-suq internazzjonali).

4.5.5 Barra mill-isforzi ta' simplifikazzjoni amministrattiva u ta' akkumpanjament tal-intraprendituri l-ġodda, il-KESE jinsisti fuq ir-rwol essenzjali tal-pariri (coaching u mentoring) li jsir mill-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi. Mingħajr dawn l-azzjonijiet, l-SMEs b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, ma jistgħax ikollhom aċċess għall-finanzi waħedhom, u l-anqas għall-fondi tal-UE, jew jinnovaw, jiżviluppaw il-kompetittività tagħhom u japplikaw il-miżuri ta' prijetà tal-Istrateġija UE 2020 anke jekk huma direttament ikkonċernati. Il-KESE huwa diżappuntat li t-tisħiħ tal-azzjoni ta' coaching u mentoring tal-organizzazzjonijiet tal-intrapriżi ma tinsabx fil-pjan ta' azzjoni. Il-Kumitat jitolb li jiġi stabbilit ir-raba' ass ta' miżuri mmirat biex isaħħaħ dawn l-azzjonijiet bis-saħħa tal-appoġġ tal-organizzazzjonijiet intermedji. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq l-aktar intrapriżi żgħar.

4.6 Appoġġ għal gruppi speċifiċi

4.6.1 Il-KESE jappoġġja l-isforzi mmirati b'mod partikolari lejn it-tħeġġiġ ta' ċerti setturi tas-soċjetà li qed jaqdu rwol dejjem iktar importanti fl-isforzi konġunti sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan it-tip.

4.6.2 Il-KESE jappoġġja l-politiki li jimmobilizzaw lill-gruppi msemmija fil-pjan (nies qghida, nisa, anzjani, żgħażaġh, persuni b'diżabbiltà u immigranti) dwar temi li jirrigwardaw l-intraprenditorjat, il-ħolqien ta' intrapriżi u l-valur tagħhom għas-soċjetà. Il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' prattiki tajbin li jeżistu minn dawn il-gruppi jistgħu jikkontribwixxu għal approċċ aktar komplut u l-implimentazzjoni ta' politiki adatti. Il-KESE jesprimi s-sudisfazzjoni tiegħu li dawn il-gruppi ġew identifikati li jistgħu jimmobilizzaw is-soċjetà dwar dawn it-temi u jaqbel mal-miżuri ta' promozzjoni tal-valuri ta' intraprenditorja u ta' innovazzjoni fosthom, biex il-parteċipazzjoni tagħhom tiġi mħeġġa bil-għan li niffaċċjaw din l-isfida Ewropea.

4.6.3 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Istituzzjonijiet, b'mod partikolari għat-tendenza li qed tikber li l-anzjani li jkunu rtiraw, joħlqu jew joħlqu mill-ġdid attività oħra indipendenti. Dan l-iżvilupp huwa minħabba li n-nies qed jgħixu aktar fit-tul, il-progress fil-kura tas-saħħa kif ukoll il-ħtieġa li jiġdied id-dħul minħabba l-effetti tal-kriżi fuq il-pensjoni. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill li jirrevedu u jimplimentaw sistemi mmirati li jappoġġjaw lill-anzjani li jixtiequ jaqdbu din it-triq u jissimplifikaw il-qafas tal-attività tagħhom fuq il-bażi tal-esperjenzi ta' diversi Stati Membri.

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE”

COM(2013) 78 final — 2013/0049 (COD)

(2013/C 271/15)

Relatur ġenerali: **is-Sur HERNÁNDEZ BATALLER**

Nhar il-25 ta' Frar 2013 u nhar it-12 ta' Marzu 2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE

COM(2013) 78 final – 2013/0049 (COD).

Nhar it-12 ta' Frar 2013, il-Bureau tal-Kumitat ta' istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produttjoni u l-Konsum sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tas-22 ta' Mejju) li jaħtar lis-Sur HERNÁNDEZ BATALLER bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b'120 vot favur, vot wieħed kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit qafas legali, b'livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, li jistabbilixxi l-obbligu li l-prodotti għall-konsumatur iridu jkunu sikuri.

1.2 Il-Kumitat iqis li r-Regolament huwa l-istrument legali adegwat sabiex jiġu kkonsolidati t-testi legali eżistenti, waqt li jiġu adattati għall-qafas legiſlattiv il-ġdid għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti. Bir-Regolament ser jiġi stabbilit l-istess livell ta' sigurtà fil-pajjiżi kollha tal-UE, u b'hekk jiġu stabbiliti kriterji komuni.

1.3 Peress li r-Regolament huwa l-uniku strument li jippermetti li l-miżuri jiġu adottati bl-istess mod, bl-istess appoġġ għall-istess livell ta' riskju fil-pajjiżi kollha tal-UE, huwa xieraq li din il-proposta tiġi espressa f'termini li jistgħu jiġu interpretati bl-istess skop fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni.

1.4 Il-KESE jqis li, minħabba l-importanza tal-istandardizzazzjoni biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-prodotti, il-Kummissjoni għandha żżid l-appoġġ għall-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fis-CEN u korpi oħrajn simili.

1.5 Fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern, il-Kumitat iqis li, minn naħa, il-proposta tirrappreżenta mezz ta' protezzjoni importanti ħafna għall-konsumaturi sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' periklu u mewt u terġa' tistabbilixxi l-fiducia; min-naħa l-oħra, iqis li hemm bżonn ta' trasparenza u kundizzjonijiet indaqs fit-transazzjonijiet kummerċjali, bil-għan li dawkl jippruvaw jipproduċu u jbiegħu prodotti perikolużi ma jkoll-

homx vantaġġ inġust fuq il-kompetituri li jaċċettaw l-ispejjeż involuti sabiex jagħmlu l-prodotti tagħhom sikuri.

2. Daħla

2.1 Il-protezzjoni tas-sigurtà tal-konsumaturi timplika li l-oġġetti u s-servizzi għad-dispożizzjoni tagħhom iridu jkunu tali li, meta użati f'kundizzjonijiet normali jew prevedibbli, ma jkunux ta' periklu għas-sigurtà tal-konsumaturi, u f'każ li jipperzentaw periklu, jistgħu jiġu rtirati mis-suq permezz ta' proċeduri rapidi u sempliċi. Il-protezzjoni tikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji prijoritarji fil-politika Ewropea għall-protezzjoni tal-konsumatur sa mill-programm preliminari tagħha fl-1975⁽¹⁾. B'riżultat tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 1986⁽²⁾ dwar il-protezzjoni u t-tkeġġig tal-interessi tal-konsumaturi ġie xprunat 'l hekk imsejjaħ “approċċ ġdid” fil-qasam tal-armonizzazzjoni teknika u l-istandardizzazzjoni⁽³⁾.

2.2 L-ewwel Direttiva dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, adottata fl-aħħar tal-1992⁽⁴⁾, ġiet issostitwita bid-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001⁽⁵⁾, li daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Jannar 2002 bi skadenza għal traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali mill-Istati Membri stabbilita għall-15 ta' Jannar 2004. Dak iż-żmien, il-KESE kien ikkummentat dwar dan⁽⁶⁾ u approva l-approċċ propost mill-Kummissjoni iżda esprima riservi dwar ċerti aspetti.

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 1975 dwar programm preliminari tal-KEE għal politika dwar il-protezzjoni u l-informazzjoni għall-konsumatur. ĠU C 92, 25.4.1975, p. 1. (mhux disponibbli bil-Malti)

⁽²⁾ ĠU C 167, 5.7.1986, p. 1. (mhux disponibbli bil-Malti)

⁽³⁾ Abbażi tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7.5.1985, ĠU C 136, 4.6.1985, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ ĠU L 228, 11.8.1992, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15 Volum 06 P. 447-462)

⁽⁶⁾ ĠU C 367, 20.12.2000, p. 34. (mhux disponibbli bil-Malti)

2.3 Bil-ħolqien tas-sistema ta' twissija bikrija għall-prodotti li mhumiex tal-ikel (RAPEX) ġiet stabbilita sistema għaċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar il-miżuri adottati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-aġenti ekonomiċi frabta mal-prodotti li jipp-reżentaw riskju serju għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, sabiex jiġu indirizzati 'l hekk imsejħa "sitwazzjonijiet ta' emerġenza". Fl-2004 ⁽⁷⁾, il-Kummissjoni approvat xi linji gwida speċifiċi sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tar-RAPEX.

2.4 Minkejja li s-27 Stat Membru ttrasponew id-Direttiva fil-leġislazzjoni rispettiva tagħhom, il-metodi ta' implimentazzjoni ma kinux l-istess fl-Istati Membri kollha, u b'hekk teżisti diskrepanza f'xi atti ta' traspożizzjoni, fosthom:

- l-aspetti relatati mal-valutazzjoni tas-sigurtà kif jinsabu fl-Artikolu 3 tad-Direttiva;
- fir-rigward tat-traċċabbiltà, xi Stati Membri għamluha obbligatorja li fuq il-prodott jew fuq l-ippakkjar tiegħu jkun hemm indikati l-identità u d-dettalji tal-prodott, inkluż l-importatur, filwaqt li għal xi Stati Membri oħra, dan huwa fakultattiv;
- barra minn hekk, f'xi Stati Membri, in-notifika mill-produtturi hija meħtieġa biss f'każ ta' riskju magħruf u mhix obbligatorja f'każ li l-produttur "ikun irid jaf" bir-riskju abbażi tal-informazzjoni disponibbli.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Din il-proposta għal Regolament hija parti mill-"Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq" li tinkludi wkoll il-proposta għal Regolament dwar is-sorveljanza tas-suq uniku u pjan ta' azzjoni pluriennali għas-sorveljanza tas-suq li jkopri l-perjodu mill-2013 sal-2015.

3.2 Il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tikkompleta l-qafas legali tas-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, adottat fl-aħħar snin b'rabta mal-prodotti manifatturati mhux għall-ikel, bl-eċċezzjoni ta' xi prodotti bħall-antikittajiet. Hija tesiġi li l-prodotti għall-konsumatur ikunu "siguri", tistabbilixxi ċerti obligazzjonijiet fuq l-operaturi ekonomiċi u fl-istess ħin tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp ta' standards favur ir-rekwiżit ġenerali tas-sigurtà. Bħala bażi legali, il-Kummissjoni tuża l-Artikolu 114 tat-TFUE, li jservi wkoll għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern abbażi tal-eżerċizzju tal-poteri kondiviżi tal-Unjoni u l-Istati Membri.

3.3 Il-Kummissjoni tibdel l-istrument leġislattiv u tippreżenta proposta għal Regolament minflok Direttiva, bil-għan li tistabbilixxi l-istess livell ta' sigurtà fil-pajjiżi kollha tal-UE u jiġu armonizzati r-regolamenti f'dan il-qasam, waqt li tistabbilixxi

kriterji komuni dwar il-kwistjoni mingħajr ħsara għal-leġislazzjoni settorjali. Il-proposta għal Regolament timponi regoli ċari u dettaljati li jsiru applikabbli b'mod uniformi u fl-istess waqt fl-Unjoni kollha.

3.4 Il-Kummissjoni għandha l-għan li żżomm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, waqt li tirrazzjonalizza u tissemplifika l-funzjonament tas-sistema tas-sigurtà u l-interazzjoni tagħha ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.

3.5 Il-proposta għandha l-għan li tħassar id-Direttiva 87/357/KE u d-Direttiva 2011/95/KE, li l-kontenut tagħhom jinsab maqsum bejn iż-żewġ proposti għal Regolament li qegħdin jitħejjew. B'dan il-mod, id-dispożizzjonijiet relatati mas-sorveljanza tas-suq u s-sistema RAPEX, li attwalment jinsabu fid-Direttiva dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ġew trasferiti għall-proposta għal Regolament ġdid uniku dwar is-sorveljanza tas-suq, li ser jgħaqqad id-dispożizzjonijiet kollha dwar din il-kwistjoni fi strument uniku, u b'hekk is-sistema RAPEX tkun l-unika sistema ta' twissija għall-prodotti li jipp-reżentaw riskju.

3.6 Barra minn hekk, din il-proposta tistabbilixxi l-obbligi elementari tal-operaturi ekonomiċi milqutin (il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri) li huma involuti fil-katina tal-provvista tal-prodotti għall-konsumatur diment li dawn ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti korrespondenti fil-leġislazzjoni settorjali ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk l-ambitu tagħha huwa limitat għal sitwazzjonijiet li mhumiex regolati jew regolati parzjalment biss mil-leġislazzjoni settorjali.

3.7 Il-punt ta' tluq huwa l-prinċipju ġenerali li l-prodotti għall-konsumatur mhux għall-ikel iridu jkunu siguri meta jkunu disponibbli jew jitpoġġew fis-suq tal-Unjoni. L-obbligi aktar dettaljati tal-operaturi ekonomiċi japplikaw biss għal dawk l-operaturi li mhumiex soġġetti għall-obbligi korrespondenti stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni applikabbli għas-settur ta' prodott konkret.

3.8 Il-proposta ġiet issemplifikata permezz tal-introduzzjoni ta' rabta ċara mal-leġislazzjoni settorjali u tas-semplifikazzjoni tal-istandards. Il-prodotti għall-konsumatur li jkunu konformi mal-leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni settorjali tal-Unjoni bil-għan li tiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni ser jitqiesu siguri wkoll permezz ta' dan ir-Regolament propost.

3.9 Barra minn hekk, it-taqsimha tad-definizzjonijiet ġiet aġġornata u allinjata mal-Qafas Leġislattiv il-ġdid għall-Kummerċjalizzazzjoni tal-Prodotti. Apparti hekk, il-proċess li jidentifika l-istandards Ewropej eżistenti jew li jitlob it-tfassil ta' standards Ewropej ġodda li jgħolqu l-preżunzjoni li prodott huwa sigur ġie ssemplifikat ħafna u ġie allinjat mal-qafas ġenerali ġdid għall-istandardizzazzjoni.

⁽⁷⁾ Deċiżjoni 2004/418/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 151, 30.4.2004, p. 84) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15 Volum 08 P. 386-413).

3.10 L-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jindirizzaw, fost affarijiet oħra, kwistjonijiet relatati mat-tikkettar, l-identifikazzjoni tal-prodotti, l-azzjonijiet korrettivi li għandhom jiġu adottati f'każ ta' prodotti mhux siguri u l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

3.10.1 Il-proposta teħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jidentifikaw l-operaturi li fornawhom bil-prodott u l-klijenti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa sabiex tadotta miżuri li jkunu jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jistabilixxu jew jaderixxu ma' sistema ta' traċċabbiltà elettronika.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jappoġġja l-eżistenza ta' leġislazzjoni b'livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi – speċjalment tal-prodotti – u jqis li l-proposta tal-Kummissjoni tista' tgħin issaħħaħ dan; madankollu jixtieq li jitqiesu l-kummenti li saru f'din l-Opinjoni sabiex tiġi ċċarata l-proposta.

4.2 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni li l-informazzjoni kompluta mogħtija fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta ma ġietx inkluża fit-test tar-Regolament. Għalhekk, il-premessi jinkludu kwistjonijiet bħal li l-proposta l-ġdida tapplika għat-tekniki kollha ta' bejgħ, inkluż il-bejgħ fuq distanza, li qabel kienu neqsin mit-test tar-Regolament. Fid-dawl tal-istrument legali propost, li jeħtieġ li l-kriterji jkunu standardizzati minn qabel sabiex ikunu jistgħu jiġu interpretati bl-istess mod fil-pajjiżi kollha tal-UE, għalhekk ser ikun rakkomandat li għall-inqas tiġi inkluża referenza mqassra għal dawn il-punti fit-test tar-Regolament.

4.2.1 Fil-fehma tal-KESE, il-proposta permezz ta' Regolament hija rilevanti u adegwata, peress li huwa l-uniku strument li jippermetti li l-miżuri jiġu adottati bl-istess mod, bl-istess appoġġ għall-istess livell ta' riskju fil-pajjiżi kollha tal-UE. Huwa l-istrument adatt sabiex jitħassru d-Direttiva 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE, dejjem jekk jinżamm il-livell ta' protezzjoni stabbilit f'dawn iż-żewġ Direttivi fir-rigward tal-livell ta' sigurtà meħtieġ.

4.2.2 Dan jirriżulta fiċ-ċertezza legali għas-suq u għall-konsumaturi, li flimkien mas-semplifikazzjoni tal-miżuri, tirrappreżenta tnaqqis fl-ispejjeż ekonomiċi għall-adozzjoni tar-Regolament, bit-termini tiegħu li jridu jiġu interpretati bl-istess mod fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni.

4.2.3 Għandu jiġi enfasizzat li l-proposta għal Regolament tiddefinixxi l-kamp tal-applikazzjoni tiegħu meta mqabbel mal-leġislazzjoni settorjali tal-Unjoni. Għalhekk ikun xieraq li fl-Artikolu 1 tiġi enfasizzata n-natura "ġenerali" u trasverali

tagħha relatata mal-bqija tal-leġislazzjoni settorjali fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur.

4.3 Bħad-Direttiva, il-proposta għal Regolament tesiġi li l-prodotti għall-konsumatur ikunu "siguri". Tistabbilixxi ċerti obligazzjonijiet fuq l-operaturi ekonomiċi u tinkludi dispożizzjonijiet dwar it-tfassil ta' standards li jappoġġjaw ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tagħha ma jirreferux għall-"prinċipju ta' prekawzjoni", li għandu jirregola s-sigurtà tal-prodotti u li għandu jiġi inkluż espliċitament fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

4.4 Definizzjonijiet fil-proposta

4.4.1 Fir-rigward tad-definizzjonijiet użati fil-proposta, il-KESE jqis li xi wħud minnhom għandhom jiġu riveduti peress li, kemm jekk għal kwistjonijiet terminoloġiċi, ta' traduzzjoni jew tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri, jistgħu joħlqu problemi fil-futur meta jiġi applikat ir-Regolament.

4.4.2 Il-kunċett ta' prodotti "siguri" huwa adegwat u jinkludi l-aspetti diversi li jippermettu li tiġi evalwata s-sigurtà li joffru l-prodotti f'termini ta' ċirkostanzi li l-konsumatur għandu jkun konxju tagħhom, bħall-ħajja, in-natura u l-kompożizzjoni tal-prodott. Madankollu, it-terminu ta' prodott għandu jiġi kkompletat bit-terminu "manifatturat".

4.4.3 Bl-istess mod, it-termini "normali" u "raġonevolment prevedibbli" jistgħu jwasslu għal xi konfużjoni, bl-istess mod li l-kriterju ta' "raġonevolità" jista' jissuġġerixxi li kwalunkwe prodott jista' jiġi inkluż, anke jekk ma jkunx sigur, bil-kundizzjoni li jintuża b'mod adegwat.

4.4.4 Min-naħa tiegħu, it-terminu "normali" forsi jista' jiġi sostitwit b'"tas-soltu", jew possibbilment, dan it-terminu, minħabba l-ambigwiżità tiegħu, jiġi trasferit għall-konsumatur li għalih huwa intiż il-prodott. Għal dan il-għan huwa rrakkomandat li dan it-terminu jinbidel b'dak ta' "prodott insigur", peress li dan jista' jgħaqqad il-kunċett ma' dak li jeżisti fid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà ċivili għall-prodotti difettużi⁽⁸⁾, fejn hija rrakkomandata l-istandardizzazzjoni tal-qafas legali fl-Istati Membri, għalkemm f'dan il-qasam il-kunċett ta' prodott huwa użat.

4.4.5 Fir-rigward tat-terminu "rappreżentant awtorizzat", għandu jiġi indikat li r-referenza għal "mandat" tista' twassal għal kunflitti fil-futur f'dawk il-pajjiżi li jesiġu li jiġi ffirmat ftehim ta' mandat minn qabel, u għalhekk ikun adegwat li jinbidel bit-terminu "mandat bil-miktub" li jħalli lill-pajjiżi ħielsa li jagħżlu l-formula kuntrattwali li hija l-aktar adegwata għal-liġi interna tagħhom, u fl-istess ħin jiġu evitati problemi futuri possibbli ta' natura kuntrattwali.

⁽⁸⁾ ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15 Volum 01 P. 257-261).

4.4.6 Fir-rigward tad-definizzjoni “riskju serju”, ta’ min jirrak-komanda aktar li din tiġi estiża għal kull “espożizzjoni, emerġenża jew periklu” li jkun aktar faċli għall-konsumaturi sabiex jinterpretawha, jiġifieri li r-“riskju serju” jintrabat mal-bżonn li tittieħed azzjoni immedjata u jiġu adottati miżuri hekk kif jiġi magħruf ir-riskju.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-proposta għal Regolament tagħti importanza speċjali lill-bżonn li l-obbligi għall-operaturi ekonomiċi jiġu unifikati u ssemplifikati, u l-KESE jappoġġja dan bis-sħiħ minħabba l-konfużjoni eżistenti, kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali.

5.2 Fl-Artikolu 4 għandha tiżdied din il-frażi: “taħt il-kundizzjonijiet li ser jiġu stabbiliti aktar tard f’dan ir-Regolament”, peress li l-kunċett ta’ sigurtà jista’ ma jkunx jikkoinċidi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f’reġoli settorjali oħra.

5.3 Fit-test għandu jiġi ċċarat il-kamp ta’ applikazzjoni tal-proposta fir-rigward tal-inklużjoni tas-servizzi fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament. Madankollu, il-KESE jispera li l-Kummissjoni tippreżenta proposta kompluta dwar is-sigurtà tas-servizzi fl-UE.

5.4 Fir-rigward tar-referenza għal konsumaturi “vulnerabbli” stabbilita fl-Artikolu 6(d), għandu jiġi ċċarat jekk il-kunċett ta’ konsumatur vulnerabbli huwiex ibbażat fuq kriterju ġenerali (età, saħħa ...) jew jekk jiddependix mal-karatteristiċi tal-prodott (nuqqas ta’ biżżejjed għarfien). Il-KESE jqis li, sabiex il-liġi tal-Unjoni tkun iktar konsistenti, għandhom jintużaw kunċetti awtonomi proprji fil-liġi kollha tal-Unjoni u mhux jiġu definiti kunċetti għall-finijiet ta’ kull proposta leġislattiva.

5.5 L-Artikolu 6(2)(h) jirreferi għall-aspettattivi raġonevoli tal-konsumatur dwar is-sigurtà. It-terminu ta’ “raġonevoli” għandu jiġi kkonkretizzat b’termini bħal “f’termini tan-natura, il-kompożizzjoni u l-użu tiegħu”, li għandu jagħti lill-Artikolu aktar ċertezza legali.

5.6 Il-KESE jqis li l-konsumaturi għandhom id-dritt għal informazzjoni ċara u preċiża dwar l-orijini tal-prodotti li għandha tinkludi, fil-każijiet kollha, l-orijini konkreta tagħhom, waqt li tissodisfa dak li hemm stabbilit fil-liġi tal-Unjoni.

5.7 Barra minn hekk, għandu jiġi rivedut il-kliem ta’ din id-dispożizzjoni fis-sens li l-manifatturi u l-importaturi għandhom “jassiguraw” konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f’din id-dispożizzjoni.

5.8 Obbligi tal-manifatturi u operaturi oħra

5.8.1 Il-proposta għal Regolament tistabbilixxi regola dwar l-abbozzar tad-dokumentazzjoni min-naħa tal-manifatturi u l-passi li għandhom jieħdu sabiex iżommu s-sigurtà tal-konsumaturi. Il-KESE jqishom bħala importanti.

5.8.2 Dawn l-obbligi speċifiċi jikkonsistu f’li jiġu ttestjati kampjuni ta’ prodotti disponibbli fis-suq, jistħarrġu l-ilmenti u jżommu reġistru tal-ilmenti, ta’ prodotti mhux konformi u ta’ prodotti rkuprati, kif ukoll l-obbligu li d-distributuri jinżammu infurmati dwar kull monitoraġġ ta’ dan it-tip.

5.8.3 Madankollu, il-proposta ma tispeċifikax il-proċeduri ta’ implimentazzjoni; kull Stat Membru huwa responsabbli mill-ġestjoni tal-miżuri li jridu jieħdu (bħal pereżempju l-ħolqien ta’ reġistru speċjali) jew li dawn il-miżuri jiġu armonizzati bil-għan li tinżamm sistema ta’ twissija li tippermetti lis-suq jinżamm infurmat kmieni biżżejjed sabiex ikun jista’ jieħu miżuri effettivi qabel ma ssir il-ħsara.

5.9 Dokumentazzjoni teknika

5.9.1 L-obbligu li l-konsumaturi jiġu infurmati għandu jirreferi biss għall-kwistjonijiet relatati mal-użu u n-natura tal-prodotti u mhux estiż għad-dokumentazzjoni teknika li tista’ tkun tinkludi informazzjoni dwar sigriet kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra tal-manifatturi li għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet, b’reġoli ċari għal dan il-għan li jinsabu nieqsa mill-proposta.

5.9.2 Peress li t-test jidher li jiffa’ r-responsabbiltà fuq il-manifattur għad-danni li prodott jista’ jikkawża minħabba li jkun insigur, ikun aktar adegwat li jiġi stabbilit li l-kontenut ta’ dan id-dokument ser ikun validu għal għaxar snin. Sabiex l-Artikolu 8(6) ikun aktar ċar, l-espressjoni “il-manifatturi għandhom jiżguraw” għandha tinbidel b’“il-manifatturi għandhom ikunu responsabbli”, li tkun aktar konformi mal-obbligu li jaqa’ fuqhom. L-istess għandu japplika, bil-modifiki neċessarji, għall-importaturi u r-responsabbiltà tagħhom, flimkien mal-obbligu li d-dokumentazzjoni teknika tinżamm għal għaxar snin, bħalma għandhom jagħmlu l-operaturi ekonomiċi l-oħra.

5.9.3 Bil-għan li l-konsumaturi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-informazzjoni dwar prodott speċifiku mingħajr kwalunkwe tip ta’ ostaklu, huwa rakkomandabbli li l-possibbiltà mniżżla fl-Artikolu 8(7), li l-manifattur jindika indirizz wieħed fejn ikun jista’ jiġi kkuntattjat, ma tkunx ta’ piż fuq il-konsumatur, b’tali mod li tista’ tinftehem li jekk din tintuża, ser twassal għal penalitajiet.

5.10 Fir-rigward tal-prodotti li jidhru li jkunu xi ħaġa oħra milli fil-fatt ikunu, il-KESE jappella għall-ogħla livell ta’ protezzjoni, partikolarment għall-prodotti li jidhru qishom ġugarelli, li għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, sabiex jinkiseb livell għoli ta’ protezzjoni tal-minorenni.

5.11 Il-KESE jappoġġja l-bżonn tat-traċċabbiltà tal-prodotti matul il-katina tal-provvista kollha, peress li dan jgħin biex ikunu identifikati l-operaturi ekonomiċi u biex jittieħdu miżuri korrettivi kontra l-prodotti perikolużi, kemm jekk ikunu miżuri ta’ rkupru kif ukoll ta’ rtirar mis-suq.

5.12 Fir-rigward tal-istandards Ewropej li jipprovdu l-preżunzjoni ta' konformità, il-KESE jqis li l-proposta ttejjeb il-funzjonament attwali tas-sistema. Madankollu għandhom jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet tranżitorji u l-preżunzjoni ta' konformità għal aktar ċertezza legali.

5.12.1 Minħabba l-importanza tal-istandardizzazzjoni, il-KESE jqis li l-korpi Ewropej ta' standardizzazzjoni għandhom jingħataw ir-riżorsi neċessarji sabiex iżidu l-produttività tagħhom u jiggarrantixxu kwalità għolja. Barra minn dan hemm bżonn li r-rappreżentazzjoni tal-konsumaturi tkun aktar effettiva.

5.13 Bi prinċipju, ir-regoli dwar l-atti ddelegati jidhru raġonevoli, minkejja li ma jagħmilx sens li d-delega tingħata għal żmien indefinit. Barra minn hekk, l-atti ddelegati m'għandhomx jiġu adottati dwar kwistjonijiet essenzjali u għandhom

jinżammu fil-limiti tal-att oriġinali. Għandhom partikolarment jintużaw qabel ma l-prodotti perikolużi jitpoġġew fis-suq. Għalhekk, jidher raġonevoli li jiġu adottati atti ddelegati fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 15(3)(a) tal-proposta, filwaqt li l-każijiet li jidhru fis-sottoparagrafu (b) jidhru aktar dubjużi.

5.14 Fir-rigward tal-penalitajiet, għandu jiġi enfasizzat li l-KESE huwa favur li jiġu armonizzati t-tipi ta' ksur u l-penalitajiet korrespondenti⁽⁹⁾, peress li huwa biss is-sempliċi appell ġeneriku sabiex il-penalitajiet ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati li jista' jagħti lok għal distorsjonijiet fil-funzjonament tas-suq.

5.14.1 Fl-aħħar nett, il-KESE jqis li l-Istati Membri għandu jkollhom mezzi ta' rimedju u ta' rikors adegwati u effettivi quddiem il-qrati kompetenti bil-għan li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament fl-interess ġenerali tal-konsumaturi.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽⁹⁾ Pereżempju, bħalma hemm fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza tal-prodotti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE, u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 1999/5/KE, 2000/9/KE, 2000/14/KE, 2001/95/KE, 2004/108/KE, 2006/42/KE, 2006/95/KE, 2007/23/KE, 2008/57/KE, 2009/48/KE, 2009/105/KE, 2009/142/KE, 2011/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”

COM(2013) 75 final — 2013/0048 (COD)

(2013/C 271/16)

Relatur ġenerali: **is-Sur LEMERCIER**

Nhar it-8 ta' Marzu u nhar it-12 ta' Marzu 2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza tal-prodotti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE, u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 1999/5/KE, 2000/9/KE, 2000/14/KE, 2001/95/KE, 2004/108/KE, 2006/42/KE, 2006/95/KE, 2007/23/KE, 2008/57/KE, 2009/48/KE, 2009/105/KE, 2009/142/KE, 2011/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

COM(2013) 75 final – 2013/0048 (COD).

Nhar it-12 ta' Frar 2013, il-Bureau tal-Kumitat inkariga lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju) li jaħtar lis-Sur LEMERCIER bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'116-il vot favur u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa' b'mod favorevoli d-dispożizzjonijiet tar-regolament propost. Id-dispożizzjonijiet attwali li japplikaw għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti huma mifruxin wisq f'diversi testi b'kontenut differenti. Dan jikkomplicha bla bżonn il-kompitu tal-awtoritajiet ta' sorveljanza u tal-produtturi, kif ukoll dak tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur u tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema. Il-Kumitat bi pjaċir jinnota li d-dispożizzjonijiet vertikali preċedenti ser jitħassru biex jinġabru mill-ġdid f'regolament trasversali, uniku u msaħħaħ.

1.2 Il-Kumitat jaqbel mal-bażi legali iżda jqis li hemm bżonn referenza wkoll għall-Artikolu 12 tat-TFUE li jispeċifika li l-protezzjoni tal-konsumaturi hija politika trasversali li għandha tiġi kkunsidrata “fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni”.

1.3 L-istrument propost huwa regolament. Il-Kumitat iqis li din il-forma hija l-aktar adatta biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambji bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-UE. Huwa jqis li l-pakkett propost mill-Kummissjoni jissodisfa r-rekwiżiti ta' proporzjonalità u tas-sussidjarjetà stabbiliti mit-Trattati. L-Istati Membri għandhom kompletament responsabbli għas-sorveljanza tas-swieq nazzjonali tagħhom u l-kontrolli fil-frunteri esterni tal-Unjoni, u għandhom jiżguraw il-finanzjament għal dan.

1.4 Il-KESE jappoġġja d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li skontha l-prodotti li jiċċirkolaw fl-Unjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa u s-sigurtà inġenerali, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-protezzjoni tal-ambjent u s-sigurtà pubblika.

1.5 Il-Kumitat iqis li r-rispett tas-sigrieti tal-manifattura jew ir-rispett tas-sigrieti kummerċjali ma jistgħux ikunu ostaklu għat-tnedija tat-twissijiet meta s-saħħa jew is-sigurtà tal-utenti jistgħu jkunu affettwati minn wieħed mill-elementi tal-prodott inkwistjoni. Il-prattika kontinwa tas-sistema RAPEX, li tiżgura li jirbaħ l-interess pubbliku mhux l-interessi privati, għalhekk għandha tkompli tiġi rispettata mill-korpi tas-sorveljanza u l-kontroll.

1.6 Il-membri jew l-impjegati tal-korpi tas-sorveljanza u d-dwani għandhom juru l-garanziji kollha tal-onestà u l-indipendenza u jkunu mħarsa mill-pressjonijiet jew mit-tentattivi tal-korruzzjoni potenzjali fil-qadi ta' dmirhom. Il-persuni li jikxfu n-nuqqasijiet jew ir-riskji relatati ma' prodott għandu jkollhom protezzjoni, l-iktar kontra s-segwiti; l-identità tagħhom għandha tibqa' kunfidenzjali.

1.7 Il-Kumitat jitleb biex fil-proposta għal Regolament tiġi inkluża bażi tad-data tal-korrimenti pan-Ewropea (Injuries Database, IDB) li għandha tiġi kkunsidrata bħala t-tielet pilastru tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni tas-sorveljanza tas-suq tal-UE, kompletari għar-RAPEX u l-ICSMS.

1.8 Fl-aħħar nett, il-Kumitat jixtieq ħafna jkun wieħed mid-destinatarji tar-rapporti perijodiċi li l-Kummissjoni ser tistabbilixxi tul il-ħames snin biex jiġi żgurat is-segwitu tal-eżekuzzjoni tar-Regolament.

2. Introduzzjoni: il-proposti tal-Kummissjoni

2.1 L-aqwa leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti u l-armonizzazzjoni tar-regoli fis-suq intern mhijiex biżżejjed biex jingħataw garanziji assoluti ta' sigurtà lill-konsumaturi fir-rigward tal-prodotti ta' konsum u lill-ħaddiema fir-rigward tal-prodotti intiżi għal użu professjonali.

2.2 Kif juru l-iskandli riċenti, il-frodi biex jiżiedu l-profitti jew biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni għadha realtà fl-Ewropa; barra minn hekk, il-prodotti importati mhux dejjem jilhqgħu l-istandards Ewropej u jistgħu jservu bħala kompetizzjoni ingħusta għall-prodotti ta' oriġini Ewropea.

2.3 Is-sorveljanza tas-swieq kif ukoll il-kontroll tal-konformità tal-prodotti huma essenzjali u jirrikjedu servizzi u persunal kwalifikat (dwana, servizzi tekniċi, spezzjonijiet, eċċ.) li jkun qegħ joperaw fuq it-territorju ta' kull Stat Membru.

2.4 Id-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti, li kellha tiġi trasposta għalkollox fl-2004, u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar l-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-swieq, li daħal fis-seħħ fl-2010, kif ukoll id-direttivi u d-deċiżjonijiet dwar l-armonizzazzjoni settorjali wasslu għall-progress ċar. Madankollu, id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq huma mxejrin u jikkoinċidu, li jista' jgħodq konfużjoni bejn ir-regoli ta' sorveljanza proprji u l-obbligi tal-operatori, u b'hekk dan jikkomplica l-kompitu tagħhom u tal-leġislaturi u tal-uffiċjali tas-servizz ċivili.

2.5 Il-Kummissjoni tippromponi li jiġi ċċarat il-qafas regolatorju dwar is-sorveljanza tas-suq billi d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha jingħabru fi strument legali wieħed li huwa applikabbli orizzontalment għas-setturi kollha. Ir-Regolament il-ġdid dwar is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti ser ikun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni pluriennali għas-sorveljanza tas-suq li jkopri l-perjodu 2013-2015.

2.6 Din hija miżura ewlenija tal-Aġenda Ewropea tal-Konsumatur u tal-Att dwar is-Suq Uniku I u II u tindirizza wkoll ir-rekwiżiti tal-qafas leġislattiv il-ġdid.

2.7 Permezz tal-istess modalitajiet f'kull pajjiż jeħtieġ li jiġi determinat jekk il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq, inklużi dawki li jkun għejjin minn pajjiżi terzi, humiex siguri u jekk jistgħux jitqiegħdu fis-suq uniku jew għandhomx jiġu rtirati jew projbiti jekk ikunu perikolużi jew mhux konformi.

2.8 Madankollu, is-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli ta' konformità mhumix effikaċi biżżejjed u għadd kbir ta' prodotti mhux konformi jinfirxu fis-suq prinċipalment minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u l-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni skambjata.

2.9 Għalhekk l-UE għandha tiegħu passi biex tiggarrantixxi koordinazzjoni aħjar tal-azzjonijiet u tagħmel is-sorveljanza transkonfinali tas-suq effikaċi sabiex tippoteġi liċ-ċittadini. Il-Kummissjoni tistqarr li dan id-dritt ta' azzjoni huwa l-frott tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 114 (il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku) u tal-Artikoli 168(1) (il-ħarsien tas-saħħa) u 169(1) (il-protezzjoni tal-konsumatur) tat-TFUE. Jeħtieġ ukoll li jiġi semplifikat il-qafas legali applikabbli u jitneħħew l-ambiguitajiet li jeżistu.

2.10 Hemm bżonn li tiġi ssemplifikata l-proċedura RAPEX, li jiġi stabbilit regolament dwar is-sigurtà tal-prodotti li jissostitwixxi d-Direttiva dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti, u li jiġi stabbilit regolament ġdid dwar is-sorveljanza li jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet li bħalissa huma mifruxa f'diversi testi fl-livelli differenti.

2.11 It-titjib tal-koordinazzjoni u tal-effikaċja tal-azzjonijiet ta' sorveljanza u ta' kontroll mhux biss ser jitwettaq mill-proċedura normali ta' valutazzjoni tal-leġislazzjoni iżda wkoll mill-istħarriġ tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjoni tal-konsumaturi, mis-sistemi ta' informazzjoni GRAS-RAPEX u ICSMS u l-implimentazzjoni ta' indikaturi li jippermettu s-segwitu mill-pari. Il-proċeduri ta' notifika mill-pajjiżi ser jiġu razzjonalizzati permezz ta' sistema waħda ta' notifika għall-prodotti kollha.

2.12 Il-kontrolli fil-fruntieri ser jissaħħu u l-moviment ta' kwalunkwe prodott li huwa suspettat li jirrappreżenta riskju għandu jitwaqqaf sakemm issir analiżi aktar fil-fond tal-qagħda tiegħu mill-awtorità ta' sorveljanza.

2.13 Is-sistema ta' notifika RAPEX għall-prodotti li jirrappreżentaw riskju ser tittejjeb mill-lat tal-perjodi limiti ta' notifika u tar-rilevanza tal-informazzjoni dwar ir-riskji tal-prodott li dwaru tkun saret notifika.

2.14 Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri restrittivi adatti fir-rigward tal-prodotti perikolużi li ser jiġu applikati direttament f'każi li l-miżuri standard ta' urġenza ma jkunux biżżejjed jew adatti.

2.15 L-Att dwar is-Suq Uniku jipprevedi Pjan ta' Azzjoni Pluriennali dwar is-sorveljanza tas-suq. Dan il-Pjan għandu jikkonċerna l-oqsma fejn il-koordinazzjoni żgurata mill-Kummissjoni tista' tkun ta' valur miżjud ġenwin u tista' twassal għal titjib konsiderevoli.

2.16 Dan il-Pjan huwa l-istrument ta' azzjoni prinċipali fil-livell Komunitarju; huwa jħeġġeġ komunikazzjoni u kooperazzjoni msaħħa. Permezz ta' mezzi tal-informatika, fil-forma ta' sħarriġ u studji maħżuna fis-sistema, ser ikun hemm aċċess faċli għall-informazzjoni dwar l-aqwa Prattiki. Il-bżonnijiet ser jiġu identifikati u f'dan il-kuntest ser jiġu offruti għodod ta' taħriġ, għajnuna teknika u ta' konsulenza.

2.17 Il-Kummissjoni ser tfassal approċċ komuni ta' kontrolli dokumentarji u tekniċi u għall-analiżijiet li jsiru fil-laboratorji. It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-azzjonijiet u l-programmi konġunti ser itejjeb l-effikaċja tas-sorveljanza.

2.18 Il-ġbir flimkien tar-riżorsi ser iwassal għal sinerġija u ser jevita d-duplikazzjoni. L-informazzjoni miġbura matul il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjoanli ser tinħażen fil-bażi tad-data ICSMS li hija amministrata mill-Kummissjoni li ser toffri l-mezzi u t-taħriġ neċessarji biex jintuża l-potenzjal kollu ta' din il-bażi tad-data.

2.19 Il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom jiġu infurmati u kkonsultati b'mod regolari u flessibbli.

2.20 Ir-rapport li tfassal mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jippermetti li jiġu infurmati l-istituzzjonijiet u l-partijiet involuti u li jiġu valutati l-miżuri ta' akkreditazzjoni, ta' sorveljanza u ta' kontroll tas-suq li huma ffinanzjati mill-UE.

2.21 Is-servizzi doganali u ta' kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni u taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) għandhom jingħataw aktar mezzi u poteri huma u jindirizzaw il-kwistjoni tal-prodotti importati. Dan jirrikjedi l-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali, b'mod partikolari t-taħriġ u l-għodod tekniċi.

3. Kummmenti ġenerali

3.1 Il-Kumitat jilqa' b'mod favorevoli l-inizjattiva tat-tisħiħ tas-sorveljanza u tal-kontrolli tas-sigurtà tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq, irrispettivament jekk ikunux ġejjin mill-UE, mill-pajjiżi taż-ŻEE jew minn pajjiżi terzi. Peress li tiżgura sigurtà aħjar tal-prodotti hija sservi għala azzjoni ewlenija tal-Att dwar is-Suq Uniku u tirreaġixxi għall-approċċ il-ġdid.

3.2 Il-Kumitat jinnota madankollu li l-proċeduri ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-atturi ekonomiċi u soċjali għandhom vagi ħafna. Jista' jiġi definit aħjar qafas flessibbli u adatt flivelli differenti mingħajr ma jiġu introdotti proċeduri burokratiċi addizzjonali jew aktar stretti.

3.2.1 L-intrapriżi kkonċernati jitennew ħafna mill-informazzjoni legali u teknika li tista' tippermettilhom li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom is-sigurtà legali indispensabbli għad-deċizzjonijiet ta' investiment fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti. L-informazzjoni miġbura mid-diversi korpi ta' sorveljanza u ta' kontroll dwar il-prodotti li jressqu

għall-kontroll jew għal proċedura ta' akkreditazzjoni għandha tkun aċċessibbli għalihom.

3.2.2 Il-konsumaturi u l-ħaddiema jixtiequ li b'mod leġittimu jaċċertaw lilhom infushom dwar l-affidabbiltà tal-prodotti fis-suq, li jkunu jridu jużawhom fil-ħidma tagħhom jew fil-konsum tagħhom. Huma għandhom id-dritt li jkunu jafu l-azzjonijiet implimentati għal dan il-għan fil-livell nazzjonali, Komunitarju jew settorjali biex ikunu żgurati li s-saħħa u s-sigurtà tagħhom mhumiex mhedda.

3.2.3 Il-Kumitat jinsab konvint li l-fiduċja fis-sigurtà tal-prodotti hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u l-moviment liberu tal-prodotti, u dan għandu impatt favorevoli fuq it-tkabbir u l-impjieg.

3.3 Il-Kumitat iqis li s-sorveljanza u l-kontrolli, u b'mod partikolari fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, huma prinċipalment il-kompetenzi tal-Istati Membri, filwaqt li l-Unjoni tiżgura l-koordinazzjoni u l-miżuri indispensabbli għal azzjoni komuni effikaċi kif ukoll għall-istandardizzazzjoni tal-prodotti. Din is-sorveljanza u dawn il-kontrolli għandhom impatt fuq l-intrapriżi u jirrappreżentaw spiża konsiderevoli kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi f'termini ta' konformità (standardizzazzjoni, it-tikketta tal-KE). Il-Kumitat jistieden lil-Istati Membri u l-Kummissjoni biex, fl-attivitajiet tagħhom, jikkunsidraw b'mod adatt il-piżijiet amministrattivi fuq l-intrapriżi u b'mod partikolari fuq l-SMEs sabiex ma tiġix aggravata s-sitwazzjoni ekonomika tagħhom f'perjodu ta' kriżi u ta' qgħad konsiderevoli.

3.4 Il-qafas regolatorju u l-għadd u l-kwalità tal-mezzi ta' kontroll fir-rigward tal-moviment liberu tal-prodotti mhux alimentari koperti fl-abbozz ta' regolament ma jistgħux jiġu traskurati jew ikollhom xi nuqqasijiet. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jallokaw biżżejjed riżorsi għall-implimentazzjoni tal-mezzi ta' sorveljanza u ta' kontroll bil-għan li tiġi garantita l-effikaċja totali tagħhom. Għalkemm jirrikonoxxi li l-baġits huma limitati bħalissa, il-Kumitat iqis li l-interessi pubbliċi kkonċernati jirrikjedu li jsir minn kolloxx biex jiġu garantiti s-sigurtà u s-saħħa tal-konsumaturi kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent fir-rigward ta' prodotti difettużi jew perikolużi. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern huwa indispensabbli għall-irkupru ekonomiku u għall-ħolqien ta' impjieg ġodda.

3.4.1 F'dan ir-rigward, il-Kumitat iqis li s-sistema attwali ta' sorveljanza u ta' kontroll tas-suq għandha nuqqasijiet jew inadegwatezzi serji. Il-kooperazzjoni bejn il-korpi nazzjonali kompetenti, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati għandha tissaħħaħ. Jeħtieġ li jiġu organizzati konsultazzjonijiet regolari. Fuq l-inizjattiva tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u tal-ħaddiema – u b'mod li tiġi garantita l-immunità ta' dawn l-organizzazzjonijiet – għandu jiġi implimentat l-eżerċizzju tad-dritt ta' twissija fir-rigward ta' ċerti prodotti. Il-korpi kompetenti, l-awtoritajiet ta' sorveljanza, il-korpi tekniċi ta' ċertifikazzjoni, is-servizzi doganali u s-servizzi tal-prevenzjoni tal-frodi għandhom jikkooperaw u jagħmlu disponibbli l-informazzjoni miġbura bil-għan li jiġu evitati d-duplikazzjoni, il-ħela tar-riżorsi disponibbli u sabiex tibqa' tissaħħaħ l-effikaċja tal-kontrolli li jsiru.

3.5 L-effikaċja tas-sistema Komunitarja ta' skambju rapidu tal-informazzjoni (RAPEX) tippedendi għalkollox minn kemm jinbagħtu malajr in-notifiki u mir-rilevanza tal-informazzjoni teknika fir-rigward tal-prodotti dubbjużi. Il-linji gwida stabbiliti għall-ġestjoni ta' RAPEX għandhom jiġu implimentati b'mod kontinwu, u jkunu ċari biżżejjed biex ma jkun hemm l-ebda dubju dwar in-natura u l-iskala tal-informazzjoni li għandha tiġi notifikata; il-kriterji għall-identifikazzjoni tar-riskji serji għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas ta' dawn il-linji gwida, u l-miżuri li għandhom jittieħdu konsegwentement għandhom ikunu definiti b'mod ċar, bħas-suspensjoni provviżorja, il-ħtieġa ta' bidliet tekniċi, sas-sempliċi projbizzjoni.

3.6 Anke r-riskji moderati jew mhux verifikati xjentifikament għandhom jiġu notifikati fi ħdan ir-RAPEX sabiex jiġu previsti miżuri ta' eżekuzzjoni, bħas-suspensjoni provviżorja, billi jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni fejn ikun hemm bżonn, jew miżuri adatti oħra bħar-rekwiżiti addizzjonali ta' informazzjoni għall-konsumaturi u t-twissija lill-utenti apparti r-rekwiżiti normali ta' tikkettar tal-prodotti.

3.7 Meta, f'każijiet ta' riskji magħrufa, il-Kummissjoni tipp-revedi li tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' prodott jew kategorija ta' prodotti bil-għan li tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi ta' kontroll ta' dawn il-prodotti, il-Kumitat jixtieq li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u dawk ta' min iħaddem u tal-ħaddiema jiġu nnotifikati u li l-opinjoni tagħhom tiġi kkunsidrata f'kull miżura possibbli. Ta' min jinnotta li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jgħaddu lill-membri tagħhom mill-aktar fis id-dispożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni, u dan jgħin b'mod sinifikanti biex jinfiehem u jiġu applikati b'mod rapidu.

3.8 Fir-rigward tal-Forum tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, li għadu kif ġie stabbilit mir-regolament, il-Kumitat jinnotta li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ser jiġu mistiedna jieħdu sehem f'kapacià konsultattiva fis-sottokorpi settorjali li jistgħu jinħolqu mill-Forum. Il-Kumitat iqis li, minkejja n-natura konsultattiva tagħhom, l-opinjoni jiet u l-proposti ta' dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati b'mod adatt u jitqiesu f'kull miżura possibbli, fid-dawl tar-rwol attiv tagħhom fir-rigward tal-konsumaturi u l-ambjenti ekonomiċi u soċjali li jirrappreżentaw.

3.9 Barra minn hekk, fid-dawl ta' ċerti riskji, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-Istati Membri għandhom iniedu twissija dwar ir-riskji minħabba ċerti prodotti u possibbliment il-mezzi għall-protezzjoni; huma għandhom jikkooperaw mal-operaturi ekonomiċi, sabiex jitwarrbu r-riskji li jkunu minn ċerti prodotti, imma anke mal-organizzazzjonijiet kompetenti tas-soċjetà ċivili, li għandhom jgħaddu l-għarfien u l-mezzi ta' informazzjoni tagħhom lill-membri tagħhom.

3.10 Fl-aħħar nett, il-Kumitat iqis li l-proposta inkwistjoni tindirizza b'mod ġenerali r-rekwiżiti tal-qafas leġislattiv il-ġdid (approċċ ġdid) kif ukoll dawk tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Jaqbel ukoll mal-bażi legali li fuqha d-DG responsabbli sejsu l-proposta tagħhom. Il-Kumitat jirreferi wkoll għall-Artikolu 12

tat-TFUE li jispeċifika li l-protezzjoni tal-konsumaturi għandha tiġi kkunsidrata "fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni".

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-Kumitat għadu mħasseb dwar id-differenzi potenzjali fl-interpretazzjoni tar-regolament minn pajjiż għall-ieħor; l-azzjoni Komunitarja għandu jkollha l-għan li l-interpretazzjonijiet u l-prattiki jkunu verament uniformi, għas-sigurtà legali tal-operaturi u s-sigurtà tal-utenti.

4.2 Jinsab imħasseb ukoll dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità li jistgħu jkunu ta' ostaklu għall-aħjar informazzjoni dwar l-elementi jew il-prodotti perikolużi li jistgħu jaffettwaw is-saħħa, is-sigurtà tal-bniedem u l-kwalità tal-ambjent, pereżempju fil-qasam tas-sigriet tal-produzzjoni. L-interessi pubbliċi kkonċernati b'mod ġenerali jissuperaw l-interessi privati li jistgħu jiġu protetti b'mod abbużiv minħabba li l-kunċett ta' kunfidenzjalità jiġi mifhum b'mod assolut wisq. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni għandha tiġi ċċirkolata bejn il-korpi tal-Istati Membri u dawk tal-Unjoni inkarigati mis-sistema ta' sorveljanza u ta' kontroll. Madankollu, jeħtieġ li tiġi rispettata d-data personali protetta mil-liġi u li ma jiġux kompromessi l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin.

4.3 Kif jeħtieġ ir-Regolament, l-awtoritajiet għandhom jipubblikaw l-informazzjoni dwar il-prodotti perikolużi u r-riskji li jiġbu magħhom, il-miżuri potenzjali ta' prevenzjoni, u d-deċiżjonijiet li jittieħdu fir-rigward tal-operaturi, f'sit tal-internet speċjalizzat. Il-Kumitat jitlob li l-pubblikazzjoni ma tiġix ostakolata b'idea ta' kunfidenzjalità eċċessiva fir-rigward tas-sigriet kummerċjali meta s-saħħa u s-sigurtà tal-utenti jkunu fir-riskju; barra minn hekk, din hija l-prattika segwita mill-Kummissjoni fil-ġestjoni tas-sistema RAPEX, Prattika li għandha tinżamm.

4.4 Il-Kumitat jinsisti fuq ir-rekwiżiti tal-indipendenza u t-trasparenza tal-korpi ta' sorveljanza u ta' kontroll. L-uffiċjali ta' dawn il-korpi għandhom jiġu protetti minn interferenzau kull tentattiv ta' korruzzjoni fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Dawn għandhom ikunu imparzjali u għandhom jiġbru l-ilmenti kollha li jitressqu mill-konsumaturi u l-utenti jew l-organizzazzjonijiet tagħhom u fejn ikun hemm bżonn jagħtuhom segwitu. Il-laboratorji ta' kontroll għandhom joperaw ukoll b'mod għalkollox indipendenti, l-istess bħall-korpi inkarigati mill-għoti ta' tikketti standardizzati, li huma indispensabbli biex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-intrapriżi u l-konsumaturi jagħmlu l-għażla tagħhom.

4.5 Il-Kumitat jemmen li r-Regolament propost għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jistabbilixxu bażi tad-data pan-Ewropea dwar il-korrimenti li tkun tkopri kull tip ta' korrimment. Din il-bażi tad-data għandha:

— tgħin lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jieħdu deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskji b'mod aktar infurmat,

- tipprovdi bażi għal azzjonijiet ta' prevenzjoni u kampanji biex jiżdied l-għarfien pubbliku, u tippermetti lil dawk li jfasslu l-istandards biex jiżviluppaw standards tal-prodotti aħjar,
- tgħin lill-manifatturi jadattaw id-disinn tas-sigurtà fuq prodotti ġodda,
- tivvaluta l-effettività ta' miżuri preventivi u tistabbilixxi l-prijoritajiet fit-tfassil tal-politika.

4.5.1 Għaldaqstant, il-Kumitat jissuġġerixxi li:

- fil-proposta tiġi inkluża dispożizzjoni meħuda mir-Regolament (KE) Nru 765/2008 li titlob lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-inċidenti u l-ħsara għas-saħħa li jkun hemm suspett li ġew ikkawżati minn dawn il-prodotti, u
- tiġi stabbilita bażi legali għall-bażi tad-data dwar il-korrimenti li permezz tagħha l-Kumissjoni Ewropea tgħin il-koordinazzjoni tal-għbir tad-data mill-Istati Membri u t-tħaddim tajjeb ta' din il-bażi tad-data.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni — inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014–2020”

COM(2013) 83 final

(2013/C 271/17)

Relatur: **is-Sur RÖPKE**

Nhar it-18 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni — inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014–2020

COM(2013) 83 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-23 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'160 vot favur, 3 voti kontra u 11-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' l-Pakkett dwar l-Investment Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea u l-bidla li jgħib miegħu fejn l-enfasi aktar qawwija fuq l-investment soċjali ma tiġix ikkunsidrata biss bħala spiża iżda hija kkunsidrata wkoll bħala investment fil-ġejjieni, fit-tkabbir u fl-impjiegi li jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-ksib tal-għanijiet tal-Ewropa 2020 u jikkonsitwixxi element ċentrali tal-mudell soċjali Ewropew.

1.2 L-investment soċjali mmirat mhux biss iwassal għall-progress soċjali u soċjetali iżda fl-istess ħin iwassal ukoll għal żieda fil-kompetittività. Speċjalment fi żminijiet ta' qgħad drammatiku u mingħajr preċedent u faqar li kulma jmur jiżdied, l-investment fis-sigurtà soċjali jaqdi rwol ċentrali wkoll fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali kif ukoll fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar.

1.3 Is-suq tax-xogħol huwa fattur ewlieni għall-ġestjoni tat-tibdil demografiku u għall-konsolidazzjoni sostenibbli tal-baġits pubbliċi. Fil-fehma tal-KESE, l-investment soċjali qawwi u mmirat iżid b'mod sostenibbli l-opportunitajiet tal-individwi biex isibu impjieg. Għaldaqstant, il-pakkett dwar l-investment soċjali jista' jagħti kontribut importanti għal bidla politika favur aktar tkabbir u impjiegi, jekk jiġi implimentat fil-prattika b'mod konsistenti.

1.4 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-iżvilupp tal-politika soċjali huwa qabel kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u li kull pajjiż għandu jibbilanċja s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tiegħu u l-organizzazzjoni tas-servizzi soċjali. Minħabba d-differenzi kbar bejn

il-pajjiżi, il-Kummissjoni Ewropea għandha taqdi rwol ċentrali fl-iskambju ta' approċċi innovattivi u provati bejn l-Istati Membri u l-atturi rilevanti kollha.

1.5 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni tirrikonoxxi b'mod espliċitu r-rwol importanti li jaqdu l-ekonomija soċjali, l-intrapriżi soċjali, is-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fl-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar l-Investment Soċjali. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ it-talba biex l-imsieħba soċjali u l-atturi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri jiġu involuti b'mod fundamentali fil-proċess ta' koordinazzjoni tas-Semestru Ewropew.

1.6 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tippubblika pjan għall-implimentazzjoni konkreta tal-Pakkett dwar l-Investment Soċjali li jappoġġja lill-Istati Membri bil-miżuri meħtieġa u jippromovi l-iskambju bejn il-pajjiżi, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-provvedituri tas-servizzi soċjali. Dawn l-atturi għandhom l-għarfien espert neċessarju fil-qasam tal-investment soċjali, l-innovazzjoni soċjali u l-ħolqien tal-impjiegi.

1.7 Madankollu, il-KESE jikkritika l-fatt li l-kwistjoni tal-finanzjament għall-Pakkett dwar l-Investment Soċjali f'it li xejn ġiet indirizzata. Mingħajr bidla fil-politika unilaterali tat-tnaqqis fin-nefqa, l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proposti ma tidhirx realistika. Ta' min jilqa' l-użu mtejjeb tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej (ESIF), kif ukoll il-possibbiltà ta' effiċjenza u adegwatezza akbar tal-miżuri iżda dawn żgur li mhux ser ikunu biżżejjed biex tinkiseb il-bidla mixtieqa fil-politika.

1.8 Għaldaqstant, il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li l-identifikazzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul għall-baġits pubbliċi huwa essenzjali. F'dan ir-rigward ta' min isemmi l-miżuri li ġejjin flimkien mal-intaxxar ta' diversi tipi ta' assi: it-tibdil u l-espanzjoni tal-bażijiet tat-taxxa, l-għeluq tar-rifuġi fiskali, it-tmiem tal-kompetizzjoni dannuża għall-inqas taxxi kif ukoll il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa.

1.9 B'mod partikolari f'dan ir-rigward, il-KESE jtenni t-talba espliċita tiegħu għal programm ekonomiku u ta' investiment Ewropew ta' 2 % tal-PDG. B'hekk ikun jista' jiġi ffinanzjat patt ta' investiment soċjali, li jippermetti li sseħħ bidla fil-prioritajiet politiċi fid-direzzjoni tal-investiment soċjali u li jissaħħu u jiġu modernizzati l-politiki soċjali fl-Istati Membri minkejja l-konsolidazzjoni fiskali mixtieqa. Huwa biss permezz ta' finanzjament adatt li l-Pakkett dwar l-Investiment Soċjali jkun jista' jiġi implimentat b'suċċess fil-prattika, inkella jibqa' biss dikjarazzjoni ta' intenzjoni.

1.10 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex l-enfasi aktar qawwija fuq l-investiment soċjali tiġi riflessa wkoll fil-proċess ta' koordinazzjoni tas-Semestru Ewropew. Din l-enfasi l-ġdida għandha tiġi kkunsidrata b'mod espliċitu fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi kif ukoll fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir li jmiss (2014). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta proposti konkreti mill-aktar fis. Għandu jiġi ċċarat li investiment soċjali akbar huwa kompatibbli ma' konsolidazzjoni fiskali "differenzjat[a] u favorevoli għat-tkabir".

2. Il-Pakkett dwar l-Investiment Soċjali għat-tkabir u l-koeżjoni

2.1 Wieħed mill-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 huwa li sal-2020 tal-anqas 20 miljun individwu jorhgu mill-faqar. Il-konsegwenzi profondi tal-kriżi u l-ħtieġa li nerġgħu naqbd u triq li twassal għat-tkabir wasslu sabiex jifasslu għadd ta' inizjattivi mill-Kummissjoni bil-għan li jiġu preservati u jinħolqu l-postijiet tax-xogħol, ikun hemm tranżizzjonijiet bla xkiel bejn impjieg u ieħor u n-nies jibdwu jiddahhu fis-suq tax-xogħol ⁽¹⁾.

2.2 Fl-20 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ħarġet it-tant mistenni Pakkett dwar l-Investiment Soċjali tagħha li kkonsista f'Komunikazzjoni ("Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020"), Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ("L-investiment fit-tfal: nikrsu ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ") u seba' Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal mehmużin.

2.3 Il-Pakkett ipoġġi l-investiment soċjali mtejjeb fil-kuntast tas-Semestru Ewropew u jintegra l-governanza u r-rekwiżiti

tar-rappurtar tal-Unjoni u l-Istati Membri bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 fil-qasam tal-politika soċjali, tal-impjieg u tal-edukazzjoni.

2.4 Il-Kummissjoni tinnotta li l-kriżi fl-Ewropa, li ilha għad-dejja mill-2008, żiedet il-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-esklużjoni mis-suq tax-xogħol għal ħafna ċittadini f'għadd ta' Stati Membri, u li dawn il-problemi laħqu dimensjonijiet rekord, speċjalment fost l-aktar gruppi vulnerabbli. Għaldaqstant, fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tagħti parir lill-Istati Membri biex jagħmlu aktar enfasi fuq l-investiment soċjali u jużaw ir-riżorsi b'mod aktar effiċjenti.

2.5 Għaldaqstant, il-Kummissjoni temmen li l-investiment soċjali jgħin liċ-ċittadini. Dan isaħħaħ il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom u jgħinhom jieħdu sehem fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol li, min-naħa tiegħu, iwassal għal benessri akbar, iħeġġeġ l-ekonomija u jgħin lill-UE toħroġ mill-kriżi aktar b'saħħitha, aktar magħquda u aktar kompetittiva.

2.6 Jingħad li s-sistemi soċjali jaqdu tliet funzjonijiet: l-investiment soċjali għal ġejjieni aħjar, il-protezzjoni soċjali matul perjodi diffiċli tal-ħajja, u fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija.

2.7 Il-Kummissjoni tappella għall-azzjoni biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-protezzjoni soċjali jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-nies li jinsabu f'fażijiet kritiċi ta' ħajjithom. Għal dan il-għan, hija tirrakkomanda miżuri ta' prevenzjoni fis-sura ta' investiment fl-aktar fażi bikrija possibbli minflok investiment bħala reazzjoni għall-problemi wara li jkun sar il-fatt, li jkun jiswa aktar flus. Għaldaqstant, l-investiment fit-tfal u ż-żgħażaġh huwa vitali.

2.8 Dan jiġi speċifikat f'aktar dettall fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni permezz tal-linji gwida għall-Istati Membri. Skont il-Kummissjoni l-investiment preventiv kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal, li huwa intiż biex jippromovi l-benessri tat-tfal, jista' jinkiseb permezz ta' firxa sħiħa ta' miżuri differenti.

2.9 Taħt is-sottotitolu "Lok għal titjib fl-effiċjenza tal-politiki soċjali", fil-Komunikazzjoni l-Kummissjoni titlob għal użu aktar effettiv tal-finanzjament sabiex jiġu żgurati sigurtà soċjali sostenibbli u adegwata kif ukoll politika soċjali mtejba bbażata fuq l-evidenza. Għal dan il-għan, l-Istati Membri huma mhegġġa jissemplifikaw l-amministrazzjoni tal-benefiċċji u s-servizzi, jimmiraw il-benefiċċji b'mod aktar effettiv u jagħmluhom ibbażati fuq kundizzjonijiet, pereżempju l-parteċipazzjoni f'aktar taħriġ.

⁽¹⁾ Il-Pakkett dwar l-Impjieg, il-Pakkett dwar l-Impjieg għaż-Żgħażaġħ, l-Inizjattiva tal-UE "Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ", ir-Reviżjoni tal-Edukazzjoni.

2.10 L-Istati Membri kemm-il darba jintalbu jimpenjaw ruħhom aktar biex jinvolvu lill-partijiet interessati rilevanti kollha, speċjalment lill-imsieħba soċjali u l-gruppi tas-soċjetà ċivili, huma u jtejb u l-politika soċjali b'rabta mal-Istrateġija Ewropa 2020.

3. Kummenti ġenerali dwar il-Pakkett dwar l-Investment Soċjali

3.1 Il-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-effetti profondi tagħha fuq it-tkabbir u l-impjiegi u l-koeżjoni ekonomika u soċjali ddominaw l-aġenda politika tal-Unjoni Ewropea matul dawn l-aħħar ħames snin. Għalkemm l-Istati Membri inizjalment irreaġixxew b'politika ekonomika kontroċiklica u li tistabilizza l-ekonomija, il-pakketti ta' salvataġġ tal-banek wasslu b'mod partikolari għal żieda sostanzjali fid-dejn pubbliku. B'mod ġenerali, it-tentattivi tal-gvernijiet biex, fi żmien ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, jikkonsolidaw il-baġits pubbliċi permezz ta' tnaqqis unilaterali fin-nefqa ma rnexxewx. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-investment soċjali għaldaqstant tipprovd i perspettiva ġdida għall-ġlieda kontra l-kriżi, jiġifieri, li fil-perjodu qasir l-investment soċjali huwa assoċjat ma' spejjeż, iżda fil-perjodu medju u fit-tul l-investment soċjali huwa assoċjat ma' benefiċċji mil-lat ta' benessri għas-soċjetà u ma' żieda fid-dħul għall-baġit nazzjonali, li jwasslu għal tnaqqis fil-ispiża soċjali fil-ġejjieni.

3.2 Għaldaqstant, il-KESE jilqa' b'mod partikolari l-Pakkett dwar l-Investment Soċjali tal-Kummissjoni u l-bidla fundamentali relatata għall-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward ta' aġenda li tħares 'il quddiem. L-Istati Membri issa huma mitlubin b'mod espliċitu jagħmlu enfasi akbar fuq l-investment soċjali u jimmodernizzaw u jsaħħu l-politika soċjali u jużaw ir-riżorsi disponibbli b'mod aktar effiċjenti. Il-politika soċjali għandha ssir aktar sostenibbli. B'hekk, il-Kummissjoni tidher li qed tikkoreġi l-iżbalji li saru fi snin reċenti u li m'għadhiex tikkunsidra l-investment soċjali biss bħala spiża. Tali investment ser isaħħaħ il-ħiliet u l-kwalifiki taċ-ċittadini, ser itejjeb l-oportunitajiet tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, li min-naħa tiegħu ser iwassal għal titjib fil-benessri tal-individwi, ser jistimola l-ekonomija u jgħin lill-UE toħroġ mill-kriżi aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva. Dan il-pakkett jista' jkun wieħed mill-aktar inizjattivi ta' politika soċjali importanti ta' dawn l-aħħar snin, dejjem jekk jiġi implimentat b'mod konsistenti u ambizzjuż. Dan jirrikjedi l-appoġġ fit-tul tal-Kummissjoni Ewropea.

3.3 Madankollu, it-tfassil tal-politiki soċjali huwa qabel kollha ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Id-diversità tal-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tirrikjedi li kull Stat Membru jkseb bilanċ bejn is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistema soċjali tiegħu, peress li ma jeżistix mudell uniku għal kulħadd. Il-Kummissjoni għandha tiġbor eżempji tal-aħjar prattiki, inkluża l-promozzjoni tal-fornituri tas-servizzi li joperaw fl-interess ġenerali permezz tal-akkwist pubbliku u l-libertà tal-għażla fis-servizzi soċjali, u tħeġġeġ lill-Istati Membri jorganizzaw is-sistemi soċjali tagħhom b'mod innovattiv u effiċjenti

filwaqt li jagħmlu enfasi fuq l-impjiegi u l-attivazzjoni bil-għan li jinkiseb l-għan tal-Istrateġija Ewropa 2020 li jonqos il-faqar.

3.4 Fi żmien ta' qgħad mingħajr preċedent u faqar li dejjem jżieded fl-UE, is-sigurtà soċjali saret indispensabbli biex jingħelbu l-isfidi li tfaċċaw. L-investment immirat fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali jista' jsołvi l-problemi strutturali u joħloq l-impjiegi. Il-potenzjal eżistenti jista' jintuża aħjar billi jiġu segwiti l-aktar strateġiji ta' inklużjoni u parteċipazzjoni attivi u komprensivi possibbli għall-iktar firxa wiesgħa tal-popolazzjoni, u billi l-Istati Membri kollha jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-2008 dwar l-integrazzjoni attiva tal-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol.

3.5 Filwaqt li s'issa n-nefqa soċjali prinċipalment tiġi meqjusa bħala "spiża" u ntalab tnaqqis fil-baġits soċjali, din il-Komunikazzjoni tista' tirrappreżenta speċi ta' bidla fil-politika fil-livell tal-UE kif ukoll f'xi Stati Membri. Il-KESE ilu żmien twil isostni li hemm bżonn kbir ħafna ta' investment, inkluż investment soċjali, u li dan jista' joħloq l-impjiegi, jevita l-faqar u jillimita ż-żieda fl-esklużjoni soċjali. Dan ser jirrikjedi kemm investment privat u pubbliku kif ukoll riformi ⁽²⁾.

3.6 Il-KESE jilqa' wkoll bħala perspettiva ġdida u mod ġdid ta' kif inħarsu lejn l-interventi taċ-ċiklu tal-ħajja u l-approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet fir-rigward tal-investment soċjali li ttieħed fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li jistgħu jtejb u l-oportunitajiet individwali u l-koeżjoni soċjali kif ukoll isaħħu l-iżvilupp ekonomiku. It-tisħiħ tal-investment soċjali għandu effetti pożittivi b'mod partikolari kemm fil-perjodu medju kif ukoll fit-tul. Madankollu, l-effetti pożittivi fil-perjodu qasir bl-ebda mod m'għandhom jiġu sottovalutati. L-investment f'politika soċjali mtejb u bbażata fuq l-evidenza jagħti riżultati pożittivi u malajr f'ħafna sitwazzjonijiet ⁽³⁾.

3.7 L-investment soċjali m'għandux biss effetti fuq il-politiki tas-swieq tax-xogħol, iżda jaqdi wkoll rwol ċentrali fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni soċjali u fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Il-kriżi ekonomika profonda fl-Ewropa aggravat b'mod drammatiku l-pożizzjoni soċjali ta' ħafna individwi. Biex tiġi miġġielda din it-tendenza, huwa assolutament neċessarju li jkun hemm bidla lejn investment aktar soċjali.

⁽²⁾ ĠU C 11, 15.1.2013, p. 65-70.

⁽³⁾ "Housing First", imsejjaħ ukoll "rapid re-housing", huwa bbażat fuq approċċ għall-problema tal-persuni mingġajr dar li oriġinarjament intuża fil-politika soċjali Amerikana u li ġie implimentat b'suċċess tul dawn l-aħħar snin fl-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Portugall u r-Renju Unit bħala alternattiva għas-sistema konvenzjonali ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza u akkomodazzjoni tranżizzjonali.

3.8 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiċċara u tiddefinixxi f'termini speċifiċi xi tfisser eżatt bit-talba tagħha għall-“kundizzjonalità” tal-benefiċċji soċjali. Għalkemm jista' jkun loġiku li l-oqsma bħall-politika attiva tas-suq tax-xogħol il-benefiċċji jiġu assoċjati ma' għan partikolari (bħall-parteċipazzjoni fit-taħriġ), dan il-prinċipju m'għandu bl-ebda mod jiġi applikat b'mod ġenerali fil-politika soċjali (pereżempju fil-qasam tat-tħaris tat-tfal). Il-benefiċċji soċjali għandhom jiġu kkunsidrati bħala drittijiet soġġetti għal kriterji prevedibbli b'tali mod li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

3.9 L-oqsma ewlenin fejn għandu jiġi applikat dan l-“approċċ il-ġdid” lejn l-investment soċjali huma riflessi fir-Rakkoman-dazzjoni u d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal ippubblikati flimkien mal-Komunikazzjoni. Il-Kummissjoni issa għandha tniedi djalogu mal-atturi rilevanti kollha dwar kif dan l-approċċ lejn l-investment soċjali b'rabta ma' dawn il-prijoritajiet tematiċi stabbiliti għandu jiġi applikat fil-prattika u għandha tressaq pjan għall-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tagħha, li għandu jinkludi gwida ta' azzjoni li tappoġġja lill-Istati Membri.

3.10 Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent espliċitu mill-Kummissjoni Ewropeatar-rwol importanti li għandhom jaqdu l-ekonomija soċjali, l-intrapriżi soċjali u s-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar l-Investment Soċjali⁽⁴⁾. Apparti li jipprovdut esperjenza u riżorsi addizzjonali, sikwit huma involuti direttament u b'mod konkret fl-implimentazzjoni tal-għanijiet politiċi, bħal pereżempju t-twettiq tas-servizzi soċjali. Sabiex jiġu appoġġjati f'dawn il-kompiti, jeħtieġ li jkun hemm fondi pubbliċi u kapital privat għad-diżpożizzjoni tagħhom b'mod aħjar u aktar sempliċi. L-inklużjoni ta' oġġettivi tematiċi għall-investment soċjali u tal-investimenti bħala azzjonijiet fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-UE fl-2014-2020 huma proposti li jintlaqqu tajjeb. Għandhom jiġu kkunsidrati fin-negozjati – li għandhom jinvolvu lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili – dwar il-programmi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea.

3.11 Il-Kummissjoni temmen li l-innovazzjoni hija fattur importanti fil-qasam tal-politika dwar l-investment soċjali għax il-politika soċjali teħtieġ tiġi adattata l-ħin kollu għall-isfidi l-ġodda. Għaldaqstant il-kumpaniji privati appoġġjati minn kuntratti pubbliċi jaqdu rwol importanti bħala alternattiva u komplement għas-settur pubbliku.

3.12 L-Istati Membri għandhom jużaw aktar approċċi innovattivi għall-finanzjament pereżempju permezz tal-parteċipazzjoni tas-settur privat jew bonds ta' investment soċjali, li l-Kummissjoni tiżgura li ser jikkontribwixxu għall-iffrankar baġitarju⁽⁵⁾. Madankollu, il-bonds ta' investment soċjali huma suġġett kontroversjali ħafna u jeħtieġ li jsiru aktar studji dwar il-konsegwenzi tagħhom. Barra minn hekk, għandhom jiġu provduti aktar dettalji dwar l-oqsma li jistgħu jkunu l-aktar

adatti għal tali “finanzjament innovattiv”. Fi kwalunkwe każ, il-KESE jenfasizza li tali strumenti bl-ebda mod m'għandhom iwasslu għall-kummerċjalizzazzjoni tal-politika soċjali. L-istat m'għandux ifarfar ir-responsabbiltà tiegħu fir-rigward tal-politika soċjali.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Sfortunatament, wieħed għandu jassumi li d-deterjorament ekonomiku u soċjali u t-tnaqqis fir-rata tat-tkabbir ser jissoktaw fis-snin li ġejjin, fost l-oħrajn minħabba l-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali tal-Istati Membri tal-UE. It-tkabbir ekonomiku sostenibbli għalhekk ser jiddependi minn domanda (interna) akbar, pereżempju, permezz ta' parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol. It-tkabbir fis-servizzi soċjali u fl-ekonomija soċjali, li wera r-reżiljenza tiegħu f'din il-kriżi, jaqdi rwol ewleni wkoll f'dan ir-rigward.

4.2 Il-Pakkett dwar l-Investment Soċjali jista' jagħti kontribut importanti għal dan il-għan. L-espansjoni tas-servizzi soċjali tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impjiegi aktar minn kwalunkwe forma oħra ta' nefqa pubblika. Barra minn hekk, l-investment fis-servizzi soċjali huwa meħtieġ biex jiġu sodisfatti d-domanda li dejjem tikber u l-bżonnijiet soċjali li dejjem jiżdiedu. Il-ksib tal-għanijiet ta' impjieg tal-Istrateġija Ewropa 2020 ser jiddependi miż-żieda fin-numru ta' nisa li jaħdmu u ser iwassal biex jiġu indirizzati l-qgħad (fost iż-żgħażaġh) u l-integrazzjoni mtejbja tan-nies avvanzati fl-età fis-suq tax-xogħol.

4.3 Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-appoġġ mogħti mill-Pakkett dwar l-Investment Soċjali fl-oqsma ta' politika nazzjonali, bħall-integrazzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali, għandhom jinkludu wkoll servizzi affordabbli, ta' kwalità għolja u li jistgħu jiġu aċċessati faċilment mill-gruppi żvantaġġati fis-soċjetà, bħal dawk b'diżabbiltà u n-numru dejjem akbar ta' individwi li jgħixu f'faqar estrem. Tali servizzi soċjali jżidu l-opportunitajiet tagħhom li jgħixu haġja deċenti u li jsibu u jibqgħu fl-impjieg.

4.4 L-eżempju tat-tħaris tat-tfal juri li bl-investment immirat, il-progress soċjali u soċjetali jista' jiġi abbinat ma' żieda fil-kompetittività. L-investment ikbar fit-tħaris tat-tfal u s-servizzi soċjali b'mod usa' (il-kura tal-anzjani, l-edukazzjoni, l-infermerija, is-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà, id-djar ta' kura (sheltered housing), eċċ.) minn naħa jgħollu l-istandard tal-postijiet, u fl-istess ħin jagħti kontribut importanti għat-tisħiħ tar-rati tal-impjieg fost in-nisa u dawk l-individwi li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, bħall-persuni b'diżabbiltà u jgħin biex titnaqqas il-prezzjoni minn fuq il-baġits pubbliċi fil-perjodu medju u fit-tul. Kif diġà ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni, huwa importanti li jiġi żgurat li dan l-investment ikun immirat lejn il-bżonnijiet speċifiċi ta' persuna pjuttost milli ta'

⁽⁴⁾ COM(2013) 83 final, p. 5.

⁽⁵⁾ COM(2013) 83 final, p. 6, 7.

grupp sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli u jingħata appoġġ individwali ⁽⁶⁾. Barra minn hekk, il-KESE huwa tal-opinjoni li jeħtieġ li jiġu prevenuti kull tip ta' problemi soċjali, indipendentement mill-età ta' daww ikkonċernati. Għaldaqstant il-prevenzjoni għandha tkun approċċ ġenerali tal-politika soċjali li għandha tiġi estiża biex tkopri l-gruppi soċjali kollha apparti t-tfal.

4.5 Is-suq tax-xogħol huwa fattur ewlieni għall-ġestjoni tat-tibdil demografiku u għall-konsolidazzjoni sostenibbli tal-baġits pubbliċi. Għaldaqstant ta' min jilqa' t-talba tal-Kummissjoni biex tittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, anke permezz ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol u integrazzjoni soċjali aktar b'saħħha. Jekk il-potenzjal tal-impjieg li jeżisti jintuża b'mod aktar effettiv, il-bilanċ bejn il-kontributuri u l-benefiċjarji jista' jinżamm b'mod ġenerali minkejja ż-żieda kbira hafla fl-għadd ta' persuni akbar fl-età ⁽⁷⁾. Madankollu, il-KESE jtenni l-opinjoni tiegħu li l-investiment soċjali għandu jikkonċerna wkoll lill-gruppi soċjali li għalihom il-benefiċċji soċjali ma jissarrfux fid-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol.

4.6 Fl-istess ħin, l-investiment soċjali u politika soċjali mtejbja mhux biss jistgħu jagħtu kontribut importanti għat-tisħiħ tal-impjieg. L-implimentazzjoni kontinwa tal-politika ta' inklużjoni soċjali fl-Istati Membri u l-għieda konsistenti kontra l-faqar iwasslu għal vantaġġi konsiderevoli għas-soċjetà kollha u għall-promozzjoni tal-paċi soċjali u l-koeżjoni fis-soċjetà.

4.7 Il-bidla fil-politika enfasizzata fil-Komunikazzjoni tikkontribwixxi b'mod importanti għall-konsolidazzjoni sostenibbli tal-baġits pubbliċi. Il-promozzjoni ta' tkabbir inklużiv u żieda sostanzjali fir-rati tal-impjieg sal-2020 jistgħu jipprovdu flessibilità addizzjonali fil-baġits pubbliċi tas-27 Stat Membru tal-UE, li tista' tilħaq mal-EUR 1 000 biljun ⁽⁸⁾.

4.8 Madankollu, għad iridu jiġu indirizzati kwistjonijiet importanti dwar il-bidla fil-prijoritajiet elenkati fil-Komunikazzjoni u l-integrazzjoni tagħha fis-Semestru Ewropew. Il-KESE jilqa' t-titjib fil-monitoraġġ però huwa konxju wkoll li l-orjentazzjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013 għadha tinkludi l-prijoritajiet tas-sena l-oħra. Fil-fehma tal-KESE għandha ssir enfasi akbar fuq l-investiment soċjali fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għat-tieni nofs tas-sena. Għalhekk, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (2014) għandu jikkunsidra b'mod espliċitu l-investiment soċjali u jinkludi l-problemi soċjali fis-Semestru Ewropew li jmiss. Barra minn hekk, matul is-Semestru għandu jiġi ċċarat b'mod espliċitu li

t-tisħiħ tal-investiment soċjali huwa kompatibbli ma' konsolidazzjoni "differenzjat[a] u favorevoli għat-tkabbir".

4.9 Madankollu, il-kummenti fil-Komunikazzjoni dwar il-finanzjament tal-inizjattiva ta' investiment soċjali u t-tibdil tal-istruttura tat-taxxa huma diżappuntanti u jmorru pass lura meta mqabbla mal-Pakkett tal-Impjieg fejn il-Kummissjoni rrakkomandat li jitnaqqas il-piż fuq l-impjieg u li l-kapital jiġi intaxxat aktar. Huwa biss jekk jiġi garantit il-finanzjament li tkun tista' titwettaq fil-prattika l-bidla fil-politika xprunata mill-Pakkett dwar l-Investiment Soċjali.

4.10 Madankollu, il-kwistjoni tal-finanzjament għall-Pakkett dwar l-Investiment Soċjali f'it li xejn ġiet indirizzata. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIF), b'mod partikolari l-FSE, jistgħu jkunu strumenti importanti ta' finanzjament jekk jintużaw b'mod aktar effikaċi iżda żgur li mhux ser ikunu biżżejjed biex tinkiseb il-bidla mixtieqa fil-politika. Minflok, il-KESE jtenni li huwa assolutament importanti li jiġu identifikati sorsi ġodda ta' dħul għall-baġits pubbliċi, apparti li tiżdied l-effiċjenza tan-nefqa pubblika u li tiġi mmirata b'mod aktar preċiż. Il-kontribut potenzjali ta' diversi tipi ta' dħul u assi għandu jiġi kkunsidrat f'dan ir-rigward ⁽⁹⁾. Fl-istess ħin, ir-riżorsi disponibbli għandhom jintużaw aħjar.

4.11 Il-KESE jinnota li l-loġika tal-investiment soċjali wasslet ukoll biex jinbidlu u jittejbu l-politiki li wrew li kienu ineffiċjenti. L-investiment primarju addizzjonali mhuwiex neċessarju. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti informazzjoni u kjari-fiki dwar il-politiki soċjali l-ġodda li huma aħjar għall-benefiċjarju aħħari u li l-ispejjeż tagħhom huma komparabbli jew inqas.

4.12 Il-KESE ilu li rrakkomanda li tiġi estiża l-enfasi biex mhux biss tinkludi n-nefqa iżda wkoll id-dħul pubbliku, pereżempju permezz tat-tibdil u l-espansjoni tal-bażijiet tat-taxxa, permezz ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, l-għeluq tar-rifuġi fiskali, u t-tmiem tal-kompetizzjoni tat-taxxa u l-għieda kontra l-evażjoni tat-taxxa ⁽¹⁰⁾. Huwa speċifikament fid-dawl tal-Pakkett dwar l-Investiment Soċjali u l-isfidi relatati miegħu li l-KESE jenfasizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jtenni b'mod espliċitu l-bżonn ta' programm ekonomiku u ta' investiment Ewropew ta' madwar 2 % tal-PDG ⁽¹¹⁾. Għalkemm dan il-pakkett jistabbilixxi l-prijoritajiet it-tajba, ma jinkludix proposti għal pakkett dwar l-investiment soċjali li jmur lil hinn mid-dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni u jersaq lejn l-implimentazzjoni Prattika ta' prijoritajiet politiki ġodda.

⁽⁶⁾ COM(2013) 83 final, p. 8.

⁽⁷⁾ COM(2012) 55 final, White Paper – Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli, p. 6.

⁽⁸⁾ Ara d-Dokument dwar Kwistjonijiet Prinċipali tal-EPC, Nru 72, Novembru 2012: "1 000 billion euros at stake: How boosting employment can address demographic change and public defiċits (Hemm involuti EUR 1 000 biljun: kif it-tisħiħ tal-impjieg jista' jindirizza t-tibdil demografiku u d-defiċits pubbliċi)".

⁽⁹⁾ Ara ĠU C 143, 22.5.2012, p. 94-101, punt 4.3, kif ukoll ĠU C 306, 16.12.2009, p. 70-75, punt 3.4.2.

⁽¹⁰⁾ Ara ĠU C 143, 22.5.2012, p. 23-28, punt 6.1.3.1.

⁽¹¹⁾ Ara ĠU C 133, 9.5.2013, p. 77-80, punt 3.2.4.

4.13 Barra li titlob lill-Istati Membri biex jinvolvu aktar mill-qrib lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ħaġa li l-KESE jappoġġja bis-sħiħ, il-Kummissjoni għandha tfassal mill-aktar fis proposti speċifiċi għall-involviment aktar mill-qrib u kontinwu tagħhom fil-proċess ta' koordinazzjoni tas-Semestru Ewropew. Dan jikkonċerna fost affarijiet oħra l-enfasi aktar qawwija fuq l-investiment soċjali u l-inklużjoni attiva. Tali involviment għandu jkollu approċċ fundamentali u jippermetti li t-tfassil tal-politiki jiġi influwenzat b'mod ġenwin.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) biex jirreġistra d-data tad-dħul u l-ħruġ ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea”

COM(2013) 95 final — 2013/0057 (COD)

dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta’ Dħul u Ħruġ (EES) u tal-Programm ta’ Vjaġġaturi Rreġistrati”

COM(2013) 96 final — 2013/0060 (COD)

u dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta’ Vjaġġaturi Rreġistrati”

COM(2013) 97 final — 2013/0059 (COD)

(2013/C 271/18)

Relatur Ġenerali: is-Sur PÎRVULESCU

Nhar l-14 ta’ Marzu u s-16 ta’ April 2013 u nhar is-27 ta’ Marzu 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċiedew rispettivament, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) biex jirreġistra d-data tad-dħul u l-ħruġ ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

COM(2013) 95 final — 2013/0057 (COD)

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta’ Dħul u Ħruġ (EES) u tal-Programm ta’ Vjaġġaturi Rreġistrati

COM(2013) 96 final — 2013/0060 (COD)

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta’ Vjaġġaturi Rreġistrati

COM(2013) 97 final — 2013/0059 (COD).

Nhar id-19 ta’ Marzu 2013, il-Bureau tal-Kumitat ta’ istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-490 Sessjoni Plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju) li jaħtar lis-Sur Pîrvulescu bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b’125 vot favur, 4 voti kontra u 3 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-pakkett leġislattiv huwa parti mill-pakkett tal-ġenerazzjoni li jmiss ta’ kontrolli fil-fruntieri, li hija inizjattiva strateġika fil-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni għall-2012. Skont il-Kummissjoni Ewropea, il-pakkett iwieġeb għal żewġ sfidi kbar u interkonnessi: kif se jiġi sorveljat il-fluss tal-ivvjaġġar u ċ-ċaqliq ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fuq il-fruntieri esterni għaż-żona Schengen kollha kemm hi, u kif se jiġi żgurat li l-qsim ta’ fruntieri jkun mgħaġġel u sempliċi għall-għadd kbir ta’ vjaġġaturi regolari li jagħmlu l-maġġoranza kbira ta’ daww li jaqsmu l-fruntiera.

1.2 Fil-komunikazzjoni tagħha tat-13 ta’ Frar 2008 “Preparing the next steps in border management in the European Union” (It-thejjja tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-

Unjoni Ewropea), il-Kummissjoni ssuġeriet it-twaqqif ta’ sistema ta’ dħul/ħruġ (EES).

1.3 Il-proposta kienet approvata fil-Programm ta’ Stokkolma miftiehem mill-Kunsill Ewropew f’Diċembru 2009, li afferma mill-ġdid il-potenzjal għal sistema ta’ dħul/ħruġ li tippermetti lill-Istati Membri jaqsmu d-data b’mod effettiv waqt li tissalvagwardja l-protezzjoni tad-data.

1.4 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta’ Ġunju 2011 sejh biex tithaff il-ħidma dwar il-fruntieri intelliġenti. Bi tweġiba, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni ġdida fil-25 ta’ Ottubru 2011 dwar alternattivi differenti u l-passi li jmiss.

1.5 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fassal għadd ta' opinjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni taż-żewġ sistemi kumplimentari⁽¹⁾. L-opinjonijiet tiegħu enfasizzaw il-valur miżjud tal-impenji u l-istrumenti tal-UE biex jindirizzaw l-isfidi tal-mobbiltà transkonfinali li dejjem tiżdied. L-UE għandha rwol u responsabbiltà ewlenija li tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri. Minħabba l-isfidi riċenti marbuta mal-mobbiltà u l-migrazzjoni, il-KESE rrakomanda l-prinċipji tal-proporzjonalità u l-effettività. Il-KESE ppromwova wkoll l-importanza ċentrali li tkun żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Billi hija mistennija żieda fil-mobbiltà fuq il-fruntieri tal-UE, għandhom jitħaffu l-isforzi biex jinbnew sistemi affidabbli u effettivi ta' ġestjoni u kontroll tal-fruntieri.

2.2 Il-KESE jilqa' l-approċċ bażiku tal-pakkett dwar il-fruntieri intelliġenti, li għandu l-għan li jilħaq bilanċ tajjeb bejn il-ħtieġa tal-inkoraġġiment tal-mobbiltà u s-serħan tal-moħħ rigward it-tħassib dwar is-sigurtà li jidher li żdied madwar l-UE f'dawn l-aħħar snin.

2.3 Il-KESE jirrikonoxxi il-valur miżjud ta' impenn, ġestjoni u investiment fil-livell tal-UE u jispera li l-Istati Membri jikkordinaw l-isforzi sabiex jiżguraw implimentazzjoni b'suċċess tal-programmi ppjanati.

2.4 Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-identità tal-Unjoni Ewropea hija assoċjata espliċitament u impliċitament mal-ftuħ u l-interkonnessjoni mhux biss fi ħdanha iżda wkoll lil hinn mill-fruntieri. L-UE hija spazju kulturali, soċjali, politiku u ekonomiku attiv u l-mobbiltà transkonfinali hija strumentali biex iżżomm ir-relevanza tagħha fuq livell dinji. Għalhekk, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi l-ġodda ma jeffettwawx l-ivvjaġġar jew ix-xewqa għall-ivvjaġġar lejn l-UE ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

2.5 Bl-istess mod, għandha tingħata attenzjoni tajba għall-perċezzjoni pubblika taż-żewġ sistemi u kif dawn jaħdmu, u r-regoli għandhom jiġu spjegati tajjeb liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-UE u l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi biex jiżguraw li l-vjaġġaturi prospettivi jkollhom aċċess għal informazzjoni u appoġġ, speċjalment rigward id-drittijiet tagħhom. Il-pakkett għandu bżonn dimensjoni ta' komunikazzjoni ffinanzjata sew.

2.6 Il-KESE jistieden lill-atturi u l-istituzzjonijiet kollha rilevanti biex jikkunsidraw id-drittijiet fundamentali waqt li ż-żewġ sistemi jkomplu jiġu żviluppati u implimentati. Minkejja natura pjuttost teknika taż-żewġ sistemi, hemm impatt sinifikanti fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni / iċ-ċittadini kollha minn pajjiżi terzi li jiġu fl-UE. Il-KESE jilqa' l-attenzjoni li tingħata lill-kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data / privatezza tad-data u jispera li se tingħata attenzjoni xierqa lill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kollha u li din tkun sorveljata sew.

2.7 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni lejn id-differenzi sinifikanti fl-oqsfa u l-kapaċitajiet istituzzjonali bejn l-Istati Membri, li ħafna minnhom jimplimentaw il-verżjoni tagħhom taż-żewġ sistemi. Bidla daqshekk kbira, bl-involvement ta' għadd sinifikanti ta' istituzzjonijiet u persuni, hija sfida, li tista' tkun mimlija riskji. L-istituzzjonijiet involuti għandhom jiżguraw li t-tranżizzjoni b'ebda mod ma teffetwa lill-vjaġġaturi.

2.8 Fid-dawl ta' esperjenzi preċedenti, il-KESE jixtieq ukoll jiġbed l-attenzjoni għall-problema tal-ispejjeż u l-istima tagħhom. Sistemi bħal dawn jiswew il-flus u għandna niżguraw li l-ispiża hawnhekk tkun proporzjonali u effettiva. Barra minn dan, l-istima inizjali għandha tkun preċiża kemm jista' jkun.

2.9 Il-KESE jixtieq jappella għal riflessjoni ulterjuri fuq id-differenzjazzjoni tal-vjaġġaturi, li hija element ewlieni tal-programm ta' politika ta' fruntieri intelliġenti. Huwa possibbli li d-differenzjazzjoni tirriżulta fil-fatt fi kważi diskriminazzjoni. L-aċċess għall-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP) se jiddependi mill-istatus id-dħul, il-ħiliet lingwistiċi u l-edukazzjoni. Dan ir-riskju jista' jiġi mitigat jekk l-awtoritajiet rilevanti jieħdu perspettiva inklużiva tat-tipi ta' attivitajiet u affiljazzjonijiet aċċettabbli tal-vjaġġaturi prospettivi.

2.10 Il-KESE jinnota n-nuqqas ta' data rilevanti u speċifika dwar il-mobbiltà. Barra minn nuqqas ta' ċifri preċiżi dwar il-vjaġġaturi għal żmien qasir li jibqgħu għal iktar żmien milli suppost, hemm nuqqas ta' data kwalittativa li tista' tgħin biex jiftiehem dan il-fenomen. Il-politika m'għandhiex toqgħod biss fuq id-data kwantitattiva li tingħabar ladarba jiddaħħlu s-sistemi. Jinħtieġu iktar riżorsi għar-riċerka dwar l-użu u l-abbużi tas-sistema attwali.

2.11 Il-KESE jinkoraġixxi lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni sew lit-taħriġ tal-persunal li jaħdem direttament mal-vjaġġaturi, speċjalment uffiċjali tal-konsolati u uffiċjali tal-fruntiera. Dawn għandhom ikunu wkoll mħarrġa tajjeb u kapaċi jgħinu lill-vjaġġaturi permezz ta' proċeduri li teknikament huma ta' sfida u psikoloġikament sensitivi.

⁽¹⁾ (ĠU C 88, 11.4.2006, p. 37–40), (ĠU C 128, 18.5.2010, p. 29–35), (ĠU C 128, 18.5.2010, p. 80–88), (ĠU C 44, 11.2.2011, p. 162–166), (ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74–80), (ĠU C 299, 4.10.2012, p. 108–114).

2.12 Waqt li jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-ġbir ta' data bijometrika, il-KESE jinnotta l-impatt li l-ġbir tal-marki tas-swaba' jħalli fuq vjaġġaturi regolari u mhux regolari. L-impatt psikoloġiku huwa ta' detriment għall-motivazzjoni biex wieħed jivvjaġġa u, ġeneralment, għar-relazzjoni tal-individwu mas-soċjetà ospitanti. Barra minn dan, il-ġbir tal-marki tas-swaba' huwa tradizzjonalment assoċjat ma' attivitajiet kriminali u prattiċi tal-pulizija. Il-KESE jitlob iktar konsiderazzjoni tal-ġbir tad-data bijometrika bħala parti miż-żewġ programmi u tal-modi biex jitnaqqsu l-effetti negattivi tiegħu.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 Il-KESE jikkunsidra li d-dritt li tkun infurmat għandu jsir effettiv, speċjalment fl-użu tad-data personali. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu jafu dwar id-drittijiet tagħhom. F'ċerti sitwazzjonijiet, l-ostakli lingwistiċi jista' jkollhom rwol billi jxekklu l-użu effettiv ta' dan id-dritt. Il-bażijiet ta' data tal-ġustizzja u affarijiet interni (ĠAI) eżistenti jew mistennija għandhom, bħala regola, jipprevedu għan-nondiskriminazzjoni, li għandha tkun marbuta mill-qrib mal-iżgurar ta' konfromità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data (id-dritt għall-informazzjoni, rimedji effettivi u l-kunsens individwali għall-ipproċessar tad-data) fil-konfront ta' pajjiżi terzi, b'attenzjoni partikolari għall-kategoriji vulnerabbli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala soġġetti tad-data.

3.2 Il-KESE jidhirlu li teħtieġ stampa iktar dettaljata tal-Bażijiet tad-data tal-ĠAI u l-iskemi ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea għandha, fuq bażi regolari, possibbilment kull sena, tippovdi rapport ta' monitoraġġ konsolidat dwar l-attività tal-iskemi kollha li jinvolvu l-iskambju ta' data u informazzjoni fil-qasam tal-politika tal-ĠAI b'indikazzjoni ta' x'tip ta' informazzjoni tintbgħat u għal liema raġuni.

3.3 L-UE għandha tinkoraġixxi lill-gvernijiet nazzjonali biex jappoġġjaw sew l-istituzzjonijiet li għandhom ir-responsabbiltà li jeżerċitaw monitoraġġ u superviżjoni fuq is-sistema ta' dħul/ħruġ.

3.4 Il-KESE jilqa' x-xejra gradwali minn approċċ ibbażat fuq il-pajjiż għall-approċċ ibbażat fuq l-individwu għall-għoti ta' aċċess għall-RTP. Jirrakomanda intervista mal-applikant bħala n-norma, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm bżonn ċjarifiki ulterjuri. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għal-loġika tal-profil (teħid awtomatiku tad-deċiżjoniet) u l-estrazzjoni tad-data assoċjati mal-Bażijiet ta' data tal-ĠAI u Fruntieri

Intelliġenti u jikkunsidra li l-użu potenzjal tar-razza, l-etniċità jew karatteristiċi oħra sensittivi bħala bażi għas-sorveljanza statistika tad-data huwa diffiċli li jkun rikonċiljat mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, mal-leġislazzjoni sekondarja u mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali.

3.5 Il-KESE jirrakkomanda definizzjoni iktar inklużiva tal-vjaġġaturi frekwenti li tkopri kull attività kulturali, ekonomika u soċjali. Jinkoraġixxi lill-Istati Membri biex jikkunsidraw id-diversità sħiħa tal-ħajja soċjali. Għandna nevitaw li nagħtu tratement preferenzjali lil xi kategorija soċjo-professjonali speċifika.

3.6 Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jitolbu li jkunu rreġistrati fl-RTP fil-konsolati, iċ-ċentri komuni ta' applikazzjoni u kwalukwe punt fejn wieħed jaqsam il-fruntiera. Dan huwa ta' għajnuna għall-applikant, iżda huwa wkoll sfida ġestjonali. Il-persunal kollu involut għandu jkun infurmat u mħarreġ sew dwar kif taħdem is-sistema.

3.7 Il-KESE jaħseb li l-proċedura ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ/ospitar tista' tkun ta' piż. Jekk tinżamm, almenu għandu jkollha format minimu u standard biex tintuża madwar l-UE. B'dan il-mod l-Istati Membri ma jużawx id-dikjarazzjoni bħala deterrent.

3.8 Bħala prinċipju, il-ħruġ ta' dokumenti ta' appoġġ meħtieġa biex timtela l-applikazzjoni tal-RTP m'għandhux jinvolvi spejjeż eċċessivi u bla bżonn għall-applikant u l-organizzazzjonijiet involuti. L-ispejjeż li jġarrbu l-applikanti individwali u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għandhom ikunu kalkolati bħala parti mill-evalwazzjonijiet interim.

3.9 Fir-rigward tal-perjodu li fih l-awtoritajiet rilevanti jridu jieħdu deċiżjoni, nirrakomandaw li jkun stabbilit perjodu massimu ta' 25 ġurnata, waqt li ninkoraġġixxu lill-awtoritajiet jieħdu deċiżjoni mill-iktar fis possibbli.

3.10 Il-kriterji għar-rifjut ta' applikazzjoni tal-RTP għandhom jiġu ċċarati. Mhux ċar fuq liema bażi huwa evalwat il-livell ta' theddid għall-politika pubblika, s-sigurtà interna u s-saħħa pubblika. Dan jiftaħ it-triq għal deċiżjonijiet arbitrarji. Din l-evalwazzjoni ssir minn eluf ta' individwi li għandhom sfond, taħriġ u livell ta' informazzjoni differenti dwar il-vjaġġatur, l-attivitajiet tiegħu u pajjiżu. Barra minn dan, l-elekar ta' theddida għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' Stat Membru bħala raġuni għaċ-ċaħda tad-dħul huwa dubbjuż.

3.11 Importanti ħafna li applikanti li ma jgħux aċċettati (applikazzjonijiet mhux milqugħa jew dawk rifjutati) jkunu jistgħu jappellaw id-deċiżjoni effettivament. Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jgħinu lill-individwi li jixtiequ jeżerċitaw id-dritt ta' appell tagħhom.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal emenda għall-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 607 final/2 — Għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006”

COM(2013) 145 final — 2011/0268 (COD)

u dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006”

COM(2013) 146 finali — 2011/0276 (COD)

(2013/C 271/19)

Relatur ġenerali: **is-Sur SOARES**

Nhar it-25 ta’ Marzu 2013, il-Kunsill iddeċieda, b’konformità mal-Artikoli 164 u 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal emenda għall-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 607/F2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006

COM(2013) 145 final – 2011/0268 (COD)

u dwar

il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006

COM(2013) 146 final – 2011/0276 (COD).

Nhar is-16 ta’ April 2013, il-Bureau tal-Kumitat ta iStruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u s-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tas-22 ta’ Mejju) li jaħtar lis-Sur Mário SOARES bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b’135 vot favur, 3 voti kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Minkejja r-riżervi dwar l-ammont u l-mod kif qed jiġu finanzjati l-inizjattivi għall-impjieġ u l-Garanzija għaż-żgħażaġh, il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li hemm bżonn tibdil skont il-linji ġenerali f’din il-Proposta, ir-Regolamenti tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fondi strutturali.

1.2 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li l-politiki li ser jiġu stabbiliti jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-ħolqien ta’ impjieġi stabbli u ta’ kwalità, u li jsaħħu l-koeżjoni soċjali.

1.3 Il-KESE jiddispaċih li l-fondi destinati għall-finanzjament tal-Inzjattiva għall-impjieġ taż-żgħażaġh ma jirriżultawx minn tisħiħ tal-baġit tal-Unjoni imma tneħħew mill-pakkett baġitarju globali destinat għall-koeżjoni, li huwa diġà inqas minn dak li kien disponibbli għall-perjodu 2007/2013

1.4 Il-KESE jinsab konvint li l-ammont previst, jiġifieri EUR 6 biljun, mhuwiex biżżejjed meta jitqies id-daqs tal-problema u l-urġenza li biha għandha tissolva.

1.5 Sakemm il-kriżi ma tkunx għadha ntemmet u l-ħolqien tal-impjiegi ma jkunx għadu beda, il-KESE jipproponi li jkun hemm iktar flessibbiltà fl-iffissar tal-perċentwal tal-qgħad fost iż-żgħażaġh li jagħti aċċess għall-fondi disponibbli, b'tali mod li tkun tista' tiġi evalwata s-sitwazzjoni tal-qgħad taż-żgħażaġh, jew li l-perċentwal jiġi stabbilit għal 20 %.

1.6 Il-KESE jirrakkomanda li l-ikbar età għall-aċċess għall-Garanzija għaż-żgħażaġh tiżdied għal 30 sena, b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn ir-rati tal-qgħad taż-żgħażaġh ikunu ogħla.

1.7 Fl-aħħar nett, il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri biex ma jnaqqasux l-impenji finanzjarji li l-proposta għal qafas finanzjarju pluriennali tipprevedi għall-promozzjoni tal-impjeg taż-żgħażaġh, u biex jaċċettaw is-suġġeriment tal-Kummissjoni li jużaw riżorsi supplimentari biex jilhqnu l-għan li tinqered problema li thedded il-futur ta' ġenerazzjoni sħiħa ta' żgħażaġh Ewropej.

2. Elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1 B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Frar 2013 biex tinholq Garanzija għaż-żgħażaġh, il-Kummissjoni qed tressaq żewġ proposti: l-ewwel waħda temenda l-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 607 /F2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006. filwaqt li t-tieni waħda temenda l-Proposta COM(2012) 496 r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għal diversi fondi u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill (COM(2013) 146 final).

2.2 Dawn il-proposti għandhom l-għan li jipprovdu l-finanzjament tal-Inizjattiva għall-impjeg taż-żgħażaġh fil-qafas tal-"Garanzija għaż-żgħażaġh", li tiggarantixxi liż-żgħażaġh kollha ta' 25 sena jew iktar opportunità ta' impjeg diċenti, taħriġ addizzjonali jew apprendistat professjonali fl-erba' xhur wara li jtemmu l-istudji tagħhom jew wara li jkunu tilfu l-impjeg tagħhom.

2.3 Il-finanzjament totali previst għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 6 biljun, li minnhom EUR 3 biljun huma investimenti tal-Fond Soċjali Ewropew u EUR 3 biljun jiġu allokati speċifikament lill-Inizjattiva għall-impjeg taż-żgħażaġh fil-qafas tas-sottotitolu 1b) "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".

2.4 Il-finanzjament previst huwa destinat għar-reġjuni tal-livell NUTS 2 li għandhom rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh (bejn il-15 u l-25 sena) ta' iktar minn 25 % fl-2012.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Is-sitwazzjoni drammatika tal-qgħad fost iż-żgħażaġh f'bosta Stati Membri tiġġustifika fil-wisa' l-inizjattiva deċiża mill-Kunsill fit-28 ta' Frar 2013 li tinholq Garanzija għaż-żgħażaġh, li għet mitluba kemm-il darba u f'forom differenti mill-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

3.2 Skont il-Kummissjoni Ewropea, l-Unjoni għandha 7,5 miljun persuna NEET ⁽¹⁾, li jirrappreżentaw 12,9 % taż-żgħażaġh Ewropej bejn il-15 u l-24 sena. Fosthom għadd kbir ma spiċċawx l-istudji sekondarji tagħhom u ħallew l-iskola qabel il-waqt; għadd kbir minnhom huma immigranti jew jiġu minn kategoriji soċjali żvantaġġati. Madankollu, qed jiġi nnotat ukoll li f'ċerti pajjiżi s-sitwazzjoni sejra lura fil-każ ta' żgħażaġh mill-klassi tan-nofs (il-foqra l-ġodda), li għadhom ma spiċċawx l-istudji tagħhom u hemm ir-riskju li ma jistgħux ikompluhom.

3.3 F'Opinjonijiet preċedenti, il-KESE enfasizza ċ-ċifri katastrofiċi tal-qgħad taż-żgħażaġh fl-UE u talab lill-partijiet kollha interessati biex jadottaw miżuri urġenti, effikaċi u konklużivi biex ikissru ċ-ċiklu vizzjuż li qed jhedded il-futur ta' ġenerazzjoni sħiħa ⁽²⁾. Din mhix biss kwistjoni ta' problema konkreta li tolqot lill-persuni konċernati imma hija anke theddida li tinfluenza l-koeżjoni soċjali tal-UE, li fit-tul tista' tikkomprometti tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-Ewropa.

3.4 Il-KESE jenfasizza li l-politiki deċiżi bħalissa għandhom jikkontribwixxu għall-irkupru tat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u stabbli, li jkollhom il-garanziji u l-protezzjoni li tradizzjonalment ikkontribwew għall-kostruzzjoni tal-mudell soċjali Ewropew u l-koeżjoni soċjali. Fl-istess ħin huwa jafferma mill-għdid l-importanza tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' dawn il-politiki.

3.5 Fir-realtà, l-Inizjattiva għall-impjeg taż-żgħażaġh, integrata fil-Garanzija għaż-żgħażaġh, mhijiex ser tkun effettiva ħlief jekk timxi id f'id ma' sforz korrispondenti għad-domanda tas-suq tax-xogħol (jiġifieri, jekk jeżisti tkabbir ekonomiku). Barra minn hekk, l-edukazzjoni, l-apprendistati professjonali għall-kwalifiki u t-titjib tal-kompetenzi ta' miljuni ta' żgħażaġh bi prospettivi f'qar għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol fihom infushom iġibu magħhom riskji enormi.

3.6 Il-KESE jinnota bi tħassib li l-Kunsill Ewropew iqis lid-diffikultajiet ekonomiċi tal-Ewropa essenzjalment bħala problema ta' konsolidazzjoni baġitarja, mingħajr ma jipprova jikkwantifika l-kost tal-għażla jew il-konsegwenzi negattivi, bħall-qgħad tal-massa li qed jolqot liż-żgħażaġh, id-diżillużjoni u d-disprament ⁽³⁾.

⁽¹⁾ NEETs: dawn huma żgħażaġh li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ.

⁽²⁾ B'mod partikolari ara l-opinjoni tal-ĠU C 161, 6.6.2013, p. 67-72 "Inressqu ż-Żgħażaġħ lejn l-Impjiegi", adottata matul is-sessjoni plenarja tal-21 ta' Marzu 2013 u dalwaqt tiġi ppubblikata.

⁽³⁾ Il-prezz tan-nuqqas ta' integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, minħabba trasferimenti soċjali eċċessivi jew taxxi li ma jingabarux, huwa ta' iktar minn EUR 150 biljun.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 L-emendi mressqa mill-Kummissjoni għandhom l-għan li jadattaw ir-Regolament li attwalment jirregola l-Fond Soċjali Ewropew u Regolament Ġenerali dwar id-diversi fondi Ewropej skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar; barra minn hekk, il-kummenti li ġejjin ma jikkonċernawx il-proposti tla-Kummissjoni imma l-linji gwida proposti mill-Kunsill.

4.2 Fil-kuntest ta' kriżi bħal dik li għaddejjin minnha, il-KESE jiddispjaċih li l-Kunsill qed jipproponi baġit tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2020 li huwa inqas minn dak tal-perjodu preċedenti, ħaġa li għandha impatt negattiv fuq ir-riżorsi meħtieġa biex tiġi ffaċċata s-sitwazzjoni attwali.

4.3 Minn din id-deċiżjoni jirriżulta li l-finanzjament propost għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh mhuwiex żieda baġitarja imma tnaqqis fil-krediti destinati għal intestaturi oħra; 3 biljuni għall-Fond Soċjali Ewropew u 3 biljuni għall-politika ta' koeżjoni.

4.4 Barra minn hekk, l-ammont globali allokat ta' EUR 6 biljun, fuq perjodu ta' seba' snin, huwa ċar li mhux biżżejje⁽⁴⁾.

4.5 L-għażla tal-2012 biex jiġi determinat il-perċentwal ta' żgħażaġh (25 %) li għandhom id-dritt għall-fondi allokat li llum ma tqisx l-evoluzzjoni tal-kriżi u lanqas tar-riċessjoni attwali u

hemm ir-riskju li jiġu injorati s-sitwazzjonijiet drammatiċi li jistgħu jinħolqu matul dan il-perjodu. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn iktar flessibbiltà biex tkun tista' tiġi evalwata s-sitwazzjoni tal-qgħad taż-żgħażaġh, jew, bħala miżura ta' prekawżjoni, li dan il-perċentwal għandu jitbaxxa għal 20 %.

4.6 Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li l-ikbar eżerċizzju wieħed jikkwalifika għall-Garanzija għaż-żgħażaġh tiżdied għal 30 sena, b'tali mod li ż-żgħażaġh li jispiċċaw iktar tard mill-università jew isibu lilhom infushom f'fażi ta' tranżizzjoni bejn it-taħriġ u l-impjieg ikollhom aċċess. Dan huwa partikolarment importanti għall-pajjiżi b'rati ogħla ta' qgħad fost iż-żgħażaġh.

4.7 Il-KESE japprova d-deċiżjoni li l-Istati Membri jkunu eżentati mill-kofinanzjament fir-rigward tal-għotjiet speċifiċi għall-impjieg taż-żgħażaġh (EUR 3 biljun), kif ukoll li ma tiġix applikata r-riżerva tal-prestazzjoni ta' 5 % tar-riżorsi allokat għall-Inizjattiva għall-impjieg taż-żgħażaġh.

4.8 Fl-aħħar nett, u bħala affermazzjoni mill-ġdid, għad li taħt riżerva tal-kummenti msemmija hawn fuq, li din l-inizjattiva għandha tiġi appoġġjata, il-KESE jirrakkomanda li tinbidel f'miżura strutturali tal-politiki attivi tal-impjieg u ma tiġix limitata għall-istatus ta' strument li jservi biex tiġi konfrontata l-kriżi ekonomika attwali⁽⁵⁾.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽⁴⁾ Skont l-ILO, li laqa' din l-inizjattiva, għad li b'mod prudenti, il-ħtiġiet finanzjarji biex inkunu nistgħu nistennew żvilupp sinifikanti tas-sitwazzjoni, jilhqgħu l-EUR 21 biljun.

⁽⁵⁾ B'koerenza mal-opinjoni tal-KESE "Inressqu ż-żgħażaġh lejn l-impjieg" ĠU C 161, 6.6.2013, p. 67-72), adottat fil-21 ta' Marzu 2013 (dalwaqt tiġi ppubblikata), l-Inizjattiva għall-impjieg taż-żgħażaġh trid tintrabat mas-Semestru Ewropew.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — CARS 2020: Pjan ta’ azzjoni għal industrija tal-karozzi kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa”

COM(2012) 636 final

(2013/C 271/20)

Relatur: **is-Sur RANOCCHIARI**

Korelatur: **is-Sinjura HRUŠECKÁ**

Nhar it-8 ta’ Novembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – CARS 2020: Pjan ta’ azzjoni għal industrija tal-karozzi kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa

COM(2012) 636 final.

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-12 ta’ Marzu 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-23 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’147 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) japprezza l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea, b’mod partikolari dak tal-Viċi President tagħha, is-Sur Antonio TAJANI, Kummissarju għall-Industrija u l-Intraprenditorija li, bħala l-ewwel pass, ivverifika l-istat attwali tas-settur tal-karozzi billi jisma’ l-fehmiet tal-partijiet interessati fi ħdan il-Grupp ta’ Livell Għoli CARS 21. Imbagħad, abbażi tar-riżultati ta’ dan l-eżerċizzju, nieda pjan ta’ azzjoni sabiex tingħeleb is-sitwazzjoni diffiċli li s-settur jinsab fiha, u biex jgħinu jirkupra minnha.

1.2 Hemm tal-inqas tliet punti prinċipali mill-erba’ punti fost il-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinstabu fil-pjan ta’ azzjoni propost fil-Komunikazzjoni dwar CARS 2020 li l-KESE jappoġġja bis-sħiħ. Dawn huma l-kontribuzzjoni finanzjarja għar-riċerka, ir-regolamentazzjoni intelliġenti li ma tgħabbix is-settur bi spejjeż bla bżonn u l-iżvilupp tad-dimensjoni internazzjonali tas-settur innifsu. Dwar ir-raba’ punt, il-KESE jappoġġja s-suġġerimenti tal-Kummissjoni li jiġu antiċipati l-bidliet, iżda jibqa’ xi dubji dwar il-proċess tar-ristrutturar.

1.3 Din hija strateġija ambizzjuża, li tipprova ssib bilanċ bejn il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħtieġa għal kompetittività akbar, jiġifieri li l-karozzi jkunu kompetittivi u sostenibbli, filwaqt li jirbħu l-isfida kontra kompetizzjoni esterna u interna li dejjem qed issir aktar aggressiva, waqt li jiġi assigurat mod soċjalment aċċettabbli għal din it-tranżizzjoni.

1.4 Biex jintlaħaq dan il-għan, hemm bżonn li nersqu lejn politika ekonomika u kummerċjali komuni, bl-użu tal-mezzi kollha disponibbli fil-livell Ewropew biex il-miżuri rakkoman-

dati jiġu implimentati bl-iżjed mod urġenti. Iridu jingħelbu dawk id-diviżjonijiet li sa issa ma ppermettewx li l-kriżi tiġi ffaċċjata b’mod rapidu u koordinat, u jekk hemm bżonn jinbidlu ċerti fehmiet, jekk mhux ukoll deċiżjonijiet, li jistgħu jfixxlu t-tweġġ tal-pjan u, b’hekk, l-irkupru tas-settur.

1.5 Problema ewlenija ta’ dawn iż-żminijiet tirrigwarda d-disponibbiltà limitata tal-fondi biex kemm il-manifatturi kif ukoll il-fornituri tal-komponenti tagħhom ikopru l-investimenti kbar li jridu jagħmlu fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni sabiex jilhqnu l-oġettivi tal-Kummissjoni fis-snin li ġejjin. Il-problema hija terġa’ aktar serja għall-SMEs u kumpaniji oħra relatati u spiss dipendenti li joperaw fil-katina ta’ produzzjoni ta’ dan is-settur.

1.6 Il-KESE jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tevita inċentivi li huma “teknoloġikament speċifiċi”, jiġifieri li huma riżervati għal teknoloġija waħda speċifika filwaqt li ma jgħoddux għall-oħrajn. Din id-deċiżjoni, però, m’għandhiex tfisser li l-inċentivi għall-perjodu ta’ żmien qasir sa medju (pereżempju il-metan, il-gass likwifikat miż-żejt (liquefied petroleum gas – LPG), il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-magni effiċjenti ħafna) għandhom joħlqu problemi għall-iżvilupp fuq perjodu ta’ żmien medju sa twil, bħalma huma l-karozzi elettriċi u dawk li jaħdmu bl-idroġenu.

1.7 Fir-rigward tar-regolamenti dwar is-CO₂, il-KESE huwa tal-fehma li approċċ ibbażat fuq il-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja (life cycle assessment – LCA) biss jista’ jgħin biex inaqqas il-marka ambjentali totali tal-vetturi.

1.8 Il-Komunikazzjoni ssostni li l-industrija Ewropea tal-karozzi għaddeja minn proċess sinifikanti ta' ristrutturar (li jinkludi l-possibbiltà li jingħalqu għadd ta' stabbilimenti) u li dan ser ikollu riperkussjonijiet fuq l-impjieg. Minkejja dan, ma teżaminax jew tidħol fid-dettall dwar il-fenomeni prinċipali li huwa l-bażi ta' dan kollu – jiġifieri l-kapaċità strutturali żejda tal-produzzjoni fl-Ewropa. Għalkemm m'hemmx data preċiża dwar il-kobor ta' dan il-fenomeni, l-analisti tas-settur iqisu li hemm kapaċità żejda ta' bejn tliet u ħames miljun vettura. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tniedi mill-aktar fis riċerka aktar dettaljata sabiex jiġu pprovduti ċifri aktar preċiżi dwar l-impjieg u l-kapaċità żejda u l-ispejjeż ta' kwalunkwe użu insuffiċjenti tal-kapaċità.

1.9 Jidher li l-Kummissjoni qed tieħu pożizzjoni wisq laxka billi taqdi rwol li huwa biss komplementari għal dak tan-negozji, l-Istati u r-reġjuni. Għandu wkoll jitqies il-fatt li jekk ma tinstabx soluzzjoni komuni għall-problema, jista' jiddgħajf għan ieħor tad-dokument – it-tisħiħ tal-kompetittività fis-swieq globali. Il-KESE għalhekk isostni li l-kwistjoni tal-kapaċità żejda produttiva ma tistax tiġi ffaċċjata b'mod frammentat, imma teħtieġ gwida li tikkordina l-proċess innifsu.

1.10 Il-KESE jiddispaċih li dan l-aspett tant importanti mill-lat soċjali ma ġiex indirzzat b'mod adegwat fil-pjan ta' azzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea li tieħu din ir-responsabbiltà fuqha billi teżerċita d-dritt ta' inizzjattiva tagħha, tiżviluppa linji gwida u tiġbor il-prattiki tajba li ntużaw fil-passat u li għenu biex jiġi evitat li jitkeċċew il-ħaddiema. Minħabba l-urġenza tal-każ, il-Kummissjoni tista', u fil-fehma tal-KESE għandha, tieħu r-rwol li tikkordina u eventwalment anke tappoġġja b'mod finanzjarju operazzjoni vasta ta' ristrutturar li, mingħajr ġestjoni adegwata, tista' tikkawża effetti destabilizzanti f'ħafna mir-reġjuni Ewropej, u tolgot ħażin l-impjieg fis-settur. Il-KESE jirrakkomanda b'mod qawwi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti mill-qrib fi kwalunkwe pian ta' ristrutturar.

1.11 Sabiex din l-operazzjoni tirnexxi, u tinżamm il-bażi ta' manifattura tas-settur ġewwa l-Ewropa, jeħtieġ li jiġi rinfurzat djalogu soċjali miftuħ u kostruttiv. B'dan il-mod biss jista' jiġi żgurat bilanċ adatt bejn l-elementi diversi tal-pjan ta' azzjoni. Għandha tingħata prijorità lill-kapital uman kemm fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, kif ukoll fil-ġestjoni tal-għoti tas-sensji meta jidher inevitabbli li ser jintilfu l-impjieg. Dan jgħodd ukoll għall-industriji relatati li qed jiffaċċjaw l-istess problemi serji.

1.12 Fuq medda ta' żmien qasir, ikun meħtieġ li jiġi stabbilit qafas Ewropew għal miżuri soċjali ta' tranżizzjoni sabiex ma jkunx hemm distorsjonijiet fis-suq tax-xogħol tal-UE, u b'hekk nagħmlu kapital mit-tagħlimiet li ħadna mill-kriżi tal-2008/2009. Ir-rwol tal-imsieħba soċjali huwa essenzjali f'dan il-perjodu ta' tranżizzjoni

1.13 Fl-aħħar nett il-KESE huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha ssaħħaħ il-politika industrijali tagħha kollha, b'mod partikolari dik li tirrigwarda s-settur tal-manifattura. L-għanijiet tal-Istrateġija 2020 ma jistgħux jintlaħqu mingħajr settur industrijali b'saħħtu u kompetittiv li jkun il-bażi tal-iżvilupp

lupp ekonomiku tal-Unjoni. Hemm bżonn ta' politiki proattivi li jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-iżvilupp, u li jibdlu l-problemi tal-lum f'opportunitajiet għall-futur. L-industrija tal-karozzi għandha bżonn politika industrijali li hija orjentata mhux biss lejn it-tnaqqis produttiv, iżda wkoll lejn it-tkabbir sostenibbli. Hemm il-bżonn ta' investimenti fil-kapital u f'riżorsi umani li jkunu dejjem aktar preparati u kwalifikati. It-teknoloġiji, il-proċessi, u t-tfassil għandhom kollha jaħdmu flimkien biex l-industrija Ewropea tal-karozzi terġa' ssir l-aqwa waħda fid-dinja. Il-kompetizzjoni dinjija għandha tiffoka fuq l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-possibbiltà li jagħlu l-istabbilimenti tal-manifattura żgħur mhux biżżejjed biex tissolva l-problema.

2. Daħla

2.1 Sabiex jiġi mifhum u valutat aħjar il-pjan ta' azzjoni li l-KESE ntab jikkummenta dwaru, hemm bżonn li tingħata ħarsa lejn ix-xogħol li sar qablu, l-esperjenza li nkisbet u l-progress li sar minn mindu saret l-ewwel verżjoni ta' CARS 21.

2.2 F'Jannar tal-2005 il-Viċi President u l-Kummissarju Ewropew għall-Industrija ta' dak iż-żmien, Günter VERHEUGEN, waqqaf il-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21, li huwa akronimu adatt ħafna tat-titlu: Competitive Automotive Regulatory System for the 21st Century. (Sistema Regulatorja Kompetittiva tal-Karozzi għas-Seklu 21).

2.3 CARS 21 twaqqaf bl-iskop li tiġi definita politika, u b'hekk leġiżlazzjoni, Ewropea sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur bil-għan li jlaħħaq mal-kompetizzjoni dejjem tikber tas-suq dinji. Din l-inizzjattiva kienet waħda opportuna speċjalment fid-dawl tal-importanza tas-settur tal-karozzi⁽¹⁾, li jimpjega madwar tnax-il miljun persuna fl-Ewropa (b'faċilitajiet ta' produzzjoni f'19-il Stat Membru), jinvesti aktar minn EUR 28 biljun fir-riċerka u l-iżvilupp kull sena, għandu bilanċ kummerċjali pożittiv ta' madwar EUR 90 biljun, u jikkontribwixxi għad-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri b'aktar minn EUR 430 biljun, jiġifieri kważi 4 % tal-PDG Ewropew.

2.4 CARS 21 ikkonkluda x-xogħol tiegħu f'Diċembru tal-2005 b'dokument li elenka 18-il rakkomandazzjoni u stabbi-luxxa linji gwida li l-Kummissjoni kellha ssegwi waqt it-tfassil tal-proposti leġiżlattivi tagħha. Il-leġiżlazzjoni kellha tiżgura qafas pożittiv u affidabbli għall-industrija, abbażi tal-prinċipju ta' "regolamentazzjoni intelliġenti", li jivverifika l-proporzjon bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji għal kull proposta, permezz ta' valutazzjoni magħmula bir-reqqa tal-impatt fuq l-industrija u s-soċjetà, ir-rikonoxximent tal-iskadenzi minimi meħtieġa għal kull innovazzjoni teknika mitluba u l-istabbiliment ta' objettivi fit-tul, dejjem bl-involviment tal-partijiet interessati kollha.

2.5 Fil-verità, dawn ir-rakkomandazzjonijiet mhux dejjem ġew applikati b'mod koordinat bejn id-direttorati kollha tal-Kummissjoni u tal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra. Minkejja dan, b'mod ġenerali, il-linji gwida ta' CARS 21 kienu utli ħafna, mhux biss għall-industrija, iżda wkoll għall-partijiet interessati l-oħra tas-settur.

⁽¹⁾ Dan it-terminu qed jintuża biex ikopri l-industrija kollha tal-karozzi: il-manifattura tal-vetturi, il-formiment tal-komponenti, id-distribuzzjoni u s-servizzi ta' wara l-bejgħ. Il-prodotti huma: il-karozzi, il-vetturi kummerċjali ħfief u tqal, il-muturi u, b'mod aktar ġenerali, il-vetturi bil-mutur b'żewġ, tliet u erba' roti.

2.6 Fl-2010, fid-dawl tal-ħtieġa li l-vetturi jkunu dejjem aktar nodfa u effiċjenti, kif ukoll f'nofs kriżi tas-suq Ewropew mingħajr preċedent, il-Viċi President tal-Kummissjoni u Kummissarju għall-Industrija u l-Intraprenditorija, Antonio TAJANI, għaraf għustament li kien il-waqt li ssir verżjoni ġdida ta' CARS 21 li fiha jsiru għadd ta' tibdiliet fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba.

2.7 Fil-fatt, għalkemm intlaqgħet tajjeb, il-verżjoni ta' qabel kienet ġiet ikkritikata għall-kompożizzjoni tagħha li, skont xi wħud, ma kinitx tinkludi l-partijiet interessati kollha. Tat lok konsiderevoli għall-manifatturi, iżda ma inkludietx il-Kummissarji Ewropej kollha li setgħu jkunu involuti fil-politika legiſlattiva tas-settur.

2.8 Għalhekk, sar sforz biex fl-aħħar verżjoni l-partijiet interessati kollha pubbliċi u privati li jistgħu jkunu involuti ġew inklużi: tmien Kummissarji Ewropej, disa' Stati Membri, u rappreżentanti mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE bħall-KESE u l-Kumitat tar-Reġjuni. Mis-settur privat, minbarra l-manifatturi Ewropej, parteċipanti oħra fil-katina tal-produzzjoni tas-settur kienu l-manifatturi tal-komponenti, il-persunal inkarigat mit-tiswijiet u l-industrija taż-żejt, kif ukoll it-trejdjunjins, l-ambjentalisti u r-rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet u movimenti li jappoġġjaw it-teknoloġiji l-ġodda tal-karozzi. B'kollox dawn ammontaw għal xi erbgħin parteċipant fil-Grupp ta' Livell Għoli, meġhuna minn sherpas u esperti.

2.9 Il-ħidma bdiet bl-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli f'Novembru 2010, u kompliet permezz ta' sensiela ta' laqgħat li wasslu għal rapport finali li ġie diskuss u approvat f'Ġunju 2012.

2.10 Din l-inizjattiva kienet ta' importanza kbira, u huwa bis-saħħa tal-Kummissjoni, b'mod partikolari d-DĠ Intrapriża u Industrija li kkoordinata l-ħidma, li bi professjonalità u effiċjenza pproduċiet dokument li rnexxielu jikseb il-kunsens ġenerali tal-partiċipanti kollha.

2.11 Kif qal il-Viċi President TAJANI, il-Komunikazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni CARS 2020, li l-KESE qed jiddiskuti hawnhekk kif intalab, hija bbażata fuq dawn l-esperjenzi u dan id-dokument.

3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: CARS 2020: Pjan ta' azzjoni

3.1 Il-pjan ta' azzjoni ppreżentat fil-Komunikazzjoni huwa bbażat fuq erba' pilastri fundamentali:

- l-invesiment f'teknoloġiji avvanzati u l-finanzjament tal-innovazzjoni;
- it-tisħiħ tas-suq intern u l-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni intelliġenti;

- it-titjib tal-kompetittività fis-swieq globali;
- l-antiċipazzjoni tat-tibdil u t-tnaqqis tal-impatt soċjali tar-ristrutturar fil-produzzjoni.
- Kull wieħed minn dawn l-erba' punti jħaddan sensiela ta' inizjattivi, li l-implimentazzjoni tagħhom ser tkun immonitorjata permezz tat-twaqqif tal-Grupp ta' Livell Għoli **CARS 2020** – li għandu l-istess partijiet interessati ta' CARS 21 – u li ser jiltaqa' b'mod informali kull sena u jagħmel użu wkoll minn laqgħat ta' esperti dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kompetittività tas-settur tal-karozzi.

3.2 L-investiment f'teknoloġiji avvanzati u l-finanzjament tal-innovazzjoni

Il-Kummissjoni beħsiebha:

- tkompli l-kollaborazzjoni tagħha mal-BEI biex tiżgura d-disponibbiltà ta' finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp tas-settur;
- taħdem flimkien mal-industrija biex tiżiluppja inizjattiva Ewropea għall-vetturi ekoloġiċi taħt **Orizzont 2020** ⁽²⁾;
- timplimenta l-miri għat-tnaqqis tas-CO₂ previsti għall-karozzi u l-vetturi kummerċjali ħfief sal-2020;
- tappoġġja l-iżvilupp ta' ċiklu ġdid tat-testijiet tas-sewqan u proċedura tat-testijiet ġdida sabiex jitkejlu l-konsum u l-emissjonijiet li huma aktar rappreżentattivi tas-sewqan fid-dinja reali;
- tkompli bl-impenn tagħha fil-ħidma dwar is-sikurezza fit-toroq b'konformità mal-miri tal-**Orjentazzjonijiet ta' Politika** tagħha **bejn l-2011 u l-2020** ⁽³⁾;
- tipproponi strateġija dwar il-fjuwils alternattivi u proposta legiſlattiva dwar l-infrastrutturi meħtieġa għall-użu tagħhom.

3.3 It-tisħiħ tas-suq intern u l-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni intelliġenti;

Il-Kummissjoni beħsiebha:

- tistabbilixxi djalogo mal-partijiet interessati biex jintlaħaq ftehim dwar l-awtoregolamentazzjoni fil-qasam tad-distribuzzjoni tal-vetturi fl-Ewropa;
- tistabbilixxi linji gwida dwar l-inċentivi finanzjarji mill-Istati Membri sabiex jippromovu vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

⁽²⁾ Orizzont 2020, COM(2011) 808 final u COM(2011) 809 final, 30.11.2011, huwa l-qafas propost għall-iffinanzjar tar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020, b'baġit totali ta' EUR 80 biljun.

⁽³⁾ COM(2010) 389 final.

— tafferma mill-ġdid il-prinċipju tar-regolamentazzjoni intelliġenti, li kien wieħed mill-iżjed riżultati importanti fl-ewwel verżjoni ta' CARS 21, u li reġa' ġie affermat fil-verżjoni l-ġdida. Beħsiebha tinkludi wkoll fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi eżerċizzju dwar l-impatt fuq il-kompetittività;

— tirrevedi l-qafas tal-approvazzjoni tal-vetturi biex jinkludi dispożizzjonijiet fil-qasam tas-sorveljanza tas-swieq.

3.4 It-tisħiħ tal-kompetittività fis-swieq dinjija

Il-Kummissjoni beħsiebha:

— tivvaluta l-impatt ta' kull ftehim ta' kummerċ ħieles, u timmonitorja wkoll l-impatt kumulattiv tagħhom fuq il-kompetittività tas-settur;

— tirrifirma l-Ftehim tan-NU/KEE⁽⁴⁾ billi tinvolvi wkoll is-swieq ta' pajjiżi terzi;

— tintegra kemm jista' jkun il-leġiżlazzjoni multilaterali tan-NU/KEE ma' dik bilaterali fil-qafas ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi li mhumiex fin-NU/KEE.

3.5 L-antiċipazzjoni tat-tibdil u t-tnaqqis tal-impatt soċjali tar-ristrutturar fil-produzzjoni

Il-Kummissjoni beħsiebha:

— tappoġġja t-twaqqif ta' Kunsill Ewropew tal-Ħiliet fl-Industrija tal-Karozzi bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex jiġu analizzati x-xejriet fil-qasam tal-impjieg u tal-ħiliet meħtieġa fis-settur u b'hekk il-lakuni professjonali li jridu jimtew;

— thegħeġ l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u, fil-każijiet aktar serji ta' tnaqqis fid-daqs tal-impjanti jew l-għeluq tal-impjanti, l-użu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG);

— timmonitorja l-attivitajiet ta' ristrutturar u tiżgura l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward tas-suq intern u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat;

— fir-rigward tar-ristrutturar tal-kapaċità żejda produttiva, taqdi rwol komplementari għal dak tal-industrija, li hija responsabbli għall-ġestjoni tal-proċess tar-ristrutturar.

4. Kummenti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

4.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li mhux biss tikkonferma ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-CARS 21 fil-pjan ta' azzjoni tagħha, iżda wkoll

timpenja ruħha li tkompli d-djalogu mal-parteċipanti tal-CARS 21 sabiex issegwi u tivvaluta perjodikament, u jekk hemm bżonn ta' ġorġna, il-progress tar-rakkomandazzjonijiet tal-pjan.

Kapaċità ta' produzzjoni installata fl-Ewropa

4.2 B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, il-KESE jenfasizza nuqqas importanti fil-Komunikazzjoni: il-problema ta' kapaċità żejda produttiva ma tiġix indirizzata bl-attenzjoni meħtieġa iżda tiġi sempliċement inklużi fil-proċess aktar ġenerali tar-ristrutturar. Id-dimensjonijiet u d-data ta' din il-problema qed jiġu enfasizzati hawnhekk.

4.3 Skont l-estimi ta' AlixPartners⁽⁵⁾, is-sena li għaddiet madwar erbgħin impjant tal-karozzi fl-Ewropa kienu qed jaħdmu taħt il-punt ta' ekwilibriju finanzjarju tagħhom ta' 75 sa 80 % tal-kapaċità produttiva u li madwar għaxra huma taħt l-40 %. Dan ifisser li f'sitwazzjoni bħal din, bejn l-2007 u l-2012, fl-Ewropa nbiegħu 3,5 miljun karozza inqas, jiġifieri tnaqqis ta' madwar 23 %. Għall-vetturi kummerċjali, it-tnaqqis kien ta' 34,6 %. Is-sitwazzjoni hija aktar kritika għas-settur tal-muturi, fejn it-tnaqqis fir-reġistrazzjonijiet kien ta' 46 %, madwar id-doppju ta' dak tal-karozzi.

4.4 Irridu nżidu, però, li l-analisti tas-settur ma jaqblux bejniethom dwar id-daqs tal-kapaċità żejda, u l-estimi jvarjaw bejn tliet u ħames miljun karozza skont il-kriterji użati fil-ġbir tad-data. Il-KESE huwa tal-fehma li minkejja d-diffikultajiet ta' eżerċizzju bħal dan, il-Kummissjoni Ewropea għandha timpenja ruħha li tagħmel riċerka aktar fid-dettall sabiex toffri ċifri aktar preċiżi.

4.5 Barra minn hekk, il-kapaċità żejda produttiva tista' titqies bħala l-ewwel kaġun fil-katina ta' kaġuni li għandha impatt qawwi fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi: kapaċità żejda produttiva, spejjeż fissi għoljin, gwerra tal-prezzijiet, tnaqqis fil-profitti u sitwazzjoni finanzjarja li tmur għall-agħar, l-għeluq tal-faċilitajiet, tnaqqis fl-investment inġenerali, b'mod partikolari fir-riċerka u l-iżvilupp, riskju ta' tnaqqis fil-kompetittività fuq perjodu ta' żmien twil. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni li ma tonqosx milli tqis l-importanza tal-effett li l-kapaċità żejda għandha fuq it-tielet pilastru tal-pjan ta' azzjoni: it-titjib tal-kompetittività fis-swieq dinjija.

4.6 Il-kwistjoni żgur li ma tistax tiġi ffaċċjata b'mod sempliċi, minħabba li s-sitwazzjoni hija differenti f'kull pajjiż u għal kull manifattur tal-karozzi. Għalkemm fl-2012 il-medja tal-kapaċità produttiva fl-Ewropa kienet madwar 70 %, jeżistu però varjazzjonijiet kbar bejn il-pajjiżi: il-medja għar-Renju Unit u l-Ġermanja hija madwar 80 %, Spanja 70 %, Franza 60 % u l-Italja ftit aktar minn 50 % (sors: The Economist). Fil-livell tal-manifatturi individwali tal-karozzi, id-differenzi jiddependu minn għadd ta' fatturi. Wieħed minnhom huwa l-livell ta' esportazzjoni – dawk li għandhom livell għoli ta' esportazzjoni l-barra mill-Ewropa (pereżempju BMW, Audi, Daimler) qegħdin f'pożizzjoni aħjar, filwaqt li dawk li huma aktar dipendenti fuq is-suq domestiku huma f'diffikultà.

⁽⁴⁾ Il-Ftehim tal-1958 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) dwar l-armonizzazzjoni teknika internazzjonali fis-settur tal-vetturi bil-mutur.

⁽⁵⁾ AlixPartners, "Automotive Outlook 2012 – An Industry at the Crossroads", Jens-Ulrich Wiese, IFF – Praga, 21 ta' Settembru, 2012.

4.7 Fattur ieħor huwa d-divrenzjar bejn il-manifatturi u l-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħhom. Analiżi ta' Roland Berger turi kif l-użu tal-faċilitajiet iwarja skont il-qasam ta' speċjalizzazzjoni: ir-rata tal-użu tal-manifatturi jew il-marki tal-karozzi li jispeċjalizzaw f'vetturi ekonomiċi (Economy segment: Dacia\Logan, Chery, Hyundai, Chevrolet) hija ta' 77 %, għall-ġeneralisti speċjalizzati f'vetturi ta' livell medju (Mid-range segment: PSA, Renault-Nissan, Toyota, Suzuki, Fiat, Opel,VW) ir-rata hija ta' 62 %, filwaqt li għal dawg ta' livell għoli (Premium\high-end segment: BMW, Mercedes, Audi, Lexus, Infinity, DS) hija ta' 83 %.

4.8 Għalhekk, jidher li l-kwistjoni ta' kapaċità żejda produttiva ma tistax tiġi indirizzata b'mod iżolat mill-manifatturi individwali u mill-gvernijiet nazzjonali u reġjonali individwali. Fil-fatt, il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn gwida li tikkordinata dan il-proċess, u li dan ir-rwol tista' tiegħu l-Kummissjoni.

L-investiment fit-teknoloġiji avvanzati u l-finanzjament tal-innovazzjoni

4.9 Il-pjan ma jsemmi l-ebda żieda fil-fondi minbarra dawg li diġà kienu allokat u disponibbli. L-oġettiv imħabbar mill-Viċi President TAJANI fl-għeluq ta' CARS 21 li jżied il-finanzjament tal-Orizzont 2020 għall-vetturi ekoloġiċi minn EUR 1 biljun għal EUR 2 biljun ma jissemma mkien fil-Komunikazzjoni. B'hekk, bħalissa anke l-possibbiltà ta' interventi ġodda mill-BEI hija biss xewqa bbażata fuq iż-żieda kapitali reċenti ta' EUR 10 biljun.

4.10 Il-katina kollha tal-produzzjoni tal-industrija tal-karozzi, li hija mistennija li tagħmel avvanzi kbar ħafna fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (R&I) sabiex tagħmel il-qabża teknoloġika meħtieġa biex tipproduċi karozzi dejjem aktar ekoloġiċi sal-2020, ser ikollha bżonn ukoll aktar fondi Ewropej minbarra l-investimenti tagħha stess li saru aktar diffiċli f'suq Ewropew li jidher li ma jistax joħroġ mir-reċessjoni fil-futur qrib.

4.10.1 F'dan il-kuntest, nilqgħu b'sodisfazzjon ir-referenza impliċita għan-newtralità teknoloġika bejn id-diversi tipi ta' propulsjoni (vetturi bil-magna ta' kombustjoni interna, dawg elettriċi, l-ibridi, u dawg li jaħdmu biċ-ċelloli tal-fjuwil) li għandha thegġegħ l-appoġġ tal-UE għar-R&I, bil-għan li jkun hemm "portafoll diversifikat ta' fjuwils meħtieġ biex jilħaq il-miri tat-tibdil fil-klima.

4.10.2 B'konformità man-newtralità teknoloġika msemija hawn fuq, huwa partikolarment apprezzat l-impenn tal-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' infrastrutturi li jiffaċilitaw il-penetrazzjoni fis-suq tal-fjuwils alternattivi kollha, mingħajr preferenzi *a priori*: l-enerġija elettrika, l-idroġenu, il-bijofjuwils sostenibbli, il-metan (gass naturali u bijometan) u l-LPG. Għal dan il-għan il-Kummissjoni ressqet strateġija dwar il-fjuwils alternattivi u proposta leġislattiva dwar l-infrastrutturi relatati li tagħti n-numru minimu ta' infrastrutturi ta' alimentazzjoni/iċċarġjar. Sfortunatament, b'mod li jidher li jmur kontra l-għan tal-pjan

li jiġi promoss it-tkabbir ta' dawn l-istrutturi, Proposta għal Direttiva reċenti (tassazzjoni fuq l-enerġija) tippenalizza mhux biss id-diżil, iżda wkoll il-fjuwils alternattivi bħall-metan u l-bijometan. Dan jikkomprometti l-użu tagħhom fis-suq.

4.10.3 Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar "in-newtralità teknoloġika" però tqajjem żewġ punti importanti:

A) il-Kummissjoni ma tiħux pożizzjoni fuq l-effetti differenti tat-teknoloġiji diversi, la fir-rigward ta' żmien (riżultati fuq perjodu ta' żmien qasir vs. riżultati fuq perjodu ta' żmien twil) u lanqas fir-rigward tal-ispejjeż involuti għal kull soluzzjoni, kemm għas-settur privat kif ukoll għal dak pubbliku, (pereżempju l-inċentivi), u tuża bħala referenza l-impatt abbażi ta' kalkolu mill-produzzjoni sal-utilizzazzjoni (well-to-wheel).

B) ma tiġix indirizzata l-kwistjoni rilevanti li tqajmet mill-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 f'paġna 73 fejn jgħid li għandu jiġi indaġat jekk fuq perjodu ta' żmien twil l-industrija tal-karozzi tibdiex tirrikjedi inqas ħaddiema hekk kif il-karozza elettrika (li tirrikjedi inqas partijiet u b'hekk inqas xogħol manwali) iżżid il-penetrazzjoni tagħha fis-suq. L-elettrifikazzjoni ggħib magħha tnaqqis fil-kumplessità tal-apparat tal-propulsjoni (minn madwar 1 400 komponent f'driveline konvenzjonali għal madwar 200 komponent f'waħda elettrika) Id-data turi biċ-ċar li n-newtralità teknoloġika ma tfissirx newtralità mil-lat tal-impatt soċjali u ekonomiku fuq il-katina tal-produzzjoni. Huwa mistenni li dalwaqt jiġi ppubblikat studju mill-Kummissjoni dwar l-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq iċ-ċiklu tal-produzzjoni u l-impjeg.

4.11 Il-karozzi huma sors sinifikanti tal-emissjonijiet tas-CO₂. Il-Kumitat huwa tal-fehma li, sabiex il-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-karozzi jsir aktar bir-reqqa, tinħtieġ analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, li tqis l-emissjonijiet kollha tul il-ħajja ta' prodott partikolari, mill-produzzjoni tal-materja prima sa tmiem il-ħajja tal-prodott.

4.12 Minkejja li tikkonferma l-impenn li jintlaħqu l-għanijiet tat-tnaqqis tas-CO₂, il-Komunikazzjoni ma tagħmel l-ebda referenza għall-opportunità f'waqtha biex il-Kummissjoni tipp-poni revizzjoni tad-Direttiva 1999/94/KE dwar it-tikkettar, bl-indikazzjoni obbligatorja tal-valuri assoluti tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal kull mudell ta' karozza. Dan il-perjodu huwa ż-żmien opportun għal din l-inizjattiva, peress li bħalissa qed jiġi diskuss ir-regolament li jistabbilixxi l-limiti l-ġodda ta' 95 g ta' CO₂/km għall-karozzi, skont kif ġie rakkomandat f'Opinjoni reċenti tal-KESE ⁽⁶⁾.

4.13 Tħabbira interessanti wkoll hija dik ta' inizjattiva ġdida dwar il-vetturi ekoloġiċi Ewropej, fil-qafas ta' Orizzont 2020 (bħala segwitu tas-Sħubija Pubblika-Privata Inizjattiva Ewropea tal-Karozzi Ekoloġiċi (European Green Cars Initiative)), li għalhekk ser tinvolvi finanzjament privat.

⁽⁶⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 109.

4.14 Fl-istess ħin, mhux ser ikun biżżejjed li jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda biss, sakemm ma jiġix żgurati it-taħriġ adatt għall-forza tax-xogħol b'mod parallel. Tabilħaqq, teknoloġiji ġodda jitolbu ħliet u kompetenzi ġodda mill-ħaddiema. Attwalment, dawn mhumiex disponibbli fi ħdan dan is-settur, u wħud minnhom jeħtieġ anke li jiġu żviluppati fi ħdan is-sistema tal-edukazzjoni. Minn naħa waħda dan jitolb sforzi kontinwi minn dawk li jħaddmu li huma attivi fis-settur sabiex jintroduċu programmi ġodda għal apprendistati, iżda min-naħa l-oħra jitolb ukoll kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll mas-sistemi ta' riċerka u edukazzjoni għolja sabiex jiġu offruti kurrikula tat-taħriġ ġodda.

It-tisħiħ tas-suq intern u l-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni intelliġenti

4.15 Ikun tajjeb li jerġa' jiġi kkonfermat l-impenn li l-leġislazzjoni ssir skont il-prinċipju tar-regolamentazzjoni intelliġenti. Din għandha tkun il-bażi għal-leġislazzjoni f'dan is-settur, billi jiġu applikati parametri bħall-proporzjon kost/benefiċċju, il-lead time ⁽⁷⁾ u l-impatt fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija fis-swieq dinjija.

4.16 Jidher ukoll opportuni hawn t-fassil ta' linji gwida għal inċentivi finanzjarji għal vetturi nodfa, li għandhom ikunu bbażati fuq data oġġettiva u disponibbli, pereżempju l-emissjonijiet tas-CO₂, u b'hekk tiġi llimitata l-frammentazzjoni tas-suq minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni.

4.17 Fir-rigward tal-effikaċja taż-żmien, iridu wkoll jitqiesu l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn it-teknoloġiji l-ġodda, b'mod partikolari dik tal-enerġija elettrika. Sa issa, ir-riżultati ma kinux tajbin, u ma laħqux l-istennijiet. Huwa għalhekk tajjeb li wieħed jista' jekk jagħmilx aktar sens li jsir investiment akbar fir-riċerka dwar il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' muturi b'effiċjenza għolja sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju.

4.18 Fir-rigward tas-sistemi tal-propulsjoni li jħaddmu bl-elettriku u l-iżvilupp futur tagħhom, għandna niftakru li l-istimi jvarjaw hawn minn xulxin skont il-parametri li qed jitqiesu; paragun bejn previżjonijiet diversi juri fatturi ta' multiplikazzjoni li saħansitra jvarjaw bejn wieħed u għaxra ⁽⁸⁾.

It-tisħiħ tal-kompetittività fis-swieq dinjija

4.19 Fid-dawl tal-kritika mill-industrija dwar il-Ftehim mal-Korea t'Isfel, f'CARS 21 ġew diskussi b'mod estensiv il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles ⁽⁹⁾. Ħarġet il-ħtieġa li ssir analiżi tal-impatt

kumulattiv ta' dawn il-ftehimiet, fid-dawl tal-bżonn ta' koordinazzjoni mill-qrib bejn il-politiki industrijali u kummerċjali fl-Ewropa, li jeliminaw b'mod definittiv l-ostakli nontariffarji għall-esportazzjoni Ewropea. Il-KESE għalhekk jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tniedi studju dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li diġà ġew konklużi, u dawk li għadhom qed jitħejjew, pereżempju dak mal-Ġappun. Dan l-istudju huwa intiż li jivvaluta l-impatt kumulattiv ta' dawn il-ftehimiet fuq il-kompetittività tas-settur tal-karozzi.

4.20 B'mod aktar ġenerali, il-KESE japprezza l-isforz tal-Kummissjoni li timplimenta politika kummerċjali bil-għan li żżomm bażi industrijali tas-settur b'saħħitha fl-Ewropa bl-użu u l-irfinar tal-istrumenti disponibbli, mir-reviżjoni tal-Ftehim tan-NU/KEE sat-tfassil ta' regolament ġdid dwar l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-vetturi.

4.20.1 Madankollu, l-isfidi tal-industrija Ewropea tal-karozzi jinsabu fis-swieq domestiċi wkoll, fejn it-tibdil fid-domanda u l-mentalità ser ikollhom effett fuq il-kapaċità tagħha li tirnexxi fil-ġejjieni. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat ukoll flimkien mal-kompetittività fis-swieq globali.

L-antiċipazzjoni tat-tibdil u t-tnaqqis tal-impatt soċjali tar-ristrutturar ⁽¹⁰⁾ fil-produzzjoni

4.21 Strateġija għal industrija tal-karozzi li jkollha suċċess u tkun sostenibbli fl-Ewropa trid tinvolvi mhux biss investimenti f'teknoloġiji ġodda u fl-innovazzjoni, flimkien mar-regolazzjoni intelliġenti u suq intern imtejjeb, iżda wkoll, speċjalment, li tgawdi minn post b'saħħtu fil-politika industrijali globali tal-UE u li tagħti lill-forza tax-xogħol tagħha l-istess importanza u attenzjoni daqs l-aspetti kollha l-oħra.

4.22 Biex tinżamm bażi industrijali fl-Ewropa, l-impriża għandhom ikunu kapaċi li jadattaw malajr il-kapaċitajiet produttivi tagħhom għat-teknoloġiji l-ġodda u għall-evoluzzjoni tas-swieq, u li jkollhom ħaddiema kwalifikati u dejjem aġġornati. Għalhekk, nilqgħu b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' Kunsill Ewropew tal-Ħiliet fl-Industrija tal-Karozzi fl-2013, li jnvolvi l-partijiet interessati kollha, sabiex jingħataw rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet politiċi dwar l-iżvilupp tal-ħiliet fis-settur u dwar il-ħtiġijiet ta' edukazzjoni u taħriġ, fid-dawl tal-bidliet mistennija. Il-ksib ta' kwalifiki li jiġu żviluppati kontinwament jagħmel lill-ħaddiema iżjed impjegabbli u huwa l-aħjar tweġiba li l-partijiet interessati għandhom jaspiraw għaliha; għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs u l-problemi speċifiċi tagħhom f'dan il-qasam.

⁽⁷⁾ Lead time: il-ħin li għandha bżonn l-industrija biex timplimenta kwalunkwe rekwiżit ġdid li jiġi miegħu bidliet strutturali fil-vettura.

⁽⁸⁾ Roland Berger: "Rebound of the US suppliers industry", Detroit, Ottubru 2012.

⁽⁹⁾ Fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2011 u t-30 ta' Ġunju 2012, jiġifieri l-ewwel sena li daħal fis-seħħ il-Ftehim, ġew importati 433 000 vettura mill-Korea t'Isfel, b'żieda ta' 46 % fuq it-tnaqqis xahar ta' qabel (sors: Eurostat).

⁽¹⁰⁾ Kif jingħad fil-Green Paper tal-Kummissjoni "Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?" COM(2012) 7 final, l-[o]perazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni huma parti mill-ħajja ta' kuljum tal-kumpaniji, tal-ħaddiema, tal-awtoritajiet pubbliċi u ta' partijiet interessati oħrajn". Ir-ristrutturazzjoni tista' tfsir iċ-ċaqliq mill-ġdid tar-riżorsi umani lejn attivitajiet li għandhom valur miżjud ogħla, it-taħriġ tal-ħaddiema, tnaqqis temporanju fil-ħinijiet tax-xogħol, l-għeluq ta' xi partijiet tal-katina tal-produzzjoni jew inkella l-għeluq tal-faċilitajiet tal-manifattura.

4.23 Miżuri antiċipattivi sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi tar-ristrutturar fuq l-impjeg għandhom jużaw b'mod sħiħ u b'mod ġenerali d-djalogu soċjali, iżda l-aktar sabiex jistħarrġu dwar id-dritt ta' parteċipazzjoni u konsultazzjoni tal-Kumitat tax-Xogħol Ewropew f'sitwazzjonijiet ta' ristrutturar u l-potenzjal tiegħu li jaqdi rwol attiv fil-preżentazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi. Komunikazzjoni tajba bejn il-fornituri u l-manifatturi ahharja għandha tiżgura li, fil-każ estrem li jingħalqu l-faċilitajiet tal-produzzjoni, ma jkunx hemm effett domino fuq l-ekonomija reġjonali li jiddependu mill-industrija tal-karozzi. Dan fid-dawl tal-fatt li l-għeluq tal-impjanti ta' assemblaġġ jaffettwa kemm il-bidu tal-katina tal-produzzjoni (upstream) kif ukoll iżjed tard fil-proċess (downstream).

4.24 Kif rajna fil-punti 4.2 sa 4.8, il-Komunikazzjoni tidher, però, li qed tkun evażiva għaliex tagħmel referenza ġenerika għal proċess ta' "ristrutturar" mingħajr ma ssemmi r-raġunijiet għalih. Fil-fatt, b'mod partikolari, f'din il-parti tad-dokument ma terġax tisemma l-"kwistjoni strutturali tal-kapaċità żejda li ilha għaddejja żmien twil" (paġna 6), li hija r-raġuni għala għadd ta' manifatturi ħabbru li ser jingħalqu xi stabbilimenti. Fil-fatt, il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn tiġi eżaminata sa liema punt iż-żieda fil-kapaċità hija żbilanċ temporanju bejn il-kapaċità produttiva, li tiddependi mill-kuntest storiku tad-distribuzzjoni ġeografika, u d-domanda fl-Ewropa, u kemm hija influwenzata minn fatturi bħall-kapaċità tal-akkwist tal-konsumatur, il-politika tal-prodott, l-awsterità u politiki pubbliċi oħrajn.

4.25 Fi kliem ieħor, il-pjan ta' azzjoni ma jitrattax xi kkawża l-proċess ta' ristrutturar u lanqas ma jivvaluta l-kobor tiegħu. Jipproponi biss li għandhom isiru interventi biex jitnaqqas l-impatt soċjali, u jħalli r-responsabbiltà ta' dan il-proċess f'idejn l-industrija. Il-pjan jagħti biss rwol komplementari lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali, u b'hekk jevita li jipproponi r-rwol tagħha bħala koordinatur tal-interventi ta' ristrutturar u lanqas ma jagħti linji gwida li jistgħu jsegwu l-Istati Membri fl-interventi tagħhom.

4.26 Il-KESE għalhekk huwa tal-fehma li, fid-dawl tal-livell għoli ta' kapaċità produttiva li mhix qed tiġi uttilizzata, mhuwiex biżżejjed li l-Kummissjoni jkollha rwol komplementari biss fil-konfront tal-atturi l-oħra.

4.27 Dwar il-kwistjoni tar-ristrutturar, il-Komunikazzjoni CARS 2020 toffri wkoll spunti interessanti li jistgħu jiġu żvilup-

pati. F'paġna 22 it-test jgħid li l-Kummissjoni ser: "tniedi mill-ġdid it-task force bejn is-servizzi biex tistudja u ssegwi l-każijiet ewlenin tal-għeluq jew it-tnaqqis sinifikanti fid-daqs tal-impjanti tal-karozzi. It-task force kienet attiva u effiċjenti ħafna f'każijiet tal-imgħoddi fl-industrija tal-karozzi" (b'referenza għall-każijiet li jirrigwardaw lill-VW Forest u l-MG Rover). Il-KESE jitlob li ssir analiżi speċifika ta' dawn ir-riżultati sabiex ikunu eżempju ta' Prattika tajba għas-sitwazzjoni attwali.

4.28 Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu mistħarrġa alternattivi għall-proċessi ta' ristrutturar skont l-eżempji li rnexxew fil-passat u/jew huma proposti llum, eż. l-impjant Bochum tal-Opel. Hemmhekk, l-unjins u r-rappreżentanti tal-ħaddiema qablu dwar varjetà wiesgħa ta' miżuri, anke bl-involvement ta' partijiet interessati esterni, sabiex tintlaħaq soluzzjoni li hija aċċettabbli soċjalment fid-dawl tal-għeluq tal-impjant ipplanat għall-aħħar tal-2016.

4.29 Madanakollu, hemm bżonn li tiġi żviluppata politika industrijali għal perjodu twil ta' żmien għas-settur. Din għandha tkun ta' prijorità fuq kull deċiżjoni għal żmien qasir dwar l-aġġustament tal-kapaċità produttiva. L-għeluq ta' kapaċitajiet ma jtejjibx il-kapaċità kumplessiva tas-settur biex jaffaċċja l-isfidi futuri, u għandu konsegwenzi tremendi għall-katina ta' provvista kollha. Minflok, hemm bżonn ħidma lejn trasformazzjoni tas-settur, u politiki ġodda għal prodotti li huma iktar qrib l-aspettattivi tal-konsumaturi, li toffri opportunitajiet biex din l-industrija issir sostenibbli għas-seklu 21.

4.30 Inkella jeżisti r-riskju li f'tali sitwazzjoni ta' livelli baxxi ħafna ta' bejgħ għal żmien twil u t-telf tal-profitti sussegwenti, il-kumpaniji speċjalizzati fis-settur ġenerali medju jiddeċiedu li jnaqqsu l-piż ta' produzzjoni mnaqqsa billi jagħlqu l-fabbriki fl-Ewropa tal-Punent u jittrasferixxu l-produzzjoni fil-fabbriki l-oħra tagħhom, li l-biċċa l-kbira nfetħu dan l-aħħar fi Stati Membri ġodda jew barra mill-Ewropa, sabiex japprofittaw minn livelli aktar baxxi f'termini ta' pagi u kundizzjonijiet ta' xogħol.

4.31 Fl-aħħar nett, nilqgħu b'sodisfazzjon kbir kemm l-impenn tal-Kummissjoni li tara li tiġi rispettata l-leġislazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u r-regoli tas-suq intern, kif ukoll l-istedina tagħha lill-Istati Membri biex jużaw l-FEG, iżda fid-dawl ta' dak kollu li ngħad hawnhekk ċertament mhuwiex biżżejjed.

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Enerġija nadifa għat-trasport: Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi”

COM(2013) 17 final

u dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi”

COM(2013) 18 final — 2013/12 (COD)

(2013/C 271/21)

Relatur: **is-Sur BACK**

Nhar l-24 ta' Jannar il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Enerġija nadifa għat-trasport: Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi

COM(2013) 17 final.

Nhar il-5 ta' Frar u t-8 ta' Frar 2013 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 91 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi

COM(2013) 18 final – 2013/12 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infurmazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-30 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'147 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Pakkett dwar Enerġija Nadifa għat-Trasport⁽¹⁾ u l-oġġettiv tiegħu sabiex jinħolqu l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni fis-suq tal-massa ta' propulsjoni nadifa minn sorsi ta' enerġija nodfa.

1.2 Il-KESE japprova l-approċċ ta' żvilupp tas-suq u koperatura minima tal-infrastruttura għall-iċċarġjar/mili bi standards komuni sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-utent u tiġi żgurata mobilità transkonfinali.

1.3 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-enfasi tal-proposti fuq l-informazzjoni lill-konsumatur u l-fiduċja tal-konsumatur sabiex is-suq tal-massa jirċievi l-għajnuna biex jiżviluppa, li

huwa prerekwiżit importanti ħafna għal vetturi affordabli b'sistemi ta' propulsjoni alternattivi.

1.4 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-kontribut għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi li għandu jkun mistenni mill-opportunitajiet tas-suq ġodda u l-kompetittività mtejbja tal-industrija Ewropea minħabba l-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom.

1.5 L-implimentazzjoni ta' strateġija għal fjuwils nodfa m'għandhiex tkun limitata għal għadd ta' fjuwils maturi iżda wkoll tindirizza kwistjonijiet fit-tul dwar sorsi oħra ta' enerġija nadifa, l-iżvilupp mgħaġġel u wiesa' f'dan is-settur u l-ħtieġa biex jitħeġġu l-innovazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq.

1.6 Il-KESE jirreferi għall-kwistjonijiet li tqajmu fl-Opinjoni tiegħu dwar “Tibdiliet indiretti fl-użu tal-art (ILUC)/bijokarburanti (REN/502 – CES2363-202), u b'mod partikolari il-punti 1.9 sa 1.12, li juru l-kumplessità u l-karattru fuq perjodu twil ta' dawn il-kwistjonijiet u l-ħtieġa għal valutazzjoni aġġornata kontinwa.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni dwar Enerġija nadifa għat-trasport: Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi (il-Komunikazzjoni), il-Proposta għal Direttiva dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (il-Proposta) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjahom dwar LNG għat-trasport fuq il-baħar (id-Dokument ta' Ħidma).

1.7 Għaldaqstant, il-KESE jaħseb li l-għanijiet strateġiċi fit-tul tal-Komunikazzjoni għandhom ikunu segwiti aħjar fil-proposta. Pereżempju, il-qafas ta' politika nazzjonali għal fjuwils nodfa u l-infrastruttura tagħhom, li l-Istati Membri se jgħallqu taħt il-proposta, għandu jinkludi dawk is-sorsi ta' enerġija kollha, bħall-bijokarburanti, li jiqiesu importanti fil-Komunikazzjoni.

1.8 Għalhekk, il-proposta għandha tiddefinixxi taħlita ta' fjuwils ottimizzata b'mod ekonomiku u ambjentali fil-livell tal-UE fejn politiki nazzjonali kkoordinati jistgħu jsaħħu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni. L-Artikoli 3, 8 u 10 kif ukoll l-Anness I tal-proposta għandhom jiġu riveduti f'dan is-sens.

1.9 Il-KESE jiddubita li l-infrastruttura pubblika għaċ-ċarġjar tal-vetturi elettriċi tista' tiġi pprovduta mingħajr fondi pubbliċi, talinqas matul il-fażi inizjali, sakemm l-għadd ta' vetturi elettriċi jkun laħaq livell fejn pagamenti jistgħu jiffinanzjaw b'mod raġonevoli l-investiment.

1.10 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u vijabbli għal taħlita ta' enerġija modifikata, u l-importanza li jitqies il-potenzjal għal titjib fir-rekord ambjentali tal-karburanti fossili.

1.11 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-periklu li jixxekkel l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi ġodda u iktar vijabbli għal modi u gruppi ta' utenti differenti. Eżempju ta' dan huma l-impenn qawwi favur l-LNG għat-trasport marittimu għalkemm alternattivi ġodda u irħas qed jiġu żviluppati. Bl-istess mod jidru soluzzjonijiet ġodda għal enerġija u mmirati lejn l-utent, pereżempju għal trakkijiet, xarabanks u vetturi b'żewġ roti.

2. Introduzzjoni: kuntest politiku u preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni u tal-Proposta

2.1 Fl-inizjattivi ewlenin "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" u "Unjoni tal-Innovazzjoni", l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tindirizza it-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-enerġija u r-riżorsi, il-ħtieġa biex tissaħħaħ il-kompetittività u titjeb is-sigurtà tal-enerġija permezz ta' effiċjenza mtejbja tar-riżorsi u tal-enerġija. Fil-qasam tat-trasport il-White Paper tal-2011 dwar il-politika tat-trasport issejjaħ biex titwaqqaf id-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt u tistabbilixxi mira ta' tnaqqis ta' 60 % sal-2050 tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport. Fl-għaxar għanijiet tagħha għal sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, il-White Paper tirriferi għall-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils u sistemi ta' propulsjoni ġodda u sostenibbli. Il-lista ta' inizjattivi fil-White Paper tindirizza dawk l-għanijiet taħt l-Inizjattiva 24, "Pjan direzzjonali tat-teknoloġija", u l-Inizjattiva 26, "Qafas regolatorju għal trasport innovattiv". Il-Komunikazzjoni u l-Proposta għal Direttiva jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, fis-suhija tagħhom jew parti minnhom.

2.2 F'għadd ta' opinjonijiet, il-KESE appella għal inizjattiva mill-Kummissjoni biex jiġu promossi fjuwils alternattivi u l-infrastruttura relatata. Dawn jinkludu:

— l-Opinjoni dwar il-White Paper dwar il-politika tat-trasport ⁽²⁾, punti 4.19 u 4.20 fejn il-KESE ħa attitudini favorevoli lejn l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi ta' propulsjoni iżjed nodfa u effiċjenti u appoġġa l-inizjattiva favur vetturi ekoloġiċi u l-istrateġija tal-2010 favur l-iżvilupp ta' vetturi nodfa. Fil-punt 4.30 il-KESE nnota b'mod favorevoli l-attenzjoni li ngħatat lill-użu tal-vetturi elettriċi u tal-infrastrutturi meħteġa għall-iċċarġjar tal-batteriji, u rrefera għall-Opinjoni tiegħu dwar "Lejn użu aktar mifruż tal-vetturi elettriċi" ⁽³⁾ fejn il-KESE esprima l-appoġġ qawwi tiegħu għal miżuri li għandhom dan il-għan sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u d-dipendenza fuq l-importazzjoni taż-żejt. Għet rimarkata wkoll l-importanza tat-teknoloġija intelliġenti fl-użu ta' vetturi elettriċi bħala provveduturi tal-enerġija fis-sigħat l-iżjed traffikużi.

— l-Opinjoni dwar il-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar ⁽⁴⁾, fejn il-KESE laqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kondizzjonijiet ta' konformità permezz ta' "tool-box" li jinkludi miżuri teknoloġiċi bħal fjuwils alternattivi (LNG) u l-elettriku trasferit mill-art lejn il-vapuri, permezz ta' investimenti kemm mis-settur privat kif ukoll is-settur pubbliku.

— l-Opinjoni dwar il-proposta għal linji gwida ġodda għall-iżvilupp tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew ⁽⁵⁾. Il-KESE ressaq l-argument li jrid jissaħħaħ ir-rekwiżit dwar id-disponibbiltà ta' fjuwils nodfa alternattivi, peress li jkun kruċjali biex jorbot il-Linji Gwida dwar it-TEN-T mal-istrateġija li ġejja dwar fjuwils tat-trasport alternattivi.

2.3 Il-pakkett ippreżentat mill-Kummissjoni jikkonsisti minn dawn l-elementi li ġejjin:

— il-Komunikazzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-isfond ta' politika u l-għanijiet politiċi, flimkien ma' ħarsa ġenerali tal-alternattivi ta' fjuwil ewlenin li jeżistu bħalissa, u twaqqaf l-oqsma ta' prijorità għal aktar azzjoni tal-UE.

— il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-bini ta' infrastruttura minima għal fjuwils alternattivi u l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għal din l-infrastruttura fl-UE sabiex jiġu żgurati mobilità wiesgħa fl-UE u ekonomiji ta' skala.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "White Paper: Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport", ĠU C 24, 28.1.2012, p. 146.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar Lejn użu aktar mifruż tal-vetturi elettriċi, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 47.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-KESE dwar il-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar, ĠU C 68, 6.3.2012, p. 70.

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar Linji Gwida għall-iżvilupp tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, ĠU C 143, 22.5.2012, p. 130.

2.4 Il-fjuwils koperti mill-Komunikazzjoni huma il-gass naturali inkluż il-bijometan (LNG, CNG, GTL), l-elettriku, il-bijokarburanti (likwidi) u l-idroġenu, b'karatteristiċi u użi differenti. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġiji għal kull tip ta' trasport. L-istrateġija għandha l-għan li tistabbilixxi qafas fit-tul biex tiggwida l-iżvilupp teknoloġiku u l-investment fl-użu ta' fjuwils alternattivi, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq iż-żejt, titjieb is-sigurtà tal-fjuwils u jitnaqqas l-emissjonijiet. L-azzjonijiet previsti fl-istrateġija jikkonċernaw erba' oqsma:

- l-infrastruttura għal fjuwils alternattivi għandha tinbena b'densità suffiċjenti sabiex toħloq ċertezza fir-rigward tal-possibilitajiet fl-użu u biex tiġi żgurata mobilità madwar l-Ewropa. Dan għandu jippermetti l-użu iktar mifrux ta' vetturi u bastimenti li jużaw fjuwils alternattivi, b'enfasi fuq l-elettriku, l-idroġenu, il-CNG u l-LNG. L-ispiża ta' EUR 10 biljun kkalkolata għall-bini tal-infrastruttura neċessarja se titħallas lura mal-adozzjoni fis-suq. L-użu diretti ta' fondi pubbliċi jista' jiġi evitat jekk jintużaw għodod bħal rekwiżiti għal permess għal bini, konċessjonijiet, regoli tal-akkwist, regoli dwar aċċess u ċċarġjar u inċentivi mhux finanzjarji.
- huma meħtieġa speċifikazzjonijiet komuni, l-iktar urġenti għall-interfaċċa bejn vetturi elettriċi u l-postijiet fejn isir l-iċċarġjar tal-batteriji, iżda wkoll għall-idroġenu, il-CNG u l-LNG.
- l-aċċettazzjoni min-naħa tal-konsumatur hija essenzjali. Dan ifisser li tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-konsumatur, minn miżuri mhux finanzjarji, bħall-aċċess privileġġat għal vetturi elettriċi u kampanji ta' informazzjoni, sa inċentivi finanzjarji.
- l-indirizzar tal-iżvilupp teknoloġiku kif ġej: (a) fi ħdan il-qafas tal-programm Orizzont 2020, il-fondi se jkunu disponibbli għar-riċerka, id-dimostrazzjoni jew proġetti mmirati lejn is-suq għal fjuwils alternattivi f'kull mod ta' trasport; (b) se jiġu żviluppati Pjani Direzzjonali taħt il-Pjan Strateġiku dwar it-Teknoloġija tat-Trasport (COM(2012) 501 final); (c) sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat għandhom jiġu żviluppati aktar u għandhom jintużaw sħubijiet bħall-inizjattiva Bliet u Komunitajiet Intelliġenti (COM(2012) 4701 final); (d) proġetti speċifiċi jinkludu l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Bijoenereġija Industrijali taħt il-Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika, u huma ppjanati faċilitajiet tar-riċerka ġodda għall-interoperabbiltà ta' Vetturi Elettriċi/Grilja Intelliġenti fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-UE.

2.5 Il-proposta tiffoka fuq l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni u l-informazzjoni lill-konsumatur. Madankollu, tobbliġa wkoll lill-Istati Membri biex jadottaw qafas ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp

fis-suq ta' fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom. Dak il-qafas se jinkludi rekwiżiti ta' informazzjoni, miżuri ta' politika u regolatorji sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-infrastruttura, miżuri ta' appoġġ, ta' riċerka u ta' twaqqif ta' objettivi u kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra: a) sabiex tiġi żgurata koerenza internazzjonali fl-infrastruttura; b) ikun possibbli li jsiru vjaġġi madwar l-UE kollha kemm hi.

2.6 Fl-istess waqt li nħarġu l-Komunikazzjoni u l-proposta, il-Kummissjoni għamlet pubbliku wkoll id-Dokument ta' Ħidma li jstabbilixxi pjan ta' azzjoni lejn qafas komprensiv tal-UE dwar l-LNG għat-trasport fuq il-baħar. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-EMSA, qed tippjana li ttipponi, sa tmiem l-2014, sensiela komprensiva ta' regoli, standards u linji gwida għall-forniment, bunkering u l-użu tal-LNG fit-trasport fuq il-baħar.

3. Kummmenti ġenerali

3.1 Kif ġie rrimarkat hawn fuq, il-KESE indirizza f'għadd ta' okkazzjonijiet il-kwistjonijiet rigward il-ħtieġa għal fjuwils alternattivi għat-trasport u l-urġenza li tiġi żviluppata infrastruttura adegwata għal sistema kredibbli ta' riforniment ta' karburant jew ċarġjar tal-batteriji, li tappoġġa l-mobilità transkonfinali. Enfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu mnedija aktar miżuri li jippromovu l-adozzjoni fis-suq ta' vetturi elettriċi u li tingħata biżżejjed awtonomija lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din il-politika. Għaldaqstant il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon din l-inizjattiva.

3.2 Il-KESE jappoġġa l-approċċ definit fil-Komunikazzjoni u implimentat fil-proposta, li jiġi stipolat obbligu għall-Istati Membri biex jadottaw oqfsa ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp fis-suq ta' fjuwils alternattivi li jissodisfaw ċerti rekwiżiti minimi, soġġetti għal sistema ta' notifika u valutazzjoni ġestita mill-Kummissjoni.

3.3 B'mod partikolari, il-KESE japprova l-enfasi fuq infrastruttura ta' riforniment ta' karburnat/ċarġjar tal-batteriji bħala mezz kif jingħata spinta s-suq għal vetturi u bastimenti li jużaw fjuwils alternattivi. Jidher li hemm ftehim ġenerali li miżuri bħal dawn huma importanti sabiex tinħoloq il-fiduċja fi fjuwils alternattivi min-naħa tal-utenti, li huwa element essenzjali biex is-suq jieħu spinta 'l quddiem.

3.4 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll it-twaqqif ta' standards tekniċi validi fl-UE għal infrastruttura ta' riforniment ta' karburnat/ċarġjar tal-batteriji. Din il-miżura hija fattur deċiżiv sabiex tinħoloq il-fiduċja fi fjuwils alternattivi bħala alternattiv vijabbli għat-trasport transkonfinali. Il-KESE jassumi li l-Kummissjoni se tuża l-poter tagħha, kif tagħti dispożizzjoni l-proposta, biex tadotta atti ddelegati sabiex jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet, u b'hekk jiġi żgurat li huma dejjem kompatibbli ma' dawk li japplikaw fis-suq dinji.

3.5 Il-KESE josserva li l-proposta tobbliga lill-Istati Membri biex jadottaw qafas ta' politika nazzjonali għal fjuwils alternattivi. Madankollu, l-Artikolu 3(3) jidher li jawtorizza lil Stat Membru biex iżomm il-fjuwils barra minn dik il-politika, u l-obbligi ta' infrastruttura stipulati fl-Artikoli 4 sa 6 jkopru biss il-provvista tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass naturali. Madankollu, l-obbligu ta' informazzjoni lill-konsumatur fl-Artikolu 7 jidher li jkopri l-fjuwils alternattivi kollha fis-suq. Jidher ukoll mill-Komunikazzjoni li b'mod partikolari l-hekk imsejħa bijokarburanti avvanzati huma element importanti fit-taħlita tal-enerġija futura, talinqas kif qiegħda bħalissa s-sitwazzjoni, u meta wieħed iqs il-kwoti minimi previsti għal bijokarburanti fit-taħlita tal-enerġija futura. Għaldaqstant, il-KESE jaħseb li l-Artikolu 3 tal-proposta leġiżlattiva għandha tindika grupp bażiku ta' fjuwils alternattivi li jridu jiġu indirizzati minn oqfsa ta' politika nazzjonali.

3.6 Skont l-Artikolu 3 tal-proposta, l-Istati Membri għandhom jevalwaw il-kontinwità transfruntiera tal-kopertura tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi. L-artikolu jgħid ukoll li l-Istati Membri għandhom jikkoopearaw, permezz ta' konsultazzjonijiet jew oqfsa ta' politika konġunta, biex jiżguraw li l-miżuri meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva jkunu koerenti u koordinati. L-uniku mod kif jista' jiġi żgurat li dan l-obbligu fundamentali jkun implimentat b'mod adatt jidher li huwa l-mekkaniżmu ta' rappurtar u ta' valutazzjoni stipulat fl-Artikolu 3(5) u (6). Il-KESE jistaqsi jekk dan huwa biżżejjed u jaħseb jekk ma jkunx iktar utli li tinholq funzjoni ta' koordinazzjoni permanenti, fuq il-linji tal-koordinaturi għal ċerti proġetti TEN-T taħt il-Linji Gwida dwar it-TEN-T.

3.7 Il-Komunikazzjoni tagħti l-idea li qed tassumi li l-iffinanzjar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi tista' ssir mingħajr finanzjament pubbliku dirett u bl-appoġġ esklużiv ta' għodod ta' politika bħal permessi għall-bini, konċessjonijiet, regoli dwar l-akkwist, regoli ta' aċċess u ta' ċarġjar u inkentivi mhux finanzjarji. Fil-fehma tal-KESE dan jista' jkun minnu għal punti tal-iċċarġjar mingħajr aċċess pubbliku għal vetturi elettriċi, iżda jiddubita kemm dan il-kunċett jaħdem fir-rigward ta' punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku għal vetturi elettriċi, fejn l-operazzjoni kummerċjali ġeneralment huwa kkunsidrat mhux fattibbli u l-finanzjament pubbliku bħala l-unika soluzzjoni realistika, talinqas matul il-fażi ta' żvilupp. (Ara, pereżempju, *Fortschrittsbericht der Nationalen Plattform Elektromobilität (Dritter Bericht)*, Taqsima 5.5 – rapport imfassal għall-Ministeru tat-Trasport tal-Ġermanja f'Lulju 2012).

3.8 Minħabba l-livell ta' spejjeż ta' investiment u l-inċertezza tas-swieg, il-KESE huwa tal-fehma li hemm hteġġa ġenerali u fit-tul għall-finanzjament pubbliku ta' infrastruttura ddedikata għal riforniment ta' karburant/ċarġjar tal-batteriji għall-fjuwils alternattivi. Għalhekk il-KESE jaħseb li l-valutazzjoni li għamlet il-Komunikazzjoni dwar dan il-punt għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Dawn il-ħtiġijiet ta' finanzjament ġew ikkunsidrati fil-Guidelines on Financial Incentives for Clean and Energy Efficient Vehicles (Linji gwida ppubblikati dwar Inkentivi Finanzjarji

għal Vetturi Nodfa u Effiċjenti fl-Enerġija) (SWD (2013)27) u għandhom jiġu kkunsidrati wkoll meta jiġu stabbiliti prijoritajiet, pereżempju, dwar il-finanzjament tat-TEN-T.

3.9 Il-KESE jistaqsi wkoll dwar l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għal kull Stat Membru previst għall-2020 fl-Anness II għall-proposta. Biex nikkwotaw eżempju wieħed, il-Ġermanja, l-Anness jipprevedi 1 500 000 punt tal-iċċarġjar, li minnhom 150 000 huma ta' aċċess pubbliku. Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm tal-elettromobilità tal-Ġermanja kkwotat taħt 3(7) ibassar total ta' fitt inqas minn miljun punt tal-iċċarġjar għal madwar l-istess ammont ta' karozzi. Minn dawn il-punti tal-iċċarġjar, 150 000 se jkunu ta' aċċess pubbliku, iżda hemm dubju dwar 'il fuq minn 50 % minnhom. Għalhekk, il-KESE jissuġġerixxi li ċ-ċifri ta' mira fl-Anness II jiġu kkunsidrati u li jinholq mekkaniżmi sempliċi għar-reviżjoni tal-previżjonijiet fl-Anness II.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-KESE jistaqsi dwar il-kriterji ta' kosteffettività fir-rigward ta' faċilitajiet ta' elettriku fuq ix-xatt stipulati fl-Artikolu 4(4) tal-proposta. Mhuwiex ċar kontra liema kriterji ta' effettività se titkejjel l-ispiża.

4.2 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-rekwiżiti li l-punti tal-iċċarġjar b'aċċess pubbliku għandhom jiġu mgħammra b'sistemi ta' kejl intelliġenti. Dan se jiffaċilita l-iżvilupp futur ta' funzjonijiet bħall-għażla tal-enerġija ekoloġika għall-iċċarġjar u l-forniment tal-elettriku minn vetturi fil-ħinijiet l-iżjed traffikużi. Il-KESE jaħseb jekk dan ir-rekwiżit ma jstax jiġi kkunsidrat anke għall-punti tal-iċċarġjar mingħajr aċċess għall-pubbliku.

4.3 Il-KESE jistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(8) tal-proposta huma suffiċjenti biex jiżguraw dritt għal roaming meta wieħed ikun qed juża vettura elettrika għal vjaġġ transkonfinali. Il-KESE huwa tal-fehma li għandha tingħata konsiderazzjoni serja lill-alternattiva li jiġi impost obbligu fuq l-Istati Membri sabiex ikun żgurat li r-roaming ikun jista' jsir fl-UE bi prezz raġonevoli.

4.4 Huwa u jqabbel l-Artikolu 6(1) u (2) mal-(4), il-KESE jistaqsi jekk l-iskadenza ppjanata għad-disponibbiltà tal-istandards tekniċi għal-LNG, stipulata fl-Anness III 3.1 għall-proposta bħala "sal-2014" hija tabilħaqq sodisfaċenti, meta wieħed iqs li r-regola tal-kubrit ta' 0,1 % għall-fjuwils tal-baħar se tapplika fiż-Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Kubrit mill-1 ta' Jannar 2015. Dan ifisser li l-perjodu ta' żmien sa dik id-data huwa qasir ħafna biex isir ix-xogħol kollha, aħseb u ara li jiġu definiti l-kondizzjonijiet ta' finanzjament. Għaldaqstant il-KESE jissuġġerixxi li jittiedhu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-portijiet, is-sidien tal-bastimenti u l-operaturi tal-bastimenti jkunu jistgħu jagħmlu użu f'waqt tal-possibiltà li jadattaw ir-rekwiżit ta' 0,1 % billi jużaw l-LNG, mingħajr ma jkollhom ir-riskju li ma jikkonformawx mar-regoli tal-UE skont id-Direttiva 1999/32/UE kif emendata permezz tad-Direttiva 2012/33/UE, Artikolu 1(4).

4.5 Il-KESE għandu jilqa' b'sodisfazzjon referenza fil-proposta, possibbilment fl-Artikolu 3, għall-ħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet adatti li jiżguraw li tkun disponibbli infrastruttura adegwata f'żoni b'popolazzjoni baxxa, fejn huwa partikolarment diffiċli biex jinstab finanzjament mingħajr l-ghajjnuna pubblika, anke wara li jintemm il-perjodu inizjali.

4.6 Fl-aħħar nett, il-KESE jinnota li għalkemm l-LNG fih innifsu jista' jingiebb mill-karburanti fossili jew il-bijokarburanti, jidher mid-Dokument ta' Ħidma (Sezzjoni 1, l-aħħar punt) li l-varjetà kkonsidrata għall-użu marittimu bħalissa tidher li hija ta' orġini fossila, għalkemm b'karatteristiċi ambjentali tajbin ħafna. Il-KESE jassumi li se jsiru sforzi sabiex jiġi promoss l-użu ta' varjetajiet oħra ta' LNG jew sistemi oħra ta' propulsjoni. Il-karattru possibbilment proviżorju tas-soluzzjoni tal-LNG għal darb'oħra joħroġ fid-dieher id-dubji dwar kemm il-proposta hija tabilħaqq impenjata favur faċilitajiet tal-LNG.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi ta’ entitajiet tas-settur pubbliku”

COM(2012) 721 final — 2012/0340 (COD)

(2013/C 271/22)

Relatur: **is-Sur Ask Lønbjerg ABILDGAARD**

Nhar l-10 ta’ Diċembru u t-18 ta’ Diċembru 2012, il-Parlament Ewropew u l-l-Kunsill rispettivament iddeċiedew, b’konformità mal-Artikoli 114(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku

COM(2012) 721 final - 2012/0340 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-30 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’148 vot favur, vot wieħed kontra u 6 astensjonijiet.

1. Kummenti ġenerali u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon din il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea. M’hemm l-ebda dubju dwar ir-rilevanza tal-proposta li tirrifletti l-ambizzjoni li sservi kemm liċ-ċittadini kif ukoll lil dawk li jipprovdu s-servizzi tal-internet fl-UE, billi tiffaċilita l-ħolqien ta’ suq intern għall-aċċessibbiltà tal-internet.

1.2 Madankollu, il-KESE għandu d-dubji serji tiegħu dwar l-adegwatezza tal-mezzi proposti biex tintlaħaq din l-ambizzjoni. Huwa meħtieġ strument legali b’saħħtu biex jiġi evitat li l-limitazzjonijiet baġitarji li nħolqu mill-kriżi ekonomika attwali, jiġu użati bħala skuża barra minn lokha għall-possibbiltà li xi Stati Membri ma jimplementawx id-Direttiva.

1.3 Il-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva huwa limitat u b’hekk ġew limitati l-kategoriji tas-siti elettroniċi tal-entitajiet pubbliċi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva. Il-konsegwenza potenzjali hija nuqqas ta’ aċċess għal servizzi essenzjali pprovduti permezz tas-siti pubbliċi li jaqgħu barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva.

1.4 Barra minn hekk, twessigħ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva għas-siti kollha tas-settur pubbliku jkun kundizzjoni neċessarja biex takkumula l-massa kritika meħtieġa għall-ħolqien ta’ suq Ewropew għas-servizzi tal-internet aċċessibbli, u b’hekk għall-ħolqien ta’ settur tal-aċċessibbiltà tal-internet li huwa kompetittiv globalment. Dan jista’ jipprovdi opportunitajiet addizzjonali ta’ impjieg għall-persuni b’diżabbiltà jew mingħajr diżabbiltà fl-Ewropa.

1.5 Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva jitwessa’ biex b’mod gradwali

jkopri s-siti tal-entitajiet pubbliċi kollha, b’konformità mal-eżiġenzi tal-ordni, is-sigurtà u s-saħħa pubbliċi, kif ukoll il-protezzjoni tad-data privata personali⁽¹⁾. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kummissjoni Ewropea tipp-poni regolament li jpoġġi lill-istituzzjonijiet tal-UE taħt l-obbligi mniżżla fid-Direttiva li qed tiġi diskussa.

1.6 Apparti dan, il-KESE qed jirrakkomanda b’qawwa għadd ta’ miżuri ta’ appoġġ, bħal sensibilizzazzjoni, programmi ta’ taħriġ fl-aċċessibbiltà tal-internet, il-ħatra ta’ koordinaturi tal-aċċessibbiltà tal-internet f’entitajiet kbar tas-settur pubbliku u l-opportunità li ċ-ċittadini jikkumentaw dwar l-aċċessibbiltà tas-siti pubbliċi, biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva. L-imsieħba soċjali għandhom jaqdu rwol iktar proattiv rigward dawn il-kwistjonijiet.

1.7 Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li tivvaluta l-implikazzjonijiet tad-Direttiva għall-impjieg kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, bil-għan li jiġi studjat l-effett nett fuq l-impjieg, il-ħolqien ta’ impjieg ta’ kwalità u impjieg potenzjali għall-persuni b’diżabbiltà.

1.8 Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni biex jadottaw l-istandard Ewropew rilevanti, li għalih id-Direttiva inkwistjoni tirreferi, mingħajr dewmien biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni bla xkiel tad-Direttiva. Fl-istess waqt, l-implimentazzjoni m’għandhiex titħalla lura sakemm l-istandard Ewropew jiġi adottat, peress li l-Kummissjoni Ewropea qed tipp-poni arranġament legali temporanju li huwa għal kollox adegwat bħala parti integrali tad-Direttiva.

⁽¹⁾ (Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali); ĠU C 218, 23.7.2011, pp. 130-134; ĠU C 255, 22.9.2010, pp. 98-102.

2. Il-kuntest

2.1 L-aċċessibbiltà tal-internet hija parti integrali minn ħafna mill-inizjattivi politiċi fil-livell Ewropew: Strateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020 (aċċessibbiltà tal-ICT); il-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern Elettroniku 2011-2015 (servizzi tal-gvern elettroniku inklużivi u aċċessibbli); u l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa (il-Kummissjoni tippromovi li jiġi żgurat li s-siti tas-settur pubbliku jkunu aċċessibbli għalkollox sal-2015).

2.2 Fl-2006, l-Istati Membri tal-UE kienu anke hađu impenn fl-hekk imsejħa Dikjarazzjoni ta' Riga li jtejb u l-aċċessibbiltà tas-siti pubbliċi tal-internet. S'issa l-Istati Membri għadhom ma wettqux dawn l-impenji b'mod sodisfaċenti. Dan huwa aspett importanti mill-isfond tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għad-Direttiva li qed tiġi diskussa.

2.3 Il-proposta għal Direttiva dwar l-aċċessibbiltà tas-siti tas-settur pubbliku timmira li tappoġġja lill-Istati Membri biex iwettqu l-impenji nazzjonali tagħhom rigward l-aċċessibbiltà tal-internet, u b'hekk tappoġġja b'mod partikolari l-impenji tal-Istati Membri fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà dwar is-siti tal-istituzzjonijiet tas-settur pubbliku. L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni jobbliga lill-Istati Membri, u l-UE b'hała tali, li japplikaw miżuri adatti biex jassiguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess, fuq l-istess bażi b'hał nies oħra, fost affarijiet oħra għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, fosthom l-internet.

2.4 In-nuqqas ta' approċċi armonizzati għall-aċċessibbiltà tal-internet joħloq barrieri fis-suq internazzjonali. Peress li anqas minn 10 % tas-siti huma aċċessibbli, is-suq Ewropew għall-aċċessibbiltà tal-internet jista' jikber b'mod sinifikanti u approċċi armonizzati jistgħu jiffaċilitaw dan billi jtemmu l-frammentazzjoni attwali u n-nuqqas ta' fiduċja fis-suq tal-aċċessibbiltà tal-internet.

B'hekk, l-aċċessibbiltà tal-internet hija qasam li fih is-suq intern jista' jitpoġġja għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej ħafna aktar milli qed jiġri llum. Fl-istess waqt, il-leġislazzjoni dwar dan is-suġġett tista' tiffaċilita l-ħolqien ta' suq li huwa verament Ewropew għall-aċċessibbiltà tal-internet, u b'hekk jinfetħu s-swieq fl-Istati Membri fejn ir-riskji ta' inċertezza legali qed iżommu lill-iżviluppaturi tas-siti elettroniċi milli joperaw minn Stati Membri oħra.

2.5 Fl-aħħar mill-aħħar, approċċ armonizzat għall-aċċessibbiltà tal-internet madwar l-UE jnaqqas l-ispejjeż tal-kumpaniji li jiżviluppaw is-siti elettroniċi u b'hekk jonqsu l-ispejjeż tal-entitajiet pubbliċi li jixtru s-servizzi mingħand dawn il-kumpaniji.

2.6 Barra minn hekk, huwa importanti ħafna li jiġi enfasizzat li entitajiet pubbliċi, u ħafna istituzzjonijiet oħra ta' importanza kbira għaċ-ċittadini, jipprovdu informazzjoni u servizzi essenzjali permezz tas-siti tal-internet tagħhom. B'hekk iċ-ċittadini kollha, inklużi l-persuni b'diżabbiltà, persuni b'impedimenti funzjonali, it-tfal, l-anzjani, etc., għandhom b'żonn l-aċċess għal dawn is-siti u l-funzjonijiet tagħhom. Dan jikkonċerna kemm l-aġġustamenti tekniċi (il-verżjoni tat-test, il-possibbiltà li jinbidel id-daqs tal-karattri, it-tibdil fil-kuntrastr, il-possibbiltà ta' aċċess għal siti b'magni tat-tiftix differenti u bl-għajnuna ta' programmi li jiffaċilitaw l-aċċess) kif ukoll aspetti b'haċ-ċarezza tal-lingwaġġ użat. L-għadd ta' siti li jipprovdu servizzi tal-gvern elettroniku, u s-siti tas-settur pubbliku b'mod ġenerali, qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla. L-aċċess għall-informazzjoni u s-servizzi pprovduti permezz tas-siti elettroniċi ser ikun importanti għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini fil-ġejjieni, fosthom l-aċċess għall-impjieg.

2.7 Il-proposta hija rilevanti wkoll f'termini ta' faċilitazzjoni tal-inklużjoni elettronika, peress li l-aċċessibbiltà tal-internet hija għodda li tintuża fl-isforzi biex tintlaħaq il-mira li l-persuni b'diżabbiltà jkunu integrati fis-soċjetà u iċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għas-servizzi pprovduti permezz tas-siti tal-internet.

2.8 Għall-KESE, l-aċċessibbiltà għandha titqies b'hała parti integrali mill-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini. Għaldaqstant, l-aċċessibbiltà għandha ssir miżura ta' ugwaljanza flimkien ma' kundizzjonijiet oħra importanti fosthom:

— disponibbiltà mifruxa tal-infrastruttura li tiggarantixxi aċċess għal kulħadd għal internet b'veloċità għolja (broadband) ⁽²⁾;

— aċċess għaċ-ċittadini kollha għal kompjuters privati jew pubbliċi (hardware);

— aċċess għal software li jinftiehem mill-pubbliku kollu li jiggarantixxi faċilità tal-użu, inkluż minn pubbliku f'sitwazzjoni ta' esklużjoni ⁽³⁾.

3. L-approċċ li tieħu l-Proposta għal Direttiva

3.1 Id-Direttiva għandha l-għan li tqarreb il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-aċċessibbiltà tas-siti tal-internet tal-entitajiet tas-settur pubbliku billi tiddefinixxi rekwiżiti armonizzati.

⁽²⁾ ĠU C 318, 23.12.2006, pp. 222-228.

⁽³⁾ ĠU C 318, 29.10.2011, pp. 9-18; ĠU C 24, 28.1.2012, pp. 139-145; ĠU C 175, 28.7.2009, pp. 8-12.

3.2 Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tekniċi li permezz tagħhom l-Istati Membri jagħmlu l-kontenut ta' ċerti tipi ta' siti tal-entitajiet tas-settur pubbliku aċċessibbli. It-tipi ta' siti tal-internet tas-settur pubbliku kkonċernati jipprovdu informazzjoni u servizzi ta' importanza essenzjali għall-parteċipazzjoni pubblika fl-ekonomija, is-suq tax-xogħol inkluż, u s-soċjetà iġġenerali, kif ukoll biex iċ-ċittadini jgawdu d-drittijiet tagħhom. Il-kategoriji ta' siti rilevanti ġew identifikati mill-eżerċizzju ta' benchmarking tal-gvern elettroniku (4) u huma mniżżla fl-anness tad-Direttiva.

4. Kummenti u rakkomandazzjonijiet

4.1 Kamp ta' applikazzjoni

4.1.1 L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva billi jirreferi għall-anness tiegħu li fih hemm imniżżla ċerti tipi ta' siti meħudin mill-eżerċizzju tal-benchmarking tal-gvern elettroniku għall-2001. It-tipi ta' siti tal-internet fuq din il-lista huma siti importanti. Madankollu, il-lista tas-siti kkonċernata tħalli barra ħafna servizzi li huma meħtieġa għall-inklużjoni taċ-ċittadini fl-ekonomija u fis-soċjetà iġġenerali.

4.1.2 Xi eżempji ta' setturi ewlenin li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva huma:

- il-kura tat-tfal;
- l-educazzjoni primarja;
- l-educazzjoni sekondarja;
- l-elezzjonijiet ġenerali u lokali;
- it-trasport pubbliku;
- l-attivitajiet kulturali.

Il-lista ta' eżempji ma tinkludix kollox. Is-siti tal-entitajiet pubbliċi li jipprovdu l-informazzjoni u s-servizzi f'dawn is-setturi ewlenin mhumiex koperti b'mod espliċitu b'din id-Direttiva.

4.1.3 Il-Kummissjoni Ewropea tirreferi għal dak li jissejjaħ effett konsekwenzjali bħala dak il-mekkaniżmu li bih id-Direttiva jkollha impatt fuq is-siti tal-entitajiet pubbliċi li mhumiex koperti b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

4.1.4 Ir-raġunament jassumi li l-effett konsekwenzjali jwassal biex l-entitajiet tas-settur pubbliku jifflu l-aċċess għas-siti li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fl-istess waqt, jew wara li jifflu għas-siti li huma koperti b'mod espliċitu, bħala konsegwenza tal-fatt li l-proċess ikun diġà nbeda. Fattur li jista' jikkontribwixxi biex jinholq l-effett konsekwenzjali huwa l-akkwist pubbliku li jsir b'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE, peress li wieħed jista' jistenna li daww li jassenjaw il-kuntratti pubbliċi jkollhom l-obbligu li jirreferu għall-istandards Ewropej

dwar l-aċċessibbiltà tal-internet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom. Il-kontribut ta' dan il-fattur jiddependi mir-rieda politika ta' daww li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE u r-rieda u l-abbiltà tal-akkwirenti pubbliċi li jindirizzaw l-aċċessibbiltà tal-internet.

4.1.5 Madankollu, il-KESE huwa mħasseb li dawn ir-rabtiet kawżali li suppost għandhom joħlqu l-effett konsekwenzjali huma dgħajfa. Il-KESE ma jħossx li ngħatat prova li dan il-mekkaniżmu jaħdem. Bħala konsegwenza, il-KESE jilqa' l-miżura fid-Direttiva li permezz tagħha l-Istati Membri huma mħeġġa jespandu r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet għal siti oħra tal-internet barra minn daww imsemmija b'mod espliċitu fl-anness għad-Direttiva. Fiċ-ċirkostanzi attwali, il-KESE jibqa' mħasseb dwar l-adekwatezza ta' din il-miżura.

4.1.6 Il-valutazzjoni komparattiva "Measuring Progress of eAccessibility in Europe (2006-2008)" [Inkejlu l-progress tal-aċċessibbiltà elettronika fl-Ewropa (2006-2008)] uriet rabta ċara bejn l-eżistenza tal-leġislazzjoni fl-Istati Membri u l-livell ta' aċċessibbiltà tas-siti. B'hekk ingħatat prova tal-effett tal-leġislazzjoni bħala tali.

4.1.7 Il-KESE huwa mħasseb li l-Kummissjoni Ewropea qed toħloq distakk bejn l-approċċ tad-Direttiva u s-sitwazzjoni li jiffaċċjaw l-iżviluppaturi tas-siti elettroniċi, l-entitajiet pubbliċi u i-ċittadini billi ddefinixxiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fuq il-bażi ta' studju komparattiv li sar fl-2001, f'soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni li qed tinbidel b'rata mgħaġġla. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Istati Membri rrevedew l-istrateġiji tagħhom għad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku, u ser ikomplu jagħmlu dan fil-futur.

4.1.8 L-implikazzjoni għaċ-ċittadini li huma dipendenti mill-aċċessibbiltà tal-internet, hija li ser ikollhom quddiemhom riskju serju li jiġu mxejja, parzjalment jew għalkollox, milli jibbenefikaw mis-servizzi u l-informazzjoni pprovduti permezz tas-siti tal-internet li ma' jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni relattivament dejjaq tad-Direttiva. Il-KESE huwa tal-fehma li din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza taċ-ċittadini (Artikolu 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).

4.1.9 L-implikazzjoni għall-entitajiet pubbliċi hija li huma ser ikollhom quddiemhom ambjent ta' politika b'rekwiżiti legali vinkolanti differenti għal tipi differenti ta' siti. Dan jista' jwassal biex l-implimentazzjoni tad-Direttiva tkun aktar kumpless milli għandha b'żonn li tkun. Biex tonqos din il-kumplessità, il-KESE jirrakkomanda, bħala minimu, li t-test tad-Direttiva jispjega b'mod espliċitu li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jkopri s-sit tal-internet kollu li fuqu huwa pprovdut is-servizz, u mhux biss il-funzjoni tas-servizz fiha nfisha.

4.1.10 Implikazzjoni oħra għas-settur pubbliku fl-Istati Membri hija li s-servizzi li mhumiex aċċessibbli għal xi ċittadini jridu jiġu pprovduti lil dawn il-persuni b'modi oħra u b'hekk jinholq trattament mhux uguali ta' ċerti gruppi ta' ċittadini. Dan jista' jimplika spejjeż akbar għall-assistenza personali pratika għall-persuni b'diżabbiltà, spejjeż għal soluzzjonijiet tat-trasport speċjalizzati adattati għall-persuni b'diżabbiltà, u persunal disponibbli biex jgħin lil-anzjani, pereżempju, li jiġu huma personalment fis-sede tal-entità pubblika inkwistjoni.

(4) <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/egovement-indicators-benchmarking-europe>

4.1.11 L-implikazzjoni għall-kumpaniji tas-settur tal-internet hija li hemm ir-riskju li jkomplu joperaw f'suq li huwa frammentat skont il-linji tal-livelli differenti ta' rekwiżiti rigward l-aċċessibbiltà tal-internet. L-għadd ta' siti tal-entitajiet pubbliċi soġġetti għar-rekwiżiti konsistenti tad-Direttiva madwar l-UE jista' jibqa' baxx, u l-Istati Membri jistgħu jespandu jew jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni fi gradi li jvarjaw.

4.1.12 Jekk ma jintużax il-potenzjal sħiħ tal-ħolqien ta' suq intern għal servizzi tal-internet aċċessibbli, il-ħolqien tal-impjiegi assoċjati mas-settur jinżamm ukoll. Din tkun opportunità mitlufa b'mod partikolari fir-rigward tal-potenzjal għal impjiegi speċjalizzati għall-persuni b'diżabbiltà. Qafas legali ċar u komprensiv fil-livell Ewropew huwa kundizzjoni meħtieġa għal settur tal-aċċessibbiltà tal-Internet Ewropew li jkun kapaċi jikkompeti fil-livell globali, u għalhekk għall-ħolqien ta' impjiegi addizzjonali fl-UE.

4.1.13 Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġi rivedut. Il-KESE jqis li jkun adatt li l-kamp ta' applikazzjoni jitwessa' għas-siti tal-entitajiet pubbliċi kollha li jipprovdu servizzi diretti liċ-ċittadini. Espansjoni bħal din tista' tiġi akkumpanjata minn skadenzi estiżi għall-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva rigward is-siti li jipprovdu s-servizzi għal gruppi limitati fin-numru, u b'hekk l-implimentazzjoni tad-Direttiva tiġi introdotta b'mod gradwali.

4.1.14 Bħala minimu, il-KESE jirrakkomanda aġġornament tal-lista tas-servizzi misluta mill-eżerċizzju komparattiv tal-2001 b'servizzi ewlenin addizzjonali li issa huma prominenti fl-istrategġiji tad-diġitalizzazzjoni tal-Istati Membri. Konsiderazzjoni oħra fl-għażla ta' dawn is-servizzi ewlenin addizzjonali għandha tkun il-kontribut potenzjali tagħhom għall-ħolqien ta' suq intern għal servizzi aċċessibbli tal-internet. L-iżvantaġġ ta' dan l-approċċ ikun il-ħtieġa kontinwa ta' aġġornamenti ulterjuri ta' din il-lista skont l-iżviluppi teknoloġiċi u d-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku madwar l-UE.

4.1.15 Il-KESE jirrakkomanda b'qawwa li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jkopri b'mod espliċitu verżjonijiet tas-siti pubbliċi ddisinjati biex jintużaw minn apparat mobbli kif ukoll karatteristiċi ddisinjati biex jiffaċilitaw l-aċċess mobbli b'mod ġenerali. B'mod gradwali, l-apparat mobbli qed isir il-mezz ippreferut, u d-Direttivi għandhom iqisu dan il-fatt. Minkejja l-fatt li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, li permezz tagħhom għandha tiġi implimentata d-Direttiva, jinkorporaw l-apparat mobbli, ikun sinjal importanti li dan l-aspett jiġi rikonoxxut, u b'hekk tissaħħaħ ir-rilevanza futura tad-Direttiva.

4.1.16 Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li l-funzjonijiet provduti permezz tas-siti, li huma esterni għas-sit tal-korp pubbliku inkwistjoni, pereżempju bl-użu tal-links tal-internet, jiġu koperti b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Kjarifika bħal din tikkontribwixxi biex tiġi evitata l-inċertezza legali fir-rigward tar-responsabbiltà għall-aċċessibbiltà ta' servizz partikolari.

4.1.17 Barra minn hekk il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li tipproponi regolamentazzjoni li tpoġġi lill-istitutazzjonijiet tal-UE, inkluż il-KESE li huwa lest li jkun proattiv u fl-avangwardja, taħt l-obbligi msemmija mid-Direttiva inkwistjoni.

4.2 L-użu ta' standards u n-newtralità tat-teknoloġija

4.2.1 Id-Direttiva fiha soluzzjoni għall-presuppost ta' konformità ma' standards armonizzazzati għas-siti tal-internet inkwistjoni biex tiffaċilita l-konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet. Bl-użu ta' standards armonizzati huwa possibbli li l-istandards rilevanti jiġu aġġornati mingħajr il-bżonn li tinbidel il-leġislazzjoni tal-UE jew dik nazzjonali.

4.2.2 Fwaha mill-premessi, id-Direttiva tindika li s-Suċċess Criteria and Requirements for Conformance Level AA (Kriterji ta' Suċċess u Rekwiżiti ta' Konformità, Livell AA) tal-verżjoni 2.0 tal-Linji Gwida għall-Aċċessibbiltà tal-Kontenut fuq l-Internet (WCAG 2.0), maħruġin mill-World Wide Web Consortium (W3C), huma mistennija li jitqiesu fl-Istandard Ewropew li jirriżulta mill-Mandat 376 u wara fl-istandard armonizzat li għandu jinbena fuq ir-riżultat ta' din il-ħidma. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet teknoloġikament newtrali jipprovdu l-bażi għar-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet kif inhi definita fid-Direttiva.

4.2.3 Il-KESE jikkomplimenta lill-Kummissjoni Ewropea għall-għażla ta' speċifikazzjonijiet għall-aċċessibbiltà tal-internet rikonoxxuti internazzjonalment bħala referenza għad-Direttiva proposta. Il-KESE jinnota l-fatt li d-WCAG 2.0, livell AA, huwa l-punt ta' referenza għall-aċċessibbiltà tal-internet u ser jibqa' hekk fil-futur prevedibbli. Għaldaqstant, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva jittardjaw minħabba l-proċess ta' standardizzazzjoni Ewropew.

4.2.4 Il-KESE jikkomplimenta l-Kummissjoni Ewropea wkoll għall-għażla li tuża standards armonizzati, li jippermettu l-integrazzjoni ta' żviluppi futuri fl-ispeċifikazzjonijiet futuri tal-aċċessibbiltà tal-internet, jekk dan isir meħtieġ minħabba żviluppi teknoloġiċi jew oħrajn sabiex jinżamm il-livell ta' aċċessibbiltà previst mid-Direttiva.

4.2.5 Fl-istess waqt, huwa essenzjali li l-aċċess għall-istandards rilevanti jibqa' miftuħ u bla ħlas għall-partijiet interessati kollha, u li r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tagħhom u l-iżvilupp ulterjuri ma jitħallix biss fidejn l-entitajiet ta' standardizzazzjoni u l-atturi kummerċjali.

4.2.6 In-newtralità teknoloġika hija prerekwiżit biex issir ħidma fl-aċċessibbiltà tal-internet f'ambjent tal-ICT li jinbidel b'rata mgħaġġla. Dan jippermetti l-innovazzjoni kontinwa. B'hekk in-newtralità teknoloġika tad-WCAG 2.0 ser tikkontribwixxi għar-rilevanza tad-Direttiva fil-futur.

4.2.7 Barra minn hekk, l-għażla ta' speċifikazzjonijiet b'rikonoxximent internazzjonali żżid il-probabbiltà li l-iżviluppaturi tas-siti elettroniċi, li ma joperawx biss fl-UE iżda wkoll f'reġjuni globali, ikunu qed jaħdmu b'konformità ma' rekwiżiti konverġenti fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-internet, u b'hekk l-implimentazzjoni tagħhom fis-soluzzjonijiet tal-internet provduti tkun issemplifikata. Dan hu aspett importanti li jrid jitqies f'suq li huwa internazzjonali u globali fin-natura tiegħu. Huwa importanti li l-utenti jibbenefikaw ukoll minn kriterji komuni f'dak li jirrigwarda possibbiltà omoġenja ta' aċċess u ta' parteċipazzjoni, kif ukoll il-preżentazzjoni u l-inklużjoni ta' elementi strutturali oħra li jistgħu jgħinu n-navigazzjoni fl-internet b'mod sostanzjali.

4.3 Sensibilizzazzjoni u taħriġ

4.3.1 Fl-Artikolu 6, l-Istati Membri huma mħeġġa jintroduċu miżuri li jistgħu jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni, l-istabiliment tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-internet, u t-tkabbir tas-suq tal-aċċessibbiltà tal-internet.

4.3.2 Il-KESE jirrakkomanda li jiġi inkluż obbligu legali għall-Istati Membri biex tikber is-sensibbiltà dwar l-aċċessibbiltà tal-internet fost l-entitajiet pubbliċi, l-iżviluppaturi tas-siti elettroniċi, u partijiet oħra interessati. L-għarfien dwar il-kwistjoni, u l-importanza tagħha, huwa prerekwiżit għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva.

4.3.3 Il-KESE jirrakkomanda wkoll li jiġi introdott obbligu legali għall-Istati Membri biex jistabbilixxu programmi ta' taħriġ għall-persunal rilevanti tal-entitajiet pubbliċi permezz ta' konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, biex jiffaċilitaw aktar l-implimentazzjoni konkreta tar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet. Il-valur miżjud tal-koordinazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità ta' dawn il-programmi fil-livell Ewropew ikun sinifikanti u jista' jibbenefika mill-prattiki tajba eżistenti.

4.3.4 Il-KESE jirrakkomanda b'qawwa li l-imsieħba soċjali jkunu involuti b'mod sħiħ fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni. Huma jista' jkollhom rwol importanti fil-komunikazzjoni tal-ideat u l-preokkupazzjonijiet tal-persunal u l-amministraturi li ta' kuljum iridu jassiguraw l-aċċessibbiltà tal-internet. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali jistgħu jgħinu biex il-kwistjoni tal-aċċessibbiltà tal-internet titpoġġa fuq l-aġenda.

4.3.5 Kemm is-sensibilizzazzjoni kif ukoll it-taħriġ professjonali huma strumenti meħtieġa, iżda mhux suffiċjenti biex jaħdem il-mekkaniżmu konsekwenzjali previst mill-Kummissjoni.

4.4 Monitoraġġ

4.4.1 Fid-dawl tal-aġġornamenti regolari tal-kontenut tal-internet, l-aċċessibbiltà tas-siti għandha tiġi ssorveljata b'mod kontinwu. Fl-Artikolu 7 tad-Direttiva, l-Istati Membri huma mitluba li jissorveljaw is-siti tal-internet tal-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati, permezz tal-metodoloġija stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea b'konformità mal-proċedura stabbilita

mid-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw fuq bażi annwali r-riżultati ta' dan il-monitoraġġ, anke dwar l-estensjoni possibbli tal-lista tat-tipi tas-siti kkonċernati, kif ukoll dwar miżuri addizzjonali li ttieħdu fil-qasam tal-aċċessibbiltà tas-siti pubbliċi. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tqis li x'aktarx mhux l-Istati Membri kollha ser ikunu f'pożizzjoni li jimplimentaw id-Direttiva sal-aħħar tal-2015 u lanqas ma huma ser ikunu jistgħu jinkludu ċ-ċittadini kollha. Il-Kumitat huwa favur l-iżvilupp ta' standards Ewropej; bla ebda dubju, il-Parlament Ewropew ser ikun attent li jiżgura li l-atti delegati ma jistipulawx rekwiżiti tekniċi li jkollhom konsegwenzi politiċi ta' ħsara għaċ-ċittadini Ewropej.

4.4.2 Il-KESE jinsab sodisfatt li l-Kummissjoni Ewropea tagħraf il-ħtieġa ta' monitoraġġ kontinwu tal-aċċessibbiltà tas-siti tal-entitajiet pubbliċi.

4.4.3 Il-KESE jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' obbligu għall-Istati Membri li jipubblikaw ir-riżultati tal-monitoraġġ kontinwu f'formati li jkunu faċilment aċċessibbli mill-pubbliku, fosthom il-konklużjonijiet ġenerali possibbli li jkunu saru mill-awtoritajiet rilevanti fuq il-bażi tal-monitoraġġ.

4.4.4 Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa wkoll li jiġi introdott obbligu għall-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmi li permezz tagħhom iċ-ċittadini, u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, jkunu jistgħu jirrapportaw dwar l-aċċessibbiltà u n-nuqqas tagħha fir-rigward tas-siti tal-entitajiet pubbliċi. L-informazzjoni pprovduta permezz ta' dawn il-mekkaniżmi tkun tista' żżid mal-informazzjoni tal-proċessi ta' monitoraġġ ġenerali.

4.4.5 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea li tikkonsidra li tintroduċi obbligu għall-entitajiet il-kbar tas-settur pubbliku li jaħtru koordinatur tal-aċċessibbiltà tal-internet, li jkun jista' jissorvelja l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva u tar-rekwiżiti relatati. L-esperjenza turi li l-impenn organizzattiv huwa importanti għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà.

4.5 Konsistenza fl-ambjent tal-politika

4.5.1 Fid-dawl tal-fatt li l-leġislazzjoni Ewropea dwar is-soluzzjonijiet għall-ID diġitali qed tiġi adottata u li qed tiġi studjata l-leġislazzjoni Ewropea rigward l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà f'setturi oħra tas-soċjetà, l-hekk imsejjaħ Att Ewropew tal-Aċċessibbiltà, huwa importanti li jiġi assigurat li sew l-entitajiet tas-settur pubbliku u sew l-iżviluppaturi tas-siti elettroniċi jkollhom quddiemhom ambjent ta' politika konsistenti fis-setturi kollha. Ir-rilevanza ta' dan il-punt ikompli jiġi enfasizzat mill-fatt li l-pakkett dwar l-akkwist pubbliku, li qed jiġi adottat bħalissa fil-livell tal-UE, huwa mistenni li jkun fih ukoll dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà.

4.5.2 Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda b'mod qawwi li l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti tad-Direttiva li qed tiġi diskussa f'din l-Opinjoni u dawk ta' proposti leġislattivi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-aċċessibbiltà tal-internet, tiġi assigurata permezz ta' analiżi legali u teknika fil-fond.

4.6 Innovazzjoni u soluzzjonijiet ġodda

4.6.1 Id-disponibbiltà, il-funzjonalità u l-użu tas-soluzzjonijiet tal-ICT jinbidlu b'rata mgħaġġla tul iż-żmien. Eżempju ċar ta' dan huwa n-numru li qed jikber ta' servizzi offruti permezz ta' applikazzjonijiet għall-ismart phones u t-tablets, anke mill-entitajiet tas-settur pubbliku.

4.6.2 Il-KESE jirrakkomanda li l-applikazzjonijiet tal-ismart phones u t-tablets jiġu koperti b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sakemm il-funzjonalità tagħhom hija integrata mas-servizzi pprovduti permezz tas-siti

tal-entitajiet pubbliċi, fid-dawl tal-fatt li dawn l-applikazzjonijiet diġà huma parti mill-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-entitajiet pubbliċi.

4.6.3 Ta' min josserva li l-aċċess għas-siti tal-internet huwa marbut b'mod dirett mad-drittijiet tal-persuni li jkollhom aċċess liberu għall-informazzjoni u li jipparteċipaw fil-ħajja politika. Wieħed mill-eżempji ta' Prattiki tajbin li jkun utli li jiġi implimentat fl-Unjoni Ewropea huwa li s-siti tal-internet tal-entitajiet pubbliċi kollha jkollhom paġna ddedikata għall-"parteċipazzjoni tal-pubbliku" li tkun aċċessibbli faċilment.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta’ Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 — Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21”

COM(2012) 736 final

(2013/C 271/23)

Relatur: **is-Sinjura CAÑO AGUILAR**

Nhar id-19 ta’ Frar 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta’ Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 – Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21*

COM(2012) 736 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-30 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’154 vot favur, l-ebda vot kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa’ b’interess il-proposta ta’ Pjan ta’ Azzjoni dwar is-saħħa elettronika 2012-2020. Madankollu, il-Komunikazzjoni ma tinkludix kapitolu ddedikat għall-aspett soċjali tal-prestazzjoni tas-servizzi u l-iżvilupp tal-kura soċjali u tas-saħħa.

1.2 Il-KESE jfakkar li r-responsabbiltà għas-suċċess tal-Pjan il-ġdid fundamentament hija f’idejn l-Istati Membri, għalkemm il-Kummissjoni taqdi rwol essenzjali għall-appoġġ u l-koordinazzjoni.

1.3 Id-dimensjoni umana għandha tibqa’ fil-qalba tas-saħħa elettronika. Ir-riskju ta’ “impersonalità” u n-nuqqas ta’ attenzjoni lill-fatturi psikoloġiċi għandhom jiġi evitati.

1.4 Il-KESE jiddispijaċih partikolarment li qed jitnaqqas in-numru ta’ ħaddiema fis-settur tas-saħħa fl-istess ħin li qegħdin jiżiedu l-eżiġenzi fuq is-sistema tas-saħħa.

1.5 Il-KESE jindika li fil-Komunikazzjoni hemm biss referenzi parzjali dwar kif ser jiġi ffinanzjat il-Pjan il-ġdid. Hemm bżonn ta’ ħarsa ġenerali li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni mistennija mis-settur pubbliku, mis-settur privat u, fejn xieraq, mill-pazjenti u mill-kontribwenti b’mod ġenerali.

1.6 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li jkun hemm koordinazzjoni sħiħa bejn il-programmi, l-attivitajiet u l-gruppi ta’ ħidma inklużi fil-Komunikazzjoni sabiex jiġi evitat ir-riskju ta’ dupplikazzjoni.

1.7 Fir-rigward tal-istandardizzazzjoni tal-funzjonijiet neċessarji fit-tagħmir tal-IT, hemm bżonn li tiġi sottomlinjata l-hteġġa ta’ kontroll adegwat mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiġi evitati sitwazzjonijiet ta’ abbuż minn pożizzjonijiet dominanti, bħalma jiġri diġà f’ċerti oqsma tal-ICT.

1.8 Il-KESE jilqa’ d-deċiżjoni li jiġi indirizzat aspekt fundamentali ieħor tal-interoperabbiltà, bħall-kwistjonijiet legali prinċipali li jimpedixxu li tiġi implimentata sistema ta’ telemediċina transkonfinali.

1.9 Il-KESE jqis li l-pjan tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tan-nisġa intraprenditorjali relatata mas-saħħa elettronika hu adegwat, speċjalment l-appoġġ tiegħu għall-SMEs, iżda n-nuqqas ta’ dettall u ċifri jwaqqaf milli titwettaq valutazzjoni aktar preċiża.

1.10 Il-KESE jenfasizza li “Nikkollegaw l-Ewropa” m’għandhiex tikkonsisti biss f’li jiġu kkonnessi s-sistemi, iżda għandha tippermetti li ċ-ċittadini jsiru jafu, jifhmu u jiksibu benefiċċji minn ċittadinanza Ewropea konnessa.

1.11 Il-programm il-ġdid tas-saħħa elettronika għandu jkollu l-għan li jiggarantixxi aktar ugwaljanza għaċ-ċittadini Ewropej fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa. F’dan ir-rigward, l-użu wiesa’ tal-broadband ser jaqdi rwol fundamentali.

Sabiex jiġi evitat li l-inugwaljanza li diġà teżisti fl-aċċess għall-kura tas-saħħa ssir ukoll fis-saħħa elettronika, hemm bżonn ta’ miżuri usa’ u aktar investimenti minn daww ipprovduti fil-FEŻR (Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali).

1.12 Titjib tal-għarfien diġitali dwar is-saħħa A) tal-pazjenti: waqt li titqies l-esperjenza tal-proġett Sustains, huwa importanti ħafna li l-persuni jitħarrġu dwar kif jaċċessaw u jużaw id-data tagħhom li attwalment “tinsab maqfula” fis-sistemi ta’ informazzjoni dwar is-saħħa. B) tal-professjonisti tas-saħħa: huwa essenzjali li jiġi inkluż l-għarfien dwar is-saħħa diġitali fil-programmi tat-taħriġ.

2. Daħla

2.1 Għalkemm sar progress minn mindu l-UE nediet l-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika fl-2004, xorta għad hemm ostakli sabiex tiġi żviluppata sistema integrata Ewropea, fost raġunijiet oħra, minħabba:

- nuqqas ta' għarfien u ta' fiduċja fis-soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika fost il-pazjenti, iċ-ċittadini u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa;
- nuqqas ta' interoperabbiltà bejn is-soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika;
- oqfsa legali inadegwati jew frammentati;
- differenzi regionali fl-aċċess għas-servizzi tal-ICT u aċċess limitat f'żoni żvantaġġati.

2.2 Il-proliferazzjoni fl-Ewropa ta' prodotti li huma inkompatibbli bejniethom hija l-konsegwenza inevitabbli ta' suq frammentat u l-ineżistenza, jew in-nuqqas ta' għarfien min-naħa tax-xerrejja prinċipali, tal-istandards tal-komunikazzjoni u l-iskambju. B'riżultat ta' dan, ta' spiss is-sistemi tal-IT f'pajjiżi, reġjuni ġirien jew anke fi ħdan iċ-ċentri tas-saħħa ma jkunux jistgħu jiġu konnessi. Pereżempju f'xi każijiet, hemm sptarjiet li fid-dipartimenti tar-radjoloġija tagħhom għandhom software maħluq għalihom li ma jistax jikkomunika mal-programmi użati f'dipartimenti oħra tal-istess sptar.

2.3 B'konformità mal-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, il-Pjan il-ġdid ta' Azzjoni għandu l-għan li jindirizza u jneħħi dawn l-ostakli, kif ukoll li jiċċara l-qasam ta' politika u jagħti deskrizzjoni tal-viżjoni għas-saħħa elettronika fl-Ewropa.

2.4 Is-suq globali tas-saħħa elettronika, li qed jikber b'mod qawwi, jista' jkun jammonta għal USD 27 300 miljun fl-2016. F'xi każijiet, l-intrapriżi Ewropej il-kbar huma mexxejja globali u, b'mod ġenerali, huwa stmat li hemm 5 000 intrapriża f'dan is-settur.

3. Il-proposti tal-Kummissjoni

3.1 Il-Kummissjoni tenfasizza l-isfidi li jaffaċċaw is-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej. Fuq naħa, l-infiq fis-saħħa pubblika tas-27 Stat Membru tal-UE jista' jitle' sa 8,5 % tal-PDG fl-2060 b'riżultat tal-iżvilupp demografiku u fatturi oħra, u fl-istess ħin tonqos il-popolazzjoni attiva u jiżied in-numru ta' persuni li għandhom aktar minn 65 sena. Sfida oħra hija li l-Ewropa tipparteċipa b'mod attiv fis-suq globali tas-saħħa elettronika.

3.2 L-għanijiet huma:

- li tiżdied l-interoperabbiltà tas-servizzi;
- li jiġu appoġġjati r-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-kompetittività;
- li tiġi ffaċilitata l-adozzjoni u tiġi żgurata l-implimentazzjoni usa' tas-saħħa elettronika;
- li jiġu promossi d-dialogu politiku u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam.

3.3 Miżuri: tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà transkonfinali (elementi tekniċi u semantiċi, tikketta tal-kwalità, ċertifikazzjoni); tiġi adottata Green Paper dwar is-Saħħa, jittejbu l-kundizzjonijiet tas-suq għall-intrapriżi u tiżdied il-kultura diġitali taċ-ċittadini (Programm Qafas għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività u Orizzont 2020), fost oħrajn.

4. Il-fehma tal-KESE – Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jilqa' b'interess il-proposta ta' Pjan ta' azzjoni dwar is-saħħa elettronika 2012-2020.

4.2 Madankollu, il-KESE jqis li l-Pjan għandu jinkludi kapaċitoli ddedikat għall-aspett soċjali tal-prestazzjoni tas-servizzi, li b'mod konkret ikun jinkludi aspetti bħall-approċċ adegwat għad-distakk diġitali, id-disponibbiltà tat-teknoloġija, il-kapaċità tal-użu tagħha, jew l-analiżi tal-inugwaljanzi soċjali fis-saħħa, li hemm ir-riskju li jiżiedu. Għandu jinkludi wkoll żvilupp usa' tal-kura soċjali u tas-saħħa, li jista' jkun iffaċilitat ħafna bl-użu tal-ICT.

4.3 Il-KESE jfakkar li, minħabba d-distribuzzjoni tal-kompetenzi, ir-responsabbiltà għas-suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni fundamentalment hija f'idejn l-Istati Membri, peress li attwalment hemm differenzi notevoli bejniethom fl-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika.

Il-Kummissjoni taqdi rwol essenzjali ta' appoġġ u koordinazzjoni, prinċipalment fuq il-bażi legali tal-Artikoli 114, 168, 173 u 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Għandu jkun hemm kooperazzjoni sħiħa u parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tan-netwerk tas-saħħa elettronika (Direttiva 2011/24/UE).

4.4 Is-saħħa elettronika għandha tippromovi l-fiduċja reċiproka bejn il-pazjenti u l-professjonisti, waqt li jiġu evitati r-riskju ta' "impersonalità" u n-nuqqas ta' attenzjoni lill-fatturi psikoloġiċi. Id-dimensjoni umana għandha tibqa' fil-qalba tas-saħħa elettronika. Madankollu, il-KESE jinnota li, skont ċerti organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw id-drittijiet tal-pazjenti, bħall-Forum Ewropew tal-Pazjenti, il-proċess huwa mmexxi aktar mit-teknoloġija milli mill-bżonnijiet tal-pazjenti. Dan huwa aspekt preokkupanti li għandu jitqies.

4.5 In-nuqqas ta' persunal ma jistax jiġi sostitwit mill-IT. Il-KESE jiddispijaċi partikolarment li qed jitnaqqas in-numru ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa fl-istess ħin li qegħdin jiżdiedu l-eżiġenzi tas-sistema tas-saħħa. L-ICT hi biss għodda li tgħin linnisa u lill-irġiel li kuljum iwettqu x-xogħol iddedikat li jipprovdu l-kura tas-saħħa lill-pazjenti u li tgħin lil dawn tal-aħħar biex ikollhom relazzjoni aktar faċli mal-professjonisti tas-sistemi tas-saħħa.

4.6 Il-KESE jindika li fil-Komunikazzjoni hemm biss referenzi parzjali dwar kif ser jiġi ffinanzjat il-Pjan il-ġdid. Hemm bżonn ta' ħarsa ġenerali li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni mistennija mis-settur pubbliku, mis-settur privat u, fejn xieraq, mill-pazjenti u mill-kontribwenti b'mod ġenerali.

4.7 Waqt li jitqiesu l-programmi, l-attivitajiet, il-proġetti u l-gruppi ta' ħidma li huma inklużi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-KESE jindika l-bżonn li jkun hemm koordinazzjoni sħiħa bejniethom sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' dupplikazzjoni.

4.8 Sabiex il-Pjan il-ġdid dwar is-Saħħa Elettroniku jkun ta' suċċess, hemm bżonn ta' sforz sabiex ikun hemm tibdil organizzattiv tal-provvedituri tas-servizzi tas-saħħa. Mhux possibbli li r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-aċċess għas-saħħa elettronika tkun biss f'idejn il-livelli għoljin tal-amministrazzjoni jew f'idejn il-popolazzjoni bħala utent finali. L-organizzazzjonijiet intermedjarji li jipprovdu s-servizzi tas-saħħa għandhom jagħmlu sforz sabiex l-istrutturi u l-persunal tagħhom jadattaw ruħhom għal dawn il-mudelli ġodda ta' servizz.

5. Kummmenti partikolari

5.1 L-interoperabbiltà

5.1.1 L-aspetti tekniċi u semantiċi

5.1.1.1 B'mod ġenerali, il-KESE jqis li l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-interoperabbiltà hija adegwata, għalkemm jindika li mhix biżżejjed sabiex tintroduċi l-possibbiltà ta' skambju tad-data jew dokumenti bl-użu ta' protokoll komuni, peress li hemm ukoll problemi ta' natura semantika, organizzattiva jew legali li għandhom jiġu solvuti.

5.1.1.2 L-interoperabbiltà semantika

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tiċċara r-relazzjoni bejn id-diversi programmi, attivitajiet jew gruppi ta' ħidma – bħas-7 Programm Kwadru u l-ISA, fost oħrajn – u s-SNOMED CT (Systematized Nomenclature of Medicine – Clinical Terms), it-terminoloġija komprensiva, multilingwi u kodifikata li hija l-iktar mifruxa, preċiża u importanti żviluppata fid-dinja, distribwita mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp tal-Istandards Terminoloġiċi tas-Saħħa (International Health Terminology Standards Development Organisation – IHTSDO). Din hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li l-membri tagħha jinkludu diversi pajjiżi tal-UE, l-Istati Uniti, l-Awstralja, eċċ.

5.1.1.3 Standardizzazzjoni

Għas-saħħa elettronika jeżistu għadd ta' provvedituri ta' software u hardware. Huwa importanti ħafna li jsir progress, fi ħdan il-qafas tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, fil-proċess ta' standardizzazzjoni tal-funzjonijiet neċessarji bil-għan li l-industrija u l-utenti – speċjalment dawk li jridu jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri –

jiġu offruti qafas aktar interessanti, b'inqas riskji u investment iktar utli u kosteffettiv. Il-KESE jenfasizza l-bżonn li jkun hemm kontroll adegwat mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, bħalma jiġri diġà f'ċerti oqsma tal-ICT.

5.1.1.4 L-aspett organizzattiv

Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta miżuri konkreti mmirati lejn l-integrazzjoni u l-kooperazzjoni fl-UE. Il-proġett pilota EPSOS (European Patients Smart Open Services) ⁽¹⁾ ser jiffaċilita t-tfassil tal-miżuri konkreti mħabbra mill-Kummissjoni sabiex jiġu integrati l-proċessi transkonfinali tas-saħħa elettronika.

5.1.1.5 Aspetti legali

5.1.1.5.1 Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet legali prinċipali li jimpedixxu li tiġi implimentata sistema ta' telemediċina transkonfinali ⁽²⁾. Peress li dawn huma teknoloġiji innovattivi, il-lakuni u l-ostakli legali għadhom mhux totalment riżolti fil-livell globali u lanqas fil-livell nazzjonali.

5.1.1.5.2 Għoti ta' liċenzji u awtorizzazzjonijiet lil professjonisti u istituzzjonijiet mediċi

Skont id-Direttiva 2011/24/UE dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura transkonfinali, għandha tiġi applikata l-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament (Artikolu 4(1)(a)) ⁽³⁾. Il-KESE jissuġġerixxi li titqies ir-riforma tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, li ma tkoprix il-kura transkonfinali.

5.1.1.5.3 Protezzjoni tad-data

L-informazzjoni dwar is-saħħa hija sensittiva. Il-pazjenti jkun jixtiequ jikkontrollaw din l-informazzjoni u jaċċessawha għall-benefiċċju tagħhom. Id-diskussjoni dwar id-dritt tal-pazjent biex jibblokkja l-informazzjoni dwar l-istorja medika tiegħu għandha tiġi analizzata fil-livell globali sabiex jinkisbu l-istess standards għaċ-ċittadini Ewropej kollha. Il-KESE jfakkur li n-nuqqas ta' fiduċja fis-sigurtà tad-data medika tista' twassal lill-pazjenti sabiex jaħbu informazzjoni essenzjali.

5.1.1.5.4 Il-protezzjoni tad-data personali hija dritt fundamentali garantit mit-TFUE (Artikolu 16) u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Artikoli 7 u 8). Id-Direttiva 95/46/KE tistabbilixxi dan it-tip ta' protezzjoni fil-każ tal-ipproċessar u l-moviment liberu tad-data ⁽⁴⁾. Madankollu, il-marġni konċess lill-Istati Membri għat-traspożizzjoni tagħha wassal għal disparità kbira fil-livell ta' protezzjoni, li attwalment jirrappreżenta wieħed

⁽¹⁾ EPSOS jiżviluppa rakkomandazzjonijiet, speċifikazzjonijiet tekniċi, deskrizzjonijiet tas-sistemi, mudelli ta' organizzazzjoni, applikazzjonijiet u għodod tal-IT, eċċ., li l-għan tagħhom huwa li tittejjeb l-interoperabbiltà fuq skala multinazzjonali. Barra minn hekk **ġew introdotti sistemi pilota** f'diversi reġjuni.

⁽²⁾ Ara l-Commission Staff Working Document on the applicability of the existing EU legal framework to telemedicine services [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-applikabbiltà tal-qafas legali eżistenti tal-UE għas-servizzi tat-telemediċina], SWD(2012) 414 final (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁾ Ara d-Direttiva 2000/31/KE, Artikolu 3(1) u (2) – il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini.

⁽⁴⁾ Japplikaw ukoll id-Direttiva 2002/58/KE dwar il-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u d-Direttiva 2011/24/UE.

mill-ikbar ostakli għat-telemediċina transkonfinali. Għalhekk il-KESE jrid itenni l-appoġġ għall-Proposta għal Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Deġa Ġenerali ⁽⁵⁾, kif espress fl-Opinjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2012 ⁽⁶⁾.

5.1.1.5.5 Rimborż

Il-pajjiż ta' affiljazzjoni (fejn tingħata l-kura medika) irid jassigura li, fejn adegwat, l-ispejjeż tal-kura transkonfinali jiġu rimborżati (Direttiva 2011/24/UE, Artikolu 7(1)). Il-fehma tal-KESE: għandha tingħata informazzjoni lill-pazjent dwar il-kundizzjonijiet tar-rimborż.

5.1.1.5.6 Responsabbiltà għall-ħsara kkawżata minn żbalji professjonali u l-provvista ta' tagħmir mediku

Din hija kwistjoni kumplessa minħabba, fost raġunijiet oħra, il-possibbiltà li jkunu involuti diversi partijiet interessati. Fil-każ tal-kura medika transkonfinali, hemm prinċipju ġenerali – l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament (Direttiva 2011/24/UE, Artikolu 4(1)). Fir-rigward ta' prodotti difettużi tapplika d-Direttiva 85/374/KEE, li tistabbilixxi l-prinċipju tar-responsabbiltà objettiva. Il-fehma tal-KESE: bil-bażijiet legali eżistenti, każijiet speċifiċi jridu jiġu riżolti permezz tal-każistika.

5.1.1.5.7 Ġurisdizzjoni u leġislazzjoni applikabbli

Dan ukoll huwa suġġett kumpless ħafna li għandu jiġi indirizzat skont l-istandards u t-trattati internazzjonali fis-seħħ. Il-KESE jissuġġerixxi li jitqiesu s-sistemi extraġudizzjarji għas-soluzzjoni tal-kunflitti, bħall-arbitraġġ u l-medjazzjoni.

5.1.1.5.8 Dritt għall-aċċess

Il-livell tal-aċċess mill-pazjent u ċ-ċittadin għall-informazzjoni medika u l-istorja medika personali tiegħu żdied. Xi reġjuni żiedu l-livell tas-servizzi billi offrew ċentri ta' kura u servizz 24 siegħa kuljum, għall-popolazzjoni inġenerali, għall-gruppi magħżula ta' pazjenti f'riskju jew għal reġjuni sħaħ. Il-pazjenti jistgħu jagħmlu l-appuntament tagħhom u jkollhom l-aċċess adegwat għall-informazzjoni li tinsab fl-istorja medika. Dan jinkoraġġixxi lill-pazjent sabiex jieħu responsabbiltà attiva fil-kura tas-saħħa tiegħu u fil-prevenzjoni. Il-fehma tal-KESE: id-dritt għall-aċċess fil-każ tal-kura transkonfinali għandha tkun irregolata.

5.1.1.5.9 Is-saħħa u l-benesseri mobbli

Il-KESE jilqa' d-deċizzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza, fil-Green Paper li ser tippreżenta fl-2014, l-applikazzjonijiet tas-saħħa u ta' benessere mobbli (mobile e-Health). Dan huwa aspett partikolari tas-saħħa elettronika li attwalment qiegħda tiżdied minħabba l-firxa ta' applikazzjonijiet mobbli (smartphones, tablets, eċċ.) u software speċifiku għal dawn l-applikazzjonijiet, li t-tixrid tagħhom fost il-popolazzjoni jeħtieġ li l-aspetti tekniċi u legali relatati mal-użu tagħhom jiġu regolati.

⁽⁵⁾ COM(2012) 11 final – 2012/0011 (COD).

⁽⁶⁾ Opinjoni esploratorja tal-KESE dwar "Is-suq diġitali – xprun għat-tkabbir", ĠU C 229, 31.7.2012, p. 1.

5.2 Riċerka, żvilupp u investiment

5.2.1 Il-KESE jqis adegwati l-oqsma ta' riċerka proposti mill-Kummissjoni sabiex jiġu appoġġjati taħt l-Objettiv "Saħħa, bidla demografika u benessere" tal-programm Orizzont 2020.

5.2.2 Peress li għadha trid tiġi stabbilita l-allokazzjoni li l-UE ser tiddedika għar-riċerka medika għall-perjodu 2014-2020, il-KESE jindika li l-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa (Stati Uniti) kull sena jinvesti USD 30 900 miljun għal dan l-iskop.

5.2.3 Fid-dawl tal-proposti tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lis-settur tas-saħħa, bħall-EPHA (European Public Health Alliance), il-KESE jissuġġerixxi li l-programmi tar-riċerka jqisu, fost affarijiet oħra, dan li ġej:

- li jiġu kkomplementati programmi oħra, bħal "Is-Saħħa għat-Tkabbir", billi tingħabbar statistika affidabbli dwar l-iżvilupp tal-mard b'inċidenza għolja fil-popolazzjoni: obeżita, mard tal-qalb, kanċer, dijabete, eċċ.;
- il-koordinazzjoni, peress li tradizzjonalment ir-riċerkaturi ħadmu indipendentement u ma kkomunikawx biżżejjed bejniethom;
- il-kundizzjonijiet tal-brevetti għax-xogħol imħallas mill-kontribwenti sabiex jiġi evitat il-periklu li jiġu soċjalizzati r-riskji tar-riċerka filwaqt li jiġu privatizzati l-benefiċċji ⁽⁷⁾.

5.3 Il-KESE jqis li l-pjan tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tan-nisġa intraprenditorjali relatata mas-saħħa elettronika hu adegwat, speċjalment l-appoġġ tiegħu għall-SMEs, iżda n-nuqqas ta' dettall u ċifri jwaqqaf milli titwettaq valutazzjoni aktar preċiża.

5.4 Fir-rigward tal-mekkaniżmu "Nikkollegaw l-Ewropa" 2014-2020, skont ir-riżultati tal-proġett pilota EPSOS u ta' proġetti u studji oħra, il-KESE jenfasizza li din m'għandhiex tkun tikkonsisti biss f'li "jiġu konnessi s-sistemi". Barra minn hekk il-persuni għandu jkollhom il-possibbiltà li jsiru jafu, jifhmu u jiksibu l-benefiċċji ta' "ċittadinanza konnessa".

5.5 Koeżjoni

5.5.1 Il-programm il-ġdid tas-saħħa elettronika għandu jkollu l-għan li jggarantixxi aktar ugwaljanza għaċ-ċittadini Ewropej fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa. Kif diġà indika l-KESE, huwa evidenti li l-aċċess b'veloċità qawwija fil-pajjiżi kollha u l-konnettività totali huma kundizzjonijiet essenzjali għall-iżvilupp tat-telemediċina. Għal din ir-raġuni, għandu jissaħħaħ it-tagħmir diġitali fir-reġjuni, speċjalment fiż-żoni rurali u ultraperiferiċi ⁽⁸⁾.

⁽⁷⁾ EPHA Position on Horizon 2020 (Ġunju 2012). http://ec.europa.eu/research/horizon2020/pdf/contributions/during-negotiations/european_organisations/european_public_health_alliance.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁸⁾ ĠU C 317, 23.12.2009, p. 84.

5.5.2 Hekk kif il-perjodu attwali ta' programmazzjoni tal-FEŻR ser jispiċċa, il-KESE għandu fiduċja li fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ser jiġu implimentati, u fuq kollox ser ikollhom biżżejjed baġit, il-proposti sabiex jinxterdu l-aħħar teknoloġiji fuq skala kbira fit-territorju tal-UE. Madankollu, sabiex jiġi evitat li l-inugwaljanza li diġà teżisti fl-aċċess għall-kura tas-saħħa ssir ukoll fis-saħħa elettronika, hemm bżonn ta' miżuri usa' u aktar investimenti minn dawk ipprovduti fil-FEŻR.

5.6 Titjib tal-għarfien diġitali dwar is-saħħa

5.6.1 Għall-KESE, fil-każ tal-pazjenti: huwa importanti ħafna li l-persuni jitħarrġu dwar kif jaċċessaw u jużaw id-data tagħhom li f'ħafna każijiet attwalment "tinsab maqfula" fis-sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa. F'dan ir-rigward, nixtiequ nsemmu l-proġett "Sustains", li attwalment huwa stab-bilit fi tlett-il reġjun Ewropew u li jfittex li jiffaċilita l-aċċess tal-persuni għad-data medika tagħhom permezz ta' "fajls personali tas-saħħa" u servizzi miżjuda oħra fl-ambjenti web.

5.6.2 Fil-każ tal-komunità tas-saħħa: huwa essenzjali li tiġi promossa l-inklużjoni tal-għarfien dwar is-saħħa diġitali fil-programmi ta' taħriġ tal-professionisti, kemm dawk li jaħdmu fil-kliniki kif ukoll tal-manigiers.

5.7 Evalwazzjoni tal-programmi

5.7.1 Il-KESE jqis li l-istabbiliment ta' valuri komuni u programmi ta' valutazzjoni – li ser twettaq il-Kummissjoni – dwar il-vantaġġi tas-saħħa elettronika huwa wieħed mill-aktar aspetti interessanti, peress li l-veloċità tat-tibdil teknoloġiku sikwit timpedixxi li tintwera l-utilità reali tagħha. Is-sondaġġi li saru jenfasizzaw li l-appoġġ tal-popolazzjoni u tal-komunità medika għas-saħħa elettronika huwa direttament marbut mal-konvinzjoni li dan ser iwassal għal titjib verifikabbli fis-sistema tas-saħħa.

5.7.2 Il-KESE jixtieq jindika wkoll li għarfien tajjeb tal-mudelli u t-teknoloġiji li għandhom impatt pożittiv u l-promozzjoni ċara tagħhom huma essenzjali għall-mudelli tas-saħħa bbażati fuq l-ICTs. Sabiex jinkiseb dan il-benefiċċju, huwa essenzjali li jkun hemm metodoloġiji flessibbli u dinamiċi ta' valutazzjoni, b'attenzjoni speċjali fuq il-valutazzjoni globali tas-servizz ipprovdut u mhux daqshekk fuq it-teknoloġija nnifisha. Huwa neċessarju wkoll li tiġi inkluzja valutazzjoni tal-effiċjenza tas-servizz, b'rabta mal-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi globali tagħha. Evidentement, madankollu, l-effiċjenza ekonomika m'għandhiex tkun l-uniku kriterju sabiex jiġi rrakkomandat l-użu ta' mudelli ta' kura bbażati fuq l-ICTs.

5.7.3 B'mod ġenerali, fost l-awtoritajiet pubbliċi, is-setturi industrijali u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, tiddomina l-idea li s-saħħa elettronika (li tinkludi applikazzjonijiet differenti ħafna) tista' toffri benefiċċji fil-qasam tas-saħħa. Il-KESE jikkondividi din l-idea, iżda jindika li għandhom jitqiesu wkoll il-fehmiet kritiċi, ibbażati fuq esperjenzi reali, li jittfgħu dubju fuq l-iffrankar tal-ispejjeż u jenfasizzaw il-problemi: żbalji tal-IT, "klonizzazzjoni" tar-rapporti, possibbiltà ta' frodi, spejjeż għoljin, eċċ.

5.8 Il-promozzjoni tad-dialogu politiku u l-kooperazzjoni internazzjonali

Huwa evidenti li hemm bżonn li d-dialogu politiku dwar is-saħħa elettronika jseħħ fil-livell globali, kif propost mill-Kummissjoni, peress li l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ukoll qegħdin jagħmlu sforzi kbar f'dan il-qasam. Dan ser jippermetti li l-użu tal-ICTs jiġu mmirati lejn it-tweġġ tal-oġġettivi tan-Nazzjonijiet Uniti u jiġu applikati b'sens ta' solidarjetà.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa — Nixprunaw it-tkabbir Ewropew b'mod diġitali"

COM(2012) 784 final

(2013/C 271/24)

Relatur: **is-Sur McDONOGH**

Nhar it-18 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa — Nixprunaw it-tkabbir Ewropew b'mod diġitali

COM(2012) 784 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-30 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju 2013), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'156 vot favur, u 7 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Aġenda Diġitali, bl-enfasi fuq l-azzjonijiet prijoritarji, li tant huma meħtieġa b'mod urġenti għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

1.2 L-ekonomija Ewropea tinsab fi kriżi. Skont il-Kummissjoni, il-PDG fi ħdan l-UE-27 huwa stagħnat, u fiż-żona tal-euro ser jitnaqqas b'0,25 % oħra fl-2013. Il-qgħad laħaq rekord għoli għdid fi Frar, b'10,9 % tal-forza tax-xogħol fl-UE-27, b'aktar minn 26 miljun persuna qiegħda ⁽¹⁾. Il-Greċja u Spanja jkomplu jsofru minn l-ogħla rati ta' qgħad ta' 26,4 % u 26,3 % rispettivament, filwaqt li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE-27 hija 23,5 %.

Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li dan il-livell għoli inaċċettabbli tal-qgħad huwa traġedja u li l-Ewropa għandha timmobilizza r-riżorsi disponibbli kollha sabiex toħloq l-impjiegi u tmur lura għat-tkabbir sostenibbli ⁽²⁾.

1.3 Minkejja r-reċessjoni ekonomika, l-ekonomija diġitali qed tikber b'rata mgħaġġla u toħloq l-impjiegi. Fil-fatt, l-industrija tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) testima li sal-2015 ser ikun hemm 700 000 impjieg vakanti minħabba n-nuqqas ta' hiliel fl-ICT fl-Ewropa. Din il-lakuna fil-hiliel f'dan iż-żmien ta' qgħad kbir hija tal-mistħija.

1.4 L-Ewropa għandha bżonn mill-aktar fis l-istrategġja tal-Aġenda Diġitali sabiex l-irkupru jsir aktar malajr u jitwettaq tkabbir sostenibbli u inklużiv, speċjalment fl-aktar reġjuni ekonomikament batuti tal-UE. Hija f'waqtha li ssir issa r-reviżjoni tal-istrategġja, biex b'hekk jiġu pprijoritizzati l-azzjonijiet l-aktar kritiċi għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

1.5 Il-broadband huwa l-infrastruttura abilitanti essenzjali għall-Aġenda Diġitali. Għalhekk, il-Kumitat kien iddiżappuntat ferm bid-deċiżjoni li ħa l-Kunsill fi Frar ⁽³⁾ biex inaqqas l-baġit 2014-20 tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-infrastruttura u s-servizzi diġitali taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, minn EUR 9,2 biljun għal EUR 1 biljun biss. Dan it-tnaqqis ineħħi l-appoġġ tal-QFP għall-implimentazzjoni tal-broadband, u l-akbar impatt negattiv ser iħossuh ir-reġjuni l-aktar foqra u żvantaġġati tal-UE, bir-riżultat li d-distakk diġitali li dejjem qed jikber ser ikompli jiggrava.

1.6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tiddeskrivi sensiela ambizzjuża ħafna ta' proposti sabiex jiġu indirizzati l-ostakli għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa. Il-KESE jistenna bilherqa li meta jkun il-waqt jirrevedi l-Komunikazzjonijiet speċifiċi tal-Kummissjoni dwar kull waħda mill-inizjattivi proposti. Dakinhar biss ikun possibbli li jikkummenta bis-sħiħ dwar il-miżuri partikolari, l-impatti mistennija tagħhom u l-kwistjonijiet possibbli.

1.7 B'kunsiderazzjoni tar-restrizzjonijiet ta' ħin u riżorsi, il-KESE huwa tal-fehma li l-eżami mill-għdid tal-istrategġja tal-Aġenda Diġitali għandha tagħti prijorità lill-azzjonijiet għat-tkabbir li ġejjin:

— il-provvista ta' konnettività mal-Internet b'veloċità għolja u li tintlaħaq mill-but taċ-ċittadini kollha;

— iż-żieda fl-inklużjoni diġitali u l-litteriżmu diġitali;

— l-iżvilupp tal-hiliel fl-ICT, il-mili tal-lakuna fil-hiliel fl-ICT, il-ħolqien ta' impjiegi, u l-appoġġ lill-intraprenditorija;

⁽¹⁾ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Unemployment_statistics

⁽²⁾ <http://www.euractiv.com/socialeurope/commission-calls-unemployment-news-518852>

⁽³⁾ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/135344.pdf

- il-bini ta' fiduċja u t-tisħiħ tas-sigurtà ċibernetika;
- il-protezzjoni tal-privatezza u s-sikurezza personali onlajn (speċjalment għat-tfal);
- il-ħolqien ta' Karta tad-Drittijiet Diġitali għall-utenti;
- iż-żieda fl-involvement tas-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika;
- l-implimentazzjoni ta' strateġija effettiva ta' cloud computing, inkluża regolamentazzjoni adatta;
- iż-żieda fil-kompetittività globali fl-ICT u s-servizzi diġitali, bil-għan li l-kumpaniji Ewropej jiġu stabbiliti bħala l-mexxejja tas-suq dinji f'teknoloġiji u servizzi ewlenin;
- sinerġiji b'effett ta' lieva mill-proġetti Ewropej GNSS, Galileo u EGNOS.

1.8 Il-KESE jinnota bi pjaċir li ħafna mill-azzjonijiet li l-Kumitat appella għalihom fl-Opinjoni tiegħu "Is-suq diġitali – xprun għat-tkabbir" ⁽⁴⁾ u "Suq Intern diġitali inklużiv" ⁽⁵⁾ huma koperti fil-Komunikazzjoni. Dawn jinkludu l-konnettività tal-broadband, l-interoperabbiltà, is-sikurezza onlajn, in-newtralità tal-internet u l-internet miftuħ, u l-armonizzazzjoni tal-VAT.

1.9 Peress li l-implimentazzjoni tal-broadband ta' veloċità għolja fl-UE kollha hija daqshekk importanti, il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni biex tirrakkomanda firxa ta' strumenti ta' finanzjament biex jappoġġjaw l-investiment aċċelerat fl-infrastruttura tal-broadband, speċjalment fejn il-profitti normali tas-suq ma jkunux biżżejjed biex jattiraw fondi privati.

1.10 Is-soluzzjonijiet innovattivi, inkluż użu akbar ta' teknoloġiji mingħajr fili, għandhom jitnedew mill-aktar fis possibbli biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-broadband u jiġi indirizzat id-distakk diġitali li qed jikber bejn iż-żoni urbani u daww rurali.

1.11 Il-KESE jixtieq li l-Kummissjoni tagħti parir kif l-aċċess għall-broadband ta' veloċità għolja jista' jiġi rikonoxxut bħala dritt universali taċ-ċittadini kollha, irrispettivament mill-post.

1.12 Il-KESE jenfasizza l-hteġa għall-integrazzjoni sħiħa tal-ICT fil-politika tal-edukazzjoni, sabiex it-tagħlim tul il-ħajja fil-litteriżmu diġitali u l-ħiliet tal-ICT ikun disponibbli għaċ-ċittadini kollha ⁽⁶⁾, u jappoġġja l-iżvilupp ta' intelliġenza diġitali soda fis-soċjetà kollha u fl-ekonomija. Il-Kumitat iqis ukoll li huwa essenzjali li jiġu implimentati politiki li jippromovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni fl-ICT.

1.13 Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-hteġa għal taħriġ ta' kompetenza diġitali u ħiliet diġitali immirat għaċ-ċittadini qiegħda, kif ukoll għat-titjib tal-ħiliet ta' persuni li diġà huma parti mill-forza tax-xogħol, li għandhom bżonn ħiliet ġodda sabiex ikompli jaħdmu fl-ekonomija diġitali.

1.14 Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tqis kif l-użu tal-infrastruttura pubblika tal-ICT, b'mod partikolari l-broadband u r-riżorsi tal-informatika fl-iskejjel u fil-libreriji, jista' jintuża bħala kwistjoni ta' politika biex jappoġġja t-taħriġ fil-ħiliet tal-ICT u l-litteriżmu diġitali fl-Unjoni.

1.15 Il-fiduċja tal-konsumaturi hija fundamentali biex tistimula d-domanda għal servizzi diġitali innovattivi. Din il-fiduċja tissaħħaħ permezz ta' protezzjonijiet leġiżlattivi aktar b'saħ-ħithom għall-konsumaturi, inkluż l-infurzar ta' regoli ta' "nuqqas ta' konformità" meta l-konsumaturi ma jirċevux l-veloċitajiet tal-broadband reklamati mill-kumpaniji li jipprovdu s-servizz tal-Internet.

1.16 Il-Kumitat jappella għal darb'oħra lill-Kummissjoni biex tressaq proposti dwar l-introduzzjoni ta' marka ta' fiduċja Ewropea għan-negozji. Kif argumentat f'Opinjoni preċedenti tal-KESE ⁽⁷⁾, skema ta' ċertifikazzjoni u ttikkettar fl-UE kollha għan-negozjanti diġitali żżid il-kunfidenza tal-konsumatur bil-kbir fin-negozju diġitali u transkonfinali, u tgħin lill-SMEs jkabbru n-negozji transkonfinali onlajn.

1.17 Il-Kumitat jirreferi lill-Kummissjoni għall-Opinjoni tal-KESE dwar "L-Internet Miftuħ u n-Newtralità tan-Net" ⁽⁸⁾, u jitlob bil-qawwa li l-prinċipju tan-newtralità tan-net jiġi stabbilit fil-liġi tal-UE malajr kemm jista' jkun.

1.18 Il-KESE jixtieq jara l-ħolqien ta' Karta tad-Drittijiet Diġitali għaċ-ċittadini kollha biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur.

1.19 Il-Kumitat jappella għal darb'oħra lill-Kummissjoni biex tagħraf is-sinerġiji sostanzjali li għandhom jinkisbu bl-inklużjoni adegwata tal-programmi GNSS fl-Aġenda Diġitali.

1.20 Hekk kif is-soċjetà diġitali tevolvi u jiġu pprovduti aktar servizzi pubbliċi kritiċi onlajn, il-Kumitat jenfasizza l-hteġa li l-Kummissjoni tibqa' tipprowdi appoġġ iffukat għall-istrateġiji mmirati lejn iż-żieda fl-inklużjoni diġitali madwar l-Unjoni kollha. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-inklużjoni ta' ċittadini li huma żvantaġġati minħabba xi diżabbiltà, problemi ta' litteriżmu, età, mezzi ekonomiċi jew ġeneru. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-ħatra tal-Promoturi Diġitali fl-Istati Membri, u jistenna bil-ħerqa rapporti dwar l-effettività ta' din l-istrateġija.

⁽⁴⁾ ĠU C 229, 31.7.2012, p. 1-6.

⁽⁵⁾ CES273-2012_00_00_TRA_AC_MT.DOC.

⁽⁶⁾ ĠU C 318, 29.10.2011, p. 9-18.

⁽⁷⁾ ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58-64.

⁽⁸⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 139-145.

2. Il-kontenut essenzjali tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1 L-ekonomija diġitali qed tikber daqs seba' darbiet ir-rata tal-bqija tal-ekonomija Ewropea, u 50 % taż-żieda fil-produttjoni tiġi mill-investiment fl-ICT. Hemm aktar minn 4 miljun ħaddiem tal-ICT mifrux ma' bosta setturi fl-Ewropa, u minkejja l-kriżi, l-għadd tagħhom qed jiżdied bi 3 % fis-sena. L-ICT hija t-teknoloġija trasformattiva essenzjali li tappoġġja bidla strutturali f'setturi bħall-enerġija, il-kura tas-saħħa, is-servizzi finanzjarji, il-manifattura, is-servizzi pubbliċi, u l-edukazzjoni. Iżda l-frammentazzjoni tal-qafas ta' politika pan-Ewropew u ostakli strutturali attwalment qed iwaqqfu dan il-potenzjal milli jseħħ.

2.2 Il-Komunikazzjoni tiddekrivi l-pjanijiet tal-Kummissjoni biex issaħħa it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Ewropa billi tiffoka l-Aġenda Diġitali mill-ġdid f'oqsma prinċipali:

- it-tlestija **tas-Suq Uniku Diġitali** ⁽⁹⁾ sal-2015.
- it-tħaffif **tal-innovazzjoni diġitali fis-settur pubbliku** bl-użu tal-effett ta' lieva tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) ⁽¹⁰⁾.
- l-aċċellerazzjoni tal-forniment ta' **konnnettività tal-Internet b'veloċità għolja**.
- L-implimentazzjoni tal-Istrateġija **tal-Cloud Computing** ⁽¹¹⁾, li se tnaqqas l-ispejjeż tal-ICT u żżid il-produttività, it-tkabbir u l-impjiegi.
- l-implimentazzjoni **tal-Istrateġija tas-Sigurtà Ċibernetika** ⁽¹²⁾ Ewropea. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tespandi l-Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Onlajn ⁽¹³⁾.
- it-tmexxija ta' Gran Koalizzjoni **għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali**, li ser twettaq azzjoni koordinata madwar l-UE sabiex tingħata spinta lill-impjeg u l-ħiliet diġitali.
- Ambjent tan-negozju aktar favorevoli għal dawk li għadhom kemm jifihu u pjan ta' azzjoni **għall-intraprenditorija tal-web**.

Permezz tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-Komunikazzjoni hemm it-tama li jinħolqu 3,8 miljun impjeg ġdid fl-ekonomija fuq terminu twil.

- it-tmexxija ta' **strateġija industrijali ġdida għall-elettronika**, b'finanzjament tar-RŻI ffukat fuq ir-rekwiżiti strateġiċi, fit-teknoloġiji ewlenin.

3. Kummenti Ġenerali

3.1 Hija meħtieġa ħafna aktar azzjoni biex jinkiseb iċ-ċiklu virtuwż previst fl-Aġenda Diġitali, li jgħaqqad l-infrastruttura diġitali, il-kontenut, is-servizzi, is-suq, u l-innovazzjoni għal aktar produttività u tkabbir. Is-Suq Uniku Diġitali għadu 'l bogħod milli jsir realtà u l-Istati Membri għadhom ivarjaw b'mod konsiderevoli fir-rata tal-iżvilupp tal-infrastruttura u r-riforma regolatorja tagħhom.

3.2 L-ekonomija Ewropea tinsab fi kriżi. Aktar minn 26 miljun persuna fl-UE-27, 10,9 % tal-forza tax-xogħol, huma qiegħda. Il-kundizzjoni ħażina tal-ekonomija Ewropea tikkuntrasta sfavorevolment mal-kompetituri globali tagħna: il-qgħad fl-Istati Uniti kien biss ta' 7,7 % f'jannar, rata baxxa għal 4 snin, u 4,3 % fil-Ġappun.

3.2.1 L-aħħar figuri mill-Eurostat ⁽¹⁴⁾ jenfasizzaw ukoll id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. L-Awstrija u l-Ġermanja kellhom rati tal-qgħad ta' 4,8 % u 5,4 % biss rispettivament. B'kuntrast ma' dan, ir-rata tal-qgħad tal-Greċja u Spanja hija ta' aktar minn 26 %.

3.2.2 Il-qgħad fost dawk li għandhom inqas minn 25 sena huwa partikolarment għoli. Aktar minn wieħed minn kull żewġ żgħażaġħ huma bla xogħol fil-Greċja (58,4 %) u fi Spanja (55,7 %).

3.3 L-Aġenda Diġitali tistabbilixxi kopertura tal-broadband u miri rigward il-veloċità ambizzjużi u titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri, inklużi dispożizzjonijiet legali, biex jiffaċilitaw l-investiment tal-broadband. Madankollu, skont il-Kummissjoni ⁽¹⁵⁾, l-Ewropa qed taqa' aktar lura mill-kompetituri globali tagħha fil-forniment ta' infrastruttura broadband. L-investimenti tal-broadband b'veloċità għolja qed isiru aktar malajr f'partijiet tal-Asja u fl-Istati Uniti, li jwassal għal kopertura sinifikament aħjar u veloċitajiet ogħla. Minn Diċembru 2011, il-Korea t'Isfel, b'20,6 % ta' abbonamenti għal kull 100 resident, kellha l-ogħla użu ta' fibrottika fid-dinja kollha, jiġifieri d-doppju ta' dak tal-Isvezja (9,7 %) li kienet l-aqwa fl-UE. Il-Ġappun kellu t-tieni l-ogħla użu tal-fibrottika bi 17,2 %.

3.4 L-inklużjoni diġitali għandha tkun dritt taċ-ċittadini kollha, irrispettivament mill-post tagħhom fis-soċjetà. Għandhom isiru sforzi speċjali biex jiġu inklużi dawk iċ-ċittadini li huma żvantaġġati minħabba xi diżabbiltà fiżika, mezzi ekonomiċi, età, problemi ta' litteriżmu jew ġeneru.

3.5 L-aċċess għall-broadband ta' veloċità għolja għandu jiġi rrikonoxxut bħala dritt universali għaċ-ċittadini tal-UE. Il-Kummissjoni qajmet il-kwistjoni rigward l-inklużjoni tal-broadband fl-Obbligu ta' Servizz Universali fl-2010 ⁽¹⁶⁾. Tweġiba għal din il-mistoqsija hija meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu promossi l-benesseri taċ-ċittadini, l-impjiegi u l-inklużjoni diġitali.

⁽⁹⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 69-73; ĠU C 299, 4.10.2012, p. 165-169.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 116-119.

⁽¹¹⁾ ĠU C 76, 14.3.2013, p. 15-19, u ĠU C 24, 28.1.2012, p. 40-47.

⁽¹²⁾ JOIN(2013) 1 final.

⁽¹³⁾ ĠU C 317, 23.12.2009, p. 43-48, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 138-144, ĠU C 24, 28.1.2012, p. 154-158.

⁽¹⁴⁾ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Unemployment_statistics

⁽¹⁵⁾ SWD(2013)0073(parti 1).

⁽¹⁶⁾ COM(2008) 572 final.

3.6 Il-gvernijiet għandhom jiżguraw li l-aċċessibbiltà diġitali u l-kompetenza diġitali huma disponibbli għal kulħadd. Il-Kumitat jixtieq jara li kull ċittadin ikollu aċċess għal taħriġ tul il-ħajja ta' ħiliet diġitali għal raġunijiet professjonali, personali, u ta' ċittadinanza.

3.7 Id-distakk diġitali jsir dejjem aktar importanti fil-kuntest tal-broadband b'veloċità għolja, peress li ċ-ċittadini mhumix biss imċaħħda mill-aċċess għall-informazzjoni, bħal ma hu fil-każ ta' broadband bażiku, iżda huma mċaħħda wkoll minn servizzi diġitali bbażati fuq l-Internet disponibbli biss fuq konnessjonijiet ta' veloċità għolja, bħas-saħħa elettronika, l-edukazzjoni elettronika, u l-gvern elettroniku.

3.8 It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa⁽¹⁷⁾ u ċ-ċifri l-aktar reċenti tal-Eurostat⁽¹⁸⁾ juru li d-distakk diġitali qiegħed dejjem jikber, u li d-differenzi bejn l-Istati Membri huma kbar. Fl-2012, 28 % tal-unitajiet domestiċi fl-UE-27 ma kellhomx konnettività tal-broadband. Iżda fil-Ġermanja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit aktar minn 80 % tal-unitajiet domestiċi għandhom konnessjoni tal-broadband, filwaqt li fil-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja u r-Rumanija din tinżel għal anqas minn 60 %. Barra minn hekk, 90 % tal-unitajiet domestiċi mingħajr broadband jinsabu fiż-żoni rurali. Hemm 35 miljun dar f'żoni rurali li għadhom qed jistennu għall-konnettività ta' veloċità għolja, u jekk ma tingħatax attenzjoni adegwata lil ċittadini li jgħixu l-barra minn ċentri urbani, dawn ser ibatu dejjem aktar minn żvantaġġi soċjali u ekonomiċi.

3.9 Il-kompetenza diġitali u l-użu tal-internet huma marbutin mill-qrib mal-konnettività tal-broadband. Għalhekk, fejn anqas minn 10 % tal-persuni fil-Finlandja u l-Isvezja qatt ma użaw l-internet, dan il-persentaġġ jitla' għal aktar minn 40 % fil-Bulgarija, il-Greċja u r-Rumanija.

3.10 Ir-riforma tar-regolamenti tal-ippjanar, l-ippjanar tal-infrastruttura intelliġenti, l-inċentivi ta' investiment u t-teknoloġiji innovattivi jistgħu jgħinu biex jitnaqqas id-distakk tal-broadband. Madankollu, iċ-ċittadini għandhom ukoll jaġixxu b'mod responsabbli u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-konnettività tal-Internet b'veloċità għolja.

3.11 Il-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-konsumatur huma kruċjali biex jitwettqu l-għanijiet tal-Aġenda Diġitali. Mingħajr fiduċja, ikun hemm domanda żgħira għal numru ta' servizzi innovattivi b'potenzjal għoli ta' tkabbir bħall-kummerċ elettroniku u l-cloud computing. Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja, huwa importanti li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jżommu l-pass mal-evoluzzjoni teknoloġika u transazzjonali tas-Suq Uniku Diġitali. Sfortunatament, dan mhuwiex il-każ u huwa meħtieġ aktar progress b'mod urġenti dwar azzjonijiet kritiċi bħar-rimedju kollettiv, li dwar l-Kumitat sejjaħ għal direttiva fl-2009⁽¹⁹⁾.

3.12 Għas-suċċess tal-Aġenda Diġitali huwa kritiku li t-taqsimiet kollha tas-soċjetà jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-iżvilupp u l-eżekuzzjoni tal-istrategġija u jkunu rappreżentati b'mod addattat fil-konsultazzjonijiet. Sfortunatament, il-konsumaturi u ċ-ċittadini inġenerali huma spiss sottorappreżentati fid-diskussjonijiet dwar xi kwistjonijiet kritiċi, u l-Kummissjoni jeħtieġ li tagħmel sforzi akbar biex tiżgura rappreżentanza ugwali għall-membri tas-soċjetà ċivili fil-fora kollha.

4. Kummenti Speċifiċi

4.1 Peress li l-implimentazzjoni tal-broadband ta' veloċità għolja fl-UE kollha hija daqshekk importanti, il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni biex tipproponi firxa ta' strumenti ta' finanzjament biex tappoġġja l-pass aċċellerat ta' investiment fl-infrastruttura tal-broadband li teħtieġ l-Ewropa, speċjalment meta l-profitti normali tas-suq ma jkunux biżżejjed.

4.2 Il-Kumitat jilqa' l-fokus tal-Kummissjoni fuq it-tnaqqis l-ispejjeż għall-forniment tal-infrastruttura broadband; huwa jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-effett multiplikatur fuq l-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja minn tali tnaqqis fl-ispejjeż; u jappella lill-partijiet interessati kollha biex jaħdmu b'mod assidwu fuq din il-kwistjoni.

4.3 Il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jgħinu sabiex tintlaħaq malajr il-mira tal-kopertura tal-broadband, billi jimplimentaw bis-sħiħ il-programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju⁽²⁰⁾.

4.4 Il-forniment ta' konnettività tal-Internet b'veloċità għolja għandha tiżgura li l-operaturi joffru aċċess ġust u kompetittiv għall-infrastruttura, inkella l-kwalità tal-għażliet ta' servizz għall-konsumaturi tkun imfixkla jew limitata.

4.5 Il-Kumitat jemmen li huwa importanti li jiġu żviluppati mudelli tal-kost għal broadband ta' veloċità għolja li jkun konsistenti madwar l-UE, biex jintużaw mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali; biex jgħinu jiżguraw li l-ispejjeż ikunu ġusti b'mod universali u kkalkolati skont l-istess standards.

4.6 L-impjegji ġodda maħluqa fl-ekonomija diġitali jeħtieġu li l-ħaddiema jkollhom kompetenza diġitali, u ħafna drabi jitolbu ħiliet speċjali fl-ICT. Sfortunatament l-Ewropa mhux jirnexxiela tħarreġ il-ħaddiema fil-kwantità meħtieġa mill-industrija tal-ICT li qiegħda dejjem tikber. Filwaqt li l-UE bħalissa għandha livelli rekord ta' qgħad, l-industrija tal-ICT testima li sal-2015 ser ikollha 700 000 impjieg vakanti. Din il-lakuna fil-ħiliet trid timtela b'mod urġenti bi kwalunkwe miżuri straordinari li hemm b'żonn.

4.6.1 Skont l-"Aġenda għall-ħiliet ġodda u impjegji", il-Kummissjoni impenjat ruħha li tipprovdi approċċ għall-UE kollha u strumenti biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-integrazzjoni tal-kompetenzi tal-ICT u l-kompetenzi diġitali fil-politiki ewlenin tat-tagħlim tul il-ħajja. L-Ewropa teħtieġ dan l-element tal-Istrategġija UE 2020 biex tagħti riżultati mingħajr dewmien.

⁽¹⁷⁾ <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/scoreboard>

⁽¹⁸⁾ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/information_society/data/main_tables

⁽¹⁹⁾ ĠU C 128, 18.5.2010, p. 97-102.

⁽²⁰⁾ ĠU C 107, 6.4.2011, p. 53-57.

4.6.2 Ir-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh hija parzjalment dovuta għal nuqqas ta' qbil bejn il-politika tal-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tal-impjegaturi. Bħala kwistjoni ta' urġenza, l-Istati Membri għandhom jirreaġixxu għal din il-problema billi jżidu programmi ġodda ta' hiliel fl-ICT fiċ-ċiklu tal-edukazzjoni għolja. Huwa essenzjali wkoll li l-politika tal-edukazzjoni fl-ICT tippromovi l-ugwaljanza bejn is-sessi.

4.6.3 Għal persuni li huma diġà fil-forza tax-xogħol, il-hiliel diġitali huma dejjem aktar meħtieġa biex isostnu l-produttività u l-flessibilità tax-xogħol. Ir-riskju ta' nuqqas ta' impjeg fil-futur, jew anke ta' qgħad, qed jiżdied għall-ħaddiema li m'għandhomx il-hiliel diġitali meħtieġa. Għalhekk, għall-produttività u l-kompetittività Ewropea huwa essenzjali li l-kumpaniji u l-ħaddiema jikkooperaw biex jimplementaw programmi ta' taħriġ fuq ix-xogħol sabiex itejbu l-kompetenzi diġitali u l-hiliel tal-ICT.

4.6.4 Barra minn hekk, għandhom jiġu żviluppati programmi edukattivi ta' hiliel speċjali fl-ICT u ta' kompetenzi diġitali biex jgħinu fil-għieda kontra l-problema serja tal-qgħad fl-Ewropa, b'mod partikolari biex jgħinu lill-ħaddiema qiegħda jirritornaw f'impjeg bi ħlas.

4.6.5 Ir-riżorsi tal-broadband u tal-informatika fl-iskejjel, il-libreriji pubbliċi u bini pubbliċi ieħor, jistgħu jintużaw bħala kwistjoni ta' politika, biex jappoġġjaw it-taħriġ tal-hiliel fl-ICT u l-kompetenza diġitali fl-Unjoni kollha.

4.7 F'Opinjoni preċedenti l-Kumitat appella għal karta tad-drittijiet onlajn għaċ-ċittadini⁽²¹⁾. Għalkemm il-KESE jilqa' bi pjaċir il-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni: "Il-kodiċi tad-drittijiet onlajn fl-UE"⁽²²⁾, il-Kumitat huwa tal-fehma li l-UE għandha tistabbilixxi Karta għad-Drittijiet Diġitali, sabiex tippovdi protezzjoni ċara għall-utenti kollha, u reċentement talab dan fl-opinjoni tiegħu dwar *Suq Intern diġitali inklużiv*⁽²³⁾.

4.8 Il-konsumaturi madwar l-Ewropa qed jilmentaw li l-kumpaniji li jipprovduhom is-servizz tal-Internet m'humiex jipprovdu l-veloċitajiet ta' konnessjoni tal-Internet imwiegħda fil-kuntratti tagħhom. Dan "in-nuqqas ta' konformità" kuntrattwali u r-reklamar falz idgħajjed il-fiduċja fis-suq diġitali. Il-problema għandha tiġi indirizzata permezz ta' leġislazzjoni u dispożizzjonijiet ta' infurzar aktar b'saħħithom.

4.9 Il-KESE jenfasizza l-importanza kritika li jitlesti s-Suq Uniku Diġitali li javvanza l-Pjan ta' Azzjoni tal-kummerċ elettroniku, tal-Green Paper dwar Pagamenti bil-Kard, bl-Internet u bil-Mowbajl u tal-Aġenda Ewropea għall-Konsumatur.

4.10 F'Opinjoni preċedenti⁽²⁴⁾ l-Kumitat appoġġja b'mod qawwi l-proposta għal Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Dejta. Il-KESE jittama li r-riforma komprensiva tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data tiġi adottata b'mod formali

mill-aktar fis. Huwa importanti li d-diskussjonijiet dwar ir-Regolament Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Data jqisu l-impatt possibbli tiegħu fuq s-sma politiki oħrajn. Obbligi li huma restrittivi wisq jistgħu jillimitaw l-oportunitajiet għall-użu tad-data personali għall-benefiċċju tas-soċjetà u biex jinkisbu l-għanijiet tal-aġenda diġitali (eż. monitoraġġ tad-data tal-pazjenti sabiex jiġi previst l-iżvilupp ta' marda speċifika; jew għall-ġestjoni tal-enerġija permezz ta' grilji intelliġenti).

4.11 Il-Kumitat jerġa' jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għall-introduzzjoni ta' marka ta' fiduċja Ewropea għan-negozji. Bħal ma saħaq il-KESE f'Opinjoni preċedenti⁽²⁵⁾, "skema pan-Ewropea għaċ-ċertifikazzjoni u t-tikkettar tan-negozjanti diġitali" tista' tippovdi lill-konsumaturi bi "protezzjoni universali huma u jixtru l-prodotti u s-servizzi mill-internet, irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali"; Din kieku żżid b'mod sostanzjali l-kunfidenza tal-konsumatur fil-kummerċ diġitali u transkonfinali, u tgħin lill-SME jkabbu n-negozji transkonfinali onlajn.

4.12 Minbarra li timplimenta l-interoperabbiltà pan-Ewropea għall-iskemi nazzjonali tat-teknoloġija tal-identità elettronika (eID), il-Kumitat jixtieq li l-Kummissjoni tikkunsidra l-introduzzjoni ta' skema eID volontarja għaċ-ċittadini kollha tal-UE sabiex tippovdi eID għat-tranżazzjonijiet ta' kummerċ ekonomiku li jkun ivverifikat mill-UE.

4.13 Sabiex tiġi stimolata l-ekonomija diġitali, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali għandhom jippromwovu hotspots tal-WiFi bla ħlas f'żoni pubbliċi.

4.14 Għalkemm il-Kumitat jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta Rakkomandazzjoni dwar is-salvagwardja tal-Internet miftuħ għall-konsumaturi, il-KESE jitlob bis-saħħa li l-prinċipju tan-Newtralità tan-Net ukoll jiġi formalment minqux fil-liġi tal-UE mill-aktar fis possibbli. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn l-Opinjoni tal-KESE dwar *L-Internet Miftuħ u n-Newtralità fl-Ewropa*⁽²⁶⁾, li tispjega li n-newtralità tan-net tfittex li tiżgura li l-kumpaniji li jipprovdu s-servizz tal-Internet jittrattaw b'mod ugwali is-sorsi kollha ta' data simili tal-Internet, u ma jagħmlux diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' profitti.

4.15 L-użu tal-cloud computing jirrinforza l-ħtieġa li jkun protetti l-membri tal-pubbliku, id-data tagħhom u l-ħajja privata tagħhom, b'mod partikolari meta d-data tal-konsumaturi u n-negozji Ewropej qed tiġi maħżuna barra mill-UE jew minn kumpaniji mhux tal-UE. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn l-Opinjoni reċenti tal-Kumitat dwar l-istrategġija tal-cloud computing⁽²⁷⁾ fejn iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-qafas regolatorju dwar:

— Il-protezzjoni tad-data u tal-privatezza;

— L-aċċess tal-gvernijiet għad-data;

⁽²¹⁾ ĠU C 229, 31.7.2012, p. 1-6.

⁽²²⁾ <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/code-eu-online-rights>

⁽²³⁾ CES273-2012_00_00_TRA_AC_MT.DOC.

⁽²⁴⁾ ĠU C 229, 31.7.2012, p. 90-97.

⁽²⁵⁾ ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58-64.

⁽²⁶⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 139-145.

⁽²⁷⁾ ĠU C 76, 14.3.2013, p. 59-65.

— Il-monitoraġġ tad-data u l-ġestjoni tal-kunflitti bejn l-utenti u l-provvedituri;

— Il-possibbiltà ta' ġarr u ta' interoperabbiltà.

Il-KESE jwissi wkoll lill-Kummissjoni biex tqis il-ħtieġa li kwalunkwe oqfsa ta' Cloud Computing adottati fil-livell tal-UE jibqgħu jgħoddu għall-futur, minħabba li l-evoluzzjoni futura ta' din it-teknoloġija se tkun ferm dinamika u imprevedibbli għal xi żmien.

4.16 Il-KESE jinnota l-pubblikazzjoni tal-istrategġija ta' Sigurtà Ċibernetika tal-Unjoni Ewropea u jistenna bil-ħerqa li jirrevedi l-pakkett ta' miżuri li jappoġġja, inkluża d-Direttiva proposta dwar Is-Sigurtà tan-Netzwerke u tal-Infommazzjoni.

4.17 Miżuri speċjali huma meħtieġa sabiex jiġu mħarsa l-interessi tat-tfal u tal-persuni vulnerabbli onlajn, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, il-frodi onlajn u l-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar bla skrupli mmirati lejn il-vulnerabbiltà tal-utenti. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn l-għadd kbir ta' Opinijonijiet tal-Kumitat dwar din il-kwistjoni⁽²⁸⁾, b'mod partikolari "Strategġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal"⁽²⁹⁾, u "Qafas għar-reklamar immirat lejn iż-żgħażaġh u t-tfal"⁽³⁰⁾.

4.18 Kif imsemmi fl-Opinjoni tal-Kumitat dwar "Aġenda Diġitali għall-Ewropa"⁽³¹⁾, standards miftuħa jiffaċilitaw il-kompetizzjoni u jippermettu lill-SME jikbru u jikkompetu globalment. Għalhekk, it-tiegħi u l-appoġġ għall-istandards miftuħa għall-prodotti u s-servizzi kollha tal-ICT fl-Ewropa għandhom ikunu komponent espliċitu tal-politika tal-Aġenda Diġitali.

4.19 Il-kumpaniji Amerikani u Asjatiċi jiddominaw l-industrija tal-ICT. L-Ewropa ma rnexxiet assolutament tlaħħaq mal-innovazzjoni fl-ICT u toħloq kumpaniji enormi li huma l-mexxejja fis-suq tagħhom bħalma huma l-Google, il-Microsoft, l-Apple u s-Samsung. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir il-pjan għal strategġija industrijali ġdida dwar il-mikroelettronika u n-nanoelettronika, bl-għan li trendi l-Ewropa aktar attraenti għall-investiment fid-disinn u l-produzzjoni kif ukoll biex tkabbar is-sehem tas-suq globali tagħha. Madankollu, il-politika tal-UE trid tinbidel b'mod radikali biex jiġi żgurat li l-kumpaniji Ewropej ikollhom l-ekosistema ta' appoġġ li għandhom bżonn biex isiru mexxejja tas-suq dinjin fit-teknoloġiji u s-servizzi tal-ICT.

4.20 Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li jiġu applikati prattiki ta' ġestjoni ta' investimenti adatti għal din il-politika industrijali: l-investimenti għandhom jingħataw skont ir-ritorn ekonomiku u/jew soċjali mistenni, u kull investment għandu jkun soġġett għal amministrazzjoni rigoruża biex jiġi żgurat li l-benefiċċji antiċipati jsiru realtà.

4.21 Il-governanza tal-investment propost fir-Riċerka u l-Iżvilupp għandha tiżgura li jkun hemm koordinazzjoni tajba bejn il-programmi u l-proġetti kollha sabiex jinħareġ l-akbar ammont ta' benefiċċji possibbli u sabiex tiġi evitata l-ħela minħabba xogħol doppju.

4.22 Il-KESE huwa tal-fehma li l-investment enormi fit-teknoloġiji u s-servizzi GNSS Ewropej għandu jikkontribwixxi għas-suċċess tal-Aġenda Diġitali. Għalhekk il-Kumitat jitlob għal darb'oħra lill-Kummissjoni tagħraf is-sinerġiji sostanzjali li jistgħu jinkisbu bl-inklużjoni adegwata tal-programmi GNSS fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Aġenda Diġitali. Il-KESE ġibed l-attenzjoni għal din il-kwistjoni fl-opinjoni oriġinali tiegħu dwar l-Aġenda Diġitali⁽³²⁾.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽²⁸⁾ ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58-64, ĠU, C 128, 18.5.2010, p. 69-73, u ĠU, C 224, 30.8.2008, p. 61-66.

⁽²⁹⁾ ĠU C 351, 15.11.2012, p. 68-72.

⁽³⁰⁾ ĠU C 351, 15.11.2012, p. 6-11.

⁽³¹⁾ ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58-64.

⁽³²⁾ ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58-64.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli ta’ sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni”

COM(2013) 48 final — 2013/0027 (COD)

(2013/C 271/25)

Relatur: **is-Sur McDONOGH**

Nhar il-21 ta’ Frar u l-15 ta’ April 2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew iddeċidew, rispettivament, b’konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli ta’ sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni.

COM(2013) 48 final – 2013/0027 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-30 ta’ April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’163 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jieħu nota tad-Direttiva proposta, li għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest usa’ tal-pubblikazzjoni reċenti tal-Istrateġija tas-Sigurtà Ċibernetika⁽¹⁾, li tippreżenta viżjoni komprensiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni (NIS) biex jiġi żgurat li l-ekonomija diġitali tista’ tikber b’mod sigur, filwaqt li jiġu avvanzati l-valuri Ewropej tal-libertà u d-demokrazija.

1.2 Il-KESE jilqa’ din il-proposta għal Direttiva biex jiġi żgurat livell għoli komuni tan-NIS madwar l-UE. L-armonizzazzjoni u l-ġestjoni tan-NIS fil-livell Ewropew hija kruċjali għat-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern kollu kemm hu. Il-Kumitat għandu l-istess tħassib tal-Kummissjoni dwar il-ħsara kbira li tista’ ssir lill-ekonomija u l-benesseri taċ-ċittadini jekk ikun hemm falliment fin-NIS. Madankollu, id-Direttiva proposta ma tissodisfax l-istennijiet tal-Kumitat għal azzjoni legiſlattiva b’saħħitha dwar din il-kwis-tjoni kruċjali.

1.3 Il-Kumitat jinsab estremament diżappuntat bin-nuqqas ta’ progress min-naħa ta’ ħafna Stati Membri biex jimplimentaw NIS effettiva fil-livell nazzjonali. Il-KESE jiddeplora ż-żieda fir-riskji li qed joħloq dan in-nuqqas kif ukoll l-impatt negattiv li qed ikollu fuq it-tlestija tas-Suq Diġitali Uniku. L-Istati Membri kollha għandhom jieħdu azzjoni mingħajr aktar dewmien dwar dawn l-obbligi li għadhom mhumix indirizzati.

1.4 Dan in-nuqqas ta’ progress qed joħloq distakk diġitali ieħor bejn l-aħjar grupp b’NIS ferm avvanzata u l-Istati Membri inqas avvanzati. Dan id-distakk qed jaffettwa b’mod negattiv il-fiduċja u l-kollaborazzjoni fir-rigward tan-NIS fil-livell tal-UE u, sakemm ma jiġix indirizzati b’mod urġenti, jaf jikkawża fallimenti fis-suq intern assoċjati mad-diverġenza fil-kapaċitajiet fl-Istati Membri.

1.5 Kif irrakkomanda f’Opinjonijiet preċedenti⁽²⁾, il-KESE jemmen li miżuri tentattivi u volontarji ma jaħdmux u hemm bżonn obbligi regolatorji b’saħħithom għall-Istati Membri biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni, il-governanza u l-infurzar tan-NIS Ewropea. B’xorti ħażina, il-KESE ma jaħsibx li din il-Proposta għal Direttiva tipprovdi l-legiſlazzjoni ċara u deċiżiva meħtieġa. Sabiex jiġi provdut il-livell għoli komuni meħtieġ tan-NIS, il-Kumitat jemmen li regolament b’obbligi mandatorji u definiti sew għall-Istati Membri jkun iktar effettiv minn direttiva.

1.6 Minkejja l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti ddelegati biex tiżgura xi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ partijiet mid-Direttiva, il-Kumitat iqis li hemm nuqqas ta’ standards, definizzjonijiet ċari u obbligi kategoriċi fl-Att propost; u b’hekk dan jagħti wisq flessibbiltà lill-Istati Membri dwar kif jinterpretaw u jittrasponu elementi kruċjali. Il-Kumitat jixtieq li fl-Att jara definizzjonijiet ħafna iktar ċari rigward l-istandards, ir-rekwiżiti u l-proċeduri li jridu jiġu rispettati mill-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi, l-operaturi tas-suq u l-faċilitaturi ewlenin tal-Internet.

⁽¹⁾ “Ċiberspazju miftuħ mogħni b’sigurtà u sikurezza”, JOIN (2013) 1.

⁽²⁾ Opinjonijiet tal-KESE dwar “Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta’ Informazzjoni”, ĠU C 255, 22.9.2010, p. 98 u dwar “Attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni” ĠU C 218, 23.7.2011, p. 130.

1.7 Sabiex ikun hemm tfassil politiku b'saħħtu u implimentazzjoni għan-NIS fl-UE, il-Kumitat jixtieq li jkun hemm awtorità għan-NIS fil-livell tal-UE, li tinholq b'mod analoġu għall-awtorità ċentrali fl-industrija tal-avjazzjoni (EASA) ⁽³⁾. Dan il-korp ikun jistabbilixi l-istandards u jikkontrolla l-infurzar għall-elementi kollha tan-NIS fl-Unjoni kollha kemm hi, miċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir sigur tat-terminal u l-użu, sas-sigurtà tan-netwerks u s-sigurtà tad-data.

1.8 Il-KESE huwa ferm konxju dwar ir-riskji ogħla għas-sigurtà ċibernetika u l-protezzjoni tad-data li jinħolqu mill-adozzjoni tal-cloud computing ⁽⁴⁾ fl-Ewropa. Il-Kumitat jixtieq li l-Att propost jinkludi b'mod ċar ir-rekwiżiti u l-obbligi addizzjonali u speċjali tas-sigurtà rigward il-forniment u l-użu tas-servizzi cloud.

1.9 Sabiex ikun hemm responsabbiltà adatta għan-NIS, l-Att għandu jagħmilha ċara li l-entitajiet b'obbligi skont id-Direttiva proposta jkollhom id-dritt li jżommu responsabbli lill-provvedituri tas-software u l-hardwer għal kwalunkwe difett fil-prodotti jew is-servizzi li jikkontribwixxu direttament għall-inċidenti tan-NIS.

1.10 Il-KESE jappella lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali biex jiżdied l-għarfien dwar in-NIS u l-ħiliet tas-sigurtà ċibernetika tal-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju (SMEs). Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għas-suċċess tal-kompetizzjonijiet tal-hackers fl-Istati Uniti ⁽⁵⁾ u fxi Stati Membri ⁽⁶⁾ fis-sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà ċibernetika u t-trawwim tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' professjonisti tan-NIS.

1.11 Fid-dawl tal-importanza tal-konformità fl-Istati Membri kollha għas-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni tal-UE kollha kemm hi, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), tqis liema fondi jistgħu jiġu mmirati għall-konformità tan-NIS biex ikunu ta' għajna għall-Istati Membri li jkollhom bżonn assistenza finanzjarja.

1.12 L-infiq fir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (R&I) għat-teknoloġiji tan-NIS għandu jkun prijorità għolja fil-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni "Orizzont 2020", sabiex l-Ewropa tkun tista' iżomm il-pass mal-ambjent ta' theddid ċibernetiku li qed jinbidel malajr.

⁽³⁾ Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni: <http://easa.europa.eu/>
⁽⁴⁾ Opinjonijiet tal-KESE dwar "Il-cloud computing fl-Ewropa", ĠU C 24, 28.1.2012, p. 40 u dwar "L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa", ĠU C 76, 14.3.2013, p. 59.

⁽⁵⁾ http://www.nytimes.com/2013/03/25/technology/united-states-wants-to-attract-hackers-to-public-sector.html?pagewanted=all&_r=0

⁽⁶⁾ <http://www.bbc.co.uk/news/technology-17333601>

1.13 Sabiex ikun hemm ċarezza dwar liema entitajiet għandhom responsabbiltajiet legali skont l-Att propost, il-KESE jixtieq li kull Stat Membru jkun obligat jippubblika direttorju onlajn ta' kull entità koperta mir-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju u r-rappurtar skont id-Direttiva. Din it-trasparenza u r-responsabbiltà pubblika tibni l-fiduċja u tappoġġja l-osservanza.

1.14 Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħafna Opinjonijiet preċedenti tal-KESE ⁽⁷⁾ li ddiskutew is-suġġett tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, u li kkummentaw dwar il-bżonn għal soċjetà tal-informazzjoni sigura u protezzjoni għall-infrastrutturi kruċjali.

2. Il-kontenut essenzjali tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Id-Direttiva proposta dwar in-NIS ġiet ippubblikata b'mod parallel mal-Istrateġija Ewropea relatata mas-sigurtà ċibernetika, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżistenza tas-sistemi tal-informazzjoni, tnaqqas iċ-ċiberkriminalità, issaħħaħ il-politika tal-UE dwar is-sigurtà ċibernetika u d-difiża ċibernetika fil-livell internazzjonali, u tiżviluppa r-riżorsi industrijali u teknoloġiċi għas-sigurtà ċibernetika, filwaqt li tippromovi d-drittijiet fundamentali u valuri prinċipali oħra tal-UE.

2.2 In-NIS hija marbuta mal-protezzjoni tal-Internet u netwerks oħrajn, is-sistemi tal-informazzjoni u s-servizzi li jsostnuhom, li jappoġġjaw il-funzjonament tas-soċjetà tagħna. In-NIS hija essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern.

2.3 L-approċċ purament volontarju għan-NIS li l-UE ħadet s'issa, ma jipprovdi biżżejjed protezzjoni kontra r-riskji marbuta man-NIS. Il-kapaċitajiet eżistenti tan-NIS huma insuffiċjenti sabiex iżommu l-pass mal-ambjent ta' theddid li qed jinbidel malajr u sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni komuni fl-Istati Membri kollha.

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Strateġija għal Soċjetà Sigura tal-Informazzjoni": ĠU C 97, 28.4.2007, p. 21 ([mhux disponibbli bil-Malti](#)).

Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni", ĠU C 255, 22.9.2010, p. 98.

Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-Regolament ENISA", ĠU C 107, 6.4.2011, p. 58.

Opinjoni tal-KESE dwar "Regolament Ġenerali dwar il-protezzjoni tad-dejta", ĠU C 229, 31.7.2012, p. 90.

Opinjoni tal-KESE dwar "Attakk kontra s-sistemi tal-informazzjoni", ĠU C 218, 23.7.2011, p. 130.

Opinjoni tal-KESE dwar "Tranżazzjonijiet elettroniċi fis-Suq Intern", ĠU C 351, 15.11.2012, p. 73.

Opinjoni tal-KESE dwar "L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa", ĠU C 76, 14.3.2013, p. 59.

2.4 Illum il-ġurnata l-Istati Membri għandhom livelli differenti ħafna ta' kapaċitajiet u thejjiha, ħaġa li twassal għal approċċi frammentati għan-NIS madwar l-UE. Minħabba l-fatt li n-netwerks u s-sistemi huma interkonnessi, in-NIS globali tal-UE hija mdgħajfa minn dawk l-Istati Membri b'livell insuffiċjenti ta' protezzjoni. Din is-sitwazzjoni xxekkel ukoll il-bini tal-fiduċja bejn il-pari, li hija prerekwiżit għall-kooperazzjoni u għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni. B'riżultat ta' dan, hemm kooperazzjoni bejn numru żgħir biss ta' Stati Membri b'livell għoli ta' kapaċitajiet.

2.5 L-għan tad-Direttiva, proposta b'konformità mal-Artikolu 114 tat-TFUE, huwa li tiffaċilita t-tlestija u l-operat mingħajr xkiel tas-Suq Diġitali Uniku:

- li jiġi stabbilit livell minimu komuni ta' NIS fl-Istati Membri u b'hekk jiżdied il-livell globali ta' thejjiha u rispons għall-inċidenti;
- li tittejjeb il-kooperazzjoni dwar in-NIS fil-livell tal-UE bil-għan li nilqgħu kontra l-inċidenti u t-tthedid transkonfinali;
- li tinholq kultura ta' ġestjoni tar-riskji u tittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn is-settur privat u dak pubbliku.

2.6 Il-Proposta għal Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti legali, fosthom:

- (a) Kull Stat Membru jrid jadotta strateġija għan-NIS u jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti dwar in-NIS li jkollha riżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex tipprevjeni, tiffaċċja u ttrrispondi għar-riskji u l-inċidenti marbuta man-NIS;
- (b) Għandu jinholq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex jiġu kondiviżi t-twissijiet bikrija dwar inċidenti u jiġu organizzati b'mod regolari l-evalwazzjonijiet bejn il-pari.
- (c) L-obbligu ta' tipi speċifiċi ta' entitajiet madwar l-UE biex jadottaw prattiki ta' ġestjoni tar-riskji u jirrappurtaw dwar inċidenti serji tas-sigurtà fis-servizzi essenzjali tagħhom lill-awtorità kompetenti nazzjonali tagħhom. L-entitajiet koperti minn dawn ir-rekwiżiti jinkludu l-operaturi tal-infrastrutturi kritiċi tal-informazzjoni f'xi setturi (is-servizzi finanzjarji, it-trasport, l-enerġija, is-saħħa), il-faċilitaturi ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (partikularment: il-cloud compu-

ting, il-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku, il-portali ta' ħlas fuq l-Internet, il-magni tat-tiftix, l-imħażen tal-applikazzjonijiet (application stores) u n-netwerks soċjali) u l-amministrazzjonijiet pubbliċi.

2.7 L-Istati Membri ser ikollhom jimplementaw id-Direttiva fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni tagħha mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew (mistennija xi żmien fl-2014).

3. Kummmenti ġenerali

3.1 It-tkabbir tal-Internet u s-soċjetà diġitali qed ikollhom impatt profond fuq il-ħajja ta' kuljum. Madankollu, hekk kif tikber id-dipendenza tagħna fuq l-Internet, il-libertà, il-prosperità u l-kwalità tal-ħajja tagħna qed isiru dejjem iktar dipendenti mis-sigurtà soda tan-netwerks u tal-informazzjoni: jekk l-Internet ma jkunx qed jaħdem ma jistgħux jiġu aċċessati r-rekords mediċi elettroniċi f'każ ta' emerġenza, bil-konsegwenza li n-nies imutu. Madankollu, is-sigurtà tal-infrastruttura kritika tal-informazzjoni fl-Ewropa qed tiġi dejjem iktar mhedda u l-livell tan-NIS tagħna mhuwiex biżżejjed.

3.2 Is-sena l-oħra, id-Direttur tal-Europol qal li kien "inkwetat ħafna b'din il-kunfidenza żbaljata fin-natura impenet-rabbli tal-Internet"⁽⁸⁾. Ħafna drabi nisimgħu dwar attackki ċibernetiċi ġodda fuq l-infrastruttura essenzjali minn kriminali, terroristi jew gvernijiet barranin. Il-vittmi ma jirrappurtawx ħafna mill-attackki għax jibiżgħu mill-ħsara li ssir lir-reputazzjoni tagħhom; madankollu, f'dawn l-aħħar ġimgħat rajna attackki fuq l-infrastruttura⁽⁹⁾ tal-Internet u s-sistemi bankarji⁽¹⁰⁾ tal-Ewropa li kienu ta' xkiel kbir wisq biex jinħbew. Skont wieħed mir-rapporti⁽¹¹⁾, fl-2011 l-Olanda ġarrbet 92 miljun attackk ċibernetiku u l-Ġermanja 82 miljun. Il-gvern tar-Renju Unit jikkalkula li r-Renju Unit ġarrab 44 miljun attackk ċibernetiku fl-2011 bi spiża ta' kważi EUR 30 biljun għall-ekonomija⁽¹²⁾.

3.3 Fl-2007, il-Kunsill tal-UE indirizza l-problema tan-NIS tal-Ewropa⁽¹³⁾. Iżda l-approċċ li ġie segwit minn dak iż-żmien 'l hawn⁽¹⁴⁾ iddependa l-iktar fuq azzjoni volontarja mill-Istati Membri u parti żgħira biss minnhom ħadu azzjoni effettiva. Il-Kumitat jinnota li ħafna Stati Membri għadhom la ppubblikaw strateġija nazzjonali għas-sigurtà ċibernetika u lanqas żviluppaw pjan nazzjonali ta' kontinġenza għall-inċidenti; u xi wħud għadhom ma ħolqux Skwadra ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters (CERT). Barra minn hekk għadd ta' Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità⁽¹⁵⁾.

⁽⁸⁾ <http://forumblog.org/2012/05/what-if-the-internet-collapsed/>

⁽⁹⁾ http://www.nytimes.com/2013/03/27/technology/united-states-wants-to-attract-hackers-to-public-sector.html?pagewanted=all&_r=0

⁽¹⁰⁾ http://www.dutchnews.nl/news/archives/2013/04/online_retailers_demand_banks.php

⁽¹¹⁾ http://www.securelist.com/en/analysis/204792216/Kaspersky_Security_Bulletin_Statistics_2011

⁽¹²⁾ UK Cyber Security Strategy – Landscape Review: <http://www.nao.org.uk/wp-content/uploads/2013/03/Cyber-security-Full-report.pdf>

⁽¹³⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill (2007/C 68/01).

⁽¹⁴⁾ COM (2006) 251 u COM (2009) 149.

⁽¹⁵⁾ <http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/ChercheSig.asp?NT=185&CL=ENG> (mhux disponibbli bil-Malti).

3.4 L-għaxar Stati Membri li huma avvanzati ħafna fin-NIS ifformaw il-Grupp Ewropew ta' CERTs tal-Gvern (EGC) biex jikkollaboraw mill-qrib dwar in-NIS u r-rispons għall-inċidenti. Is-sħubija fl-EGC hija magħluqa bħallissa: is-17-il Stat Membru l-ieħor inqas avvanzati u s-CERT-EU ⁽¹⁶⁾ li għadu kif ġie fformat huma attwalment esklużi minn dan il-grupp tal-aħjar pajjiżi. Qed jinħoloq distakk diġitali bejn l-Istati Membri li huma avvanzati ħafna fin-NIS u l-bqija. Sakemm ma tingħalaqx din il-lakuna, id-distakk fin-NIS ser jattakka l-qalba tas-Suq Diġitali Uniku, ħaġa li tillimita l-iżvilupp tal-fiduċja, l-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà. Barra minn hekk, mingħajr azzjoni b'saħ-ħitha, id-distakk bejn l-Istati Membri avvanzati ħafna u l-Istati Membri inqas avvanzati probabbli tiżdied u jiżdiedu wkoll il-fallimenti tas-suq intern assoċjati mad-diverġenzi fil-kapaċitajiet fl-Istati Membri.

3.5 Is-suċċess tal-Istrateġija ta' Ċibersigurtà u l-effikaċja tad-Direttiva proposta tan-NIS ser jiddependu minn industrija tan-NIS b'saħħitha fl-Ewropa u biżżejjed ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati tan-NIS. Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-bżonn li l-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tan-NIS huwa inkluż fid-Direttiva proposta. Il-Kumitat jixtieq ukoll li kull Stat Membru jagħmel sforz speċjali biex jinforma, jeduka u jappoġġja s-settur tal-SMEs bis-sigurtà ċibernetika. L-intrapriżi l-kbar jistgħu faċilment jiksbu l-għarfien li jeħtieġu iżda l-SMEs għandhom bżonn l-appoġġ.

3.6 Il-KESE jinsab ħerqan li jikkoopera mal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni (ENISA) għall-promozzjoni tan-NIS matul "ix-xahar tas-sigurtà ċibernetika" iktar tard din is-sena. Fir-rigward tal-għan tal-Istrateġija ta' Ċibersigurtà u d-Direttiva tan-NIS biex fl-Unjoni kollha kemm hi tiġi żviluppata kultura sensibilizzata dwar is-sigurtà, u sabiex jiżdied il-livell tal-ħiliet tan-NIS, il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-avvenimenti ta' "kompetizzjoni tal-hackers" għall-adoloxxenti u li tant kellhom suċċess fis-sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri u fl-Istati Uniti.

3.7 Il-Kumitat jinnota bi pjaċir ukoll l-impenn fl-Istrateġija ta' Ċibersigurtà għall-infiq RŻI fit-teknoloġija tan-NIS.

3.8 It-tkabbir tal-cloud computing joħloq ħafna riskji ġodda għas-sigurtà ċibernetika. Pereżempju, illum il-ġurnata l-kriminali ċibernetiċi għandhom kompjuters b'saħħithom u irħas għad-dispożizzjoni tagħhom; u d-data minn eluf ta' kumpanijiet issa jinsabu ċentralizzati f'imħażen tad-data li huma vulnerabbli għal attacchi ffokati. Il-KESE appella għal reżiljenza ċibernetika ikbar għall-cloud computing ⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁶⁾ CERT-EU huwa Skwadra permanenti ta' Rispons ta' Emerġenza tal-Kompjuters (CERT-EU) għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE.

⁽¹⁷⁾ Opinjonijiet tal-KESE dwar "Il-cloud computing fl-Ewropa", ĠU C 24, 28.1.2012, p.40 u dwar "Lejn Strateġija Ewropea tal-Cloud Computing", ĠU C 76, 14.3.2013, p. 59.

3.9 Il-Kumitat kien appella għall-introduzzjoni ta' skema volontarja għall-karti tal-identità elettronika għat-tranżazzjonijiet onlajn, biex jikkomplementaw l-iskemi nazzjonali eżistenti. Skema tkun tipprovdi livell ogħla ta' protezzjoni kontra l-frodi, ambjent aktar b'saħħtu ta' fiduċja bejn l-operaturi ekonomiċi, spejjeż iktar baxxi għall-forniment tas-servizzi, u kwalità ogħla ta' servizz u protezzjoni għaċ-ċittadini.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 B'xorti ħażina, din id-Direttiva tan-NIS mill-Kummissjoni hija indeċiża wisq, nieqsa minn ċarezza suffiċjenti u tiddependi wisq mill-awtoregolazzjoni mill-Istati Membri. In-nuqqas ta' standards, definizzjonijiet ċari u obbligi kategoriċi, b'mod partikolari fil-Kapitolu IV tad-Direttiva, jagħti wisq flessibbiltà lill-Istati Membri dwar kif jinterpretaw u jittrasponu elementi kruċjali tal-Att. Regolament b'obbligi legali u definiti sew għall-Istati Membri ikun iktar effettiv minn direttiva.

4.2 Il-Kumitat jinnota li l-Artikolu 6 tad-Direttiva jitlob li kull Stat Membru jaħtar "awtorità kompetenti" sabiex timmonitorja u tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva fl-UE kollha. Huwa nnutat ukoll li l-Artikolu 8 jistabbilixxi "network ta' kooperazzjoni" li, permezz tal-poteri mogħtija lil lill-Kummissjoni, ser jipprovdi tmexxija, ġestjoni u, jekk ikun hemm bżonn, infurzar fl-Ewropa kollha sal-livell tal-Istati Membri. Il-KESE jemmen li hija u tuża dan il-qafas governattiv bħala bażi biex tibni fuqha, l-UE għandha tqis l-idea li tinħoloq awtorità fil-livell tal-UE għan-NIS bħal fil-każ tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), li tistabbilixxi standards u tiġġestixxi l-infurzar u l-konformità mas-sigurtà għall-inġenji tal-ajru, l-ajruporti u l-operazzjonijiet tal-linji tal-ajru.

4.3 L-awtorità tan-NIS fil-livell tal-UE, proposta mill-Kumitat fil-Punt 4.2 hawn fuq tista' tibni fuq il-pedamenti tal-ħidma tas-sigurtà ċibernetika li diġà qed issir mill-ENISA, is-CEN, is-CERTs, il-grupp Ewropew ta' CERTs tal-gvern (EGC) u oħrajn. Awtorità bħal din tkun tistabbilixxi l-istandards u timmonitorja l-infurzar għall-elementi kollha tan-NIS: miċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir sigur tat-terminal u l-użu, sas-sigurtà tan-network u s-sigurtà tad-data.

4.4 B'kunsiderazzjoni tal-interdipendenza qawwija bejn l-Istati Membri fir-rigward tan-NIS fl-UE u l-ispejjeż potenzjalment għoljin ħafna ta' inċidenti ta' falliment f'dan il-qasam, il-KESE jixtieq li l-leġislazzjoni tinkludi sanzjonijiet espliċiti u proporzjonati għan-nuqqasijiet ta' konformità, li jkunu armonizzati biex jirriflettaw d-dimensjoni pan-Ewropea tar-responsabbiltà u l-iskala tal-ħsara li tista' ssir, mhux biss fis-suq domestiku imma anke fl-Unjoni. L-Artikolu 17 tal-Att, li jittratta s-sanzjonijiet, huwa ġenerali, iħalli wisq diskrezzjoni f'idejn l-Istati Membri biex jistabbilixxu s-sanzjonijiet u ma jipprevedix biżżejjed linji gwida biex jitqiesu l-effetti transkonfinali u pan-Ewropej.

4.5 Illum il-għurnata, il-gvernijiet u l-provvedituri tas-servizzi vitali ma jippubbliċizzawx il-fallimenti tas-sigurtà u tar-reżiljenza, sakemm ma jkunux sfurzati jagħmlu dan. Dan in-nuqqas ta' divulgazzjoni jdgħajef il-kapaċità tal-Ewropa biex tirrispondi b'mod mgħaġġel u effettiv għat-theddidiet ċibernetiċi u biex ittejjeb in-NIS ġenerali permezz ta' tagħlim kondiviż. Il-Kumitat jifraħ lill-Kummissjoni għad-deċizzjoni tagħha biex tagħmel in-notifika tal-inċidenti tan-NIS sinifikanti kollha xi ħaġa obbligatorja f'din id-Direttiva. Il-KESE ma jemminx li l-awtorapporatar volontarju ta' inċidenti jaħdem minħabba li hemm inċentiv biex jinħbew l-avvenimenti li fallew minħabba biżżejjat għar-reputazzjoni u r-responsabbiltà.

4.6 Madankollu, l-Artikolu 14 tad-Direttiva, li jitratta r-rappurtar, ma jagħtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi inċident li għandu "impatt sinifikanti" fuq is-sigurtà, u jippermetti wisq diskrezzjoni lill-entitajiet rilevanti u lill-Istati Membri dwar jekk għandhomx jirrappurtaw inċidenti tan-NIS. Leġislazzjoni effettiva teħtieġ rekwiżiti mingħajr ambigwiż. Peress li d-Direttiva proposta hija vaga wisq dwar id-definizzjoni essenzjali tar-rekwiżiti, mhuwiex possibbli li l-partijiet jinżammu responsabbli għall-fallimenti fil-konformità kif inhu previst fl-Artikolu 17 tad-Direttiva.

4.7 Peress li l-forniment tan-NIS huwa fil-maġġorparti f'idejn is-settur privat, huwa importanti li jitrawmu livelli għoljin ta' fiduċja u kooperazzjoni mal-kumpaniji kollha responsabbli għall-infrastrutturi u servizzi essenzjali tal-informazzjoni. L-inizjattiva mnedija mill-Kummissjoni fl-2009 dwar is-Sħubija Ewropea bejn is-settur privat u dak pubbliku għar-Reżiljenza (EP3R) hija ta' min ifaħħarha u jinkoraġġiha. Madankollu, il-Kumitat jemmen li l-inizjattiva għandha bżonn tissaħħaħ u

tiġi appoġġjata b'obbligu regolatorju fl-Att tan-NIS biex il-partijiet interessati prinċipali li jonqsu mir-responsabbiltajiet tagħhom ikunu mgħieghla jikkooperaw.

4.8 Kull Stat Membri għandu jippubblika direttorju onlajn għall-ġurisdizzjoni tal-entitajiet kollha li jaqgħu taħt ir-rekwiżiti tas-sigurtà u l-obbligi tan-nofitika tal-inċidenti tal-Artikolu 14 tad-Direttiva proposta. Minbarra li tiċċara kif kull Stat Membru jiddeċiedi japplika d-definizzjoni tal-Artikolu 3 tal-Att, din it-trasparenza tibni wkoll fiduċja u thegħeġġ kultura ta' ġestjoni tar-riskji fost iċ-ċittadini.

4.9 Il-KESE jinnota li l-iżviluppaturi tas-software u l-manifatturi tal-hardwer mhumiex fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u għaldaqstant huma esklużi mir-rekwiżiti tad-Direttiva. Madankollu, il-Kumitat jemmen li l-Att propost għandu jagħmilha ċara li daww l-entitajiet b'obbligi skont id-Direttiva proposta jkollhom id-dritt li jżommu lill-provvedituri tas-software u l-hardwer responsabbli għal kwalunkwe difett fil-prodotti jew is-servizzi li jikkontribwixxu direttament għall-inċidenti tal-NIS.

4.10 Għad li l-Kummissjoni tikkalkula li l-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta tan-NIS ser tqum maż-EUR 2 biljun fis-sena, kondiviżi bejn is-settur pubbliku u dak privat fl-Ewropa, il-Kumitat jinnota li xi Stati Membri taħt pressjoni finanzjarja ser ibatu biex isibu l-investment meħtieġ biex jikkonformaw. Hemm bżonn li jiġi kkunsidrat kif jista' jiġi pprovdut l-appoġġ taħt il-QFP għall-konformità man-NIS, bis-saħħa ta' diversi strumenti, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u forsi l-Fond għas-Sigurtà Interna.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra”

COM(2012) 643 final — 2012/0305 (COD)

(2013/C 271/26)

Relatur: **is-Sur SOARES**

Nhar il-21 u d-19 ta’ Novembru 2012, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra

COM(2012) 643 final – 2012/0305 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-26 ta’ April 2013.

Matul il-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-23 ta’ Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’92 vot favur, 2 voti kontra u astensjoni waħda (1).

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-leġislazzjoni dwar il-gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra.

1.2 Il-KESE jenfasizza kemm hu importanti li jintlaħaq ftehim dinji dwar il-kontroll tal-gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra b’mod li l-ekonomiji kollha tad-dinja jkollhom eżattament l-istess regoli.

1.3 Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u soċjali tal-lum, waħda mill-prijoritajiet hi li niddefendu l-impjiegi. It-tranżizzjoni lejn ekonomija li tirrispetta l-klima u l-ambjent għandha tissejjes fuq djalogu soċjali sod sabiex il-bidliet futuri jiġu ġestiti b’mod kollettiv u demokratiku. Id-djalogu soċjali, in-negozjar u l-parteċipazzjoni huma valuri u għodod fundamentali, li jirfdu u jirrikonċiljaw il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u tal-impjiegi ta’ kwalità, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tisħiħ tal-innovazzjoni u tal-kompetittività fl-ekonomiji Ewropej.

1.4 Il-KESE jappella biex jitnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv marbut mal-implimentazzjoni tal-elementi differenti ta’ dan ir-Regolament, b’mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħir u ta’ daqs medju (SMEs).

1.5 Il-KESE jistieden biex jitqies aktar il-konsum tal-enerġija matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja, kif ukoll biex l-analiżi tal-kosteffettività tinkludi l-iżvantaġġi li jista’ jkollhom it-teknoloġiji alternattivi proposti.

1.6 Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni industrijali, b’mod speċjali

għall-iżvilupp ta’ teknoloġiji li jistgħu jintużaw minflok il-gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra.

1.7 L-Istati Membri u l-intrapriżi għandhom jagħmlu sforzi kbar sabiex issir tranżizzjoni soċjalment ġusta fil-politiki adottati biex inaqqsu l-użu u l-produzzjoni tal-gassijiet fluworurati.

1.8 Jista’ jkun hemm bżonn li jiġu żviluppati programmi ta’ taħriġ adegwati biex jippreparaw lill-ħaddiema għat-teknoloġiji li jistgħu jintużaw minflok il-gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra, iżda wieħed irid iqis is-sitwazzjoni partikolari tal-SMEs. Il-piż finanzjarju u amministrattiv tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni għandu jiġi limitat.

1.9 Jeħtieġ tittieħed azzjoni minn qabel ma jintużaw il-gassijiet fluworurati, u b’hekk jiġu pprevenuti t-tnixxijiet billi jissaħħu r-rekwiżiti relatati mad-disinn tat-tagħmir li jkun fih dan it-tip ta’ sustanzi.

1.10 L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw sistemi ta’ ġbir selettiv fi tmiem l-użu tat-tagħmir li jkun fih sustanzi fluworurati, f’konformità mal-prinċipji tad-Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku.

1.11 Il-programmi ta’ taħriġ għandhom jikkonċernaw lill-intrapriżi kollha li jwettqu attivitajiet relatati mal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-immuntar ta’ tagħmir li jkun fih gassijiet fluworurati. Barra minn hekk, il-programmi ta’ taħriġ għandhom jinkludu t-teknoloġiji alternattivi bħala miżura favur it-tranżizzjoni teknoloġika.

1.12 Il-KESE jemmen li jagħmel aktar sens li ssir distinzjoni bejn it-teknoloġiji sabiex tiġi organizzata "tneħħija gradwali" minflok "tnaqqis gradwali", għall-inqas meta dan ikun teknika-ment possibbli u ekonomikament realistiku.

1.13 Ir-restrizzjonijiet imposti fuq il-produtturi Ewropej għandhom jiġu imposti wkoll fuq il-prodotti importati fl-Unjoni Ewropea.

1.14 Il-Kummissjoni Ewropea ser ikollha r-responsabbiltà prinċipali għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-kwoti u għandha tillimita l-ispejjeż tagħha filwaqt li żżomm l-integrità ambjentali.

1.15 Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' kontroll, verifika u konformità b'rabta ma' dan ir-Regolament.

1.16 Il-KESE jaqbel mal-għażla tal-ħarsien tal-ambjent bħala bażi legali, iżda jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tar-Regolament ma tkunx ta' ħsara għall-integrità tas-suq intern.

2. Introduzzjoni

2.1 Fl-2004, il-KESE ħareġ Opinjoni ⁽¹⁾ dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (Regolament Nru 842/2006 attwali) fejn enfażizza li l-konċentrazzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra żdiedet minħabba l-attività tal-bniedem u li jekk din it-tendenza – u t-tisħin globali li jirriżulta minnha – ma tistax titnaqqas jew tinqaleb fid-direzzjoni opposta, ser twassal għal tibdil fil-klima permanenti u potenzjalment perikoluż. Minkejja li l-Opinjoni tal-2004 appoġġjat l-għan u l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni, fiha ġew innutati wkoll ċerti kwistjonijiet li jqajjem l-abbozz ta' Regolament. Uħud minn dawn il-punti ta' kritika jidhru li għadhom validi u l-Kumitat itennihom fl-Opinjoni preżenti.

2.2 Il-gassijiet fluworurati huma gassijiet qawwija b'effett ta' serra ġenerati mill-bniedem. Bħalissa dawn huma koperti minn żewġ ftehimiet internazzjonali skont jekk għandhomx karatteristiċi li jeqirdu s-saff tal-ożonu stratosferiku jew le. Minn naħa, il-Protokoll ta' Montreal (1987) – li rriżulta mill-Konvenzjoni ta' Vjenna – jistabbilixxi miżuri għall-kontroll tal-produzzjoni u l-użu ta' dawn is-sustanzi bil-għan aħħari li jeliminaw. Dan il-Protokoll baqa' dejjem jevolvi biex il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż għal gassijiet ġodda u applikazzjonijiet ġodda. Min-naħa l-oħra, bil-Protokoll ta' Kjoto l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati li m'għandhomx impatt fuq is-saff tal-ożonu jiġu inklużi fil-isforz tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, li jiġi implimentat minn dan it-trattat. Il-Koalizzjoni għall-Klima u l-Arja Nadifa (Climate and Clean Air Coalition), li mill-2012 l-

hawn l-għan tagħha hu li tiġġieled kontra s-sustanzi li jniġġsu, poġġiet ukoll l-idrofluworokarburi (HFCs) fuq nett tal-aġenda tagħha.

2.3 Flimkien ma' atturi oħra, l-UE tinsab fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Fl-2009, 2010, 2011 u 2012, diversi firmatarji tal-Protokoll ta' Montreal, fosthom l-Istati Uniti, ressqu proposti bil-għan li jllimitaw il-produzzjoni u l-konsum tal-idrofluworokarburi fil-livell dinji. 108 pajjiżi appoġġaw dawn l-inizjattivi.

2.4 Però ftit sar progress peress li ċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja u l-pajjiżi tal-Golf Persjan, fost oħrajn, qed jirrifjutaw li jiddiskutu din il-kwistjoni fil-qafas tal-Protokoll ta' Montreal, għax skonthom il-gassijiet fluworurati koperti mill-Protokoll ta' Kjoto m'għandhom l-ebda impatt fuq is-saff tal-ożonu stratosferiku.

2.5 Fl-2009 l-Unjoni Ewropea adottat għanijiet li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2020 u l-2050. Sal-2020 l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-UE jridu jonqsu b'20 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u bi 30 % jekk jiġi ffirmat ftehim globali li jimponi għanijiet komparabbli għall-ekonomiji l-kbar tad-dinja.

2.6 Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-UE stabbiliet għadd ta' strumenti innovattivi li l-aktar importanti fosthom huma: l-iskema tal-UE għan-negozjar tal-kwoti ta' emissjonijiet (Direttiva 2009/29/KE), id-Direttiva dwar l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (Direttiva 2009/28/KE), id-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija (Direttiva 2012/27/UE), u d-Deċiżjoni dwar il-kondiviżjoni tal-isforz tal-Istati Membri (Deċiżjoni Nru 406/2009/KE). L-UE għarfet li sal-2050 l-emissjonijiet tal-pajjiżi żviluppatti jridu jonqsu bi 80 % sa 95 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, sabiex jintlaħaq l-għan li t-tisħin globali jiġi limitat għal żewġ gradi Celsius.

2.7 Il-"Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050" tal-Kummissjoni Ewropea jistabbilixxi li l-aktar xenarji ekonomikament effiċjenti jinkludu l-għanijiet li l-livell tal-emissjonijiet, meta mqabbel ma' dak tal-1990, jonqsu b'25 % sal-2020, b'40 % sal-2030, u b'60 % minn issa sal-2040.

2.8 Minħabba l-potenzjal tagħhom li jikkontribwixxu għat-tisħin globali, il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jagħmlu parti integrali mill-qafas Ewropew tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-leġislazzjoni Ewropea dwar il-gassijiet fluworurati hi magħmula minn żewġ atti leġislattivi prinċipali:

— ir-Regolament (KE) 842/2006 jistabbilixxi prinċipalment sistema ta' prevenzjoni tat-tnixxijiet waqt l-użu u meta jispiċċa l-użu tat-tagħmir stazzjonarju, u jistabbilixxi għadd limitat ta' projbizzjonijiet li jikkonċernaw xi applikazzjonijiet speċifiċi;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 30.4.2004 (mhux disponibbli bil-Malti).

— id-Direttiva 2006/40/KE tirrigwarda s-sistemi ta' kondizzjonament tal-arja fil-vetturi.

2.9 Ta' min jilqa' l-ambizzjoni msaħħa tal-UE li tiġġieled it-tibdil fil-klima u ssir ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, iżda din trid tiġi appoġġjata permezz ta' programm soċjali kredibbli u bil-fondi meħtieġa biex jiġu megħjuna s-setturi u reġjuni li jġarrbu impatt negattiv fuq l-impjiegi tagħhom minħabba li l-pajjiżi l-kbar l-oħra ma jkunux għamlu progress. Il-kuntest ekonomiku u tal-enerġija fid-dinja jagħmel il-kwistjoni tal-kompetittività sensittiva immens, b'mod partikolari għas-setturi tal-esportazzjoni li jużaw ħafna enerġija. L-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea jridu jkunu marbutin aktar mill-qrib ma' proġett ta' reindustrializzazzjoni bbażat b'mod partikolari fuq l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, fosthom l-enerġija, u fuq it-teknoloġiji sostenibbli u innovattivi.

3. Sinteżi u raġunijiet tal-Proposta tal-Kummissjoni

3.1 *L-għanijiet tal-Proposta ppreżentata mill-Kummissjoni huma li:*

3.1.1 tissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 842/2006 dwar ċerti gassijiet fluworurati b'effett ta' serra sabiex jingħata kontribut iktar kosteffiċjenti għall-għanijiet klimatiċi tal-UE billi jiġi skoraġġut l-użu ta' gassijiet fluworurati li jħalli impatt kbir fuq il-klima favur alternattivi effiċjenti fl-enerġija u sikuri, u billi jittejjeb iktar it-trażżin u t-trattament wara li jintemm l-użu tal-prodotti u tat-tagħmir li fihom gassijiet fluworurati;

3.1.2 ittejjeb it-tkabbir sostenibbli, tistimola l-innovazzjoni u tiżviluppa t-teknoloġiji ekoloġiċi billi ttejjeb l-oportunitajiet tas-suq għal teknoloġiji ġodda u għal gassijiet b'impatt żgħir fuq il-klima;

3.1.3 twassal biex l-UE tkun konformi mal-iktar sejbiet xjentifiċi riċenti fil-livell internazzjonali, kif deskritt fir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC tan-NU, pereżempju rigward is-sustanzi koperti minn dan ir-Regolament u l-kalkolu tal-potenzjal ta' tisħin globali (GWP, global warming potential) tagħhom;

3.1.4 tgħin sabiex ikun hemm kunsens dwar ftehim internazzjonali għat-tnaqqis gradwali tal-idrofluworokarburi, l-iktar grupp rilevanti ta' gassijiet fluworurati, fil-qafas tal-Protokoll ta' Montreal;

3.1.5 tissemplifika u tikkjarifika r-Regolament (KE) Nru 842/2006 sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar.

4. Kummmenti ġenerali

4.1 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-leġislazzjoni dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta'

serra, minħabba l-potenzjal kbir tagħhom li jikkontribwixxu għat-tisħin globali, huwa kruċjali li jsiru sforzi addizzjonali biex jiġu limitati l-emissjonijiet ta' dawn il-gassijiet fl-UE sew fil-produzzjoni u sew fl-użu.

4.2 Ir-regolamentazzjoni fis-seħħ hija fil-fatt ta' kwalità tajba, iżda kien hemm bosta diffikultajiet fl-implimentazzjoni tagħha li fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew identifikati mill-KESE fl-Opinjoni tiegħu tal-2004. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex japplikaw id-deċiżjonijiet tagħhom stess.

4.3 Minkejja li jaqbel mal-inizjattivi tal-UE, il-KESE jenfasizza kemm hu importanti li jintlaħaq ftehim dinji dwar il-kontroll tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'mod li l-ekonomiji kollha tad-dinja jkollhom eżattament l-istess regoli.

4.4 Fid-dawl tal-eżistenza ta' teknoloġiji alternattivi teknika-ment affidabbli u ekonomika-ment vijabbli, il-leġislazzjoni ser tissaħħaħ fuq il-bażi tal-kosteffettività b'tali mod li l-effetti makroekonomiċi ġenerali jkunu limitati ħafna, ħlief għal ċerti setturi speċifiċi. Madankollu, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni jistgħu jiġu kkompensati sew mill-effiċjenza li tinkiseb fl-użu tal-enerġija u sew mill-pożizzjoni strateġika tal-intrapriżi innovattivi fis-suq. Minkejja li l-kosteffettività tal-miżuri proposti ġiet studjata fil-fond, il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi limitat kemm jista' jkun il-piż finanzjarju li toħloq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Regolament. Barra minn hekk, il-KESE jistieden biex jitqies aktar il-konsum tal-enerġija matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja kif ukoll biex l-analiżi tal-kosteffettività tinkludi l-iżvantaġġi li jista' jkollhom it-teknoloġiji alternattivi proposti (in-natura infjammabbli, esplożiva u tossika tagħhom, u l-perikli tal-pressurizzazzjoni). Barra minn hekk, il-livelli ta' sigurtà li huma mitluba f'ċerti setturi bħal dak tal-ferroviji jistgħu jipprevjenu l-użu ta' sustanzi alternattivi anke jekk ikunu ġew żviluppati b'suċċess. Għaldaqstant jeħtieġ li għal dawn is-setturi jiġu żviluppati bis-sħiħ soluzzjonijiet alternattivi li huma vijabbli ekoloġika-ment u ekonomika-ment.

4.5 Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni industrijali, b'mod speċjali fil-qasam tal-iżvilupp ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw minflok il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika li għaddeja minnha l-Ewropa, l-appoġġ għall-innovazzjoni huwa element kruċjali fl-istrategġija ta' reindustrializzazzjoni. Però jrid jiġi kkunsidrat ukoll li mhuwiex ċert li jistgħu jiġu żviluppati, bi prezz raġonevoli, sustanzi jew teknoloġiji li jistgħu jaqdu l-funzjonijiet essenzjali tas-soċjetajiet żviluppati, bħal nighidu aħna r-refriġerazzjoni.

4.6 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Proposta tinkludi artikolu dwar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni, li għandu jtejjeb l-effiċjenza tal-leġis-lazzjoni u jippromovi l-iżvilupp ta' sinerġiji mal-leġis-lazzjoni Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, b'mod partikolari billi jindirizza r-riskji marbutin mat-teknoloġiji alternattivi. Madankollu, il-KESE jinnota li n-nuqqas ta' taħriġ adegwat tal-ħaddiema ħafna drabi jkun ostaklu kbir għall-implimentazzjoni tar-regolamentazzjoni. L-Istati Membri u l-intrapriżi għandhom jagħmlu sforzi kbar sabiex jiżviluppaw il-programmi ta' taħriġ meħtieġa biex jippreparaw lill-ħaddiema għat-teknoloġiji li jistgħu jintużaw minflok il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Is-sitwazzjoni partikolari tal-SMEs għandha tiġi kkunsidrata u l-piż finanzjarju u amministrattiv tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni għandu jiġi limitat.

4.7 Il-KESE jenfasizza li hemm bżonn tittieħed l-ispirazzjoni mill-prattiki tajbin implimentati f'ċerti Stati Membri biex jiġu regolati l-kwistjoni tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-prevenzjoni tal-emissjonijiet hi bbażata l-aktar fuq l-utenti finali, li sikwit ikunu l-SMEs. Peress li l-ispiża tal-miżuri ta' trażżin (jiġifieri l-kontrolli għal tnixxijiet, l-individwazzjoni ta' tnixxija, iż-żamma ta' rekords, eċċ.) hija konsiderevoli ħafna għall-utenti finali li sikwit ikunu l-SMEs, il-KESE huwa mħasseb dwar il-piż finanzjarju li r-regolamentazzjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra toħloq għal dan is-settur tal-ekonomija li diġà ddgħajef minħabba l-kriżi ekonomika. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni minn qabel ma jintużaw il-gassijiet fluworurati u għalhekk jappella għall-prevenzjoni tat-tnixxijiet billi jissaħħu r-rekwiżiti relatati mad-disinn tat-tagħmir li jkun fih il-gassijiet fluworurati.

5.2 L-obbligi ta' rkupru stabbiliti fl-Artikolu 7(4) jikkonċernaw, f'ċerti każijiet, l-użi domestiċi (kundizzjonaturi tal-arja, pompi tas-sħana). Ikun aħjar li kieku l-Istati Membri jaslu biex jiżviluppaw sistemi ta' ġbir selettiv fi tmiem l-użu tat-tagħmir li jkun fih sustanzi fluworurati, f'konformità mal-prinċipji tad-Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elett-roniku.

5.3 Taħriġ u ċertifikazzjoni (Artikolu 8)

5.3.1 L-obbligu li jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ huwa limitat għall-intrapriżi li jwettqu l-attivitàjiet imsemmija fl-Artikolu 8(1) fisem parti terza. Fil-fehma tal-KESE, dawn il-programmi ta' taħriġ għandhom jikkonċernaw lill-intrapriżi kollha li jwettqu attivitàjiet relatati mal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-immuntar ta' tagħmir li jkun fih gassijiet fluworurati. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-programmi ta' taħriġ ikopru wkoll

it-teknoloġiji alternattivi bħala miżura favur it-tranżizzjoni teknoloġika.

5.3.2 Billi l-programmi ta' taħriġ jirrigwardaw l-aktar is-sustanzi u l-proċessi li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, l-imsieħba soċjali għandhom jiġu involuti fl-istabbiliment ta' dawn il-programmi mill-Istati Membri. Bl-involvement tal-imsieħba soċjali fit-tfassil ta' dawn il-programmi, il-proposta tkun konformi mal-prinċipji ġenerali tal-leġis-lazzjoni Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

5.3.3 Minħabba l-inċertezza dwar meta ser tiġi adottata din il-Proposta għal Regolament, ikun tajjeb li minflok id-data msemmija meta l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-programmi ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni tagħhom tingħata referenza għal perjodu ta' żmien li jiddependi mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

5.4 Tqegħid fis-suq u kontroll tal-użu

5.4.1 Minkejja r-restrizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 9, 11 u 12, l-approċċ ġenerali tal-Proposta għal Regolament jagħti preferenza lit-"tnaqqis gradwali" ("phasing down") sal-2030 minflok lit-"tneħħija gradwali" ("phasing out"). Fil-fatt, l-Artikolu 13 jipprevedi li t-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi għandu jonqos permezz ta' kwoti gradwali li ma jagħmlux distinzjoni bejn it-teknoloġiji differenti koperti mill-Proposta għal Regolament.

5.4.2 Il-KESE jemmen li jagħmel aktar sens li ssir distinzjoni bejn dawn it-teknoloġiji sabiex tiġi organizzata "tneħħija gradwali" minflok "tnaqqis gradwali", għall-inqas meta dan ikun teknikament possibbli u ekonomikament realistiku. Għandu jiġi introdott għan ta' projbizzjoni fit-tul li jkun kompatibbli mal-għanijiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE sal-2050 kif ukoll mal-iżvilupp ta' teknoloġiji alternattivi. Għal ċerti setturi jew sottosetturi, bħal daww tar-refriġeraturi kummerċjali jew is-sistemi l-kbar ta' refriġerazzjoni industrijali, jista' jiġi kkunsidrat li l-projbizzjoni li jqiegħdu fis-suq tagħmir li jkun fih l-HFCs tidħol fis-seħħ sa mill-2025. Bl-istess mod, il-kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jintużaw (sprejs jew aerosols) u li jkun fihom gassijiet fluworurati għandhom jiġu projbiti, filwaqt li jista' jkun hemm derogi għal ċerti użi indispensabbli (bħal fis-settur mediku) li m'hemmx alternattiva kredibbli għalihom.

5.4.3 Minbarra l-vantaġġi ambjentali evidenti marbutin mas-sostituzzjoni kompleta tat-tekniki li jiġġeneraw gassijiet b'effett ta' serra partikolarment qawwija u minkejja l-ispiża finanzjarja li tiġġenera, is-sostituzzjoni aktar sistematika tippromovi l-innovazzjoni u tagħti lill-intrapriżi innovattivi vantaġġ kompetittiv fis-swieq li ser jinħolqu bil-leġis-lazzjoni li qed titħejja bħalissa.

5.5 It-tikketti jipprovdu informazzjoni essenzjali għall-ħaddiema li jużaw it-tagħmir kopert mill-abbozz ta' Regolament u għall-konsumaturi finali dwar ir-riskji marbutin mat-teknoloġiji li jużaw. Rigward il-ħaddiema, l-avviżi tekniċi jridu jipprovdu b'mod sħiħ, ċar u rigoruż l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jitwettqu l-installazzjoni, il-manutenzjoni jew iż-żarmar filwaqt li jiġu limitati kemm jista' jkun ir-riskji ambjentali.

5.6 Sabiex il-messaġġ ikollu l-akbar impatt possibbli u fid-dawl tal-kumplessità teknika tas-suġġett, il-messaġġ għandu jkun fih informazzjoni sempliċi u li tinfehem mill-pubbliku ġenerali. F'dan ir-rigward għandhom jiġu żviluppati sinerġiji mas-sistema fis-seħħ fil-qafas tad-Direttiva 2005/32/KE dwar l-Ekedisinn b'mod li tingħata preferenza, fejn ikun teknikament possibbli, lil sistema ta' tikketti ambjentali armonizzati fil-livell Ewropew.

5.7 Ir-restrizzjonijiet imposti fuq il-produtturi Ewropej għandhom jiġu imposti wkoll fuq il-prodotti importati fl-Unjoni Ewropea. Il-projbizzjoni tat-tagħmir iċċarġjat minn qabel tippermetti li tiġi regolata l-importazzjoni tal-gassijiet fluworurati b'mod effiċjenti kemm mil-lat ambjentali kif ukoll mil-lat ekonomiku. Madankollu, il-KESE jistaqsi jekk l-iċċarġjar tat-tagħmir fis-sit industrijali joffrix garanziji aħjar ta' affidabbiltà, billi dan isir b'materjal speċifiku adatt u minn persunal imħarreġ f'dan ix-xogħol. Il-KESE għalhekk jistieden li r-Regolament jistipula b'mod espliċitu li l-projbizzjoni tal-iċċarġjar minn qabel ma tapplikax għat-tagħmir maħsub għall-esportazzjoni. Bl-istess mod, il-KESE jappella biex tiġi żviluppata sistema ta' derogi mill-projbizzjoni tal-iċċarġjar minn qabel fil-każ ta' tagħmir li hemm prova li l-iċċarġjar minn qabel tiegħu huwa ġġustifikat għal raġunijiet ta' affidabbiltà, sigurtà jew prestazzjoni ambjentali.

5.8 Il-produtturi u l-importaturi kollha tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jridu jirrispettaw il-kwoti. Dawn l-obbligi la japplikaw għall-konsumaturi u lanqas għall-operaturi tat-tagħmir. Sabiex jeħfief il-piż amministrattiv, il-limitu li jintuża hu ta' tunnellata metrika jew elf tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Il-kwantitajiet esportati ma jiġux ikkalkulati fil-kwoti tat-tqegħid fis-suq. Il-kwoti ser jitqassmu abbażi tal-emissjonijiet preċedenti. Il-possibbiltà tal-irkant ma nżammitx għaliex in-numru ta' atturi preżenti f'dan

is-suq huwa baxx (m'hemmx biżżejjed atturi biex jinħoloq suq effiċjenti) u din il-proċedura kienet ser iżżid l-ispejjeż amministrattivi. 5 % ser jintrefgħu għal "dawġ li jidħlu ġodda". It-tqassim tal-kwoti ser ikun ibbażat fuq id-data pprovduta għall-perjodu 2008-2011. Huwa importanti li l-obbligi ta' reġistrazzjoni u ta' dikjarazzjoni jibqgħu maniġġabbli, sabiex ma jkunx hemm piż amministrattiv eċċessiv għall-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs. Jeħtieġ, b'mod ġenerali, li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-kosteffettività tas-sistema tal-kwoti.

5.9 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tippubblika rapporti regolari li jtfasslu abbażi tad-data miġbura b'konformità mal-Artikoli 17 u 18 tal-abbozz ta' Regolament. Però dawn ir-rapporti m'għandhomx jippreġudikaw in-natura kunfidenzjali tad-data miġbura fl-intrapriżi u li tikkonċerna proċessi industrijali protetti minn dritt ta' proprjetà intellettuali. Il-Kummissjoni għandha wkoll toqgħod attenta li tillimita l-piż amministrattiv marbut mal-ġbir tad-data kemm fl-intrapriżi kif ukoll fl-Istati Membri.

5.10 L-Artikolu 21 jistabbilixxi kumitat bil-għan li jassisti lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha li tadotta atti ddelegati. Dan il-kumitat għandu jinkludi lir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali.

5.11 Il-KESE jiddispjaċih li l-Artikolu 22 ma jagħti l-ebda setgħa lill-Kummissjoni rigward il-proċeduri ta' kontroll, verifika u konformità. Minkejja li l-miżuri ta' implimentazzjoni huma prerogattiva tal-Istati Membri, kien ikun tajjeb li kieku l-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tistabbilixxi rekwiżiti minimi, bl-istess mod ta' dak li hu previst fl-Artikoli 8 u 18.

5.12 Il-KESE jappoġġja r-rieda tal-Kummissjoni li tibbaża r-Regolament dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, billi l-għan prinċipali tar-Regolament hu li jiggarrantixxi livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari permezz tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Madankollu, il-KESE jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tar-Regolament ma tkunx ta' ħsara għall-integrità tas-suq intern.

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffissar ta’ rata ta’ aġġustament għal pagamenti diretti stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013”

COM(2013) 159 final — 2013/0087 (COD)

(2013/C 271/27)

Relatur Ġenerali: **is-Sinjura SLAVOVA**

Nhar it-8 u nhar is-16 ta’ April 2013, il- Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffissar ta’ rata ta’ aġġustament għal pagamenti diretti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013

COM(2013) 159 final — 2013/0087 (COD).

Nhar is-16 ta’ April 2013, il-Bureau tal-Kumitat ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju) li jaħtar lis-Sinjura SLAVOVA bħala relatur ġenerali u adotta din l-Opinjoni b’124 vot favur, u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja l-iffissar tar-rata ta’ aġġustament tal-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja fir-rigward tal-2013 b’konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009⁽¹⁾. Madankollu, hu jinnotta li l-proposta tal-Kummissjoni, ibbażata fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li ntlaħaq qbil dwaru fil-Kunsill Ewropew tat-8 ta’ Frar 2013⁽²⁾, mhijiex legalment valida mingħajr il-qbil tal-Parlament Ewropew.

1.2 Il-KESE jaħseb li l-Kummissjoni u l-Parlament jistgħu jistħarrġu dwar il-possibilitajiet biex riżerva futura għal kriżijiet ma tużax iżżejjed ir-riżorsi mill-baġit tal-PAK. Jekk ir-riżerva kellha tiġi inklużu taħt l-intestatura 2 tal-QFP, għandi tiġi żgurata minn finanzjament addizzjonali. Konsegwentement, ir-rata ta’ aġġustament għal pagamenti diretti tista’ tirriżulta minn perċentwali iktar baxxa minn dik proposta mill-Kummissjoni, għall-benefiċċju tal-bdiewa.

1.3 Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni jagħmlu kull sforz meħtieġ biex jilhqg kompromess finali fi żmien qasir, u b’hekk jipprovdg ċ-ċertezza legali li mhux biss il-bdiewa iżda l-operaturi kollha f’kull settur tal-ekonomija tal-UE għandhom b’żonn għall-ippjanar finanzjarju tagħhom.

2. Kuntest tal-Opinjoni

2.1 Sabiex jiġi żgurat li l-ammonti għall-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ikunu konformi mal-QFP, jintuża mekkaniżmu ta’ dixxiplina finanzjarja li jaġġusta l-livell tal-pagamenti diretti meta jkun imbassar li ser jinqabżu s-sottolimiti annwali għan-nefqa marbuta mas-suq u l-pagamenti diretti taħt l-intestatura 2 tal-QFP.

2.2 Bħala regola, il-bdiewa li jissottomettu applikazzjoni għall-għajnuna permezz ta’ pagamenti diretti għal sena kalendarja waħda (N) jitħallsu f’perjodu fiss ta’ pagament li jaq’ taħt is-sena finanzjarja (N+1). Fil-każ tas-sena kalendarja 2013, dan ifisser li l-perjodu ta’ pagament ser ikun parti mill-QFP 2014-2020, li għadu ma ġiex adottat.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Fid-dawl tal-implikazzjonijiet tad-distribuzzjoni mhux ugwali tal-pagamenti diretti bejn il-benefiċjarji żgħar u kbar, il-KESE jpoġġi importanza kbira fuq il-fatt li t-tnaqqis ikompli jiġi applikat biss għal ammonti li jaq’ b’z u l-EUR 5 000.

Brussell, 22 ta’ Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁾ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

⁽²⁾ EUCO 37/13.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Ħajja diċenti għal kulħadd: Neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli”

COM(2013) 92 final

(2013/C 271/28)

Relatur: **is-Sinjura PICHENOT**

Nhar it-18 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

Ħajja diċenti għal kulħadd: Neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli

COM(2013) 92 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-25 ta' April 2013.

Matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-22 u t-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-23 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'103 voti favur u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-konverġenza fil-qafas għal wara l-2015: żewġ proċessi paralleli MDG/SDG

1.1.1 **Għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu**, il-bniedem għandu aċċess għal għarfien, riżorsi ekonomiċi u mezzi tekniċi biex jeqred il-faqar fil-livell dinji sal-2030. Din hija ta' tama kbira għal iktar minn biljun persuna li għadhom vittmi tal-faqar estrem. Għall-ewwel darba wkoll, l-Istati Membri huma marbuta biex sal-2050 flimkien jiġġestixxu aħjar il-kapital naturali tal-pjaneta li huwa magħruf li hu riżorsa limitata, biex jippoteġiha u jaqsamha mal-ġenerazzjonijiet futuri.

1.1.2 Il-qalba tan-negozjar intergovernattiv li ser jitnieda f'Settembru 2013 fin-NU tikkonsisti f'li tinstab definizzjoni tal-Għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli (SDG) biex fil-perjodu fit-tul jinstab bilanċ bejn il-għieda kontra l-faqar, il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali. Dan il-proċess għandu jkun inklużiv u konverġenti biex tiġi integrata r-reviżjoni prevista għall-2015 tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDG). L-atturi tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet internazzjonali u l-Istati Membri fi ħdan in-NU qed jieħdu azzjoni minn issa biex jithejju u jakkumpanjaw dan in-negozjar internazzjonali. Mill-Konferenza Rio+20 ⁽¹⁾ l hawn, il-KESE daħal f'dan id-dibattitu biex jikkontribwixxi għad-definizzjoni tar-rwol tas-soċjetà ċivili fil-konfront ta' dawn l-isfidi. Huwa ser ikompli f'din it-triq sal-2015 permezz ta' Opinjonijiet ⁽²⁾ u inizjattivi oħrajn.

1.1.3 Il-Kumitat jaqbel mad-direzzjoni li ħadet il-Kummissjoni li tniedi d-dibattitu Ewropew dwar il-ħtieġa li tinstab

konverġenza bejn il-proċessi MDG/SDG u **responsabilizzazzjoni tal-pajjiżi**, b'Komunikazzjoni intitolata “Ħajja diċenti għal kulħadd: Neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli”. Għad li jista' jiġi rikonoxxut li l-Għanijiet tal-Millennju ġabu magħhom progress fl-għanijiet soċjali, għadu kmieni biex jiġu speċifikati l-għanijiet ambjentali u dan filwaqt li jiġu definiti għanijiet ekonomiċi aċċettabbli għal kull pajjiż fid-dinja. Il-Kumitat iqis li għandna nifhemu aħjar kif **it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli jinteraġixxu biex jinstabu soluzzjonijiet ġusti, sobriji u effettivi**.

1.2 Rakkomandazzjonijiet għal proċess konverġenti u inklużiv

1.2.1 Fil-fażi ta' tħejjija ta' pożizzjoni komuni Ewropea għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat iqis li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bħala **element importanti biex jiġi appoġġjat id-dibattitu** fl-istituzzjonijiet u fl-Istati Membri. Il-Kumitat bi pjaċir jilqa' **l-ħidma konġunta tad-DG Ambjent u tad-DEVCO** ⁽³⁾, prova ta' armonizzazzjoni li tħaddan ukoll l-appoġġ tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fir-rigward tas-sigurtà fit-tħejjija ta' din il-komunikazzjoni li madankollu kien ikun aħjar kieku ġiet integrata aħjar fil-politika kummerċjali u agrikola. Il-Kumitat jilqa' b'mod partikolari l-ħidma koordinata fi ħdan il-Kunsill Ewropew, u jħeġġu biex joħroġ **dokument uniku** tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin ta' Mejju/Ġunju 2013.

1.2.2 Il-Kumitat jenfasizza li din l-għażla ta' **qafas uniku u globali** fejn l-għanijiet għandhom japplikaw f'kull pajjiż jistħoq-qilha kunsens intern mifruq biex tkun ippreżentata lill-pajjiżi oħra msieħba fil-komunità internazzjonali u jiġi żgurat trattament indaqs b'mod partikolari mal-pajjiżi l-iktar fqar, u **l-mijiet ta' pajjiżi bi dħul intermedju, fosthom il-pajjiżi emerġenti**, li

⁽¹⁾ Konferenza tal-KESE ta' Frar 2012 “Il-Pensjonijiet sostenibbli, ejjew inkunu responsabbli! Is-soċjetà ċivili fit-triq lejn Rio”.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “Rio+20: riżultat u prospettivi” (opinjoni supplementari), ĠU C 44, 15.2.2013, p. 64-67.

⁽³⁾ Żvilupp u kooperazzjoni-EuropeAid.

minn issa 'l quddiem ser ikollhom rwol predominanti fin-negozjati internazzjonali. Minħabba l-komplessità tan-negozjar, il-Kumitat iqis il-pożizzjoni Ewropea bħala **element importanti fil-proċess diplomatiku** li jmur lil hinn mid-distinzjoni antika bejn il-pajjiżi żviluppati u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

1.2.3 Il-Kumitat jappella biex l-UE ssemma leħinha fil-fora internazzjonali abbażi **ta' dan il-qafas ta' konverġenza tal-MDG/SDG**, inkluż permezz tal-Istati Membri fin-NU. Kull pajjiż, bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, għandu jħejji **strategġja nazzjonali inklużiva għall-iżvilupp** li tqis il-livell inizzjali u tikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet komuni tal-iżvilupp sostenibbli. Għall-Kumitat din l-għażla ser tinvolvi proċeduri ta' evalwazzjoni u segwitu tal-impenji nazzjonali li jiddaħħlu **f'reġistru globali** bit-titjib meħtieġ tal-indikaturi ta' statistika komplementari għall-PDG.

1.2.4 L-Unjoni Ewropea għandha l-valuri tagħha: il-prattika ta' kunsens tagħha u vantaġġi li, jekk ikun hemm ir-rieda politika, għandhom jippermettulha tieħu impenn sod fit-tranżizzjoni lejn l-iżvilupp sostenibbli, u anki twitti t-triq għall-insieħba internazzjonali tagħha. L-Unjoni Ewropea għadha **punt ta' riferiment** bħal-livell ta' impenji konkreti **fl-anness** importanti ħafna ta' din il-komunikazzjoni fl-oqsma ta' politika ambjentali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, it-trasferimenti interni favur il-koeżjoni territorjali jew ir-ridistribuzzjoni fil-qasam tal-protezzjoni soċjali. L-anness jinkludi qafas għas-segwitu tal-impenji ta' Rio+20 fil-livell Ewropew u dak internazzjonali.

1.2.5 Imfassla bħala għanijiet universali, l-MDG għandhom jissarrfu f'politiki Ewropej u programmi nazzjonali ta' riforma tal-Istati Membri. Il-Kumitat jirrakkomanda li dan l-aspett jiġi kkunsidrat fit-thejġja tar-reviżjoni ta' **nofs it-term tal-Istrateġġja UE2020, b'konformità mas-segwitu tal-impenji Rio+20**. L-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew mistennija tingħata haġja mill-ġdid ⁽⁴⁾. Għall-Kumitat dan ifisser fużjoni mal-Istrateġġja UE 2020 u mal-Istrateġġja **tal-iżvilupp sostenibbli** kif ukoll li tiġi kkunsidrata dimensjoni **soċjali** ⁽⁵⁾ marbuta mill-qrib mal-Unjoni ekonomika u monetarja Ewropea.

1.2.6 Element distintiv tal-SDGs il-ġodda huwa li huma maħsuba b'tali mod li jkunu universali, applikabbli għall-pajjiżi kollha u li jikkunsidraw il-limiti tal-pjaneta. Fid-dawl tan-natura finita tal-limiti fiżiċi tal-art, l-ilma frisk, il-foresti u ħafna riżorsi naturali oħra fid-dinja jeħtieġ li l-SDGs jinkludu għanijiet biex

dawn ir-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti u biex jinqasmod b'mod aktar ġust. Bl-istess mod, l-SDGs għandhom jistabbilixxu miri bbażati fuq l-ugwaljanza biex inaqqsu l-piż tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u forom oħra ta' tniġġis. Tali miri għandhom jikkwantifikaw u jstabbilixxu skedi għall-oġettiv globali li ilu li ġie miftiehem dwar il-mixja lejn tendenzi aktar sostenibbli ta' produzzjoni u konsum. Sakemm din it-tranżizzjoni lejn ekonomija globali aktar sostenibbli ma tinkisibx madwar id-dinja kollha jista' jagħti l-każ li jkun impossibbli li jinkisbu l-għanijiet għall-iżvilupp tat-tip tal-MDG fil-każ tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, peress li attwalment it-titjib ta' xi oġettivi għall-iżvilupp tradizzjonali sikwit jiddgħajef minħabba l-problemi li kulma jmur jikbru madwar id-dinja tat-tnaqqis tar-riżorsi, it-tibdil fil-klima u forom oħra ta' tniġġis.

1.2.7 Pajjiżi żviluppati u emerġenti huma responsabbli għall-ikbar parti tal-problemi li qed jiġdiedu ta' konsum żejjed, skart u tgħawwir tar-riżorsi naturali u t-tniġġis. Għaldaqstant, l-SDGs li jirreferu għal xejriet ta' konsum u produzzjoni iktar sostenibbli se jkunu partikolarment rilevanti għalihom u għandhom jistabbilixxu miri li jitolbu iktar sforzi u li huma ta' sfida iktar għal titjib tul il-15-il sena li ġejjin. L-Unjoni Ewropea minn dejjem kienet attiva f'dan il-qasam u għandha tippreżenta lilha nfisha fuq quddiem nett fl-identifikar ta' miri adatti tal-SDGs għad-dinja żviluppata.

1.3 Rakkomandazzjonijiet għal proċess parteċipattiv miftuħ għas-soċjetà ċivili

1.3.1 Il-Kumitat ifakkar li permezz tal-opinjonijiet kollha kkwotati nħolqot **bażi soda** għar-rakkomandazzjonijiet dwar **ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-governanza tajba**, l-appoġġ għal tranżizzjoni lejn mudell ekonomiku ġdid, il-protezzjoni tal-iktar fqar u l-iktar vulnerabbli, l-akkumpanjament waqt il-bidliet għall-ħaddiema kif ukoll il-kunsiderazzjoni tal-ġlieda kontra t-tisħin tal-klima u l-limiti tar-riżorsi tal-Pjaneta. Barra minn hekk, il-Kumitat iqis li soċjetà ċivili awtonoma u b'saħħitha, flimkien **ma' sistema legali** bħala garantur tal-indipendenza tagħha jiffurmaw il-bażi fundamentali tad-demokratizzazzjoni, ta' stat tad-dritt, u tikkontribwixxi għall-istabbiltà neċessarja għall-investiment u t-kabbir sostenibbli ⁽⁶⁾.

1.3.2 Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex **jinvolvu lis-soċjetà ċivili matul il-proċess sħiħ** tat-thejġja u l-implimentazzjoni u s-segwitu, b'mod partikolari fir-rigward tal-SDG fejn din il-parteċipazzjoni għadha mhijiex suffiċjenti. Fl-2013 u l-2014, id-dibattiti nazzjonali, inkluż dawk fi ħdan il-kunsilli ekonomiċi, soċjali u ambjentali u/jew il-kunsilli tal-iżvilupp sostenibbli, inklużi l-elementi kollha fis-soċjetà ċivili u d-dibattiti organizzati mas-soċjetà ċivili Ewropew u dik tal-pajjiżi msieħba ser ikollhom jikkontribwixxu u jagħmlu

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-ekonomija ekoloġika - inħeġġu l-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa" (Ara paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn dimensjoni soċjali tal-Unjoni ekonomika u monetarja Ewropea", (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE — Lejn politika komprensiva ta' investiment internazzjonali Ewropew, relatur: Peel, ĠU C 318, 29.10.2011, p. 150–154.

parti mit-thejġija tas-**Sena Ewropea 2015 għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Sostenibbli** biex tinholq viżjoni kondiviża ta' dinja futura u biex jissaħħaħ il-profil tal-azzjoni esterna Ewropea fost iċ-ċittadini (7). Fid-dawl ta' din is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex timmobilizza riżorsi suffiċjenti, biex jiġi żgurat impenn attiv mis-soċjetà ċivili, biex tingħata prijorità lill-inizjattivi eżistenti u dawk imressqa mill-imsieħba involuti f'din is-Sena Ewropea, u fl-aħħar nett biex jiġu mħeġġa d-dibattiti profondi dwar it-temi mressqa f'din l-Opinjoni tal-KESE.

1.3.3 Is-soċjetà ċivili għandha **rwol li titlob** lill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi u d-diplomatiċi internazzjonali biex jiżguraw **mudell ekonomiku ieħor**, bil-għan li fil-livell tal-attivitajiet ekonomiċi l-iżvilupp tal-bniedem jiġi separat mill-impatt ambjentali. Il-Kumitat jirrakkomanda li jinqasmu l-kompetenzi u l-apprendistati, b'mod partikolari matul is-sena tematika 2015, mas-soċjetajiet ċivili oħrajn tal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba. Dan huwa qasam fejn il-KESE għandu esperjenza ta' skambju fil-wisa'.

1.3.4 Il-Kumitat jistieden lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jieħdu sehem u jagħmlu tagħhom ir-riżultati tal-**konsultazzjonijiet** internazzjonali, nazzjonali u tematiċi, b'mod partikolari dawk li tnedew attwalment għas-sostenibbiltà ambjentali mill-UNDP u l-UNEP, li huma aċċessibbli fis-sit www.worldwewant2015.org/sustainability

1.3.5 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-aġenda għal wara l-2015 tkun ibbażata b'mod iktar sistematiku fuq **l-istudji tal-impatt** u fuq is-segwitu li jkun sar b'mod partikolari bl-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (pereżempju dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ekosistemi jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol). Bl-istess mod, **l-integrazzjoni tad-djalogu soċjali bejn l-imsieħba soċjali**, wieħed mill-indikaturi tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post tax-xogħol, hija strument essenzjali għall-implimentazzjoni u s-segwitu tal-MDG/SDG.

1.3.6 Is-soċjetà ċivili ser ikollha rwol maġġuri fl-**ippjanar**, is-segwitu u l-**valutazzjoni**. Is-soċjetà ċivili Ewropea għandu jkollha l-informazzjoni rilevanti biex tkun tista' taġixxi permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-koerenza tal-politiki Ewropej favur l-iżvilupp, prinċipju stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona. Il-Kumitat jirrakkomanda li s-soċjetà ċivili tiġi involuta fil-proċess tal-għażla tal-indikaturi komplementari għall-PDG, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fin-negozjati marbuta mal-proċess tal-paċi u fit-thejġija tal-pjani strateġiċi nazzjonali u fl-iżvilupp

(7) Fil-livell internazzjonali, "Beyond 2015" hija pjattaforma ta' assoċjazzjonijiet tal-iżvilupp li qed torganizza kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kwistjonijiet ta' dan id-dibattitu u tiġbor il-kontributi f'dan is-sit: www.beyond2015.org

tal-innovazzjonijiet soċjali u jqis li dawn għandhom joħorġu b'mod prammatiku.

1.3.7 Sabiex jiġi appoġġjat rwol ta' tmexxija Ewropea lejn mudell ekonomiku ieħor, il-Kumitat jirrakkomanda li jinholq **forum (8) ta' konsultazzjoni li jiġbor ħafna mill-partijiet involuti** dedikat għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-konsum sostenibbli fi ħdan l-UE. F'kull settur huwa indispensabbli li jiġu definiti stadji intermedji ta' tranżizzjoni negozjata b'miżuri ta' akkumpanjament għas-setturi, l-intrapriżi, it-territorji u l-ħaddiema konċernati.

1.3.8 Fl-implimentazzjoni ta' din l-aġenda futura, il-Kumitat jirrakkomanda approċċ ibbażat fuq it-tisħiħ tas-sħubijiet bejn l-atturi, pereżempju fl-ugwaljanza bejn is-sessi. **Kooperazzjonijiet ibbażati fuq l-istabbiliment ta' kuntratti/sħubija volontarja bejn l-atturi għal għanijiet** li jimpenjaw il-livelli kollha territorjali jistgħu jiġu mħeġġa. Pereżempju, inizjattivi mfassla f'sinerġija, bejn atturi privati, pubbliċi jew assoċjati li jieħdu impenn konġunt biex jinkisbu għanijiet speċifiċi f'qasam territorjali jew urban. Dawn l-approċċi innovattivi jidhru indispensabbli biex jitqies **l-aspett multidimensjonali tal-faqar**. L-istabbiliment ta' kuntratti bħal dawn iħeġġeġ ukoll il-kooperazzjoni Nofsinar/Nofsinar bl-appoġġ finanzjarju mit-Tramuntana.

1.4 Rakkomandazzjonijiet dwar il-perspettivi ta' aġenda għal wara l-2015

1.4.1 L-aġenda għal wara l-2015 tirrappreżenta bidla fil-mudell lil hinn mill-għajnuna u l-kooperazzjoni internazzjonali. Hija għandha titfassal bħala proċess li jimpenja l-pajjiżi kollha fit-**tranżizzjoni lejn mudell ekonomiku inklużiv u ekoloġiku**, bidla lejn ekonomija dekarbonizzata. Il-Kumitat jappoġġja l-analiżi tal-Komunikazzjoni li tqis li "Il-progress lejn ekonomija ekoloġika inklużiva permezz ta' xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli u l-effiċjenza tar-riżorsi, inkluż b'mod partikolari f'sistemi tal-enerġija b'emissjoni baxxa, huwa għalhekk essenzjali."

1.4.2 **Koerenza bejn il-politika finanzjarja u l-politika ekonomika u tal-migrazzjoni**. Minbarra l-elementi ekonomiċi, huwa imperattiv li jiġu implimentati, skont il-prinċipju ta' **koerenza**, politiċi oħra li għandhom impatt maġġuri fuq tibdil fl-approċċ lejn l-iżvilupp sostenibbli bħat-tassazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-miżuri kollha għat-tnaqqis tat-tibdil fil-klima, miżura li thegheġ l-immigrazzjoni temporanja jew ċirkolari mill-pajjiżi fqar, il-kontroll strett tal-bejgħ tal-armi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u regolazzjoni finanzjarja biex jitnaqqas il-ħasil tal-flus u tinqed l-evazzjoni fiskali.

(8) Opinjoni esploratorja tal-KESE dwar "Il-promozzjoni tal-produzzjoni u l-konsum sostenibbli fl-UE", relatur: Le Nouail Marlière, ĠU C 191, 29.6.2012, p. 6–10.

1.4.3 Waħda mid-definizzjonijiet tal-Għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli għandha tkun li titkejjel it-**tensjoni** bejn il-kwistjonijiet tal-iżvilupp individwali u kollettivi u l-kwistjonijiet ta' preservazzjoni tal-bilanċ ambjentali tal-pjaneta. Fil-fehma tal-Kumitat, sabiex tiġi riżolta din it-tensjoni u jinstab bilanċ bejn it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, għandhom jiġu preservati l-**beni komuni globali minn politiki pubbliċi globali** ġestiti minn komunità internazzjonali magħmula minn pajjiżi sovrani. Din hija l-isfida l-kbira tal-aġenda futura.

1.4.4 Din it-tema ta' beni pubbliċi globali identifikati bħala **sfida maġġuri wara l-2015** teħtieġ **koerenza ikbar bejn l-istituzzjonijiet internazzjonali** u l-politiki dinjin. L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel parti minn dan. Fxi Opinjonijiet il-KESE nieda reazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-beni pubbliċi globali bħas-sigurtà alimentari⁽⁹⁾, il-bażi tal-protezzjoni soċjali jew ir-regolazzjoni multilaterali tal-kummerċ u l-investimenti, il-klima jew il-bijodiversità.

1.4.5 Il-Kumitat jiddispjaċih għar-referenzi indiretti għal dan is-suġġett fil-Komunikazzjoni "Ħajja diċenti għal kulħadd" u jqis li l-komunikazzjoni li jmiss dwar ir-riżorsi finanzjarji mħabbra f'nofs l-2013 għandha tinkludi din il-kwistjoni biex jiġi żgurat li jkun hemm **riżorsi finanzjarji adegwati**. L-għajnuna pubblika għall-iżvilupp għandha tibqa' dedikata għall-ġlieda kontra l-faqar. Parti kbira mill-proċess ta' konsultazzjoni tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji li għandha tidħol fl-2013, li fiha se jieħdu sehem ħda-x-il pajjiż inizzjalment, għandha tkun dedikata lill-kummenti globali.

1.4.6 L-istennija ta' ftehim internazzjonali dwar id-definizzjoni tal-SDG bl-ebda mod ma tista' sservi bħala skuża biex jiġu differiti jew jitnaqqsu l-impenji tal-għajnuna finanzjarja għall-pajjiżi żviluppati. Il-Kumitat huwa ferm imħasseb minħabba r-riskju li tiġi interrotta l-implimentazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp jekk ma jintlaħaqx ftehim fl-2015. Sabiex jitnaqqas dan ir-riskju, huwa jirrakkomanda li l-**MDG riveduti** b'mod imperattiv ikollhom il-fondi suffiċjenti għal dan il-għan⁽¹⁰⁾. Għad li ninsabu fi żmien ta' diffikultajiet baġitarji, il-Kumitat ihegġegħ lill-Unjoni u lill-Istati Membri jżommu l-impenji tagħhom u jagħmlu dak li hemm bżonn **biex jiksbu medja ta' 0,7 %** sa mill-fażi l-ġdida.

1.4.7 L-għanijiet tal-Millennju jeħtieġu aġġornament u adattar għall-kwistjonijiet il-ġodda tas-Seklu 21 filwaqt li jitqiesu r-riżultati u l-lezzjonijiet li nsiltu mill-esperjenza. Fil-fehma

tal-KESE diġà kellhom jiddaħħlu mill-inqas tliet għanijiet għall-aċċess għall-**enerġija għal kulħadd**⁽¹¹⁾, **id-dritt għall-ikel u għall-ilma**, u **l-ħolqien ta' protezzjoni soċjali bażika**⁽¹²⁾. Barra minn hekk, **ix-xogħol diċenti** li ġie inkorporat wara r-reviżjoni tal-2006 għandu jiġi affermat mill-ġdid bħala prijorità u ħtieġa imperattiva u **l-iżvilupp agrikolu** għandu jerġa' jitqiegħed fil-qalba tal-ġlieda kontra l-faqar.

Ukoll, il-konverġenza bejn iż-żewġ aġendi tista' titfassal abbażi ta' din ir-reviżjoni li ser tkun biss l-ewwel stadju ta' aġenda globali futura. Għandha tiġi rikonoxxuta t-tensjoni attwali u l-inċertezza bejn l-ambizzjoni ta' aġenda "ideali" u r-realtà tal-"possibbiltajiet".

1.4.8 Fdin ir-reviżjoni tal-MDG, il-Kumitat jissuġġerixxi li jiġi żviluppat **approċċ speċifiku għall-iżvilupp għall-Istati fraġli jew affettwati mill-kunflitti** billi l-irkupru istituzzjonali jitqiegħed fil-qalba tal-għanijiet fundamentali għal dawn il-pajjiżi sabiex mill-bidu nett ikun hemm sforz ta' **sigurtà u ġustizzja mill-qrib**.

2. Nisiltu t-tagħlimiet mill-għanijiet tal-Millennju

2.1 **Ir-rilevanza dejjiema tal-Dikjarazzjoni tal-Millennju.** Din id-dikjarazzjoni żżomm il-valur sħiħ tagħha, kemm politiku kif ukoll simboliku, bħala **patt għal impenn anki wara l-2015**, bejn il-pajjiżi kollha, f'qar u għonja. Hija għandha tibqa' s-sies ta' aġenda futura billi tirrappreżenta l-karatteristiċi tal-isfidi l-kbar u l-valuri fundamentali li għandhom jirfdu r-relazzjonijiet internazzjonali fis-seklu XXI: il-paċi, is-sigurtà u d-diżarm, il-ħarsien tal-ambjent komuni tagħna, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, il-ħarsien tal-gruppi vulnerabbli u t-tweġiba għall-bżonnijiet speċifiċi tal-Afrika, kif ukoll id-dritt għall-iżvilupp u l-ħtieġa li jinħoloq ambjent favorevoli għall-iżvilupp. Din id-dikjarazzjoni diġà kienet stabbiliet linja ċara bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, ħaġa li tirrifletti d-Dikjarazzjoni ta' Rio li saret fl-1992.

2.2 Minkejja **riżultat modest**, permezz tas-sempliċità u ċ-ċarezza tagħhom, l-SDG ikkontribwew għas-sensibilizzazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika fil-pajjiżi żviluppati. Għad irid jintwera li dan l-appoġġ għall-opinjoni isarraf b'mod effettiv f'żieda fl-ammont ta' għajnuna, fi ġlieda effettiva kontra l-korruzzjoni, ftibdil fl-approċċ lejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati, jiġifieri li ġew adattati għall-pajjiżi fi stat ta' gwerra jew li jkunu ddgħajfu minħabba kunflitti interni.

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Nikkollegaw "il-ġzejjer tal-enerġija" mal-UE: it-tkabbir, il-kompetittività, is-solidarjetà u l-iżvilupp sostenibbli fi ħdan is-suq uniku Ewropew tal-enerġija", relatur: Coulon, ĠU C 44, 15.2.2013, p. 9-15.

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-protezzjoni soċjali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea", relatur: Zufiaur, ĠU C 161, 6.6.2013, p. 82-86.

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-kummerċ u s-sigurtà alimentari", relatur: Campli, ĠU C 255, 22.9.2010, p. 1-9.

⁽¹⁰⁾ Rapport Ewropew dwar l-iżvilupp 2013 "Après 2015: une action mondiale pour un avenir inclusif et durable" (Wara l-2015: azzjoni dinjija għal ġejjieni inklużiv u sostenibbli).

2.3 Territorji, inugwaljanzi u faqar. Fir-rigward tal-indiċi tal-faqar, il-Kumitat għandu r-riżervi tiegħu dwar l-indikatur ta' dħul inqas minn \$ 1,25 kuljum biex jiġi stmat it-tnaqqis tal-faqar estrem u r-rikors għall-mezzi nazzjonali. Dawn l-istrumenti jgħid li **l-inugwaljanzi interni** profondi fis-soċjetajiet nazzjonali kif ukoll id-**differenzi territorjali**, b'mod partikolari għad-detriment taż-żoni rurali li għandhom ikunu jistgħu jmantnu lilhom infushom fil-kampanja u bl-**iżvilupp rurali** jilqgħu parti mit-tkabbir demografiku tad-deċennji futuri. Min-naħa l-oħra, l-**urbanizzazzjoni għestita b'mod ħażin** tenfasizza u tikkontribwixxi għall-faqar urban dejjem ikbar u teħtieġ analiżi iktar kwalitattivi.

2.4 L-ugwaljanza bejn is-sessi għadha kundizzjoni essen-zjali għal kull bidla⁽¹³⁾, mhux biss minħabba s-sitwazzjoni tan-nisa imma anke għal din il-kwistjoni tinsab fil-qalba tal-inugwaljanzi kollha l-oħra u r-raġuni għalfejn il-konsegwenzi jidheru. Ir-reazzjoni għan-nondiskriminazzjoni, jiġifieri **d-drittijiet tan-nisa**, huma essen-zjali fit-tranżizzjoni tas-soċjetajiet tagħna. Il-kontribut tan-nisa għall-paċi, l-iżvilupp, l-attivitajiet ekonomiċi u s-sigurtà, sar wieħed mill-vantaġġi maġġuri ta' aġenda futura. Dawn il-valuri għandhom ikunu rikonoxxuti minn kulħadd, sew nisa u sew irġiel.

2.5 Riżultati kwantitattivi u strumenti metodoloġiċi. Il-pjan direzzjonali f'din id-dikjarazzjoni għandu jissarraf f'għanijiet u indikaturi ta' progress rilevanti. Bil-pubblikazzjoni regolari tar-rapporti ta' monitoraġġ tal-MDG ħarġu fid-dieher riżultati sostanzjali u n-nuqqasijiet. **Il-kwalità tal-evalwazzjonijiet hija fattur determinanti għal din il-metodoloġija ta' governanza** skont l-għanijiet. L-aġenda tal-ġejjieni ser tirrikjedi titjib u armonizzazzjoni tal-istrumenti tal-istatistika nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni abbażi tas-sessi u l-persuni b'diżabbiltà. Għalhekk għandhom jittejjbu s-servizzi tal-istat ċivili u jiġi provdut **stħarriġ kwalitattiv**, b'mod partikolari dwar l-edukazzjoni.

2.6 Lil hinn mill-PDG. Għall-aġenda wara l-2015, l-indikaturi għall-iżvilupp⁽¹⁴⁾ sostenibbli li jiddefinixxu l-benesseri għandhom jinġabru **ftabella ta' indikaturi ekonomiċi, soċjali u ambjentali** milli f'indikatur wieħed aggregat. Huwa possibbli li nassoċjaw indikaturi oħra mal-PDG fil-livell internazzjonali kif diġà sar għad-definizzjoni tal-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDC) li jinkludu l-kriterji ta' dewmien fl-iżvilupp tal-bniedem u l-vulnerabbiltà ekonomika jew l-indikatur tal-iżvilupp tal-bniedem u iktar riċenti l-indikatur dwar l-inugwaljanzi żviluppat mill-UNDP.

Biex jiġi indirizzat id-distakk bejn il-politiki ekonomiċi, il-benesseri u l-progress soċjali, għandna nibbażaw fuq **l-indikaturi komplementari għall-PDG**. Approċċ għdid jeħtieġ deskrizzjoni tal-elementi tal-progress filwaqt li nipprovaw inwessgħu l-kontabbiltà nazzjonali għad-dimensjonijiet soċjali u ambjentali,

nużaw l-indikaturi komposti u noħolqu indikaturi ewlenin. Madankollu, l-element nieqes jinstab fl-**iżvilupp tal-istrumenti ta' effikaċja u responsabbiltà** li huma meħtieġa biex l-għażliet ta' politika u dawk baġitarji jiġu abbinati mar-riżultati tal-indikaturi. Il-kejl tal-benesseri u l-progress mhuwiex esklużivament problema teknika. It-tfassil stess tal-idea tal-benesseri juri l-preferenzi kollettivi u l-valuri fundamentali ta' soċjetà partikolari. Wieħed mill-mezzi li bih jista' jsir progress fl-għażla tal-indikaturi huwa li fil-ħidma akkademika jiġu involuti ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex dawn jiġu definiti u jiġi analizzat l-użu tagħhom.

2.7 L-awtoritajiet pubbliċi, il-gvern ċentrali u l-awtoritajiet lokali għandhom jiżguraw il-prestazzjoni effettiva ta' **protezzjoni soċjali bażika** biex jiġu ffaċċjati r-riskji maġġuri tal-ħajja, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa u d-diżabbiltà, l-irtirar u l-qgħad. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (l-unjins, l-NGOs, il-fundazzjonijiet, il-mutwalitajiet, il-koooperattivi, l-SMEs u l-assoċjazzjonijiet tal-familja jew tal-konsumatur), jistgħu jagħmlu kuntratti mal-awtoritajiet pubbliċi biex jaqdu rwol deċiżiv fl-ippjanar, is-segwitu, fl-għoti tas-servizzi u għandhom jibbenefikaw mill-għajnuna pubblika, l-iktar fil-każ tal-pajjiżi inqas żviluppati.

3. Id-drittijiet tal-bniedem, l-involviment tas-soċjetajiet ċivili, id-demokratizzazzjoni u l-istabbiliment ta' kuntratti/sħubija bejn l-atturi, fil-qalba tal-aġenda għal wara l-2015

3.1 Id-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem, il-bażi tat-tranżizzjonijiet lejn soċjetajiet inklużivi u ekonomiji sostenibbli. L-appoġġ permanenti għall-isforzi tad-demokratizzazzjoni għadu l-aħjar triq lejn soċjetajiet trasparenti u li huma responsabbli lejn iċ-ċittadini tagħhom. Fis-soċjetajiet miftuħa tas-Seklu 21, ma tista' tinkiseb l-eqda bidla mifruxa mingħajr il-**parteċipazzjoni, ir-responsabbiltà, is-sħubija u l-koresponsabbiltà tal-atturi konċernati**. Fil-qafas tal-istrument finanzjarju għall-promozzjoni tad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Komunikazzjoni dwar ir-rwol tas-soċjetajiet ċivili fl-iżvilupp, il-Kumitat bi pjaċir jinnota l-importanza kbira li ngħatat lill-iżvilupp ta' soċjetà ċivili indipendenti⁽¹⁵⁾, ħaġa li tippermetti wkoll **il-għieda kontra l-korruzzjoni minn kwalunkwe sors**, il-garanzija tar-responsabbiltà għaċ-ċittadini, l-involviment tal-atturi ekonomiċi fl-istudji tal-impatt, fis-segwitu tal-ftehimiet kummerċjali jew il-konsolidazzjoni tal-kapaċità għat-twissija tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa jew anke l-appoġġ tad-difensuri tal-ambjent.

3.2 It-trasparenza u d-dejn tal-pajjiżi msieħba, elementi fundamentali tal-aġenda futura.

L-MDG u l-aġenda għall-**effikaċja tal-għajnuna** li rriżultat minnhom (il-Prinċipji ta' Pariġi,

⁽¹³⁾ L-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-iżvilupp 2010-2015.

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-PDG u lil hinn minnu - l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-għażla ta' indikaturi komplementari", relatur: Palmieri, ĠU C 181, 21.6.2012, p. 14-20.

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja", relatur: Iuliano, ĠU C 11, 15.1.2013, p. 81-83.

Accra, Busan) ikkontribwew għat-tisħiħ tad-dejn fil-pajjiżi msieħba u l-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjonijiet partikolari tal-pajjiżi fraġli. Madankollu, biex jiġu korreġuti n-nuqqasijiet maġġuri tal-kooperazzjoni, l-aġenda futura għandha tippermetti lill-pajjiżi benefiċjarji li jkunu atturi fuq livell indaq mal-pajjiżi donaturi. L-ewwel nett għandu jitqies l-aspett speċifiku tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitti interni jew ta' gwerri u l-fraġilità relatata mal-katastrofijiet naturali billi jitħejjew reazzjonijiet speċifiċi għal dawn il-pajjiżi permezz ta' għanijiet stabili minn qabel u prioritarji għall-irkupru tal-istituzzjonijiet u l-garanzija tas-sigurtà, il-pulizija u l-ġustizzja.

3.3 Kooperazzjoni bejn is-soċjetajiet u l-iżvilupp tal-iskambji ta' partijiet interessati u n-netwerks internazzjonali. L-approċċ li jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' ħafna atturi jhegġegħ lill-imsieħba tal-iżvilupp tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar imorru lil hinn mill-qafas diplomatiku tradizzjonali ta' impenji bejn il-gvernijiet. Viżjoni iktar inklużiva tas-soċjetà ċivili tiddependi mill-istabbiliment ta' kuntratti jew sħubija formalizzata b'kuntratt tal-għanijiet u l-mezzi bejn id-diversi atturi. Din il-viżjoni tissarraf f'kunsiderazzjoni tal-inizjattivi tal-bliet u l-awtoritajiet lokali (in-netwerks ta' bliet ekoloġiċi, il-moviment tal-bliet fi tranżizzjoni), kif ukoll dawk tal-NGOs (id-diplomazija nongovernattiva bħal dik fis-Summit ta' Rio) jew tal-intrapriżi ta' kull forma (id-dinja tal-kummerċ bħan-netwerks ta' intrapriżi responsabbli jew tal-ekonomija soċjali) jew il-konfederazzjonijiet tal-unjins internazzjonali (atturi ewlenin biex jitwettaq l-għan tax-xogħol diċenti) jew anki l-universitajiet u ċ-ċentri tar-riċerka sa mit-tfassil tal-għanijiet imma anke għall-implimentazzjoni u s-segwitu tagħhom. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-aġenda futura jiġu rikonoxxuti u żviluppata l-ftehimiet kuntrattwali bejn l-imsieħba privati u pubbliċi u dawk assoċjati mingħajr ma jiġu injorati l-ħafna inizjattivi ta' solidarjetà internazzjonali li jinbtu miċ-ċittadini stess. **L-integrazzjoni ta' din id-diversità ta' atturi fuq livell indaq** hija kundizzjoni essenzjali għal governanza iktar effikaċi u iktar inklużiva li tqis leħen l-ifqar persuni.

3.4 Għalhekk, il-Kumitat, bħal għadd kbir ta' osservaturi oħrajn, jirrakkomanda li jsir titjib **kruċjali fir-rigward tal-governanza tajba u l-istituzzjonijiet demokratiċi** biex jiżdiedu l-allokazzjonijiet lill-pajjiżi msieħba u tissaħħa l-istrateġija nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp. Bis-saħħa tal-MDG **ċerti soċjetajiet ċivili tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw** setgħu jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom bħala atturi jew li jistaqsu lill-gvernijiet tagħhom dwar l-għażliet ta' investiment u nfiq pubbliku. Fl-aġenda futura iktar inklużiva, il-parteċipazzjoni tagħhom għandha tissaħħa fit-tħejija ta' dawn id-dokumenti strateġiċi dwar it-tnaqqis tal-faqar u twassal biex jiżviluppaw soluzzjonijiet ġodda għax-xogħol diċenti jew il-protezzjoni soċjali filwaqt li jakkwistaw **esperjenza speċifika u kapaċità għall-ippjanar**, elementi li jikkontribwixxu għal governanza aħjar tal-pajjiżi. Il-Kumitat jirrakkomanda li parti minn din l-għajnuna tiġi allokata lill-kummerċ biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam kummerċjali sabiex jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-kummerċ u s-sigurtà alimentari fl-istrateġija nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp.

4. Nibnu mill-ġdid kunsens ġenerali għal bidla fl-approċċ lejn l-iżvilupp sostenibbli

4.1 Il-governanza dinjija u l-finanzjament tal-beni pubbliċi ambjentali, soċjali jew ekonomiċi. Peress li jikkonċernaw lill-pjaneta sħiħa, il-beni jew is-servizzi huma rikonoxxuti f'din il-Komunikazzjoni bħala "l-pilastru tal-ħajja" bħall-arja, l-ilma, l-oċeani, l-ekosistemi, ix-xogħol diċenti, il-protezzjoni soċjali, is-sigurtà alimentari jew ir-regoli kummerċjali. Dawn il-koll jinstabu fl-anness. Dawn il-beni pubbliċi dinjija ⁽¹⁶⁾ għandhom jiġu integrati fl-aġenda għal wara l-2015 mill-politiki pubbliċi dinjija dwar it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli. Huma għandhom jiġu indirizzati f'qafas globali koordinat imma b'mod partikolari għandhom jiġu appoġġjati minn impenji internazzjonali konvenzjonali, u minn finanzi u azzjonijiet nazzjonali, maqsuma f'għadd kbir ta' attivitajiet kollettivi u individwali iktar fil-livell lokali.

4.2 Id-diversità ta' finanzjamenti dinjija adattati għall-bidla fl-approċċ sal-2050. Skont in-Nazzjonijiet Uniti mat-EUR 800 biljun fis-sena ser ikunu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod sostenibbli l-faqar u l-isfidi ambjentali, jiġifieri 1,5 % tal-PDG dinji. **L-għajnuna pubblika għall-iżvilupp tkopri biss 10-15 %** ta' dawn il-bżonnijiet finanzjarji internazzjonali. Ir-riżorsi nazzjonali u internazzjonali ser ikunu indispensabbli. Fil-qafas tal-Komunikazzjoni futura dwar is-sorsi ta' finanzjament, għandha tiġi indirizzata serjament il-kwistjoni tar-**riżorsi fiskali internazzjonali** li jippermettu li tittieħed l-azzjoni fit-trasparenza u l-previdibbiltà tal-fondi neċessarji biex jinqered il-faqar, biex jiġi preservat l-ambjent u biex jiġu ġestiti l-beni pubbliċi dinjija. Il-finanzi innovattivi u t-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji, li jippreċedu politika ta' dan it-tip, għandhom jingħataw priorità f'dawn l-isfidi globali. Barra mill-mobilizzazzjoni tar-riżorsi fiskali domestiċi u l-approċċ lejn l-attività produttiva tar-ritorn **tal-flus tal-migranti**, għad hemm kundizzjoni indispensabbli biex isir progress lejn l-għanijiet determinati lokalment.

4.3 Iktar impjiegi f'ekonomija ekoloġika u inklużiva. It-tnaqqis fl-attività ekonomika qed jhedded serjament it-twettiq tal-MDG fl-2015 minħabba l-impatt profond tiegħu fuq l-impjiegi u l-intrapriżi. Iżda l-kriżi taf tkun l-okkażjoni biex tittieħed iktar azzjoni favur ekonomija ekoloġika kapaċi li tixpruna bidliet fl-approċċ lejn l-iżvilupp sostenibbli. F'dan ir-rigward, **il-Patt Dinji għall-impjeg tal-ILO** huwa strument għid biex jitħaffef l-approċċ b'ħafna impjiegi billi jistimula d-domanda għax-xogħol u l-kwalifiki, billi jstabbilixxi bażi ta' protezzjoni soċjali fil-livell dinji u jintegra s-settur informali mal-livell nazzjonali tax-xogħol diċenti.

4.4 L-agrikoltura dinjija hija injorata b'mod partikolari mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali waqt dan l-eżerċizzju tal-Millennju. Hemm urġenza assoluta li jiġu bbilanċjati mill-ġdid l-investimenti li jwasslu għall-impjiegi favur l-agrikoltura tal-familji u dik agrobijoloġika.

⁽¹⁶⁾ L-anness tal-Komunikazzjoni jagħti tipoloġija tal-beni pubbliċi dinjija ewlenin.

4.5 Ir-rwol tal-intrapriżi fit-tranżizzjoni lejn rapport annwali ta' sostenibbiltà. Fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, is-settur privat huwa rrappreżentat mill-Patt Dinji li nħoloq fl-2000 biex jagħmel ir-**Responsabbiltà Soċjali Korporattiva** **strument għall-MDG.** Il-Patt Dinji llum jiġbor fi ħdanu 8 700 intrapriża b'attività f'130 pajjiż li appoġġjaw impenn fid-drittijiet tax-xogħol, id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-għieda kontra l-korruzzjoni. L-impenji volontarji, permezz tal-iżvilupp sostenibbli fil-livell tal-intrapriżi jistgħu jaqdu rwol maġġuri fil-ktajjen tas-sottokuntrattar. Il-Kumitat iqis li l-inizjattivi tad-disinn ekoloġiku, il-produzzjoni ekoloġika, l-għaqal ekoloġiku jew il-kummerċ ġust kif ukoll daww effiċjenti fl-użu tar-riżorsi naturali huma soluzzjonijiet innovattivi għat-twettiq tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli⁽¹⁷⁾. Għalhekk, il-Kumitat jirrakkomanda l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni inkluża fid-Dikjarazzjoni ta' RIO+20 li tipprevedi t-tifrix tar-rappurtar sostenibbli permezz ta' "Corporate Sustainability Report" annwali provdut mill-intrapriżi flimkien mar-rapport finanzjarju.

5. L-iżvilupp ekonomiku sostenibbli: ir-responsabilizzazzjoni u l-appoġġ għall-atturi mis-settur privat

5.1 Minkejja t-tentazzjoni ta' ritorn għall-protezzjoniżmu fil-bidu tal-kriżi, is-sistema internazzjonali b'mod ġenerali evitat il-prattiki kummerċjali restrittivi. Iżda l-imblokk tan-**negozjar multilaterali tal-hekk imsejjaħ "Żvilupp"** ħoloq skuntentizza profonda fir-rigward tad-diverġenzi fl-interess meta mqabbla mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-**pajjiżi emerġenti** huma l-ikbar benefiċjarji taż-żieda fl-iskambji filwaqt li dawn jenfasizzaw l-inugwaljanzi interni ħlief fxi pajjiżi bħall-Brażil minħabba politika ridistributtiva u l-għieda kontra l-faqar.

5.2 Għall-kuntrarju, il-ftuħ kummerċjali ma gābx ir-riżultati mistennija f'għadd ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom rikkezza ta' prodotti agrikoli u materja prima imma b'nuqqas ta' diversifikazzjoni, trasformazzjoni u **infrastruttura**. Il-Kumitat jiddeplora l-imblokk fil-ftehimiet tas-Sħubija Ekonomika mal-pajjiż tal-AKP. Il-Kumitat jenfasizza li l-**aċċess preferenzjali**⁽¹⁸⁾ tal-UE għall-pajjiżi l-inqas żviluppatti wassal għal riżultati ferm modesti filwaqt li l-**għajjuna għall-kummerċ** fil-pajjiżi l-inqas żviluppatti, tip ta' kooperazzjoni multilaterali, qed issir dejjem iktar importanti. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi mħeġġa l-adozzjoni ta' mod kif il-**kummerċ jiġi ffaċilitat** li diġà ġie miftiehem mid-WTO favur il-pajjiżi inqas żviluppatti u li jiġi promoss il-ftuħ kummerċjali ġenerali mingħajr dazji u mingħajr kwoti tal-pajjiżi emerġenti fost il-pajjiżi l-inqas żviluppatti.

5.3 Il-KESE jirrakkomanda li l-UE tintegra strutturalment il-prinċipji **tad-dritt għall-ikel**⁽¹⁹⁾ fil-prattiki kummerċjali tagħha u li tniedi azzjoni ta' konċertazzjoni adattata fi ħdan l-MDG u fl-imsieħba soċjali kummerċjali l-kbar biex dawn il-prinċipji jsiru parti integrali tal-politiki kummerċjali multilaterali u bilaterali. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li jiġu liberalizzati l-prodotti u s-servizzi ambjentali diżassoċjati mill-ftehim potenzjali ta' Doha kif ukoll li jiġu ffaċilitati t-trasferimenti tat-teknoloġiji ekoloġiċi fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali⁽²⁰⁾.

5.4 L-atturi ekonomiċi u anke l-infrastrutturi għandu jkollhom direzzjoni soda fl-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk, l-**implimentazzjoni tal-infrastrutturi**⁽²¹⁾ u **n-netwerks tal-iskambju** jikkostitwixxu lieva kemm biex jingħied l-investiment barrani kif ukoll biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-SMEs, tiġi promossa l-industrija tal-konverżjoni tal-materja prima u jiġi żviluppat il-kummerċ elettroniku.

Brussell, 23 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁷⁾ Studju Concord: Il-kontribut tas-settur privat għall-iżvilupp, Diċembru 2012.

⁽¹⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati", relatur: Peel, ĠU C 43, 15.2.2012, p. 82-88.

⁽¹⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-kummerċ u s-sigurtà alimentari", relatur: Campli, korelatur: Peel, ĠU C 255, 22.9.2010, p. 1-9.

⁽²⁰⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-kummerċ internazzjonali u t-tibdil fil-klima", relatur: Pichenot, ĠU C 21, 21.1.2011, p. 15-20.

⁽²¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-istrateġija UE-Afrika", ĠU C 77, 31.3.2009, p. 148-156.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta’ miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa”

COM(2013) 168 final — 2012/0035 (COD)

(2013/C 271/29)

Nhar it-8 ta’ April 2013 u nhar is-16 ta’ April 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta’ miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa

COM(2013) 168 final – 2012/0035 (COD).

Billi l-Kumitat diġà ta fehmtu dwar il-kontenut ta’ din il-proposta fl-Opinjoni tiegħu CESE 1573/2012 adottata fl-12 ta’ Lulju 2012 (*), iddeċieda, matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u tat-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju 2013), b’161 vot favur, 2 voti kontra u 5 astensjonijiet, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 22 ta’ Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

(*) Opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta’ miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa, ĠU C 299 of 4.10.2012, p. 81.

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu”

COM(2013) 193 final — 2013/0104 (COD)

(2013/C 271/30)

Nhar il-15 u t-18 ta' April 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu

COM(2013) 193 final – 2013/0104 (COD).

Billi l-Komitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta fehmte fl-Opinjoni tiegħu CESE 1297/2012, adottata fit-23 ta' Mejju 2012 (*), iddeċieda, matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u tat-23 ta' Mejju 2013 (seduta tat-22 ta' Mejju 2013), b'161 vot favur, 2 voti kontra u 5 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 22 ta' Mejju 2013.

Il-President
tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

(*) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 68.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta’ proġetti ta’ investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010”

COM(2013) 153 final

(2013/C 271/31)

Nhar l-20 ta’ Marzu, il-15 ta’ April u s-16 ta’ April 2013, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta’ proġetti ta’ investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010

COM(2013) 153 final.

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m’hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju), b’161 vot favur, 2 voti kontra u 5 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, 22 ta’ Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata]”

COM(2013) 245 final — 2011/0380 (COD)

u dwar “Il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006”

COM(2013) 246 final — 2011/0276 (COD)

(2013/C 271/32)

Nhar is-7 ta’ Mejju 2013, il-Kunsill iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 195(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata]

COM(2013) 245 final – 2011/0380 COD

u dwar

il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006

COM(2013) 246 final – 2011/0276 COD.

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta, li jallinja l-FEMS mas-sett eżistenti ta’ regoli għall-politika ta’ koeżjoni, huwa sodisfaċenti u li m’hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-490 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta’ Mejju 2013 (seduta tat-22 ta’ Mejju), b’161 vot favur, 2 voti kontra u 5 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, 22 ta’ Mejju 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

2013/C 271/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istat tal-Unjoni Doganali” COM(2012) 791 <i>final</i>	66
2013/C 271/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta’ Azzjoni: Id-dritt soċjetarju Ewropew u l-governanza korporattiva — qafas legali modern għal azzjonisti aktar impenjati u kumpaniji sostenibbli” COM(2012) 740 <i>final</i>	70
2013/C 271/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 — Tkebbis mill-ġdid tal-ispiritu tal-intraprendenza fl-Ewropa” COM(2012) 795 <i>final</i>	75
2013/C 271/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE” COM(2013) 78 <i>final</i> — 2013/0049 (COD)	81
2013/C 271/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza tal-prodotti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE, u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 1999/5/KE, 2000/9/KE, 2000/14/KE, 2001/95/KE, 2004/108/KE, 2006/42/KE, 2006/95/KE, 2007/23/KE, 2008/57/KE, 2009/48/KE, 2009/105/KE, 2009/142/KE, 2011/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” COM(2013) 75 <i>final</i> — 2013/0048 (COD)	86
2013/C 271/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni — inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014–2020” COM(2013) 83 <i>final</i>	91
2013/C 271/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) biex jirreġistra d-data tad-dħul u l-ħruġ ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea” COM(2013) 95 <i>final</i> — 2013/0057 (COD) dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta’ Dħul u Ħruġ (EES) u tal-Programm ta’ Vjaġġaturi Rreġistrati” COM(2013) 96 <i>final</i> — 2013/0060 (COD) u dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta’ Vjaġġaturi Rreġistrati” COM(2013) 97 <i>final</i> — 2013/0059 (COD)	97
2013/C 271/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal emenda għall-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 607 <i>final</i> /2 — Għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006” COM(2013) 145 <i>final</i> — 2011/0268 (COD) u dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006” COM(2013) 146 <i>finali</i> — 2011/0276 (COD)	101



2013/C 271/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — CARS 2020: Pjan ta’ azzjoni għal industrija tal-karozzi kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa” COM(2012) 636 <i>final</i>	104
2013/C 271/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Enerġija nadifa għat-trasport: Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi” COM(2013) 17 <i>final</i> u dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta’ infrastruttura tal-fjuwils alternattivi” COM(2013) 18 <i>final</i> — 2013/12 (COD)	111
2013/C 271/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi ta’ entitajiet tas-settur pubbliku” COM(2012) 721 <i>final</i> — 2012/0340 (COD)	116
2013/C 271/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta’ Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 — Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21” COM(2012) 736 <i>final</i>	122
2013/C 271/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa — Nixprunaw it-tkabbir Ewropew b’mod diġitali” COM(2012) 784 <i>final</i>	127
2013/C 271/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli ta’ sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni” COM(2013) 48 <i>final</i> — 2013/0027 (COD)	133
2013/C 271/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra” COM(2012) 643 <i>final</i> — 2012/0305 (COD)	138
2013/C 271/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffissar ta’ rata ta’ aġġustament għal pagamenti diretti stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013” COM(2013) 159 <i>final</i> — 2013/0087 (COD)	143
2013/C 271/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Ħajja diċenti għal kulħadd: Neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli” COM(2013) 92 <i>final</i>	144
2013/C 271/29	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza ta’ miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa” COM(2013) 168 <i>final</i> — 2012/0035 (COD)	151
2013/C 271/30	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu” COM(2013) 193 <i>final</i> — 2013/0104 (COD)	152



2013/C 271/31	Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta’ proġetti ta’ investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010” COM(2013) 153 <i>final</i>	153
2013/C 271/32	Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata]” COM(2013) 245 <i>final</i> — 2011/0380 (COD) u dwar “Il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006” COM(2013) 246 <i>final</i> — 2011/0276 (COD)	154



EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT